

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

L 254

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

20 ta' Settembru 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Il-Kummissjoni

- ★ **Regolament tal-kummissjoni (KE) Nru 859/2008 ta' l-20 ta' Awwissu 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar il-ħtiġijiet tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi li japplikaw għat-trasport kummerċjali bl-ajruplan**

1

Prezz: 38 EUR



L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

NOTA LILL-QARREJ

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 859/2008

ta' l-20 ta' Awwissu 2008

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar il-ħtiġijiet tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi li japplikaw għat-trasport kummerċjali bl-ajruplan

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u l-proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 3922/91 jistipula li l-Kummissjoni għandha tadotta l-emendi għall-ħtiġijiet tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi elenkati fl-Anness III tiegħu li huma meħtieġa minħabba l-progress xjentifiku u tekniku;

(2) L-Anness III tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 huwa bbażat fuq sett ta' regoli armonizzati adottati mill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Konġunta (JAA) imsejħa Ħtiġijiet ta' l-Avjazzjoni Konġunta għat-Trasport Kummerċjali bl-Ajru (l-Ajruplani) ("Joint Aviation Requirements for Commercial Air Transportation (Aeroplanes)") (JAR-OPS 1).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 8/2008 aġġorna l-Anness III sabiex jirrifletti l-emendi li saru fil-JAR-OPS mill-1 ta' Jannar 2005 (l-emendi 9 sa 12) qabel id-data li fiha dak l-Anness isir applikabbli (is-16 ta' Lulju 2008) ⁽²⁾;

(4) Abbażi ta' aktar ħidma mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ajru, u sakemm jiġu adottati r-regolamenti implimentattivi previsti fir-Regolament (KE) Nru 8/2008, dak l-Anness għandu jiġi emendat mill-ġdid sabiex jinkludi ċerti ħtiġijiet dettaljati tekniċi u operattivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-elementi l-aktar kruċjali tas-sigurtà imniżżla f'dak l-Anness.

(5) Dawn il-ħtiġijiet il-ġodda għandhom jibdeu japplikaw mingħajr dewmien. Madankollu, hu meħtieġ biżżejjed żmien għall-industrija u l-awtoritajiet sabiex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet kumplessi b'rabta ma' l-Operazzjonijiet f'Kull Kundizzjoni Meteoroloġika u mat-Taħriġ ta' l-Ekwipaġġ;

(6) L-Anness III tar-Regolament (KEE) Nru 3922/1991 għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza ta' l-Ajru stabbilit mill-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 3922/1991,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 huwa mibdul bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 10, 12.1.2008, p. 1.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament dwar l-OPS 1.1005, l-OPS 1.1010, l-OPS 1.1015, l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1005, l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1010, l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1015 u l-Appendiċi 3 ta' l-OPS 1.1005/1.1010/1.1015 għandhom japplikaw mis-16 ta' Lulju 2009.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament dwar l-OPS 1.430, l-OPS 1.435, l-OPS 1.440, l-OPS 1.450, l-OPS 1.455,

l-OPS 1.460, l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.430, l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.440, l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.450, u l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.455 għandhom japplikaw mis-16 ta' Lulju 2011.

4. Sakemm jiġu applikati d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 8/2008 għandhom jibqgħu applikabbli.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Awwissu 2008.

Għall-Kummissjoni
Antonio TAJANI
Vċi-President

ANNEX

"ANNEX III

Il-kriterji tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi li jikkonċernaw it-trasport kummerċjali bl-inġenji ta' l-ajru

OPS 1: It-trasport Kummerċjali bl-ajru (Ajruplani)

Kontenut (Tfassila ġenerali)

SUBPARTI A	—	L-Applikabilità u d-Definizzjonijiet
SUBPARTI B	—	Ġenerali
SUBPARTI Ċ	—	Iċ-Ċertifikat ta' l-Operatur u s-Sorveljanza
SUBPARTI D	—	Il-Proċeduri Operattivi
SUBPARTI E	—	Ħidmiet ta' kull temp
SUBPARTI F	—	Il-Kapaċità Ġenerali
SUBPARTI G	—	Klassi ta' Kapaċità A
SUBPARTI H	—	Klassi ta' Kapaċità B
SUBPARTI I	—	Klassi ta' Kapaċità C
SUBPARTI J	—	Il-Massa u l-bilanċ
SUBPARTI K	—	L-Istrumenti u t-Tagħmir
SUBPARTI L	—	It-Tagħmir tal-Komunikazzjoni u n-Navigazzjoni
SUBPARTI M	—	Il-Manutenzjoni ta' l-Ajruplan
SUBPARTI N	—	L-Ekwipaġġ tat-Titjira
SUBPARTI O	—	L-Ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri
SUBPARTI P	—	Manwali, Ġurnali U Reġistri
SUBPARTI Q	—	Il-limitazzjonijiet tat-titjira u tal-ħin tas-servizz u l-kriterji tas-serħan
SUBPARTI R	—	Trasport bl-Ajru ta' Merkanzija Perikoluża
SUBPARTI S	—	Sigurtà

SUBPARTI A

APPIKABILITÀ U DEFINIZZJONIJIET

OPS 1.001

Applikabilità

OPS Parti 1 tippreskrivi r-rekwiżiti applikabbli għat-tħaddim ta' kwalunkwe ajruplan ċivili għall-ġarr kummerċjali bl-ajru minn kwalunkwe operatur li l-post ewlieni tan-negozju u, jekk għandu, l-uffiċċju reġistrat tiegħu jinsab fi Stat Membru, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-operatur. OPS 1 ma tapplikax:

- 1) għall-ajruplani meta jintużaw f'servizzi militari, doganali u tal-Pulizija; lanqas ma
- 2) għall-inżul ta' paraxuts u għal titjiriet għat-tifi tan-nar, u għall-ippustjar assoċjat u titjiriet bir-ritorn li fihom il-persuni li jinġarru huma daww li normalment jinġarru biex jinżlu bil-paraxut jew biex jiġġieldu n-nirien; lanqas ma
- 3) għat-titjiriet immedjatament qabel, matul, jew immedjatament wara attività ta' xogħol fl-ajru, sakemm dawn it-titjiriet ikunu marbuta ma' dik l-attività ta' xogħol fl-ajru u li fiha, barra l-membri ta' l-ekwipaġġ, jinġarru mhux iktar minn 6 persuni li jkunu indispensabbli f'dik l-attività ta' xogħol fl-ajru.

OPS 1.003

Id-Definizzjonijiet

- (a) Għall-finijiet ta' dan l-Anness:
 - (1) 'Aċċettat/Aċċettabbli' tfisser mhux oġġezzjonata mill-Awtorità bħala adegwata għall-għan maħsub.
 - (2) 'Approvat (mill-Awtorità)' tfisser dokumentat (mill-Awtorità) bħala adattat għall-għan maħsub.
 - (3) 'Lista Definitiva ta' Tagħmir Minimu (MMEL)' tfisser lista definitiva (inkluż preambolu) xierqa għal tip ta' inġenji ta' l-ajru li tistabilixxi daww l-istrumenti, oġġetti ta' tagħmir jew funzjonijiet li, waqt li jżommu l-livell ta' sigurtà maħsuba fl-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni ta' l-adegwazzjoni għat-titjir applikabbli, jistgħu temporanjament ma jithaddmox jew minħabba r-'redundancy' inerenti tad-disinn, u/jew minħabba proċeduri, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet operattivi u ta' manutenzjoni speċifikati, u skond il-proċeduri applikabbli għall-Kontinwazzjoni ta' l-Adegwatezza għat-titjir.
 - (4) 'Lista ta' Tagħmir Minimu (MEL)' tfisser lista (inkluż preambolu) li tipprovdi għat-tħaddim ta' inġenji ta' l-ajru, taħt kundizzjonijiet speċifikati, bi strumenti partikolari, oġġetti ta' tagħmir jew funzjonijiet li fil-bidu tat-titjira jkunu inoperattivi. Din il-lista titħejja mill-operatur għall-inġenju ta' l-ajru partikolari tiegħu waqt li jqi id-definizzjoni tal-inġenju ta' l-ajru u l-kundizzjonijiet ta' l-operat u tal-manutenzjoni rilevanti skond proċedura approvata mill-Awtorità.
- (b) Il-Parti M u l-Parti 145 kif hemm imsemmi f'dan l-Anness huma daww tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ⁽¹⁾.

(1) ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1.

SUB-PARTI B

ĠENERALI

OPS 1.005

Ġenerali

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan għall-għan ta' ġarr kummerċjali bl-ajru għajr skond l-OPS Parti 1. Għal tħaddim ta' l-ajruplani tal-Klassi ta' Eżekuzzjoni B, rekwiżiti mtaffija jistgħu jinstabu fl-Appendiċi 1 għall-OPS 1.005(a).
- (b) Operatur għandu jkun konformi mar-rekwiżiti retroattivi ta' adegwatezza għat-titjir applikabbli għall-ajruplani li jitħaddmu għall-għan ta' ġarr kummerċjali bl-ajru.
- (c) Kull ajruplan għandu jitħaddem skond it-termini taċ-Ċertifikat ta' adegwatezza għat-titjir tiegħu u fi ħdan il-limitazzjonijiet approvati li jkun hemm fil-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan tiegħu.
- (d) L-Għodod Sintetiċi għat-Taħriġ kollha (STD), bħalma huma s-Simulaturi tat-Titjir jew l-għodod għat-Taħriġ tat-Titjir(FTD), li jibdlu ajruplan għal skopijiet ta' taħriġ u/jew verifika, għandhom ikunu kwalifikati skond ir-rekwiżiti applikabbli għall-Għodod Sintetiċi għat-Taħriġ. Operatur li jgħandu l-ħsieb juża tali STD għandu jikseb l-approvazzjoni mill-Awtorità.

OPS 1.020

Liġijiet, Regolamenti u Proċeduri — Responsabbiltajiet ta' l-Operatur

Operatur għandu jiżgura li:

- 1) Il-ħaddiema kollha jkunu konxji li dawn għandhom ikunu konformi mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' dawk l-Istati li fihom l-operazzjonijiet jitmexxew u li jkunu jikkonċernaw l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom; kif ukoll
- 2) Il-membri kollha ta' l-ekwipaġġ ikunu familjari mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom.

OPS 1.025

Lingwa Komuni

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-membri kollha ta' l-ekwipaġġ ikunu jistgħu jikkomunikaw b'lingwa komuni.
- (b) L-operatur għandu jiżgura li l-persunal kollu ta' l-operazzjonijiet ikunu kapaċi jifhmu l-lingwa li fiha jkunu miktuba dawk il-partijiet tal-Manwal ta' l-Operazzjonijiet li jkunu jikkonċernaw id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom.

OPS 1.030

Listi ta' Tagħmir Minimu — Responsabbiltajiet ta' l-Operatur

- (a) Għal kull ajruplan l-operatur għandu jiddetermina Lista ta' Tagħmir Minimu (MEL) li tkun ġiet approvata mill-Awtorità. Din għandha tkun ibbażata fuq, iżda ma tkunx inqas ristrettiva minn, il-Lista Definitiva tat-Tagħmir Minimu rilevanti (MMEL) (jekk din tkun teżisti) li tkun ġiet aċċettata mill-Awtorità.
- (b) L-operatur m'għandux iħaddem ajruplan għajr skond l-MEL, sakemm ma jkunx ġie awtorizzat mill-Awtorità. Kwalunkwe permess bħal dan ma għandu fl-ebda ċirkostanza jippermetti t-tħaddim ta' dan barra l-limiti tal-MMEL.

OPS 1.035

Is-sistema ta' kwalità

- (a) L-operatur għandu jstabilixxi Sistema ta' Kwalità waħda u jaħtar Maniġer tal-Kwalità wieħed biex jimmonitorja l-konformità ma', u l-adegwatezza tal-proċeduri meħtieġa biex ikunu żgurati prattiċi operattivi bla periklu kif ukoll ajruplani adegwati għat-titjir. Il-monitoraġġ tal-konformità għandu jinkludi sistema ta' feed-back lill-Maniġer Responsabbli (ara wkoll OPS 1.175 (h)) biex tkun żgurata azzjoni korrettiva kif meħtieġ.
- (b) Is-Sistema ta' Kwalità għandha tinkludi Programm ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità li jkun fih proċeduri mfassla biex ikun verifikat li l-operazzjonijiet kollha jkunu qed isiru skond ir-rekwiżiti, l-istandards u l-proċeduri kollha applikabbli.
- (c) Is-Sistema ta' Kwalità u l-Maniġer tal-Kwalità għandhom ikunu aċċettabbli mill-Awtorità.
- (d) Is-Sistema ta' Kwalità għandha tiġi deskritta fid-dokumenti rilevanti.
- (e) Minkejja s-sub-paragrafu (a) hawn fuq, l-Awtorità tista' taċċetta n-nominazzjoni ta' żewġ Maniġers tal-Kwalità, wieħed għall-operazzjonijiet u l-ieħor għal-manutenzjoni, sakemm l-operatur ikun ħatar Taqsima ta' Gestiġni tal-Kwalità waħda biex ikun żgurat li s-Sistema tal-Kwalità tkun applikata b'mod uniformi matul l-operazzjoni kollha.

OPS 1.037

Programm ta' prevenzjoni ta' aċċidenti u ta' sigurtà tat-titjir

- (a) Operatur għandu jstabilixxi u jżomm program ta' prevenzjoni ta' aċċidenti u ta' sikurezza tat-titjir, li jista' jiġi integrat mas-Sistema ta' Kwalità, inklużi:
 - (1) Programmi biex jinkiseb u jinżamm l-għarfien tar-riskju mill-persuni kollha involuti fl-operazzjonijiet; kif ukoll
 - (2) Skema ta' rapportar ta' l-okkorrenzi biex tkun tista' ssir il-ġabra u l-evalwazzjoni tar-rapporti ta' inċidenti u aċċidenti rilevanti, biex ikunu jistgħu jiġu identifikati tendenzi kuntrarji jew biex ikunu indirizzati nuqqasijiet fl-interessi tas-sikurezza tat-titjir. L-iskema għandha tipproteġi l-identità ta' min ikun għamel ir-rapport u tinkludi l-possibilità li r-rapporti jkunu jistgħu jingħataw b'mod anonimu; kif ukoll
 - (3) Evalwazzjoni ta' informazzjoni rilevanti dwar aċċidenti u inċidenti u l-promulgazzjoni ta' tagħrif relatat, iżda mhux l-attribuzzjoni tal-ħtija; kif ukoll
 - (4) Programm ta' monitoraġġ ta' data tat-titjir għal dawk l-ajruplani li jkunu ta' iżjed minn 27 000 kilo MCTOM. Il-Monitoraġġ ta' Data tat-Titjir (FDM) hija l-użu pro-attiv ta' data diġitali tat-titjir minn operazzjonijiet ta' rutina biex titjeb is-sigurezza ta' l-avjazzjoni. Il-programm ta' monitoraġġ ta' data tat-titjir m'għandux ikun wieħed punittiv u għandu jkollu protezzjonijiet adegwati biex ikun(u) imħares (imħarsa) is-sors(i) tad-data; kif ukoll
 - (5) Il-ħatra ta' persuna responsabbli għall-gestiġni tal-programm.
- (b) Il-proposti għal azzjoni korrettiva li tkun gejjja mill-programm tal-prevenzjoni ta' aċċidenti u tas-sigurtà tat-titjir għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà tal-persuna responsabbli mill-gestiġni tal-programm.
- (c) L-effettività tal-bidliet li jkunu ġejjin minn proposti għall-azzjoni korrettiva li tkun ġiet identifikata mill-programm tal-prevenzjoni ta' aċċidenti u s-sigurezza tat-titjir għandha tkun immonitorjata mill-Maniġer tal-Kwalità.

OPS 1.040

Il-Membri ta' l-Ekwipaġġ

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-membri kollha li joperaw it-titjira u ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jkunu tħarrġu, u jkunu profiċjenti biex iwettqu, id-dmirijiet assenjata lilhom.

- (b) Fejn ikun hemm membri ta' l-ekwipaġġ, għajr membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, li jwettqu dmirijietom fil-kompartiment tal-passiġġieri ta' ajruplan, l-operatur għandu jiżgura li dawn:
- (1) ma jitħawdux mill-passiġġieri mal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri;
 - (2) ma jokkupawx postijiet meħtieġa u assenjati lill-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri;
 - (3) ma jfixklux lill-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri fil-qadi ta' dmirijietom.

OPS 1.050

Informazzjoni għat-tfittxija u s-salvataġġ

Operatur għandu jiżgura li tagħrif essenzjali li jikkonċerna t-titjira dwar is-servizzi għat-tfittxija u s-salvataġġ ikun aċċessibbli b'mod faċli abbord il-kabina ta' l-ekwipaġġ.

OPS 1.055

Informazzjoni fuq it-tagħmir ta' emerġenza u ta' salvataġġ li jkun hemm abbord

Operatur għandu jiżgura li jkun hemm disponibbli għall-komunikazzjoni immedjata maċ-ċentri tal-koordinazzjoni tas-salvataġġ, listi li jkun hemm fihom tagħrif fuq it-tagħmir ta' emerġenza u salvataġġ abbord l-ajruplani kollha tiegħu. L-informazzjoni għandha tinkludi, kif applikabbli, in-numru, il-kulur u t-tip ta' ċattra tas-salvataġġ u sinjali pirotekniċi, id-dettalji dwar il-provvisti mediċi ta' l-emerġenza, il-provvisti ta' l-ilma u t-tip u l-frekwenzi tat-tagħmir portabbli tar-radju ta' l-emerġenza.

OPS 1.060

L-Inżul f'emerġenza ta' ajruplan

Operatur m'għandux iħaddem ajruplan b'konfigurazzjoni approvata ta' postijiet għall-passiġġieri ta' iktar minn 30 passiġġier fuq titjiriet li jgħaddu minn fuq il-baħar f'distanza mill-art li tkun adegwata għal inżul ta' emerġenza ta' iktar minn 120 minuta f'veloċità moderata, jew 400 mil nawtiku, liema minn dawn tkun l-inqas, sakemm l-ajruplan ma jkunx konformi mar-rekwiżiti għal inżul ta' emerġenza preskritti fil-kodiċi ta' adegwatezza għat-titjir li jkun applikabbli.

OPS 1.065

Ġarr ta' armi tal-gwerra u munizzjon tal-gwerra

- (a) Operatur ma għandux iġorr armi tal-gwerra u munizzjon tal-gwerra bl-ajru sakemm ma jkunx ingħata approvazzjoni biex jagħmel hekk mill-Istati kollha kkonċernati.
- (b) Operatur għandu jiżgura li l-armi tal-gwerra u l-munizzjon tal-gwerra jkunu:
 - (1) Stivati fl-ajruplan f'post li ma jkunx aċċessibbli għall-passiġġieri matul it-titjira; kif ukoll
 - (2) Fil-każ ta' armi tan-nar li jkunu skargati;

sakemm, qabel il-bidu tat-titjira, ma tkunx ingħatat l-approvazzjoni mill-Istati kollha kkonċernati li dawn l-armi tal-gwerra u l-munizzjon tal-gwerra jkunu jistgħu jinġarru f'ċirkostanzi li jkunu parzjalment jew totalment differenti minn dawk murija f'dan is-sub-paragrafu.

- (c) Operatur għandu jiżgura li l-kaptan ikun mgħarraf qabel ma tibda titjira dwar id-dettalji u l-post abbord l-ajruplan ta' kwalunkwe armi tal-gwerra jew munizzjon tal-gwerra li jkunu maħsuba biex jinġarru.

OPS 1.070

Il-Ġarr ta' armi u munizzjon għall-isports

- (a) Operatur għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevoli biex jiżgura li kwalunkwe armi għall-isports maħsuba biex jinġarru bl-ajru jkunu ġew rapportati lilu.
- (b) Operatur li jaċċetta li jgħorr armi għall-isport għandu jiżgura li dawn ikunu:
 - (1) Stivati fl-ajruplan f'post li ma jkunx aċċessibbli għall-passiġġieri matul it-titjira, sakemm l-Awtorità ma tkunx stabiliet li l-konformità ma tkunx prattikabbli u tkun aċċettat li jkunu jistgħu japplikaw proċeduri oħrajn; kif ukoll
 - (2) Fil-każ ta' armi tan-nar jew armi oħrajn li jista' jkollom munizzjon, dawn ikunu skargati.
- (c) Il-munizzjon għall-armi għall-isport jista' jinġarr fil-bagalji tal-passiġġieri li jkunu ġew ikkontrollati, suġġett għal ċerti limitazzjonijiet, skond l-Istruzzjonijiet Tekniċi (ara OPS 1.1160 (b)(5)) kif definit fl-OPS 1.1150 (a)(15).

OPS 1.075

Metodu tal-ġarr ta' persuni

Operatur għandu jieħu l-miżuri kollha biex jiżgura li l-ebda persuna ma tkun fi kwalunkwe parti ta' ajruplan li qed itir li ma tkunx parti maħsuba għall-akkommodazzjoni ta' persuni, sakemm ma jkunx ingħata aċċess temporanju mill-kaptan għal kwalunkwe parti ta' l-ajruplan:

- 1) Għall-għan biex tittieħed azzjoni xierqa għas-sigurtà ta' l-ajruplan jew ta' kwalunkwe persuna, annimal jew oġġetti li jkun hemm fuqu; jew
- 2) Li fiha jinġarru t-tagħbija u l-provvisti, waqt li tkun parti maħsuba biex persuna jkollha aċċess għal din waqt li l-ajruplan ikun qed itir.

OPS 1.080

Intenzjonalment vojti

OPS 1.085

Ir-Responsabbiltajiet ta' l-ekwipaġġ

- (a) Membru ta' l-ekwipaġġ għandu jkun responsabbli għat-twettiq xieraq tad-dmirijiet tiegħu/tagħha li:
 - (1) Jkunu relatati mas-sigurezza ta' l-ajruplan u ta' l-okkupanti tiegħu; kif ukoll
 - (2) Jkunu speċifikati fl-istruzzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fil-Manwal tat-Tħaddim.
- (b) Membru ta' l-ekwipaġġ għandu:
 - (1) Jirrapporta lill-kaptan dwar kwalunkwe ħsara, nuqqas, nuqqas ta' funzjonament jew difett li hu/hi jemmen/temmen li jista' jaffettwa l-adegwatezza għat-titjir jew l-operat bla periklu ta' l-ajruplan, inklużi s-sistemi ta' l-emerġenza;
 - (2) Jirrapporta lill-kaptan dwar kwalunkwe inċident li jkun ipperikola, jew li seta' ipperikola, is-sigurezza ta' l-operat;
 - (3) Jagħmel użu mill-iskemi ta' rapportar ta' l-okkorrenzi ta' l-operatur skond l-OPS 1.037(a)(2). F'dawn il-każijiet kollha, kopja tar-rapport(i) għandha tintbagħat lill-kaptan ikkonċernat.
- (c) Xejn fil-paragrafu (b) hawn fuq m'għandu jobbliga lil membru ta' l-ekwipaġġ biex jirrapporta okkorrenza li tkun diġà għet rapportata minn membru ieħor ta' l-ekwipaġġ.

- (d) Membru ta' l-ekwipaġġ m'għandux iwettaq dmirijiet fuq ajruplan:
- (1) Waqt li jkun taħt l-influenza ta' kwalunkwe droga li tista' taffettwa il-falkultajiet tiegħu/tagħha b'mod kuntrarju għas-sigurtà;
 - (2) Wara għadis fil-baħar fond ħlief meta jkun għadda perjodu raġonevoli ta' ħin;
 - (3) Wara donazzjoni tad-demem ħlief meta jkun għadda perjodu raġonevoli ta' ħin;
 - (4) Jekk ir-reqwiziti mediċi applikabbli ma jkunux twettqu, jew jekk hu/hi jkollu/jkollha dubju dwar jekk ikunx/tkunx kapaċi jwettaq/twettaq id-dmirijiet assenjati lilu/lilha; jew
 - (5) Jekk hu/hi jkun/tkun jaf/taf jew jissuspetta/tissuspetta li hu/hi qed ibati/tbati minn xi għeja kbira, jew iħossu/tħossha mhux tajba/tajba tant li t-titjira tista' tkun ipperikolata.
- (e) Membru ta' l-ekwipaġġ għandu jkun suġġett għal rekwiżiti xierqa fuq il-konsum ta' l-alkoħol li għandhom ikunu stabili mill-operatur u aċċettati mill-Awtorità, u li ma għandhomx ikunu inqas ristrettivi minn dawn li ġejjin:
- (1) M'għandu jittieħed l-ebda alkoħol f'inqas minn 8 sigħat qabel il-ħin ta' rapportar speċifikat għas-servizz ta' titjir jew il-bidu ta' l-istandby;
 - (2) Il-livell ta' akoħol fid-demem m'għandux ikun iżjed minn 0,2 promille fil-bidu ta' perjodu ta' servizz ta' titjir;
 - (3) M'għandu jkun hemm l-ebda konsum ta' alkoħol matul il-perjodu ta' titjir jew matul il-ħin ta' l-istandby.
- (f) Il-Kaptan għandu:
- (1) Jkun responsabbli għas-sigurtà tal-membri kollha ta' l-ekwipaġġ, tal-passiġġieri u tat-tagħbija abbord, hekk kif dan/din jasal/tasal abbord, sakemm dan/din iħalli/tħalli l-ajruplan fi tmiem it-titjira;
 - (2) Jkun responsabbli mill-operat u mis-sigurtà ta' l-ajruplan mill-mument li l-ajruplan ikun l-ewwel lest biex jimxi qabel it-tluġh tiegħu sal-mument li dan fl-aħħar jieqaf biex jistrieħ fi tmiem it-titjira u l-magna(i) li tkun/ikunu ntużat/intużaw bħala unità/unitajiet ta' propulsjoni primarja tkun intfiet/ikunu ntfew;
 - (3) Għandu jkollu l-awtorità li jagħti l-ordnijiet kollha li jidherulu bħala meħtieġa biex tkun żgurata s-sigurtà ta' l-ajruplan u tal-persuni jew il-proprjetà li jkun hemm fih;
 - (4) Jkollu l-awtorità li jniżżel kwalunkwe persuna, jew kwalunkwe parti mit-tagħbija, li, fl-opinjoni tiegħu/tagħha, ikunu jirrappreżentaw periklu potenzjali għas-sigurtà ta' l-ajruplan jew ta' l-okkupanti tiegħu;
 - (5) M'għandux iħalli li persuna tiġarr fl-ajruplan, liema persuna tkun tidher li tkun taħt l-influenza ta' alkoħol jew droga tant li s-sigurtà ta' l-ajruplan jew ta' l-okkupanti tiegħu jistgħu jispiċċaw f'periklu;
 - (6) Għandu jkollu d-dritt li jirrifjuta t-trasportazzjoni ta' passiġġieri inammissibbli, persuni deportati, jew persuni f'kustodja jekk il-ġarr ta' dawn ikun ta' riskju għas-sigurtà ta' l-ajruplan jew ta' l-okkupanti tiegħu;
 - (7) Għandu jiżgura li l-passiġġieri kollha jkunu mgħarrfa fuq il-postijiet tal-ħruġ ta' l-emerġenza u l-post u l-użu ta' tagħmir għas-sigurtà u għal emerġenza rilevanti;
 - (8) Jiżgura li l-proċeduri operattivi u l-listi ta' verifika kollha jkunu konformi mal-Manwal ta' l-Operat;
 - (9) Ma jippermettix, lill-ebda membru ta' l-ekwipaġġ milli jwettaq kwalunkwe attività matul it-tluġh, kif jinqata' mill-art, matul l-avviċinament ta' l-aħħar u matul l-inżul, ħlief dawk id-dmirijiet meħtieġa għall-operat bla periklu ta' l-ajruplan;
 - (10) Ma jippermettix:
 - (i) Apparat li jirreġistra d-data tat-titjira jkun inattivat, mitfi jew imħassar matul it-titjira u lanqas m'għandu jippermetti li d-data li tkun ġiet reġistrata tiġi mħassra wara titjira fil-każ ta' aċċident jew inċident li jkun suġġett għar-rapportar obbligatorju;
 - (ii) Apparat li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota jkun inattivat jew mitfi matul it-titjira, sakemm hu/hi jkun jemmen/tkun temmen li d-data reġistrata, li f'każ ieħor tkun mħassra awtomatikament, għandha tinżamm għall-investigazzjoni ta' inċident jew aċċident li jkun inqala'. Dan lanqas ma għandu jippermetti li data reġistrata titħassar manwalment matul jew wara t-titjira f'każ li jkun hemm aċċident jew inċident li jkun suġġett għar-rapportar obbligatorju;

- (11) Jiddeċiedi dwar jekk jaċċettax jew le ajruplan li jkollu ħsarat li ma jistgħux jitranġaw iżda li huma permessi mill-CDL jew l-MEL; kif ukoll
- (12) Jiżgura li l-ispezzjoni ta' qabel it-titjira tkun saret.
- (g) Il-kaptan jew il-pilota li lilu tkun f'data t-titjira għandu, f'kwalunkwe każ ta' emerġenza li jkun jeħtieġ deċiżjoni u azzjoni immedjata, jieħu kwalunkwe azzjoni li hu/hi jkun/tkun iqis/tqis bħala meħtieġa taħt iċ-ċirkostanzi. F'dawn il-każijiet, hu/hi jista'/tista' tagħmel/jagħmel devjazzjoni mir-regoli, il-proċeduri operattivi u l-metodi fl-interess tas-sigurtà.

OPS 1.090

L-Awtorità tal-kaptan

Operatur għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevoli biex ikun żgurat li l-persuni kollha fl-ajruplan jobdu l-ordnijiet leġittimi kollha li jkunu ngħataw mill-kaptan biex jiżgura s-sigurtà ta' l-ajruplan u ta' persuni jew proprjetà li jkun hemm abbord.

OPS 1.095

L-Awtorità biex jitmexxa ajruplan fl-ajrudrom

Operatur għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li ajruplan li jkun taħt ir-responsabbiltà tiegħu ma jitmexxiex f'żona ta' moviment ta' ajrudrom minn persuna għajr membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, sakemm dik il-persuna, li tkun bilqiegħda ħdejn is-sistemi tal-kontroll:

- 1) Tkun għet aworizzata kif suppost mill-operatur jew minn aġent maħtur u tkun kompetenti biex;
 - (i) tmexxi l-ajruplan;
 - (ii) tuża t-telefonija bir-radju; kif ukoll
- 2) Tkun irċeviet istruzzjoni dwar it-taqsim, ir-rotot, is-sinjali, il-marki, id-dwal, is-sinjali tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru kif ukoll l-istruzzjonijiet, il-lingwaġġ u l-proċeduri ta' l-ajrudrom, u tkun kapaċi tikkonforma ruħha ma' l-istandards operattivi meħtieġa għall-moviment bla periklu ta' l-ajruplan fuq l-ajrudrom.

OPS 1.100

Dħul fil-kabina ta' l-ekwipaġġ

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-ebda persuna, għajr membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira assenjat fuq titjira, ma jidħol, jew jinġarr fil-kabina ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajruplan, sakemm dik il-persuna tkun:
- (1) Membru ta' l-ekwipaġġ li jħaddem l-ajruplan;
 - (2) Rappreżentant ta' l-Awtorità responsabbli miċ-ċertifikazzjoni, il-liċenzjar jew l-ispezzjoni jekk dan ikun meħtieġ għat-twertieq tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu/tagħha; jew
 - (3) Awtorizzata minn, u tinġarr skond l-istruzzjonijiet li hemm fil-Manwal tat-Tħaddim.
- (b) Il-kaptan għandu jiżgura li:
- (1) Fl-interessi tas-sigurtà, id-dħul fil-kabina ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajruplan ma tikkawża l-ebda distrazzjoni u/jew tfixkil ma' l-operat tat-titjira; kif ukoll
 - (2) Il-persuni kollha li jinġarru fil-kabina ta' l-ekwipaġġ ikunu familjari mal-proċeduri rilevanti tas-sigurtà.
- (c) Id-deċiżjoni finali dwar id-dħul fil-kabina ta' l-ekwipaġġ għandha tkun ir-responsabbiltà tal-kaptan.

OPS 1.105

Ġarr mhux awtorizzat

Operatur għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-ebda persuna ma taħbi lilha nfisha jew taħbi tagħbija abbord l-ajruplan.

OPS 1.110

Strumenti elettroniku portabbli

Operatur m'għandux jippermetti kwalunkwe persuna milli tuża, u dan għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-ebda persuna ma tuża, abbord ajruplan strument elettroniku portabbli li jista' jaffettwa ħażin l-eżekuzzjoni tas-sistemi u tat-tagħmir ta' l-ajruplan.

OPS 1.115

Alkoħol u drogi

Operatur ma għandux jippermetti lil kwalunkwe persuna li tidħol jew tkun ġewwa, u għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-ebda persuna ma tidħol jew tkun ġewwa, ajruplan meta din tkun taħt l-influwenza ta' alkoħol jew droga tant li s-sigurtà ta' l-ajruplan jew ta' l-okkupanti tista' probabbilment tiġi perikolata.

OPS 1.120

Tpoġġija tas-sigurtà fil-periklu

Operatur għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-ebda persuna taġixxi jew tonqos li taġixxi b'imprudenza jew b'negliġenza:

- 1) hekk li tpoġġi fil-periklu ajruplan jew il-persuni ta' ġo fih;
- 2) hekk li tikkawża jew tippermetti ajruplan li jpoġġi fil-periklu kwalunkwe persuna jew proprjetà.

OPS 1.125

Id-Dokumenti li għandhom jinġarru

- (a) Operatur għandu jiżgura li d-dokumenti li ġejjin jew kopji tagħhom jinġarru abbord kull titjira:
 - (1) Iċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni;
 - (2) Iċ-Ċertifikat ta' Adegwatezzazza għat-titjir;
 - (3) L-oriġinal jew kopja taċ-Ċertifikat tal-Ħoss (jekk applikabbli), inkluża traduzzjoni bl-Ingliż, fejn waħda tkun ingħatat mill-Awtorità responsabbli li toħroġ iċ-ċertifikat tal-ħoss;
 - (4) L-oriġinal jew kopja taċ-Ċertifikat ta' l-Operatur ta' l-Ajru;
 - (5) Il-Liċenzja tar-Radju ta' l-ajruplan; kif ukoll
 - (6) L-oriġinal jew kopja taċ-Ċertifikat(i) ta' l-Assigurazzjoni ta' tar-Responsabbiltà tat-terza persuna.
- (b) Kull membru ta' l-ewkupaġġ tat-titjira għandu, fuq kull titjira, iġorr liċenzja valida ta' membru ta' l-ewkupaġġ tat-titjira bil-grad(i) xieraq/xierqa għall-għan tat-titjira.

OPS 1.130

Il-Manwali li għandhom jinġarru

Operatur għandu jiżgura li:

- 1) Il-partijiet attwali tal-Manwal tat-Tħaddim li huma rilevanti għad-dmirijiet ta' l-ekwipaġġ jinġarru fuq kull titjira;
- 2) Dawk il-partijiet tal-Manwal tat-Tħaddim li huma meħtieġa għat-tweqqif ta' titjira jkunu aċċessibbli faċilment għall-ekwipaġġ abbord l-ajruplan; kif ukoll
- 3) Il-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan kurrenti jinġarr fl-ajruplan, sakemm l-Awtorità tkun aċċettat li l-Manwal ta' l-Operazzjonijiet preskritt fl-OPS 1.1045, Appendiċi 1, Parti B ikun fih l-informazzjoni rilevanti għal dak l-ajruplan.

OPS 1.135

Informazzjoni addizzjonali u formoli li għandhom jinġarru

- (a) Operatur għandu jiżgura li, barra d-dokumenti u l-manwali preskritti fl-OPS 1.125 u l-OPS 1.130, l-informazzjoni u l-formoli li ġejjin, li jkunu rilevanti għat-tip u l-qasam ta' l-operat, jinġarru fuq kull titjira:
 - (1) Il-Pjan Operattiv tat-Titjira li jkun fih mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa fl-OPS 1.1060; Il-Ġurnal Tekniku ta' l-Ajruplan li jkun fih mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa fil-Parti M, Paragrafu M.A.
 - (2) 306 Ġurnal Tekniku ta' l-operatur; Id-dettalji tal-pjan tat-titjira ATS li jiġu ffajljati;
 - (3) Id-dettalji tal-pjan tat-titjira ATS li jiġu ffajljati;
 - (4) Id-dokumenti xierqa għall-ġhoti ta' l-istruzzjonijiet ta' l-NOTAM/AIS;
 - (5) Informazzjoni Meteoroloġika xierqa;
 - (6) Id-dokumenti dwar il-piż u l-bilanċ kif speċifikat fis-Sub-parti J;
 - (7) Notifikazzjoni dwar kategoriji speċjali ta' passiġġieri bħalma huma persunal tas-sigurtà, jekk ma jitqiesux bħala parti mill-ekwipaġġ, persuni b'diżabilità, passiġġieri inammissibbli, persuni deportati u persuni li jkunu taħt kustodja;
 - (8) Notifikazzjoni dwar tagħbijiet speċjali inklużi oġġetti perikolużi. fosthom ukoll l-informazzjoni bil-miktub lill-kaptan kif preskritt fl-OPS 1.1215 (c);
 - (9) Il-mapep attwali u l-mapep nawtiċi u d-dokumenti assoċjati kif preskritt fl-OPS 1.290 (b)(7);
 - (10) Kwalunkwe dokumenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa mill-Istati kkonċernati ma' din it-titjira, bħalma huma l-manifest tat-tagħbija, il-manifest tal-passiġġieri eċċ; kif ukoll
 - (11) Il-formoli meħtieġa biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tar-rapportar ta' l-Awtorità u ta' l-operatur.
- (b) L-Awtorità tista' tippermetti li l-informazzjoni msemmija fis-sub-paragrafu (a) hawn fuq, jew partijiet minn din, tiġi ppreżentata fforma għajr milli fuq karta stampata. Għandu jkun żgurat standard aċċettabbli ta' aċċessibilità, użabilità u kredibilità.

OPS 1.140

Informazzjoni li tinżamm fuq l-art

- (a) Operatur għandu jiżgura li:

Mill-inqas għall-perjodu ta' kull titjira jew sensiela ta' titjiriet;

- (i) L-informazzjoni rilevanti għat-titjira u xierqa għat-tip ta' operazzjoni tinżamm fuq l-art; kif ukoll
- (ii) L-informazzjoni tinżamm sakemm din tkun ġiet duplikata fil-post li fih din tkun se tinħażen skond l-OPS 1.1065; jew, jekk dan ma jkunx prattiku,
- (iii) L-istess informazzjoni tinġarr fuq l-ajruplan f'kontenitur li jkun jiflaħ għan-nar.

- (b) L-informazzjoni msemmija fis-sub-paragrafu (a) hawn fuq tinkludi:
- (1) Kopja tal-pjan operattiv tat-titjira fejn ikun xieraq;
 - (2) Kopji tal-parti(jiet) rilevanti tal-ġurnal tekniku ta' l-ajruplan;
 - (3) Id-dokumenti NOTAM li jkunu speċifiċi għar-rotta jekk dawn ikunu ġew editjati speċifikament mill-operatur;
 - (4) Id-dokumenti dwar il-massa u l-bilanċ jekk ikunu meħtieġa (irreferi għall-OPS 1.625); kif ukoll
 - (5) Notifikazzjoni dwar tagħbijiet speċjali.

OPS 1.145

Is-setgħa ta' spezzjoni

Operatur għandu jiżgura li kwalunkwe persuna li tkun awtorizzata mill-Awtorità għandha titħalla fi kwalunkwe ħin biex titla' abbord u ttir fi kwalunkwe ajruplan li jitħaddem skond l-AOC li jkun inħareġ minn dik l-Awtorità. Din għandha wkoll titħalla tidħol u tibqa' fil-kabina ta' l-ekwipaġġ sakemm il-kaptan ma jirrifjutax l-aċċess għall-kabina ta' l-ekwipaġġ jekk, fl-opinjoni tiegħu/tagħha, is-sigurtà ta' l-ajruplan titpoġġa f'periklu b'dan il-mod.

OPS 1.150

Il-Produzzjoni ta' dokumenti u ta' reġistri

- (a) Operatur għandu:
- (1) Jagħti lil kwalunkwe persuna awtorizzata mill-Awtorità l-aċċess għal kull dokument u r-reġistri li jkollhom x'jaqsmu mat-tħaddim jew manutenzjoni tat-titjiriet; kif ukoll
 - (2) Jipproduċi dawn id-dokumenti u r-reġistri kollha, meta jkun mitlub li jagħmel hekk mill-Awtorità, f'perjodu raġonevoli ta' żmien.
- (b) Il-kaptan għandu, fi żmien raġonevoli minn meta jkun intalab li jagħmel hekk minn persuna awtorizzata mill-Awtorità, jipproduċi lil dik il-persuna d-dokumenti meħtieġa li jinġarru abbord.

OPS 1.155

Żamma tad-dokumentazzjoni

Operatur għandu jiżgura li:

- 1) Kwalunkwe dokumenti oriġinali, jew kopji ta' dawn, li dan ikun obligat iżomm, jinżammu għall-perjodu ta' żamma meħtieġ anke jekk dan ma jibqax jaġixxi bħala l-operatur ta' l-ajruplan; kif ukoll
- 2) Fejn membru ta' l-ekwipaġġ, li dwaru l-operatur ikun żamm reġistri fir-rigward tad-dmirijiet tat-titjira u dwar il-perjodi ta' xogħol u ta' mistrieħ, isir membru ta' l-ekwipaġġ għal operatur ieħor, dak ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-operatur ġdid.

OPS 1.160

Preservazzjoni, produzzjoni u użu ta' reġistrazzjonijiet permezz tat-tagħmir li jirreġistra t-titjira

- (a) Żamma tad-dokumentazzjoni:
- (1) Wara aċċident, l-operatur ta' ajruplan li fuqu jinġarr it-tagħmir li jirreġistra t-titjira għandu, safejn ikun possibbli, jippreserva d-data oriġinali rilevanti għal dak l-aċċident u skond kif tkun ġiet miżmuma minn dan it-tagħmir għall-perjodu ta' 60 ġurnata, sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor mill-awtorità li qed tinvestiga.
 - (2) Sakemm ma jkunx ingħata permess minn qabel mill-Awtorità, wara inċident li jkun suġġett għal rapportar obligatorju, l-operatur ta' ajruplan li fuqu jkun hemm it-tagħmir li jirreġistra t-titjira għandu, sa fejn ikun possibbli, iżomm id-data oriġinali li tkun ġiet irreġistrata u li tkun tikkonċerna dak l-inċident, kif miżmuma minn dan it-tagħmir għal 60 ġurnata, sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor mill-awtorità li tagħmel l-investigazzjoni.

- (3) Barra minn hekk, meta l-Awtorità tiddeċiedi hekk, l-operatur ta' ajruplan li fuqu jkun hemm tagħmir li jirreġistra t-titjira għandu jżomm d-data oriġinali li tkun ġiet irreġistrata għall-perjodu ta' 60 ġurnata sakemm ma jkunx ġiet deċiż mod ieħor mill-awtorità li tagħmel l-investigazzjoni.
- (4) Meta t-tagħmir li jirreġistra t-titjira jkun meħtieġ li jinġarr abbord ajruplan, l-operatur ta' dak l-ajruplan għandu:
- (i) Jaħżen ir-reġistrazzjonijiet għall-perjodu ta' ħin ta' operat kif meħtieġ mill-OPS 1.715, 1.720 u 1.725 ħlief li, għall-għan ta' testijiet u żamma, ta' reġistraturi tad-data tat-titjira, sa siegħa mill-eqdem materjal li jkun ġiet reġistrat waqt il-ħin tal-provi, ikunu jistgħu jitħassru; kif ukoll
 - (ii) Iżomm dokument li jippreżenta l-informazzjoni meħtieġa biex id-data maħżuna tinkiseb u tinbidel f'unitajiet ta' inġinerija.
- (b) Produzzjoni tar-reġistrazzjonijiet
- L-operatur ta' ajruplan li fuqu jinġarr tagħmir li jirreġistra t-titjira għandu, fi żmien raġonevoli wara li jkun intalab biex jagħmel hekk mill-Awtorità, jipproduċi kwalunkwe reġistrazzjoni li tkun saret minn tagħmir li jirreġistra t-titjira li tkun disponibbli jew li ġiet ippreżervata.
- (c) Użu tar-reġistrazzjonijiet
- (1) Ir-reġistrazzjonijiet tat-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota ma jistgħux jintużaw għal għanijiet għajr għal stħarriġ ta' aċċident jew inċident li jkun suġġett għal rapportar obbligatorju ħlief fil-każ li jkun hemm il-kunsens tal-membri kollha ta' l-ekwipaġġ ikkonċernati.
 - (2) Ir-reġistrazzjonijiet tat-tagħmir li jirreġistra d-data tat-titjira ma jistgħux jintużaw għal għanijiet għajr għal stħarriġ ta' aċċident jew inċident li jkun suġġett għal rapportar obbligatorju, ħlief meta dawn ir-reġistrazzjonijiet ikunu:
 - (i) Użati mill-operatur biss minħabba l-adegwatezza għat-titjir jew il-manutenzjoni; jew
 - (ii) Tneħħija ta' l-identifikazzjoni; jew
 - (iii) Mikxufa taħt proċeduri mingħajr periklu.

OPS 1.165

Kiri b'lokazzjoni

- (a) Terminoloġija
- It-termini użati f'dan il-paragrafu għandhom it-tifsira li ġejja:
- (1) Dry lease — Huwa meta l-ajruplan jitħaddem taħt l-AOC tal-kerrej.
 - (2) Wet lease — Huwa meta l-ajruplan jitħaddem taħt l-AOC tal-kerrej.
- (b) Kiri ta' ajruplani bejn operaturi tal-Komunità
- (1) Wet lease-out. Operatur tal-Komunità li jipprovdi ajruplan u ekwipaġġ sħiħ lil operatur ieħor tal-Komunità, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-liċenzjar ta' trasportaturi bl-ajru ⁽¹⁾, u li jżomm il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet kollha preskritti fis-Sub-parti- C, jibqa' l-operatur ta' l-ajruplan.
 - (2) Il-kirjiet kollha ħlief wet lease-out
 - (i) Ħlief kif imsemmi fis-sub-paragrafu (b)(1) hawn fuq, operatur tal-Komunità li juża ajruplan minn, jew li jipprovdi dan lil, operatur ieħor tal-Komunità, għandu jkiseb permess minn qabel għal din l-operazzjoni mill-Awtorità rispettiva tiegħu. Kwalunkwe kundizzjonijiet li jkunu jiffirmaw parti minn din l-approvazzjoni għandhom ikunu inklużi fil-ftehim tal-kiri.

⁽¹⁾ ĠU L 240, 24.8.1992, p. 1.

- (ii) Dawk l-elementi tal-ftehim tal-kera li jkunu ġew approvati mill-Awtorità, ħlief għal ftehimiet ta' kera li fihom ikunu involuti kemm l-ajruplan kif ukoll l-ekwipaġġ sħiħ u fejn ma jkun hemm l-ebda ħsieb ta' trasferiment ta' funzjonijiet u responsabbiltajiet, għandhom jitqiesu kollha, fejn jikkonċerna l-ajruplan mikri, bħala varjazzjonijiet ta' l-AOC li taħtu għandhom isiru t-titjiriet.
- (c) Kiri ta' ajruplan bejn operatur tal-Komunità u kwalunkwe entità oħra għajr operatur tal-Komunità:
- (1) Dry lease-in
- (i) Opertaur tal-Komunità m'għandux jikri ajruplan fuq bażi ta' dry lease-in minn entità għajr operatur ieħor tal-Komunità, sakemm dan ma jkunx ġie approvat mill-Awtorità. Kwalunkwe kundizzjonijiet li jkunu jiffornaw parti minn din l-approvazzjoni għandhom ikunu inklużi fil-ftehim tal-kiri.
- (ii) Operatur tal-Komunità għandu jiżgura li, fejn jikkonċerna ajruplan li jkunu nkrew fuq bażi ta' dry lease-in, kwalunkwe differenzi mir-reqwiżiti preskritti fis-sub-partijiet K, L, u/jew OPS 1.005(b), għandhom ikunu notifikati lil u jkunu aċċettati mill-Awtorità.
- (2) Wet lease-in
- (i) Operatur tal-Komunità m'għandux jikri ajruplan fuq bażi ta' wet lease-in minn entità oħra għajr operatur ieħor tal-Komunità mingħajr l-approvazzjoni ta' l-Awtorità.
- (ii) Operatur tal-Komunità għandu jiżgura li, fejn jikkonċerna l-ajruplan li jkunu nkrew fuq bażi ta' wet lease-in:
- (A) L-istandards ta' sigurtà ta' min jikri, fejn jikkonċerna l-manutenzjoni u t-tħaddim, ikunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti permezz tar-Regolament attwali;
- (B) Min jikri jkun operatur li jkollu AOC maħruġ minn Stat li jkun firmatarju għall-Konvenzjoni ta' Chicago;
- (C) L-ajruplan ikollu Ċertifikat standard ta' adegwatezza għat-titjir maħruġ skond l-Anness 8 ta' l-ICAO. Ċertifikati tal-Kwalità tat-Tajran standard maħruġa skond il-Parti 21 minn Stat Membru għajr l-Istat responsabbli mill-ħruġ ta' l-AOC, għandhom ikunu aċċettati mingħajr ma jkun hemm għalfejn kompatibilità ma'parti 21; kif ukoll
- (D) Kwalunkwe reqwiżit li jkun sar applikabbli mill-Awtorità tal-kerrej ikun imħares.
- (3) Dry lease-out
- Operatur tal-Komunità jista' jikri ajruplan fuq bażi ta' dry lease-out għal skop tal-ġarr kummerċjali bl-ajru lil kwalunkwe operatur ta' Stat li jkun firmatarju għall-Konvenzjoni ta' Chicago sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (A) L-Awtorità tal-Komunità tkun eżentat lill-operatur mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-OPS Parti 1 u, wara li l-awtorità regolatorja barranija tkun aċċettat bil-miktub ir-responsabbiltà għas-sorveljanza tal-manutenzjoni u t-tħaddim ta' l-ajruplan(i), neħħiet l-ajruplan mill-AOC tagħha; kif ukoll
- (B) L-ajruplan jinżamm skond il-programm ta' manutenzjoni approvat.
- (4) Wet lease-out.
- Operatur tal-Komunità li jipprovdi ajruplan u ekwipaġġ sħiħ lil entità oħra, skond ir-Regolament (KEE) Nru 2407/92, u li jżomm il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet kollha preskritti fis-sub parti C, għandu jibqa' l-operatur ta' l-ajruplan.
-

Appendiċi 1 għall-OPS 1.005 (a)

Operazzjonijiet ta' ajruplani ta' klassi ta' eżekuzzjoni B.

- (a) Terminoloġija
- (1) Operazzjonijiet minn A sa A — It-tluq u l-inżul isiru fl-istess post.
 - (2) Operazzjonijiet minn A sa B — It-tluq u l-inżul isiru f'postijiet differenti.
 - (3) Il-Lejl — Is-sigħat ta' bejn it-tmien ta' l-għabex ċivili ta' filgħaxija u l-bidu ta' l-għabex ċivili ta' filgħodu jew tali perjodu ieħor bejn inżul ix-xemx u t-tluq tagħha, skond kif jiġi preskritt mill-awtorità xierqa.
- (b) Operazzjonijiet, li għalihom japplika dan l-Appendiċi, jistgħu jsiru skond l-mitigazzjonijiet li ġejjin.
- (1) OPS 1.035 Sistema ta' Kwalità: Fil-każ ta' operatur żgħir ħafna, il-post ta' Maniġer tal-Kwalità jista' jinżamm minn okkupant maħtur jekk jintużaw awdituri barranin. Dan jgħodd ukoll fejn il-maniġer responsabbli jkun qiegħed jokkupa post wieħed jew diversi postijiet nominati.
 - (2) Riżervat.
 - (3) OPS 1.075 Metodi għall-ġarr ta' persuni: Mhux meħtieġ għal operazzjonijiet tat-tip VFR li jsiru minn ajruplan b'magna waħda.
 - (4) OPS 1.100 Dħul fil-kabina ta' l-ekwipaġġ:
 - (i) Operatur għandu jistabbilixxi r-regoli għall-ġarr ta' passiġġieri f'siġġu pilota.
 - (ii) Il-kaptan għandu jiżgura li:
 - (A) Il-ġarr ta' passiġġieri f'siġġu pilota ma jikkawżax distrazzjoni u/jew jfixkel l-operat tat-titjira; kif ukoll
 - (B) Il-passiġġier li jkun qed jokkupa siġġu pilota ikun sar familjari mar-restrizzjonijiet u l-proċeduri ta' sigurtà rilevanti.
 - (5) OPS 1.105 Ġarr mhux awtorizzat: Mhux meħtieġ għal operazzjonijiet tat-tip VFR li jsiru minn ajruplan b'magna waħda.
 - (6) OPS 1.135 Informazzjoni addizzjonali u formoli li għandhom jinġarru:
 - (i) Għal operazzjonijiet VFR minn A sa A li jsiru minn ajruplan b'magna waħda matul il-jum, ma hemmx għal-fejn jinġarru d-dokumenti li ġejjin:
 - (A) Pjan Operattiv tat-Titjira;
 - (B) Ġurnal Tekniku ta' l-ajruplan;
 - (C) Id-dokumenti xierqa għall-għoti ta' l-istruzzjonijiet ta' l-NOTAM/AIS;
 - (D) L-informazzjoni meteoroloġika;
 - (E) Notifikazzjoni dwar kategoriji speċjali ta' passiġġieri... eċċ.; kif ukoll
 - (F) Notifika tat-tagħbijiet speċjali inkluż oġġetti perikolużi ... eċċ.
 - (ii) Għall-operazzjonijiet VFR minn A sa B li jsiru minn ajruplan b'magna waħda matul il-jum, m'hemmx għalfejn tinġarr in-notifika dwar kategoriji speċjali ta' passiġġieri kif spjegat fl-OPS 1.135 (a)(7).
 - (iii) Għal operazzjonijiet VFR minn A sa B li jsiru matul il-jum, il-Pjan Operattiv tat-Titjira jista' jkun f'forma simplifikata u għandu jilħaq il-ħtiġiet tat-tip ta' operazzjoni.

- (7) OPS 1.215 L-Użu ta' Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru: Għal operazzjonijiet VFR li jsiru minn ajruplan b'magna waħda matul il-jum, għandu jinżamm kuntatt mhux obligatorju ma' l-ATS safejn ikun xieraq għan-natura ta' l-operat. Servizzi ta' tiftix u salvataġġ għandhom ikunu żgurati skond l-OPS 1.300.
- (8) OPS 1.225 Il-Valuri Minimi ta' l-Operat ta' Ajrudrom: Għal operazzjonijiet VFR, il-valuri minimi ta' l-operat VFR standard normalment għandhom ikopru dan ir-reqwiżit. Fejn ikun meħtieġ, l-operatur għandu jispeċifika rekwiżiti addizzjonali waqt li jqis fatturi bħalma huma l-erja li tintlaħaq għax-xandir bir-radju, it-terren, in-natura tas-siti għat-tluġh u l-inżul, il-kundizzjonijiet tat-titjira u l-kapaċità ta' l-ATS.
- (9) OPS 1.235 Proċeduri għat-tnaqqis ta' l-storbju: Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR ta' ajruplan b'magna waħda.
- (10) OPS 1.240 Rotot u Żoni ta' l-Operat:
Is-sub-paragrafu (a)(1) ma japplikax għal operazzjonijiet VFR minn A sa A ta' ajruplan b'magna waħda li jsiru matul il-jum.
- (11) OPS 1.250 it-twaqqif ta' l-altitudnijiet minimi tat-titjira:
Għal operazzjonijiet VFR li jsiru matul il-jum, dan ir-reqwiżit huwa applikabbli kif ġej. Operatur għandu jiżgura li l-operazzjonijiet isiru biss tul dawk ir-rotot jew f'dawk iż-żoni li għalihom ikun jista' jinżamm clearance ta' terren li jkun mingħajr periklu u għandu jqis fatturi bħalma huma t-temperatura, it-terren, kundizzjonijiet meteoroloġiċi mhux favorevoli (eż. taqlib tempestuż ta' l-ajru u kurrenti ta' l-arja li jinżlu 'l isfel, korrezzjonijiet għat-temperatura u l-varjazzjonijiet tal-pressjoni minn valuri standard).
- (12) OPS 1.255 Il-Politika tal-karburant:
- (i) Għal Titjiriet minn A sa A — Operatur għandu jispeċifika l-kontenut minimu tal-karburant li bih għandha tintemm it-titjira. Dan il-kontenut minimu ta' karburant, ir-riżerva finali, m'għandux ikun inqas mill-ammont meħtieġ biex l-ajruplan itir għall-perjodu ta' 45 minuta.
 - (ii) Għal titjiriet minn A sa B — Operatur għandu jiżgura li l-kalkolazzjoni ta' qabel it-titjira tal-karburant li jista' jintuża u li jkun meħtieġ għat-titjira tkun tinkludi:
 - (A) Karburant użat għas-sewqan ta' l-ajruplan — Il-Karburant li jintuża qabel it-tluġh, jekk dan ikun wieħed sostanzjali; kif ukoll
 - (B) Karburant użat għat-titjira (il-karburant meħtieġ biex tintlaħaq id-destinazzjoni); kif ukoll
 - (C) Karburant ta' riżerva -
 - (1) Karburant ta' kontinġenza — Karburant li ma jkunx inqas minn 5 % tal-karburant għall-użu fit-titjira jew, fil-każ ta' ppjanar mill-ġdid matul titjira, 5 % tal-karburant għall-użu fit-titjira għall-bqija tat-titjira; kif ukoll
 - (2) Karburant ta' riżerva finali — Il-karburant meħtieġ biex l-ajruplan itir għall-perjodu addizzjonali ta' 45 minuta (għall-magni bil-pistuni) jew 30 minuta (magni bit-turbina); kif ukoll
 - (D) Karburant alternattiv — Il-karburant meħtieġ biex l-ajruplan jilħaq alternattiv ta' destinazzjoni jekk alternattiv ta' destinazzjoni jkun meħtieġ; kif ukoll
 - (E) Karburant żejjed — Il-karburant li l-kaptan jista' jeħtieġ barra dak li jkun meħtieġ skond is-sub-paragrafi (A)-(D) hawn fuq.
- (13) OPS 1.265 Ġarr ta' passiġġieri inammissibbli, persuni deportati jew persuni li jkunu taħt kustodja: Għal operazzjonijiet VFR ta' ajruplan b'magna waħda u fejn ma jkunx intiż li fih jinġarru passiġġieri inammissibbli, persuni deportati jew persuni li jkunu taħt kustodja, operatur ma jkunx meħtieġ li jstabbilixxi proċeduri għall-ġarr ta' dawn il-passiġġieri.
- (14) OPS 1.280 Il-Postijiet tal-passiġġieri: Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR ta' ajruplan b'magna waħda.
- (15) OPS 1.285 Proċeduri għall-għoti ta' informazzjoni lill-passiġġieri: Id-dimostrazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni għandhom jingħataw kif xieraq skond it-tip ta' operazzjonijiet. F'operazzjonijiet li jeħtieġu pilota wieħed, ma jistgħux jingħataw xogħolijiet lill-pilota li jstgħu jfixxkluh/ifixxkluha mit-twertiq tad-dmirijiet ta' titjir tiegħu/tagħha.
- (16) OPS 1.290 Tħejjija għat-Titjira:
- (i) Il-Pjan Operattiv tat-Titjira għal operazzjonijiet minn A sa A — Mhux Meħtieġ.
 - (ii) Operazzjonijiet minn A sa B taħt VFR li jsiru bi nhar — Operatur għandu jiżgura li forma simplifikata ta' pjan operattiv tat-titjira li jkun rilevanti għat-tip ta' operazzjoni għandha titlesta għal kull titjira.

- (17) OPS 1.295 L-Għażla ta' l-ajrudromi: Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR. L-istruzzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' l-ajrudromi u siti għat-tluġ u għall-inżul għandhom jinħarġu b'referenza għall-OPS 1.220.
- (18) OPS 1.310 Il-Membri ta' l-ekwipaġġ fil-postijiet tagħhom:
- Għal operazzjonijiet VFR, istruzzjonijiet fuq din il-kwistjoni huma meħtieġa biss fejn jitwettqu operazzjonijiet b'żewġ piloti.
- (19) OPS 1.375 Amministrazzjoni tal-karburant matul it-titjira:
- L-Appendiċi 1 għall-OPS 1.375 mhux meħtieġ li jkun applikat għal operazzjonijiet VFR li jitwettqu minn ajruplan ta' magna waħda bi nhar.
- (20) OPS 1.405 Il-Bidu u l-kontinwazzjoni ta' l-avviċinament:
- Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR.
- (21) OPS 1.410 Proċeduri ta' l-operat — il-limitu ta' l-għoli tal-qsim:
- Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR.
- (22) OPS 1.430 sa 1.460, inklużi l-appendiċi:
- Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR.
- (23) OPS 1.530 It-Tluġ:
- (i) Is-sub-paragrafu (a) japplika biż-żjieda li ġejja. L-Awtorità tista', skond il-każ, taċċetta data dwar l-eżekuzzjoni oħra li tkun saret mill-operatur u tkun ibbażata fuq id-dimostrazzjoni u/jew l-esperjenza dokumentata. Is-sub-paragrafi (b) u (ċ) japplikaw biż-żjieda li ġejja. Fejn ir-reqwiziti ta' dan il-paragrafu ma jkunux jistgħu jintlaħqu minħabba limitazzjonijiet fiżiċi li jikkonċernaw l-estensjoni tar-'runway' u fejn ikun hemm interess pubbliku ċar u hteġġa għall-operazzjoni, l-Awtorità tista' taċċetta, skond il-każ, data dwar l-eżekuzzjoni oħra, li ma toħloqx kunflitt mal-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan fejn jikkonċerna proċeduri speċjali liema proċeduri jkunu ġew stabbiliti mill-operatur u li jkunu ġew ibbażata fuq id-dimostrazzjoni u/jew l-esperjenza dokumentata.
- (ii) Operatur li jkun jixtieq iwettaq operazzjonijiet skond is-sub-paragrafu (i) għandu jkollu l-approvazzjoni minn qabel ta' l-Awtorità li toħroġ l-AOC. Din l-approvazzjoni għandha:
- (A) Tispeċifika t-tip ta' l-ajruplan;
- (B) Tispeċifika t-tip ta' l-ajruplan;
- (C) Tispeċifika l-ajrudrom(i) u r-runways ikkonċernati;
- (D) Tillimita t-tluġ li jsir taħt VMC;
- (E) Tispeċifika l-kwalifiki ta' l-ekwipaġġ; u
- (F) Tkun limitata għal ajruplan fejn l-ewwel ċertifikat tat-tip ikun inħareġ għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 2005.
- (iii) L-operazzjoni għandha tiġi aċċettata mill-Istat li fih ikun jinstab l-ajrudrom.
- (24) OPS 1.535 Clearance ta' Ostaklu għat-Tluġ — Ajruplan b'numru ta' magni:
- (i) Is-sub-paragrafi (a)(3), (a)(4), (a)(5), (b)(2), (ċ)(1), (ċ)(2) u l-Appendiċi ma japplikawx għal operazzjonijiet VFR li jsiru bi nhar.
- (ii) Għal operazzjonijiet IFR jew VFR li jsiru bi nhar, is-sub-paragrafi (b) u (ċ) japplikaw bil-varjazzjonijiet li ġejjin.
- (A) Il-gwida tal-kors viżwali titqies bħala waħda disponibbli meta l-viżibilità tat-titjira tkun 1 500 m jew iktar
- (B) Il-wisa' massima tal-kuritur tkun ta' 300 m meta l-viżibilità tat-titjira tkun 1 500 m jew iktar.

(25) OPS 1.545 Inżul — Destinazzjoni u Ajrudromi Alternattivi:

- (i) Il-paragrafu japplika biż-żjieda li ġejja. Fejn ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu ma jkunux jistgħu jintlaħqu minħabba limitazzjonijiet fiżiċi li jikkonċernaw l-estensjoni tar-'runway' u fejn ikun hemm interess pubbliku ċar u ħtieġa għall-operazzjoni, l-Awtorità tista' taċċetta, skond il-każ, data dwar l-eżekuzzjoni oħra, li ma toħloqx kunflitt mal-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan fejn jikkonċerna proċeduri speċjali liema proċeduri jkunu ġew stabbiliti mill-operatur u li jkunu ġew ibbażata fuq id-dimostrazzjoni u/jew l-esperjenza dokumentata.
- (ii) Operatur li jkun jixtieq iwettaq operazzjonijiet skond is-sub-paragrafu (i) għandu jkollu l-approvazzjoni minn qabel ta' l-Awtorità li toħroġ l-AOC. Din l-approvazzjoni għandha:
 - (A) Tispeċifika t-tip ta' l-ajruplan;
 - (B) Tispeċifika t-tip ta' l-ajruplan;
 - (C) Tispeċifika l-ajrudrom(i) u r-runways ikkonċernati;
 - (D) Tillimita l-avviċinament finali u l-inżul li jsir taħt VMC;
 - (E) Tispeċifika l-kwalifiki ta' l-ekwipaġġ, u
 - (F) Tkun limitata għal ajruplani fejn l-ewwel ċertifikat tat-tip ikun inħareġ għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 2005.
- (iii) L-operazzjoni għandha tiġi aċċettata mill-Istat li fih ikun jinstab l-ajrudrom.

(26) OPS 1.550 Inżul-Runways niexfa:

- (i) Il-paragrafu japplika biż-żjieda li ġejja. Fejn ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu ma jkunux jistgħu jintlaħqu minħabba limitazzjonijiet fiżiċi li jikkonċernaw l-estensjoni tar-'runway' u fejn ikun hemm interess pubbliku ċar u ħtieġa għall-operazzjoni, l-Awtorità tista' taċċetta, skond il-każ, data dwar l-eżekuzzjoni oħra, li ma toħloqx kunflitt mal-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan fejn jikkonċerna proċeduri speċjali liema proċeduri jkunu ġew stabbiliti mill-operatur u li jkunu ġew ibbażata fuq id-dimostrazzjoni u/jew l-esperjenza dokumentata.
- (ii) Operatur li jkun jixtieq iwettaq operazzjonijiet skond is-sub-paragrafu (i) għandu jkollu l-approvazzjoni minn qabel ta' l-Awtorità li toħroġ l-AOC. Din l-approvazzjoni għandha:
 - (A) Tispeċifika t-tip ta' l-ajruplan;
 - (B) Tispeċifika t-tip ta' l-operazzjoni;
 - (C) Tispeċifika l-ajrudrom(i) u r-runways ikkonċernati;
 - (D) Tillimita l-avviċinament finali u l-inżul li jsir taħt VMC;
 - (E) Tispeċifika l-kwalifika ta' l-ekwipaġġ; kif ukoll
 - (F) Tkun limitata għal ajruplani fejn l-ewwel ċertifikat tat-tip ikun inħareġ għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 2005.
- (iii) L-operazzjoni għandha tiġi aċċettata mill-Istat li fih ikun jinstab l-ajrudrom.

(27) Riżervat

(28) OPS 1.650 Operazzjonijiet VFR li jsiru bi nhar:

Il-paragrafu 1.650 japplika biż-żjieda li ġejja. Ajruplan b'magna waħda, li għalihom ikun inħareġ għall-ewwel darba ċertifikat ta' adegwatezza għat-titjir individwali qabel it-22 ta' Mejju 1995, jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżiti tas-sub-paragrafi (f), (g), (h) u (i) mill-Awtorità jekk t-twertieq jkun jeħtieġ modifikazzjoni.

(29) Il-Parti M, paragrafu M.A.704, l-Espożizzjoni Kontinwa tal-Ġestjoni ta' l-Adegwatezza għat-Titjir:

L-Issoktar ta' l-Espożizzjoni dwar il-Ġestjoni ta' l-Adegwatezza għat-Titjir jista' jiġi adattat skond l-operazzjoni li tkun sejra ssir.

(30) Il-Parti M, paragrafu M. A. 306, Il-Ġurnal Tekniku ta' l-Operatur:

L-Awtorità tista' tapprova forma mqassra tas-Sistema tal-Ġurnal Tekniku, li tkun rilevanti għat-tip ta' operazzjoni li trid titwettaq.

(31) OPS 1.940 Il-Kompożizzjoni ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira:

Is-sub-paragrafi (a)(2), (a)(4), u (b) mhumiex applikabbli għal operazzjonijiet VFR li jsiru bi nhar, ħlief li l-paragrafu (a)(4) għandu jkun applikat b'mod sħiħ fejn ikunu meħtieġa 2 piloti skond l-OPS 1.

(32) OPS 1.945 Taħriġ ta' konverżjoni u verifika:

(i) Is-sub-paragrafu (a)(7) — Titjir fuq linja taħt sorveljanza (LIFUS) tista' titwettaq fuq kwalunkwe ajruplan fil-limiti tal-klassi applikabbli. L-ammont ta' LIFUS meħtieġ jiddependi mill-kompleksità ta' l-operazzjonijiet li jridu jitwettqu.

(ii) Is-sub-paragrafu (a)(8) mhux meħtieġ.

(33) OPS 1.955 Il-Ħatra bħala kaptan:

Is-sub-paragrafu (b) japplika kif ġej. L-Awtorità tista' taċċetta kors ta' kmand fformat imqassar li jkun rilevanti għat-tip ta' operazzjoni li trid issir.

(34) OPS 1.960 Il-Kaptani li jkollhom Liċenzja ta' Pilota Kummerċjali:

Is-sub-paragrafu (a)(1)(i) mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR li jsiru bi nhar.

(35) OPS 1.965 Taħriġ rikorrenti u verifika:

(i) Is-sub-paragrafu (a)(1) għandu jkun applikat kif ġej għal operazzjonijiet VFR li jsiru bi nhar. It-taħriġ u l-verifika kollha għandhom ikunu rilevanti għat-tip ta' operazzjoni u għall-klassi ta' l-ajruplan li fuqu l-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jopera waqt li jitqies kwalunkwe tagħmir speċjalizzat li jintuża.

(ii) Is-sub-paragrafu (a)(3)(ii) għandu japplika kif ġej. Taħriġ fl-ajruplan jista' jsir minn Eżaminatur li jikklassifika l-Klassi (CRE), minn Eżaminatur tat-Titjira (FE) jew minn Eżaminatur li jikklassifika t-Tip (TRE).

(iii) Is-sub-paragrafu (a)(4)(i) japplika kif ġej. Il-verifika tal-profiċjenza ta' l-operatur tista' ssir minn Eżaminatur li jikklassifika t-Tip (TRE), minn Eżaminatur li jikklassifika l-Klassi (CRE) jew minn kaptan kwalifikat kif xieraq li jinħatar mill-operatur u li jkun aċċettat mill-Awtorità, li jkun imħarreġ f'kunċetti ta' CRM u fl-ewalwazzjoni ta' ħliet ta' CRM.

(iv) Is-sub-paragrafu (b)(2) għandu japplika kif ġej għal operazzjonijiet VFR li jsiru bi nhar. F'dawk il-każijiet fejn l-operazzjonijiet isiru matul staġuni li ma jkunux itwal minn 8 xhur konsekuttivi, il-verifika tal-profiċjenza ta' operatur wieħed tkun biżżejjed. Din il-verifika tal-profiċjenza għandha ssir qabel ma jibdeu l-operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru.

(36) OPS 1.968 Il-kwalifika tal-pilota għal kull wieħed mis-siġġijiet tal-pilota:

L-Appendiċi 1 ma japplikax għal operazzjonijiet VFR li jsiru minn ajruplan b'magna waħda bi nhar.

(37) OPS 1.975 Ir-Rotta u l-Kompetenza ta' l-Ajrudrom:

(i) Għal operazzjonijiet VFR li jsiru bi nhar, is-sub-paragrafi (b), (c) u (d) ma japplikawx, ħlief li l-operatur għandu jiżgura li fil-każijiet fejn ikun meħtieġ permess speċjali mill-Istat fejn jinstab l-ajrudrom, ir-rekwiżiti assoċjati għandhom ikunu osservati.

(ii) Għal operazzjonijiet IFR jew VFR li jsiru bil-lejl, bħala alternattiva għas-sub-paragrafi (b)-(d), ir-rotta u l-kompetenza ta' l-ajrudrom jistgħu jiġu validati mill-ġdid kif ġej:

(A) Ħlief għal operazzjonijiet diretti lejn l-iktar ajrudromi diffiċli, billi jintemmu mill-inqas 10 setturi fiż-żona ta' l-operat matul it-12-il xahar ta' qabel flimkien ma' kwalunkwe tagħlim ta' informazzjoni meħtieġ.

- (B) Operazzjonijiet lejn l-iktar ajrudromi diffiċli jistgħu jsiru biss jekk:
- (1) Il-kaptan ikun għe kwalifikat fl-ajrudrom matul is-36 xahar ta' qabel bi żjara bħala membru operattiv ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jew inkella bħala osservatur;
 - (2) L-avviċinament isir fi VMC mill-altitudni minima tas-settur li tkun applikabbli; kif ukoll
 - (3) Jkun sar tagħlim adegwat ta' informazzjoni qabel it-titjira.
- (38) OPS 1.980 Iktar minn tip jew varjant wieħed:
- (i) Ma japplikax jekk operazzjonijiet ikunu limitati għal klassijiet ta' ajruplan b'magna bil-pistuni li huma mis-juqa minn pilota wieħed u li joperaw taħt VFR bi nhar.
 - (ii) Għal operazzjonijiet IFR u VFR li jsiru bil-lejl, ir-rekwiżiti fl-Appendiċi 1 għall-OPS 1.980, is-sub-paragrafu (d)(2)(i) għal 500 siegħa fil-pożizzjoni ta' l-ekwipaġġ rilevanti qabel ma jkunu eżerċitati l-privileġġi ta' l-iffirmar ta' żewġ liċenzji, għandu jitnaqqas għal 100 siegħa jew setturi jekk waħda mill-firem tkun relatata ma' klassi. Titjira ta' verifika għandha titlesta qabel ma l-pilota jkun mogħti d-dritt li jkseb dmirijiet bħala Kaptan.
- (39) OPS 1.981 It-Tħaddim ta' ħelikopters u ajruplani:
- Is-sub-paragrafu (a)(1) ma japplikax jekk l-operazzjonijiet ikunu limitati għall-klassijiet ta' ajruplan li jaħdmu b'magna bil-pistuni u jinstantu minn pilota wieħed.
- (40) Riżervat
- (41) OPS 1.1060 Il-Pjan Operattiv tat-Titjira:
- Mhux meħtieġ għal operazzjonijiet VFR minn A sa A li jsiru bi nhar. Għal operazzjonijiet VFR li jsiru minn A sa B bi nhar, ir-rekwiżit applikabbli iżda l-pjan tat-titjira jista' jkun f'forma simplifikata li tkun rilevanti għat-tip ta' operazzjonijiet li jsiru. (Ara OPS 1.135).
- (42) OPS 1.1070 L-Issoktar ta' l-Espożizzjoni dwar il-Ġestjoni ta' l-Adegwatezza għat-Titjir:
- L-Issoktar ta' l-Espożizzjoni dwar il-Ġestjoni ta' l-Adegwatezza għat-Titjir jista' jiġi adattat skond l-operazzjoni li tkun sejra ssir.
- (43) OPS 1.1071 Il-Ġurnal Tekniku ta' l-Ajruplan:
- Japplika kif muri fil-Parti M, paragrafu M. A. 306. Il-Ġurnal Tekniku ta' l-operaturi.
- (44) Riżervat
- (45) Riżervat
- (46) OPS 1.1240 Programmi ta' taħriġ:
- Il-programmi ta' taħriġ għandhom ikunu adattati skond it-tip ta' operazzjonijiet li jitwettqu. Programm ta' taħriġ fejn persuna titgħallem waħedha jista' jiġi aċċettat għal operazzjonijiet VFR.
- (47) OPS 1.1250 Il-Lista ta' verifika għall-proċedura ta' tiftix ta' ajruplan:
- Ma japplikax għal operazzjonijiet VFR li jsiru bi nhar.
-

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.125

Id-Dokumenti li għandhom jinġarru

Ara OPS 1.125

Fil-każ li d-dokumenti speċifikati fl-OPS 1.125 jintilfu jew jinsterqu, l-operazzjoni titħalla tkompli sakemm it-titjira tilħaq il-bażi jew post fejn ikun jista' jingħata dokument ta' sostituzzjoni.

—

SUBPARTI Ċ

ĊERTIFIKAZZJONI U SORVELJANZA TA' L-OPERATUR

OPS 1.175

Regoli Ġenerali għaċ-Ċertifikazzjoni ta' l-Operatur ta' l-Ajru

Nota 1: L-Appendiċi 1 għal dan il-paragrafu jispeċifika l-kontenut u l-kundizzjonijiet ta' l-AOC.

Nota 2: L-Appendiċi 2 għal dan il-paragrafu jispeċifika r-rekwiżiti tal-Ġestjoni u l-organizzazzjoni.

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan għall-ġarr kummerċjali bl-ajru ħliet taħt, u skond it-termini u l-kundizzjonijiet ta' Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (AOC).
- (b) Applikant għal AOC, jew għal varjazzjoni ta' AOC, għandu jippermetti lill-Awtorità biex teżamina l-aspetti kollha tas-sigurtà ta' l-operazzjoni proposta.
- (c) Applikant għal AOC għandu:
 - (1) Ma jkollux AOC maħruġ minn Awtorità oħra sakemm ma jkunx approvat speċifikament mill-Awtoritajiet ikkonċernati;
 - (2) Ikollu l-post ewlieni tan-negozju tiegħu, jekk dan għandu, u l-uffiċċju reġistrat tiegħu fl-Istat li jkun responsabbli li joħroġ l-AOC;
 - (3) Jissodisfa lill-Awtorità li hu kapaċi jwettaq operazzjonijiet bla periklu.
- (d) Jekk operatur ikollu ajruplani reġistrati fi Stati Membri differenti, għandhom isiru arranġamenti xierqa biex tkun żgurat s-sorveljanza tas-sigurtà li tkun xierqa.
- (e) Operatur għandu jagħti lill-Awtorità l-aċċess għall-organizzazzjoni u għall-ajruplan tiegħu u għandu jiżgura li, fejn jikkonċerna l-manutenzjoni, jingħata aċċess wkoll għal kwalunkwe organizzazzjoni ta' manutenzjoni Parti-145 assoċjata, biex tkun stabbilita l-konformità ssoktata ma' l-OPS 1.
- (f) AOC jista' jvarja, ikun sospiż jew revokat jekk l-Awtorità ma tkunx aktar sodisfatta li l-operatur ikun jista' jżomm livell għoli ta' operazzjonijiet bla periklu.
- (g) L-operatur għandu jissodisfa lill-Awtorità li;
 - (1) L-organizzazzjoni u l-ġestjoni tiegħu jkunu xierqa u ta' livell għoli biżżejjed biex ilaħħqu ma' l-iskala u l-iskop ta' l-operazzjoni; kif ukoll
 - (2) Il-proċeduri għas-sorveljanza ta' l-operazzjonijiet ikunu ġew definiti.
- (h) L-operatur għandu jkun ħatar maniġer responsabbli li jkun aċċettat mill-Awtorità u li jkollu biżżejjed għarfien korporattiv biex b'hekk ikun jista' jiżgura li l-operazzjonijiet u l-attivitajiet ta' manutenzjoni kollha jkunu jistgħu jġu ffinanzjati u mwettqa skond l-istandard meħtieġ mill-Awtorità.
- (i) L-operatur għandu jkun ħatar persuni, li jkunu aċċettati mill-Awtorità, li jkunu responsabbli mill-ġestjoni u s-sorveljanza ta' l-oqsma li ġejjin,
 - (1) Tħaddim tat-titjiriet;
 - (2) Is-sistema ta' manutenzjoni;
 - (3) It-taħriġ ta' l-ekwipaġġ; kif ukoll
 - (4) L-operazzjonijiet ta' fuq l-art.

- (j) Persuna tista' tokkupa iktar minn kariga waħda jekk dan ikun aċċettabbli għall-Awtorità iżda, għall-operaturi li jimpjegaw 21 jew aktar ħaddiem 'full-time', numru minimu ta' żewġ persuni huma meħtieġa biex ikopru l-erba' oqsma ta' responsabbiltà.
- (k) Għall-operaturi li jimpjegaw 20 jew inqas ħaddiem 'full-time', wieħed jew aktar mill-karigi maħtura jistgħu jimtlew mill-manijer responsabbli jekk dan ikun aċċettabbli għall-Awtorità.
- (l) L-operatur għandu jiżgura li kull titjira ssir skond id-dispożizzjonijiet tal-Manwal ta' Tħaddim.
- (m) L-operatur għandu jagħmel l-arranġamenti xierqa għall-faċilitajiet ta' l-immaniġġjar fuq l-art biex ikun żgurat l-immaniġġjar bla periklu tat-titjiriet tiegħu.
- (n) L-operatur għandu jiżgura li l-ajruplani tiegħu jkunu mgħammra u li l-ekwipaġġ tiegħu jkun kwalifikat, skond kif meħtieġ għall-qasam u għat-tip ta' operazzjoni.
- (o) L-operatur għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' manutenzjoni, skond il-Parti M, għall-ajruplani kollha li jitħaddmu taħt it-termini ta' l-AOC tiegħu.
- (p) L-operatur għandu jipprovi l-Awtorità b'kopja tal-Manwal ta' Tħaddim, kif speċifikat fis-Sub-parti P u bl-emendi u bir-reviżjonijiet kollha li jsiru għal dan.
- (q) Fil-bażi operattiva ewlenija, l-operatur għandu jżomm faċilitajiet operattivi ta' appoġġ, liema faċilitajiet jkunu xierqa skond il-qasam u t-tip ta' operazzjoni.

OPS 1.180

Il-Ħruġ, il-varjazzjoni u t-tkomplija tal-validità ta' l-AOC

- (a) Operatur m'għandux jinħariġu AOC, jew varjazzjoni ta' AOC, u li dak l-AOC ma jibqax aktar validu sakemm:
 - (1) L-Ajruplani li jitħaddmu jkollhom Ċertifikat standard ta' Adegwatezza għat-Titjir maħruġ skond ir-Regolament (KEE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għall-għoti ta' ċertifikat li jingħata biex jassigura l-adeqwatezza għat-titjir u għall-għoti ta' ċertifikat ambjentali ta' inġenju ta' l-ajru u prodotti relatati, partijiet u għoddod, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni ⁽¹⁾ minn Stat Membru. Ċertifikati tal-Kwalità tat-Tajran standard maħruġa skond il-Parti 21 minn Stat Membru għajr l-Istat responsabbli mill-ħruġ ta' l-AOC, għandhom ikunu aċċettati mingħajr ma jkun hemm għalfejn kompatibilità ma'parti 21;
 - (2) Is-sistema ta' manutenzjoni għandha tkun ġiet approvata mill-Awtorità skond il-Parti M, is-Sub-Parti G; kif ukoll
 - (3) Ikun issodisfa lill-Awtorità li jkollu l-ħila li:
 - (i) Jistabbilixxi u jżomm organizzazzjoni xierqa;
 - (ii) Jistabbilixxi u jżomm sistema ta' kwalità skond l-OPS 1.035;
 - (iii) Ikun konformi mal-programmi ta' taħriġ meħtieġa;
 - (iv) Ikun konformi ma' rekwiżiti ta' manutenzjoni, li jkunu konsistenti man-natura u l-limitu ta' l-operazzjonijiet speċifikati, inklużi l-punti rilevanti preskritti fl-OPS 1.175 (g) sa (o); kif ukoll;
 - (v) Ikun konformi ma' l-OPS 1.175.
- (b) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-OPS 1.185 (f), l-operatur għandu jinnotifika lill-Awtorità kemm jista' jkun malajr dwar kwalunkwe bidliet li jsiru fir-rigward ta' l-informazzjoni li tkun ingħatat skond l-OPS 1.185(a) hawn taħt.
- (c) Jekk l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li r-rekwiżiti tas-sub-paragrafu (a) hawn fuq ikunu ntlaħqu, l-Awtorità tista' titlob li ssir titjira waħda jew aktar ta' dimostrazzjoni li għandhom jitħaddmu daqslikieku dawn kienu titjiriet ta' trasport kummerċjali bl-ajru.

(1) ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6.

OPS 1.185

Ħtiġijiet amministrattivi

- (a) L-operatur għandu jiżgura li t-tagħrif li ġej ikun inkluż fl-applikazzjoni inizjali għal AOC u, fejn ikun applikabbli, għal kwalunkwe varjazzjoni jew tiġdid li tkun saret applikazzjoni għaliha:
- (1) L-isem uffiċjali u l-isem tan-negozju, l-indirizz u l-indirizz postali ta' l-applikant;
 - (2) Deskrizzjoni ta' l-operazzjoni proposta;
 - (3) Deskrizzjoni ta' l-organizzazzjoni ta' ġestjoni;
 - (4) L-isem tal-maniġer responsabbli;
 - (5) L-ismijiet ta' dawk li għandhom l-ogħla karigi, inklużi dawk responsabbli għat-tħaddim tat-titjiriet, is-sistema tal-manutenzjoni, it-taħriġ ta' l-ekwipaġġ u l-operazzjonijiet ta' fuq l-art flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi tagħhom; kif ukoll
 - (6) il-Manwal tat-Tħaddim.
- (b) Fejn jikkonċerna biss is-sistema ta' manutenzjoni ta' l-operatur, l-informazzjoni li ġejja għandha tkun inkluża fl-applikazzjoni inizjali għal AOC u, fejn ikun applikabbli, għal kwalunkwe varjazzjoni jew tiġdid li tkun saret applikazzjoni għaliha, u għal kull tip ta' ajruplan li għandu jitħaddem:
- (1) L-Espożizzjoni tal-ġestjoni ta' l-operatur taż-żamma ta' l-adeqwatezza għat-titjir;
 - (2) Il-programm(i) ta' manutenzjoni ta' l-ajruplan ta' l-operatur;
 - (3) Il-Ġurnal Tekniku ta' l-Ajruplan;
 - (4) Fejn hu xieraq, l-ispeċifikazzjoni(jiet) teknika(tekniċi) tal-kuntratt(i) ta' manutenzjoni bejn l-operatur u kwalunkwe organizzazzjoni ta' manutenzjoni Parti-145 li tkun approvata;
 - (5) In-numru ta' ajruplani.
- (c) L-applikazzjoni għall-ħruġ inizjali ta' AOC għandha tintbagħat mill-inqas 90 jum qabel id-data ta' l-operazzjoni ppjanata, ħlief li l-Manwal tat-Tħaddim jistà jintbagħat aktar tard iżda mhux inqas minn 60 jum qabel id-data ta' l-operazzjoni ppjanata.
- (d) L-applikazzjoni għall-varjazzjoni ta' AOC għandha tintbagħat mill-inqas 30 jum, jew skond kif ikun miftiehem, qabel id-data ta' l-operazzjoni ppjanata.
- (e) L-applikazzjoni għat-tiġdid ta' AOC għandha tintbagħat mill-inqas 30 jum, jew skond kif jiġi miftiehem, qabel it-tmiem tal-perjodu eżistenti ta' validità.
- (f) Ħlief f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Awtorità għandha tingħata avviż ta' mill-inqas 10 ijiem minn qabel fejn ikun hemm proposta għal tibdil ta' persuna maħtura għal kariga.
-

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.175

Il-Kontenut u l-kundizzjonijiet ta' Ċertifikat ta' l-Operatur ta' l-Ajru

AOC għandu jispeċifika:

- (a) L-isem u l-post (il-post ewlieni tan-negozju) ta' l-operatur;
- (b) Id-data tal-ħruġ u l-perjodu tal-validità;
- (c) Deskrizzjoni tat-tip ta' l-operazzjonijiet awtorizzati;
- (d) It-tip(i) ta' ajruplan(i) awtorizzati għall-użu;
- (e) Il-marki tar-reġistrazzjoni ta' l-ajruplan(i) awtorizzat(i), ħlief li l-operaturi jkunu jistgħu jiksbu approvazzjoni għal sistema biex biha jgħarrfu lill-Awtorità dwar il-marki tar-reġistrazzjoni għall-ajruplan li jkunu qed jitħaddmu taħt l-AOC tagħha;
- (f) L-oqsma awtorizzati ta' l-operazzjoni;
- (g) Limitazzjonijiet speċifiċi; kif ukoll
- (h) Awtorizzazzjonijiet/approvazzjonijiet speċifiċi eż:
 - CAT II/CAT III (inklużi l-valuri minimi approvati)
 - (MNPS) Speċifikazzjonijiet Minimi ta' l-Eżekuzzjoni tan-Navigazzjoni
 - (ETOPS) Ajruplan b'żewġ magni li joperaw fuq Medda Estiża
 - (RNAV) Navigazzjoni taż-żona
 - (RVSM) Separazzjoni Vertikali Mnaqqa Minima
 - Trasport ta' Oġġetti Perikolużi.
 - Awtorizzazzjoni biex l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jingħata taħriġ tas-sigurtà inizjali u, jekk ikun applikabbli, biex tinħareġ id-dikjarazzjoni msemmija fis-Sub-parti O, għal dawg l-operaturi li jipprovdu dan it-taħriġ direttament jew indirettament.

Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.175

Il-ġestjoni u l-organizzazzjoni ta' possessur ta' AOC

(a) Ġenerali

Operatur għandu jkollu struttura ta' ġestjoni soda u effettiva biex jiżgura t-tweqqif bla periklu ta' operazzjonijiet bl-ajru. Il-persuni maħtura f'karigi għandu jkollhom kompetenza maniġerjali flimkien ma' kwalifiki tekniċi/operattivi xierqa fl-avjazzjoni.

(b) Il-Persuni maħtura f'karigi:

- (1) Għandha tinsab fil-Manwal tat-tħaddim id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u tar-responsabbiltajiet tal-persuni maħtura f'karigi, inklużi l-ismijiet tagħhom, u l-Awtorità għandha tingħata avviż bil-miktub dwar kwalunkwe bidliet maħsuba jew li jkunu twettqu fir-rigward ta' ħatriet jew ta' funzjonijiet.
- (2) L-operatur għandu jagħmel arranġamenti biex jiżgura l-kontinwità tas-sorveljanza fin-nuqqas ta' persuni maħtura f'ċerti karigi.
- (3) Persuna li tinhar f'kariga mill-possessur ta' AOC m'għandux jinhar f'kariga mill-possessur ta' kwalunkwe AOC ieħor, sakemm dan ikun aċċettabbli għall-Awtoritajiet ikkonċernati.
- (4) Il-persuni li jinħatru f'kariga għandhom jingħataw kuntratt biex jaħdmu sigħat biżżejjed biex iwettqu l-funzjonijiet ta' ġestjoni assoċjati ma' l-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-operazzjoni.

(c) L-Adegwatezza u s-sorveljanza tal-persunal

- (1) Il-Membri ta' l-Ekwipaġġ L-operatur għandu jħaddem numru biżżejjed ta' ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina għall-operazzjoni ppjanata, liema ekwipaġġ ikun imħarreġ u verifikat skond is-Sub-parti N u s-Sub-parti O kif xieraq.
- (2) Persunal ta' fuq l-art
 - (i) In-numru ta' persunal li jaħdmu fuq l-art jiddependi min-natura u l-iskala ta' l-operazzjonijiet. Id-dipartimenti ta' l-operazzjonijiet u ta' l-immaniġġjar fuq l-art, b'mod partikolari, għandhom ikollhom persunal mħarreġ li għandu għarfien sħiħ dwar id-dmirijiet tagħhom fl-organizzazzjoni.
 - (ii) Operatur li jagħti ċerti servizzi f'appatt lil organizzazzjonijiet oħrajn, jibqà responsabbli miż-żamma ta' standards xierqa. F'dawn iċ-ċirkostanzi, persuna maħtura f'kariga għandu jkollha d-dmir li tiżgura li kwalunkwe kuntrattur li jkun impjegat jilħaq l-istandards meħtieġa.
- (3) Sorveljanza
 - (i) In-numru ta' kontrolluri li għandhom jinħatru jiddependi mill-istruttura ta' l-operatur u n-numru ta' persunal impjegat.
 - (ii) Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' dawn il-kontrolluri għandhom ikunu definiti, u għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa, fejn jikkonċerna kwalunkwe rabtiet ta' titjiriet, biex dawn ikunu jistgħu jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom ta' sorveljanza.
 - (iii) Is-sorveljanza tal-membri ta' l-ekwipaġġ u tal-persunal ta' fuq l-art għandha ssir minn persuni li jkollhom l-esperjenza u kwalitajiet personali biżżejjed biex tkun żgurata l-kisba ta' l-istandards speċifikati fil-manwal tat-tħaddim.

(d) Faċilitajiet ta' l-akkommodazzjoni

- (1) L-operatur għandu jiżgura li l-ispażju ta' ħidma disponibbli f'kull bażi ta' operat ikun biżżejjed għall-persunal kkonċernat mas-sigurtà ta' l-operazzjonijiet bl-ajru. Għandhom jitqiesu l-ħtiġiet tal-persunal ta' fuq l-art, ta' dawk ikkonċernati mill-kontroll operattiv, mill-ħażna u l-wiri ta' reġistri essenzjali, u mill-ippjanar tat-titjira mill-ekwipaġġi.
- (2) Is-servizzi ta' l-uffiċċju għandhom ikunu kapaċi, mingħajr dewmien, li jqassmu struzzjonijiet operattivi u taġhrif ieħor lil dawk kollha kkonċernati.

(e) Dokumentazzjoni

L-operatur għandu jagħmel arranġamenti għall-produzzjoni ta' manwali, emendi u dokumenti oħra.

SUB-PARTI D

PROCĊEDURI OPERATTIVI

OPS 1.192

Terminoloġija

It-termini li huma mniżżlin hawn taħt huma għall-użu fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

- (a) Ajrudrom Xieraq. Ajrudrom li l-operatur iqis bħala sodisfaċenti, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti ta' rendiment applikabbli u l-karatteristiċi tar-runway; fil-ħin ta' użu mistenni, l-ajrudrom ikun disponibbli u armat bis-servizzi anċillari meħtieġa bħall-ATS, dawl suffiċjenti, komunikazzjonijiet, rappurtar tat-temp, sistemi ta' navigazzjoni u servizzi ta' emerġenza.
- (b) ETOPS (Operazzjonijiet fuq Medda Estiża għall-ajruplani b'żewġ magni). L-operazzjonijiet ETOPS huma dawk b'ajruplani b'żewġ magni approvati mill-Awtorità (l-approvazzjoni ETOPS) biex iwettqu operazzjonijiet li jmorru lil hinn mid-distanza ta' limitu stabbilita skond l-OPS 1.245 (a) minn Ajrudrom Xieraq.
- (c) ETOPS xierqa ta' ajrudrom alternattiv waqt ir-rotta. Ajrudrom xieraq, li fil-ħin ta' użu mistenni, ikollu wkoll il-faċilità ta' l-ATS u talanqas proċedura waħda għall-avviċinament bi strument.
- (d) Ajrudrom alternattiv waqt ir-rotta (ERA). Ajrudrom xieraq waqt ir-rotta, li jista' jkun meħtieġ fl-istadju ta' l-ippjanar.
- (e) 3 % ERA. Ajrudrom alternattiv waqt ir-rotta magħżul biex il-karburant ta' kontinġenza jitnaqqas għal 3 %.
- (f) Ajrudrom Iżolat. Jekk ikun aċċettabbli għall-Awtorità, l-ajrudrom ta' destinazzjoni jista' jitqies bħala Ajrudrom Iżolat, jekk il-karburant meħtieġ (għad-devjazzjoni u għar-riżerva finali) għall-ajrudrom alternattiv fl-eqreb destinazzjoni xierqa ma jkunx iktar minn:

Għal ajruplani b'magni li jirreċiprokaw, karburant għal titjira ta' 45 minuta flimkien ma' 15 % tat-tul tat-titjira li jkun ippjanat għall-veloċità moderata jew għal titjira ta' saġhtejn, kwalunkwe minn dawn li jkun iqas; jew

Għal ajruplani b'magni bit-turbina, karburant għal titjira ta' saġhtejn b'konsum normali ta' veloċità moderata fuq l-ajrudrom ta' destinazzjoni, inkluż il-karburant tar-riżerva finali.
- (g) Pożizzjoni Ekwivalenti. Pożizzjoni li tista' tkun stabbilita permezz ta' distanza DME, NDB f'post xieraq jew stallazzjoni VOR, SRE jew PAR jew kwalunkwe stallazzjoni oħra bejn 3 u 5 mili 'l bogħod mil-limitu li tistabbilixxi l-pożizzjoni ta' l-ajruplan b'mod indipendenti.
- (h) Fażijiet kritiċi tat-titjira. Il-fażijiet kritiċi tat-titjira huma l-ġirja biex jinqata' l-ajruplan mir-runway, il-flight path wara li l-ajruplan jinqata' mir-runway, hekk kif ikun qed joqrob lejn ir-runway biex jinżel, l-inżul, inkluż il-ġirja sakemm jinżel l-ajruplan fuq ir-runway, u kwalunkwe fażi oħra tat-titjira fid-diskrezzjoni tal-kaptan.
- (i) Karburant ta' kontinġenza. Il-karburant meħtieġ għall-kumpens ta' fatturi mhux mistennija li jistgħu jaffettwaw il-konsum tal-karburant fit-titjira lejn l-ajrudrom ta' destinazzjoni, bħal ma huma d-devjazzjonijiet ta' ajruplan indiviwal mid-data tal-konsum tal-karburant mistenni, id-devjazzjonijiet mill-kundizzjonijiet meteoroloġiċi previsti u d-devjazzjonijiet mir-rotot ippjanati u/jew mil-livelli/altezzi tal-veloċità moderata pplanati.
- (j) Runways separati. Runways fl-istess ajrudrom li huma uċuħ ta' l-inżul separati. Dawn ir-runways jistgħu jgħattu jew jaqsmu minn fuq xulxin b'mod li jekk waħda tkun imblukkata, ma żżommx l-operazzjonijiet ippjanati milli jitwettqu fuq ir-runway l-oħra. Kull runway għandu jkollha proċedura ta' avviċinament separata bbażata fuq għajjuna ta' navigazzjoni separata.
- (k) Veloċità moderata approvata ta' magna waħda wieqfa. Għall-ETOPS, il-veloċità moderata approvata ta' magna waħda wieqfa għaż-żona maħsuba tal-ħidma għandha tkun veloċità li, fil-limiti ċċertifikati ta' l-ajruplan, tintgħażel mill-operatur u tiġi approvata mill-awtorità regolatorja.
- (l) Żona ETOPS. Żona ETOPS hija żona li jkollha spazju ta' l-ajru li fih ajruplan li jkun approvat għall-ETOPS jibqa' jtir iktar mill-ħin speċifikat għat-titjir farja kalma (f'kundizzjonijiet standard) bil-veloċità moderata approvata ta' magna waħda wieqfa minn ajrudrom alternattiv adegwat fir-rotta ETOPS.
- (m) Partenza. Il-valuri minimi ta' l-ippjanar ta' l-ETOPS japplikaw sal-partenza. Il-partenza hija meta l-inġenju ta' l-ajru jagħmel l-ewwel moviment bil-qawwa tiegħu stess sabiex jibda t-tluq.

OPS 1.195

Kontroll tat-tħaddim

Operatur għandu:

- (a) Jistabilixxi u jżomm metodu biex iwettaq kontroll operattiv approvat mill-Awtorità; kif ukoll
- (b) Jeżerċita kontroll operattiv fuq kwalunkwe titjira li titħaddem taħt it-termini ta' l-AOC tiegħu.

OPS 1.200

Il-Manwal tat-tħaddim

Operatur għandu jipprovdi Manwal tat-Tħaddim skond is-Sub-parti P għall-użu u l-gwida tal-persunal ta' l-operazzjonijiet.

OPS 1.205

Il-Kompetenza tal-persunal ta' l-operazzjonijiet

Operatur għandu jiżgura li l-persunal kollu assenjati għal, jew li jkun involut direttament, fl-operazzjonijiet ta' fuq l-art u ta' l-ajru jkunu mħarrġa kif xieraq, ikunu wrew il-ħiliet tagħhom fid-dmirijiet partikolari tagħhom u jkunu konxji mir-responsabbiltajiet tagħhom u mir-relazzjoni ta' dawn id-dmirijiet ma' l-operazzjoni kollha.

OPS 1.210

Id-Determinazzjoni tal-proċeduri

- (a) Għal kull tip ta' ajruplan, operatur għandu jstabblixxi proċeduri u struzzjonijiet li fihom ikun hemm id-dmirijiet tal-persunal ta' fuq l-art u tal-membri ta' l-ekwipaġġ għat-tipi kollha ta' operazzjonijiet li jsiru fuq l-art u waqt it-titjira.
- (b) Operatur għandu jstabblixxi sistema ta' lista ta' verifika li għandha tintuża mill-membri ta' l-ekwipaġġ fil-fażijiet kollha ta' l-operazzjoni ta' l-ajruplan taħt kundizzjonijiet normali, anormali u ta' emerġenza kif applikabbli, biex ikun żgurat li l-proċeduri operattivi fil-Manwal tat-Tħaddim ikunu segwiti.
- (c) Operatur m'għandux jobbliġa membru ta' l-ekwipaġġ biex iwettaq kwalunkwe attività matul fażijiet kritiċi tat-titjira għajr dawk meħtieġa għat-tħaddim bla periklu ta' l-ajruplan (ara l-OPS 1.192).

OPS 1.215

L-Użu ta' Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru

Operatur għandu jiżgura li s-Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru jintużaw għat-titjiriet kollha kull meta dawn ikunu disponibbli.

OPS 1.216

Struzzjonijiet Operattivi ta' fuq it-Titjira

Operatur għandu jiżgura li l-istruzzjonijiet operattivi ta' fuq it-titjira tiegħu, li jinvolvu bidla fil-pjan tat-traffiku ta' l-ajru tat-titjira, għandhom, fejn ikun prattiku, ikunu kkoordinati ma' l-Unità tas-Servizz tat-Traffiku ta' l-Ajru xierqa qabel it-trasmissjoni lejn ajruplan.

OPS 1.220

Awtorizzazzjoni ta' Ajrudromi mill-Operatur

(Ara l-OPS 1.192)

Operatur għandu jawtorizza biss l-użu ta' ajrudrommi li jkunu adattati għat-tip(i) ta' ajruplan(i) u operazzjoni(jiet) ikkonċernati.

OPS 1.225

Il-Valuri Operattivi Minimi ta' Ajrudrom

- (a) Operatur għandu jispeċifika l-valuri operattivi minimi ta' ajrudrom, stabbiliti skond l-OPS 1.430 għal kull tluq, destinazzjoni jew ajrudrom alternattiv li jkun ġie awtorizzat biex jintuża skond l-OPS 1.220.
- (b) Kwalunkwe inkrement impost mill-Awtorità għandu jiżjed mal-valuri minimi speċifikati skond is-sub-paragrafu (a) hawn fuq.
- (c) Il-valuri minimi għal tip speċifiku ta' avviċinament u proċedura ta' nżul jitqiesu applikabbli jekk:
 - (1) It-tagħmir ta' fuq l-art muri fuq il-karta rispettiva meħtieġa għall-proċedura maħsuba ikun operattiv;
 - (2) Is-sistemi ta' l-ajruplan meħtieġa għat-tip ta' avviċinament ikunu operattivi;
 - (3) Il-kriterji meħtieġa ta' eżekuzzjoni ta' ajruplan ikunu ntlaħqu; kif ukoll
 - (4) L-ekwipaġġ ikun kwalifikat kif suppost.

OPS 1.230

Proċeduri ta' tluq u ta' avviċinament ta' l-istrument

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-proċeduri ta' tluq u ta' avviċinament ta' l-istrument, stabbiliti mill-Istat li fih ikun jinstab l-ajrudrom, jintużaw.
- (b) Minkejja s-sub-paragrafu (a) hawn fuq, kaptan jista' jaċċetta kklerjar ta' ATC biex dan ikun jista' jiddevja minn rotta ta' tluq jew wasla ppubblikata, sakemm jitħarsu l-kriterji ta' l-ikklerjar ta' l-ostakli u jkunu tqiesu b'mod sħiħ il-kundizzjonijiet tat-tħaddim. L-avviċinament finali għandu jittajjar viżwalment jew skond il-proċedura stabbilita ta' l-avviċinament ta' l-istrument.
- (c) Proċeduri differenti għal dawk meħtieġa biex jintużaw skond is-sub-paragrafu (a) hawn fuq jistgħu jkunu implimentati biss minn operatur sakemm dawn ikunu ġew approvati mill-Istat li fih jinstab l-ajrudrom, jekk meħtieġ, u sakemm dawn ikunu aċċettati mill-Awtorità.

OPS 1.235

Il-Proċeduri tat-Tnaqqis tal-Ħoss

(Ara l-OPS 1.192)

Operatur għandu jistabbilixxi proċeduri xierqa tat-tluq u l-wasla/l-avviċinament għal kull tip ta' inġenju ta' l-ajru skond dan li ġej:

- (a) L-operatur għandu jiżgura li s-sikurezza jkollha prijorità fuq it-tnaqqis tal-ħoss, u
- (b) Dawn il-proċeduri għandhom jifasslu b'mod li jkunu sempliċi u sikuri għall-operat mingħajr żieda sinifikanti fl-ammont tax-xogħol għall-ekwipaġġ waqt il-fażijiet kritiċi tat-titjira, u
- (c) Għal kull tip ta' ajruplan, żewġ proċeduri tat-tluq għandhom ikunu ddefiniti, skond il-Volum I tad-dok. ta' ICAO nru 8168 (Proċeduri għas-Servizzi tan-Navigazzjoni ta' l-Ajru, 'PANS-OPS'):
 - (1) Il-proċedura tat-Tluq għat-Tnaqqis tal-Ħoss numru Wieħed (NADP 1), imfassla biex tilħaq l-għan tat-tnaqqis tal-ħoss li jinstema' fl-ambjent immedjat; kif ukoll
 - (2) Il-proċedura tat-Tluq għat-Tnaqqis tal-Ħoss numru Tnejn (NADP 2), imfassla biex tilħaq l-għan tat-tnaqqis tal-ħoss li jinstema' mill-bogħod; kif ukoll
 - (3) Barra minn hekk, kull profil ta' tluq ta' l-NADP jista' jkollu biss sekwenza waħda ta' azzjonijiet.

OPS 1.240

Ir-Rotot u ż-żoni ta' l-operazzjoni

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-operazzjonijiet isiru biss tul dawk ir-rotot jew f'dawk iż-żoni, li għalihom:
- (1) Ikun hemm ipprovduti faċilitajiet u servizzi ta' fuq l-art, inklużi servizzi meteoroloġiċi, li jkunu xierqa għall-operazzjoni ppjanata;
 - (2) L-eżekuzzjoni ta' l-ajruplan intiż li jintuża tkun xierqa biex tilħaq ir-rekwiżiti minimi ta' l-altitudni ta' titjira;
 - (3) It-tagħmir ta' l-ajruplan intiż li jintuża jkun jilħaq ir-rekwiżiti minimi għall-operazzjoni ppjanata;
 - (4) Il-mapep u l-karti xierqa jkunu disponibbli (irreferi għal OPS 1.135 (a)(9));
 - (5) Jekk jintużaw ajruplani b'żewġ magni, ajrudromi xierqa jkunu disponibbli fil-limitazzjonijiet tal-ħin/distanza ta' l-OPS 1.245;
 - (6) Jekk jintużaw ajruplan b'magna waħda, ikun hemm uċuh li jkunu jippermettu li jsir inżul sfurzat mingħajr l-ebda periklu.
- (b) Operatur għandu jiżgura li l-operazzjonijiet isiru skond kwalunkwe restrizzjonijiet fuq ir-rotot jew iż-żoni ta' l-operazzjoni, li jiġu imposti mill-Awtorità.

OPS 1.241

Operazzjoni fi spazju ta' l-ajru definit b'Valuri Minimi ta' Separazzjoni Vertikali Mnaqqsa (RVSM)

Operatur m'għandux iħaddem ajruplan f'porzjonijiet ta' spazju ta' l-ajru definiti fejn, ibbażat fuq Ftehim Reġjonali tan-Navigazzjoni bl-ajru, japplika minimu ta' separazzjoni vertikali ta' 300 m (1 000 pied) sakemm ma jkunx approvat li jagħmel hekk mill-Awtorità (Approvazzjoni ta' l-RVSM). (Ara wkoll OPS 1.872)

OPS 1.243

Operazzjoni f'żoni b'rekwiżiti ta' eżekuzzjoni ta' navigazzjoni speċifiċi

- (a) Operatur għandu jiżgura li ajruplan li jopera f'żoni, jew permezz ta' porzjonijiet ta' spazju ta' l-ajru, jew fuq rotot fejn ir rekwiżiti ta' l-eżekuzzjoni tan-navigazzjoni jkunu speċifikati, jkun ċertifikat skond dawn ir-rekwiżiti, u jekk, rekjest, li l-Awtorità tkun ħarġet l-approvazzjoni rilevanti għall-operazzjoni. (ara wkoll OPS 1.865 (c)(2), OPS 1.870 u OPS 1.872).
- (b) Operatur ta' ajruplan li jopera f'żoni li għalihom hemm referenza f'(a) għandu jiżgura li l-proċeduri kollha ta' kontinġenza, speċifikati mill-awtorità responsabbli għall-ispazju ta' l-ajru kkonċernat, ikunu nklużi fil-Manwal tat-Tħaddim.

OPS 1.245

Id-Distanza massima minn ajrudrom xieraq għall-ajruplan b'żewġ magni mingħajr Approvazzjoni ETOPS

(Ara l-OPS 1.192)

- (a) Sakemm ma jkunx speċifikament approvat mill-Awtorità skond l-OPS 1.246 (a) (l-Approvazzjoni ETOPS), operatur m'għandux iħaddem ajruplan ta' żewġ magni fuq rotta li jkollha punt aktar il-bogħod minn ajrudrom xieraq (f'kundizzjonijiet standard farja kalma) milli fil-każ ta':
- (1) Ajruplani bi Klassi ta' Eżekuzzjoni A li għandhom jew:
 - (i) Kapaċità massima approvata ta' 20 passiġġier jew aktar bilqiegħda; jew
 - (ii) Massa massima ta' tluq ta' 45 360 kilo jew aktar,
 fejn id-distanza koperta f'perjodu ta' 60 minuta bil-veloċità regolari b'magna waħda wieqfa, tiġi stabbilita skond is-sub-paragrafu (b) hawn taħt;

- (2) Ajruplan bi Klassi ta' eżekuzzjoni A li għandhom:
- (i) Kapaċità massima approvata ta' 19 passiġġier jew aktar bilqiegħda; kif ukoll
 - (ii) Massa massima ta' tluq ta' anqas minn 45 360 kilo,
- id-distanza li ssir f'120 minuta jew, jekk bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità, sa 180 minuta għall-ajruplan b'magni turbo-ġett, bil-veloċità regolari ta' magna waħda wieqfa, stabbilita skond is-sub-paragrafu (b) taħt;
- (3) Ajruplan bi Klassi ta' Eżekuzzjoni B jew C:
- (i) fejn id-distanza koperta f'perjodu ta' 120 minuta bil-veloċità regolari b'magna waħda wieqfa, u li din tiġi stabbilita skond is-sub-paragrafu (b) hawn taħt; jew
 - (ii) 300 mil nawtiku, liema minn dawn ikun l-inqas.
- (b) Operatur għandu jstabbilixxi veloċità għall-kalkolazzjoni tad-distanza massima lejn ajrudrom xieraq għal kull tip ta' ajruplan b'żewġ magni jew varjant ta' dan li jitħaddem, li mhux aktar minn VMO, ibbażata fuq il-veloċità ta' l-ajru vera li l-ajruplan jista' jżomm meta jkollu magna waħda wieqfa.
- (c) Operatur għandu jiżgura li d-data li ġejja, li hija speċifika għal kull tip jew varjant, tkun inkluża fil-Manwal tat-Tħaddim:
- (1) Il-veloċità moderata b'magna waħda wieqfa li tkun stabbilita skond is-sub-paragrafu (b) hawn fuq; kif ukoll
 - (2) Id-distanza massima minn ajrudrom xieraq li tkun stabbilita skond is-sub-paragrafi (a) u (b) fuq.

Nota: Il-veloċitajiet speċifikati hawn fuq huma maħsuba biex jintużaw biss biex tkun stabbilita d-distanza massima minn ajrudrom xieraq.

OPS 1.246

Operazzjonijiet ta' distanza estiża li jsiru minn ajruplan b'żewġ magni (ETOPS)

(Ara l-OPS 1.192)

- (a) Operatur m'għandux iwettaq operazzjonijiet li jmorru lil hinn mid-distanza ta' limitu stabbilita skond l-OPS 1.245, sakemm ma jkunx awtorizzati li jagħmel hekk mill-Awtorità (l-approvazzjoni ETOPS).
- (b) Qabel ma jwettaq titjira ETOPS, operatur għandu jiżgura li fit-triq ikun hemm alternattiva xierqa għall-ETOPS, li tista' tintlaħaq fil-ħin tad-dawran approvat ta' l-operatur, jew fil-ħin tad-dawran li jkun ibbażat fuq l-istat ta' effiċjenza tal-MEL ta' l-ajruplan li jiġi ġġenerat, liema minn dawn ikun l-iqsar. (Ara wkoll l-OPS 1.297(d)).

OPS 1.250

It-twaqqif ta' l-altitudnijiet minimi tat-titjira

- (a) Operatur għandu jstabbilixxi l-inqas altitudni tat-titjira u l-metodi biex ikunu stabbiliti dawk l-altitudnijiet għat-taqsimiet kollha tar-rotta li għandhom jiġu koperti u li jipprovdu l-ikklerjar tat-terren meħtieġ, waqt li jitqiesu r-rekwiżiti tas-Subpartijiet F sa I.
- (b) Kull metodu biex ikunu stabbiliti l-altitudnijiet minimi tat-titjira għandu jkun approvat mill-Awtorità.
- (c) Fejn l-altitudnijiet minimi tat-titjira stabbiliti mill-Istati li t-titjira għaddiet fuqhom ikunu ogħla minn dawk stabbiliti mill-operatur, għandhom japplikaw l-ogħla valuri.
- (d) Operatur għandu jqis il-fatturi li ġejjin meta jstabbilixxi l-altitudnijiet minimi tat-titjira:
 - (1) L-eżattezza li biha tkun tista' tiġi stabbilita l-pożizzjoni ta' l-ajruplan;

- (2) L-ineżattezzi probabbli fl-indikazzjonijiet ta' l-altimetri użati;
 - (3) Il-karatteristiċi tat-terren (eż. tibdil f'daqqa fl-elevazzjoni) tul ir-rotot jew fiż-żoni fejn għandhom iseħħu l-operazzjonijiet;
 - (4) Il-probabilità li wieħed jiltaqa' ma' kundizzjonijiet meteoroloġiċi mhux favorevoli (eż. taqlib tempestuż ta' l-ajru u kurrenti ta' l-arja li jinżlu 'l isfel); kif ukoll
 - (5) Ineżattezzi possibbli fil-karti ajronawtiċi.
- (e) Biex jitwettqu r-rekwiżiti preskritti fis-sub-paragrafu (d) hawn fuq għandhom jitqiesu sew dawn li ġejjin:
- (1) Il-korrezzjonijiet li jitwettqu minħabba l-varjazzjonijiet fit-temperatura u l-pressjoni mill-valuri standard;
 - (2) Ir-rekwiżiti ta' l-ATC; kif ukoll
 - (3) Kwalunkwe kontinġenzi li jistgħu jibassru tul ir-rotta ppjanata.

OPS 1.255

Il-Politika tal-karburant

(Ara l-Appendiċi 1 u 2 għall-OPS 1.255)

- (a) Operatur għandu jstabbilixxi politika tal-karburant għall-ippjanar tat-titjira u għall-ippjanar mill-ġdid li jsir waqt it-titjira biex ikun żgurat li kull titjira għorr karburant biżżejjed għall-operazzjoni ppjanata u li jkun hemm riżervi biex ikopru d-devjazzjonijiet mill-operazzjoni ppjanata.
- (b) Operatur għandu jiżgura li l-ippjanar tat-titjiriet ikun mill-inqas ibbażat fuq (1) u (2) hawn taħt:
 - (1) Il-Proċeduri li jkun hemm fil-Manwal tat-Tħaddim u d-data li tkun ġeja minn:
 - (i) Data mogħtija mill-manifattur ta' l-ajruplan; jew
 - (ii) Data attwali speċifika ta' l-ajruplan li tkun ġeja minn sistema ta' kontroll tal-konsum tal-karburant.
 - (2) Il-kundizzjonijiet operattivi mbassra għat-titjira, li għandhom jinkludu:
 - (i) Data realistika fuq il-konsum ta' karburant ta' l-ajruplan;
 - (ii) Il-massi mbassra;
 - (iii) Il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi; kif ukoll
 - (iv) Il-proċeduri u r-restrizzjonijiet għall-Fornitur(i) tas-Servizzi tan-Navigazzjoni ta' l-Ajru.
- (c) Operatur għandu jiżgura li l-kalkolazzjoni ta' qabel it-titjira li tikkonċerna l-karburant meħtieġ għat-titjira tkun tinkludi:
 - (1) Il-karburant għas-sewqan fuq l-ajrudrom; kif ukoll
 - (2) Il-karburant għall-vjaġġ; kif ukoll
 - (3) Il-karburant tar-riżerva li jikkonsisti minn:
 - (i) Karburant ta' Kontinġenza (ara l-OPS 1.192); kif ukoll
 - (ii) Karburant alternattiv, jekk ikun meħtieġ ajrudrom ta' destinazzjoni alternattiv. (Din ma tipprekludix l-għażla ta' l-ajrudrom tat-tluq bħala l-ajrudrom ta' destinazzjoni alternattiv); kif ukoll
 - (iii) Karburant ta' riżerva finali; kif ukoll
 - (iv) Karburant addizzjonali, jekk ikun meħtieġ għat-tip ta' operazzjoni (eż. ETOPS); kif ukoll
 - (4) Karburant żejjed jekk ikun meħtieġ mill-kaptan.

- (d) Operatur għandu jiżgura li l-proċeduri ta' ippjanar mill-ġdid waqt it-titjira biex ikun ikkalkolat il-karburant użabbli meħtieġ meta titjira jkollha tipproċedi tul rotta jew lejn ajrudrom ta' destinazzjoni għajr dak ippjanat oriġinarjament jinkludu:
- (1) Il-karburant tal-vjaġġ għall-bqija tat-titjira; kif ukoll
 - (2) Il-karburant tar-riżerva li jikkonsisti minn:
 - (i) Karburant ta' kontinġenza; kif ukoll
 - (ii) Karburant alternattiv, jekk ikun meħtieġ ajrudrom ta' destinazzjoni alternattiv (Dan ma jipprekludix l-għażla ta' l-ajrudrom tat-tluq bħala l-ajrudrom tad-destinazzjoni alternattiv); kif ukoll
 - (iii) Karburant ta' riżerva finali; kif ukoll
 - (iv) Karburant addizzjonali, jekk ikun meħtieġ għat-tip ta' operazzjoni (eż. ETOPS); kif ukoll
 - (3) Karburant żejjed jekk ikun meħtieġ mill-kaptan.

OPS 1.260

Il-Ġarr ta' Persuni b'Mobbilità Mnaqqsa

- (a) Operatur għandu jistabbilixxi proċeduri għall-ġarr ta' Persuni b'Mobbilità Mnaqqsa (PRMs).
- (b) Operatur għandu jiżgura li l-persuni b'mobbilità mnaqqsa ma jkunux allokat, u lanqas jokkupaw, siġġijiet fejn il-preżenza tagħhom tista':
 - (1) Tfixkel lill-ekwipaġġ mill-qadi ta' dmirijietu;
 - (2) Tostakola l-aċċess għat-tagħmir ta' l-emerġenza; jew
 - (3) Tfixkel l-evakwazzjoni ta' emerġenza ta' l-ajruplan.
- (c) Il-kaptan għandu jkun notifikat meta l-persuni b'mobbilità mnaqqsa se jinġarru abbord.

OPS 1.265

Ġarr ta' passiġġieri inammissibbli, persuni deportati jew persuni li jkun taħt kustodja

Operatur għandu jistabbilixxi l-proċeduri għat-trasport ta' passiġġieri inammissibbli, ta' persuni deportati jew ta' persuni taħt kustodja biex tkun żgurata s-sigurtà ta' l-ajruplan u ta' l-okkupanti tiegħu. Il-kaptan għandu jkun notifikat meta l-persuni msemmija hawn fuq ikunu se jinġarru abbord.

OPS 1.270

L-Istivar ta' bagalji u ta' merkanzija

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.270)

- (a) Operatur għandu jistabbilixxi proċeduri biex ikun żgurat li daww il-bagalji ta' l-idejn li jistgħu jkunu stivati b'mod xieraq u mingħajr periklu biss jinġarru għal ġewwa l-kabina tal-passiġġieri.
- (b) Operatur għandu jistabbilixxi proċeduri biex ikun żgurat li l-bagalji u l-merkanzija kollha abbord, li jistgħu jikkawżaw ħsara jew dannu, jew joħlqu ostakli fil-kuriduri u fil-ħruġ jekk jiċċaqalqu, ikunu stivati f'postijiet imfassla apposta biex ikun evitat kwalunkwe ċaqliq.

OPS 1.275

Intenzjonalment vojti

OPS 1.280

Siġġijiet tal-passiġġieri

Operatur għandu jistabbilixxi proċeduri biex ikun żgurat li l-passiġġieri jitpoġġew bilqiegħda fuq siġġijiet fejn, fil-każ li tinqala' hteġa għal xi evakwazzjoni ta' emerġenza, dawn ikunu jistgħu jgħinu bl-aħjar mod u mhux ifixklu l-evakwazzjoni mill-ajruplan.

OPS 1.285

L-għoti ta' informazzjoni lill-passiġġieri

Operatur għandu jiżgura li:

(a) Ġenerali

- (1) Il-passiġġieri jingħataw informazzjoni verbali dwar kwistjonijiet ta' sigurtà. Partijiet minn jew l-għoti ta' informazzjoni kollha tista' tingħata permezz ta' preżentazzjoni awdjo-viżiva.
- (2) Il-passiġġieri jingħataw karta li tagħti l-informazzjoni dwar is-sigurtà li fuqha jkun hemm struzzjonijiet illustrati li juru l-operazzjoni tat-tagħmir ta' l-emerġenza u l-ħruġ li jistgħu jintużaw mill-passiġġieri.

(b) Qabel it-Tluq

- (1) Il-passiġġieri għandhom ikunu mgħarrfa fuq il-punti li ġejjin jekk ikunu applikabbli:
 - (i) Ir-regolamenti tat-tipjip;
 - (ii) Id-dahar tas-siġġu jitpoġġa f'pożizzjoni wieqfa u biex tingħalaq il-mejda;
 - (iii) Il-post tal-ħruġ ta' l-emerġenza;
 - (iv) Il-post u l-użu tal-marki mixgħula fil-passaġġ li juru d-direzzjoni għall-evalwazzjoni;
 - (v) L-istivar tal-bagalji ta' l-idejn;
 - (vi) Ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tagħmir elettroniku portabbli; kif ukoll
 - (vii) Il-post u l-kontenut tal-karta ta' l-informazzjoni tas-sigurtà, kif ukoll, kif ukoll,
- (2) Il-passiġġieri għandhom jirċievu dimostrazzjoni dwar dawn li ġejjin:
 - (i) L-użu taċ-ċintorini tas-sigurtà u/jew taċ-ċineg tas-sigurtà, inkluż kif taqfel u tħoll iċ-ċintorini u/jew iċ-ċineg tas-sigurtà;
 - (ii) Il-post u l-użu tat-tagħmir ta' l-ossigġu jekk ikun meħtieġ (ara OPS 1.770 u OPS 1.775). Il-passiġġieri għandhom ikunu mgħarrfa biex jifhem kull materjal ta' tipjip meta jkun qed jintuża l-ossigġu; kif ukoll
 - (iii) Il-post u l-użu ta' ġkieket tas-salvataġġ jekk ikunu meħtieġa (ara OPS 1.825).

(c) Wara t-Tluq

- (1) Il-passiġġieri għandhom ikunu mfakkra dwar dawn li ġejjin jekk ikunu jgħoddu:
 - (i) Ir-regolamenti tat-tipjip; kif ukoll
 - (ii) L-użu taċ-ċintorini tas-sigurtà u/jew taċ-ċineg tas-sigurtà inklużi l-benefiċċji għas-sigurtà li l-passiġġier ikollu meta jkun bilqiegħda u jaqfel iċ-ċintorin, irrispettivament mid-dawl tas-sinjali taċ-ċintorin tas-sigurtà.

- (d) Qabel l-inżul
- (1) Il-passiġġieri għandhom ikunu mfakkra dwar dawn li ġejjin jekk ikunu jgħoddu:
 - (i) Ir-regolamenti tat-tipjip;
 - (ii) L-użu taċ-ċintorini tas-sigurtà u/jew iċ-ċineg tas-sigurtà;
 - (iii) Id-dahar tas-siġġu jitpoġġa f'pożizzjoni wieqfa u biex tingħalaq il-mejda;
 - (iv) Dwar l-istivar tal-bagalji ta' l-idejn; kif ukoll
 - (v) Ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tagħmir elettroniku portabbli;
- (e) Wara l-inżul
- (1) Il-passiġġieri għandhom ikunu mfakkra dwar dawn li ġejjin:
 - (i) Ir-regolamenti tat-tipjip; kif ukoll
 - (ii) L-użu taċ-ċintorini tas-sigurtà u/jew iċ-ċineg tas-sigurtà;
- (f) F'każ ta' emerġenza waqt titjira, il-passiġġieri jkunu mwissija jirċievu struzzjonijiet dwar l-azzjonijiet ta' emerġenza xierqa f'dawk iċ-ċirkustanzi.

OPS 1.290

It-Thejija għat-Titjira

- (a) Operatur għandu jiżgura li pjan operattiv tat-titjira jkun tlesta għal kull titjira li tkun maħsuba li ssir.
- (b) Il-kaptan m'għandux jibda titjira sakemm hu/hi jkunu sodisfatti li:
- (1) L-ajruplan huwa adegwat għat-titjir;
 - (2) L-ajruplan ma jitħaddimx b'mod kuntrarju għad-dispożizzjoni tal-Lista ta' Devjazzjoni mill-Konfigurazzjoni (CDL);
 - (3) L-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa għat-titjira li se ssir, skond is-Sub-Partijiet K u L, ikunu disponibbli;
 - (4) L-istrumenti u t-tagħmir ikunu fi stat li jistgħu jitħaddmu, ħlief kif hemm imfisser fil-MEL;
 - (5) Dawk il-partijiet tal-manwal tat-tħaddim li jkunu meħtieġa għat-twettiq tat-titjira jkunu disponibbli;
 - (6) Id-dokumenti, l-informazzjoni addizzjonali u l-formoli li jridu jkunu disponibbli skond l-OPS 1.125 u l-OPS 1.135 ikunu abbord;
 - (7) Il-mapep attwali, il-karti u d-dokumenti assoċjati jew id-data ekwivalenti jkunu disponibbli biex ikopru l-operazzjoni maħsuba ta' l-ajruplan, inkluż kwalunkwe bdil fid-direzzjoni li jista' jkun raġonevolment imħassar. Dan għandu jinkludi kwalunkwe tabelli ta' konverżjoni li jkunu meħtieġa biex jappoġġjaw operazzjonijiet, fejn iridu jintużaw l-għoli, l-altitudni u l-livelli tat-titjir metriċi;
 - (8) Il-faċilitajiet u s-servizzi ta' fuq l-art meħtieġa għat-titjira ppjanata jkunu disponibbli u xierqa;
 - (9) Id-dispożizzjonijiet speċifikati fil-manwal tat-tħaddim fejn jikkonċerna l-kwantità tal-karburant, taż-żejt u ta' l-ossiġenu, l-altitudni minimi bla periklu, il-valuri operattivi minimi ta' l-ajrudrom u d-disponibilità ta' ajrudromi alternati, fejn ikun meħtieġ, jistgħu jkunu konformi mat-titjira ppjanata;
 - (10) It-tagħbija tkun imqassma u marbuta sew;
 - (11) Il-massa ta' l-ajruplan, fil-bidu tal-ġirja tat-tluġh, tkun tali li t-titjira tkun tista' titwettaq skond is-Sub-partijiet F sa I jekk ikun applikabbli; kif ukoll
 - (12) Kwalunkwe limitazzjoni operattiva flimkien ma' daww koperti mis-sub-paragrafi (9) u (11) hawn fuq jkunu jistgħu jintlaħqu.

OPS 1.295

L-Għażla ta' l-ajrudromi

- (a) Operatur għandu jstabilixxi proċeduri għall-għażla tad-destinazzjoni u/jew ajrudromi alternati skond l-OPS 1.220 meta tkun qed tiġi pplanata titjira.
- (b) Operatur għandu jagħżel u jispjega fil-pjan operattiv tat-titjira ajrudrom ta' tluġ alternattiv jekk ma jkunx possibbli li dan jirritorna lejn l-ajrudrom tat-tluġ minħabba raġunijiet meteoroloġiċi jew ta' eżekuzzjoni. L-ajrudrom tat-tluġ alternattiv, fir-rigward ta' l-ajrudrom tat-tluġ, għandu jkun fi:
- (1) Għall-ajruplani b'żewġ magni, jew:
 - (i) F'ħin ta' titjira ta' siegħa b'veloċità moderata u b'magna waħda wieqfa skond il-Manwal tat-Titjira ta' l-Inġenju ta' l-Ajru (l-AFM), f'kundizzjonijiet standard ta' arja kalma li jkunu ġew ibbażati fuq il-massa attwali tat-tluġ; jew
 - (ii) Il-ħin tad-devjazzjoni ta' l-ETOPS approvat ta' l-operatur, suġġett għal kwalunkwe restrizzjoni tal-MEL, sa massimu ta' saġhtejn, b'veloċità moderata u b'magna waħda wieqfa skond l-AFM, f'kundizzjonijiet standard ta' arja kalma bbażati fuq il-massa attwali tat-tluġ għall-ajruplan u l-ekwipaġġi awtorizzati għall-ETOPS; jew
 - (2) Ħin ta' titjira ta' saġhtejn b'veloċità moderata b'magna waħda wieqfa skond l-AFM, f'kundizzjonijiet standard ta' arja kalma li jkunu ġew ibbażati fuq il-massa attwali tat-tluġ għall-ajruplan bi tliet jew erba' magni; kif ukoll
 - (3) Jekk l-AFM ma jkollux veloċità moderata b'magna waħda wieqfa, il-veloċità li għandha tintuża għall-kalkolazzjoni għandha tkun dik li tkun inkisbet meta l-magna(i) l-oħra(oħrajn) ikun(u) ssettjat(i) biex taħdem(jaħdmu) bil-qawwa kontinwa massima.
- (c) Operatur għandu jagħżel mill-inqas destinazzjoni alternata waħda għal kull titjira IFR sakemm:
- (1) It-tnejn li ġejjin:
 - (i) Id-dewmien tat-titjira pplanata mit-tluġ sa l-inżul jew, fil-każ ta' l-ippjanar mill-ġdid waqt it-titjira skond l-OPS 1.255(d), il-bqija tal-ħin tat-titjira lejn id-destinazzjoni, ma jkunx iżjed minn sitt sigħat, u
 - (ii) Żewġ runways separati (ara l-OPS 1.192) ikunu disponibbli u jistgħu jintużaw fl-ajrudrom tad-destinazzjoni, waqt li r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa għall-ajrudrom tad-destinazzjoni, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn, ikunu juru li, għall-perjodu minn siegħa qabel sa siegħa wara l-ħin mistenni tal-wasla fl-ajrudrom tad-destinazzjoni, il-limitu għandu jkun mill-inqas ta' 2 000 pied jew ta' għoli ta' dawran ta' + 500 pied, liema minn dawn ikun l-ikbar, u li l-viżibilità tkun ta' mill-inqas 5 km;
 - (2) L-ajrudrom tad-destinazzjoni jkun iżolat.
- (d) Operatur għandu jagħżel żewġ ajrudromi ta' destinazzjoni alternattivi meta:
- (1) Ir-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa għall-ajrudrom tad-destinazzjoni, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn, juru li matul perjodu li jibda siegħa qabel u jintemm siegħa wara l-ħin mistenni tal-wasla, il-kundizzjonijiet tat-temp se jkunu iktar baxxi mill-valuri minimi ta' l-ippjanar li jkunu applikabbli (ara l-OPS 1.297(b)); jew
 - (2) Ma jkun hemm l-ebda informazzjoni meteoroloġika disponibbli.
- (e) Operatur għandu jispjega kwalunkwe ajrudrom(i) alternattiv(i) meħtieġ(a) fil-pjan operattiv tat-titjira.

OPS 1.297

Il-Valuri minimi għal titjiriet IFR

- (a) Il-valuri minimi ta' l-ippjanar għall-ajrudrom alternattiv tat-tluġh. Operatur għandu jagħżel ajrudrom bħala ajrudrom alternattiv tat-tluġh biss meta r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn ikunu juru li, matul perjodu li jibda siegħa qabel u jintemm siegħa wara l-ħin mistenni tal-wasla fl-ajrudrom, il-kundizzjonijiet tat-temp se jkunu fil-valuri minimi jew iktar mill-valuri minimi applikabbli ta' l-inżul li huma speċifikati skond l-OPS 1.225. Il-limitu għandu jitqies meta l-uniċi avviċinamenti disponibbli jkunu avviċinamenti mingħajr preċiżjoni u/jew ta' dawran. Kwalunkwe limitazzjoni relatata ma' operazzjonijiet b'magna waħda wieqfa għandhom jitqiesu wkoll.
- (b) Il-valuri minimi ta' l-ippjanar għall-ajrudrom tad-destinazzjoni (ħliet ajrudromi tad-destinazzjoni iżolati). Operatur għandu jagħżel biss l-ajrudrom tad-destinazzjoni u meta:
- (1) ir-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn, juru li matul perjodu li jibda siegħa qabel u jintemm siegħa wara l-ħin mistenni tal-wasla fl-ajrudrom, il-kundizzjonijiet tat-temp ikunu fl-istess livell jew ogħla mill-valuri minimi ta' l-ippjanar applikabbli kif ġej:
 - (i) RVR/viżibilità speċifikata skond l-OPS 1.225; kif ukoll
 - (ii) Għall-avviċinament mingħajr preċiżjoni jew ta' dawran, il-limitu fil jew iktar mill-MDH; jew
 - (2) jintagħżlu żewġ ajrudromi tad-destinazzjoni alternattivi taħt l-OPS 1.295(d).
- (c) Il-valuri minimi għall-ippjanar għal:

Ajrudrom ta' destinazzjoni alternattiv, jew

Ajrudrom iżolat, jew

3 % ajrudrom ERA, jew

Ajrudrom alternattiv waqt rotta meħtieġ fl-istadju ta' l-ippjanar

Operatur għandu jagħżel ajrudrom għal wieħed minn dawk l-għanijiet biss meta r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn, ikunu juru li, matul perjodu li jibda siegħa qabel u jintemm siegħa wara l-ħin mistenni tal-wasla fl-ajrudrom, il-kundizzjonijiet tat-temp ikunu fil-valuri minimi jew iktar mill-valuri minimi ta' l-ippjanar fit-Tabella 1 t'hawn taħt.

Tabella 1

Valuri minimi ta' l-ippjanar — Ajrudrom ta' destinazzjoni alternattiv, ajrudrom ta' destinazzjoni iżolat, 3 % ERA u ajrudrom alternattiv waqt rotta

It-tip ta' avviċinament	Il-Valuri Minimi ta' l-Ippjanar
Kat II u III	Kat I (Nota 1)
Kat I	Mingħajr preċiżjoni (Noti 1 u 2)
Mingħajr preċiżjoni	Mingħajr preċiżjoni (Noti 1 u 2) u 200 pied / 1 000 m
Dawran	Dawran

Nota 1 RVR.
Nota 2 Il-limitu jrid ikun fi jew iktar mill-MDH.

- (d) Il-valuri minimi ta' l-ippjanar għall-ajrudrom alternattiv ETOPS waqt ir-rotta. Operatur għandu jagħżel biss ajrudrom bħala ajrudrom alternattiv ETOPS waqt ir-rotta meta r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn, ikunu juru li, bejn iż-żmien maħsub tal-wasla u siegħa wara l-ħin l-iktar tard possibbli tal-wasla, ikunu jeżistu l-kundizzjonijiet ikkalkulati bis-somma tal-limiti addizzjonali tat-Tabella 2. Operatur għandu jinkludi fil-Manwal tat-Tħaddim, il-metodu għad-determinazzjoni tal-valuri operattivi minimi fl-ajrudrom alternattiv ETOPS maħsub waqt ir-rotta.

Tabella 2

Il-Valuri Minimi ta' l-Ippjanar — ETOPS

Faċilità ta' Avviċinament	Limitu tal-Mitjar Alternattiv	Valuri Minimi tat-Temp Viżibilità/RVR
Proċedura ta' Avviċinament bi Preċiżjoni	DH/DA awtorizzat u żieda ta' 200 pied	Viżibilità awtorizzata u żieda ta' 800 metru
Avviċinament Mingħajr Preċiżjoni jew Avviċinament ta' Dawran	MDH/MDA awtorizzat u żieda ta' 400 pied	Viżibilità awtorizzata u żieda ta' 1 500 metru

OPS 1.300

Il-Preżentazzjoni ta' Pjan ATS ta' Titjira

Operatur għandu jiżgura li titjira ma tibdiex sakemm ma jkunx ġie preżentat pjan ATS tat-titjira, jew ma tkunx ġiet depożitata informazzjoni xierqa biex tippermetti li s-servizzi ta' twissija jiġu attivati jekk ikun meħtieġ.

OPS 1.305

Riforniment tal-karburant/l-iżvojtjar tal-karburant waqt l-imbarkazzjoni tal-passiġġieri, meta dawn ikunu abbord jew meta ikunu qed iħallu l-ajruplan

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.305)

Operatur għandu jiżgura li ma jsir l-ebda riforniment jew iżvojtjar tal-karburant ta' l-ebda ajruplan b'karburant Avgas jew tat-tip wide-cut (eż. Jet-B jew ekwivalenti) jew meta jista' jkun hemm taħlita ta' dawn it-tipi ta' karburant, meta l-passiġġieri jkunu qed jimbarkaw, ikunu abbord jew ikunu qed jinżlu mill-ajruplan. Fil-każijiet l-oħra kollha, għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa u l-ajruplan għandu jkun mgħammar b'persunal kwalifikat li jkunu lesti jagħtu bidu u jidderieġu evakwazzjoni ta' l-ajruplan bl-iktar mezzi prattiċi u effettivi li jkunu disponibbli.

OPS 1.307

Riforniment tal-karburant/l-iżvojtjar tal-karburant b'karburant tat-tip wide-cut

Operatur għandu jstabbilixxi proċeduri għar-riforniment tal-karburant/l-iżvojtjar tal-karburant b'karburant tat-tip wide-cut (eż. Jet B jew ekwivalenti) jekk dan ikun meħtieġ.

OPS 1.308

L-Imbottar Lura u l-Irmonk

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-proċeduri kollha ta' imbottar lura u ta' irmonk ikunu konformi ma' standards u proċeduri xierqa ta' l-avjazzjoni.
- (b) L-operatur għandu jiżgura li t-tqegħid fil-post ta' l-ajruplan qabel jew wara s-sewqan ma jsirx b'irmonk mingħajr żbarra ta' l-irmunkar sakemm:
 - (1) ajruplan ikun imħares permezz tad-disinn tiegħu stess milli ssirlu l-ħsara lis-sistema ta' l-istering tar-rotta ta' quddiem minħabba operazzjoni ta' rmonk mingħajr żbarra ta' l-irmunkar, jew
 - (2) tkun provduta sistema/proċedura ta' twissija għall-ekwipaġġ tat-titjira li din il-ħsara setgħet grat jew fil-fatt tkun seħħet, jew
 - (3) il-vettura li tirmonka mingħajr żbarra tkun iddisinjata biex tkun evitata l-ħsara lit-tip ta' ajruplan.

OPS 1.310

Il-Membri ta' l-Ekwipaġġ fil-postijiet tagħhom

- (a) Il-Membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira
- (1) Matul it-tluġ u l-inżul kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkun meħtieġ fil-kabina ta' l-ekwipaġġ għandu jkun fil-post tiegħu/tagħha.
 - (2) Matul il-fażijiet l-oħra kollha tat-titjira kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkollu d-dmir jibqa' fil-kabina ta' l-ekwipaġġ għandu jibqa' fil-post tiegħu/tagħha sakemm in-nuqqas tiegħu/tagħha ikun neċessarju għat-tweqqi tad-dmirijiet tiegħu/tagħha b'rabta ma' l-operazzjoni, jew għar-raġunijiet fiżjoloġiċi sakemm mill-inqas pilota wieħed kwalifikat kif xieraq jibqa' fil-post tal-kontroll ta' l-ajruplan il-ħin kollu.
 - (3) Matul il-fażijiet kollha tat-titjira, kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkun meħtieġ ikun fil-kabina ta' l-ekwipaġġ għandu jibqa' attent. Jekk ikun hemm nuqqas ta' attenzjoni, għandhom jintużaw l-kontromiżuri kollha xierqa. Jekk ikun hemm xi għeja kbira mhux mistennija tista' tintuża, jekk l-ammont ta' xogħol ikun jippermetti, proċedura ta' serħan kontrollat li tkun organizzata mill-kaptan. Is-serħan kontrollat li jsir b'dan il-mod qatt ma jista' qatt jitqies li jkun jiffirma parti minn perjodu ta' mistrieħ biex ikunu kkalkolati l-limitazzjonijiet tal-ħin tat-titjira. Lanqas m'għandu jintuża biex jiġġustifika kwalunkwe perjodu ta' servizz.
- (b) Il-Membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri. Fil-kabini kollha ta' l-ajruplan li jintużaw mill-passiġġieri, il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li jkunu meħtieġa għandhom ikunu bilqiegħda fil-postijiet assenjati lilhom waqt il-fażijiet kritiċi tat-titjira.

OPS 1.311

Numru minimu ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġa li jkunu abbord l-ajruplan matul l-operazzjonijiet ta' fuq l-art mal-passiġġieri

(ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.311)

Operatur għandu jiżgura li, kull meta jkun hemm xi passiġġieri abbord l-ajruplan, in-numru minimu ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġa skond l-OPS 1.990(a), (b), (c) u (d) ikunu preżenti fil-kabina tal-passiġġieri, ħliet:

- (a) Meta l-ajruplan ikun fuq l-art f'post ta' parkeġġ, in-numru tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri preżenti fil-kabina tal-passiġġieri jista' jitnaqqas għal inqas min-numru determinat mill-OPS 1.990(a), (b) u (c). In-numru minimu tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġa f'dawn iċ-ċirkustanzi għandu jkun wieħed għal kull par ta' ħruġ ta' emerġenza fuq il-livell ta' l-art fuq kull kabina tal-passiġġieri, jew wieħed għal kull 50 passiġġier, jew parti minn 50, li jkunu preżenti abbord, skond kwalunkwe minn dawn ikun l-ikbar, sakemm:
- (1) L-operatur ikun stabbilixxa proċedura ta' evakwazzjoni tal-passiġġieri b'dan in-numru mnaqqas tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li tkun approvata mill-Awtorità bħala proċedura li tagħti l-istess sigurtà; kif ukoll
 - (2) Ma jkunx qed isir l-għoti tal-fjuwil mill-ġdid/it-tneħħija tal-fjuwil; kif ukoll
 - (3) Il-membri anzjan ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jkun wettaq l-għoti ta' informazzjoni qabel it-titjira lill-Membri ta' l-Ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri; kif ukoll
 - (4) Il-membri anzjan ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jkun preżenti fil-kabina tal-passiġġieri; kif ukoll
 - (5) Ikunu tlestew il-kontrolli tal-kabina qabel l-imbarkazzjoni.

Dan it-tnaqqis mhuwiex permess meta n-numru tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri huwa determinat bl-użu ta' l-OPS 1.990(d).

- (b) Matul l-inżul tal-passiġġieri meta n-numru ta' passiġġieri li jibqgħu abbord ikun inqas minn 20, in-numru minimu tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri preżenti fil-kabina tal-passiġġieri jista' jitnaqqas għal inqas min-numru minimu ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġa skond l-OPS 1.990(a), (b), (c) u (d), sakemm:
- (1) L-operatur ikun stabbilixxa proċedura ta' evakwazzjoni tal-passiġġieri b'dan in-numru imnaqqas tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li tkun approvata mill-Awtorità bħala proċedura li tagħti l-istess sigurtà; kif ukoll
 - (2) Il-membri anzjan ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jkun preżenti fil-kabina tal-passiġġieri.

OPS 1.313

Użu tal-kuffji tal-widna

- (a) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira meħtieġ li jkun qed iwettaq dmirijietu fil-kabina ta' l-ekwipaġġ waqt titjira għandu jilbes kuffji tal-widna b'mikrofonu li jirbomba jew ekwivalenti meħtieġ skond l-OPS 1.650(p) u/jew 1.652(s) u jużah bħala l-apparat ewlieni biex jisma' l-komunikazzjonijiet bil-vuċi mas-Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru:
- minn fuq l-art,
 - meta jkun qed jasal l-ikklerjar tat-tluq ta' l-ATC permezz ta' komunikazzjoni bil-vuċi,
 - meta jkunu qed jaħdmu l-magni,
 - matul it-titjira meta l-ajruplan ikun taħt l-altezza ta' tranżizzjoni jew inqas minn 10 000 pied, kwalunkwe minn dawn ikun ogħla, u
 - kull meta dan jitqies meħtieġ mill-kaptan.
- (b) Fil-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' hawn fuq, il-mikrofonu li jirbomba jew ekwivalenti għandu jkun f'pożizzjoni li jippermetti l-użu tiegħu għall-komunikazzjonijiet bir-radju minn żewġ naħat.

OPS 1.315

Mezzi ta' assistenza għall-evakwazzjoni ta' emerġenza

Operatur għandu jstabbilixxi proċeduri biex ikun żgurat li qabel is-sewqan, it-tluġ u l-inżul, u meta jkun mingħajr periklu u prattiku li dan issir, ikun attivat mezz ta' assistenza għall-evakwazzjoni ta' emerġenza li jkun jaħdem b'mod awtomatiku.

OPS 1.320

Is-siġġijiet, iċ-ċintorini u ċ-ċineg tas-sigurtà

- (a) Il-Membri ta' l-Ekwipaġġ
- (1) Matul it-tluġ u l-inżul, u kull meta jkun meħtieġ mill-kaptan fl-interessi tas-sigurtà, kull membru ta' l-ekwipaġġ għandu jkun marbut sew b'kwalunkwe u ċinga tas-sigurtà li jkunu mogħtija.
 - (2) Matul il-fażijiet l-oħra tat-titjira kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkun fil-kabina ta' l-ekwipaġġ għandu jibqa' jżomm iċ-ċintorin tas-sigurtà tiegħu/tagħha maqful waqt li dan/din ikun/tkun fil-post tiegħu/tagħha.
- (b) Passiġġieri
- (1) Qabel it-tluġ u l-inżul, u matul is-sewqan fl-ajrudrom, u kull meta jitqies bżonn fl-interess tas-sigurtà, il-kaptan għandu jiżgura li kull passiġġier abbord ikun bilqiegħda fuq siġġu jew post biċ-ċintorin jew ċinga tas-sigurtà tiegħu/tagħha, kulfejn ikun hemm, maqfulin sew.
 - (2) Operatur għandu jagħmel dispożizzjoni, waqt li l-kaptan għandu jiżgura, li l-okkupazzjoni multipla ta' siġġijiet fl-ajruplan tkun awtorizzata biss fuq siġġijiet speċifikati u ma ssirx għajr minn adult wieħed u tarbija waħda u li dawn ikunu marbutin sew permezz ta' ċintorin żejjed jew tagħmir ta' rbit ieħor.

OPS 1.325

Preparazzjoni tal-kabina tal-passiġġieri u tal-passaġġ(i)

- (a) Operatur għandu jstabbilixxi proċeduri biex jiżgura li qabel is-sewqan, it-tluġ u l-inżul, il-ħruġ u l-passaġġi ta' l-evakwazzjoni kollha jkunu mingħajr ostakli.
- (b) Il-kaptan għandu jiżgura li qabel it-tluġ u l-inżul, u kull meta jitqies bħala neċessarju fl-interess tas-sigurtà, it-tagħmir u l-bagalji kollha jkunu marbuta sew.

OPS 1.330

Aċċessibilità għat-tagħmir ta' l-emerġenza

Il-kaptan għandu jiżgura li t-tagħmir ta' l-emerġenza rilevanti jibqa' faċilment aċċessibbli għall-użu immedjat.

OPS 1.335

It-Tipjip abbord

- (a) Il-kaptan għandu jiżgura li l-ebda persuna abbord ma titħalla tpejjeq:
- (1) Kull meta dan ikun meħtieġ fl-interess tas-sigurtà;
 - (2) Waqt li l-ajruplan ikun fuq l-art sakemm ma jkunx awtorizzat speċifikament skond il-proċeduri definiti fil-Manwal tat-Tħaddim;
 - (3) Barra ż-żoni awtorizzati għat-tipjip, fil-kuridur(i) u fit-twalett(i);
 - (4) Fil-kompartimenti tal-merkanzija u/jew f'żoni oħra fejn tinġarr merkanzija li ma hijiex maħżuna f'kontenituri li jifilħu għan-nar u lanqas ma huma mgħottija b'kanvas li jiflaħ għan-nar; kif ukoll
 - (5) F'dawk il-partijiet tal-kabina fejn ikun qed jingħata l-ossġnu.

OPS 1.340

Il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi

- (a) Fuq titjira IFR il-kaptan għandu biss:
- (1) jibda t-tluq; jew
 - (2) jipproċedi lil hinn mill-punt li minnu pjan rivedut tat-titjira jkun applikat f'każ ta' ppjanar mill-ġdid waqt it-titjira, meta jkun hemm informazzjoni disponibbli li turi li l-kundizzjonijiet tat-temp mistennija, fil-ħin tal-wasla, fl-ajrudrom tad-destinazzjoni u/jew fl-ajrudrom(i) alternattiv(i) preskritti fl-OPS 1.295 ikunu fil-valuri minimi jew iktar mill-valuri minimi ta' l-ippjanar, preskritti fl-OPS 1.297.
- (b) Fuq titjira IFR, kaptan għandu jkompli biss lejn l-ajrudrom tad-destinazzjoni ppjanat meta l-iktar informazzjoni riċenti disponibbli tkun turi li, fil-ħin mistenni tal-wasla, il-kundizzjonijiet tat-temp fid-destinazzjoni, jew mill-inqas f'ajrudrom alternattiv tad-destinazzjoni wieħed, ikunu fil-valuri minimi jew iktar mill-valuri minimi operattivi ta' l-ajrudrom applikabbli għall-ippjanar.
- (c) Fuq titjira IFR il-kaptan għandu jkompli biss lil hinn:
- (1) mill-punt ta' deċiżjoni meta tintuża l-Proċedura ta' Tnaqqis tal-Karburant ta' Kontinġenza (ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.255); jew
 - (2) mill-punt determinat minn qabel meta tkun qed tintuża l-proċedura tal-punt determinat minn qabel (ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.255),
- meta jkun hemm informazzjoni disponibbli li tkun turi li l-kundizzjonijiet tat-temp mistennija fil-ħin tal-wasla fl-ajrudrom tad-destinazzjoni u/jew fl-ajrudrom(i) alternattiv(i) preskritti fl-OPS 1.295 ikunu fil-valuri minimi jew iktar mill-valuri minimi operattivi applikabbli ta' l-ajrudrom li huma preskritti fl-OPS 1.225.
- (d) Fuq titjira VFR kaptan għandu jagħti bidu għat-tluq biss meta r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa, jew kombinazzjoni ta' dawn, ikunu juru li l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi tul ir-rotta jew dik il-parti tar-rotta li għandha tittajjar taħt il-VFR ikunu, fil-ħin xieraq, tali li tkun possibbli l-konformità tagħhom ma' dawn ir-regoli.

OPS 1.345

Silġ u kontaminanti oħra — proċeduri ta' fuq l-art

- (a) Operatur għandu jstabbilixxi proċeduri li għandhom ikunu segwiti meta fuq l-ajruplan(i) ikunu meħtieġa proċeduri ta' fuq l-art għat-tneħħija tas-silġ jew ta' kontra s-silġ, kif ukoll fejn ikunu meħtieġa spezzjonijiet relatati.
- (b) Kaptan m'għandux jagħti bidu għat-tluġ sakemm l-uċuh ta' barra jkunu ħielsa minn kwalunkwe depożitu li jista' jaf-fettwa ħażin l-eżekuzzjoni u/jew kapaċità ta' kontroll ta' l-ajruplan ħliel kif ikun awtorizzat fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan.

OPS 1.346

Silġ u kontaminanti oħra — proċeduri tat-titjira

- (a) Operatur għandu jstabbilixxi proċeduri għal titjiriet f'kundizzjonijiet fejn ikun hemm mistenni s-silġ jew fejn ikun diġa hemm is-silġ.
- (b) Kaptan m'għandux jagħti bidu għal titjira jew itajjar l-ajruplan intenzjonalment f'kundizzjonijiet fejn ikun hemm mistenni s-silġ jew fejn diġa hemm is-silġ sakemm l-ajruplan ikun ċertifikat u mgħammar biex ilaħħaq ma' dawn il-kundizzjonijiet.

OPS 1.350

Il-Provvista tal-karburant u taż-żejt

Kaptan għandu jagħti bidu jew ikompli t-titjira fil-każ ta' l-ippjanar mill-ġdid matul it-titjira biss meta hu/hi jkun/tkun sodisfatt/a li l-ajruplan ikollu mill-inqas l-ammont ipplanat ta' karburant u żejt li jista' jintuża biex tkun tista' ssir it-titjira mingħajr periklu, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet operattivi mistennija.

OPS 1.355

Il-Kundizzjonijiet tat-Tluġ

Qabel ma jingħata bidu għat-tluġ, il-kaptan għandu jissodisfa lilu nnifsu/lilha nfisha li, skond l-informazzjoni disponibbli lilu/lilha, it-temp fl-ajruport u l-kundizzjoni tar-runway maħsuba li se tintuża, tluq ma għandu jkun hemm l-ebda periklu fit-tluq u fit-tluq.

OPS 1.360

L-Applikazzjoni tal-valuri minimi tat-tluġ

Qabel ma jingħata bidu għat-tluġ, il-kaptan għandu jissodisfa lilu nnifsu/lilha nfisha li r-RVR jew il-viżibilità fid-direzzjoni tat-tluġ ta' l-ajruplan tkun l-istess jew aħjar mill-minimu applikabbli.

OPS 1.365

L-Altitudni minima tat-titjira

Il-kaptan jew il-pilota li lilu jkun ġie fdat it-twetiq tat-titjira m'għandux itir taħt l-altitudni minima speċifikata ħliel meta jkun meħtieġ għat-tluġ jew l-inżul.

OPS 1.370

Simulazzjoni ta' sitwazzjonijiet anormali waqt titjira

Operatur għandu jstabbilixxi proċeduri biex jiżgura li sitwazzjonijiet anormali jew ta' emerġenza li jkunu jeħtieġu l-applikazzjoni ta' parti jew tal-proċeduri kollha anormali u ta' emerġenza u s-simulazzjoni ta' l-IMC b'mezzi artifiċjali, ma jiġux simulati matul titjiriet ta' trasport kummerċjali bl-ajru.

OPS 1.375

Il-ġestjoni tal-karburant waqt it-titjira

Operatur għandu jistabbilixxi proċedura biex jiżgura li jsiru verifiki tal-karburant u li tkun applikata ġestjoni tal-karburant waqt it-titjira skond il-kriterji li ġejjin:

- (a) Verifiki tal-karburant matul it-titjira.
- (1) Kaptan għandu jiżgura li l-verifiki tal-karburant isiru waqt it-titjira f'intervalli regolari. Il-karburant li jibqa' li jista' jintuża għandu jiġi rreġstrat u evalwat biex:
- (i) jitqabbel il-konsum attwali mal-konsum ippjanat;
 - (ii) ikun verifikat li l-karburant li jibqa' li jista' jintuża jkun biżżejjed biex tintemm it-titjira, skond il-paragrafu (b) 'Il-ġestjoni tal-karburant waqt it-titjira' t'hawn taħt; kif ukoll
 - (iii) ikun stabbilit il-karburant mistenni li se jibqa' li jista' jintuża meta l-ajruplan jasal fl-ajrudrom tad-destinazzjoni.
- (2) Id-data rilevanti tal-karburant għandha tiġi rreġistrata.
- (b) Il-ġestjoni tal-karburant waqt it-titjira
- (1) It-titjira trid titwettaq b'mod li l-karburant mistenni li jibqa' li jista' jintuża meta l-ajruplan jasal fl-ajrudrom tad-destinazzjoni ma jkunx inqas minn:
- (i) il-karburant alternattiv meħtieġ u l-karburant tar-riżerva finali, jew
 - (ii) il-karburant tar-riżerva finali jekk ma jkunx meħtieġ ajrudrom alternattiv
- (2) Madankollu, jekk, bħala riżultat ta' verifika tal-karburant matul it-titjira, il-karburant mistenni li jibqa' li jista' jintuża meta l-ajruplan jasal fl-ajrudrom tad-destinazzjoni jkun inqas minn:
- (i) il-karburant alternattiv meħtieġ u l-karburant tar-riżerva finali, il-kaptan għandu jqis il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-kundizzjonijiet operattivi ta' l-ajrudrom tad-destinazzjoni, fl-ajrudrom tad-destinazzjoni alternattiv u fi kwalunkwe ajrudrom xieraq ieħor, fid-deċiżjoni tiegħu dwar jekk għandux ikompli lejn l-ajrudrom tad-destinazzjoni jew jagħmel devjazzjoni sabiex ikun jista' jwettaq inżul sigur b'mhux inqas mill-karburant tar-riżerva finali, jew
 - (ii) il-karburant tar-riżerva finali jekk l-ebda ajrudrom alternattiv m'huwa meħtieġ, il-kaptan għandu jwettaq azzjoni xierqa u jkompli lejn ajrudrom xieraq sabiex ikun jista' jwettaq inżul sigur b'mhux inqas mill-karburant tar-riżerva finali.
- (3) Il-kaptan għandu jiddikjara emerġenza meta l-ammont ikkalkulat ta' karburant li jista' jintuża matul l-inżul fl-eqreb ajrudrom xieraq fejn jista' jsir inżul sigur, hu inqas mill-karburant tar-riżerva finali.
- (4) Kundizzjonijiet oħra għal proċeduri speċifiċi.
- (i) F'titjira fejn tintuża l-proċedura RCF, sabiex ikompli lejn l-ajrudrom tad-Destinazzjoni 1, il-kaptan għandu jiżgura li l-karburant li jibqa' li jista' jintuża fil-punt tad-deċiżjoni jkun tal-anqas it-total ta':

Il-karburant tal-vjaġġ mill-punt tad-deċiżjoni lejn l-ajrudrom tad-Destinazzjoni 1; kif ukoll

Il-karburant tal-kontinġenza li jkun daqs 5 % tal-karburant tal-vjaġġ mill-punt tad-deċiżjoni lejn l-ajrudrom tad-Destinazzjoni 1; kif ukoll

Il-karburant alternattiv ta' l-ajrudrom tad-Destinazzjoni 1, jekk ikun meħtieġ ajrudrom ta' Destinazzjoni 1 alternattiv; kif ukoll

Karburant tar-riżerva finali

- (ii) F'titjira fejn tintuża l-proċedura PDP, sabiex ikompli lejn l-ajrudrom tad-destinazzjoni, il-kaptan għandu jiżgura li l-karburant li jibqa' li jista' jintuża fil-PDP jkun tal-anqas it-total ta':

Il-karburant tal-vjaġġ mill-PDP lejn l-ajrudrom tad-destinazzjoni; kif ukoll

Il-karburant tal-kontinġenża mill-PDP lejn l-ajrudrom tad-destinazzjoni kkalkulat skond l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.255, il-Paragrafu 1.3; kif ukoll

Il-karburant meħtieġ skond l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.255, il-Paragrafu 3.1.d

OPS 1.380

Intenzjonalment vojtt

OPS 1.385

L-użu ta' ossiġnu supplimentari

Kaptan għandu jiżgura li l-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira impjegati biex iwettqu d-dmirijiet essenzjali għat-tħaddim bla periklu ta' ajruplan waqt it-titjira jużaw ossiġnu supplimentari b'mod kontinwu kull meta l-altitudni tal-kabina tkun iżjed minn 10 000 pied għal perjodu ta' iktar minn 30 minuta u kull meta l-altitudni tal-kabina tkun iżjed minn 13 000 pied.

OPS 1.390

Radjazzjoni kożmika

- (a) Operatur għandu jqis l-esponiment għar-radjazzjoni kożmika matul it-titjira tal-membri kollha ta' l-ekwipaġġ waqt li jkun qed jaqdu d-mirijiethom (inkluż il-pożizzjonament) u għandu jieħu l-miżuri li għejjin għal dawk il-membri ta' l-ekwipaġġ li jistgħu jkunu suġġetti għall-esponiment ta' iktar minn 1 mSv kull sena;
- (1) Jivvaluta l-esponiment tagħhom;
 - (2) Iqis il-valutazzjoni ta' l-esponiment meta jorganizza l-iskedi tax-xogħol bil-ħsieb li nnaqqas d-dożi għall-membri ta' l-ekwipaġġ b'esponiment għoli;
 - (3) Jinforma lill-membri ta' l-ekwipaġġ ikkonċernati dwar ir-riskji għas-saħħa li x-xogħol tagħhom ikun jinvolvi;
 - (4) Jiżgura li l-iskedi tax-xogħol għall-membri ta' l-ekwipaġġ nisa, ladarba dawn ikunu nnotifikaw lill-operatur li huma tqal, iżommu d-doża ekwivalenti għall-fetu kemm jista' jkun baxxa u fi kwalunkwe każ jiżgura li d-doża ma tkunx iktar minn 1 mSv għall-bqija tat-tqala;
 - (5) Jiżgura li jinżammu reġistri individwali għal dawk il-membri ta' l-ekwipaġġ li jkunu f-riskju għal esponiment għoli. Dawn l-esponimenti għandhom ikunu notifikati lill-individwu fuq bażi annwali, kif ukoll meta titħalla l-attività ta' tali membru ma' l-operatur.
- (b) (1) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan 'il fuq minn 15 000 m (49 000 pied) sakemm it-tagħmir speċifikat fl-OPS 1.680(a)(1) ikun effiċjenti, jew il-proċedura preskritta fl-OPS 1.680(a)(2) tkun imwettqa.
- (2) Il-kaptan jew il-pilota li l-lu tkun għet fdata t-titjira għandu jibda l-inżul hekk kif ikun prattiku meta l-valuri ta' limitu tar-rata tad-doża tar-radjazzjoni kożmika tkun iżjed minn dik stipulata fil-Manwal tat-Tħaddim.

OPS 1.395

Osservazzjoni ta' qrubija lejn l-art

Meta qrubija eċċessiva lejn l-art tiġi osservata minn kwalunkwe membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jew minn sistema ta' twissija ta' qrubija lejn l-art, il-kaptan jew il-pilota li l-lu jkun ġie fdata t-twerttiq tat-titjira għandu jiżgura li jingħata bidu minnufih għal azzjoni korrettiva biex ikunu stabbiliti kundizzjonijiet ta' titjira mingħajr periklu.

OPS 1.398

L-Użu ta' Sistema ta' Anti-kollizzjoni fl-Ajru (ACAS)

Operatur għandu jistabbilixxi proċeduri sabiex jiżgura li:

- (a) Meta s-sistema ta' l-ACAS tkun installata u tista' titħaddem, din għandha tintuża fit-titjira b'mod li tippermetti l-emissjoni ta' Avvis ta' Riżoluzzjoni (RA), sakemm tali emissjoni ma tkunx xierqa għall-kundizzjonijiet li jkun hemm f'dak il-ħin.
- (b) Meta s-sistema ta' l-ACAS tidentifika li ajruplan qiegħed wisq qrib ajruplan ieħor (RA), il-kaptan jew il-pilota li lilu tkun għet fdata t-titjira għandu jiżgura li kull azzjoni korrettiva indikata mill-RA tinbeda immedjatament, sakemm ma tkunx tipperikola s-sikurezza ta' l-ajruplan.

L-azzjoni korrettiva teħtieġ:

- (i) Qatt ma tkun f'sens oppost għal dik indikata mill-RA
 - (ii) Tkun fis-sens korrett indikat mill-RA anke jekk dan ikun f'konflitt ma' l-element vertikali ta' struzzjoni ATC.
 - (iii) Tkun il-minima possibbli sabiex tikkonforma ma' l-indikazzjoni RA.
- (c) Il-komunikazzjonijiet ACAS ATC preskritti huma speċifikati.
 - (d) Meta jiġi riżolt il-konflitt l-ajruplan għandu jirritorna immedjatament mat-termini ta' l-istruzzjonijiet jew ta' l-ikklerjar ta' l-ATC.

OPS 1.400

Il-Kundizzjonijiet ta' avvċinament u ta' inżul

Qabel ma tinbeda l-proċedura ta' avvċinament għall-inżul, il-kaptan għandu jissodisfa lilu nnifsu/lilha nfsiha li, skond l-informazzjoni disponibbli lilu/lilha, it-temp fl-ajrudrom u l-kundizzjoni tar-runway li tkun maħsuba li tintuża ma johlq periklu fl-avvċinament, fl-inżul jew fl-avvċinament mhux milħuq, waqt li titqies l-informazzjoni ta' l-eżekuzzjoni li jkun hemm fil-Manwal tat-Tħaddim.

OPS 1.405

Il-bidu u l-kontinwazzjoni ta' l-avvċinament

- (a) Il-kaptan jew il-pilota li lilu tkun għet fdata t-titjira jista' jagħti bidu għall-avvċinament bi strument minkejja r-RVR/viżibilità rrapportata, iżda dan l-avvċinament m'għandux jtkompla lil hinn mid-dwal ta' barra, jew mill-pożizzjoni ekwivalenti, jekk l-RVR/viżibilità rrapportata tkun inqas mill-valuri minimi applikabbli (ara l-OPS 1.192).
- (b) Fejn l-RVR ma tkunx disponibbli, il-valur tal-RVR tista' tinkiseb billi tiġi maqluba l-viżibilità rrapportata skond l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.430, is-sub-paragrafu (h).
- (c) Jekk, wara li jkun għadda d-dwal ta' barra jew il-pożizzjoni ekwivalenti skond (a) hawn fuq, l-RVR/viżibilità rrapportata tkun inqas mill-valuri minimi applikabbli, l-avvċinament jista' jissokta sad-DA/H jew il-MDA/H.
- (d) Fejn ma jkun hemm l-ebda dwal ta' barra jew l-ebda pożizzjoni ekwivalenti, il-kaptan jew il-pilota li lilu tkun għet fdata t-titjira għandu jieħu d-deċiżjoni biex ikompli jew jabbanduna l-avvċinament qabel jinżel taħt 1 000 pied 'il fuq mill-ajrudrom matul it-taqsim ta' l-avvċinament finali. Jekk l-MDA/H ikun fil-livell jew iktar minn 1 000 pied 'il fuq mill-ajrudrom, l-operatur għandu jistabbilixxi għoli, għal kull proċedura ta' avvċinament, li taħtu l-avvċinament m'għandux jissokta jekk l-RVR/viżibilità tkun inqas mill-valuri minimi applikabbli.
- (e) L-avvċinament jista' jtkompla taħt id-DA/H jew il-MDA/H u l-inżul jista' jintemm sakemm ir-referenza viżwali meħtieġa tkun stabbilita skond id-DA/H jew l-MDA/H u tinżamm.

- (f) L-RVR fiż-żona ta' kuntatt ma' l-art hija dejjem waħda li torbot. Jekk irrappurtati u rilevanti, l-RVR tal-punt tan-nofs u tal-waqfien ukoll jorbtu. Il-valur minimu ta' l-RVR għall-punt tan-nofs huwa ta' 125 m jew l-RVR meħtieġa għaż-żona ta' kuntatt ma' l-art jekk dan ikun inqas, u 75 m għal punt ta' waqfien. Għal ajruplani mgħammra b'sistema ta' gwida jew sistema ta' kontroll roll-out, il-valur minimu ta' l-RVR għall-punt tan-nofs huwa ta' 75 m.

Nota: 'Rilevanti', f'dan il-kuntest, tfisser li l-parti tar-runway użata matul il-fażi ta' veloċità għolja ta' l-inżul bi tnaqqis fil-veloċità għal madwar 60 knot.

OPS 1.410

Proċeduri operattivi — Il-limitu ta' l-għoli tal-qsim

Operatur għandu jstabbilixxi l-proċeduri operattivi mfassla biex ikun żgurat li ajruplan li jkun qed jintuża biex jitwettqu avviċinamenti ta' preċiżjoni jaqsmu l-limitu permezz ta' marġni bla periklu, bl-ajruplan fil-konfigurazzjoni u l-attitudni ta' l-inżul.

OPS 1.415

Ġurnal tal-Vjaġġ

Il-kaptan għandu jiżgura li l-Ġurnal tal-Vjaġġ ikun komplut.

OPS 1.420

Ir-Rapportar ta' okkorrenzi

- (a) Terminoloġija

- (1) Incident. Okkorrenza, li mhux aċċident, li jkun assoċjat mat-tħaddim ta' inġenju ta' l-ajruli jaffettwa jew jista' jaffettwa s-sigurtà ta' l-operat.
- (2) Incident Serju. Incident li jinvolvi ċirkostanzi li juru li kważi seħħ aċċident.
- (3) Aċċident. Okkorrenza assoċjata mat-tħaddim ta' inġenju ta' l-ajru li sseħħ bejn il-ħin li kwalunkwe persuna titla' abbord l-inġenju ta' l-ajru biex ittir sal-ħin li l-persuni kollha jkunu niżlu minn fuqu, u li fiha:

- (i) persuna hija mweġġa b'mod fatali jew serju bħala riżultat ta':

- (A) li din tkun fl-ajruplan;
- (B) f'kuntatt dirett ma kwalunkwe parti ta' l-ajruplan, inklużi partijiet li nqalgħu mill-ajruplan, jew jew
- (C) espożizzjoni diretta għall-blast tal-jet,

ħlief meta l-feriti huma minn kawżi naturali, kaġunati mill-persuna nnifisha jew minn persuni oħra, jew meta l-feriti huma fuq daww mistoħbija barra mill-partijiet normalment disponibbli għall-passiġġieri u l-ekwipaġġ; jew

- (ii) l-inġenju ta' l-ajru ikollu ħsara jew difett jew nuqqas strutturali li jaffettwaw ħażin is-saħħa strutturali, il-karatteristiċi ta' l-eżekuzzjoni jew tat-titjira tal-inġenju ta' l-ajru, u li normalment tkun teħtieġ tiswija kbira jew il-bidla tal-komponent affettwat; ħlief għal nuqqas jew ħsara fil-magna, meta l-ħsara tkun limitata għall-magna, l-għata jew l-aċċessorji tagħha; jew għal ħsara limitata għall-iskrun, truf tal-ġwienaħ, antenni, tyres, brejkijiet, fairings, tagħtin żgħir, jew toqob żgħar fil-ġilda ta' l-ajruplan; jew
- (iii) l-ajruplan huwa rappurtat mitluf jew kompletament inaċċessibbli;

- (b) Rapportar ta' inċident Operatur għandu jstabbilixxi proċeduri biex ikunu rapportati l-inċidenti waqt li jqis ir-responsabbiltajiet spjegati hawn taħt u ċ-ċirkostanzi spjegati fis-sub-paragrafu (d) hawn taħt.
- (1) OPS 1.085(b) jispeċifika r-responsabbiltajiet tal-membri ta' l-ekwipaġġ biex jirrapportaw dawk l-inċidenti li jpoġġu fil-periklu, jew jistgħu jpoġġu fil-periklu, is-sigurtà tal-ħidma.
 - (2) Il-kaptan jew l-operatur ta' ajruplan għandu jibgħat rapport lill-Awtorità dwar kwalunkwe inċident li jpoġġi fil-periklu jew li jista' jpoġġi fil-periklu s-sigurtà tal-ħidma.
 - (3) Ir-rapporti għandhom jintbagħtu fi żmien 72 siegħa mill-waqt meta l-inċident ikun ġie identifikat, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jippermettux dan.
 - (4) Il-kaptan għandu jiżgura li d-difetti tekniċi kollha li huma magħrufin jew suspettati kif ukoll id-defiċjenzi kollha tal-limitazzjonijiet tekniċi li jseħħu waqt li hu/hi jkun/tkun responsabbli għat-titjira jiġu reġistrati fil-ġurnal tekniku ta' l-inġenju ta' l-ajru. Jekk id-defiċjenza jew id-difetti tal-limitazzjonijiet tekniċi jpoġġu fil-periklu jew jistgħu jpoġġu fil-periklu s-sigurtà tal-ħidma, il-kaptan għandu wkoll jagħti bidu għas-sottomissjoni ta' rapport lill-Awtorità skond il-paragrafu (b)(2) hawn fuq.
 - (5) Fil-każ ta' inċidenti rapportati skond is-sub-paragrafu (b)(1), (b)(2) u (b)(3) hawn fuq, li jkunu ġejjin minn, jew relatati ma', kwalunkwe nuqqas, nuqqas ta' funzjonament jew diffett fl-ajruplan, fit-tagħmir tiegħu jew fi kwalunkwe oġġett ta' tagħmir ta' assistenza fuq l-art jew li jikkawża jew jista' jikkawża effetti ħżiena fuq l-adegwatezza kontinwata għat-titjira ta' l-ajruplan, l-operatur għandu jgħarraf lill-organizzazzjoni responsabbli mid-disinn jew lill-fornitur jew, jekk ikun applikabbli, lill-organizzazzjoni responsabbli mill-adegwatezza kontinwata għat-titjira, fil-istess waqt li r-rapport ikun intbagħat lill-Awtorità.
- (c) Rapportar ta' Aċċident u ta' Incident Serju.

Operatur għandu jstabbilixxi proċeduri biex ikunu rapportati aċċidenti u inċidenti serji waqt li jqis ir-responsabbiltajiet spjegati hawn taħt u ċ-ċirkostanzi spjegati fis-sub-paragrafu (d) hawn taħt.

- (1) Kaptan għandu jinnotifika l-operatur dwar kwalunkwe aċċident jew inċident serju li jseħħ waqt li hu/hi jkun/tkun responsabbli għat-titjira. F'każ li l-kaptan ma jkunx jista' jipprovdi din in-notifikazzjoni, dan ix-xogħol ikollu jsir minn kwalunkwe membru ieħor ta' l-ekwipaġġ, jekk dawn ikunu kapaċi jagħmluh, waqt li titqies is-suċċessjoni tal-kmand speċifikata mill-operatur.
 - (2) Operatur għandu jiżgura li l-Awtorità fl-Istat ta' l-operatur, l-iktar Awtorità viċin li tkun xierqa (jekk mhux l-Awtorità fl-Istat ta' l-operatur), u kwalunkwe organizzazzjoni oħra meħtieġa li tkun mgħarrfa mill-Istat ta' l-operatur, jiġu notifikati bl-iktar mezz mgħaġġla disponibbli dwar kwalunkwe aċċident jew inċident serju u — fil-każ ta' aċċidenti biss — mill-inqas qabel ma l-ajruplan jiġi mċaqlaq, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jippermettux dan.
 - (3) Il-kaptan jew l-operatur ta' l-ajruplan għandu jibgħat rapport lill-Awtorità fl-Istat ta' l-operatur fi żmien 72 siegħa mill-waqt meta jkun seħħ l-aċċident jew l-inċident serju.
- (d) Ir-rapporti speċifiċi

L-okkorrenzi li għalihom iridu jintużaw metodi ta' notifikazzjoni u rapportar speċifiċi huma spjegati hawn taħt;

- (1) Inċidenti tat-traffiku ta' l-ajru. Kaptan għandu javża mingħajr dewmien lit-taqsimas tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru kkonċernata dwar l-inċident u għandu jinfurmaha dwar l-intenzjoni tiegħu/tagħha li jibgħat rapport ta' l-inċident tat-traffiku ta' l-ajru wara li t-titjira tkun intemmet kull meta inġenju ta' l-ajru tkun tpoġġiet f'periklu matul it-titjira minħabba:
 - (i) Kważi ħabta ma' kwalunkwe oġġett li jtir ieħor;
 - (ii) Proċeduri tat-traffiku ta' l-ajru difettużi jew nuqqas ta' konformità mal-proċeduri applikabbli mis-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru jew mill-ekwipaġġ tat-titjira;
 - (iii) nuqqas min-naħa tal-faċilitajiet tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru.

Barra minn hekk, il-kaptan għandu jinnotifika lill-Awtorità dwar l-inċident.

- (2) Avviż ta' Riżoluzzjoni kawżat mis-Sistema ta' Anti-kollizzjoni fl-Ajru Il-kaptan għandu jinnotifika lit-taqsimas tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru kkonċernata u jibgħat rapport ta' l-ACAS lill-Awtorità kull meta l-inġenju ta' l-ajru fit-titjira tiġi manuvrata b'reazzjoni għal Avviż ta' Riżoluzzjoni ta' l-ACAS.

- (3) Perikli u ħbit kawżati mill-għasafar
- (i) Kaptan għandu jgħarraf minnufih lit-taqsimha tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru lokali kull meta jiġi osservat periklu potenzjali kawżat mill-għasafar.
 - (ii) Jekk hu/hi jkun/tkun konxju(a) li jkun seħħ ħbit kawżat mill-għasafar, kaptan għandu jibgħat, wara l-inżul, rapport bil-miktub lill-Awtorità dwar il-ħbit kawżat mill-għasafar; liema rapport għandu jsir kull meta fil-inġenju ta' l-ajru li għalih dan/din ikun/tkun responsabbli jkun sofra minn ħbit kawżat mill-għasafar li jwasal għall-ħsara sostanzjali fil-inġenju ta' l-ajru jew fit-telf jew in-nuqqas ta' funzjonament ta' kwalunkwe servizz essenzjali. Jekk il-fatt tal-kawżat mill-għasafar jiġi magħruf meta l-kaptan ma jkunx disponibbli, l-operatur għandu jkun responsabbli biex jibgħat ir-rapport.
- (4) Rapporti ta' l-Aċċidenti u l-Inċidenti ta' Oġġetti Perikolużi Operatur għandu jirrapporta inċidenti u aċċidenti minħabba oġġetti perikolużi lill-Awtorità u lill Awtorità reponsabbli ta' l-Istat fejn iseħħ l-inċident jew l-aċċident, kif pprovdut fl-Appendiċi 1 għal OPS 1.1225. L-ewwel rapport għandu jintbagħat fi żmien 72 siegħa mis-seħħ, sakemm dan ma jkunx impossibbli minħabba xi ċirkustanzi eċċezzjonali, u għandu jinkludi d-dettalji magħrufa f'dak il-mument. Jekk ikun hemm bżonn, għandu jsir rapport sussegwenti mill-aktar fis possibbli li jagħti kull informazzjoni addizzjonali li tkun ġiet stabbilita. (Ara wkoll l-OPS 1.1225)
- (5) Interferenza illeġittima. Wara att ta' interferenza mhux legali abbord ajruplan il-kaptan jew, fin-nuqqas tiegħu/tagħha l-operatur, għandu jibgħat, mingħajr dewmien, rapport lill-Awtorità lokali u lill-Awtorità fl-Istat ta' l-operatur. (Ara wkoll l-OPS 1.1245)
- (6) It-Tlaqqiġ ma' Kundizzjonijiet Potenzjalment Perikolużi. Il-kaptan għandu jinnotifika lit-taqsimha tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru xierqa kemm jista' jkun malajr kull meta matul titjira jkun hemm kundizzjoni potenzjalment perikoluża bħalma huma rregolarità f'faċilità ta' fuq l-art jew tan-navigazzjoni, fenomenu meteoroloġiku jew inkella sħaba ta' rmied volkaniku.

OPS 1.425

Riżervat

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.255

Il-politika tal-karburant

Operatur għandu jibbaża l-politika tal-karburant tal-kumpanija tiegħu, inkluż il-kalkolu ta' l-ammont tal-karburant li għandu jkun abbord l-ajruplan għat-tluq, fuq il-kriterji ta' l-ippjanar li ġejjin:

1. Proċedura Bażika

Il-karburant li jista' jintuża li għandu jkun abbord l-ajruplan għat-tluq għandu jkun l-ammont ta':

1.1 Il-karburant għas-sewqan fuq l-ajrudrom, li ma għandux ikun inqas mill-ammont mistenni li jintuża qabel it-tluq. Għandhom jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali fl-ajrudrom tat-tluq u l-konsum ta' l-APU.

1.2 Il-karburant tal-vjaġġ, li għandu jinkludi:

- (a) Il-karburant għat-tluq u t-tluq mil-livell ta' l-ajrudrom għal-livell/l-altezza tal-veloċità moderata inizjali, billi titqies ir-rota tat-tluq mistennija; kif ukoll
- (b) Il-karburant mill-parti ta' fuq tat-tluq għall-parti ta' fuq tan-niżla, inkluż kull stadju tat-tluq/tan-niżla; kif ukoll
- (c) Il-karburant mill-parti ta' fuq tan-niżla għall-punt fejn jinbeda l-avviċinament, billi titqies il-proċedura tal-wasla mistennija; kif ukoll
- (d) Il-karburant għall-avviċinament u għall-inżul fl-ajrudrom tad-destinazzjoni.

1.3 Il-karburant ta' kontinġenza, ħliet kif ipprovdut fil-Paragrafu 2 'Tnaqqis tal-Karburant ta' Kontinġenza', li għandu jkun l-ogħla minn a. jew b. li ġejjin:

- (a) Jew:
 - (i) 5 % tal-karburant ippjanat għall-vjaġġ jew, fil-każ ta' l-ippjanar mill-ġdid matul it-titjira, 5 % tal-karburant tal-vjaġġ għall-bqija tat-titjira; jew
 - (ii) Mhux inqas minn 3 % tal-karburant ippjanat għall-vjaġġ jew, fil-każ ta' l-ippjanar mill-ġdid matul it-titjira, 3 % tal-karburant tal-vjaġġ għall-bqija tat-titjira, sakemm ikun disponibbli ajrudrom alternattiv waqt ir-rota skond l-Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.255; jew
 - (iii) Ammont ta' karburant suffiċjenti għal 20 minuta tal-ħin ta' titjir abbażi tal-konsum ippjanat tal-karburant tal-vjaġġ sakemm l-operatur ikun stabbilixxa programm ta' monitoraġġ tal-konsum tal-karburant għal ajruplani individwali u juża data valida determinata permezz ta' programm bħal dan għall-kalkolu tal-karburant; jew
 - (iv) Ammont ta' karburant ibbażat fuq metodu ta' statistika approvat mill-Awtorità li jiżgura firxa xierqa ta' l-istatistika dwar id-devjazzjoni mill-karburant ippjanat għall-vjaġġ għal dak li fil-fatt jintuża. Dan il-metodu jintuża għall-monitoraġġ tal-konsum tal-karburant għal kull kombinazzjoni ta' pari ta' bliet/ajruplani u l-operatur juża din id-data għall-analiżi ta' l-istatistika biex ikun ikkalkulat il-karburant ta' kontinġenza għal dik il-kombinazzjoni ta' pari ta' bliet/ajruplani.
- (b) Ammont għal titjira ta' 5 minuti b'veloċità ta' waqfien faltezza ta' 1 500 pied (450 m), fuq l-ajrudrom tad-destinazzjoni f'Kundizzjonijiet Standard.

1.4 Il-karburant alternattiv, li għandu:

- (a) jinkludi:
 - (i) Karburant għall-avviċinament mhux milħuq mill-MDA/DH applikabbli fl-ajrudrom tad-destinazzjoni għall-altezza ta' l-avviċinament mhux milħuq, billi titqies il-proċedura kompluta ta' l-avviċinament mhux milħuq; kif ukoll
 - (ii) Il-karburant għat-tluq mill-altezza ta' l-avviċinament mhux milħuq għal-livell/l-altezza tal-veloċità moderata, billi titqies ir-rota tat-tluq mistennija; kif ukoll
 - (iii) Il-karburant għall-veloċità moderata mill-parti ta' fuq tat-tluq għal dik ta' l-inżul, billi titqies ir-rota mistennija; kif ukoll
 - (iv) Il-karburant għall-inżul mill-parti ta' fuq ta' l-inżul sal-punt fejn jinbeda l-avviċinament, billi titqies il-proċedura tal-wasla mistennija; kif ukoll

(v) Il-karburant għat-tweġiq ta' l-avviċinament u l-inżul fl-ajrudrom tad-destinazzjoni alternattiv magħżul skond l-OPS 1.295.

(b) Fejn ikunu meħtieġa żewġ ajrudromi tad-destinazzjoni alternattivi skond l-OPS 1.295(d), dan għandu jkun suffiċjenti għall-wasla fl-ajrudrom alternattiv li jirrikjedi l-ikbar ammont tal-karburant alternattiv.

1.5 Il-karburant tar-riżerva finali, li għandu jkun:

(a) Għall-ajruplani b'magni li jirreċiprokaw, karburant għal titjira ta' 45 minuta; jew

(b) Għall-ajruplani b'magni bit-turbina, karburant għal titjira ta' 30 minuta f'veloċità ta' waqfien f'altezza ta' 1 500 pied (450 m) 'il fuq mil-livell ta' l-ajrudrom f'kundizzjonijiet standard, ikkalkulat bil-massa stmata mal-wasla fl-ajrudrom tad-destinazzjoni alternattiv jew l-ajrudrom tad-destinazzjoni fil-każ li ma jkunx meħtieġ ajrudrom tad-destinazzjoni alternattiv.

1.6 Il-karburant addizzjonali minimu, li għandu jippermetti li:

(a) L-ajruplan jinżel kif meħtieġ u jkompli lejn ajrudrom alternattiv xieraq fil-każ tal-ħsara fil-magna jew ta' nuqqas ta' pressjonizzazzjoni, kwalunkwe jkun jeħtieġ l-akbar ammont ta' karburant ibbażat fuq il-preżunzjoni li ħsara ta' dan it-tip issir fil-punt l-iktar kritiku tar-rotta, u

(i) jibqa' hemm għal 15-il minuta f'altezza ta' 1 500 pied (450 m) 'il fuq mil-livell ta' l-ajrudrom f'kundizzjonijiet standard; kif ukoll

(ii) iwettaq avviċinament u nżul,

minbarra l-karburant addizzjonali li jkun meħtieġ biss meta l-ammont minimu tal-karburant ikkalkulat skond is-subparagrafi 1.2 sa 1.5 ta' hawn fuq ma jkunx biżżejjed għal sitwazzjoni bħal din, u

(b) Żamma għal 15-il minuta ta' l-ajruplan f'altezza ta' 1 500 pied (450 m) 'il fuq mil-livell ta' l-ajrudrom tad-destinazzjoni f'kundizzjonijiet standard, meta ssir titjira mingħajr ajrudrom tad-destinazzjoni alternattiv;

1.7 Karburant żejjed, li se jkun fid-diskrezzjoni tal-kaptan.

2. Proċedura ta' Tnaqqis tal-Karburant ta' Kontinġenza (RCF)

Jekk il-politika tal-karburant ta' l-operatur tkun tinkludi l-ippjanar qabel it-titjira lejn ajrudrom ta' Destinazzjoni 1 (destinazzjoni kummerċjali) bi proċedura ta' tnaqqis tal-karburant ta' kontinġenza bl-użu ta' punt ta' deċiżjoni fir-rotta u ajrudrom ta' Destinazzjoni 2 (destinazzjoni ta' riforniment fakultattiva), l-ammont ta' karburant li jista' jintuża abbord għat-tluq għandu jkun l-ikbar minn 2.1 jew 2.2 ta' hawn taħt:

2.1 It-total ta':

(a) Il-karburant għas-sewqan fuq l-ajrudrom; kif ukoll

(b) Il-karburant tal-vjaġġ li jgħaddi mill-punt tad-deċiżjoni lejn l-ajrudrom tad-Destinazzjoni 1; kif ukoll

(c) Il-karburant ta' kontinġenza li jkun talanqas daqs 5 % tal-konsum tal-karburant smat mill-punt tad-deċiżjoni lejn l-ajrudrom tad-Destinazzjoni 1; kif ukoll

(d) Il-karburant alternattiv jew mingħajru jekk il-punt tad-deċiżjoni jkun inqas minn sitt sigħat 'il bogħod mill-ajrudrom tad-Destinazzjoni 1 u jekk ikunu sodisfatti r-rekwiżiti ta' l-OPS 1.295(c)(1)(ii); kif ukoll

(e) Il-karburant tar-riżerva finali; kif ukoll

(f) Il-karburant addizzjonali; kif ukoll

(g) Il-karburant żejjed jekk ikun meħtieġ mill-kaptan.

2.2 It-total ta':

(a) Il-karburant għas-sewqan fuq l-ajrudrom; kif ukoll

(b) Il-karburant tal-vjaġġ li jgħaddi mill-punt tad-deċiżjoni lejn l-ajrudrom tad-Destinazzjoni 2; kif ukoll

(c) Il-karburant tal-kontinġenza li jkun talanqas daqs l-ammont ikkalkulat skond is-subparagrafu 1.3 ta' hawn fuq mill-ajrudrom tat-tluq lejn l-ajrudrom tad-Destinazzjoni 2; kif ukoll

(d) Il-karburant alternattiv, jekk ikun meħtieġ ajrudrom alternattiv tad-Destinazzjoni 2; kif ukoll

- (e) Il-karburant tar-riżerva finali; kif ukoll
- (f) Il-karburant addizzjonali; kif ukoll
- (g) Il-karburant żejjed jekk ikun meħtieġ mill-kaptan.

3. Proċedura ta' Punt Stabbilit minn Qabel (PDP)

Jekk il-politika tal-karburant ta' l-operatur tkun tinkludi l-ippjanar għal titjira lejn ajrudrom tad-destinazzjoni alternattiv fejn id-distanza bejn l-ajrudrom tad-destinazzjoni u l-ajrudrom tad-destinazzjoni alternattiv huwa b'tali mod li titjira tista' tkun ippjanata biss permezz ta' punt stabbilit minn qabel għal wieħed minn dawn l-ajrudromi, l-ammont ta' karburant li jista' jintuża abbord għat-tluq għandu jkun l-ikbar minn 3.1 jew 3.2 ta' hawn taħt:

3.1 It-total ta':

- (a) Il-karburant għas-sewqan fuq l-ajrudrom; kif ukoll
- (b) Il-karburant tal-vjaġġ għal titjira mill-ajrudrom tat-tluq lejn l-ajrudrom tad-destinazzjoni b'rotta li tgħaddi mill-punt stabbilit minn qabel; kif ukoll
- (c) Il-karburant tal-kontinġenza kkalkulat skond is-subparagrafu 1.3 ta' hawn fuq; kif ukoll
- (d) Il-karburant addizzjonali jekk meħtieġ, iżda mhux inqas minn:
 - (i) Għal ajruplani b'magni li jirreċiprokaw, karburant għal titjira ta' 45 minuta kif ukoll 15 % tat-tul tat-titjira li jkun ippjanat għall-veloċità moderata jew saġhtejn, kwalunkwe minn dawn jkun iżgħar; jew
 - (ii) Għal ajruplani b'magni bit-turbina, karburant għal titjira ta' saġhtejn b'konsum normali ta' veloċità moderata fuq l-ajrudrom tad-destinazzjoni.

Dan ma għandux ikun inqas mill-karburant tar-riżerva finali; kif ukoll

- (e) Il-karburant żejjed jekk ikun meħtieġ mill-kaptan; jew

3.2 It-total ta':

- (a) Il-karburant għas-sewqan fuq l-ajrudrom; kif ukoll
- (b) Il-karburant tal-vjaġġ għal titjira mill-ajrudrom tat-tluq lejn l-ajrudrom tad-destinazzjoni alternattiv, b'rotta li tgħaddi mill-punt stabbilit minn qabel; kif ukoll
- (c) Il-karburant tal-kontinġenza kkalkulat skond is-subparagrafu 1.3 ta' hawn fuq; kif ukoll
- (d) Il-karburant addizzjonali jekk meħtieġ, iżda mhux inqas minn:
 - i. Għal ajruplani b'magni li jirreċiprokaw: karburant għal titjira ta' 45 minuta; jew
 - ii. Għal ajruplani b'magni bit-turbina: karburant għal titjira ta' 30 minuta b'veloċità ta' waqfien f'altezza ta' 1 500 pied (450 m) 'il fuq mil-livell ta' l-ajrudrom tad-destinazzjoni alternattiv f'kundizzjonijiet standard.

Dan ma għandux ikun inqas mill-karburant tar-riżerva finali; kif ukoll

- (e) Il-karburant żejjed jekk ikun meħtieġ mill-kaptan.

4. Proċedura ta' Ajrudrom Iżolat

Jekk il-politika tal-karburant ta' l-operatur tkun tinkludi l-ippjanar lejn ajrudrom iżolat, l-aħħar punt possibbli għad-devjazzjoni lejn ajrudrom alternattiv waqt ir-rotta li jkun disponibbli għandu jintuża bħala l-punt stabbilit minn qabel. Ara l-paragrafu 3 ta' hawn fuq.

Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.255


Il-politika tal-karburant

Il-post fejn ikun l-ajrudrom Alternattiv Matul ir-Rotta 3 % (3 % ERA) għal raġunijiet ta' tnaqqis tal-karburant tal-kontinġenza ta' 3 % (Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.255 (1.3)(a)(ii) u l-OPS 1.192).

L-ajrudrom 3 % ERA għandu jkun f'post fi ħdan ċirku b'raġġ daqs 2 % tad-distanza tat-titjira kollha ppjanata, li ċ-ċentru tiegħu jinstab fir-rotta ppjanata f'distanza mill-ajrudrom tad-destinazzjoni ta' 25 % tad-distanza tat-titjira kollha ppjanata, jew tal-anqas 2 % ta' din id-distanza u 50 nm, kwalunkwe minn dawn ikun l-akbar, id-distanzi kollha għandhom jiġu kkal-kulati f'kundizzjonijiet ta' l-arja kalma (ara l-figura 1).

Figura 1

Post ta' l-ajrudrom Alternattiv Waqt ir-Rotta 3 % (3 % ERA) biex jitnaqqas il-karburant tal-kontinġenza bi 3 %



*Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.270***L-Istivar ta' bagalji u ta' merkanzija**

Il-proċeduri stabbiliti minn operatur biex ikun żgurat li l-bagalji ta' l-idejn u l-merkanzija jkunu stivati b'mod xieraq u biex ma johlqox periklu għandhom iqisu dan li ġej:

- 1) Kull oġġett li jinġarr f'kabina għandu jiġi stivat biss f'post li jkun kapaċi jżommu marbut;
- 2) Il-limitazzjonijiet tal-piż imwahnha fuq jew fejn il-postijiet ta' l-istivar m'għandhomx jinqabżu;
- 3) Postijiet ta' stivar taħt is-siġġijiet m'għandhomx jintużaw sakemm is-siġġu jkun mgħammar bi żbarra ta' trażżin u l-bagalja tkun ta' tali qies li din tkun tista' tinżamm b'mod xieraq permezz ta' dan it-tagħmir;
- 4) L-oġġetti m'għandhomx ikunu stivati fit-toilets jew kontra l-paratiji li ma jkunux jistgħu jżommu l-oġġetti kontra ċaqliq 'il quddiem, lejn il-ġenb jew 'il fuq u sakemm il-paratiji jkollhom fuqhom avviż imwahnha li jkun jispeċifika l-ikbar massa li tista' titpoġġa hemmhekk;
- 5) Bagalji u merkanzija li jitpoġġew f'kaxxirizz m'għandhomx ikunu ta' tali qies li dawn jevitaw li l-bibien bil-lukkett ikunu jistgħu jingħalqu b'tali mod li ma johlqox periklu;
- 6) Il-bagalji u l-merkanzija m'għandhomx jitpoġġew fejn dawn ikunu ta' ostaklu għall-aċċess għat-tagħmir ta' l-emerġenza; kif ukoll
- 7) Għandhom isiru verifiki qabel it-tluġ, qabel l-inżul, u kull meta jinxtegħlu s-sinjali taċ-ċintorini tas-sigurtà jew inkella meta tinħareġ ordni biex ikun żgurat li l-bagalji jkunu stivati fejn ma jkunux ta' tfixkil f'każ ta' evakwazzjoni mill-inġenju ta' l-ajru jew fejn jistgħu jikkawżaw xi korriment jekk dawn jaqgħu (jew b'moviment ieħor) u skond kif ikun xieraq għall-fażi tat-tijira.

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.305

Il-mili/it-tneħħija tal-karburant meta l-passiġġieri jkunu qed jimbarkaw, abbord jew se jħallu l-ajruplan

Operatur għandu jstabbilixxi proċeduri operattivi għall-mili/t-tneħħija ta' karburant meta l-passiġġieri jkunu qed jimbarkaw, abbord jew qed jinżlu minn fuq l-ajruplan biex ikun żgurat li jittieħdu l-prekawzzjonijiet li ġejjin:

- (1) Persuna kwalifikata waħda għandha tibqa' fil-post speċifikat matul l-operazzjoni tal-mili tal-karburant bil-passiġġieri abbord. Din il-persuna kwalifikata għandha tkun kapaċi li timmaniġġja l-proċeduri ta' emerġenza fejn jikkonċerna ħarsien min-nar u tifi tan-nar, l-immaniġġjar tal-komunikazzjonijiet u li tagħti bidu u tidderieġi evakwazzjoni;
- (2) Għandha tkun stabbilita komunikazzjoni bejn żewġ naħat li għandha tibqa' disponibbli permezz tas-sistema ta' inter-komunikazzjoni ta' l-ajruplan jew permezz ta' mezzi xierqa oħra bejn l-ekwipaġġ ta' fuq l-art li jkun qed jikkontrolla l-mili tal-karburant u l-persunal kwalifikat abbord l-ajruplan;
- (3) L-ekwipaġġ, il-persunal u l-passiġġieri għandhom ikunu mwissija meta jkun se jseħħ il-mili/it-tneħħija tal-karburant;
- (4) Is-sinjali 'Orbot iċ-Ċintorini tas-Sigurtà' għandhom ikunu mitfija;
- (5) Is-sinjali 'TIPJIP MHUX PERMESS' għandhom ikunu mixgħula, flimkien mad-dwal ta' ġewwa biex ikunu jstgħu jiġu identifikati l-ħruġ ta' l-emerġenza;
- (6) Il-passiġġieri għandhom ikunu mwissija biex iħollu ċ-ċintorini tas-sigurtà tagħhom u biex ma jpejpux;
- (7) In-numru minimu ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġ mill-OPS 1.990 għandu jkun abbord u jrid ikun ippreparat għal evakwazzjoni ta' emerġenza immedjata;
- (8) Jekk il-preżenza ta' fwar tal-karburant tiġi identifikata ġewwa l-ajruplan, jew jekk isseħħ kwalunkwe periklu ieħor matul l-mili/it-tneħħija tal-karburant, il-mili tal-karburant għandu jitwaqqaf minnufih;
- (9) Iż-żona ta' fuq l-art taħt il-ħruġ maħsuba għall-evakwazzjoni ta' emerġenza u ż-żoni ta' skjerament permezz ta' żurżieqa ma għandu jkollhom l-ebda ostakli; kif ukoll
- (10) Issir dispożizzjoni għal evakwazzjoni bla periklu u rapida.

*Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.311***In-numru minimu ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġ li jkun abbord l-ajruplan matul l-operazzjonijiet ta' fuq l-art mal-passiġġieri**

Meta jkun qed jopera skond l-OPS 1.311, operatur għandu jistabbilixxi proċeduri operattivi sabiex jiżgura li:

- (1) Il-qawwa elettrika tkun disponibbli fuq l-ajruplan,
 - (2) Ikun disponibbli mezz ta' evakwazzjoni għall-membri anzjan ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, jew għal talanqas membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkun fil-kabina ta' l-ekwipaġġ,
 - (3) Il-postijiet ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u d-dmirijiet assoċjati jkunu definiti fil-manwal operattiv, u
 - (4) L-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jkunu konxji mill-pożizzjoni tal-vetturi waqt il-manutenzjoni u t-tagħbija tagħhom fi jew qrib il-ħruġ.
-

SUBPARTI E

L-OPERAZZJONIJIET KOLLHA TAT-TEMP

OPS 1.430

Il-Valuri Operattivi Minimi ta' Ajrudrom — Ġenerali

(Ara l-Appendiċi 1 (il-Qadim) u l-Appendiċi 1 (il-Ġdid) ta' l-OPS 1.430)

- (a)(1) Operatur għandu jstabbilixxi, għal kull ajrudrom ippjanat li jintuża, valuri operattivi minimi ta' l-ajrudrom li ma jkunx aktar baxxi mill-valuri mogħtija fl-Appendiċi 1 (il-Qadim) jew l-Appendiċi 1 (il-Ġdid) skond liema japplika. Il-metodu ta' kif ikunu determinati dawn il-valuri minimi għandu jkun aċċettat mill-Awtorità. Dawn il-valuri minimi m'għandhomx ikunu aktar baxxi minn daww li jistgħu jiġu stabbiliti għal daww l-ajrudromi mill-Istat li fihom l-ajrudrom ikun jinstab, ħlief meta dawn jiġu approvati speċifikament minn dak l-Istat. L-użu ta' l-HUD, l-HUDLS jew l-EVS jista' jippermetti l-ħidmiet b'vizibilitajiet iktar baxxi minn daww li normalment huma assoċjati mal-valuri minimi operattivi ta' l-ajrudrom. L-Istati li joħorġu l-valuri minimi operattivi ta' l-ajrudrom jistgħu jniedu wkoll regolamenti għat-tnaqqis tal-valuri minimi tal-viżibilità assoċjati ma' l-użu ta' l-HUD jew ta' l-EVS.
- (a)(2) Minkejja l-paragrafu (a)(1) ta' hawn fuq, il-kalkolu waqt it-titjira tal-valuri minimi għall-użu f'ajrudromi alternattivi mhux ippjanati u/jew għall-avviċinamenti bl-użu ta' l-EVS għandu jsir skond il-metodu aċċettabbli għall-Awtorità.
- (b) Meta jkunu stabbiliti l-valuri operattivi minimi ta' l-ajrudrom li jkunu se japplikaw għal kwalunkwe operazzjoni partikolari, operatur għandu jqis b'mod sħiħ:
- (1) Il-karatteristiċi tat-tip, ta' l-eżekuzzjoni u ta' l-immaniġġjar ta' l-ajruplan;
 - (2) Il-kompożizzjoni ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, il-kompetenza u l-esperjenza tagħhom;
 - (3) Id-dimensjonijiet u l-karatteristiċi tar-runways li jistgħu jintgħażlu biex jintużaw;
 - (4) Is-suffiċjenza u l-eżekuzzjoni ta' l-għajnuniet viżwali u mhux viżwali ta' fuq l-art li jkunu disponibbli (Ara l-Appendiċi 1 (il-Ġdid) ta' l-OPS 1.430, it-Tabella 6a);
 - (5) It-tagħmir disponibbli fuq l-ajruplan għan-navigazzjoni u/jew il-kontroll tal-passaġġ tat-titjira, kif xieraq, matul it-tluġh, l-avviċinament, fil-passaġġ mixgħul, l-inżul, ir-roll-out u l-avviċinament mhux milħuq;
 - (6) L-ostakli fl-avviċinament, l-avviċinament mhux milħuq u ż-żoni tat-tluġh meħtieġa għat-twettiq ta' proċeduri ta' kontinġenza u l-ikklerjar li jkunu meħtieġa;
 - (7) L-altitudni/l-għoli ta' l-ikklerjar ta' kull ostaklu għall-proċeduri ta' l-avviċinament bl-użu ta' istrument;
 - (8) Il-mezzi biex ikunu stabbiliti u rrapportati l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi; kif ukoll
 - (9) It-teknika tat-titjira li għandha tintuża waqt l-avviċinament finali.
- (c) Il-kategoriji ta' l-ajruplan msemmija f'din is-Sub-parti għandhom ikunu ġejjin skond il-metodu mogħti fl-Appendiċi 2 għall-OPS 1.430 (ċ).
- (d)(1) L-avviċinamenti kollha għandhom isiru bħala avviċinamenti stabbilizzati (SAP) ħlief jekk ikun approvati mod ieħor mill-Awtorità għal avviċinament partikolari fuq runway partikolari.
- (d)(2) L-avviċinamenti mingħajr preċiżjoni kollha għandhom isiru bl-użu tat-teknika ta' avviċinamenti finali b'niżla kontinwa (CDFA) ħlief jekk ikun approvat mod ieħor mill-Awtorità għal avviċinament partikolari fuq runway partikolari. Fil-kalkolu tal-valuri minimi skond l-Appendiċi 1 (il-Ġdid), l-operatur għandu jiżgura li l-RVR minimu applikabbli jiż-żied b'200 metru (m) għall-ajruplani tal-Kat. A/B u b'400 m għall-ajruplani tal-Kat. C/D għall-avviċinamenti li ma jsirux bl-użu tat-teknika CDFA, sakemm il-valur RVR/CMV li jirriżulta minn dawn ma jaqbiż il-5 000m.
- (d)(3) Minkejja r-rekwiżiti f'(d)(2) ta' hawn fuq, l-Awtorità tista' toffri eżenzjoni għall-operatur mir-rekwiżit taż-żieda fl-RVR meta ma jkunx qed japplika t-teknika CDFA.

- (d)(4) L-eżenzjonijiet kif imniżżla fil-paragrafu (d)(3) għandhom ikunu limitati għall-postijiet fejn ikun hemm interess ċar mill-pubbliku għaż-żamma ta' l-operazzjonijiet attwali. L-eżenzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-esperjenza ta' l-operatur, il-programm ta' taħriġ u l-kwalifiki ta' l-ekwipaġġ tat-titjira. L-eżenzjonijiet għandhom ikunu riveduti regolament u għandhom jintemmu ladarba l-faċilitajiet jitjiebu biex tkun tista' tiġi applikata t-teknika CDFa.
- (e)(1) Operatur għandu jiżgura li jkun applikat jew l-Appendiċi 1 (il-Qadim) jew l-Appendiċi 1 (il-Ġdid) ta' l-OPS 1.430. Madankollu, operatur għandu jiżgura li l-Appendiċi 1 (il-Ġdid) ta' l-OPS 1.430 jiġi applikat sa mhux iktar tard minn tlett snin wara d-data tal-pubblikazzjoni.
- (e)(2) Minkejja r-rekwiżiti f'(e)(1) ta' hawn fuq, Awtorità tista' tagħti eżenzjoni lil operatur mir-rekwiżit taż-żieda fl-RVR ta' iktar minn 1 500 m (ajruplani tal-Kat. A/B) jew ta' iktar minn 2 400 m (ajruplani tal-Kat. C/D), meta tapprova operat lejn runway partikolari fejn ma jkunx prattiku li jsir avviċinament bl-użu tat-teknika CDFa jew fejn il-kriterji tal-paragrafu (c) ta' l-Appendiċi 1 (il-Ġdid) ta' l-OPS 1.430 ma jistgħux jintlaħqu.
- (e)(3) L-eżenzjonijiet kif imniżżla fil-paragrafu (e)(2) għandhom ikunu limitati għall-postijiet fejn ikun hemm interess ċar mill-pubbliku għaż-żamma ta' l-operazzjonijiet attwali. L-eżenzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-esperjenza ta' l-operatur, il-programm ta' taħriġ u l-kwalifiki ta' l-ekwipaġġ tat-titjira. L-eżenzjonijiet għandhom ikunu riveduti regolament u għandhom jintemmu ladarba l-faċilitajiet jitjiebu biex tkun tista' tiġi applikata t-teknika CDFa.

OPS 1.435

Terminoloġija

It-termini użati f'din is-sub-parti għandhom it-tifsira li ġeja:

- 1) Dawran (Circling). Il-fażi viżwali ta' l-avviċinament bi strument biex l-inġenju ta' l-ajru f'pożizzjoni għall-inżul fuq runway li ma jkunx jinstab f'post xieraq sabiex jippermetti avviċinament flinja dritta.
- 2) Il-Proċeduri ta' Viżibilità Baxxa (LVP). Il-proċeduri applikati f'ajrudrom biex ikunu żgurati operazzjonijiet bla periklu matul avviċinamenti iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I, barra l-Istandard tal-Kategorija II, u tal-Kategorija II u III u matul Tluġh f'Viżibilità Baxxa.
- 3) Tluġh f'Viżibilità Baxxa (LVTO). Tluġh fejn il-Medda Viżwali tar-runway (Runway Visual Range — RVR) tkun inqas minn 400 m.
- 4) Is-Sistema tal-kontroll tat-titjira. Sistema li tinkludi sistema ta' nżul awtomatiku u/jew sistema ibrida ta' nżul.
- 5) Sistema ta' kontroll ta' titjira Fail-Passive. Sistema ta' kontroll ta' titjira tkun passiva f'każ ta' nuqqas ta' funzjonament jekk, f'każ li din ma taħdimx, ma jkun hemm l-ebda kundizzjoni out-of-trim sostanzjali jew devjazzjoni fil-passaġġ tat-titjira jew fl-attitudni, iżda l-inżul ma jseħħx awtomatikament. Għal sistema awtomatika ta' kontroll ta' titjira li tkun passiva f'nuqqas ta' funzjonament, il-pilota għandu jassumi l-kontroll ta' l-ajruplan hekk kif iseħħ in-nuqqas ta' funzjonament.
- 6) Sistema ta' kontroll ta' titjira Fail-Operational. Sistema ta' kontroll ta' titjira tkun fail-operational jekk, f'każ ta' nuqqas ta' funzjonament taħt l-għoli tat-twissija, l-avviċinament, il-mogħdija fil-passaġġi mixgħula u l-inżul, jkunu jistgħu jintemmu awtomatikament. F'każ ta' nuqqas ta' funzjonament, is-sistema ta' nżul awtomatiku taħdem bħala sistema passiva f'każ ta' nuqqas ta' funzjonament.
- 7) Sistema ibrida ta' nżul li turi li bil-ħsara jekk ikun il-każ. Sistema li tikkonsisti minn sistema primarja ta' nżul awtomatiku li tkun passiva f'każ ta' nuqqas ta' funzjonament u minn sistema sekondarja ta' gwida indipendenti biex il-pilota jkun jista' jtemm inżul manwalment wara nuqqas fis-sistema primarja.
- 8) Avviċinament Viżwali (Visual approach). Avviċinament meta parti mill-proċedura jew il-proċedura kollha ta' avviċinament ta' l-istrument ma tkunx mitmuma u l-avviċinament isir b'referenza viżwali għat-terren.
- (9) Continuous Descent Final Approach (CDFa). Teknika speċifika li tintuża fil-parti ta' l-avviċinament finali ta' proċedura ta' avviċinament bi strument mingħajr preċiżjoni bħala nżul kontinwu, mingħajr level-off, minn altezza/għoli daqs jew ogħla minn dak ta' l-istallazzjoni ta' l-Avviċinament Finali jew ogħla sa punt ta' madwar 15-il m (50 pied) fuq il-limitu ta' nżul tar-runway jew il-punt fejn il-flare manoeuvre għandha tibda għat-tip ta' ajruplan li jkun qed jittajjar.
- (10) Avviċinament Stabbilizzat (Stabilised Approach — SAp). Avviċinament li jsir b'mod kontrollat u xieraq f'dak li għandu x'jaqsam mal-konfigurazzjoni, l-enerġija u l-kontroll tar-rotta tat-titjira minn punt jew altezza/għoli determinat minn qabel lejn punt 50 pied 'il fuq mil-limitu jew mill-punt fejn il-flare manoeuvre jibda jekk dan isir f'punt ogħla.
- (11) Head-Up Display (HUD). Sistema ta' display li turi l-informazzjoni tat-titjira fil-viżjoni direttament quddiem il-pilota fuq il-livell ta' l-għajnejn u li ma taffettwax il-viżjoni esterna b'mod sinifikanti.

- (12) Head-Up Guidance Landing System (HUDLS). Is-sistema totali fl-ajru li tipprovdi gwida fuq il-livell ta' l-għajnejn għall-pilota matul l-avviċinament u l-inżul u/jew it-tidwir. Din tinkludi sensors, kompjuters, provvisti tal-qawwa, indikazzjonijiet u kontrolli. HUDLS normalment tintuża bħala gwida ta' avviċinament primarja lejn altezza ta' deċiżjoni ta' 50 pied.
- (13) Hybrid Head-Up Display Landing System (Hybrid HUDLS). Sistema li tikkonsisti f'sistema primarja ta' nżul awtomatiku fail-passive u sistema sekondarja indipendenti HUD/HUDLS biex il-pilota jkun jista' jtemm inżul manwalment wara nuqqas fis-sistema primarja.
- Nota:* Normalment, is-sistema sekondarja indipendenti HUD/HUDLS tipprovdi gwida li normalment tieħu l-forma ta' informazzjoni ta' kmand iżda li b'mod alternattiv tista' tkun informazzjoni ta' sitwazzjoni (jew devjazzjoni).
- (14) Sistema ta' Viżjoni Mtejbja (Enhanced Vision System — EVS). Mezz elettroniku biex tintwera xbieha attwali tax-xena esterna bl-użu tas-sensors ta' l-immaġni.
- (15) Converted Meteorological Visibility (CMV). Valur (ekwivalenti għal RVR) li jitnissel mill-viżibilità meteoroloġika rrapportata, kif ikkonvertit skond ir-rekwiżiti ta' din is-subpart.
- (16) Operazzjoni iktar Baxxa mill-Istandard tal-Kategorija I. Avviċinament bi strument tal-Kategorija I u Operat ta' Nżul bl-użu ta' DH tal-Kategorija I, b'RVR iktar baxx minn dak li huwa normalment assoċjat mad-DH applikabbli.
- (17) Operazzjoni barra l-Istandard tal-Kategorija II. Avviċinament bi strument tal-Kategorija II u Operat ta' Nżul fuq runway fejn ma jkunux disponibbli xi elementi jew l-elementi kollha tas-sistema tad-dawl ta' Avviċinament ta' Preċiżjoni tal-Kategorija II ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO.
- (18) GNSS Landing System (GLS). Operat ta' avviċinament bl-użu ta' informazzjoni mkabbra GNSS biex tingħata gwida għall-inġenju ta' l-ajru bbażat fuq il-pożizzjoni laterali u vertikali tiegħu tal-GNSS. (Is-sistema tuża referenza ġeometrika ta' l-altezza għan-niżla finali ta' l-avviċinament tagħha.)

OPS 1.440

Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — ir-Regoli Operattivi Ġenerali

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.440)

- (a) Operatur m'għandux iwettaq operazzjonijiet tal-Kategorija II, barra l-Istandard tal-Kategoriji II jew III sakemm:
- (1) Kull ajruplan ikkonċernat ikun ċertifikat għall-operazzjonijiet b'għoli ta' deċiżjoni taħt il-200 pied, jew bla ebda għoli ta' deċiżjoni, u jkun mgħammar skond il-CS-AWO fuq l-operazzjonijiet kollha tat-temp jew skond kriterji ekwivalenti li jkunu aċċettati mill-Awtorità;
 - (2) Tkun stabbilita sistema xierqa biex ikun reġistrat is-suċċess u l-falliment ta' l-avviċinament u/jew l-inżul awtomatikusabiex tkun monitorjata s-sigurtà ġenerali ta' l-operazzjoni;
 - (3) L-operazzjonijiet ikunu approvati mill-Awtorità;
 - (4) L-ekwipaġġ tat-titjira ikun jikkonsisti mill-inqas minn żewġ piloti; kif ukoll
 - (5) L-Għoli ta' Deċiżjoni jkun ġie stabbilit permezz ta' altimetru bir-radjo.
- (b) Operatur m'għandux iwettaq tluġh f'viżibilità baxxa finqas minn RVR ta' 150 m (ajruplan tal-Kategorija A, B u C) jew RVR ta' 200 m (ajruplan tal-Kategorija D) sakemm ma jkunx approvat mill-Awtorità.
- (c) Operatur m'għandux iwettaq operazzjonijiet tal-Kategorija 1 iktar Baxxi mill-Istandard ħliet jekk ikunu approvati mill-Awtorità.

OPS 1.445

Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — Konsiderazzjonijiet ta' l-ajrudrom

- (a) Operatur m'għandux juża ajrudrom għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III sakemm l-ajrudrom ikun approvat għal dawn l-operazzjonijiet mill-Istat li fiha ikun jinstab dan l-ajrudrom.
- (b) Operatur għandu jivverifika li l-Proċeduri ta' Viżibilità Baxxa (LVP) ikunu ġew stabbiliti, u li dawn jiġu infurzati f'dawk l-ajrudromi fejn ikunu se jsiru operazzjonijiet f'viżibilità baxxa.

OPS 1.450

Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — Taħriġ u Kwalifiki

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.450)

Operatur għandu jiżgura li qabel ma jsir it-Tlugħ b'Viżibilità Baxxa, operazzjonijiet iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I, barra l-Istandard tal-Kategorija II, dawk tal-Kategorija II u III jew avvċinamenti bl-użu ta' l-EVS:

- (1) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira:
 - (i) Ikun temm ir-rekwiżiti ta' taħriġ u ta' verifika preskritti fl-Appendiċi 1, inkluż it-taħriġ fuq simulatur tat-titjira, biex ikun jista' jaħdem skond il-valuri ta' limitu ta' l-RVR/CMV u l-Għoli ta' Deċiżjoni li jkunu xierqa għall-approvazzjoni ta' l-operatur; kif ukoll
 - (ii) Ikun kwalifikat skond l-Appendiċi 1;
- (2) It-taħriġ u l-verifika jsiru skond sillabu dettaljat approvat mill-Awtorità u li jkun inkluż fil-Manwal tat-Tħaddim. Dan it-taħriġ ikun addizzjonali għal dak preskritt fis-sub-parti N; kif ukoll
- (3) Il-kwalifika ta' l-ekwipaġġ tat-titjira tkun speċifika għall-operazzjoni u t-tip ta' ajruplan.

OPS 1.455

Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — Proċeduri operattivi

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.455)

- (a) Operatur għandu jistabbilixxi proċeduri u struzzjonijiet biex jintużaw fit-Tlugħ b'Viżibilità Baxxa, avvċinamenti bl-użu ta' l-EVS, operazzjonijiet iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I, barra l-Istandard tal-Kategorija II, u dawk tal-Kategorija II u III. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu inklużi fil-Manwal tat-Tħaddim u jinkludu fihom id-dmirijiet tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira matul is-sewqan, it-tlugħ, l-avvċinament, il-mogħdija mill-passaġġi mixgħula ta' l-ajrudrom, l-inżul, ir-roll-out u l-avvċinament mhux milħuq, skond kif xieraq.
- (b) Il-kaptan għandu jissodisfa lilu nnifsu/lilha nfisha li:
 - (1) L-istat tal-faċilitajiet viżwali u mhux viżwali jkunu biżżejjed qabel ma jingħata bidu għat-Tlugħ f'Viżibilità Baxxa, l-Avvċinament bl-użu ta' EVS, avvċinament iktar Baxx mill-Istandard tal-Kategorija I, barra l-Istandard tal-Kategorija II, jew dak tal-Kategorija II jew III;
 - (2) LVPs xierqa jkunu fis-seħħ skond l-informazzjoni li tkun ingħatat mis-Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru, qabel ma jingħata bidu għat-Tlugħ f'Viżibilità Baxxa jew għall-avvċinament iktar Baxx mill-Istandard tal-Kategorija I, barra l-Istandard tal-Kategorija II, jew dak tal-Kategorija II jew III; kif ukoll
 - (3) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jkunu kkwalifikati kif xieraq qabel ma jingħata bidu għat-Tlugħ f'Viżibilità Baxxa f'RVR ta' inqas minn 150 m (għal ajruplani tal-Kategorija A, B u C) jew 200 m (għal ajruplani tal-Kategorija D), Avvċinament bl-użu ta' EVS, avvċinament iktar Baxx mill-Istandard tal-Kategorija I, barra l-Istandard tal-Kategorija II, jew dak tal-Kategorija II jew III.

OPS 1.460

Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — It-tagħmir minimu

- (a) Fil-Manwal tat-Tħaddim l-operatur għandu jinkludi t-tagħmir minimu li jrid ikun jiffunzjona fil-bidu tat-Tlugħ f'Viżibilità Baxxa, ta' avvċinament iktar Baxx mill-Istandard tal-Kategorija I, barra l-Istandard tal-Kategorija II, ta' avvċinament bl-użu ta' EVS, jew ta' avvċinament tal-Kategorija II jew III skond l-AFM jew dokument ieħor approvat.
- (b) Il-kaptan għandu jissodisfa lilu nnifsu/lilha nfisha li l-istat ta' l-ajruplan u tas-sistemi rilevanti ta' l-ajru ikunu xierqa sabiex l-operazzjoni speċifika ssir.

OPS 1.465

Il-Valuri operattivi minimi VFR

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.465)

Operatur għandu jiżgura li:

- 1) It-titjiriet VFR għandhom isiru skond ir-Regoli tat-Titjir Viżwali u skond it-Tabella fl-Appendiċi 1 għall-OPS 1.465.
- 2) Titjiriet speċjali VFR ma jistgħux jibdew meta l-viżibilità tkun inqas minn 3 km u m'għandhomx issiru mod ieħor meta l-viżibilità tkun inqas minn 1,5 km.

—

L-Appendiċi 1 (il-Qadim) ta' l-OPS 1.430

Il-Valuri Operattivi Minimi ta' Ajrudrom

- (a) Minimi tat-Tluq
- (1) Ġenerali
- (i) Il-valuri minimi tat-tluq stabbiliti mill-operatur għandhom ikunu mfissra bħala viżibilità jew limiti ta' RVR, waqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha għal kull ajrudrom ippjanat li għandu jintuża kif ukoll l-karatteristiċi ta' l-ajruplan. Fejn ikun hemm hteieġa speċifika li wieħed jara u jevita ostakli waqt it-tluqtluq u/jew matul inżul ta' emerġenza, għandhom ikunu speċifikati kundizzjonijiet addizzjonali (eż. l-ogħla limiti ffixsati).
- (ii) Il-kaptan m'għandux jibda proċedura ta' tluq sakemm il-kundizzjonijiet tat-temp fl-ajrudrom tat-tluqtluq ikunu ugwali jew aħjar mill-valuri minimi applikabbli għall-inżul f'dak l-ajrudrom, sakemm ikun hemm disponibbli ajrudrom alternattiv tat-tluq li jkun xieraq.
- (iii) Meta l-viżibilità meteoroloġika rapportata tkun iktar baxxa minn dik meħtieġa għat-tluq u l-RVR ma tkunx rapportata, it-tluq ikun jista' jibda biss jekk il-kaptan ikun jista' jstabilixxi li l-RVR/viżibilità tul ir-runway tat-tluq tkun ugwali jew aħjar mill-minimu meħtieġ.
- (iv) Meta l-ebda viżibilità meteoroloġika rapportata jew RVR tkun disponibbli, it-tluq ikun jista' jibda biss jekk il-kaptan ikun jista' jstabilixxi li l-RVR/viżibilità tul ir-runway tat-tluq tkun ugwali jew aħjar mill-minimu meħtieġ.
- (2) Referenza Viżwali. Għandhom jintgħażlu l-valuri minimi tat-tluq biex tkun żgurata gwida biżżejjed biex l-ajruplan ikun jista' jiġi kontrollat f'każ kemm ta' tluq li ma jtkomplexx minħabba ċirkostanzi kuntrarji u ta' tluq issoktat wara li s-sistema tal-qawwa kritika tkun naqset milli taħdem.
- (3) RVR/Viżibilità meħtieġa
- (i) Għall-ajruplan b'iktar minn magna waħda, li l-eżekuzzjoni tagħhom tkun tali li, fil-każ li s-sistema tal-qawwa kritika tonqos milli taħdem fi kwalunkwe punt matul it-tluq, l-ajruplan jew jieqaf jew ikompli bit-tluq sa għoli ta' 1 500 pied 'il fuq mill-ajrudrom waqt li jneħħi l-ostakli permezz tal-marġini meħtieġa, il-valuri minimi tat-tluq stabbiliti mill-operatur għandhom ikunu mfissra bħala valuri ta' RVR/Viżibilità li ma jkunux inqas baxxi minn dawk li mogħtija fit-Tabella 1 hawn taħt, ħlief kif indikat fil-paragrafu (4) hawn taħt:

Tabella 1

RVR/Viżibilità għat-tluq

RVR/Viżibilità għat-Tluq	
Faċilitajiet	RVR/Viżibilità meħtieġa (Nota 3)
Xejn (Bi nhar biss)	500 m
Id-dawl tat-tarf tar-runway u/jew il-marki tal-linja taċ-ċentru	250/300 m (Noti 1 u 2)
Id-dawl tat-tarf tar-runway u tal-linja taċ-ċentru	200/250 m (Nota 1)
Id-dawl tat-tarf tar-runway u tal-linja taċ-ċentru u informazzjoni multipla dwar l- RVR	150/200 m (Noti 1 u 4)

Nota 1: Il-valuri ogħla japplikaw għall-ajruplan tal-Kategorija D.

Nota 2: Għall-operazzjonijiet ta' bil-lejl, ikunu meħtieġa mill-inqas id-dwal tat-tarf u tat-tmiem tar-runway.

Nota 3: Il-valur rapportat ta' l-RVR/Viżibilità li jkun rappreżentattiv tal-parti inizjali tal-ġirja tat-tluq jista' jinbidel b'evalwazzjoni tal-pilota.

Nota 4: Il-valur tar-RVR meħtieġ għandu jinkiseb għall-punti kollha rilevanti tar-rappurtar ta' l-RVR, ħlief għall-eċċezzjoni mogħtija fin-Nota 3 hawn fuq.

- (ii) Għall-ajruplani b'iktar minn magna waħda li l-eżekuzzjoni tagħhom tkun tali li dawn ma jkunux jistgħu jikkonfomaw mal-kundizzjonijiet ta' l-eżekuzzjoni li hemm fis-sub-paragrafu (a)(3)(i) hawn fuq, f'każ li s-sistema tal-qawwa kritika tonqos milli taħdem, jista' jkun hemm il-hteieġa li l-ajruplan jerġa' jinżel mill-ġdid minnufih u li l-pilota jara u jevita l-ostakli li jkun hemm fiż-żona tat-tluq. Dawn l-ajruplan jistgħu jitħaddmu sal-valuri minimi tat-tluq li ġejjin, sakemm dawn ikunu konformi mal-kriterji tat-tneħħija ta' l-ostakli applikabbli, u waqt li wieħed jassumi n-nuqqas ta' funzjonament tal-magna fl-għoli speċifikat. Il-valuri minimi tat-tluq stabbiliti mill-operatur għandhom ikunu bbażati fuq l-għoli li minnu jkun jista' jiġi fformat il-passaġġ tat-tluq nett tat-titjira b'magna waħda wieqfa. Il-valuri minimi ta' l-RVR użati ma jistgħux ikunu iktar baxxi minn dawk li jidhru fit-Tabella 1 hawn fuq jew fit-Tabella 2 hawn taħt.

Tabella 2

L-għoli preżunt 'il fuq mir-runway meta magna tieqaf taħdem versu l-RVR/Viżibilità

RVR/Viżibilità tat-Tlugħ — il-passaġġ tat-titjira	
L-Għoli preżunt 'il fuq mir-runway tat-tlugħ meta magna tieqaf taħdem	RVR/Viżibilità (Nota 2)
< 50 pied	200 m
51-100 pied	300 m
101-150 pied	400 m
151-200 pied	500 m
201-300 pied	1 000 m
> 300 pied	1 500 m (Nota 1)

Nota 1: 1 500 m huwa applikabbli wkoll jekk ma jkun jista' jiġi fformat l-ebda passaġġ pożittiv tat-titjira tat-tlugħ.
 Nota 2: Il-valur rapportat ta' l-RVR/Viżibilità li jkun rappreżentattiv tal-parti inizjali tal-ġirja tat-tlugħ jista' jinbidel b'evalwazzjoni tal-pilota

(iii) Meta l-RVR irrappurtata, jew il-viżibilità meteoroloġika ma tkunx disponibbli, il-kaptan m'għandux jagħti bidu għall-proċedura tat-tlugħ sakemm hu/hi jkun jista' jstabilixxi li l-kundizzjonijiet attwali jkunu jilhq u l-valuri minimi tat-tlugħ li jkunu jgħoddu.

(4) Eċċezzjonijiet għall-paragrafu (a)(3)(i) hawn fuq:

(i) Waqt li jkun suġġett għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità, u sakemm ir-reqwiziti fil-paragrafi (A) sa (E) hawn taħt ikunu ntlaħqu, l-operatur jista' jnaqqas il-valuri minimi tat-tlugħ sa RVR ta' 125 m (ajruplani tal-Kategorija A, B u C) jew sa RVR ta' 150 m (ajruplani tal-Kategorija D) meta:

(A) Ikun hemm fis-seħħ Proċeduri ta' Viżibilità Baxxa;

(B) Ikunu qed jitħaddmu dwal ta' intensità għolja fil-linja taċ-ċentru tar-runway, li jkunu spazjati f'distanza ta' 15 m jew inqas, u dwal ta' intensità għolja fit-tarf tar-runway li jkunu spazjati f'distanza ta' 60 m jew inqas;

(C) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jkunu temmew b'suċċess taħriġ f' Simulatur tat-Titjira;

(D) Fil-bidu tal-ġirja tat-tlugħ ikun hemm disponibbli segment viżwali ta' 90 m mill-kabina tal-pilota; kif ukoll

(E) Il-valur tar-RVR meħtieġ ikun intlaħaq għall-punti rilevanti kollha tar-rapportar ta' l-RVR.

(ii) Suġġett għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità, l-operatur ta' ajruplan li juża sistema ta' gwida laterali approvata għat-tlugħ jista' jnaqqas il-valuri minimi tat-tlugħ għal RVR ta' inqas minn 125 m (ajruplan tal-Kategorija A, B u C) jew 150 m (ajruplan tal-Kategorija D), iżda mhux inqas minn 75 m, sakemm ikun hemm disponibbli l-ħarsien u l-faċilitajiet tar-runway li jkunu ekwivalenti għall-operazzjonijiet ta' l-inżul tal-Kategorija III.

(b) Avviċinament Mingħajr Preċiżjoni

(1) Il-valuri minimi tas-sistema

(i) Operatur għandu jiżgura li l-valuri minimi tas-sistema għall-proċeduri ta' avviċinament mhux ta' preċiżjoni, li jiġu bbażati fuq l-użu ta' l-ILS mingħajr glidepath (LLZ biss), VOR, NDB, SRA u VDF, ma jkunux aktar baxxi mill-valuri tal-MDH li jidhru fit-Tabella 3 hawn taħt.

Tabella 3

Il-valuri minimi tas-sistema għall-għajnuniet ta' avviċinament mhux ta' preċiżjoni

Il-valuri minimi tas-sistema	
Faċilità	Il-Valur minimu ta' l-MDH
ILS (bla glide path — LLZ)	250 pied
SRA (jintemm f1/2 NM)	250 pied
SRA (jintemm f1 NM)	300 pied
SRA (jintemm f2 NM)	350 pied
VOR	300 pied
VOR/DME	250 pied
VDF (QDM u QGH)	300 pied
VDF (QDM u QGH)	300 pied

- (2) L-Għoli Minimu ta' l-Inżul. Operatur għandu jiżgura li l-għoli minimu ta' l-inżul għal avviċinament mhux ta' preċiżjoni ma jkunx iktar baxx minn:
- (i) L-OCH/OCL għall-kategorija ta' l-ajruplan; jew
 - (ii) Il-minimu tas-sistema.
- (3) Referenza viżwali. Il-pilota ma jistax ikompli l-avviċinament taħt il-valuri tal-MDA/MDH sakemm mill-inqas waħda mir-riferenzi viżwali li ġejjin għar-runway maħsub tkun viżibbli b'mod distintiv u tkun tista' tiġi identifikata mill-pilota:
- (i) Elementi tas-sistema tad-dawl ta' l-avviċinament;
 - (ii) Il-limitu;
 - (iii) Il-marki tal-limitu;
 - (iv) Id-dwal tal-limitu;
 - (v) Id-dwal ta' l-identifikazzjoni tal-limitu;
 - (vi) L-indikatur ta' l-inklinazzjoni viżwali ta' l-inżul ta' l-ajruplan bil-magna wieqfa;
 - (vii) Iż-żona ta' l-illandjar jew il-marki taż-żona ta' l-illandjar;
 - (viii) Id-dwal taż-żona ta' l-illandjar;
 - (ix) Id-dwal tat-tarf tar-runway; jew
 - (x) Ir-riferenzi viżwali l-oħra aċċettati mill-Awtorità.
- (4) L-RVR meħtieġa. Il-livelli minimi l-iktar baxxi li għandhom jintużaw mill-operatur għall-avviċinament mhux ta' preċiżjoni huma:

Tabella 4a

RVR għall-avviċinament mhux ta' preċiżjoni — faċilitajiet sħaħ

Valuri Minimi ta' avviċinament Mingħajr Preċiżjoni Faċilitajiet sħaħ (Noti (1), (5), (6) u (7))				
MDH	RVR/Kategorija ta' Ajruplan			
	A	B	C	D
250-299 pied	800 m	800 m	800 m	1 200 m
300-449 pied	900 m	1 000 m	1 000 m	1 400 m
450-649 pied	1 000 m	1 200 m	1 200 m	1 600 m
650 pied u iktar	1 200 m	1 400 m	1 400 m	1 800 m

Tabella 4b

RVR għall-avviċinament mhux ta' preċiżjoni — faċilitajiet intermedji

Valuri Minimi ta' avviċinament Mingħajr Preċiżjoni Faċilitajiet intermedji (Noti (2), (5), (6) u (7))				
MDH	RVR/Kategorija ta' Ajruplan			
	A	B	C	D
250-299 pied	1 000 m	1 100 m	1 200 m	1 400 m
300-449 pied	1 200 m	1 300 m	1 400 m	1 600 m
450-649 pied	1 400 m	1 500 m	1 600 m	1 800 m
650 pied u iktar	1 500 m	1 500 m	1 800 m	2 000 m

Tabella 4c

RVR għall-avviċinament mhux ta' preċiżjoni — faċilitajiet bażiċi

Valuri Minimi ta' avviċinament Mingħajr Preċiżjoni Faċilitajiet bażiċi (Noti (3), (5), (6) u (7))				
MDH	RVR/Kategorija ta' Ajruplan			
	A	B	C	D
250-299 pied	1 200 m	1 300 m	1 400 m	1 600 m
300-449 pied	1 300 m	1 400 m	1 600 m	1 800 m
450-649 pied	1 500 m	1 500 m	1 800 m	2 000 m
650 pied u iktar	1 500 m	1 500 m	2 000 m	2 000 m

Tabella 4d

RVR għall-avviċinament mhux ta' preċiżjoni — Mingħajr faċilitajiet ta' dawl għall-avviċinament

Valuri Minimi ta' avviċinament Mingħajr Preċiżjoni Mingħajr faċilitajiet ta' dawl għall-avviċinament medji (Noti (4), (5), (6) u (7))				
MDH	RVR/Kategorija ta' Ajruplan			
	A	B	C	D
250-299 pied	1 500 m	1 500 m	1 600 m	1 800 m
300-449 pied	1 500 m	1 500 m	1 800 m	2 000 m
450-649 pied	1 500 m	1 500 m	2 000 m	2 000 m
650 pied u iktar	1 500 m	1 500 m	2 000 m	2 000 m

Nota 1: Il-faċilitajiet sħaħ jinkludu l-marki ta' fuq ir-runway 720 m jew iktar ta' dawl ta' l-avviċinament HI/MI, id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limitu u d-dwal tat-tmiem tar-runway. Id-dwal iridu jkunu mixgħulin.

Nota 2: Il-faċilitajiet intermedji jinkludu l-marki ta' fuq ir-runway, 420-719 m ta' dawl ta' l-avviċinament HI/MI, id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limitu u d-dwal tat-tmiem tar-runway. Id-dwal iridu jkunu mixgħulin.

Nota 3: Il-faċilitajiet bażiċi jinkludu l-marki ta; fuq ir-runway, <420 m ta' dawl ta' l-avviċinament HI/MI, kwalunkwe tul ta' dawl ta' l-avviċinament LL, id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limitu u d-dwal tat-tmiem tar-runway. Id-dwal iridu jkunu mixgħulin.

Nota 4: L-ebda faċilitajiet ta' dawl ta' l-avviċinament jinkludu l-marki ta' fuq ir-runway, id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limitu, id-dwal tat-tmiem tar-runway jew l-ebda dawl.

Nota 5: It-tabelli jkunu applikabbli biss għall-avviċinamenti konvenzjonali b'inklinazzjoni ta' nżul nominali ta' mhux iktar minn 4°. Inklinazzjonijiet ta' nżul ikbar ġeneralment ikunu jehieġu li l-gwida viżwali ta' l-inklinazzjoni ta' l-inżul bil-magna wieqfa (eż. PAPI) tkun viżibbli wkoll fl-Għoli Minimu ta' l-Inżul.

Nota 6: Il-figuri t'hawn fuq jew ikunu RVR rapportata jew viżibilità meteoroloġika konvertita f'RVR bħal fis-sub-paragrafu (h) hawn taħt.

Nota 7: L-MDH imsemmi fit-Tabella 4a, 4b, 4c u 4d jirreferi għall-kalkolazzjoni inizjali ta' l-MDH. Meta tkun qed tingħażel l-RVR assoċjata, ma jkunx hemm ħtieġa biex il-figuri jkunu mdawra sa l-eqreb għaxar piedi, li jista' jsir għal raġunijiet operattivi, eż. għall-konverżjoni għall-MDA.

- (5) Operazzjonijiet ta' bil-lejl. Għall-operazzjonijiet ta' bil-lejl mill-inqas id-dwal tat-tarf tar-runway, tal-livell minimu u tat-tmiem tar-runway iridu jkunu mixgħula.

(c) Avviċinament ta' preċiżjoni — Operazzjonijiet tal-Kategorija I

- (1) Ġenerali. A. Operazzjoni tal-Kategorija I hija avviċinament bi strument ta' preċiżjoni u nżul bl-użu ta' ILS, MLS jew PAR b'għoli ta' deċiżjoni mhux iktar baxx minn 200 pied u b'medda viżwali ta' runway ta' mhux inqas minn 550 m.
- (2) Għoli ta' deċiżjoni. L-operatur għandu jiżgura li l-għoli ta' deċiżjoni li għandu jintuża għall-avviċinament ta' preċiżjoni tal-Kategorija I ma jkunx aktar baxx minn:
- L-għoli ta' deċiżjoni minimu speċifikat fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan (AFM) jekk ikun iddikjarat;
 - L-għoli minimu li għalih l-għajjn ta' l-avviċinament ta' preċiżjoni tista' tintuża mingħajr ir-referenza viżwali meħtieġa;
 - L-OCH/OCL għall-kategorija ta' l-ajruplan; jew
 - 200 pied

- (3) Referenza viżwali. Pilota ma jistax ikompli avviċinament taħt l-għoli ta' deċiżjoni tal-Kategorija I, stabbilit skond is-sub-paragrafu (c)(2) hawn fuq, sakemm mill-inqas waħda mir-riferenzi viżwali li ġejjin għar-runway maħsub tkun viżibbli b'mod distintiv u tkun tista' tiġi identifikata mill-pilota:
- (i) Elementi tas-sistema tad-dawl ta' l-avviċinament;
 - (ii) Il-limitu;
 - (iii) Il-marki tal-limitu;
 - (iv) Id-dwal tal-limitu;
 - (v) Id-dwal ta' l-identifikazzjoni tal-limitu;
 - (vi) L-indikatur ta' l-inklinazzjoni viżwali ta' l-inżul ta' l-ajruplan bil-magna wieqfa;
 - (vii) Iż-żona ta' l-illandjar jew il-marki taż-żona ta' l-illandjar;
 - (viii) Id-dwal taż-żona ta' l-illandjar; jew
 - (ix) Id-dwal tat-tarf tar-runway;
- (4) L-RVR meħtieġa. L-iktar valuri baxxi li għandhom jintużaw mill-operatur għall-operazzjonijiet tal-Kategorija I huma:

Tabella 5

RVR għal avviċinament tal-Kategorija I vs. il-faċilitajiet u d-DH

Il-Valuri minimi tal-Kategorija I				
Għoli ta' deċiżjoni (Nota 7)	Faċilitajiet/RVR (Nota 5)			
	Kompluta (Noti 1 u 6)	Interm (Noti 2 u 6)	Bażiku (Noti 3 u 6)	Xejn (Noti 4 u 6)
200 pied	550 m	700 m	800 m	1 000 m
201-250 pied	600 m	700 m	800 m	1 000 m
251-300 pied	650 m	800 m	900 m	1 200 m
301 pied u iktar	800 m	900 m	1 000 m	1 200 m

Nota 1: Il-faċilitajiet sħaħ jinkludu l-marki ta' fuq ir-runway 720 m jew iktar ta' dwal ta' l-avviċinament HI/MI, id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limitu u d-dwal tat-tmiem tar-runway. Id-dwal iridu jkunu mixgħulin.

Nota 2: Il-faċilitajiet intermedji jinkludu l-marki ta' fuq ir-runway, 420-719 m ta' dwal ta' l-avviċinament HI/MI, id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limitu u d-dwal tat-tmiem tar-runway. Id-dwal iridu jkunu mixgħulin.

Nota 3: Il-faċilitajiet bażiċi jinkludu l-marki ta; fuq ir-runway, <420 m ta' dawl ta' l-avviċinament HI/MI, kwalunkwe tul ta' dwal ta' l-avviċinament LL, id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limitu u d-dwal tat-tmiem tar-runway. Id-dwal iridu jkunu mixgħulin.

Nota 4: L-ebda faċilitajiet ta' dawl ta' l-avviċinament jinkludu l-marki ta' fuq ir-runway, id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limitu, id-dwal tat-tmiem tar-runway jew l-ebda dawl.

Nota 5: Il-figuri t'hawn fuq ikunu jew l-RVR rapportata jew il-viżibilità meteoroloġika konvertita f'RVR skond il-paragrafu (h).

Nota 6: It-Tabella tgħodd għall-avviċinamenti konvenzjonali b'angolu ta' inklinazzjoni ta' nżul sa u inkluż 4° (gradi).

Nota 7: Id-DH imsemmija fit-Tabella 5 tirreferi għall-kalkolazzjoni inizjali tad-DH. Meta tkun qed tintgħażel l-RVR assoċjata, ma jkunx hemm hteġa biex il-figuri jkunu mdawra sa l-eqreb għaxar piedi, li jista' jsir għal raġunijiet operattivi, eż. għall-konverżjoni għall-DA.

- (5) Operazzjonijiet b'pilota wieħed. Għall-operazzjonijiet li jsiru minn pilota wieħed, l-operatur għandu jikkalkula l-RVR minima għall-avviċinamenti kollha skond l-OPS 1.430 u dan l-Appendiċi. RVR ta' inqas minn 800 mhix awtorizzata ħliet meta jintuża awtopilota xieraq flimkien ma' ILS jew MLS, li f'dak il-każ ikunu jgħoddu l-valuri minimi normali. L-Għoli ta' Deċiżjoni applikat m'għandux ikun inqas minn $1,25 \times$ l-għoli ta' l-użu minimu għall-awtopilota.
- (6) Operazzjonijiet ta' bil-lejl. Għall-operazzjonijiet ta' bil-lejl mill-inqas id-dwal tat-tarf tar-runway, tal-livell minimu u tat-tmiem tar-runway iridu jkunu mixgħula.
- (d) Avviċinament ta' preċiżjoni — Operazzjonijiet tal-Kategorija II
- (1) Ġenerali. Operazzjoni tal-Kategorija II tkun avviċinament tbi strument ta' preċiżjoni u nżul bl-użu ta' ILS jew MLS b':
- (i) Għoli ta' deċiżjoni taħt il-200 pied iżda mhux aktar baxx minn 100 pied; kif ukoll
- (ii) Medda viżwali ta' runway ta' mhux inqas minn 300 m.
- (2) Għoli ta' deċiżjoni. Għoli ta' deċiżjoni L-operatur għandu jiżgura li l-għoli ta' deċiżjoni għaloperazzjoni tal-Kategorija II ma jkunx inqas minn:
- (i) L-għoli ta' deċiżjoni minimu speċifikat fl-AFM, jekk ikun iddikjarat;
- (ii) L-għoli minimu li għalih l-ghajjnuna ta' l-avviċinament ta' preċiżjoni tista' tintuża mingħajr ir-referenza viżwali meħtieġa;
- (iii) L-OCH/OCL għall-kategorija ta' l-ajruplan;
- (iv) L-għoli ta' deċiżjoni li għalih l-ekwipaġġ tat-titjira ikun awtorizzat li jopera; jew
- (v) 100 pied
- (3) Referenza Viżwali. Il-pilota ma jstax ikompli avviċinament taħt l-għoli ta' deċiżjoni tal-Kategorija II stabbilit skond is-sub-paragrafu (d)(2) hawn fuq, sakemm ir-referenza viżwali li jkollha segment ta' mill-inqas 3 dwal konsekuttivi li jkunu jew il-linja taċ-ċentru tad-dwal ta' l-avviċinament, jew id-dwal taż-żona ta' l-illandjar, jew id-dwal tal-linja taċ-ċentru tar-runway, jew id-dwal tat-tarf tar-runway, jew taħlita ta' dawn tkun inkisbet u tkun tista' tinżamm. Din ir-referenza viżwali għandha tinkludi element laterali tal-ġeometrija ta' l-art, jiġifieri traversa tad-dwal ta' l-avviċinament jew id-dwal tal-limitu ta' l-inżul jew traversa tad-dwal taż-żona ta' l-illandjar.
- (4) L-RVR meħtieġa. L-iktar valuri minimi baxxi li għandhom jintużaw mill-operatur għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II huma:

Tabella 6

RVR għall-avviċinament tal-Kategorija II vs DH

Valuri minimi tal-Kategorija II		
Għoli ta' deċiżjoni	Awto-akkoppjat sa taħt id-DH (ara n-Nota 1)	
	RVR/Ajruplan Kategorija A B u C	RVR/Ajruplan Il-Kategorija D
100 pied — 120 pied	300 m	300 m (Nota 2)/350 m
121 pied — 140 pied	400 m	400 m
141 pied u iktar	450 m	450 m

Nota 1: Ir-referenza 'awto-akkoppjata sa taħt id-DH' f'din it-tabella tfisser l-użu ssoktat tas-sistema ta' kontroll awtomatiku tat-titjira sa għoli li ma jkunx iktar minn 80 % tad-DH applikabbli. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' adegwatezza għat-titjir jistgħu, permezz ta' l-għoli minimu ta' l-ingaġġ għas-sistema ta' kontroll awtomatiku tat-titjira, jaffettwaw id-DH li għandu jkun applikat.

Nota 2: 300 m jistgħu jintużaw għal ajruplan tal-Kategorija D li jwettaq inżul awtomatiku.

- (e) Avviċinament ta' preċiżjoni — Operazzjonijiet tal-Kategorija III
- (1) Ġenerali. L-operazzjonijiet tal-Kategorija III jinqasmu kif ġej:
- (i) Operazzjonijiet tal-Kategorija III A. Avviċinament bi strument ta' preċiżjoni u nżul bl-użu ta' l-ILS jew l-MLS b':
- (A) Għoli ta' deċiżjoni ta' inqas minn 100 pied; kif ukoll
- (B) Medda viżwali ta' runway ta' mhux inqas minn 200 m.
- (ii) Operazzjonijiet tal-Kategorija III B. Avviċinament bi strument ta' preċiżjoni u nżul bl-użu ta' l-ILS jew l-MLS b':
- (A) Għoli ta' deċiżjoni ta' inqas minn 50 pied, jew bla ebda għoli ta' deċiżjoni; kif ukoll
- (B) Medda viżwali tar-runway ta' inqas minn 200 m iżda mhux inqas minn 75 m.
- Nota:* Fejn l-għoli ta' deċiżjoni (DH) u l-medda viżwali tar-runway (RVR) ma jaqgħux fl-istess kategorija, l-RVR għandha tidde-termina f'liema kategorija għandha tkun kkunsidrata l-operazzjoni.
- (2) Għoli ta' deċiżjoni. Għall-operazzjonijiet li fihom jintuża għoli ta' deċiżjoni, l-operatur għandu jiżgura li l-għoli ta' deċiżjoni ma jkunx inqas minn:
- (i) L-għoli ta' deċiżjoni minimu speċifikat fl-AFM, jekk ikun iddikjarat;
- (ii) L-għoli minimu li għalih l-ghajjnuna ta' l-avviċinament ta' preċiżjoni tista' tintuża mingħajr ir-referenza viżwali meħtieġa; jew
- (iii) L-għoli ta' deċiżjoni li għalih l-ekwipaġġ tat-titjira ikun awtorizzat li jopera.
- (3) Operazzjonijiet bla Għoli ta' Deċiżjoni. Operazzjonijiet bla għoli ta' deċiżjoni jistgħu jsiru biss jekk:
- (i) L-operazzjoni bla għoli ta' deċiżjoni tkun awtorizzata fl-AFM;
- (ii) L-ghajjnuna ta' l-avviċinament u l-faċilitajiet ta' l-ajrudrom jistgħu jappoġġjaw operazzjonijiet bla għoli ta' deċiżjoni; kif ukoll
- (iii) L-operatur ikollu approvazzjoni għall-operazzjonijiet tal-Kategorija III bla għoli ta' deċiżjoni.
- Nota:* Fil-każ ta' runway tal-KAT III wieħed jista' jassumi li l-operazzjonijiet bla għoli ta' deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu appoġġjati sakemm ikunu speċifikament ristretti kif ippubblikati fl-AIP jew fin-NOTAM.
- (4) Referenza Viżwali
- (i) Għall-operazzjonijiet tal-Kategorija IIIA, u għall-operazzjonijiet tal-Kategorija IIIB b'sistemi ta' kontroll ta' titjir passivi f'każ ta' nuqqas ta' funzjonament (fail-passive), il-pilota ma jistax jissokta l-avviċinament taħt l-għoli ta' deċiżjoni stabbilit skond is-sub-paragrafu (e)(2) hawn fuq, sakemm referenza viżwali li jkollha segment ta' mill-inqas 3 dwal konsekuttivi, li jkunu jew il-linja taċ-ċentru tad-dwal ta' l-avviċinament, jew id-dwal taż-żona ta' l-illandjar, jew id-dwal tal-linja taċ-ċentru tar-runway, jew id-dwal tat-tarf tar-runway, jew inkella taħlita ta' dawn, tkun inkisbet u tista' tinżamm.
- (ii) Għall-operazzjonijiet tal-Kategorija IIIB b'sistemi ta' kontroll ta' titjir operattivi f'każ ta' nuqqas ta' funzjonament (fail-operational) li jużaw għoli ta' deċiżjoni, il-pilota ma jistax jissokta avviċinament taħt l-Għoli ta' Deċiżjoni, li jiġi stabbilit skond is-sub-paragrafu (e)(2) hawn fuq, sakemm referenza viżwali li jkollha mill-inqas dawl wieħed tal-linja taċ-ċentru, tkun inkisbet u tista' tinżamm.
- (iii) Għall-operazzjonijiet tal-Kategorija III bla għoli ta' deċiżjoni m'hemm l-ebda rekwiżit għall-kuntatt viżwali mar-runway qabel l-illandjar.

- (5) L-RVR meħtieġa. L-iktar valuri minimi baxxi li għandhom jintużaw mill-operatur għall-operazzjonijiet tal-Kategorija III huma:

Tabella 7

RVR għall-avviċinament tal-Kat III vs. DH u sistema ta' kontroll/gwida roll-out

Valuri minimi tal-Kategorija III			
Kategorija ta' avviċinament	Għoli ta' deċiżjoni (piedi) (Nota 2)	Sistema ta' kontroll/gwida roll-out	RVR (m)
III A	Inqas minn 100 pied	Mhux meħtieġa	200 m
III B	Inqas minn 100 pied	Fail-passive	150 m (Nota 1)
III B	Inqas minn 50 pied	Fail-passive	125 m
III B	Inqas minn 50 pied jew bla ebda għoli ta' deċiżjoni	Fail-operational	75 m

Nota 1: Għall-ajruplani ċċertifikati skond is-CS-AWO fuq l-operazzjonijiet kollha tat-temp 321(b)(3).

Nota 2: Iż-żejjed tas-sistema tal-kontroll tat-titjira jkun stabbilit taħt is-CS-AWO fuq l-operazzjoniet kollha tat-temp permezz ta' l-għoli ta' deċiżjoni minimu ċċertifikat.

- (f) Dawran

- (1) L-iktar valuri minimi baxxi li għandhom jintużaw mill-operatur għad-dawran huma:

Tabella 8

Viżibilità u l-MDH għad-dawran vs. il-kategorija ta' l-ajruplan

	Kategorija ta' l-ajruplan			
	A	B	C	D
MDH	400 pied	500 pied	600 pied	700 pied
Il-Viżibilità meteoroloġika minima	1 500 m	1 600 m	2 400 m	3 600 m

- (2) Fit-tifsira ta' dan il-paragrafu, dawran frotta preskritti hija proċedura aċċettata.

- (g) Avviċinament Viżwali. L-operatur m'għandux juża RVR ta' inqas minn 800 m għall-avviċinament viżwali.

- (h) Konverżjoni tal-viżibilità għall-RVR.

- (1) L-operatur għandu jiżgura li l-viżibilità meteoroloġika għall-konverżjoni ta' RVR ma tintużax biex ikunu kklakolati l-valuri minimi tat-tluġh, il-valuri minimi tal-Kategorija II jew III jew meta l-RVR irrappurtata tkun disponibbli.

Nota: Jekk jiġi rrapportat li l-RVR tkun 'il fuq mill-valur massimu evalwat mill-operatur ta' l-ajrudrom, eż. 'RVR iktar minn 1 500 metru', din ma titqiesx bħala RVR irrappurtata f'dan il-kuntest u għalhekk tista' tintuża t-Tabella ta' Konverżjoni.

- (2) Meta jikkonverti l-viżibilità meteoroloġika għall-RVR fiċ-ċirkostanzi l-oħra kollha għajr dawk imsemmija fis-sub-paragrafu (h)(1) hawn fuq, l-operatur għandu jiżgura li tintuża t-Tabella li ġejja:

Tabella 9

Konverżjoni tal-viżibilità għall-RVR

Elementi ta' dwal fl-operazzjoni	RVR = Viżibilità Met. Rrapportata x	
	Bi nhar	Bil-lejl
Id-dawl ta' l-avviċinament u tar-runway HI	1,5	2,0
Kwalunkwe tip ta' sistema tad-dawl għajr dik imsemmija hawn fuq	1,0	1,5
L-ebda dawl	1,0	Mhux applikabbli

L-Appendiċi 1 (il-Ġdid) ta' l-OPS 1.430

Il-Valuri Operattivi Minimi ta' Ajrudrom

- (a) Minimi tat-Tluq
- (1) Ġenerali
- (i) Il-valuri minimi tat-tluq stabbiliti mill-operatur għandhom ikunu mfissra bħala viżibilità jew limiti ta' RVR, waqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha għal kull ajrudrom ippjanat li għandu jintuża kif ukoll il-karatteristiċi ta' l-ajruplan. Fejn ikun hemm hteieġa speċifika li wieħed jara u jevita ostakli waqt it-tluq u/jew matul inżul ta' emerġenza, għandhom ikunu speċifikati l-kundizzjonijiet addizzjonali (eż. l-ogħla limiti ffixsati).
- (ii) Il-kaptan m'għandux jibda proċedura ta' tluq sakemm il-kundizzjonijiet tat-temp fl-ajrudrom tat-tluq ikunu ugwali jew aħjar mill-valuri minimi applikabbli għall-inżul f'dak l-ajrudrom, sakemm ma jkunx hemm ajrudrom alternattiv tat-tluq disponibbli li jkun xieraq.
- (iii) Meta l-viżibilità meteoroloġika rrapportata tkun iktar baxxa minn dik meħtieġa għat-tluq u l-RVR ma tkunx irrappurtata, it-tluq ikun jista' jibda biss jekk il-kaptan ikun jista' jstabbilixxi li l-RVR/viżibilità tul ir-runway tat-tluq tkun daqs jew aħjar mill-minimu meħtieġ.
- (iv) Meta l-ebda viżibilità meteoroloġika rrapportata jew RVR ma tkun disponibbli, it-tluq ikun jista' jibda biss jekk il-kaptan ikun jista' jstabbilixxi li l-RVR/viżibilità tul ir-runway tat-tluq tkun daqs jew aħjar mill-minimu meħtieġ.
- (2) Referenza Viżwali. Għandhom jintgħażlu l-valuri minimi tat-tluq biex tkun żgurata gwida biżżejjed biex l-ajruplan ikun jista' jiġi kkontrollat f'każ kemm ta' tluq li ma jtkompliex minħabba ċirkostanzi kuntrarji u ta' tluq issoktat wara li s-sistema tal-qawwa kritika tkun naqset milli taħdem.
- (3) RVR/Viżibilità meħtieġa
- (i) Għall-ajruplani b'iktar minn magna waħda, li l-eżekuzzjoni tagħhom tkun tali li, fil-każ li s-sistema tal-qawwa kritika tonqos milli taħdem fi kwalunkwe punt matul it-tluq, l-ajruplan jew jieqaf jew ikompli bit-tluq sa għoli ta' 1 500 pied 'il fuq mill-ajrudrom waqt li jneħħi l-ostakli permezz tal-marġini meħtieġa, il-valuri minimi tat-tluq stabbiliti mill-operatur għandhom ikunu mfissra bħala valuri ta' RVR/Viżibilità li ma jkunx inqas baxxi minn daww mogħtija fit-Tabella 1 ta' hawn taħt, ħlief kif indikat fil-paragrafu (4) ta' hawn taħt:

Tabella 1

RVR/Viżibilità għat-tluq

RVR/Viżibilità għat-Tluq	
Faċilitajiet	RVR/Viżibilità meħtieġa (Nota 3)
Xejn (Bi nhar biss)	500 m
Id-dawl tat-tarf tar-runway u/jew il-marki tal-linja taċ-ċentru	250/300 m (Noti 1 u 2)
Id-dawl tat-tarf tar-runway u tal-linja taċ-ċentru	200/250 m (Nota 1)
Id-dawl tat-tarf tar-runway u tal-linja taċ-ċentru u informazzjoni multipla dwar l- RVR	150/200 m (Noti 1 u 4)

Nota 1: Il-valuri ogħla japplikaw għall-ajruplani tal-Kategorija D.

Nota 2: Għall-operazzjonijiet ta' bil-lejl, huma meħtieġa mill-inqas id-dawl tat-tarf u tat-tmiem tar-runway.

Nota 3: Il-valur irrappurtat ta' l-RVR/Viżibilità li jkun rappreżentattiv tal-parti inizjali tal-ġirja tat-tluq jista' jinbidel b'evalwazzjoni tal-pilota.

Nota 4: Il-valur ta' l-RVR meħtieġ għandu jinkiseb għall-punti kollha rilevanti tar-rappurtar ta' l-RVR, ħlief għall-eċċezzjoni mogħtija fin-Nota 3 ta' hawn fuq.

- (ii) Għall-ajruplani b'iktar minn magna waħda li l-eżekuzzjoni tagħhom tkun tali li dawn ma jkunx jistgħu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' l-eżekuzzjoni li hemm fis-sub-paragrafu (a)(3)(i) ta' hawn fuq, f'każ li s-sistema tal-qawwa kritika tonqos milli taħdem, jista' jkun hemm il-hteieġa li l-ajruplan jerġa' jinżel mill-ġdid minnufih u li l-pilota jara u jevita l-ostakli li jkun hemm fiż-żona tat-tluq. Dawn l-ajruplani jistgħu jitħaddmu sal-valuri minimi tat-tluq li ġejjin, sakemm dawn ikunu jistgħu jikkonformaw mal-kriterji tat-tneħħija ta' l-ostakli applikabbli, u waqt li wieħed jassumi n-nuqqas ta' funzjonament tal-magna fl-għoli speċifikat. Il-valuri minimi tat-tluq stabbiliti mill-operatur għandhom ikunu bbażati fuq l-għoli li minnu jkun jista' jiġi fformat il-passaġġ tat-tluq nett tat-titjira b'magna waħda wieqfa. Il-valuri minimi ta' l-RVR użati ma jistgħux ikunu iktar baxxi minn daww li jidhru fit-Tabella 1 hawn fuq jew fit-Tabella 2 hawn taħt.

Tabella 2

L-għoli preżunt 'il fuq mir-runway meta magna tieqaf taħdem versus l-RVR/Viżibilità

RVR/Viżibilità għat-Tlugħ	
L-Għoli preżunt 'il fuq mir-runway tat-tlugħ meta magna tieqaf taħdem	RVR/Viżibilità (Nota 2)
< 50 pied	200 m
51-100 pied	300 m
101-150 pied	400 m
151-100 pied	500 m
201-100 pied	1 000 m
> 300 pied	1 500 m (Nota 1)

Nota 1: 1 500 m huwa applikabbli wkoll jekk ma jkun jista' jiġi fformat l-ebda passaġġ pożittiv tat-titjira tat-tlugħ. 1 500 m huwa applikabbli wkoll jekk ma jkun jista' jiġi fformat l-ebda passaġġ pożittiv tat-titjira tat-tlugħ.

Nota 2: Il-valur irrappurtat ta' l-RVR/Viżibilità li jkun rappreżentattiv tal-parti inizjali tal-ġirja tat-tlugħ jista' jinbidel b'evalwazzjoni tal-pilota.

(iii) Meta l-RVR irrappurtata, jew il-viżibilità meteoroloġika ma tkunx disponibbli, il-kaptan m'għandux jagħti bidu għall-proċedura tat-tlugħ sakemm ma jkunx jista' jstabbilixxi li l-kundizzjonijiet attwali jkunu jilhq u l-valuri minimi tat-tlugħ applikabbli.

(4) Eċċezzjonijiet għas-subparagrafu (a)(3)(i) ta' hawn fuq:

(i) Waqt li jkun suġġett għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità, u sakemm ir-rewżiti fil-paragrafi (A) sa (E) hawn taħt ikunu ntlaħqu, l-operatur jista' jnaqqas il-valuri minimi tat-tlugħ sa RVR ta' 125 m (għal ajruplani tal-Kategorija A, B u C) jew sa RVR ta' 150 m (għal ajruplani tal-Kategorija D) meta:

(A) Ikun hemm fis-seħħ Proċeduri ta' Viżibilità Baxxa;

(B) Ikunu qed jitħaddmu dwal ta' intensità għolja fil-linja taċ-ċentru tar-runway, li jkunu mqiegħda f'distanza ta' 15-il m jew inqas, u dwal ta' intensità għolja fit-tarf tar-runway li jkunu mqiegħda f'distanza ta' 60 m jew inqas;

(C) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jkunu temmew b'suċċess taħriġ f' Simulatur tat-Titjira;

(D) Fil-bidu tal-ġirja tat-tlugħ ikun hemm disponibbli segment viżwali ta' 90 m mill-kabina tal-pilota; kif ukoll

(E) Il-valur ta' l-RVR meħtieġ ikun intlaħaq għall-punti rilevanti kollha tar-rappurtar ta' l-RVR.

(ii) Suġġett għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità, operatur ta' ajruplan li juża jew:

(A) Sistema ta' gwida laterali approvata; jew,

(B) HUD/HUDLS approvata għat-tlugħ jista' jnaqqas il-valuri minimi tat-tlugħ għal RVR ta' inqas minn 125 m (għal ajruplani tal-Kategorija A, B u C) jew 150 m (għal ajruplani tal-Kategorija D), iżda mhux inqas minn 75 m, sakemm ikun hemm disponibbli l-ħarsien u l-faċilitajiet tar-runway li jkunu ekwivalenti għall-operazzjonijiet ta' l-inżul tal-Kategorija III.

(b) Operazzjonijiet ta' Avviċinament tal-Kategorija I, ta' l-APV u dawk Mingħajr Preċiżjoni

(1) A. Operazzjoni ta' avviċinament tal-Kategorija I hija avviċinament bi strument ta' preċiżjoni u nżul bl-użu ta' l-ILS, MLS, GLS (GNSS/GBAS) jew PAR b'għoli ta' deċiżjoni li mhux inqas minn 200 pied u b'RVR ta' mhux inqas minn 550 m, għajr jekk dan ikun aċċettat mill-Awtorità.

(2) Operazzjoni ta' Avviċinament Mingħajr Preċiżjoni (NPA) hija avviċinament bi strument bl-użu ta' kwalunkwe mill-faċilitajiet deskritti fit-Tabella 3 (Valuri minimi tas-Sistema), b'MDH jew DH ta' mhux inqas minn 250 pied u b'RVR/CMV ta' mhux inqas minn 750 m, għajr jekk dan ikun aċċettat mill-Awtorità.

- (3) Operazzjoni APV hija avviċinament bi strument li tuża gwida laterali u vertikali, iżda li ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti għall-avviċinament ta' preċiżjoni u operazzjonijiet ta' nżul, b'DH ta' mhux inqas minn 250 pied u medda viżwali tar-runway ta' mhux inqas minn 600 m għajr jekk ikun approvat mill-Awtorità.
- (4) Għoli ta' deċiżjoni (DH). L-operatur għandu jiżgura li l-għoli ta' deċiżjoni li għandu jintuża f'avviċinament ma jkunx inqas minn:
- (i) L-għoli minimu li għalih l-għajjnuna ta' l-avviċinament tista' tintuża mingħajr ir-referenza viżwali meħtieġa; jew
 - (ii) L-OCH għall-kategorija ta' l-ajruplan; jew
 - (iii) L-għoli ta' deċiżjoni tal-proċedura ta' avviċinament ippubblikat, fejn ikun applikabbli; jew
 - (iv) 200 pied għal Operazzjonijiet tal-Kategorija I; jew
 - (v) Il-minimu tas-sistema fit-Tabella 3; jew
 - (vi) L-għoli ta' deċiżjoni l-iktar baxx speċifikat fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan (l-AFM) jew f'dokument ekwivalenti, jekk dan ikun iddikjarat;
- liema minnhom ikun l-ogħla.
- (5) L-Għoli Minimu ta' l-Inżul (l-MDH). Operatur għandu jiżgura li l-għoli minimu ta' l-inżul għal avviċinament ma jkunx iktar baxx minn:
- (i) L-OCH għall-kategorija ta' l-ajruplan; jew
 - (ii) Il-minimu tas-sistema fit-Tabella 3; jew
 - (iii) L-għoli minimu ta' l-inżul speċifikat fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan (l-AFM) jekk ikun iddikjarat;
- liema minnhom ikun l-ogħla.
- (6) Referenza viżwali. Il-pilota ma jistax ikompli l-avviċinament taħt il-valuri ta' l-MDA/MDH sakemm mill-inqas waħda mir-riferenzi viżwali li ġejjin għar-runway maħsub tkun viżibbli b'mod distintiv u tkun tista' tiġi identifikata mill-pilota:
- (i) Elementi tas-sistema tad-dawl ta' l-avviċinament;
 - (ii) Il-limitu;
 - (iii) Il-marki tal-limitu;
 - (iv) Id-dwal tal-limitu;
 - (v) Id-dwal ta' l-identifikazzjoni tal-limitu;
 - (vi) L-indikatur ta' l-inklinazzjoni viżwali ta' l-inżul;
 - (vii) Iż-żona ta' l-illandjar jew il-marki taż-żona ta' l-illandjar;
 - (viii) Id-dwal taż-żona ta' l-illandjar;
 - (ix) Id-dwal tat-tarf tar-runway; jew
 - (x) Ir-riferenzi viżwali l-oħra aċċettati mill-Awtorità.

Tabella 3

Valuri minimi tas-Sistema vs Faċilitajiet

Il-valuri minimi tas-sistema	
Il-faċilità	Il-Valur minimu tad-DH/l-MDH
Lokalizzatur bi jew mingħajr DME	250 pied
SRA (li jintemm f'1/2 NM))	250 pied
SRA (li jintemm f'1 NM)	300 pied
SRA (li jintemm f'2 NM jew iżjed)	350 pied
RNAV/LNAV	300 pied
VOR	300 pied
VOR/DME	250 pied
NDB	350 pied
NDB/DME	300 pied
VDF	350 pied

- (c) Il-kriterji biex jiġi stabbilit l-RVR/il-Viżibilità Meteoroloġika Kkonvertita (Tabella ta' Ref 6)
- (1) Sabiex jikkwalifika għall-valuri l-iktar baxxi ta' l-RVR/CMV li huma permessi u mniżżla fit-Tabella 6 (applikabbli għal kull grupp ta' avviċinament), l-avviċinament bi strument għandu jissodisfa talanqas ir-rekwiżiti tal-faċilitajiet li ġejjin u l-kundizzjonijiet assoċjati:
- (i) Avviċinamenti bi strument bi profil vertikali magħżul sa u nkluż 4.5° għall-ajruplani tal-Kategoriji A u B, jew 3.77° għall-ajruplani tal-Kategoriji C u D, għajr jekk angoli oħra ta' l-avviċinament ikunu approvati mill-Awtorità fejn il-faċilitajiet ikunu:
- (A) ILS/MLS/GLS/PAR; jew
- (B) APV; kif ukoll
- fejn il-mogħdija ta' l-avviċinament finali tkun ikkompensata b'mhux iktar minn 15-il grad għall-ajruplani tal-Kategoriji A u B jew b'mhux iktar minn 5 gradi għall-ajruplani tal-Kategoriji C u D.
- (ii) Avviċinamenti bi strument li jsiru bl-użu tat-teknika CDFA bi profil vertikali nominali sa u nkluż 4.5° għall-ajruplani tal-Kategoriji A u B, jew 3.77° għall-ajruplani tal-Kategoriji C u D, għajr jekk angoli oħra ta' l-avviċinament ikunu approvati mill-Awtorità fejn il-faċilitajiet ikunu NDB, NDB/DME, VOR, VOR/DME, LLZ, LLZ/DME, VDF, SRA jew RNAV/LNAV, b'segment ta' l-avviċinament finali ta' talanqas 3NM, li jissodisfaw ukoll il-kriterji li ġejjin:
- (A) Il-mogħdija ta' l-avviċinament finali tkun ikkompensata b'mhux iktar minn 15-il grad għall-ajruplani tal-Kategoriji A u B jew b'mhux iktar minn 5 gradi għall-ajruplani tal-Kategoriji C u D; kif ukoll
- (B) L-FAF jew stallazzjoni xierqa oħra fejn jibda l-inżul ikun disponibbli, jew tkun disponibbli d-distanza mit-THR mill-FMS/RNAV jew mid-DME; kif ukoll
- (C) Jekk l-MAPt ikun iddeterminat bil-ħin, id-distanza mill-FAF għat-THR tkun ≤ 8 NM.
- (iii) Avviċinamenti bi strument fejn il-faċilitajiet ikunu NDB, NDB/DME, VOR, VOR/DME, LLZ, LLZ/DME, VDF, SRA jew RNAV/LNAV, li ma jissodisfawx il-kriterji fil-paragrafu (c)(1)(ii) ta' hawn fuq, jew b'MDH ta' ≥ 1 200 pied.
- (2) L-avviċinament mhux milħuq, wara li jkun sar avviċinament bl-użu tat-teknika CDFA, għandu jitwettaq meta tintlaħaq l-altezza (l-għoli) ta' deċiżjoni jew l-MAPt, liema minn dawn jiġri l-ewwel. Il-parti laterali tal-proċedura ta' l-avviċinament mhux milħuq għandha ssir permezz ta' l-MAPt għajr jekk fuq il-karta ta' l-avviċinament ikun imsemmi li se jkun differenti minn dan.
- (d) Id-determinazzjoni tal-Valuri Minimi ta' l-RVR/CMV/Viżibilità għall-operazzjonijiet tal-Kategorija I, ta' l-APV u ta' l-Avviċinament Mingħajr Preċiżjoni
- (1) L-RVR/CMV/Viżibilità minimi għandhom ikunu l-ogħla mill-valuri mniżżlin fit-Tabella 5 jew fit-Tabella 6 iżda mhux ogħla mill-valuri massimi mniżżla fit-Tabella 6 fejn dan ikun applikabbli

- (2) Il-valuri fit-Tabella 5 jinkisbu mill-formula ta' hawn taħt.

$$\text{RVR/Viżibilità meħtieġa (m)} = [(DH/MDH \text{ (piedi)} \times 0,3048) / \text{tana}] - \text{tul tad-dwal ta' l-avviċinament (m)}$$

Nota 1: α huwa l-angolu tal-kalkolu, li huwa valur ta' bażi ta' 3,00 gradi li jiżdied fi stadji

- (3) Bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità, il-formula tista' tintuża bin-niżla ta' avviċinament attwali u/jew bit-tul proprju tad-dwal ta' l-avviċinament għal runway partikolari.
- (4) Jekk l-avviċinament isir b'taqsimu fuq il-livell tat-titjira li jkun ta' MDA/H jew iktar, għandhom jiżdiedu 200 metru għall-ajruplani tal-Kat. A u B u 400 metru għall-ajruplani tal-Kat. C u D għall-valur minimu ta' l-RVR/CMV li jirriżulta mill-applikazzjoni tat-Tabelli 5 u 6.

Nota: Il-valur miżjud jikkorrispondi mal-ħin/id-distanza meħtieġa biex ikun stabbilit l-ajruplan fl-inżul finali.

- (5) Jista' jintuża RVR ta' inqas minn 750 metru kif indikat fit-Tabella 5:
- (i) għall-operazzjonijiet ta' avviċinament tal-Kategorija I fuq runways b'FALS (ara hawn taħt), bi Dwal fiż-Żona ta' l-Illandjar fuq ir-Runway (Runway Touchdown Zone Lights — RTZL) u bi Dwal tal-Linja tan-Nofs tar-Runway (Runway Centreline Lights — RCLL) sakemm id-DH ma jkunx ta' iktar minn 200 pied; jew
 - (ii) għall-operazzjonijiet ta' avviċinament tal-Kategorija I fuq runways mingħajr RTZL u RCLL meta tintuża HUDLS approvata, jew sistema ekwivalenti approvata, jew meta jitwettaq avviċinament akkoppjat jew avviċinament mill-flight-director għal DH daqs jew iktar minn 200 pied. L-ILS m'għandux ikun maħruġ bħala faċilità ristretta; jew
 - (iii) għall-operazzjonijiet ta' avviċinament APV fuq runways b'FALS, b'RTZL u b'RCLL meta jintuża HUD approvat.
- (6) L-Awtorità tista' tapprova valuri ta' RVR iktar baxxi minn daww imniżżlin fit-Tabella 5, għal operazzjonijiet ta' HUDLS u ta' nżul awtomatiku skond il-paragrafu (e) ta' dan l-Appendiċi.
- (7) L-għajnuniet viżwali jikkonsistu f'marki standard ta' fuq ir-runway għal matul il-ġurnata u d-dwal ta' l-avviċinament u tar-runway (id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limiti, u d-dwal tat-tmiem tar-runway u f'ċerti każijiet id-dwal taż-żona ta' l-illandjar u/jew tal-linja taċ-ċentru tar-runway). Il-konfigurazzjonijiet tad-dwal ta' l-avviċinament huma kklassifikati u mniżżlin fit-Tabella 4 ta' hawn taħt.
- (8) Minkejja r-rekwiżiti tal-paragrafu (d)(7) hawn fuq, l-awtorità tista' tapprova li l-valuri RVR rilevanti għas-Sistema Bażika tad-Dwal ta' l-Avicinament (il-Basic Approach Lighting System — BALS) jintużaw fuq ir-runways fejn id-dwal ta' l-avviċinament ikunu ristretti fit-tul għal inqas minn 210m minħabba t-terren jew l-ilma, iżda fejn hemm disponibbli talanqas cross-bar wieħed.
- (9) Għall-operazzjonijiet ta' bil-lejl jew għal kwalunkwe operazzjoni fejn ikun meħtieġ kreditu għad-dwal tar-runway u ta' l-avviċinament, id-dwal għandhom ikunu mixgħulin u effiċjenti, ħlief kif imniżżel fit-Tabella 6a.

Tabella 4

Sistemi tad-dwal ta' l-avviċinament

Klassi tal-Faċilità skond l-OPS	Tul, konfigurazzjoni u intensità tad-dwal ta' l-avviċinament
FALS (Sistema tad-Dwal ta' Avviċinament Komplut — Full Approach Light System)	ICAO: Sistema ta' Dwal ta' l-Avicinament ta' Preċiżjoni tal-KAT I (HIALS 720 m \geq) Linja taċ-ċentru skond id-Distanza (Distance Coded Centreline), Linja taċ-ċentru Barrette (Barrette Centreline)
IALS (Sistema tad-Dwal ta' Avviċinament Intermedju — Inter-mediate Approach Light System)	ICAO: Sistema ta' Dawl ta' Avviċinament Sempliċi (Simple Approach Lighting System) (HIALS 420-719 m) Sors Uniku (Single Source), Barrette
BALS (Sistema tad-Dwal ta' Avviċinament Bażiku — Basic Approach Light System)	Kwalunkwe Sistema oħra tad-Dwal ta' l-Avicinament (HIALS, MIALS jew ALS 210-419 m)
NALS (L-ebda Sistema tad-Dwal ta' Avviċinament — No Approach Light System)	Kwalunkwe Sistema oħra tad-Dwal ta' l-Avicinament (HIALS, MIALS jew ALS <210 m) jew l-Ebda Dawl ta' Avviċinament

Tabella 5
RVR/CMV (Ara t-Tabella 11) vs DH/MDH

DH jew MDH			Klassi tal-Faċilità tad-Dawl			
			FALS	IALS	BALS	NALS
			Ara l-paragrafi (d)(5), (d)(6) u (d)(10) dwar l-RVR < 750 m			
Pied			Metri			
200	—	210	550	750	1 000	1 200
211	—	220	550	800	1 000	1 200
221	—	230	550	800	1 000	1 200
231	—	240	550	800	1 000	1 200
241	—	250	550	800	1 000	1 300
251	—	260	600	800	1 100	1 300
261	—	280	600	900	1 100	1 300
281	—	300	650	900	1 200	1 400
301	—	320	700	1 000	1 200	1 400
321	—	340	800	1 100	1 300	1 500
341	—	360	900	1 200	1 400	1 600
361	—	380	1 000	1 300	1 500	1 700
381	—	400	1 100	1 400	1 600	1 800
401	—	420	1 200	1 500	1 700	1 900
421	—	440	1 300	1 600	1 800	2 000
441	—	460	1 400	1 700	1 900	2 100
461	—	480	1 500	1 800	2 000	2 200
481	—	500	1 500	1 800	2 100	2 300
501	—	520	1 600	1 900	2 100	2 400
521	—	540	1 700	2 000	2 200	2 400
541	—	560	1 800	2 100	2 300	2 500
561	—	580	1 900	2 200	2 400	2 600
581	—	600	2 000	2 300	2 500	2 700
601	—	620	2 100	2 400	2 600	2 800
621	—	640	2 200	2 500	2 700	2 900
641	—	660	2 300	2 600	2 800	3 000
661	—	680	2 400	2 700	2 900	3 100
681	—	700	2 500	2 800	3 000	3 200
701	—	720	2 600	2 900	3 100	3 300
721	—	740	2 700	3 000	3 200	3 400
741	—	760	2 700	3 000	3 300	3 500
761	—	800	2 900	3 200	3 400	3 600
801	—	850	3 100	3 400	3 600	3 800
851	—	900	3 300	3 600	3 800	4 000
901	—	950	3 600	3 900	4 100	4 300
951	—	1 000	3 800	4 100	4 300	4 500
1 001	—	1 100	4 100	4 400	4 600	4 900
1 101	—	1 200	4 600	4 900	5 000	5 000
1 201 u iktar			5 000	5 000	5 000	5 000

Tabella 6

Il-Minimu u l-Massimu ta' RVR/Viżibilità Meteoroloġika Kkonvertita applikabbli (Ara t-Tabella 11) għall-avviċinamenti kollha bi strument sal-Valuri Minimi tal-KAT I (limiti ta' waqfien ta' Isfel u ta' Fuq):

Faċilità/Kundizzjonijiet	RVR/CMV (m)	Kategorija ta' l-ajruplan			
		A	B	C	D
ILS, MLS, GLS, PAR u APV	Min.	Skond it-Tabella 5			
	Mass.	1 500	1 500	2 400	2 400
NDB, NDB/DME, VOR, VOR/DME, LLZ, LLZ/DME, VDF, SRA, RNAV/LNAV bi proċedura li tissodisfa l-kriterji tal-paragrafu (c)(1)(ii):	Min.	750	750	750	750
	Mass.	1 500	1 500	2 400	2 400
Għal NDB, NDB/DME, VOR, VOR/DME, LLZ, LLZ/DME, VDF, SRA, RNAV/LNAV: — li ma jissodisfawx il-kriterji tal-paragrafu (c)(1)(ii) ta' hawn fuq, jew — b'DH jew MDH ta' \geq 1 200 pied	Min.	1 000	1 000	1 200	1 200
	Mass.	Skond it-Tabella 5 jekk it-titjira ssir bl-użu tat-teknika CDFA, jew inkella jekk tapplika żieda ta' 200/400 m mal-valuri fit-Tabella 5 iżda li ma tirriżultax f'valur li jaqbeż il-5 000 m.			

Tabella 6a

Tagħmir bil-ħsara jew żgradat — l-effett fuq il-valuri minimi ta' l-inżul:

Tagħmir bil-ħsara jew żgradat (Nota 1)	L-effett fuq il-valuri minimi ta' l-inżul				
	KAT IIIB (Nota 2)	KAT IIIA	KAT II	KAT I	Mingħajr preċiżjoni
Transmitter stand-by ILS	Mhux permess.		L-ebda effett		
Marka ta' Barra	L-ebda effett jekk mibdul b'pożizzjoni ekwivalenti ppubblikata				Mhux applikabbli
Marka tan-Nofs	L-ebda effett				L-ebda effett ħlief jekk ikun użat bħala l-MAPT
Sistema ta' evalwazzjoni ta' l-RVR taż-Żona ta' l-Illandjar	Tista' tiġi mibdula temporanjament b'RVR tan-nofs jekk ikun approvat mill-Istat ta' l-ajrudrom. L-RVR jista' jkun irrappurtat minn osservazzjoni minn persuna			L-ebda effett	
RVR tan-nofs jew stopend	L-ebda effett				
Anemometru għal runway li qed tintuża	L-ebda effett jekk ikun hemm sors ieħor disponibbli fl-art				
Ĉeljomteru (celiometer)	L-ebda effett				
Dwal ta' l-avviċinament	Mhux permessi għall-operazzjonijiet bid-DH > 50 pied	Mhux permess.	Valuri minimi qisu bħal meta m'hemm l-ebda faċilità		
Dwal ta' l-avviċinament ħlief fl-aħħar 210 m	L-ebda effett	Mhux permess.	Valuri minimi qisu bħal meta m'hemm l-ebda faċilità		
Dwal ta' l-avviċinament ħlief fl-aħħar 420 m	L-ebda effett			Valuri minimi bħal dawg għall-faċilitajiet intermedji	

Tagħmir bil-ħsara jew žgradat (Nota 1)	L-effett fuq il-valuri minimi ta' l-inżul				
	KAT IIIB (Nota 2)	KAT IIIA	KAT II	KAT I	Mingħajr preċiż- joni
Qawwa standby għad-dwal ta' l-avviċinament	L-ebda effett				
Sistema tad-dwal tar-runway kollha	Mhux permess.			Bi nhar — Valuri minimi qisu bħal meta m'hemm l-ebda faċilità Bil-lejl — Mhux permess.	
Dwal tat-tarf	Bi nhar biss; Bil-lejl — Mhux permess.				
Dwal tal-linja taċ-ċentru	Bi nhar — RVR ta' 300 m Bil-lejl — Mhux permess.	Bi nhar — RVR ta' 300 m Bil-lejl — 550 m	L-ebda effett		
Spazju ta' bejn id-dwal tal-linja taċ-ċentru miżjud għal 30 m	RVR ta' 150 m	L-ebda effett			
Dwal taż-żona ta' l-illandjar	Bi nhar — RVR ta' 200 m Bil-lejl — 300 m	Bi nhar — RVR ta' 300 m Bil-lejl — 550 m	L-ebda effett		
Qawwa standby għad-dwal tar-runway	Mhux permess.			L-ebda effett	
Sistemi tad-dwal tat-taxiway	L-ebda effett — ħlief dewmien minħabba r-rata mnaqqsa tal-moviment				

Nota 1: Kundizzjonijiet applikabbli għat-Tabella 6a:

- Iktar minn ħsara waħda fid-dwal tar-runway, barra minn kif inhu stabbilit fit-Tabella 6a, m'humiex aċċettabbli.
- Defiċjenzi fid-dwal ta' l-avviċinament u tar-runway jiġu ttrattati separatament.
- Operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III. Kombinazzjoni ta' defiċjenzi tad-dwal tar-runway u tat-tagħmir ta' valutazzjoni ta' l-RVR m'hijiex permessa.
- Ħsarat barra l-ILS jaffettwaw l-RVR biss u mhux id-DH.

Nota 2: Għall-operazzjonijiet tal-KAT IIIB mingħajr DH, operatur għandu jiżgura li, għall-ajruplani awtorizzati li ma jwettqu l-ebda operazzjoni DH bil-limitazzjonijiet ta' l-RVR l-iktar baxxi, japplika dan li ġej flimkien mal-kontenut tat-Tabella 6a:

- RVR. Talanqas valur ta' l-RVR wieħed għandu jkun disponibbli fl-ajrudrom;
- Id-dwal tar-runway
 - L-ebda dawl tat-tarf tar-runway jew dawl taċ-ċentru — Bi nhar — RVR ta' 200 m; Bil-lejl — Mhux permess;
 - L-ebda dawl tat-TDZ — L-ebda restrizzjoni;
 - L-ebda qawwa standby għad-dwal tar-runway — Bi nhar — RVR ta' 200 m; Bil-lejl — Mhux permess

(10) Operazzjonijiet b'pilota wieħed. Għall-operazzjonijiet li jsiru minn pilota wieħed, l-operatur għandu jikkalkula l-RVR/viżibilità minima għall-avviċinamenti kollha skond l-OPS 1.430 u dan l-Appendiċi.

(i) RVR ta' inqas minn 800 metru kif stabbilit fit-Tabella 5 tista' tintuża għall-avviċinamenti tal-Kategorija I sakemm tintuża kwalunkwe minn dawn li ġejjin talanqas sad-DH applikabbli:

(A) awtopilota xieraq flimkien ma' ILS jew MLS, li ma jinħariġx bħala ristrett; jew

(B) HUDLS approvata (inkluż, fejn xieraq, EVS), jew sistema ekwivalenti approvata.

(ii) Fejn ma jkunux disponibbli l-RTZL u/jew l-RCLL, l-RVR/CMV minimu m'għandux ikun inqas minn 600 m.

(iii) RVR ta' inqas minn 800 metru kif indikat fit-Tabella 5 tista' tintuża għall-operazzjonijiet APV fuq runways b'FALS, b'RTZL u b'RCLL meta tkun qed tintuża HUDLS approvata, jew sistema ekwivalenti approvata, jew meta jitwettaq avviċinament akkoppjat għal DH daqs jew iktar minn 250 pied.

(e) Operazzjonijiet iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I

(1) Għoli ta' deċiżjoni.

Għoli ta' deċiżjoni ta' Operazzjoni iktar Baxxa mill-Istandard tal-Kategorija I m'għandux ikun inqas minn:

- (i) L-għoli ta' deċiżjoni minimu speċifikat fl-AFM, jekk ikun iddikjarat; jew
- (ii) L-għoli minimu li għalih l-għajjnuna ta' l-avviċinament ta' preċiżjoni tista' tintuża mingħajr ir-referenza viżwali meħtieġa; jew
- (iii) L-OCH għall-kategorija ta' l-ajruplan; jew
- (iv) L-għoli ta' deċiżjoni li għalih l-ekwipaġġ tat-titjira jkun awtorizzat li jopera; jew
- (v) 200 pied

liema minnhom ikun l-ogħla.

(2) Tip ta' faċilità.

ILS/MLS li taqbel ma' operazzjoni iktar Baxxa mill-Istandard tal-Kategorija I għandha tkun faċilità mhux ristretta f'direzzjoni f'linja dritta (differenza ta' $\leq 3^\circ$) u l-ILS għandha tkun iċċertifikata għal:

- (i) Klassi I/T/1 għall-operazzjonijiet sa minimu ta' 450 m RVR; jew
- (ii) Klassi II/D/2 għall-operazzjonijiet sa inqas minn 450 m RVR.

Faċilitajiet ILS Uniċi huma aċċettati biss jekk tkun ipprovduta l-eżekuzzjoni tal-Livell 2.

(3) L-RVR/CMV meħtieġa.

L-iktar valuri minimi baxxi li għandhom jintużaw mill-operatur għall-operazzjonijiet iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I huma mniżżlin fit-Tabella 6b ta' hawn taħt:

Tabella 6b

RVR/CMV minimi iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I vs Sistema ta' Dwal ta' l-Avviċinament

Valuri minimi iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I						
DH (piedi)			Klassi tal-Faċilità tad-Dawl			
			FALS	IALS	BALS	NALS
			RVR/CMV (Metri)			
200	—	210	400	500	600	750
211	—	220	450	550	650	800
221	—	230	500	600	700	900
231	—	240	500	650	750	1 000
241	—	249	550	700	800	1 100

Nota 1: L-għajjnuna viżwali tikkonsisti f'marki standard ta' fuq ir-runway għal matul il-ġurnata, id-dwal ta' l-avviċinament, id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limiti, id-dwal tat-tmiementar-runway u, għall-operazzjonijiet ta' inqas minn 450m, għandha tinkludi d-dwal taż-żona ta' l-illandjar u/jew tal-linja taċ-ċentru tar-runway

- (4) Referenza Viżwali. Il-pilota m'għandux ikompli avviċinament taħt l-għoli ta' deċiżjoni, sakemm ma tkunx inkisbet u ma tkun tista' tinżamm ir-referenza viżwali li jkollha segment ta' mill-inqas 3 dwal konsekuttivi li jkunu jew il-linja taċ-ċentru tad-dwal ta' l-avviċinament, jew id-dwal taż-żona ta' l-illandjar, jew id-dwal tal-linja taċ-ċentru tar-runway, jew id-dwal tat-tarf tar-runway, jew kombinazzjoni ta' dawn. Din ir-referenza viżwali għandha tinkludi element laterali tal-ġeometrija ta' l-art, jiġifieri crossbar tad-dwal ta' l-avviċinament jew il-limitu ta' l-inżul jew barrette tad-dwal taż-żona ta' l-illandjar sakemm l-operazzjoni titwettaq bl-użu ta' HUDLS approvata li tkun tista' tintuża sa talanqas 150 pied.

(5) Approvazzjoni.

Biex jitwettqu operazzjonijiet iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I.

- (i) L-avviċinament għandu jsir awto-akkoppjat ma' nżul awtomatiku; jew għandha tintuża HUDLS approvata sa talanqas 150 pied 'il fuq mil-limitu.
- (ii) L-ajruplan għandu jkun iċċertifikat skond is-CS-AWO biex iwettaq operazzjonijiet tal-Kategorija II;
- (iii) Is-sistema ta' nżul awtomatiku għandha tkun approvata għall-operazzjonijiet tal-Kategorija IIIA;
- (iv) Ir-rekwiżiti tal-prova tas-servizz fit-titjira għandhom ikunu tlestew skond il-paragrafu (h) ta' l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.440;
- (v) It-taħriġ imniżżel fil-paragrafu (h) ta' l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.450 għandu jitlesta u għandu jinkludi t-taħriġ u l-kontroll fis-Simulatur tat-Titjira bl-użu ta' l-għajnuniet xierqa ta' l-art u dawk viżwali fl-RVR l-iktar baxxa;
- (vi) L-operatur għandu jiżgura li l-proċeduri f'Viżibilità Baxxa jkunu stabbiliti u jaħdmu fl-ajrudrom maħsub ta' l-inżul; kif ukoll
- (vii) L-operatur għandu jkun approvat mill-Awtorità.

(f) Avviċinament ta' Preċiżjoni — Operazzjonijiet tal-Kategorija II u dawk barra l-Istandard tal-Kategorija II

(1) Ġenerali.

- (i) Operazzjoni tal-Kategorija II hija avviċinament bi strument ta' preċiżjoni u nżul bl-użu ta' ILS jew MLS b':
 - (A) Għoli ta' deċiżjoni taħt il-200 pied iżda mhux inqas minn 100 pied; kif ukoll
 - (B) Medda viżwali tar-runway ta' mhux inqas minn 300 m.
- (ii) Operazzjoni barra l-Istandard tal-Kategorija II hija avviċinament bi strument ta' preċiżjoni u nżul bl-użu ta' ILS jew MLS li tissodisfa r-rekwiżiti tal-faċilità kif stabbilit fil-paragrafu (iii) ta' hawn taħt b':
 - (A) Għoli ta' deċiżjoni taħt il-200 pied iżda mhux inqas minn 100 pied; (Ara t-Tabella 7b ta' hawn taħt) u
 - (B) Medda viżwali tar-runway ta' mhux inqas minn 350/400 m. (Ara t-Tabella 7b ta' hawn taħt)
- (iii) L-ILS/l-MLS li taqbel ma' operazzjoni barra l-Istandard tal-Kategorija II għandha tkun faċilità mhux ristretta f'direzzjoni f'linja dritta (differenza ta' $\leq 3^\circ$) u l-ILS għandha tkun iċċertifikata għal:
 - (A) Klassi I/T/1 għall-operazzjonijiet sa 450 m RVR u sa DH ta' 200 pied jew iktar; jew,
 - (B) Klassi II/D/2 għall-operazzjonijiet f'RVRs ta' inqas minn 450 m jew sa DH ta' inqas minn 200 pied.

Faċilitajiet ILS Uniċi huma aċċettati biss jekk tkun ipprovduta l-eżekuzzjoni tal-Livell 2.

(2) Għoli ta' deċiżjoni. Operatur għandu jiżgura li l-għoli ta' deċiżjoni għal:

- (i) Operazzjonijiet barra l-Istandard tal-Kategorija II u dawk tal-Kategorija II ma jkunx inqas minn:
 - (A) L-għoli minimu ta' deċiżjoni speċifikat fl-AFM, jekk ikun iddikjarat; jew
 - (B) L-għoli minimu li għalih l-għajnuna ta' l-avviċinament ta' preċiżjoni tista' tintuża mingħajr ir-referenza viżwali meħtieġa; jew
 - (C) L-OCH għall-kategorija ta' l-ajruplan; jew
 - (D) L-għoli ta' deċiżjoni li għalih l-ekwipaġġ tat-titjira jkun awtorizzat li jopera; jew
 - (E) 100 pied

liema minnhom ikun l-ogħla.

- (3) Referenza Viżwali. Il-pilota ma jistax ikompli avviċinament taħt jew l-għoli ta' deċiżjoni tal-Kategorija II jew l-għoli ta' deċiżjoni ta' barra l-Istandard tal-Kategorija II stabbilit skond is-subparagrafu (d)(2) ta' hawn fuq, sakemm ma tkunx inkisbet u ma tkunx tista' tinżamm ir-referenza viżwali li jkollha segment ta' mill-inqas 3 dwal konsekuttivi li jkunu jew il-linja taċ-ċentru tad-dwal ta' l-avviċinament, jew id-dwal taż-żona ta' l-illandjar, jew id-dwal tal-linja taċ-ċentru tar-runway, jew id-dwal tat-tarf tar-runway, jew kombinazzjoni ta' dawn. Din ir-referenza viżwali għandha tinkludi element laterali tal-ġeometrija ta' l-art, jiġifieri crossbar tad-dwal ta' l-avviċinament jew il-limitu ta' l-inżul jew barrette tad-dwal taż-żona ta' l-illandjar sakemm l-operazzjoni titwettag bl-użu ta' HUDLS li tkun approvata għall-illandjar.
- (4) (i) L-RVR meħtieġa. L-iktar valuri minimi baxxi li għandhom jintużaw mill-operatur għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II huma:

Tabella 7a

RVR għall-Operazzjonijiet tal-Kat II vs DH

Valuri minimi tal-Kategorija II		
DH (piedi)	HUDLS awto-akkoppjata/Approvata sa inqas mid-DH (Nota 1a)	
	RVR Ajruplan tal-Kategorija A, B u C	RVR Ajruplan tal-Kategorija D
100-120	300 m	300/350 m (Nota 2a)
121-140	400 m	400 m
141 u oġhla	450 m	450 m

Nota 1a: Ir-referenza 'awto-akkoppjata sa taħt id-DH/HUDLS Approvata' f'din it-tabella tfisser l-użu ssoġġat tas-sistema ta' kontroll awtomatiku tat-titjira jew l-HUDLS sa għoli ta' 8 % tad-DH. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' l-adeġwatezza għat-titjir jistgħu, permezz ta' l-għoli minimu ta' l-ingaġġ għas-sistema ta' kontroll awtomatiku tat-titjira, jaffettwaw id-DH li għandu jkun applikat.

Nota 2a: 300 m jistgħu jintużaw għal ajruplan tal-Kategorija D li jwettaq inżul awtomatiku.

- (ii) L-RVR meħtieġa. L-iktar valuri minimi baxxi li għandhom jintużaw mill-operatur għall-operazzjonijiet barra l-Istandard tal-Kategorija II huma:

Tabella 7b

Minimu ta' l-RVR barra l-Istandard tal-Kategorija II vs Sistema tad-Dwal ta' l-Avviċinament

Valuri Minimi Barra l-Istandard tal-Kategorija II					
DH (piedi)	Inżul awtomatiku jew HUDLS Approvata użati fl-illandjar				
	Klassi tal-Faċilità tad-Dawl				
	FALS	IALS	BALS	NALS	
	Ara l-paragrafi (d)(5), (d)(6) u (d)(10) dwar l-RVR < 750m				
	KAT A-C	KAT D	KAT A-D	KAT A-D	KAT A-D
RVR Metri					
100-120	350	400	450	600	700
121-140	400	450	500	600	700
141-160	450	500	500	600	750
161-199	450	500	550	650	750

Nota: L-għajnuniet viżwali meħtieġa biex jitwettqu l-Operazzjonijiet barra l-Istandard tal-Kategorija II jikkonsistu f'marki standard ta' fuq ir-runway għal matul il-ġurnata u d-dwal ta' l-avviċinament u tar-runway (id-dwal tat-tarf tar-runway, id-dwal tal-limiti, id-dwal tat-tmiem tar-runway). Għall-operazzjonijiet f'RVR ta' 400 m jew inqas, għandhom ikunu disponibbli dwal tal-linja taċ-ċentru. Il-konfigurazzjonijiet tad-dwal ta' l-avviċinament huma kklassifikati u mnizzżli fit-Tabella 4 ta' hawn fuq.

- (iii) Biex iwettaq operazzjonijiet barra l-Istandard tal-Kategorija II, l-operatur għandu jiżgura li l-proċeduri xierqa f'Viżibilità Baxxa jkunu stabbiliti u jaħdmu fl-ajrudrom maħsub ta' l-inżul.

(g) Avviċinament ta' preċiżjoni — Operazzjonijiet tal-Kategorija III

(1) Ġenerali. L-operazzjonijiet tal-Kategorija III jinqasmu kif ġej:

- (i) Operazzjonijiet tal-Kategorija III A. Avviċinament bi strument ta' preċiżjoni u nżul bl-użu ta' ILS jew MLS b':

(A) Għoli ta' deċiżjoni ta' inqas minn 100 pied; kif ukoll

(B) Medda viżwali tar-runway ta' mhux inqas minn 200 m.

- (ii) Operazzjonijiet tal-Kategorija III B. Avviċinament bi strument ta' preċiżjoni u nżul bl-użu ta' ILS jew MLS b':

(A) Għoli ta' deċiżjoni ta' inqas minn 100 pied, jew bla ebda għoli ta' deċiżjoni; kif ukoll

(B) Medda viżwali tar-runway ta' inqas minn 200 m iżda mhux inqas minn 75 m.

Nota: Fejn l-għoli ta' deċiżjoni (id-DH) u l-medda viżwali tar-runway (l-RVR) ma jaqgħux fl-istess Kategorija, l-RVR għandha tid-determina ma' liema Kategorija għandha titqies l-operazzjoni.

(2) Għoli ta' deċiżjoni. Għall-operazzjonijiet li fihom jintuża għoli ta' deċiżjoni, l-operatur għandu jiżgura li l-għoli ta' deċiżjoni ma jkunx inqas minn:

- (i) L-għoli minimu ta' deċiżjoni speċifikat fl-AFM, jekk ikun iddikjarat; jew

- (ii) L-għoli minimu li għalih l-ghajjnuna ta' l-avviċinament ta' preċiżjoni tista' tintuża mingħajr ir-referenza viżwali meħtieġa; jew

- (iii) L-għoli ta' deċiżjoni li għalih l-ekwipaġġ tat-titjira jkun awtorizzat li jopera.

(3) Operazzjonijiet bla ebda Għoli ta' Deċiżjoni. Operazzjonijiet bla ebda għoli ta' deċiżjoni jistgħu jitwettqu biss jekk:

- (i) L-operazzjoni bla ebda għoli ta' deċiżjoni tkun awtorizzata fl-AFM; kif ukoll

- (ii) L-ghajjnuna ta' l-avviċinament u l-faċilitajiet ta' l-ajrudrom jistgħu jappoġġjaw operazzjonijiet bla ebda għoli ta' deċiżjoni; kif ukoll

- (iii) L-operatur ikollu approvazzjoni għall-operazzjonijiet tal-Kategorija III bla ebda għoli ta' deċiżjoni.

Nota: Fil-każ ta' runway tal-KAT III wieħed jista' jassumi li l-operazzjonijiet bla ebda għoli ta' deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu appoġġjati sakemm ma jkunux speċifikament ristretti kif ippubblikat fl-AIP jew fin-NOTAM.

(4) Referenza Viżwali

- (i) Għall-operazzjonijiet tal-Kategorija IIIA, u għall-operazzjonijiet tal-Kategorija IIIB li jitwettqu b'sistemi ta' kontroll tat-titjira fail-passive, jew bl-użu ta' HUDLS approvata, il-pilota ma jistax jissokta l-avviċinament taħt l-għoli ta' deċiżjoni stabbilit skond is-sub-paragrafu (g)(2) ta' hawn fuq, sakemm ma tkunx inkisbet u ma tkunx tista' tinżamm referenza viżwali li jkollha segment ta' mill-inqas 3 dwal konsekuttivi, li jkunu jew il-linja taċ-ċentru tad-dwal ta' l-avviċinament, jew id-dwal taż-żona ta' l-illandjar, jew id-dwal tal-linja taċ-ċentru tar-runway, jew id-dwal tat-tarf tar-runway, jew inkella kombinazzjoni ta' dawn.

- (ii) Għall-operazzjonijiet tal-Kategorija IIIB li jitwettqu jew b'sistemi ta' kontroll tat-titjira fail-operational jew b'sistema ibrida ta' nżul fail-operational (li tkun fiha, per eż. HUDLS), li jużaw għoli ta' deċiżjoni, il-pilota ma jistax jissokta avviċinament taħt l-Għoli ta' Deċiżjonistabbilit skond is-sub-paragrafu (e)(2) ta' hawn fuq, sakemm ma tkunx inkisbet u ma tkunx tista' tinżamm referenza viżwali li jkollha mill-inqas dawl wieħed tal-linja taċ-ċentru.

(5) L-RVR meħtieġa. L-iktar valuri minimi baxxi li għandhom jintużaw mill-operatur għall-operazzjonijiet tal-Kategorija III huma:

Tabella 8

RVR għall-Operazzjonijiet tal-Kat III vs DH u sistema ta' kontroll/gwida roll-out

Valuri minimi tal-Kategorija III			
Kategorija	Għoli ta' deċiżjoni (piedi) (Nota 2)	Sistema ta' kontroll/gwida roll-out	RVR (m.)
IIIA	Inqas minn 100 pied	Mhux meħtieġa	200 m
IIIB	Inqas minn 100 pied	Fail-passive	150 m (Nota 1)
IIIB	Inqas minn 50 pied	Fail-passive	125 m
IIIB	Inqas minn 50 pied jew L-ebda Għoli ta' Deċiżjoni.	Fail-operational (Nota 3)	75 m

Nota 1: Għall-ajruplani ċertifikati skond is-CS-AWO 321(b)(3) jew ekwivalenti.

Nota 2: Iż-żejjed tas-sistema tal-kontroll tat-titjira jkun stabbilit taħt is-CS-AWO permezz ta' l-għoli minimu ta' deċiżjoni ċertifikat.

Nota 3: Is-sistema fail-operational imsemmija jista' jkun fiha sistema ibrida fail-operational.

(h) Sistemi ta' Viżjoni Mtejba (Enhanced Vision Systems)

(1) Pilota li juża sistema ta' viżjoni mtejba ċertifikata għall-finijiet ta' dan il-paragrafu u wżata skond il-proċeduri u l-limiti tal-manwal approvat tat-titjira, jista':

(i) Ikompli avviċinament iktar baxx mid-DH jew l-MDH sa 100 pied 'il fuq mill-altezza ta' limitu tar-runway dejjem jekk talanqas waħda mir-referenzi viżwali li ġejjin tkun tidher u tkun tista' tiġi identifikata fuq is-sistema ta' viżjoni mtejba:

(A) Elementi tad-dwal ta' l-avviċinament; jew

(B) Il-limitu tar-runway, identifikat b'talanqas wieħed minn dawn li ġejjin: il-bidu tal-wiċċ tar-runway użat għall-inżul, id-dwal tal-limiti, id-dwal ta' l-identifikazzjoni tal-limiti; u ż-żona ta' l-illandjar, identifikata b'talanqas wieħed minn dawn li ġejjin: il-wiċċ taż-żona ta' l-illandjar tar-runway użat għall-inżul, id-dwal u l-marki taż-żona ta' l-illandjar jew id-dwal tar-runway.

(ii) Inaqas l-RVR/is-CMV ikkalkulat għall-avviċinament mill-valur tal-kolonna 1 tat-Tabella 9 ta' hawn taħt għall-valur tal-kolonna 2:

Tabella 9

Avviċinament bl-użu tat-Tnaqqis ta' l-EVS RVR/CMV vs RVR/CMV Normali

RVR/CMV meħtieġ normalment	RVR/CMV għall-avviċinament bl-użu ta' l-EVS
550	350
600	400
650	450
700	450
750	500
800	550
900	600
1 000	650
1 100	750
1 200	800
1 300	900
1 400	900
1 500	1 000
1 600	1 100
1 700	1 100

RVR/CMV meħtieġ normalment	RVR/CMV għall-avviċinament bl-użu ta' l-EVS
1 800	1 200
1 900	1 300
2 000	1 300
2 100	1 400
2 200	1 500
2 300	1 500
2 400	1 600
2 500	1 700
2 600	1 700
2 700	1 800
2 800	1 900
2 900	1 900
3 000	2 000
3 100	2 000
3 200	2 100
3 300	2 200
3 400	2 200
3 500	2 300
3 600	2 400
3 700	2 400
3 800	2 500
3 900	2 600
4 000	2 600
4 100	2 700
4 200	2 800
4 300	2 800
4 400	2 900
4 500	3 000
4 600	3 000
4 700	3 100
4 800	3 200
4 900	3 200
5 000	3 300

- (2) Il-paragrafu (h)(1) ta' hawn fuq jista' jintuża biss għall-Operazzjonijiet ILS, MLS, PAR, GLS u APV b'DH ta' mhux inqas minn 200 pied jew avviċinament li jsir bl-użu ta' gwida tal-mogħdija tat-titjira vertikali approvata għal MDH jew DH ta' mhux inqas minn 250 pied.
- (3) Il-pilota ma jstax ikompli l-avviċinament taħt il-100 pied 'il fuq mil-limitu ta' l-altezza fuq ir-runway għar-runway maħsub, sakemm mill-inqas waħda mir-riferenzi viżwali li ġejjin tkun viżibbli b'mod distintiv u tkun tista' tiġi identifikata mill-pilota mingħajr ma jkollu jiddependi fuq is-sistema ta' viżjoni mtejbja:
- (A) Id-dwal jew il-marki tal-limitu; jew
- (B) Id-dwal jew il-marki taż-żona ta' l-illandjar.
- (i) [imħollija vojta intenzjonalment]
- (j) Dawran
- (1) L-Għoli Minimu ta' l-Inżul (l-MDH). L-MDH għad-dawran għandu jkun l-ogħla minn:
- (i) L-OCH/l-OCL tad-dawran ippubblikat għall-kategorija ta' l-ajruplan; jew

- (ii) L-għoli minimu tad-dawran imniżżel fit-Tabella 10 ta' hawn taħt; jew
- (iii) Id-DH/l-MDH tal-proċedura ta' avvċinament bi strument ta' qablu.
- (2) L-Altezza Minima ta' l-Inżul (il-Minimum Descent Altitude — l-MDA). L-MDA għad-dawran għandha tkun ikkalkulata billi tiżdied l-altezza ppubblikata ta' l-ajrudrom ma' l-MDH, kif stabbilit f'(1) hawn fuq.
- (3) Viżibilità. Il-viżibilità minima għad-dawran għandha tkun l-oġhla minn:
 - (i) Il-viżibilità tad-dawran għall-kategorija ta' l-ajruplan, jekk tkun ippubblikata; jew
 - (ii) Il-viżibilità minima mniżżla fit-Tabella 10 ta' hawn taħt; jew
 - (iii) L-RVR/is-CMV imniżżlin fit-Tabelli 5 u 6 għall-proċedura ta' avvċinament bi strument ta' qabilha.
- (4) Minkejja r-rekwiżiti fis-subparagrafu (3) ta' hawn fuq, l-Awtorità tista' toffri eżenzjoni lill-operatur mir-rekwiżit taż-żieda fil-viżibilità ta' iktar minn dik imniżżla fit-Tabella 10.
- (5) L-eżenzjonijiet kif imniżżlin fil-paragrafu (4) għandhom ikunu llimitati għall-postijiet fejn ikun hemm interess ċar mill-pubbliku għaż-żamma ta' l-operazzjonijiet attwali. L-eżenzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-esperjenza ta' l-operatur, il-programm ta' taħriġ u l-kwalifiki ta' l-ekwipaġġ tat-tijira. L-eżenzjonijiet għandhom jiġu riveduti kull tant żmien.

Tabella 10

Il-viżibilità Minima u l-MDH għad-dawran vs. il-kategorija ta' l-ajruplan

	Il-kategorija ta' l-ajruplan			
	A	B	C	D
L-MDH (pedi)	400	500	600	700
Il-viżibilità meteoroloġika minima (m)	1 500	1 600	2 400	3 600

- (2) Fit-tifsira ta' dan il-paragrafu, id-dawran b'rotot preskritti hija proċedura aċċettata.
- (k) Avvċinament Viżwali. L-operatur m'għandux juża RVR ta' inqas minn 800 m għall-avvċinament viżwali.
- (l) Konverżjoni tal-Viżibilità Meteoroloġika Rrappurtata għall-RVR/is-CMV.
 - (1) L-operatur għandu jiżgura li l-viżibilità meteoroloġika għall-konverżjoni ta' l-RVR/is-CMV ma tintużax għat-tluq, għall-kalkolu ta' kwalunkwe valur minimu ta' l-RVR ta' inqas minn 800 m, jew meta l-RVR irrappurtata tkun disponibbli.

Nota: Jekk jiġi rrappurtat li l-RVR tkun iktar mill-valur massimu valutat mill-operatur ta' l-ajrudrom, per eż. 'RVR ta' iktar minn 1 500 metru', din ma titqiesx bħala valur irrappurtat għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

- (2) Meta jikkonverti l-viżibilità meteoroloġika għall-RVR fiċ-ċirkustanzi l-oħra kollha għajr dawk imsemmija fis-subparagrafu (l)(1) ta' hawn fuq, l-operatur għandu jiżgura li tintuża t-Tabella li ġejja:

Tabella 11

Il-konverżjoni tal-Viżibilità Meteoroloġika għall-RVR/is-CMV

Elementi ta' dwal fl-operazzjoni	RVR/CMV = Viżibilità Met. Rrappurtata ×	
	Bi nhar	Bil-lejl
Id-dwal ta' l-avvċinament u tar-runway HI	1,5	2,0
Kwalunkwe tip ta' sistema tad-dwal għajr dik imsemmija hawn fuq	1,0	1,5
L-ebda dawl	1,0	Mhux applikabbli

Appendiċi 2 għall-OPS 1.430 (c)

Il-Kategoriji ta' l-Ajruplan — l-operazzjonijiet kollha tat-temp

(a) Klassifikazzjoni ta' ajruplani

Il-kriterji meqjusa għall-klassifikazzjoni ta' l-ajruplan skond il-kategoriji huwa l-veloċità ta' l-ajru indikata fil-limitu (VAT) li tkun ugwali għall-veloċità ta' meta l-magna tiegħi taħdem (VSO) immultiplikata b'1,3 jew il-VS1G immultiplikata b'1,23 fil-konfigurazzjoni ta' l-illandjar bl-ogħla massa awtorizzata ta' l-illandjar. Ekk kemm il-VSO u l-VS1G ikunu disponibbli, għandha tintuża l-ogħla VAT li tirriżulta. Il-kategoriji ta' l-ajruplan li jikkorrispondu għall-valuri tal-VAT qed jidhru fit-Tabella t'hawn taħt:

Kategorija ta' l-ajruplan	VAT
A	Inqas minn 91 kt
B	Minn 91 sa 120 kt
C	Minn 121 sa 140 kt
D	Minn 141 sa 165 kt
E	Minn 166 sa 210 kt

Il-konfigurazzjoni ta' l-illandjar li għandha titqies għandha tkun definita mill-operatur jew mill-manifattur ta' l-ajruplan.

(b) Bidla permanenti fil-kategorija (l-ogħla massa ta' l-illandjar)

- (1) L-opertaur għandu jimponi massa ta' l-illandjar permanenti u aktar baxxa, u juża din il-massa biex tiġi stabbilita l-VAT jekk tkun approvata mill-Awtorità.
- (2) Il-kategorija definita għal ajruplan partikolari għandha tkun valur permanenti u għalhekk indipendenti mill-kundizzjonijiet li jinbidlu ta' l-operazzjonijiet ta' kuljum.

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.440

Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — ir-Regoli Operattivi Ġenerali

- (a) Ġenerali. Il-proċeduri li ġejjin japplikaw għall-introduzzjoni u l-approvazzjoni ta' l-operazzjonijiet f'viżibilità baxxa.
- (b) Dimostrazzjoni Operattiva. L-għan tad-dimostrazzjoni operattiva huwa li jkunu stabbiliti jew invalidati l-użu u l-effettività tas-sistemi applikabbli ta' gwida tat-titjira ta' l-inġenju ta' l-ajru, inkluż dawk ta' l-HUDLS jekk inhu xieraq, tat-taħriġ, tal-proċeduri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, tal-programm ta' manutenzjoni, u tal-manwali applikabbli għall-programm tal-Kategorija II/III li qed jiġi approvat.
- (1) Mill-inqas 30 avviċinament u nżul għandhom ikunu twettqu f'operazzjonijiet bl-użu tas-sistemi tal-Kategorija II/III li jkunu ġew installati f'kull tip ta' inġenju ta' l-ajru jekk id-DH mitluba tkun 50 pied jew aktar. Jekk id-DH tkun inqas minn 50 pied, ikun meħtieġ li jintlaħqu mill-inqas 100 avviċinament u nżul sakemm ma jkunx approvat mod ieħor mill-Awtorità.
- (2) Jekk l-operatur ikollu varjanti differenti ta' l-istess tip ta' inġenju ta' l-ajru li tuża l-istess sistemi bażiċi ta' kontroll tat-titjira u ta' display, jew sistemi bażiċi differenti ta' kontroll tat-titjira u ta' display fl-istess tip ta' inġenju ta' l-ajru, l-operatur għandu juri li d-diversi varjanti għandhom eżekuzzjoni sodisfaċenti, iżda l-operatur ma jkollux għalfejn iwettaq dimostrazzjoni operattiva sħiħa għal kull varjant. L-Awtorità tista' taċċetta wkoll tnaqqis fin-numru ta' avviċinamenti u nżul li jiġi bbażat fuq kreditu mogħti għall-esperjenza miksuba minn operatur ieħor b'AOC maħruġ skond l-OPS 1 li juża l-istess tip ta' ajruplan jew varjant u proċeduri.
- (3) Jekk in-numru ta' avviċinamenti mingħajr suċċess ikunu iżjed minn 5 % tat-total (eż. inżul mhux sodisfaċenti, qtagħ fis-sistema), il-programm ta' evalwazzjoni għandu jiġi estiż fi stadji ta' mill-inqas 10 avviċinamenti u nżul sakemm ir-rata tan-nuqqas ġenerali ma tkunx iżjed minn 5 %.
- (c) Il-Ġbir ta' Data Għal Dimostrazzjonijiet Operattivi. Kull applikant għandu jiżviluppa metodu ta' għbir ta' data (eż. formula li għandha tintuża mill-ekwipaġġ tat-titjira) biex tiġi reġistrata l-eżekuzzjoni ta' l-avviċinament u ta' l-inżul. Id-data li tirriżulta u s-sommarju tad-data tad-dimostrazzjoni għandha tkun disponibbli għall-Awtorità għall-evalwazzjoni.
- (d) Analiżi tad-Data. Avviċinament u/jew inżul awomatiku mhux sodisfaċenti għandhom ikunu ddokumentati u analizzati.
- (e) Monitoraġġ Kontinwu
- (1) Wara li tkun inkisbet l-awtorizzazzjoni inizjali, l-operazzjonijiet għandhom ikunu monitorati kontinwament mill-operatur biex jidentifika kwalunkwe xejriet mhux mixtieqa qabel ma dawn isiru perikolużi. Ir-rapporti ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jistgħu jintużaw biex jinkiseb dan.
- (2) L-informazzjoni li ġejja għandha tinżamm għal perjodu ta' 12-il xahar:
- (i) In-numru totali ta' avviċinamenti, skond it-tip ta' ajruplan, fejn it-tagħmir ta' l-ajru tal-Kategorija II jew III jkun intuża biex isiru avviċinamenti sodisfaċenti, attwali jew ta' prattika, għall-valuri minimi applikabbli tal-Kategorija II jew III; kif ukoll
- (ii) Ir-rapporti dwar avviċinamenti u/jew inżul awtomatiku mhux sodisfaċenti, skond l-ajrudrom u r-reġistrazzjoni ta' l-ajruplan, fil-kategoriji li ġejjin:
- (A) Ħsarat fit-tagħmir ta' l-ajru;
- (B) Diffikultajiet fil-faċilità ta' fuq l-art;
- (C) Avviċinamenti mhux milħuqa minħabba struzzjonijiet ta' l-ATC; jew
- (D) Raġunijiet oħrajn.
- (3) L-operatur għandu jstabbilixxi proċedura biex jissorvelja l-eżekuzzjoni tas-sistema ta' l-inżul awtomatiku jew ta' l-HUDLS għall-eżekuzzjoni ta' l-illandjar, ta' kull ajruplan, kif xieraq.

- (f) Perjodi tranżizzjonali
- (1) Operaturi mingħajr esperjenza minn qabel fil-Kategorija II jew III
- (i) Operatur li ma jkollux esperjenza operattiva minn qabel fil-Kategorija II jew III jista' jiġi approvat għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II jew IIIA fil-każ, fejn ikun kiseb esperjenza minima ta' 6 xhur f'operazzjonijiet tal-Kategorija I fuq dak it-tip ta' ajruplan.
- (ii) Meta jkun temm is-6 xhur ta' operazzjonijiet tal-Kategorija II jew IIIA fuq dak it-tip ta' ajruplan, l-operatur jista' jiġi approvat għall-operazzjonijiet tal-Kategorija IIIB. Meta tingħata din l-approvazzjoni, l-Awtorità tista' timponi valuri minimi ogħla minn dawk l-akar baxxi li jkunu japplikaw għal perjodu addizzjonali. Iż-żjieda fil-valuri minimi normalment tirreferi biss għal RVR u/jew għal restrizzjoni kontra l-operazzjonijiet bla għoli ta' deċizzjoni u għandhom jintgħażlu b'tali mod li dawn ma jkunu jeħtieġu l-ebda bidla fil-proċeduri operattivi.
- (2) (i) Operaturi mingħajr esperjenza minn qabel fil-Kategorija II jew III Operatur li jkollu esperjenza minn qabel fil-Kategorija II jew III jista' jikseb awtorizzazzjoni għal perjodu ta' transizzjoni mnaqqas billi jibgħat applikazzjoni lill-Awtorità.
- (ii) Operatur awtorizzat għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III li juża proċeduri ta' avviċinament awto-akkoppjat, bi jew mingħajr inżul awtomatiku, u li jkompli billi jibda juża operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III għal titjiriet manwali bl-użu ta' l-HUDLS, għandu jitqies bħala 'Operatur ġdid tal-Kategorija II/III' għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet għall-perjodu dimostrattiv.
- (g) Il-manutenzjoni tat-tagħmir tal-Kategorija II, tal-Kategorija III u ta' l-LVTO. L-istruzzjonijiet tal-manutenzjoni għas-sistemi ta' gwida abbord għandhom ikunu stabbiliti mill-operatur, flimkien mal-manifattur, u għandhom ikunu inklużi fil-programm ta' manutenzjoni ta' l-ajruplan ta' l-operatur li huwa preskritt fil-Parti M, paragrafu M.A.302, li għandu jkun approvat mill-Awtorità.
- (h) Ajrudromi u Runways eliġibbli
- (1) Kull kombinazzjoni tat-tip ta' ajruplan/runway għandha tkun ivverifikati billi jintemm b'suċċess mill-inqas avviċinament u nżul wieħed f'kundizzjonijiet tal-Kategorija II jew aħjar, qabel ma jingħata bidu għall-operazzjonijiet tal-Kategorija III.
- (2) Għal runways li jkollhom terren ta' qabel il-limitu irregolari jew defiċjenzi oħra previsti jew magħrufa, kull kombinazzjoni tat-tip ta' ajruplan/runway trid tiġi vverifikata b'operazzjonijiet fil-f'kundizzjonijiet standard tal-Kategorija I jew aħjar, qabel ma jingħata bidu għall-operazzjonijiet iktar baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I, operazzjonijiet tal-Kategorija II jew dawk barra l-Istandard tal-Kategorija II jew III.
- (3) Jekk l-operatur ikollu varjanti differenti ta' l-istess tip ta' ajruplan, f'konformità mas-subparagrafu 4 ta' hawn taħt, li jużaw l-istess sistemi bażiċi tal-kontroll tat-titjira u tad-display, jew sistemi bażiċi differenti tal-kontroll tat-titjira u tad-display fl-istess tip ta' ajruplan, f'konformità mas-subparagrafu 4 ta' hawn taħt, l-operatur għandu juri li l-varjanti għandhom eżekuzzjoni operattiva sodisfaċenti, iżda l-operatur ma jkollux għalfejn iwettaq dimostrazzjoni operattiva sħiħa għal kull kombinazzjoni ta' varjant/runway.
- (4) Għall-finijiet tal-paragrafu (h), tip ta' ajruplan jew varjant ta' tip ta' ajruplan jitqies li hu ta' l-istess tip jew varjant ta' ajruplan jekk dak it-tip jew varjant għandu l-istess elementi ta' hawn taħt jew elementi simili għalihom:
- (i) Livell tat-teknoloġija, inkluż:
- (A) L-FGS u d-displays u l-kontrolli assoċjati;
- (B) L-FMS u l-livell ta' l-integrazzjoni ma' l-FGS;
- (C) L-użu ta' l-HUDLS.
- (ii) Il-proċeduri operattivi, inkluż:
- (A) L-għoli ta' l-allarm;
- (B) L-inżul manwali/awtomatiku;
- (C) L-ebda operazzjoni fl-għoli tad-deċizzjoni;
- (D) L-użu ta' l-HUD/l-HUDLS f'operazzjonijiet ibridi.

- (iii) Il-karatteristiċi ta' l-immaniġġjar, inkluż:
- (A) L-inżul manwali minn avvċinament awtomatiku jew iggwidat mill-HUDLS;
 - (B) Id-dawran manwali minn avvċinament awtomatiku;
 - (C) Ir-roll out awtomatiku/manwali.
- (5) L-operaturi li jużaw l-istess tip/klassi ta' ajruplan jew varjant ta' tip f'konformità mal-paragrafu 4 ta' hawn fuq jistgħu jkksbu kreditu mill-esperjenza u mir-reġistri ta' xulxin billi jkunu konformi ma' dan il-paragrafu.
- (6) Operaturi li jwettqu l-operazzjonijiet barra l-Istandard tal-Kategorija II għandhom ikunu konformi ma' l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.440 — Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — Regoli Operattivi Ġenerali applikabbli għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II.
-

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.450

Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — Tahrìg u Kwalifiki

(a) Ġenerali: Operatur għandu jiżgura li l-programmi ta' tahrìg tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira għal Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa jinkludu korsijiet strutturati għal min jaħdem fuq l-art, dwar is-simulatur tat-Titjira u/jew tahrìg għal min jaħdem fl-ajru. L-operatur jista' jqassar il-kontenut tal-kors kif preskritt fis-subparagrafi (2) u (3) ta' hawn taħt, sakemm il-kontenut tal-kors imqassar ikun aċċettabbli għall-awtorità.

(1) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira bla ebda esperjenza fil-Kategorija II jew fil-Kategorija III għandhom itemmu l-programm shìh tat-tahrìg preskritt fis-subparagrafi (b), (c) u (d) ta' hawn taħt.

(2) Membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira b'esperjenza tal-Kategorija II jew III b'operazzjonijiet ta' tip simili (operazzjonijiet awto-akkoppjati/ta' nżul awtomatiku, ta' l-HUDLS/Hybrid HUDLS jew ta' l-EVS) jew tal-Kategorija II b'inżul manwali jekk dan ikun xieraq għal operatur Komunitarju ieħor, jistgħu jieħdu sehem f:

(i) Kors ta' tahrìg imqassar għal min jaħdem fl-ajruport jekk ikunu qed jaħdmu f'tip/klassi differenti minn dak li minnu jkunu kisbu l-esperjenza tal-Kategorija II jew III;

(ii) Kors ta' tahrìg imqassar għal min jaħdem fl-ajruport, dwar is-Simulatur tat-Titjira u/jew għal fuq it-titjira jekk ikunu qed jaħdmu fl-istess tip/klassi u f'varjant ta' l-istess tip jew klassi li minnu jkunu kisbu l-esperjenza tal-Kategorija II jew III. Il-kors imqassar għandu jinkudi mill-inqas ir-rekwiżiti tas-sub-paragrafi (d)(1), (d)(2)(i) jew (d)(2)(ii) kif xieraq u (d)(3)(i). Bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità, l-operatur jista' jnaqqas in-numru ta' avviċinamenti/ta' nżul meħtieġa mis-subparagrafu (d)(2)(i) jekk it-tip/klassi jew il-varjant tat-tip jew il-klassi jkollu l-istess elementi ta' hawn taħt jew elementi simili għalihom:

(A) Livell ta' teknoloġija — Sistema ta' kontroll/ta' gwida tat-titjira (FGS); kif ukoll

(B) Proċeduri Operattivi;

(C) Karatteristiċi ta' l-Immaniġjar (Ara l-paragrafu 4 ta' hawn taħt);

bħat-tip jew il-klassi użat qabel, inkella jrid jiġi sodisfatt b'mod komplut ir-rekwiżit ta' (d)(2)(i).

(D) L-użu ta' l-HUDLS/tal-Hybrid HUDLS;

(E) L-użu ta' l-EVS.

(3) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira b'esperjenza fil-Kategorija II jew III ma' l-operatur jistgħu jsegwu kors imqassar ta' tahrìg għal min jaħdem fl-ajruport, dwar is-simulatur tat-titjira u/jew għal fuq it-titjira.

Il-kors imqassar meta jitbiddel:

(i) It-tip/il-klassi ta' l-ajruplan għandu jinkudi mill-inqas ir-rekwiżiti tas-subparagrafi (d)(1), (d)(2)(i) jew (d)(2)(ii) kif xieraq u (d)(3)(i);

(ii) Għal varjant ieħor ta' ajruplan fl-istess grad ta' tip jew klassi li jkollu l-istess elementi ta' hawn taħt jew elementi simili għalihom:

(A) Livell ta' teknoloġija — sistema ta' kontroll/ta' gwida tat-titjira (FGS); kif ukoll

(B) Proċeduri operattivi — l-integrità;

(C) Karatteristiċi ta' l-Immaniġjar (Ara l-paragrafu 4 ta' hawn taħt);

(D) L-użu ta' l-HUDLS/tal-Hybrid HUDLS;

(E) L-użu ta' l-EVS

bħat-tip jew il-klassi użat qabel, b'hekk kors jew familjarizzazzjoni dwar id-differenzi li jkun xieraq għall-bidla tal-varjant jissodisfa r-rekwiżiti tal-kors imqassar.

- (iii) Għal varjant ieħor ta' ajruplan fl-istess grad ta' tip jew klassi li jkollu element li ġej differenti b'mod sinifikanti:
- (A) Livell ta' teknoloġija — sistema ta' kontroll/ta' gwida tat-titjira (FGS); kif ukoll
 - (B) Proċeduri operattivi — l-integrità;
 - (C) Karatteristiċi ta' l-Immaniġjar (Ara l-paragrafu 4 ta' hawn taħt);
 - (D) L-użu ta' l-HUDLS/tal-Hybrid HUDLS;
 - (E) L-użu ta' l-EVS
- b'hekk għandhom jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tas-subparagrafi (d)(1), (d)(2)(i) jew (d)(2)(ii) kif xieraq u (d)(3)(i). Bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità, l-operatur jista' jnaqqas in-numru ta' avviċinamenti/ta' nżul meħtieġa mis-subparagrafu (d)(2)(i).
- (4) Meta jwettaq operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III b'varjant(i) differenti ta' ajruplani fl-istess grad ta' tip jew klassi, operatur għandu jiżgura li d-differenzi u/jew similaritajiet ta' l-ajruplani kkonċernati jiġġustifikaw dawn l-operazzjonijiet filwaqt li jqis mill-inqas dan li ġej:
- (i) il-livell tat-teknoloġija, inkluż:
 - (A) l-FGS u d-displays u l-kontrolli assoċjati;
 - (B) Is-Sistema ta' Ġestjoni tat-Titjira u l-integrazzjoni tagħha jew le ma' l-FGS;
 - (C) L-użu ta' l-HUD/l-HUDLS ma' sistemi ibridi u/jew l-EVS.
 - (ii) Il-proċeduri operattivi, inkluż:
 - (A) Fail-passive/fail-operational, l-għoli ta' l-allarm;
 - (B) L-inżul manwali/awtomatiku;
 - (C) L-ebda operazzjoni fl-għoli tad-deċiżjoni;
 - (D) L-użu ta' l-HUD/l-HUDLS ma' sistemi ibridi.
 - (iii) Il-karatteristiċi ta' l-immaniġġjar, inkluż:
 - (A) L-inżul manwali minn avviċinament awtomatiku HUDLS u/jew iggwidat mill-EVS;
 - (B) Id-dawran manwali minn avviċinament awtomatiku;
 - (C) Ir-roll out awtomatiku/manwali.
- (b) Taħriġ ta' fuq l-art. L-operatur għandu jiżgura li l-kors inizjali tat-taħriġ fuq l-art għall-Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa jkun ikopri mill-inqas:
- (1) Il-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet ta' l-ILS u/jew ta' l-MLS;
 - (2) Il-karatteristiċi ta' l-għajnuniet viżwali;
 - (3) Il-karatteristiċi taċ-ċpar;
 - (4) Il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet operattivi tas-sistema partikolari li taħdem waqt li tkun fl-ajru biex tkun inkluża s-simboloġija ta' l-HUD u l-karatteristiċi ta' l-EVS kif xieraq;
 - (5) L-effetti ta' preċipitazzjoni, tat-ktattir tas-silġ, windshear ta' livell baxx u tat-turbulenza;
 - (6) L-effett ta' hssarat ta' funzjonament speċifiċi fl-ajruplan/fis-sistema;

- (7) L-użu u l-limitazzjonijiet tas-sistemi ta' l-evalwazzjoni RVR;
 - (8) Il-prinċipji tar-reqwiziti tat-tneħħija ta' ostakli;
 - (9) L-għarfien u l-azzjoni li tkun trid tittieħed fil-każ ta' nuqqas ta' tagħmir ta' fuq l-art;
 - (10) Il-proċeduri u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu segwiti b'rabta mal-moviment tal-wiċċ matul operazzjonijiet meta l-RVR tkun 400 m jew inqas u kwalunkwe proċeduri addizzjonali meħtieġa għat-tluġ f'kundizzjonijiet ta' inqas minn 150 m (200 m għall-ajruplan tal-Kategorija D);
 - (11) Is-sinifikat ta' l-għoli ta' deċiżjoni bbażat fuq altimetri bir-radjo u l-effett tal-profil tat-terren fiż-żona ta' l-avviċinament fuq qari meħud b'altimetru bir-radjo u fuq sistemi ta' avviċinament/inżul awtomatiku;
 - (12) L-importanza u s-sinifikat ta' l-Għoli ta' Allarm, jekk applikabbli, u l-azzjoni fil-każ ta' nuqqas li jista' jseħħ 'il fuq u taħt l-Għoli ta' Allarm;
 - (13) Ir-reqwiziti ta' kwalifika għall-piloti biex jiksbu u jżommu l-approvazzjoni biex iwettqu Tluq f'Viżibilità Baxxa u operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III; kif ukoll
 - (14) L-importanza tal-pożizzjoni bilqiegħda u ta' l-għajnejn korretta.
- (c) It-Taħriġ b'Simulatur tat-Titjira u/jew it-taħriġ fl-ajru
- (1) L-operatur għandu jiżgura li t-taħriġ bis-Simulatur tat-Titjira u/jew it-taħriġ fl-ajru għall-operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa jkun jinkludi:
 - (i) Kontrolli dwar it-tħaddim tajjeb tat-tagħmir, kemm fuq l-art u anke waqt it-tijira;
 - (ii) L-effett fuq il-valuri minimi kkawżat bil-bidliet fl-istat ta' l-installazzjonijiet fuq l-art;
 - (iii) Monitoraġġ ta':
 - (A) Sistemi awtomatiċi tal-kontroll tat-titjira u ta' l-annunzjaturi ta' l-istat ta' l-inżul awtomatiku b'enfasi fuq l-azzjoni li trid tittieħed fil-każ li dawn is-sistemi jonqsu milli jaħdmu; kif ukoll
 - (B) L-istat ta' gwida ta' l-HUD/HUDLS/EVS u ta' l-annunzjaturi kif xieraq, għall-inklużjoni tal-Head Down Displays.
 - (iv) L-azzjonijiet li jridu jittieħdu fil-każ li jkun hemm nuqqas ta' funzjonament fil-magni, fis-sistemi ta' l-elettriku, fis-sistemi ta' l-idrawlika jew tal-kontroll tat-titjira;
 - (v) L-effett ta' l-inefficienzi magħrufa u l-użu tal-listi tat-tagħmir minimu;
 - (vi) Il-limitazzjonijiet operattivi li jkunu ġejjin miċ-ċertifikazzjoni ta' adegwatezza għat-titjira;
 - (vii) Il-gwida fuq l-informazzjoni viżwali meħtieġa fl-għoli ta' deċiżjoni flimkien ma' l-informazzjoni fuq id-devjazzjoni massima awtorizzata mill-glidepath jew il-lokalizzatur; kif ukoll
 - (viii) L-importanza u s-sinifikat ta' l-Għoli ta' Allarm, jekk applikabbli, u l-azzjoni fil-każ ta' nuqqas li jista' jseħħ 'il fuq u taħt l-Għoli ta' Allarm;
 - (2) L-operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira ikun imħarreġ biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu/tagħha kif ukoll li jkun ingħata struzzjonijiet fuq il-koordinazzjoni meħtieġa ma' membri oħra ta' l-ekwipaġġ. Għandu jsir użu sħiħ mis-simulaturi tat-titjira.
 - (3) It-taħriġ għandu jinqasam f'fażijiet li jkopru l-operazzjoni normali bla ebda nuqqas ta' funzjonament fl-ajruplan jew fit-tagħmir, iżda fejn ikunu inklużi l-kundizzjonijiet kollha tat-temp li wieħed jista' jiltaqa' magħhom kif ukoll ix-xenarji dettaljati tan-nuqqas ta' funzjonament fl-ajruplan jew fit-tagħmir tiegħu li jista' jaffettwa l-operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III. Jekk is-sistema ta' l-ajruplan tinvolvi l-użu ta' sistemi ibridi jew ta' sistemi oħrajn speċjali (bħalma huma l-HUD/l-HUDLS jew it-tagħmir ta' viżjoni mtejbja), il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jkollhom jipprattikaw l-użu ta' dawn is-sistemi f'kundizzjonijiet normali u mhux normali matul il-fażi tat-taħriġ li tinvolvi s-Simulatur tat-Titjira.

- (4) Il-proċeduri ta' l-inabbilità xierqa għat-Tluq f'Viżibilità Baxxa u għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II u III għandhom ikunu prattikati.
- (5) Għall-ajruplani bla Simulatur tat-Titjira disponibbli biex jirrappreżenta 'l dak l-ajruplan speċifiku, l-operaturi għandhom jiżguraw li l-fażi tat-taħriġ tat-titjira li tkun speċifika għax-xenarji viżwali ta' l-operazzjonijiet tal-Kategorija II issir f'Simulatur tat-Titjira approvat speċifikament. Dan it-taħriġ għandu jinkludi mill-inqas 4 avviċinamenti. It-taħriġ u l-proċeduri li jkunu speċifiċi għat-tip għandhom jiġu prattikati fl-ajruplan.
- (6) It-taħriġ inizjali tal-Kategoriji II u III għandu jinkludi mill-inqas l-eżerċizzji li ġejjin:
- (i) Avviċinament bl-użu tal-gwida tat-titjira, ta' l-awtopiloti u tas-sistemi ta' kontroll xierqa installati fl-ajruplan, sa l-għoli ta' deċiżjoni xierqa u biex jinkludi transizzjoni għat-titjira viżwali u l-inżul;
 - (ii) Avviċinament bil-magni kollha jaħdmu fejn jintużaw is-sistemi tal-gwida tat-titjira, l-awtopiloti u s-sistemi HUDLS u/jew EVS u s-sistemi tal-kontroll xierqa installati fl-ajruplan sa l-għoli ta' deċiżjoni xierqa segwit minn avviċinament mhux milħuq; kollha mingħajr referenza viżwali ta' barra;
 - (iii) Fejn ikun xierqa, l-avviċinamenti li jużaw is-sistemi tat-titjira awtomatika biex jipprovdu flares, inżul u roll-out awtomatiku; kif ukoll
 - (iv) It-tħaddim normali tas-sistema applikabbli bi u mingħajr ma tinkiseb informazzjoni viżwali fl-għoli ta' deċiżjoni.
- (7) Il-fażijiet ta' wara tat-taħriġ għandhom jinkludu mill-inqas:
- (i) Avviċinamenti bi ħsarat fil-magna f'diversi stadji fuq l-avviċinament;
 - (ii) Avviċinamenti bi ħsarat kritiċi fit-tagħmir (eż. fis-sistemi ta' l-elettriku, fis-sistemi tat-titjira awtomatika, fis-sistemi ILS/MLS ta' fuq l-art u/jew ta' l-ajru u l-iskrins li juru l-istat);
 - (iii) Avviċinamenti fejn ħsarat fit-tagħmir tat-titjira awtomatika u/jew HUD/HUDLS/EVS f'livell baxx ikunu jeħtieġu jew:
 - (A) Riverżjoni għat-titjira manwali biex ikunu kkontrollati s-sinjali, l-inżul u r-roll out jew l-avviċinament mhux milħuq; jew
 - (B) Riverżjoni għat-titjira manwali jew għal mod awtomatiku żgradat biex ikunu kkontrollati avviċinamenti mhux milħuqa minn, taħt jew fl-għoli ta' deċiżjoni inklużi dawk li jistgħu jwasslu għal illandjar fuq ir-runway;
 - (iv) Ħsarat fis-sistemi li jwasslu f'lokalizzatur eċċessiv u/jew devjazzjoni mill-inklinazzjoni ta' l-inżul, kemm 'il fuq u taħt l-għoli ta' deċiżjoni, fil-kundizzjonijiet viżwali minimi awtorizzati għall-operazzjoni. Barra minn hekk, il-kontinwazzjoni għall-inżul manwali għandha tkun prattikata jekk display fil-livell ta' l-għajnejn jkun jiffirma mod żgradat tas-sistema awtomatika jew jekk display fil-livell ta' l-għajnejn jkun jiffirma l-uniku mod ta' sinjal; kif ukoll
 - (v) Ħsarat u proċeduri speċifiċi għat-tip jew varjant ta' ajruplan.
- (8) Il-programm ta' taħriġ għandu jipprovdi prattika fl-immaniġġjar ta' ħsarat li jeħtieġu riverżjoni għall-valuri minimi ogħla.
- (9) Il-programm ta' taħriġ għandu jinkludi l-immaniġġjar ta' l-ajruplan meta, matul avviċinament fail passive tal-Kategorija III, il-ħsara twassal biex l-awtopilota jitlef il-kuntatt taħt jew fl-għoli ta' deċiżjoni meta l-aħħar RVR rapportata tkun 300 m jew inqas.
- (10) Meta t-tluq isir f'RVRs ta' 400 m jew inqas, għandu jkun stabbilit taħriġ biex ikopri ħsarat fis-sistemi u fil-magni li jwasslu għat-tluq li jitkompla jew ikun rifjutattluq.
- (11) Il-programm ta' taħriġ għandu jinkludi, fejn xierqa, avviċinamenti fejn ħsarat fit-tagħmir ta' l-HUDLS u/jew ta' l-EVS f'livell baxx ikunu jeħtieġu jew:
- (i) Riverżjoni għal head down displays biex ikun ikkontrollat avviċinament mhux milħuq; jew
 - (ii) Riverżjoni għat-titjira bi Gwida HUDLS żgradat jew mhux eżistenti biex ikunu kkontrollati avviċinamenti mhux milħuqa mill-għoli ta' deċiżjoni jew minn taħtu, inklużi dawk li jistgħu jwasslu għal illandjar fuq ir-runway.

- (12) Operatur għandu jiżgura li meta jwettaq Tluq f'Viżibilità Baxxa, operazzjonijiet iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I, dawk barra l-Istandard tal-Kategorija II, u dawk tal-Kategoriji II u III bl-użu ta' HUD/HUDLS jew Hybrid HUD/HUDLS jew EVS, il-programm tat-taħriġ u tal-kontroll jinkludi, fejn xieraq, l-użu ta' l-HUD/l-HUDLS f'operazzjonijiet normali matul il-fażijiet kollha tat-titjira.
- (d) Ir-Rekwiżiti għat-Taħriġ tal-Konverżjoni biex isiru operazzjonijiet ta' Tluq f'Viżibilità Baxxa, Operazzjonijiet iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I, dawk barra l-Istandard tal-Kategorija II, dawk ta' Avviċinament bl-użu ta' l-EVS u Operazzjonijiet tal-Kategoriji II u III. L-operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jkun temm it-taħriġ li ġej dwar il-Proċeduri f'Viżibilità Baxxa jekk ikun se jsir tibdil għal tip/klassi jew varjant ġdid ta' ajruplan li fih ikunu se jsiru Operazzjonijiet ta' Tluq f'Viżibilità Baxxa, operazzjonijiet iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I, dawk barra l-Istandard tal-Kategorija II, avviċinament bl-użu ta' l-EVS b'RVR ta' 800 m jew inqas u operazzjonijiet tal-Kategoriji II u III. Ir-rekwiżiti ta' l-esperjenza tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira biex iwettaq kors imqassar huma preskritti fis-subparagrafi (a)(2), (a)(3) u (a)(4) ta' hawn fuq:
- (1) Taħriġ ta' fuq l-art. Ir-rekwiżiti xierqa preskritti fis-sub-paragrafu (b) hawn fuq, waqt li jitqiesu t-taħriġ u l-esperjenza f'Kategorija II u tal-Kategorija III tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira.
- (2) It-Taħriġ b'Simulatur tat-Titjira u/jew it-taħriġ fl-ajru
- (i) Minimu ta' 6 (8 għall-HUDLS bi jew mingħajr l-EVS) avviċinamenti u/jew inżul f'Simulatur tat-Titjira. Ir-rekwiżiti għal 8 avviċinamenti ta' l-HUDLS jstgħu jonqsu għal 6 meta jitwettqu operazzjonijiet Ibridi ta' l-HUDLS. Ara s-subparagrafu (4)(i) ta' hawn taħt.
- (ii) Fejn ma jkunx hemm disponibbli simulatur tat-Titjira biex jirrappreżenta 'l dak l-ajruplan speċifiku, ikunu meħtieġa mill-inqas 3 (5 għall-HUDLS u/jew l-EVS) avviċinamenti inkluż mill-inqas dawran wieħed ta' l-ajruplan. Għal operazzjonijiet Ibridi ta' l-HUDLS minimu ta' 3 avviċinamenti hu meħtieġ, inkluż talanqas dawran wieħed.
- (iii) Taħriġ addizzjonali xieraq jekk ikun meħtieġ kwalunkwe tagħmir speċjali, bħalma huma displays fil-livell ta' l-għajnejn jew tagħmir ta' viżjoni mtejba. Meta jitwettqu operazzjonijiet ta' avviċinament li jużaw l-EVS b'RVR ta' inqas minn 800 m, huwa meħtieġ minimu ta' 5 avviċinamenti, inkluż talanqas dawran wieħed ta' l-ajruplan.
- (3) Il-kwalifika ta' l-ekwipaġġ tat-titjira Il-Kwalifika ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira ir-rekwiżiti tal-kwalifika ta' l-ekwipaġġ tat-titjira huma speċifiċi għall-operatur u t-tip ta' ajruplan li jitħaddem.
- (i) L-operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira ikun temm kontroll qabel ma jwettaq operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III.
- (ii) Il-kontroll preskritt fis-subparagrafu (i) ta' hawn fuq jista' jinbidel bit-tkomplija b'suċċess tat-taħriġ tas-Simulatur tat-Titjira u/jew ta' l-ajru preskritt fis-subparagrafu (d)(2) ta' hawn fuq.
- (4) It-Tajran flinja taħt Sorveljanza. L-operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jkun għamel it-titjir flinja taħt sorveljanza (il-LIFUS) li ġej:
- (i) Għall-Kategorija II meta jkun meħtieġ inżul manwali jew avviċinament HUDLS għall-illandjar, minimu ta':
- (A) 3 inżul mill-waqfa tal-konnessjoni ta' l-awtopilota;
- (B) 4 inżul bl-użu ta' l-HUDLS għall-illandjar;
- ħlief li nżul manwali wieħed biss (2 bl-użu ta' l-HUDLS għall-illandjar) ikun meħtieġ meta t-taħriġ meħtieġ fis-subparagrafu (d)(2) ta' hawn fuq ikun twettaq f'Simulatur tat-Titjira li jikkwalifika għall-konverżjoni tal-ħin tat-titjira żero.
- (ii) Għall-Kategorija III, minimu ta' 2 inżul awtomatiċi (auto lands) ħlief li:
- (A) Inżul awtomatiku wieħed biss ikun meħtieġ meta t-taħriġ meħtieġ fis-subparagrafu (d)(2) ta' hawn fuq ikun twettaq f'Simulatur tat-Titjira li jikkwalifika għall-konverżjoni tal-ħin tat-titjira żero;
- (B) L-ebda nżul awtomatiku ma jkun meħtieġ matul il-LIFUS meta t-taħriġ meħtieġ fis-subparagrafu (d)(2) ta' hawn fuq ikun twettaq f'Simulatur tat-Titjira li jikkwalifika għall-konverżjoni tal-ħin tat-titjira żero (iż-ZFT) u l-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jkun temm b'suċċess kors ta' konverżjoni dwar l-iggradar tat-tip taż-ZFT.

- (C) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, li jkun imħarreġ u kkwalifikat skond il-paragrafu (B) ta' hawn fuq, huwa kkwalifikat jopera matul it-tweġġ tal-LIFUS għad-DA(H) u l-RVR l-iktar baxxi approvati kif stipulat fil-Manwal tat-Tħaddim.
- (iii) Għall-avviċinamenti tal-Kategorija III li jużaw l-HUDLS għall-illandjar, minimu ta' 4 avviċinamenti.
- (e) It-tip u l-esperjenza tal-kmand.
- (1) Qabel ma jinbdew operazzjonijiet tal-Kategorija II, ir-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin ikunu applikabbli għall-kaptani, jew il-piloti li f'idejhom jista' jkun ġie fdat it-tweġġ tat-titjira u li jkunu għadhom ġodda għat-tip/il-klassi ta' l-ajruplan:
- (i) 50 siegħa jew 20 settur fuq it-tip, inkluż it-titjir flinja taħt sorveljanza; kif ukoll
- (ii) Għandhom jiżiedu 100 m mal-valuri minimi applikabbli ta' l-RVR tal-Kategorija II meta l-operazzjoni tkun teħtieġ inżul manwali tal-Kategorija II jew l-użu ta' l-HUDLS għall-illandjar sakemm:
- (A) ikun inkiseb total ta' 100 siegħa jew 40 settur, inkluż il-LIFUS, fuq it-tip; jew
- (B) ikun inkiseb total ta' 50 siegħa jew 20 settur, inkluż il-LIFUS, fuq it-tip, f'każijiet fejn il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jkun ikkwalifikat minn qabel għall-operazzjonijiet ta' l-inżul manwali tal-Kategorija II ma' operatur Komunitarju;
- (C) Għall-operazzjonijiet HUDLS, dejjem għandhom ikun applikabbli r-rekwiżiti tas-settur imniżżlin fil-paragrafi (e)(1) u (e)(2)(i); is-siġhat fuq it-tip/il-klassi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti.
- (2) Qabel ma jinbdew operazzjonijiet tal-Kategorija III, ir-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin ikunu applikabbli għall-kaptani, jew il-piloti li f'idejhom jista' jkun ġie fdat it-tweġġ tat-titjira u li jkunu għadhom ġodda għat-tip ta' l-ajruplan:
- (i) 50 siegħa jew 20 settur fuq it-tip, inkluż it-titjir flinja taħt sorveljanza; kif ukoll
- (ii) Għandhom jiżiedu 100 m mal-valuri minimi applikabbli ta' l-RVR tal-Kategorija II jew tal-Kategorija III dejjem jekk dan ma jkunx ikkwalifikat minn qabel għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III ma' operatur Komunitarju, sakemm ikun inkiseb total ta' 100 siegħa jew 40 settur, inkluż it-titjir flinja taħt sorveljanza, fuq it-tip.
- (3) L-Awtorità tista' tawtorizza tnaqqis fir-rekwiżiti ta' l-esperjenza tal-kmand msemmija hawn fuq għal daww il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkollhom esperjenza ta' kmand tal-Kategorija II jew tal-Kategorija III.
- (f) Tluq f'Viżibilità Baxxa b'RVR ta' inqas minn 150/200 m
- (1) L-operatur għandu jiżgura li qabel l-awtorizzazzjoni biex jingħata bidu għat-tluq f'RVRs ta' inqas minn 150 m (taħt il-200 m għall-ajruplani tal-Kategorija D) ikun sar it-taħriġ li ġej:
- (i) Tluq normali f'kundizzjonijiet ta' RVR minima awtorizzata;
- (ii) Tluq f'kundizzjonijiet ta' RVR awtorizzata minima bi ħsara fil-magna bejn V1 u V2, jew hekk kif ikunu jip-permettu l-konsiderazzjonijiet tas-siġurtà; kif ukoll
- (iii) Tluq f'kundizzjonijiet ta' RVR minima awtorizzata bi ħsara fil-magna qabel V1 li twassal għal tluq rifjutat.
- (2) L-operatur għandu jiżgura li t-taħriġ meħtieġ skond is-subparagrafu (1) ta' hawn fuq ikun sar f'Simulatur tat-Titjira. Dan it-taħriġ għandu jinkludi l-użu ta' kwalunkwe proċeduri u taġħmir speċjali. Fejn ma jkunx hemm disponibbli simulatur tat-Titjira biex jirrappreżenta dak l-ajruplan speċifiku, l-Awtorità tista' tapprova taħriġ simili f'ajruplan mingħajr ir-rekwiżit għall-kundizzjonijiet minimi ta' l-RVR. (Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.965.)
- (3) L-operatur għandu jiżgura li membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jkun temm kontroll qabel ma jwettaq tluq f'viżibilità baxxa f'RVRs ta' inqas minn 150 m (ta' inqas minn 200 m għall-ajruplani tal-Kategorija D) jekk ikun applikabbli. Il-kontroll ikun jista' jinbidel biss bit-tkomplija b'suċċess tat-taħriġ f'Simulatur tat-Titjira u/jew ta' l-ajru preskritt fis-subparagrafu (f)(1) dwar il-konverżjoni għal tip ta' ajruplan.

(g) It-Taħriġ u l-Kontroll Perjodiku — Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa

- (1) L-operatur għandu jiżgura li, flimkien mat-taħriġ rikorrenti normali u l-kontrolli tal-proficijenza ta' l-operatur, l-għarfien u l-kapaċità tal-pilota biex iwettaq il-ħidmiet assoċjati mal-kategorija partikolari ta' operazzjoni, li għalihom hu/hi jkun/tkun awtorizzat/a jkunu kkontrollati. In-numru meħtieġ ta' avviciamenti li għandhom isiru fis-Simulatur tat-Titjira fil-perjodu ta' validità tal-kontroll tal-proficijenza ta' l-operaturi (kif preskritt fl-OPS 1.965 (b)) għandu jkun minimu ta' 2, (4 meta jintużaw l-HUDLS u/jew l-EVS għall-illandjar) li wieħed minnhom għandu jkun inżul fl-RVR l-iktar baxx approvat; barra minn hekk, wieħed (2 għall-HUDLS u/jew operazzjonijiet li jużaw l-EVS) minn dawn l-avviciamenti jista' jinbidel f'avviċinament u nżul fl-ajruplan bl-użu ta' proċeduri approvati tal-Kategoriji II u III. Avviċinament wieħed mhux milħuq għandu jittajjar matul it-twertiq tal-kontroll tal-proficijenza ta' l-operaturi. Jekk l-operatur ikun awtorizzat biex iwettaq tluq b'RVR ta' inqas minn 150/200 m, mill-inqas LVTO wieħed għall-valuri minimi applikabbli għandu jittajjar matul it-twertiq tal-kontroll tal-proficijenza ta' l-operaturi.
- (2) Għall-operazzjonijiet tal-Kategorija III l-operatur għandu juża Simulatur tat-Titjira.
- (3) Operatur għandu jiżgura li, għall-operazzjonijiet tal-Kategorija III fuq ajruplani b'sistema ta' kontroll tat-titjira fail passive, inkluż l-HUDLS, avviċinament mhux milħuq għandu jintemm mill-inqas darba fil-perjodu ta' tliet kontrolli konsekuttivi tal-proficijenza ta' l-operatur bħala riżultat tal-ħsara fl-awtopilota fl-għoli tad-deċiżjoni jew taħtu meta l-aħħar RVR irrappurtata kienet ta' 300 m jew inqas.
- (4) L-Awtorità tista' tawtorizza taħriġ u kontroll perjodiku għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II u LVTO f'tip ta' ajruplan fejn ma jkun hemm disponibbli l-eċċellenza Simulatur tat-Titjira biex jirrappreżenta dak l-ajruplan speċifiku jew alternattiva aċċettabbli.

Nota: Id-data reċenti għal-LTVO u għall-Kategorija II/III ibbażata fuq avviciamenti awtomatiċi u/jew inżul awtomatiku għandha tinżamm mit-taħriġ u l-kontroll perjodiku kif preskritt f'dan il-paragrafu.

(h) Rekwiżiti Addizzjonali ta' Taħriġ għall-Operaturi li jwettqu Operazzjonijiet iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I, l-Avviciamenti li jużaw l-EVS u Operazzjonijiet barra l-Istandard tal-Kategorija II.

- (1) Operaturi li jwettqu operazzjonijiet iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I għandhom ikunu konformi ma' l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.450 — Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — Taħriġ u Kwalifiki applikabbli għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II għall-inklużjoni tar-rekwiżiti applikabbli għall-HUDLS (jekk xieraq). L-operatur jista' jgħaqqad dawn ir-rekwiżiti addizzjonali fejn xieraq, dejjem jekk il-proċeduri operattivi jkunu konformi magħhom. Waqt it-taħriġ ta' konverżjoni, in-numru totali ta' avviciamenti meħtieġ m'għandux ikun iktar mir-rekwiżiti tas-Subparti N ta' l-OPS dejjem jekk it-taħriġ jitwettaq bl-użu ta' l-RVR applikabbli l-iktar baxx. Matul it-taħriġ u l-kontroll rikorrenti, l-operatur jista' jgħaqqad ukoll ir-rekwiżiti separati dejjem jekk ikun sodisfatt ir-rekwiżit tal-proċedura operattiva ta' hawn fuq, u dejjem jekk jitwettaq talanqas avviċinament wieħed bl-użu tal-valuri minimi iktar Baxxi mill-Istandard tal-Kategorija I talanqas darba kull 18-il xahar.
- (2) Operaturi li jwettqu l-operazzjonijiet Barra l-Istandard tal-Kategorija II għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.450 — Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — Taħriġ u Kwalifiki applikabbli għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II għall-inklużjoni tar-rekwiżiti applikabbli għall-HUDLS (jekk xieraq). L-operatur jista' jgħaqqad dawn ir-rekwiżiti addizzjonali fejn xieraq, dejjem jekk il-proċeduri operattivi jkunu konformi magħhom. Waqt it-taħriġ ta' konverżjoni, in-numru totali ta' avviciamenti meħtieġ m'għandux ikun inqas minn dak meħtieġ biex jitlesta t-taħriġ kollu tal-Kategorija II bl-użu ta' l-HUD/l-HUDLS. Matul it-taħriġ u l-kontroll rikorrenti, l-operatur jista' jgħaqqad ukoll ir-rekwiżiti separati dejjem jekk ikun sodisfatt ir-rekwiżit tal-proċedura operattiva ta' hawn fuq, u dejjem jekk jitwettaq talanqas avviċinament wieħed bl-użu tal-valuri minimi Barra l-Istandard tal-Kategorija II talanqas darba kull 18-il xahar.
- (3) Operaturi li jwettqu l-Operazzjonijiet ta' Avviċinament bl-użu ta' l-EVS b'RVR ta' 800 m jew inqas għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.450 — Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — Taħriġ u Kwalifiki applikabbli għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II għall-inklużjoni tar-rekwiżiti applikabbli għall-HUD (jekk xieraq). L-operatur jista' jgħaqqad dawn ir-rekwiżiti addizzjonali fejn xieraq, dejjem jekk il-proċeduri operattivi jkunu konformi magħhom. Waqt it-taħriġ ta' konverżjoni n-numru totali ta' l-avviċinamenti meħtieġa m'għandhomx ikunu inqas minn dak meħtieġ biex jitlesta t-taħriġ kollu tal-Kategorija II bl-użu ta' l-HUD. Matul it-taħriġ u l-kontroll rikorrenti, l-operatur jista' jgħaqqad ukoll ir-rekwiżiti separati dejjem jekk ikun sodisfatt ir-rekwiżit tal-proċedura operattiva ta' hawn fuq, u dejjem jekk jitwettaq talanqas avviċinament wieħed bl-użu ta' l-EVS talanqas darba kull 12-il xahar.

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.455

Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — Proċeduri operattivi

- (a) Ġenerali. L-Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa jinkludu:
- (1) Tluq manwali (bi jew mingħajr sistemi ta' gwida elettronika jew HUDLS/Hybrid HUD/HUDLS);
 - (2) Avviċinament awto-akkoppjat taħt id-DH, bi flares, inżul u roll-out manwali;
 - (3) Avviċinament li jsir bl-użu ta' l-HUDLS/il-Hybrid HUD/l-HUDLS u/jew l-EVS);
 - (4) Avviċinament awto-akkoppjat segwit minn flare awtomatiku, inżul awtomatiku u roll-out manwali; kif ukoll
 - (5) Avviċinament awto-akkoppjat segwit minn flare awtomatiku, inżul awtomatiku u roll-out awtomatiku, meta l-RVR applikabbli tkun inqas minn 400 m.

Nota 1: Tista' tintuża sistema ibrida bi kwalunkwe wieħed minn dawn il-modi ta' operazzjonijiet.

Nota 2: Forom oħra ta' sistemi ta' gwida jew displays jistgħu jiġu ċertifikati u approvati.

- (b) Il-Proċeduri u l-Istruzzjonijiet tat-Tħaddim

- (1) In-natura preċiża u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċeduri u l-istruzzjonijiet mogħtija jiddependu fuq it-tagħmir li jintuża fl-ajru u l-proċeduri tal-kabina ta' l-ekwipaġġ li jkunu segwiti. Operatur għandu jispjega b'mod ċar id-dmirijiet tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira matul it-tluq, l-avviċinament, il-flare, ir-roll-out u l-avviċinament mhux milħuq li hemm fil-Manwal tat-Tħaddim. Għandu jkun hemm enfasi speċjali fuq ir-responsabbiltajiet ta' l-ekwipaġġ tat-titjira matul it-transizzjoni minn kundizzjonijiet mhux viżwali għall-kundizzjonijiet viżwali, kif ukoll fuq il-proċeduri li għandhom jintużaw f'viżibilità li tkun qed teħżien jew meta tiġri xi ħsara. Għandu jkun hemm attenzjoni speċjali għad-distribuzzjoni tad-dmirijiet fil-kabina ta' l-ekwipaġġ biex ikun żgurat li l-ammont ta' xogħol tal-pilota li jieħu d-deċizzjoni biex jillandja jew iwettaq avviċinament mhux milħuq jgħinuh/jgħinha biex jista' jiddedika lilu nnifsu/lilha nfisha fuq is-sorveljanza u l-proċess tat-teħid tad-deċizzjoni.
- (2) L-operatur għandu jspecifika l-proċeduri u l-istruzzjonijiet dettaljati ta' l-operat li hemm fil-Manwal tat-Tħaddim. L-istruzzjonijiet għandhom ikunu kompatibbli mal-limitazzjonijiet u l-proċeduri mandatorji li jkun hemm fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan u jkopru b'mod partikolari l-punti li ġejjin:
 - (i) Il-kontrolli għall-funzjonament sodisfaċenti tat-tagħmir ta' l-ajruplan, kemm qabel it-tluq u anke waqt t-titjira;
 - (ii) L-effett fuq il-valuri minimi kkawżat mill-bidliet fl-istat ta' l-installazzjonijiet ta' fuq l-art u tat-tagħmir ta' l-ajru;
 - (iii) Il-proċeduri għat-tluq, l-avviċinament, il-flare, l-inżul, ir-roll-out u l-avviċinament mhux milħuq;
 - (iv) Il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti fil-każ li jinqalgħu ħsarat, twissijiet biex jiġu inklużi l-HUD/l-HUDLS/l-EVS u sitwazzjonijiet oħra mhux normali;
 - (v) Ir-referenza viżwali minima li tkun meħtieġa;
 - (vi) L-importanza tal-pożizzjoni bilqiegħda u ta' l-għajnejn korretta;
 - (vii) L-azzjoni li tista' tkun meħtieġa minħabba tiħżin tar-referenza viżwali;
 - (viii) L-allokazzjoni tad-dmirijiet ta' l-ekwipaġġ biex dawn iwettqu l-proċeduri skond is-sub-paragrafi (i) sa (iv) u (vi) hawn fuq, biex il-kaptan ikun jista' jiddedika lilu nnifsu/lilha nfisha l-aktar għas-sorveljanza u t-teħid ta' deċizzjonijiet;
 - (ix) Ir-rekwiżit għas-sejħiet kollha ta' l-għoli taħt il-200 pied li għandhom ikunu bbażati fuq l-altimetru bir-radjo u għall-pilota wieħed biex dan ikompli jissorvelja l-istrumenti ta' l-ajruplan sakemm ikun seħħ l-inżul;
 - (x) Ir-rekwiżit għaż-Żona Sensittiva tal-Lokalizzatur li għandha tkun imħarsa;
 - (xi) L-użu ta' l-informazzjoni dwar il-veloċità tar-riħ, il-qawwa tar-riħ, it-turbulenza, il-kontaminazzjoni tar-runway u l-użu ta' evalwazzjonijiet multipli ta' l-RVR;

- (xii) Proċeduri li għandhom jintużaw għal:
 - (A) Kategorija I iktar Baxxa mill-Istandard;
 - (B) Kategorija II Barra l-Istandard;
 - (C) Avviċinamenti bl-użu ta' l-EVS; kif ukoll
 - (D) L-avviċinamenti u nżul ta' Prattika fuq runways li fihom ma jkunx hemm fis-seħħ il-proċeduri sħaħ ta' l-ajrudrom tal-Kategorija II jew tal-Kategorija III;
 - (xiii) Il-limitazzjonijiet operattivi li jkunu għejjin miċ-ċertifikazzjoni ta' adegwatezza għat-titjir; kif ukoll
 - (xiv) L-informazzjoni fuq id-devjazzjoni massima awtorizzata mill-glide path ta' l-ILS u/jew il-lokalizzatur.
-

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.465

Il-Viżibilitajiet Minimi għall-Operazzjonijiet VFR

Klassi ta' spazju ta' l-ajru	A B C D E (Nota 1)	F G
		'Il fuq minn 900 m (3 000 pied) AMSL jew 'il fuq minn 300 m (1 000 pied) 'il fuq mill-art, liema minn dawn ikun l-ogħla
		Fi jew inqas minn 900 m (3 000 pied) AMSL jew 300 m (1 000 pied) 'il fuq mill-art, liema minn dawn ikun l-ogħla
Distanza mis-sħab	1 500 m orizzontalment 300 m (1 000 pied) vertikament	Bla sħab u bil-wiċċ ikun jidher
Il-viżibilità tat-titjira	8 km fi jew iktar minn 3 050 m (10 000 pied) 'il fuq mill-wiċċ tal-baħar (Nota 2) 5 km taħt 3 050 m (10 000 pied) AMSL	5 km (Nota 3)

Nota 1: Il-valuri minimi tal-VMC għall-ispazju ta' l-ajru tal-Klassi A huma inklużi għall-gwida iżda ma jimplikawx l-aċċettazzjoni tat-Titijiriet VFR fl-ispazju ta' l-ajru tal-Klassi A

Nota 2: Meta l-għoli ta' l-altitudni ta' transizzjoni jkun iktar baxx minn 3 050 m (10 000 pied) 'il fuq mill-wiċċ tal-baħar, FL 100 għandu jintuża minflok 10 000 pied.

Nota 3: L-ajruplan tal-Kat A u B jistgħu jitħaddmu f'viżibilitajiet ta' titjir sa 3 000 m, sakemm l-awtorità ATS xierqa tippermetti l-użu ta' viżibilità ta' titjira ta' inqas minn 5 km, u ċ-ċirkustanzi jkun tali, li l-probabilità ta' tilqigh ma' traffiku ieħor ikun baxx, u l-IAS ikun 140 kt jew inqas.

SUBPARTI F

EŻEKUZZJONI ĠENERALI

OPS 1.470

Applikabilità

- (a) L-operatur għandu jiżgura li ajruplan b'iktar minn magna waħda li jkunu jkollhom magni turbo propeller b'konfigurazzjoni approvata ta' iktar minn 9 passiġġieri bilqiegħda jew b'massa massima tat-tluq ta' iżjed minn 5 700 kilo, kif ukoll l-ajruplan kollha b'iktar minn magna waħda tat-tip turbo-ġett, ikunu mħaddma skond is-Subparti G (Klassi ta' Eżekuzzjoni A).
- (b) L-operatur għandu jiżgura li l-ajruplan li jinstaq bl-iskrun li jkollhom konfigurazzjoni massima approvata ta' 9 passiġġieri bilqiegħda jew inqas, u b'massa massima tat-tluq ta' 5 700 kilo jew inqas, ikunu mħaddma skond is-subparti H (Klassi ta' Eżekuzzjoni B).
- (c) L-operatur għandu jiżgura li l-ajruplan li jitħaddmu b'magni li jirreċiprokaw, li jkollhom konfigurazzjoni approvata massima ta' iktar minn 9 passiġġieri bilqiegħda jew massa massima tat-tluq ta' iżjed minn 5 700 kilo, jitħaddmu skond is-sub-parti I (Klassi ta' Eżekuzzjoni C).
- (d) Fejn il-konformità sħiħa mar-rekwiżiti tas-sub-parti xierqa ma tkunx tista' tintwera minħabba karatteristiċi tad-disinn speċifiku (eż ajruplan supersoniċi jew idroplani), l-operatur għandu japplika standards ta' eżekuzzjoni approvati biex jiżgura livell ta' sikurezza li jkun ekwivalenti għal dak tas-sub-parti xierqa.

OPS 1.475

Ġenerali

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-massa ta' l-ajruplan:
 - (1) Fil-bidu tat-tluq; jew, fil-każ ta' ppjanar mill-ġdid matul it-titjira
 - (2) Fil-punt li minnu jkun japplika l-pjan rivedut tat-titjira operattiva, ma tkunx ikbar mill-massa li fiha r-rekwiżiti tas-sub-parti xierqa jistgħu jitwettqu sabiex titjira tista' ssir, waqt li jkun hemm konċessjoni għat- tnaqqis mistenni fil-massa hekk kif tkun qed tipproċedi t-titjira, u għar-rimi ta' karburant skond kif ikun hemm ipprovdut fil-rekwiżit partikolari.
- (b) L-operatur għandu jiżgura li d-data ta' eżekuzzjoni approvata li jkun hemm fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan tintuża biex tkun stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti tas-sub-parti xierqa, imsaħħa kif meħieġ b'data oħra aċċettabbli għall-Awtorità kif preskritt fis-Sub-Parti rilevanti. Meta jiġu applikati l-fatturi preskritti fis-sub-parti xierqa, għandhom jitiqiesu l-fatturi operattivi li jkunu diġà ġew inkorporati fid-data ta' l-eżekuzzjoni tal-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan biex tkun evitata l-applikazzjoni doppja tal-fatturi.
- (c) Meta tintwera l-konformità mar-rekwiżiti tas-sub-parti xierqa, għandha tingħata attenzjoni lill-konfigurazzjoni ta' l-ajruplan, lill-kundizzjonijiet ambjentali u lit-tħaddim tas-sistemi li jkollhom effett kuntrarju fuq l-eżekuzzjoni.
- (d) Għall-għanijiet ta' l-eżekuzzjoni, runway niedi, għajr runway tal-ħaxix, jista' jitiqies bħala wieħed xott.
- (e) L-operatur għandu jqis l-eżattezza ta' l-iċċartjar meta tkun qed tiġi evalwata l-konformità mar-rekwiżiti tat-tluq tas-sub-parti applikabbli.

OPS 1.480

Terminoloġija

- (a) It-termini li ġejjin li jintużaw fis-subpartijiet F, G, H, I u J, għandhom it-tifsira li ġejja:
 - (1) Id-Distanza-aċċelerazzjoni waqfien disponibbli (ASDA). It-tul tal-ġirja tat-tluq disponibbli u t-tul tal-mogħdija tal-waqfien, jekk din il-mogħdija tal-waqfien tkun dikjarata bħala disponibbli mill-Awtorità xierqa u tkun tista' ġgħorr il-massa ta' ajruplan-ajruplan fil-kundizzjonijiet operattivi li jkun hemm fis-seħħ.

- (2) Runway kontaminat. Runway ikun meqjus bħala wieħed kontaminat meta aktar minn 25 % tal-parti tal-wiċċ tar-runway (kemm jekk f'żoni iżolati jew le) fil-limiti tat-tul u l-wisa' meħtieġa li jintużaw ikun kopert minn dawn li ġejjin:
- (i) Ilma tal-wiċċ ta' aktar minn 3 mm (0,125 pulzjeri) fond, jew b'silġ imfarrak maħmuġ fl-art, jew silġ maħlul, ekwivalenti għal aktar minn 3 mm (0,125 pulzjeri) ta' ilma;
 - (ii) Silġ li jkun ġie kkompressat f'massa solida li tirreżisti aktar kompressjoni u li żżomm flimkien jew tinkiser f'biċċiet jekk dan jinġabar (silġ kumpatt); jew
 - (iii) Silġ, inkluż silġ imxarrab.
- (3) Runway niedja. Runway jitqies bħala niedja meta l-wiċċ ma jkunx xott, iżda meta l-indewwa fuqha ma tagħtihex dehra tleqq.
- (4) Runway xott. Runway xott ikun wieħed li la jkun imxarrab u lanqas kontanimat, u jinkudi dawk ir-runways miksija biċ-ċangaturi li jkunu ġew ippreparati apposta b'kanali jew pavimenti porużi u li jinżammu biex jippermettu azzjoni ta' waqfien 'xott b'mod effettiv' anke meta jkun hemm in-nida.
- (5) Id-Distanza ta' l-Illandjar Disponibbli (LDA). It-tul tar-runway iddikjarata li tkun disponibbli mill-Awtorità xierqa u adatt għall-ġirja fuq l-art ta' ajruplan li qed jillandja.
- (6) Il-konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda għall-passiġġieri Il-kapaċità massima ta' passiġġieri bilqiegħda ta' ajruplan partikolari, barra s-siġġijiet tal-pilota jew is-siġġijiet tal-kabina ta' l-ekwipaġġ u s-siġġijiet ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri skond kif applikabbli, użata mill-operatur, approvata mill-Awtorità u speċifikata fil-Manwal tat-Tħaddim.
- (7) Id-Distanza tat-Tluq Disponibbli (TODA). It-tul tal-ġirja tat-tluq disponibbli u t-tul tal-clearway disponibbli.
- (8) Il-massa tat-tluq ta' l-ajruplan għandha tittieħed li tkun il-massa tiegħu, inkluż kollox u kulmin jinġarr fil-bidu tal-ġirja tat-tluq.
- (9) Il-Ġirja tat-Tluq disponibbli (TORA). It-tul iddikjarata li tkun disponibbli mill-Awtorità xierqa u adatta għall-ġirja fuq l-art ta' ajruplan li jkun qed jagħmel it-tluq.
- (10) Runway imxaraba. Runway jitqies imxarrab meta l-wiċċ tagħha ikun mgħottija bl-ilma, jew l-ekwivalenti, inqas minn dak speċifikat fis-sub-paragrafu (a)(2) hawn fuq jew fejn ikun hemm nida biżżejjed fuq il-wiċċ tar-runway li jwassal biex din tkun tidher li tirrifletti, iżda mingħajr żoni kbar fejn ikun hemm ilma wieqaf.
- (b) It-termini 'distanza aċċelerazzjoni-waqfien', 'id-distanza tat-tluq', 'il-ġirja tat-tluq', 'il-passaġġ tat-titjira tat-tluq nett', 'il-passaġġ tat-titjira nett b'magna waħda wieqfa fir-rota' u 'il-passaġġ tat-titjira nett b'żewġ magni wieqfa fir-rota', skond kif ikunu relatati għall-ajruplan għandhom it-tifsiriet tagħhom definiti fir-rekwiżiti ta' adegwatezza għat-titjir li taħt-hom l-ajruplan ġie ċċertifikat, jew kif speċifikat mill-Awtorità jekk din issib li dik id-definizzjoni ma tkunx xierqa biex titntwera l-konformità mal-limitazzjonijiet operattivi ta' l-eżekuzzjoni.

SUBPARTI G

KLASSI TA' EŻEKUZZJONI A

OPS 1.485

Ġenerali

- (a) L-operatur għandu jiżgura li, biex jistabilixxi l-konformità mar-rekwiżitita' din is-Subparti, id-data ta' l-eżekuzzjoni approvata fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan għandha tkun imsaħħa kif meħtieġ b'data oħra li tkun aċċettabbli għall-Awtorità, jekk id-data ta' l-eżekuzzjoni approvata fil-Manwal tat-Tirjira ta' l-Ajruplan ma tkunx biżżejjed fejn jikkonċerna punti bħal:
- (1) Li jitqiesu kundizzjonijiet operattivi kuntrarji li jkunu mistennija b'mod raġonevoli bħalma huma t-tluq u l-inżul fuq runways kontaminati; kif ukoll
 - (2) Li titqies ħsara ta' magna fil-fażijiet kollha tat-titjira.
- (b) L-operatur għandu jiżgura li, għall-każ ta' runway imxarrab u kontaminat, għandha tintuża d-data ta; l-eżekuzzjoni li tkun stabbilita skond ir-rekwiżiti applikabbli fuq iċ-ċertifikazzjoni ta' ajruplan kbar jew dik ekwivalenti li tkun aċċettabbli għall-Awtorità.

OPS 1.490

It-Tluq

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-massa tat-tluq ma tkunx iżjed mill-massa massima tat-tluq speċifikata fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan għall-altitudni tal-pessjoni u għat-temperatura ta' l-ambjent fl-ajrudrom li fih ikun se jsir it-tluq.
- (b) L-operatur għandu jilħaq ir-rekwiżiti li ġejjin meta jistabilixxi l-massimu awtorizzat tal-massa tat-tluq:
- (1) Id-distanza aċċelerazzjoni-waqfien m'għandhiex tkun iktar mid-distanza disponibbli;
 - (2) Id-distanza tat-tluq m'għandhiex tkun iktar mid-distanza tat-tluq disponibbli, bid-distanza tal-clearway ma tkunx iżjed minn nofs il-ġirja tat-tluq disponibbli;
 - (3) Il-ġirja tat-tluq m'għandhiex tkun iktar mill-ġirja tat-tluq disponibbli;
 - (4) Il-konformità ma' dan il-paragrafu għandha tintwera bl-użu ta' valur wieħed ta' V1 għat-tluq rifjutat u dak issoktat; kif ukoll
 - (5) Fuq runway imxaraba jew kontaminata, il-massa tat-tluq m'għandhiex tkun iżjed minn dik awtorizzata għat-tluq fuq runway xotta taħt l-istess kundizzjonijiet.
- (c) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (b) hawn fuq, operatur għandu jqis dan li ġej:
- (1) L-altitudni tal-pessjoni fl-ajrudrom;
 - (2) It-temperatura ta' l-ambjent fl-ajrudrom;
 - (3) Il-kundizzjoni tal-wiċċ tar-runway u t-tip ta' wiċċ tar-runway;
 - (4) L-inklinazzjoni tar-runway fid-direzzjoni tat-tluq;
 - (5) Mhux iktar minn 50 % tal-komponent rapportat tar-riħ fil-pruwa jew mhux inqas minn 150 % tal-komponent rapportat tar-riħ minn wara; kif ukoll
 - (6) It-telf, jekk ikun hemm, tat-tul tar-runway minhabba l-allinjament ta' l-ajruplan qabel it-tluq.

OPS 1.495

L-Ikklerjar ta' Ostakli waqt it-Tluq

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-passaġġ tat-titjira tat-tluq nett ma jkollu l-ebda ostakli f'distanza vertikali ta' mill-inqas 35 pied jew f'distanza orizzontali ta' mill-inqas 90 m u $0,125 \times D$, fejn D tkun id-distanza orizzontali li l-ajruplan ikun ivvjaġġa mit-tmiem tad-distanza tat-tluq disponibbli jew it-tmiem tad-distanza tat-tluq jekk ikun hemm skedata dawra qabel it-tmiem tad-distanza tat-tluq disponibbli. Għall-ajruplani b'tul ta' ġwienaħ ta' inqas minn 60 m jista' jintuża kkljar ta' ostaklu orizzontali ta' nofs it-tul tal-ġwienaħ ta' l-ajruplan u 60 m, u $0,125 \times D$.
- (b) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq, operatur għandu jqis dan li ġejj:
- (1) Il-massa ta' l-ajruplan fil-bidu tal-ġirja tat-tluq;
 - (2) L-altitudni tal-pessjoni fl-ajrudrom;
 - (3) It-temperatura ta' l-ambjent fl-ajrudrom; kif ukoll
 - (4) Mhux iktar minn 50 % tal-komponent rapportat tar-riħ fil-pruwa jew mhux inqas minn 150 % tal-komponent rapportat tar-riħ minn wara;
- (c) Meta tintwera l-konformità mas-subparagrafu (a) ta' hawn fuq:
- (1) Il-bidliet fit-trajettorja m'għandhomx ikunu awtorizzati sal-punt li fih il-passaġġ tat-titjira tat-tluq nett ikun kiseb għoli li jkun ugwali għal nofs it-tul tal-ġwienaħ iżda mhux inqas minn 50 pied 'il fuq mill-elevazzjoni tat-tmiem tal-ġirja tat-tluq disponibbli. Minn hemm 'l quddiem sa għoli ta' 400 pied huwa meqjus li ajruplan ikun miel b'mhux aktar minn 15°. Il-fuq minn 400 pied, l-angoli tat-timjila ta' l-għoli li jkunu ta' iktar minn 15°, iżda mhux iktar minn 25° jistgħu jiġu skedati;
 - (2) Kwalunkwe parti mill-passaġġ tat-titjira tat-tluq nett li fih l-ajruplan ikun miel b'aktar minn 15° għandu jneħħi l-ostakli kollha fil-limiti tad-distanzi orizzontali speċifikati fis-subparagrafi (a), (d) u (e) ta' dan il-paragrafu b'distanza vertikali ta' mill-inqas 50 pied; kif ukoll
 - (3) L-operatur għandu juża proċeduri speċjali, suġġett għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità, biex japplika angoli ta' timjila miżjuda ta' mhux aktar minn 20° bejn 200 u 400 pied, jew mhux iktar minn 30° 'il fuq minn 400 pied (Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.495 (c) (3)).
 - (4) Għandu jkun hemm konċessjoni xierqa għall-effett ta' l-angolu tat-timjil laterali fuq il-veloċitajiet operattivi u l-passaġġ tat-titjira, li jinkludu inkrementi ta' distanza li jkunu ġejjin minn veloċitajiet operattivi miżjuda.
- (d) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq għal dawk il-każijiet fejn il-passaġġ tat-titjira maħsub ma jkunx jeħieġ bidliet fit-trajettorja ta' iktar minn 15°, l-operatur m'għandux għalfejn iqis dawk l-ostakli li jkollhom distanza laterali ikbar minn:
- (1) 300 m, jekk il-pilota jkun kapaċi jżomm l-eżattezza navigazzjonali meħtieġa fiż-żona tar-responsabbiltà ta' l-ostaklu; jew
 - (2) 600 m, għat-titjiriet taħt il-kundizzjonijiet l-oħra kollha.
- (e) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq għal dawk il-każijiet fejn il-passaġġ tat-titjira maħsub ma jkunx jeħieġ bidliet fit-trajettorja ta' iktar minn 15°, l-operatur ma għandux għalfejn iqis dawk l-ostakli li jkollhom distanza laterali ikbar minn:
- (1) 600 m, jekk il-pilota jkun kapaċi jżomm l-eżattezza navigazzjonali meħtieġa fiż-żona tar-responsabbiltà ta' l-ostaklu; jew
 - (2) 900 m, għat-titjiriet taħt il-kundizzjonijiet l-oħra kollha.
- (f) Operatur għandu jstabilixxi proċeduri ta' kontinġenza biex jilħaq ir-rekwiżiti ta' l-OPS 1.495 u biex jipprovi rotta bla periklu, waqt li jkunu evitati l-ostakli biex b'hekk l-ajruplan ikun jista' jew ikun konformi mar-rekwiżiti tul ir-rotta ta' l-OPS 1.500, jew jinżel jew fl-ajrudrom tat-tluq jew f'ajrudrom alternattiv tat-tluq.

OPS 1.500

En-Route — Magna Waħda Wieqfa

- (a) L-operatur għandu jiżgura li d-data tal-passaġġ tat-titjira nett fir-rotta b'magna waħda wieqfa murija fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan, li tkun xierqa għall-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija għat-titjira, tkun konformi jew mas-sub-paragrafu (b) jew (c) fil-punti kollha tul ir-rotta. Il-passaġġ tat-titjira nett għandu jkollu xaqliba pożittiva f'1 500 pied 'il fuq mill-ajrudrom fejn l-inżul ikun preżunt li jsir wara li tinqala' ħsara fil-magna. F'kundizzjonijiet meteoroloġiċi li jkunu jehiegu t-tħaddim ta' sistemi ta' ħarsien mis-silġ, l-effett ta' l-użu tagħhom fuq il-passaġġ tat-titjira nett għandu jitqies.

- (b) Ix-xaqliba tal-passaġġ nett tat-titjira għandha tkun pożittiva sa mill-inqas 1 000 pied 'il fuq mill-art u l-ostakli kollha tul ir-rotta f'9,3 km (5 nm) fuq kull naħa tat-trajettorja maħsuba.
- (c) Il-passaġġ nett tat-titjira għandu jippremetti li l-ajruplan ikompli bit-titjira mill-altitudni f'veloċità moderata lejn ajrudrom fejn inżul ikun jista' jsir skond l-OPS 1.515 jew 1.520 skond kif xieraq, fejn il-passaġġ tat-titjira nett jikklerja vertikament, b'mill-inqas 2 000 pied, bit-teren u l-ostakli kollha tul ir-rotta f'9,3 km (5 nm) fuq kull naħa tat-trajettorja maħsuba jkunu skond is-subparagrafi (1) sa (4) hawn taħt:
- (1) Il-magna titqies li ma taħdimx fil-punt l-aktar kritiku tul ir-rotta;
- (2) Jitqiesu l-effetti ta' l-irjieħ fuq il-passaġġ tat-titjira;
- (3) Ir-rimi ta' karburant huwa awtorizzat sakemm ikun konsistenti biex l-ajruplan jilħaq l-ajrudrom bir-riżervi tal-karburant meħtieġa, jekk tintuża proċedura bla periklu. kif ukoll
- (4) L-ajrudrom fejn l-ajruplan ikun maħsub li se jinżel wara ħsara fil-magna għandu jilħaq il-kriterji li ġejjin:
- (i) Ir-rekwiżiti ta' eżekuzzjoni fil-massa ta l-inżul mistennija jkunu ntlaħqu; kif ukoll
- (ii) Ir-rapporti jew it-tbassir tat-temp, jew kwalunkwe taħlita ta' dawn, u r-rapporti dwar il-kundizzjoni taż-żona juru li nżul bla periklu jkun jista' jsir fil-ħin stmat ta' l-inżul.
- (d) Meta tintwera konformità ma' l-OPS 1.500, operatur għandu jżid il-marġini ta' wisa' tas-subparagrafi (b) u (c) hawn fuq għal 18,5 km (10 nm) jekk l-eżattezza navigazzjonali ma tkunx laħqet il-95 % tal-livell ta' trażżin.

OPS 1.505

En-Route — Ajruplan bi Tliet Magni jew Iżjed, b'Żewġ Magni Wieqfa

- (a) L-operatur għandu jiżgura li fl-ebda punt tul it-trajettorja maħsuba l-ajruplan li jkollu tliet magni jew aktar ma jkun aktar minn 90 minuta, b'veloċità moderata ta' medda twila bil-magni kollha jaħdmu f'temperatura standard u f'arja kalma, 'il bogħod mill-ajrudrom li fih ir-rekwiżiti ta' l-eżekuzzjoni applikabbli fil-massa ta' l-inżul mistennija jkunu ntlaħqu, sakemm dan ikun konformi mas-sub-paragrafi (b) sa (f) hawn taħt.
- (b) Id-data tal-passaġġ tat-titjira nett fir-rotta b'żewġ magni mitfija għandha tippermetti li l-ajruplan ikun jista' jkompli bit-titjira, fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija, mill-punt fejn iż-żewġ magni jkunu preżunti li jieqfu fl-istess ħin, lejn ajrudrom li fih ikun possibbli li dan jinżel u jieqaf kompletament meta juża l-proċedura preskritta għal inżul b'żewġ magni mitfija. Il-passaġġ tat-titjira nett għandu jikklerja vertikament, b'mill-inqas 2 000 pied, bit-teren u l-ostakli kollha tul ir-rotta f'9,3 km (5 nm) fuq kull naħa tat-trajettorja maħsuba. F'altitudni u f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi li jkunu jeħtieġu biex jitħaddmu s-sistemi ta' ħarsien mis-silġ, l-effett ta' l-użu tagħhom fuq id-data tal-passaġġ tat-titjira nett għandu jitqies sew. Jekk l-eżattezza navigazzjonali ma tkunx laħqet il-95 % tal-livell ta' trażżin, l-operatur għandu jżid il-marġini ta' wisa' mogħti hawn fuq sa 18,5 km (10 nm).
- (c) Iż-żewġ magni għandhom ikunu preżunti li jieqfu fl-iktar punt kritiku ta' dik il-parti tar-rotta fejn l-ajruplan ikun iktar minn 90 minuta, b'veloċità moderata ta' medda twila bil-magni kollha jaħdmu f'temperatura standard u f'arja kalma, 'il bogħod minn ajrudrom li fih ikunu ntlaħqu r-rekwiżiti ta' eżekuzzjoni applikabbli fil-massa ta' l-inżul mistennija.
- (d) Il-passaġġ tat-titjira nett għandu jkollu xaqliba pożittiva f'1 500 pied 'il fuq mill-ajrudrom fejn l-inżul ikun preżunt li sar wara ħsara fiż-żewġ magni.
- (e) Ir-rimi ta' karburant huwa awtorizzat sakemm ikun konsistenti biex l-ajruplan jilħaq l-ajrudrom bir-riżervi tal-karburant meħtieġa, jekk tintuża proċedura bla periklu.
- (f) Il-massa mistennija ta' l-ajruplan fil-punt fejn iż-żewġ magni jkunu preżunti li jieqfu m'għandhiex tkun inqas minn dik li tinkludi karburant biżżejjed biex l-ajruplan ikompli sejjer lejn ajrudrom fejn ikun preżunt li jsir l-inżul, u biex dan jasal hemm mill-inqas 1 500 pied direttament fuq iż-żona ta' l-inżul u minn hemm 'il quddiem biex itir b'rata fissa għal 15-il minuta.

OPS 1.510

L-Inżul — L-Ajrudromi tad-Destinazzjoni u l-Ajrudromi Alternattivi

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-massa ta' l-inżul ta' l-ajruplan, stabbilita skond l-OPS 1.475 (a), ma tkunx iżjed mill-massa massima ta' l-inżul speċifikata għall-altitudni u t-temperatura ta' l-ambjent mistennija għall-ħin smat ta' l-inżul fl-ajrudrom tad-destinazzjoni u f'dak alternattiv.
- (b) Għall-avviċinament bi strument b'xaqliba ta' avviċinament mhux milħuq li tkun ikbar minn 2,5 %, l-operatur għandu jivverifika li l-massa ta' l-inżul mistennija ta' l-ajruplan tkun tippermetti avviċinament mhux milħuq b'xaqliba tat-tluq li tkun ugwal jew ikbar mix-xaqliba ta' l-avviċinament mhux milħuq applikabbli fil-konfigurazzjoni u l-veloċità ta' avviċinament mhux milħuq b'magna waħda wieqfa (ara r-rekwiżiti applikabbli fuq iċ-ċertifikazzjoni ta' ajruplan kbar). L-użu ta' metodu alternattiv għandu jkun approvat mill-Awtorità.
- (c) Għall-avviċinamenti bi strument b'għoli ta' deċizzjoni taħt il-200 pied l-operatur għandu jivverifika li l-massa ta' l-inżul mistennija ta' l-ajruplan tkun tippermetti xaqliba tat-tluq ta' avviċinament mhux milħuq, bil-magna kritika wieqfa u bil-veloċità u l-konfigurazzjoni jintużaw għal ġo-around ta' mill-inqas 2,5 %, jew ix-xaqliba ppubblikata, liema minn dawk tkun l-akbar (ara CS AWO 243). L-użu ta' metodu alternattiv għandu jkun approvat mill-Awtorità.

OPS 1.515

L-Inżul — Runways xotti

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-massa ta' l-inżul ta' l-ajruplan stabbilita skond l-OPS 1.475 (a) għall-ħin smat ta' l-inżul fl-ajrudrom tad-destinazzjoni u fi kwalunwe ajrudrom alternattiv tkun tippermetti nżul b'waqfien sħiħ minn 50 pied 'il fuq mil-limitu minimu:
- (1) Għall-ajruplani li jaħdmu b'magni turbo-ġett, f'60 % tad-distanza ta' l-inżul disponibbli; jew
 - (2) Għall-ajruplani li jaħdmu b'magni turbo-ġett, f'70 % tad-distanza ta' l-inżul disponibbli;
 - (3) Għall-proċeduri ta' Avviċinament Wieqaf, l-Awtorità tista' tapprova l-użu tad-data tad-distanza ta' l-inżul imqasma f'fatturi skond is-sub-paragrafi (a)(1) u (a)(2) huwa fuq kif xieraq, u bbażata fuq screen height ta' inqas minn 50 pied, iżda mhux inqas minn 35 pied. (Ara l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.515(a)(3).);
 - (4) Meta tintwera l-konformità mas-sub-paragrafi (a)(1) u (a)(2) hawn fuq, l-Awtorità tista' taċċetta b'mod eċċezzjonali, meta tkun sodisfatta li jkun hemm hteġġa (ara l-Appendiċi 1), l-użu ta' Operazzjonijiet ta' Nżul Qasir skond l-Appendiċi 1 u 2 flimkien ma' kwalunkwe kundizzjonijiet supplimentari oħra li l-Awtorità tqis bħala mehteġġa biex tiżgura livell aċċettabbli ta' sigurtà fil-każ partikolari.
- (b) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq, operatur għandu jqis dan li ġej:
- (1) L-altitudni fl-ajrudrom;
 - (2) Mhux iktar minn 50 % tal-komponent tar-riħ fil-pruwa jew mhux inqas minn 150 % tal-komponent tar-riħ minn wara; kif ukoll
 - (3) L-inklinazzjoni tar-runway fid-direzzjoni ta' l-inżul jekk ikbar minn ± 2 %.
- (c) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq, wieħed għandu jassumi li:
- (1) L-ajruplan għandu jillandja fuq l-iktar runway favorevoli, farja kalma; kif ukoll
 - (2) L-ajruplan jillandja fuq l-iktar runway li x'aktarx ikun assenjat meta wieħed iqis il-veloċità u d-direzzjoni tar-riħ probabbli kif ukoll il-karatteristiċi ta' l-immaniġġjar ta' l-ajruplan fuq l-art, u meta wieħed iqis kundizzjonijiet oħra bħalma huma l-assistenza ta' l-inżul u t-terren.
- (d) Jekk operatur ma jkunx jista' jikkonforma mas-sub-paragrafu (c)(1) hawn fuq għal ajrudrom tad-destinazzjoni li jkollu runway waħda, fejn l-inżul ikun jiddependi fuq komponent ta' riħ speċifikat, ajruplan jista' jintbagħat jekk ikunu ntgħażlu 2 ajrudromi alternattivi li jippermettu konformità sħiħa mas-sub-paragrafi (a), (b) u (c). Qabel ma jinbada avviċinament biex jillandja fl-ajrudrom tad-destinazzjoni, il-kaptan għandu jissodisfa lill-nnifsu/lilha nfisha li l-inżul jista' jsir f'konformità sħiħa ma' l-OPS 1.510 u s-sub-paragrafi (a) u (b) hawn fuq.

- (e) Jekk operatur ma jkunx jista' jkun konformi mas-sub-paragrafu (c)(2) hawn fuq għall-ajrudrom tad-destinazzjoni, l-ajruplan ikun jista' jinħatar jekk jintgħażel ajrudrom alternattiv li jkun jippermetti l-konformità sħiħa mas-sub-paragrafi (a), (b) u (c).

OPS 1.520

L-Inżul — Runways Imxarrba u Kontaminati

- (a) L-operatur għandu jiżgura li meta r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa, jew taħlita ta' dawn, ikunu juru li r-runway fil-ħin stmat tal-wasla tista' tkun imxarrba, id-distanza ta' l-inżul disponibbli għandha tkun mill-inqas 115 % tad-distanza ta' l-inżul meħtieġa, li tiġi stabbilita skond l-OPS 1.515.
- (b) L-operatur għandu jiżgura li meta r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa, jew taħlita ta' dawn, ikunu juru li r-runway fil-ħin stmat tal-wasla tista' tkun kontaminata, id-distanza ta' l-inżul disponibbli għandha tkun mill-inqas id-distanza ta' l-inżul li tkun stabbilita skond is-sub-paragrafu (a) hawn fuq, jew mill-inqas 115 % tad-distanza ta' l-inżul stabbilita skond id-data approvata tad-distanza ta' l-inżul kontaminat jew dik ekwivalenti li tkun aċċettata mill-Awtorità, liema minn dawn tkun l-akbar.
- (c) Distanza ta' nżul fuq runway imxarrba li tkun iqsar minn dik meħtieġa fis-sub-paragrafu (a) hawn fuq, iżda mhux inqas minn dik meħtieġa mill-OPS 1.515 (a), tista' tintuża jekk il-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan ikun jinkludi informazzjoni addizzjonali speċifika dwar id-distanzi ta' l-inżul fuq runways imxarrba.
- (d) Distanza ta' nżul fuq runway kontaminata imħejjija b'mod speċjali li tkun iqsar minn dik meħtieġa fis-sub-paragrafu (b) hawn fuq, iżda mhux inqas minn dik meħtieġa mill-OPS 1.515 (a), tkun tista' tintuża jekk il-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan ikun jinkludi informazzjoni addizzjonali speċifika dwar id-distanzi ta' l-inżul fuq runways kontaminati.
- (e) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafi (b), (c) u (d) hawn fuq, il-kriterji ta' l-OPS 1.515 għandhom ikunu applikati skond dawn ħlief li l-OPS 1.515 (a)(1) u (2) m'għandux ikun applikat għas-sub-paragrafu (b) hawn fuq.
-

*Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.495 (c)(3)***L-Approvazzjoni ta' angoli ta' timjil laterali miżjuda**

- (a) Biex jintużaw angoli ta' timjil laterali miżjuda li jkunu jeħtieġu approvazzjoni speċjali, il-kriterji li ġejjin għandhom jintlaħqu:
- (1) Il-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan għandu jkun fih data approvata għaż-żjeda meħtieġa fil-veloċità u d-data operattivi biex ikun jista' jiġi fformat il-passaġġ tat-titjira meta jitqiesu l-angoli ta' timjil laterali miżjuda u l-veloċitajiet.
 - (2) Il-gwida viżwali għandha tkun disponibbli għall-eżattezza tan-navigazzjoni.
 - (3) Il-valuri minimi tat-temp u l-limitazzjonijiet tar-riħ għandhom ikunu speċifikati għal kull runway u approvati mill-Awtorità.
 - (4) It-tahriġ skond l-OPS 1.975.
-

*Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.515 (a)(3)***Il-Proċeduri ta' Avviċinament Wieqaf**

- (a) L-Awtorità tista' tapprova l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' Avviċinament Wieqaf billi jintużaw angoli ta' inklinazzjoni ta' l-inżul ta' 4,5° jew iktar u bi screen heights ta' inqas minn 50 pied iżda mhux inqas minn 35 pied, sakemm jintlaħqu l-kriterji li ġejjin:
- (1) Il-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan għandu jiddikjara l-angolu massimu tal-glide slope approvat, kwalunkwe limitazzjonijiet oħra, proċeduri normali, mhux normali jew ta' emerġenza għall-avviċinament wieqaf, kif ukoll emendi fid-data tat-tul tal-medda meta jintużaw il-kriterji ta' l-avviċinament wieqaf;
 - (2) Sistema adatta ta' referenza ta' glidepath li tinkludi mill-inqas sistema ta' indikazzjoni ta' glidepath viżwali għandha tkun disponibbli f'kull ajrudrom li fih għandhom isiru proċeduri ta' avviċinament wieqaf; kif ukoll
 - (3) Il-valuri minimi tat-temp għandhom ikunu speċifikati u approvati għal kull runway b'avviċinament wieqaf. Għandha tingħata attenzjoni għal dawn li ġejjin:
 - (i) Is-sitwazzjoni ta' l-ostaklu;
 - (ii) It-tip ta' referenza tal-glide path u tal-gwida tar-runway bħalma huma l-assistenza viżwali, MLS, 3D-NAV, ILS, LLZ, VOR, NDB;
 - (iii) Ir-referenza viżwali minima li għandha tkun meħtieġa fid-DH u l-MDA;
 - (iv) It-tagħmir disponibbli li jintuża fl-ajruplan;
 - (v) Il-kwalifiki tal-pilota u familjarizzazzjoni speċjali ma' l-ajrudrom;
 - (vi) Il-limitazzjonijiet u l-proċeduri tal-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan; kif ukoll
 - (vii) Il-kriterji ta' l-avviċinament mhux milħuq.
-

*Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.515 (a)(4)***Operazzjonijiet ta' Nżul fil-Qosor**

- (a) Għall-finijiet ta' l-OPS 1.515 (a)(4), id-distanza użata għall-kalkolazzjoni tal-massa ta' l-inżul awtorizzata tista' tikkonsisti mit-tul użabbli taż-żona bla periklu dikjarata u d-distanza ta' l-inżul dikjarat disponibbli. L-Awtorità tista' tap-prova dawn l-operazzjonijiet skond il-kriterji li ġejjin:
- (1) Id-dimostrazzjoni tal-ħtieġa għall-Operazzjonijiet ta' Nżul fil-Qosor. Għandu jkun hemm interess pubbliku ċar u ħtieġa operattiva għall-operazzjoni, jew minħabba l-bgħid ta' l-ajruport jew minħabba l-limitazzjonijiet fiżiċi li jikkonċernaw l-estensjoni tar-runway.
 - (2) Il-Kriterji ta' l-Ajruplan u dawk Operattivi.
 - (i) L-Operazzjonijiet ta' Nżul fil-Qosor għandhom jiġu approvati biss għall-ajruplan fejn id-distanza vertikali bejn il-passaġġ ta' għajnejn il-pilota u l-passaġġ ta' l-iktar parti baxxa tar-roti, bl-ajruplan stabbilit fuq il-glide path normali, ma tkunx ta' iżjed minn 3 metri.
 - (ii) Meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-valuri operattivi minimi ta' l-ajrudrom, il-viżibilità/RVR m'għandhiex tkun inqas minn 1.5 km. Minbarra, il-limitazzjonijiet tar-riħ għandhom ikunu speċifikati fil-Manwal tat-Tħaddim.
 - (iii) L-esperjenza minima tal-pilota, ir-reqwiziti tat-taħriġ u l-familjarizzazzjoni speċjali ma ajrudrom għandhom ikunu speċifikati għal dawn l-operazzjonijiet fil-Manwal tat-Tħaddim.
 - (3) Wieħed għandu jassumi li l-għoli tal-qsim fil-bidu tat-tul użabbli taż-żona bla periklu dikjarata jkun ta' 50 pied.
 - (4) Kriterji Addizzjonali L-Awtorità tista' timponi dawn il-kundizzjonijiet addizzjonali skond kif ikun meħtieġ għall-operazzjoni bla periklu, waqt li jitqiesu l-karatteristiċi tat-tip ta' l-ajruplan, il-karatteristiċi orografiċi fiż-żona ta' l-avviċinament, l-assistenza disponibbli ta' l-avviċinament u konsiderazzjonijiet dwar l-avviċinament mhux milħuq/inżul imfixkel. Dawn il-kundizzjonijiet addizzjonali jistgħu jkunu, per eżempju, ir-reqwizit għas-sistema ta' l-indikatur ta' l-inklinazzjoni tat-tip VASI/PAPI.

*Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.515 (a)(4)***Il-Kriterji tal-Mitjar għall-Operazzjonijiet ta' Nżul fil-Qosor**

- (a) L-użu ta' żona mingħajr periklu għandu jkun approvat mill-awtorità ta' l-ajruport.
 - (b) It-tul użabbli taż-żona bla periklu ddikjarata taħt id-dispożizzjonijiet ta' 1.515 (a)(4), u dan l-Appendiċi, m'għandux ikun ta' iktar minn 90 metru.
 - (c) Il-wisa' taż-żona bla periklu ddikjarata m'għandhiex tkun inqas mid-doppju tal-wisa' tar-runway jew id-doppju tat-tul tal-ġwienaħ, liema minn dawn tkun l-akbar, iċċentrata fuq il-linja taċ-ċentru tar-runway estiż.
 - (d) Iż-żona bla periklu ddikjarata m'għandu jkollha l-ebda ostakli jew depressjonijiet li jistgħu jpoġġu fil-periklu ajruplan li jkun nieżel qabel tibda r-runway u l-ebda oġġett mobbli m'għandu jkun awtorizzat fuq iż-żona bla periklu ddikjarata waqt li r-runway ikun qed tintuża għall-operazzjonijiet ta' nżul fil-qosor.
 - (e) L-inklinazzjoni taż-żona bla periklu ddikjarata m'għandhiex tkun iżjed minn 5 % 'il fuq u lanqas 2 % 'l isfel fid-direzzjoni ta' l-inżul.
 - (f) Għall-finijiet ta' din l-operazzjoni, ir-reqwiżit tas-saħħa tad-direzzjoni ta' l-OPS 1.480 (a)(5) m'hemmx għalfejn ikun applikat għaż-żona ddikjarata bla periklu.
-

SUBPARTI H

KLASSI TA' EŻEKUZZJONI B

OPS 1.525

Ġenerali

- (a) L-operatur m'għandux iħaddem ajruplan b'magna waħda:
- (1) Bil-lejl; jew
 - (2) FKundizzjonijiet Meteoroloġiċi ta' l-Istrument ħliet taħt Regoli Speċjali tat-Titjira Viżwali.
- Nota:* Il-limitazzjonijiet fuq it-tħaddim ta' ajruplan b'magna waħda huma koperti bl-OPS 1.240 (a)(6).
- (b) L-operatur għandu jittratta ajruplan b'żewġ magni li ma jilħqux ir-rekwiżiti tat-tluq ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.525 (b) bħala ajruplan b'magna waħda.

OPS 1.530

It-Tluq

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-massa tat-tluq ma tkunx iżjed mill-massa massima tat-tluq speċifikata fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan għall-altitudni tal-pressjoni u għat-temperatura ta' l-ambjent fl-ajrudrom li fih ikun se jsir it-tluq.
- (b) Operatur għandu jiżgura li d-distanza tat-tluq mhux fatturata, kif speċifikat fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan ma taqbisx:
- (1) Meta tiġi multiplikata b'fattur ta' 1,25, il-ġirja tat-tluq li tkun disponibbli; jew
 - (2) Meta l-mogħdija tal-waqfien u/jew ta' l-ikklerjar tkun disponibbli, dawn li ġejjin:
 - (i) Il-ġirja tat-tluq li tkun disponibbli;
 - (ii) Meta tiġi multiplikata b'fattur ta' 1.15, il-ġirja tat-tluq li tkun disponibbli; kif ukoll
 - (iii) Meta multiplikata b'fattur ta' 1,3, id-distanza aċċelerazzjoni-waqfien li tkun disponibbli.
- (c) Meta tintwera konformità mas-subparagrafu (b) ta' hawn fuq, operatur għandu jqis dan li ġej:
- (1) Il-massa ta' l-ajruplan fil-bidu tal-ġirja tat-tluq;
 - (2) L-altitudni tal-pressjoni fl-ajrudrom;
 - (3) It-temperatura ta' l-ambjent fl-ajrudrom;
 - (4) Il-kundizzjoni tal-wiċċ tar-runway u t-tip ta' wiċċ tar-runway;
 - (5) L-inklinazzjoni tar-runway fid-direzzjoni tat-tluq;
 - (6) Mhux iktar minn 50 % tal-komponent rapportat tar-riħ fil-pruwa jew mhux inqas minn 150 % tal-komponent rapportat tar-riħ minn wara;

OPS 1.535

L-Ikklerjar mill-Ostakli tat-Tluq — Ajruplan b'Iktar minn Magna Waħda

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-passaġġ tat-titjira matul it-tluq ta' ajruplan b'żewġ magni jew aktar, stabbilit skond dan is-sub-paragrafu, ikun ikklerja l-ostakli kollha b'marġinu vertikali ta' mill-inqas 50 pied, jew b'distanza orizzontali ta' mill-inqas 90 m u $0,125 \times D$, fejn D tkun id-distanza orizzontali li l-ajruplan ikun għamel mit-tmiem tad-distanza tat-tluq disponibbli jew mit-tmiem tad-distanza tat-tluq jekk tkun skedata dawra qabel it-tmiem tad-distanza tat-tluq disponibbli, ħlief kif hemm stabbilit fis-sub-paragrafi (b) u (c) hawn taħt. Għall-ajruplani b'tul ta' ġwienaħ ta' inqas minn 60 m jista' jintuża kklerjar ta' ostaklu orizzontali ta' nofs it-tul tal-ġwienaħ ta' l-ajruplan u 60 m, u $0,125 \times D$. Meta tintwera konformità ma' dan is-subparagrafu, wieħed għandu jassumi li:
- (1) Il-passaġġ tat-titjira matul t-tluq jibda f'għoli ta' 50 pied 'il fuq mill-wiċċ fit-tmiem tad-distanza tat-tluq meħtieġa bl-OPS 1.530 (b) u jintemm f'għoli ta' 1 500 pied 'il fuq mill-wiċċ;
 - (2) L-ajruplan ma jitmejjilx lateralment qabel ma dan jilħaq għoli ta' 50 pied 'il fuq mill-wiċċ, u li minn hemm 'il quddiem l-angolu tat-timjil laterali ma jkunx ta' aktar minn 15°;
 - (3) Il-ħsara fil-magna kritika sseħħ fil-punt fuq il-passaġġ tat-titjira tluq matul it-tluq bil-magni kollha, fejn ir-referenza viżwali biex ikunu evitati l-ostakli tkun mistennija li tintilef;
 - (4) Ix-xaqliba tal-passaġġ tat-titjira matul it-tluq minn 50 pied sa l-għoli preżunt tal-ħsara tal-magna tkun ugwali għax-xaqliba medja bil-magni kollha matul it-tluq u t-transizzjoni lejn il-konfigurazzjoni tul ir-rotta, immultiplikata b'fattur ta' 0,77; kif ukoll
 - (5) Ix-xaqliba tal-passaġġ tat-titjira matul it-tluq mill-għoli milħuq skond is-subparagrafu (4) ta' hawn fuq sat-tmiem tal-passaġġ tat-titjira matul it-tluq, tkun ugwali għax-xaqliba matul it-tluq tul ir-rotta b'magna waħda wieqfa murija fil-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan.
- (b) Meta tintwera konformità mas-subparagrafu (a) ta' hawn fuq għal dawk il-każijiet fejn il-passaġġ tat-titjira maħsub ma jkunx jeħieġ bidliet fit-trajettorja ta' iktar minn 15°, l-operatur m'għandux għalfejn iqis dawk l-ostakli li jkollhom distanza laterali ikbar minn:
- (1) 300 m, jekk it-titjira ssir taħt kundizzjonijiet li jippermettu navigazzjoni tal-gwida tal-kors viżwali jew, jekk l-assistenza navigazzjonali tkun disponibbli, li jgħinu lill-pilota biex iżżomm il-passaġġ tat-titjira maħsub bl-istess eżattezza (ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.535 (b)(1) u (c)(1)); jew
 - (2) 600 m, għat-titjiriet taħt il-kundizzjonijiet l-oħra kollha.
- (c) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq għal dawk il-każijiet fejn il-passaġġ tat-titjira maħsub ma jkunx jeħieġ bidliet fit-trajettorja ta' iktar minn 15°, l-operatur m'għandux għalfejn iqis dawk l-ostakli li jkollhom distanza laterali ikbar minn:
- (1) 600 m għat-titjiriet taħt kundizzjonijiet li jippermettu n-navigazzjoni tal-gwida tal-kors viżwali (ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.535 (b)(1) u (c)(1));
 - (2) 900 m, għat-titjiriet taħt il-kundizzjonijiet l-oħra kollha.
- (d) Meta tintwera konformità mas-subparagrafi (a), (b) u (c) hawn fuq, l-operatur għandu jqis dan li ġej:
- (1) Il-massa ta' l-ajruplan fil-bidu tal-ġirja tat-tluq;
 - (2) L-altitudni tal-pessjoni fl-ajrudrom;
 - (3) It-temperatura ta' l-ambjent fl-ajrudrom; kif ukoll
 - (4) Mhux iktar minn 50 % tal-komponent rapportat tar-riħ fil-pruwa jew mhux inqas minn 150 % tal-komponent rapportat tar-riħ minn wara;

OPS 1.540

En-Route — Ajruplani b'aktar minn magna waħda

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-ajruplan, fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija għat-titjira, u fil-każ li jiżviluppa ħsara f'waħda mill-magna, bil-magni l-oħra jaħdmu fil-limiti tal-kundizzjonijiet speċifikati tal-qawwa kontinwa massima, ikun kapaċi li jkompli t-titjira fi jew 'il fuq mill-altitudni minimi rilevanti ta' titjir bla periklu li huma ddikjarati fil-Manwal tat-Tħaddim sa punt ta' 1 000 pied 'il fuq mill-ajrudrom li fih ikunu jistgħu jintlaħqu r-rekwiżiti ta' eżekuzzjoni.

- (b) Meta tintwera l-konformità mas-subparagrafu (a) ta' hawn fuq:
- (1) L-ajruplan m'għandux ikun preżunt li jkun qed itir f'altitudni li tkun iktar minn dik li fiha r-rata ta' tluq tkun ugwali għal 300 pied kull minuta, bil-magni kollha jaħdmu fil-limiti tal-kundizzjonijiet speċifikati tal-qawwa kontinwa massima; kif ukoll
 - (2) Ix-xaqliba preżunta tul ir-rotta b'magna waħda wieqfa għandha tkun ix-xaqliba grossa ta' l-inżul jew tat-tluq, skond kif xieraq, li tiżdied rispettivament b'xaqliba ta' 0,5 %, jew tonqos b'xaqliba ta' 0,5 %.

OPS 1.542

En-Route — Ajruplani b'magna waħda

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-ajruplan, fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija għat-titjira, u fil-każ li jiżviluppa ħsara fil-magna, ikun kapaċi jilħaq post li fih ikun jista' jsir inżul ta' emerġenza bla periklu. Għall-ajruplan ta' fuq l-art, ikun meħtieġ post fuq l-art, sakemm ma jkunx approvat mod ieħor mill-Awtorità.
- (b) Meta tintwera l-konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq:
- (1) L-ajruplan m'għandux ikun preżunt li qed itir, meta l-magna tiegħu tkun qed taħdem fil-limiti tal-kundizzjonijiet speċifikati tal-qawwa kontinwa massima, f'altitudni li tkun iżjed minn dik li fiha r-rata tat-tluq tkun ugwali għal 300 pied fil-minuta; kif ukoll
 - (2) Ix-xaqliba preżunta tul ir-rotta għandha tkun ix-xaqliba grossa ta' l-inżul miżjuda b'xaqliba ta' 0,5 %.

OPS 1.545

L-Inżul — L-Ajrudromi tad-Destinazzjoni u l-Ajrudromi Alternattivi

L-operatur għandu jiżgura li l-massa ta' l-inżul ta' l-ajruplan, stabbilita skond l-OPS 1.475 (a), ma tkunx iżjed mill-massa massima ta' l-inżul speċifikata għall-altitudni u t-temperatura ta' l-ambjent mistennija għall-ħin stmat ta' l-inżul fl-ajrudrom tad-destinazzjoni u f'dak alternattiv.

OPS 1.550

L-Inżul — Runways xotti

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-massa ta' l-inżul ta' l-ajruplan, stabbilita skond l-OPS 1.475 (a) għall-ħin stmat ta' l-inżul, tkun tippermetti nżul ta' waqfien sħiħ minn 50 pied 'il fuq mil-livell massimu fil-limiti ta' 70 % tad-distanza ta' l-inżul disponibbli fl-ajrudrom tad-destinazzjoni u fi kwalunkwe ajrudrom alternattiv.
- (1) L-Awtorità tista' tapprova l-użu ta' data tad-distanza ta' l-inżul li tinqasam f'fatturi skond dan il-paragrafu u tkun ibbażata fuq screen height ta' inqas minn 50 pied, iżda mhux inqas minn 35 pied (ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.550 (a));
 - (2) L-Awtorità tista' tapprova Operazzjonijiet ta' Nżul fil-Qosor, skond il-kriterji li hemm fl-Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.550 (a).
- (b) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (b) hawn fuq, operatur għandu jqis dan li ġej:
- (1) L-altitudni fl-ajrudrom;
 - (2) Mhux iktar minn 50 % tal-komponent tar-riħ fil-pruwa jew mhux inqas minn 150 % tal-komponent tar-riħ minn wara.
 - (3) Il-kundizzjoni tal-wiċċ tar-runway u t-tip ta' wiċċ tar-runway; kif ukoll
 - (4) L-inklinazzjoni tar-runway fid-direzzjoni ta' l-inżul;
- (c) Biex ajruplan jittajjar skond is-sub-paragrafu (a) hawn fuq, wieħed għandu jassumi li:
- (1) L-ajruplan għandu jillandja fuq l-iktar runway favorevoli, f'arja kalma; kif ukoll
 - (2) L-ajruplan jillandja fuq l-iktar runway li x'aktarx ikun assenjat meta wieħed iqis il-veloċità u d-direzzjoni tar-riħ probabbli kif ukoll il-karatteristiċi ta' l-immaniġġjar ta' l-ajruplan fuq l-art, u meta wieħed iqis kundizzjonijiet oħra bħalma huma l-assistenza ta' l-inżul u t-terren.

- (d) Jekk operatur ma jkunx jista' jkun konformi mas-subparagrafu (c)(2) hawn fuq għall-ajrudrom tad-destinazzjoni, l-ajruplan ikun jista' jinħatar jekk jintgħażel ajrudrom alternattiv li jkun jippermetti l-konformità sħiħa mas-subparagrafi (a), (b) u (c).

OPS 1.555

L-Inżul — Runways Imxarrba u Kontaminati

- (a) Operatur għandu jiżgura li meta r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa, jew taħlita ta' dawn, ikunu juru li r-runway fil-ħin stmat tal-wasla tista' tkun imxarrba, id-distanza ta' l-inżul disponibbli tkun ugwali għal jew iżjed mid-distanza ta' l-inżul meħtieġa, stabbilita skond l-OPS 1.550, immultiplikata b'fattur ta' 1,15.
- (b) L-operatur għandu jiżgura li meta r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa, jew taħlita ta' dawn, ikunu juru li r-runway fil-ħin stmat tal-wasla jista' jkun kontaminat, id-distanza ta' l-inżul, li tkun stabbilita billi tintuża d-data li tkun aċċettabbli għall-Awtorità għal dawn il-kundizzjonijiet, m'għandhiex tkun iżjed mid-distanza ta' l-inżul disponibbli.
- (c) Distanza ta' nżul fuq runway imxarrba li tkun iqsar minn dik meħtieġa fis-sub-paragrafu (a) hawn fuq, iżda mhux inqas minn dik meħtieġa mill-OPS 1.550 (a), tista' tintuża jekk il-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan ikun jinkludi informazzjoni addizzjonali speċifika dwar id-distanzi ta' l-inżul fuq runways imxarrba.
-

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.525 (b)

Ġenerali — It-Tluq u l-Inżul

(a) It-tluq

(1) Il-Magni Kollha Jaħdmu

- (i) Ix-xaqliba wieqfa tat-tluq ta' wara t-tluq għandha tkun mill-inqas 4 % bi:
 - (A) Qawwa tat-tluq fuq kull magna;
 - (B) It-tagħmir ta' l-illandjar estiż ħlief li jekk it-tagħmir ta' l-illandjar ikun jista' jitraġġa' lura f'mhux iktar minn 7 sekondi, wieħed jista' jassumi li dan ikun traġġa' lura;
 - (C) Il-flaps tal-ġwienaħ fil-pożizzjoni(jiet) tat-tluq; kif ukoll
 - (D) Veloċità tat-tluq li ma tkunx inqas mill-ikbar ta' 1,1 VMC u 1,2 VS1.

(2) Magna Waħda Wieqfa

- (i) Ix-xaqliba wieqfa tat-tluq f'altitudni ta' 400 pied 'il fuq mill-wiċċ tat-tluq għandu jkun pożittiv biżżejjed bi:
 - (A) Magna kritika wieqfa u l-iskrun tagħha fil-pożizzjoni minima tad-dawran;
 - (B) Il-magna l-oħra fil-qawwa tat-tluq;
 - (C) Tagħmir ta' l-inżul imraġġa' lura;
 - (D) Il-flaps tal-ġwienaħ fil-pożizzjoni(jiet) tat-tluq; kif ukoll
 - (E) Veloċità tat-tluq li tkun ugwali għal dik miksuba f'50 pied.
- (ii) Ix-xaqliba wieqfa tat-tluq m'għandhiex tkun inqas minn 0,75 % ta' altitudni ta' 1 500 pied 'il fuq mill-wiċċ tat-tluq bil-
 - (A) Magna kritika wieqfa u l-iskrun tagħha fil-pożizzjoni minima tad-dawran;
 - (B) Magna l-oħra f'mhux iktar mill-qawwa kontinwa massima;
 - (C) Tagħmir ta' l-inżul imraġġa' lura;
 - (D) Flaps tal-ġwienaħ imraġġa' lura; kif ukoll
 - (E) Veloċità tat-tluq ta' mhux inqas minn 1,2 VS1.

(b) L-inżul

(1) Il-Magni Kollha Jaħdmu

- (i) Ix-xaqliba wieqfa tat-tluq għandha tkun mill-inqas 2,5 % bi:
 - (A) Mhux iktar mill-qawwa jew il-propulsjoni li tkun disponibbli 8 sekondi wara l-bidu tal-moviment tal-kontrolli tal-qawwa mill-pożizzjoni wieqfa minima tat-titjira;
 - (B) Tagħmir ta' l-inżul imraġġa' lura;
 - (C) Il-flaps tal-ġwienaħ fil-pożizzjoni ta' l-illandjar; kif ukoll
 - (D) Veloċità tat-tluq ugwali għal VREF.

(2) Magna Waħda Wieqfa

- (i) Ix-xaqliba wieqfa tat-tluq ma għandhiex tkun inqas minn 0,75 % f'altitudni ta' 1 500 pied 'il fuq mill-wiċċ ta' l-inżul bil-
- (A) Magna kritika wieqfa u l-iskrun tagħha fil-pożizzjoni minima tad-dawran;
 - (B) Magna l-oħra f'mhux iktar mill-qawwa kontinwa massima;
 - (C) Tagħmir ta' l-inżul imraġġa' lura;
 - (D) Flaps tal-ġwienaħ imraġġa' lura; kif ukoll
 - (E) Veloċità tat-tluq ta' mhux inqas minn 1,2 VS1.
-

*Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.535 (b)(1)u (c)(1)***Il-Passaġġ tat-Titjira matul it-Tluq — In-Navigazzjoni tal-Gwida tal-Kors Viżwali**

Biex jippermetti n-navigazzjoni tal-kors viżwali, operatur għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet tat-temp li jkun hemm waqt l-operazzjoni, inklużi l-għoli tas-sħab u l-viżibilità, ikunu tali li l-punti ta' referenza ta' l-ostaklu u/jew ta' l-art ikunu jistgħu jidhru u jiġu identifikati. Il-Manwal tat-Tħaddim għandu jispeċifika, għall-ajrudrom(i) ikkonċernat(i), il-kundizzjonijiet minimi tat-temp li jgħinu lill-ekwipaġġ tat-titjira biex jistabilixxi u jżomm il-passaġġ tat-titjira b'mod korrett fejn jikkonċerna l-punti ta' referenza ta' fuq l-art, biex ikun hemm ikklierjar bla periklu fejn jikkonċerna l-ostakli u t-terren kif ġej:

- (a) Il-proċedura għandha tkun definita sew fejn jikkonċerna l-punti ta' referenza ta' fuq l-art biex il-mogħdija li minnha se tgħaddi t-titjira tkun tista' tiġi analizzata għar-rekwiżiti ta' l-ikklierjar ta' ostakli;
- (b) Il-proċedura għandha tkun fil-limiti tal-ħiliet ta' l-ajruplan, fejn jikkonċerna l-veloċità 'l quddiem, l-angolu tat-timjil laterali u l-effetti tar-riħ;
- (c) Għall-użu ta' l-ekwipaġġ, għandha tingħata deskrizzjoni bil-mitkub u/jew illustrata dwar il-proċedura; kif ukoll
- (d) Il-kundizzjonijiet ambjentali li jillimitaw għandhom ikunu speċifikati (eż. ir-riħ, is-sħab, il-viżibilità, il-jum/il-lejl, id-dawl ta' l-ambjent, id-dwal ta' ostaklu).

*Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.550 (a)***Il-Proċeduri ta' Avviċinament Wieqaf**

- (a) L-Awtorità tista' tapprova l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' Avviċinament Wieqaf billi jintużaw angoli ta' inklinazzjoni ta' l-inżul ta' 4.5° jew iktar u bi screen heights ta' inqas minn 50 pied iżda mhux inqas minn 35 pied, sakemm jintlaħqu l-kriterji li ġejjin:
- (1) Il-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan għandu jiddikjara l-angolu massimu tal-glide slope approvat, kwalunkwe limitazzjonijiet oħra, proċeduri normali, mhux normali jew ta' emerġenza għall-avviċinament wieqaf, kif ukoll emendi fid-data tat-tul tal-medda meta jintużaw il-kriterji ta' l-avviċinament wieqaf;
 - (2) Sistema adatta ta' referenza ta' glidepath li tinkludi mill-inqas sistema ta' indikazzjoni ta' glidepath viżwali għandha tkun disponibbli f'kull ajrudrom li fih għandhom isiru proċeduri ta' avviċinament wieqaf; kif ukoll
 - (3) Il-valuri minimi tat-temp għandhom ikunu speċifikati u approvati għal kull runway b'avviċinament wieqaf. Għandha tingħata attenzjoni għal dawn li ġejjin:
 - (i) Is-sitwazzjoni ta' l-ostaklu;
 - (ii) It-tip ta' referenza tal-glide path u tal-gwida tar-runway bħalma huma l-assistenza viżwali, MLS, 3D-NAV, ILS, LLZ, VOR, NDB;
 - (iii) Ir-referenza viżwali minima li għandha tkun meħtieġa fid-DH u l-MDA;
 - (iv) It-tagħmir disponibbli li jintuża fl-ajruplan;
 - (v) Il-kwalifiki tal-pilota u familjarizzazzjoni speċjali ma' l-ajrudrom;
 - (vi) Il-limitazzjonijiet u l-proċeduri tal-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan; kif ukoll
 - (vii) Il-kriterji ta' l-avviċinament mhux milħuq.
-

*Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.550 (a)***Operazzjonijiet ta' Nżul fil-Qosor**

- (a) Għall-finijiet ta' l-OPS 1.550 (a)(2), id-distanza wżata għall-kalkolazzjoni tal-massa ta' l-inżul awtorizzata tista' tikkonsisti mit-tul użabbli taż-żona ddikjarata bla periklu u d-distanza ta' l-inżul iddikjarata li tkun disponibbli. L-Awtorità tista' tapprova dawn l-operazzjonijiet skond il-kriterji li ġejjin:
- (1) L-użu ta' żona mingħajr periklu għandu jkun approvat mill-Awtorità ta' l-ajruport.
 - (2) Iż-żona bla periklu dikjarata m'għandha jkollha l-ebda ostakli jew depressjonijiet li jistgħu jpoġġu fil-periklu ajruplan li jkun qed jillandja qabel tibda r-runway u l-ebda oġġett mobbli m'għandu jkun awtorizzat fuq iż-żona bla periklu dikjarata waqt li r-runway ikun qed tintuża għall-operazzjonijiet ta' nżul fil-qosor.
 - (3) L-inklinazzjoni taż-żona bla periklu dikjarata m'għandhiex tkun iżjed minn 5 % 'il fuq u lanqas 2 % 'il isfel fid-direzzjoni ta' l-inżul.
 - (4) It-tul użabbli taż-żona ddikjarata bla periklu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Appendiċi m'għandux ikun ta' iktar minn 90 metru;
 - (5) Il-wisa' taż-żona ddikjarata bla periklu m'għandhiex tkun inqas mid-doppju tal-wisa' tar-runway, li din tkun iċċentrata fuq il-linja taċ-ċentru tar-runway estiż;
 - (6) Qed ikun preżunt li l-għoli tal-qsim fil-bidu tat-tul użabbli taż-żona ddikjarata bla periklu ma għandux ikun inqas minn 50 pied.
 - (7) Għall-finijiet ta' din l-operazzjoni, ir-rekwiżit tas-saħħa tad-direzzjoni ta' l-OPS 1.480 (a)(5) ma hemmx għalfejn ikun applikat għaż-żona ddikjarata bla periklu.
 - (8) Il-valuri minimi tat-temp għandhom ikunu speċifikati u approvati għal kull runway li se jintuża u m'għandhomx ikunu inqas mill-ikbar valuri minimi tal-VFR jew ta' l-avviċinament ta' nuqqas ta' preċiżjoni.
 - (9) Ir-rekwiżiti tal-pilota għandhom ikunu speċifikati (ara OPS 1.975 (a)).
 - (10) L-Awtorità tista' timponi kundizzjonijiet addizzjonali bħal dawn fejn ikunu meħtieġa għat-tħaddim bla periklu, waqt li jitqiesu l-karatteristiċi tat-tip ta' l-ajruplan, l-assistenza ta' l-avviċinament u l-konsiderazzjonijiet ta' l-avviċinament mhux milħuq/inżul imfixkel.

SUBPARTI I

KLASSI TA' EŻEKUZZJONI C

OPS 1.560

Ġenerali

Operatur għandu jiżgura li, biex tkun stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti ta' din is-Subparti, id-Data ta' l-eżekuzzjoni approvata fil-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan għandha tkun supplimentata, skond kif meħtieġ, b'data oħra li tkun aċċettabbli għall-Awtorità jekk d-data ta' l-eżekuzzjoni approvata fil-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan ma tkunx biżżejjed.

OPS 1.565

It-Tluq

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-massa tat-tluq ma tkunx iżjed mill-massa massima tat-tluq speċifikata fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan għall-altitudni tal-pressure u għat-temperatura ta' l-ambjent fl-ajrudrom li fih ikun se jsir it-tluq.
- (b) Operatur għandu jiżgura li, għall-ajruplan li fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan tagħhom ikun hemm id-data dwar it-tul tal-medda tat-tluq, li iżda ma jkunx jinkludu r-responsabbiltà tal-ħsara tal-magna, id-distanza mill-bidu tal-ġirja tat-tluq meħtieġa mill-ajruplan biex jilħaq għoli ta' 50 pied 'il fuq mill-wiċċ bil-magni kollha jaħdmu fil-limiti tal-kundizzjonijiet tal-qawwa massima tat-tluq speċifikata, meta multiplikata b'fattur ta' wieħed minn dawn:
- (1) 1,33 għall-ajruplani li jkollhom żewġ magni; jew
 - (2) 1,25 għall-ajruplan li jkollhom tliet magni; jew
 - (3) 1,18 għall-ajruplan li jkollhom erba' magni,
- ma tkunx iżjed mill-ġirja tat-tluq disponibbli fl-ajrudrom li fih ikun se jsir it-tluq.
- (c) Operatur għandu jiżgura li, għall-ajruplan li jkollhom id-data tat-tul tal-medda tat-tluq fil-Manwali tat-Titjir tagħhom li tqis ukoll il-ħsara fil-magna, ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom jintlaħqu skond l-ispeċifikazzjonijiet li hemm fil-Manwal tat-Titjira ta' l-Ajruplan:
- (1) Id-distanza aċċelerazzjoni-waqfien ma għandhiex tkun iktar mid-distanza disponibbli;
 - (2) Id-distanza tat-tluq m'għandhiex tkun iktar mid-distanza tat-tluq disponibbli, bid-distanza tal-clearway ma tkunx iżjed minn nofs il-ġirja tat-tluq disponibbli;
 - (3) Il-ġirja tat-tluq m'għandhiex tkun iktar mill-ġirja tat-tluq disponibbli;
 - (4) Il-konformità ma' dan il-paragrafu għandha tintwera bl-użu ta' valur wieħed ta' V1 għat-tluq rifjutat u dak issoktat; kif ukoll
 - (5) Fuq runway imxaraba jew kontaminata, il-massa tat-tluq m'għandhiex tkun iżjed minn dik awtorizzata għat-tluq fuq runway xotta taħt l-istess kundizzjonijiet.
- (d) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafi (b) u (c) hawn fuq, l-operatur għandu jqis dawn li ġejjin:
- (1) L-altitudni tal-pressure fl-ajrudrom;
 - (2) It-temperatura ta' l-ambjent fl-ajrudrom;
 - (3) Il-kundizzjoni tal-wiċċ tar-runway u t-tip ta' wiċċ tar-runway;
 - (4) L-inklinazzjoni tar-runway fid-direzzjoni tat-tluq;
 - (5) Mhux iktar minn 50 % tal-komponent rapportat tar-riħ fil-pruwa jew mhux inqas minn 150 % tal-komponent rapportat tar-riħ minn wara; kif ukoll
 - (6) It-telf, jekk ikun hemm, tat-tul tar-runway minhabba l-allinjament ta' l-ajruplan qabel it-tluq.

OPS 1.570

L-Ikklerjar ta' Ostakli waqt it-Tluq

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-passaġġ tat-titjira matul it-tluq b'magna waħda wieqfa jkun ikklerja l-ostakli kollha b'distanza vertikali ta' mill-inqas 50 pied u $0,01 \times D$, jew b'distanza orizzontali ta' mill-inqas 90 m u $0,125 \times D$, fejn D tkun id-distanza orizzontali li l-ajruplan ikun għamel mit-tmiem tad-distanza tat-tluq disponibbli. Għall-ajruplani b'tul ta' ġwienaħ ta' inqas minn 60 m jista' jintuża kklerjar ta' ostakli orizzontali ta' nofs it-tul tal-ġwienaħ ta' l-ajruplan u 60 m, u $0,125 \times D$.
- (b) Il-passaġġ tat-titjira matul it-tluq għandu jibda f'għoli ta' 50 pied 'il fuq mill-wiċċ fit-tmiem tad-distanza tat-tluq meħtieġa mill-OPS 1.565 (b) jew (c) skond kif jgħodd, u jintemm f'għoli ta' 1 500 pied 'il fuq mill-wiċċ.
- (c) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq, operatur għandu jqis dan li ġej:
- (1) Il-massa ta' l-ajruplan fil-bidu tal-ġirja tat-tluq;
 - (2) L-altitudni tal-pressjoni fl-ajrudrom;
 - (3) It-temperatura ta' l-ambjent fl-ajrudrom; kif ukoll
 - (4) Mhux iktar minn 50 % tal-komponent rapportat tar-riħ fil-pruwa jew mhux inqas minn 150 % tal-komponent rapportat tar-riħ minn wara;
- (d) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq, il-bidliet fil-mogħdija ma għandhomx ikunu awtorizzati sa dak il-punt tal-passaġġ tat-titjira matul it-tluq fejn ikun inkiseb għoli ta' 50 pied 'il fuq mill-wiċċ. Minn hemm 'il qudriem sa għoli ta' 400 pied huwa meqjus li ajruplan ikun miel b'mhux aktar minn 15°. Il-fuq minn 400 pied, l-angoli tat-timjila ta' l-għoli li jkunu ta' iktar minn 15°, iżda mhux iktar minn 25° jistgħu jiġu skedati; Għandu jkun hemm konċessjoni xierqa għall-effett ta' l-angolu tat-timjil laterali fuq il-veloċitajiet operattivi u l-passaġġ tat-titjira, li jinkludu inkrementi ta' distanza li jkunu ġejjin minn veloċitajiet operattivi miżjuda.
- (e) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq għal dawk il-każijiet li ma jkunux jeħtieġu bidliet fil-mogħdija ta' iktar minn 15°, operatur ma jkollux għalfejn jikkonsidra dawk l-ostakli li jkollhom distanza laterali ta' iktar minn:
- (1) 300 m, jekk il-pilota jkun kapaċi jżomm l-eżattezza navigazzjonali meħtieġa fiż-żona tar-responsabbiltà ta' l-ostaklu; jew
 - (2) 600 m, għa titjiriet taħt il-kundizzjonijiet l-oħra kollha.
- (f) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq għal dawk il-każijiet li ma jkunux jeħtieġu bidliet fil-mogħdija ta' iktar minn 15°, operatur ma jkollux għalfejn jikkonsidra dawk l-ostakli li jkollhom distanza laterali ta' iktar minn:
- (1) 600 m, jekk il-pilota jkun kapaċi jżomm l-eżattezza navigazzjonali meħtieġa fiż-żona tar-responsabbiltà ta' l-ostaklu; jew
 - (2) 900 m, għat-titjiriet taħt il-kundizzjonijiet l-oħra kollha.
- (g) Operatur għandu jstabilixxi proċeduri ta' kontinġenza biex jilħaq ir-rekwiżiti ta' l-OPS 1.570 u biex jipprovdi rotta bla periklu, waqt li jkunu evitati l-ostakli biex b'hekk l-ajruplan ikun jista' jew ikun konformi mar-rekwiżiti tul ir-rotta ta' l-OPS 1.580, jew jinżel jew fl-ajrudrom tat-tluq jew f'ajrudrom alternattiv tat-tluq.

OPS 1.575

En-Route — Il-Magni Kollha Jaħdmu

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-ajruplan għandu, fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija għat-titjira, fi kwalunkwe punt fuq ir-rotta tiegħu jew fi kwalunkwe devjazzjoni pjanata minn din, jkun kapaċi jżomm rata ta' tluq ta' mill-inqas 300 pied fil-minuta bil-magni kollha jaħdmu fil-limiti tal-kundizzjonijiet tal-qawwa massima speċifikati fi:
- (1) L-altitudni minimi għat-titjira bla periklu f'kull stadju tar-rotta li se ssir jew ta' kwalunkwe devjazzjoni pjanata minn din li tkun speċifikata, jew ikkalkolata mill-informazzjoni li jkun hemm fil-Manwal tat-Tħaddim fejn jikkonċerna l-ajruplan; kif ukoll
 - (2) L-altitudni minimi meħtieġa għall-konformità mal-kundizzjonijiet preskritti fl-OPS 1.580 u 1.585, kif xieraq.

OPS 1.580

En-Route — Magna Waħda Wieqfa

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-ajruplan għandu, fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija għat-titjira, fil-każ li jiżviluppa ħsara f'waħda mill-magna fi kwalunkwe punt tul ir-rotta tiegħu jew fi kwalunkwe devjazzjoni ppjanata minn din u bil-magna jew il-magni l-oħra jaħdmu fil-limiti tal-kundizzjonijiet tal-qawwa kontinwa massima speċifikati, jkun kapaċi li jkompli t-titjira mill-altitudni tal-veloċità moderata għall-ajrudrom fejn l-inżul ikun jista' jsir skond l-OPS 1.595 jew OPS 1.600 skond kif xieraq, bl-ikklejar ta' ostakli f'9,3 km (5 nm) fuq kull naħa tal-mogħdija maħsuba u b'intervall vertikali ta' mill-inqas:
- (1) 1 000 pied meta r-rata tat-tluq tkun żero jew iżjed; jew
 - (2) 2 000 pied meta r-rata tat-tluq tkun inqas minn żero.
- (b) Il-passaġġ tat-titjira għandu jkollu inklinazzjoni pożittiva f'altitudni ta' 450 m (1 500 pied) 'il fuq mill-ajrudrom fejn l-inżul huwa maħsub li se jsir wara li waħda mill-magni jiġrilha ħsara.
- (c) Għall-finijiet ta' dan is-sub-paragrafu, ir-rata disponibbli tat-tluq ta' l-ajruplan għandha tittieħed li tkun 150 pied fil-minuta inqas mir-rata grossa tat-tluq speċifikata.
- (d) Meta tintwera konformità ma' dan il-paragrafu, operatur għandu jżid il-marġini tal-wisa tas-sub-paragrafu (a) hawn fuq għal 18,5 km (10 nm) jekk l-eżattezza navigazzjonali ma tkunx tilħaq il-livell ta' trażżin ta' 95 %.
- (e) Ir-rimi ta' karburant huwa awtorizzat sakemm ikun konsistenti biex l-ajruplan jilħaq l-ajrudrom bir-riżervi tal-karburant meħtieġa, jekk tintuża proċedura bla periklu.

OPS 1.585

En-Route — Ajruplan bi Tliet Magni jew Iżjed, b'Żewġ Magni Wieqfa

- (a) Operatur għandu jiżgura li fl-ebda punt tul it-trajettorja maħsuba l-ajruplan li jkollu tliet magni jew aktar ma jkun aktar minn 90 minuta, b'veloċità moderata ta' medda twila bil-magni kollha jaħdmu f'temperatura standard u f'arja kalma, 'il bogħod mill-ajrudrom li fih ir-rekwiżiti ta' l-eżekuzzjoni applikabbli fil-massa ta' l-inżul mistennija jkunu ntlaħqu, sakemm dan ikun konformi mas-sub-paragrafi (b) sa (f) hawn taħt.
- (b) Il-passaġġ tat-titjira b'żewġ magni wieqfa muri għandu jippermetti li l-ajruplan ikompli bit-titjira, fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija, waqt li jikklerja l-ostakli kollha f'medda ta' 9,3 km (5 nm) fuq kull naħa tal-mogħdija ppjanata b'intervall vertikali ta' mill-inqas 2 000 pied, lejn ajrudrom li fih ikunu ntlaħqu r-rekwiżiti ta' l-eżekuzzjoni mistennija li jsiru applikabbli fil-massa ta' l-inżul.
- (c) Iż-żewġ magni għandhom ikunu preżunti li jieqfu fl-iktar punt kritiku ta' dik il-parti tar-rotta fejn l-ajruplan ikun iktar minn 90 minuta, b'veloċità moderata ta' medda twila bil-magni kollha jaħdmu f'temperatura standard u f'arja kalma, 'il bogħod minn ajrudrom li fih ikunu ntlaħqu r-rekwiżiti ta' eżekuzzjoni applikabbli fil-massa ta' l-inżul mistennija.
- (d) Il-massa mistennija ta' l-ajruplan fil-punt fejn iż-żewġ magni huma preżunti li jieqfu m'għandhiex tkun inqas minn dik li tinkludi karburant biżżejjed biex dan jipproċedi lejn l-ajrudrom fejn l-inżul ikun mistenni li se jsir, u biex jasal hemm f'altitudni ta' mill-inqas 450 m (1 500 pied) direttament fuq iż-żona ta' l-inżul u minn hemm 'il quddiem biex itir livell għal 15-il minuta.
- (e) Għall-finijiet ta' dan is-sub-paragrafu, ir-rata tat-tluq disponibbli ta' l-ajruplan għandha tittieħed li tkun 150 pied kull minuta inqas minn dik speċifikata.
- (f) Meta tintwera konformità ma' dan il-paragrafu, operatur għandu jżid il-marġini tal-wisa tas-sub-paragrafu (a) hawn fuq għal 18,5 km (10 nm) jekk l-eżattezza navigazzjonali ma tkunx tilħaq il-livell ta' trażżin ta' 95 %.
- (g) Ir-rimi ta' karburant huwa awtorizzat sakemm ikun konsistenti biex l-ajruplan jilħaq l-ajrudrom bir-riżervi tal-karburant meħtieġa, jekk tintuża proċedura bla periklu.

OPS 1.590

L-Inżul — L-Ajruddromi tad-Destinazzjoni u l-Ajruddromi Alternattivi

Operatur għandu jiżgura li l-massa ta' l-inżul ta' l-ajruplan stabbilita skond l-OPS 1.475 (a) ma tkunx iżjed mill-massa massima ta' l-inżul speċifikata fil-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan għall-altitudni u, jekk tkun inkluża fil-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan, it-temperatura ta' l-ambjent mistennija fil-ħin stmat ta' l-inżul fl-ajruddrom tad-destinazzjoni u fl-ajruddrom alternattiv.

OPS 1.595

L-Inżul — Runways xotti

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-massa ta' l-inżul ta' l-ajruplan, stabbilita skond l-OPS 1.475 (a) għall-ħin stmat ta' l-inżul, tkun tippermetti nżul ta' waqfien sħiħ minn 50 pied 'il fuq mil-livell massimu fil-limiti ta' 70 % tad-distanza ta' l-inżul disponibbli fl-ajruddrom tad-destinazzjoni u fi kwalunkwe ajruddrom alternattiv.
- (b) Meta tintwera konformità mas-sub-paragrafu (a) hawn fuq, operatur għandu jqis dan li ġej:
- (1) L-altitudni fl-ajruddrom;
 - (2) Mhux iktar minn 50 % tal-komponent tar-riħ fil-pruwa jew mhux inqas minn 150 % tal-komponent tar-riħ minn wara;
 - (3) It-tip ta' wiċċ tar-runway; kif ukoll
 - (4) L-inklinazzjoni tar-runway fid-direzzjoni ta' l-inżul.
- (c) Biex ajruplan jittajjar skond is-sub-paragrafu (a) hawn fuq, wieħed għandu jassumi li:
- (1) L-ajruplan għandu jillandja fuq l-iktar runway favorevoli, f'arja kalma; kif ukoll
 - (2) L-ajruplan jillandja fuq l-iktar runway li x'aktarx ikun assenjat meta wieħed iqis il-veloċità u d-direzzjoni tar-riħ probabbli kif ukoll il-karatteristiċi ta' l-immaniġġjar ta' l-ajruplan fuq l-art, u meta wieħed iqis kundizzjonijiet oħra bħalma huma l-assistenza ta' l-inżul u t-terren.
- (d) Jekk operatur ma jkunx jista' jkun konformi mas-sub-paragrafu (c)(2) hawn fuq għall-ajruddrom tad-destinazzjoni, l-ajruplan ikun jista' jinħatar jekk jintgħażel ajruddrom alternattiv li jkun jippermetti l-konformità sħiħa mas-sub-paragrafi (a), (b) u (c).

OPS 1.600

L-Inżul — Runways Imxarrba u Kontaminati

- (a) Operatur għandu jiżgura li meta r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa, jew taħlita ta' dawn, ikunu juru li r-runway fil-ħin stmat tal-wasla tista' tkun imxarrba, id-distanza ta' l-inżul disponibbli tkun ugwali għal jew iżjed mid-distanza ta' l-inżul meħtieġa, stabbilita skond l-OPS 1.595, immultiplikata b'fattur ta' 1,15.
- (b) Operatur għandu jiżgura li meta r-rapporti jew it-tbassir tat-temp xierqa, jew taħlita ta' dawn, ikunu juru li r-runway fil-ħin stmat tal-wasla jista' jkun kontaminat, id-distanza ta' l-inżul, li tkun stabbilita billi tintuża d-data li tkun aċċettabbli għall-Awtorità għal dawn il-kundizzjonijiet, m'għandhiex tkun iżjed mid-distanza ta' l-inżul disponibbli.

SUBPARTI J

MASSA U BILANĊ

OPS 1.605

Ġenerali

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.605)

- (a) Operatur għandu jiżgura li matul kull fażi tat-tħaddim, it-tagħbija, il-massa u ċ-ċentru tal-gravità ta' l-ajruplan ikunu konformi mal-limitazzjonijiet speċifikati fil-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan approvat, jew fil-Manwal tat-Tħaddim jekk dan ikun aktar ristrettiv.
- (b) Operatur għandu jistabbilixxi l-massa u ċ-ċentru tal-gravità ta' kwalunkwe ajruplan billi dan jintiżen qabel id-dħul inizjali fis-servizz u minn hemm 'il quddiem f'intervalli ta' 4 snin jekk jintużaw il-mases individwali ta' l-ajruplan u 9 snin jekk jintużaw il-mases tal-flotta. L-effetti akkumulati tal-modifikazzjonijiet u t-tiswijiet fuq il-massa u l-bilanċ għandhom jitqiesu sew u jkunu dokumentati kif xieraq. Minbarra hekk, l-ajruplan għandhom jintiżnu mill-ġdid jekk l-effett tal-modifikazzjonijiet fuq il-massa u l-bilanċ ma jkunx magħruf eżatt.
- (c) Operatur għandu jistabbilixxi l-massa tal-punti kollha tat-tħaddim u tal-membri ta' l-ekwipaġġ inklużi fil-massa solida ta' l-operat ta' l-ajruplan billi jintiżen jew billi jintużaw masses standard. L-influwenza tal-pożizzjoni tagħhom fuq iċ-ċentru tal-gravità ta' l-ajruplan għandha tiġi stabbilita.
- (d) Operatur għandu jistabbilixxi l-massa tat-tagħbija tat-traffiku, inkluża kwalunkwe saborra, jew billi jintiżen jew billi tkun stabbilita l-massa tat-tagħbija tat-traffiku skond il-mases standard għall-passiġġieri u l-bagalji kif speċifikat fl-OPS 1.620.
- (e) Operatur għandu jistabilixxi l-massa tat-tagħbija tal-karburant billi tintuża d-densità attwali jew, jekk ma tkunx magħrufa, id-densità kkalkolata skond metodu speċifikat fil-Manwal tat-Tħaddim.

OPS 1.607

Terminoloġija

- (a) Il-massa totali ta' l-ajruplan li jkun lest għal tip speċifiku ta' operazzjoni barra l-karburant użabbli u t-tagħbija tat-traffiku. Din il-massa tinkludi oġġetti bħalma huma:
 - (1) L-ekwipaġġ u l-bagalji ta' l-ekwipaġġ;
 - (2) Tagħmir għall-forniment ta' ikel jew li jista' jitneħħa għas-servizz tal-passiġġieri; kif ukoll
 - (3) Ilma għax-xorb u kimiċi li jintużaw fit-toilets.
- (b) Il-massa massima awtorizzata ta' ajruplan bla ebda karburant użabbli. Il-massa tal-karburant li jkun hemm f'tankijiet partikolari għandha tkun inkluża fil-massa żero tal-karburant meta din tissemma espliċitament fil-limitazzjonijiet tal-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan.
- (c) Il-Massa Strutturali Massima ta' l-Inżul. Il-Massa totali massima ta' l-ajruplan awtorizzata għall-inżul taħt ċirkostanzi normali.
- (d) Il-Massa Massima Strutturali tat-Tluq. Il-massa totali massima ta' l-ajruplan awtorizzata fil-bidu tal-ġirja tat-tluq.
- (e) Il-klassifikazzjoni tal-passiġġieri.
 - (1) Adulti, irġiel u nisa, huma deskritti bħala persuni ta' età ta' 12-il sena u aktar.
 - (2) It-tfal huma deskritti bħala persuni li jkunu ta' età ta' sentejn u aktar iżda li huma ta' inqas minn 12-il sena.
 - (3) Tfal żgħar huma spjegati bħala persuni li jkunu ta' età ta' inqas minn sentejn.
- (f) It-Tagħbija tat-Traffiku. Il-massa totali tal-passiġġieri, bagalji u merkanzija, inkluża kwalunkwe tagħbija mhux kummerċjali.

OPS 1.610

It-Tagħbija, il-massa u l-bilanċ

Operatur għandu jispesifika, fil-Manwal tat-Tħaddim, il-prinċipji u l-metodi involuti fit-tagħbija u fis-sistema tal-massa u l-bilanċ li jilhq u r-reqwiziti ta' l-OPS 1.605. Din is-sistema għandha tkopri t-tipi kollha ta' l-operazzjonijiet ipplanati.

OPS 1.615

Il-valuri tal-massa għall-ekwipaġġ

- (a) Operatur għandu juża l-valuri tal-massa li ġejjin biex jistabilixxi l-massa solida tat-tħaddim:
- (1) Il-mases attwali inklużi kwalunkwe bagalji ta' l-ekwipaġġ; jew
 - (2) Mases standard, inklużi bagalji ta' l-idejn, ta' 85 kilo għall-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u 75 kilo għall-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri; jew
 - (3) Mases standard oħrajn aċċettabbli għall-Awtorità.
- (b) Operatur għandu jikkoreġi l-massa solida tat-tħaddim biex iqis kwalunkwe bagalji żejda. Il-pożizzjoni ta' dawn il-bagalji żejda għandha titqies meta jkun qed jiġi stabbilit iċ-ċentru tal-gravità ta' l-ajruplan.

OPS 1.620

Valuri tal-massa għal passiġġieri u bagalji

- (a) Operatur għandu jikkalkula l-massa tal-passiġġieri u tal-bagalji verifikati billi juża l-massa mwieżna attwali ta' kull persuna u l-massa mwieżna attwali tal-bagalji jew il-valuri tal-massa standard speċifikati fit-Tabelli 1 sa 3 hawn taħt, ħliet fejn in-numru tas-siġġijiet tal-passiġġieri jkun inqas minn 10. F'dawn il-każijiet, il-massa tal-passiġġieri tista' tiġi stabbilita bl-użu ta' dikjarazzjoni verbali minn, jew f'isem, kull passiġġier u billi jiżdied ma' din il-valur kostanti determinat minn qabel biex jitqiesu l-bagalji u l-ħwejjeġ Il-proċedura li tispesifika meta se jintgħażlu l-mases attwali jew standard u l-proċedura li għandha tiġi segwita meta jintużaw id-dikjarazzjonijiet verbali għandhom ikunu inklużi fil-Manwal tat-Tħaddim.
- (b) Jekk jistabilixxi l-massa attwali bl-użin, operatur għandu jiżgura li l-affarijiet personali tal-passiġġieri u l-bagalji ta' l-idejn ikunu inklużi. Dan l-użin għandu jsir immedjatament qabel l-imbarkazzjoni u f'post qrib.
- (c) Jekk jistabilixxi l-massa tal-passiġġieri billi juża l-valuri tal-massa standard, dan għandu juża l-valuri tal-massa standard murija fit-Tabelli 1 u 2 hawn taħt. Il-mases standard jinkludu l-bagalji ta' l-idejn u l-massa ta' kwalunkwe tfal żgħar ta' età taħt is-sentejn li jinġarru minn adult fuq siġġu wieħed tal-passiġġieri. Għall-finijiet ta' dan is-sub-paragrafu, tfal żgħar li jokkupaw siġġijiet separati għandhom jitqiesu bħala tfal.
- (d) Il-valuri tal-massa għall-passiġġieri — 20 siġġu jew iktar
- (1) Fejn in-numru totali ta' siġġijiet tal-passiġġieri disponibbli fuq ajruplan ikun ta' 20 jew aktar, il-mases standard ta' l-irġiel u n-nisa li jidhru fit-Tabella 1 ikunu applikabbli. Bħala alternattiva, f'każijiet fejn in-numru totali tas-siġġijiet tal-passiġġieri disponibbli jkun ta' 30 jew aktar, il-valuri tal-massa 'Adulti biss' li jidhru fit-Tabella 1 għandhom ikunu applikabbli.
 - (2) Għall-għan tat-Tabella 1, titjira vaganza charter tfisser titjira tat-tip charter li tkun maħsuba bħala element ta' pak-kett ta' vjaġġar fuq btala. Il-valuri tal-massa tat-titjira vaganza charter japplikaw sakemm jintużaw mhux iktar minn 5 % tas-siġġijiet tal-passiġġieri installati fuq l-ajruplan għall-ġarr mhux kummerċjali ta' ċerti kategoriji ta' passiġġieri.

Tabella 1

Siġġijiet tal-passiġġieri:	20 u iktar		30 u iktar
	Maskil	Femminil	Adulti Biss
It-tijriet kollha hliet dawk chartered	88 kg	70 kg	84 kg
Titjriet vaganza chartered	83 kg	69 kg	76 kg
Tfal	35 kg	35 kg	35 kg

- (e) Il-valuri tal-massa għall-passiġġieri — 19 siġġu jew iktar
- (1) Fejn in-numru totali ta' siġġijiet tal-passiġġieri disponibbli fuq ajruplan ikun ta' 19 jew inqas, għandhom japplikaw il-mases standard li hemm fit-Tabella 2.

Tabella 2

Siġġijiet tal-passiġġieri	1-5	6-9	10-19
Maskil	104 kg	96 kg	92 kg
Femminil	86 kg	78 kg	74 kg
Tfal	35 kg	35 kg	35 kg

- (2) Fuq titjriet fejn ma jkun hemm l-ebda bagalji ta' l-idejn fil-kabina jew fejn il-bagalji ta' l-idejn jitqiesu separatament, jistgħu jitnaqqsu 6 kilos mill-mases ta' l-irġiel u n-nisa li jidhru hawn fuq. L-oġġetti bħalma huma kappotti, umbrellel, boroż żgħar tan-nisa, materjal tal-qari jew kameras żgħar m'għandhomx jitqiesu bħala bagalji ta' l-idejn għall-finijiet ta' dan is-sub-paragrafu.
- (f) Il-valuri tal-massa għall-bagalji

- (1) Fejn in-numru totali ta' siġġijiet tal-passiġġieri disponibbli fuq l-ajruplan ikun ta' 20 jew akar, il-valuri tal-massa standard murija fit-Tabella 3 għandhom jgħoddu għal kull bagalja kkontrollata. Għall-ajruplan b'19-il siġġu tal-passiġġieri jew inqas, għandha tintuża l-massa attwali tal-bagalja kkontrollata, liema massa tiġi stabbilita bl-użin. Għall-finijiet ta' Tabella 3: (i) Titjira domestika tfisser titjira li l-orijini u d-destinazzjoni tagħha jkunu fil-fruntieri ta' Stat wieħed; (ii) Titjriet fir-reġjun ta' l-Ewropa tfisser titjriet, għajr titjriet domestiċi, li l-orijini u d-destinazzjoni tagħhom ikunu f'żona speċifikata fl-Appendiċi 1 għall-OPS 1.620 (f); kif ukoll (iii) Titjira interkontinentali, għajr titjriet fir-reġjun ta' l-Ewropa, tfisser titjira li l-orijini u d-destinazzjoni tagħha jkunu f'kontinenti differenti. 20 siġġu jew iktar
- (2) Għall-finijiet ta' Tabella 3:
- (i) Titjira domestika tfisser titjira li l-orijini u d-destinazzjoni tagħha jkunu fil-fruntieri ta' Stat wieħed;
- (ii) Titjriet fir-reġjun ta' l-Ewropa tfisser titjriet, għajr titjriet domestiċi, li l-orijini u d-destinazzjoni tagħhom ikunu f'żona speċifikata fl-Appendiċi 1 għall-OPS 1.620 (f); kif ukoll
- (iii) Titjira interkontinentali, għajr titjriet fir-reġjun ta' l-Ewropa, tfisser titjira li l-orijini u d-destinazzjoni tagħha jkunu f'kontinenti differenti.

Tabella 3

20 siġġu jew iktar

Tip ta' Titjira	Il-massa standard tal-bagalji
Domestika	11 kg
Fir-reġjun ta' l-Ewropa	13 kg
Interkontinentali	15 kg
L-oħrajn kollha	13 kg

- (g) Jekk operatur ikun jixtieq juża valuri ta' massa standard għajr dawk li hemm fit-Tabelli 1 sa 3 hawn fuq, dan għandu javża lill-Awtorità dwar ir-raġunijiet tiegħu u jikseb l-approvazzjoni tagħha minn qabel. Dan għandu wkoll jibgħat għall-approvazzjoni tagħha pjan ta' stħarriġ dettaljat dwar l-użin u japplika l-metodu ta' analiżi statistiku mogħti fl-Appendiċi 1 għall-OPS 1.620 (g). Wara l-verifika u l-approvazzjoni mill-Awtorità dwar ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ ta' użin, il-valuri riveduti tal-massa standard ikunu jgħoddu biss għal dak l-operatur. Il-valuri riveduti tal-massa standard ikunu jistgħu jintużaw biss f'ċirkostanzi li jkunu konsistenti ma' dawk li taħtom ikun sar l-istħarriġ. Meta l-mases standard riveduti jkunu iżjed minn dawk li hemm fit-Tabelli 1-3, għandhom jintużaw dawk il-valuri oġhla.
- (h) Fuq kwalunkwe titjira identifikata bħala waħda li qed iġġorr numru sostanzjali ta' passiġġieri li l-mases tagħhom, inklużi l-bagalji ta' l-idejn, ikunu mistennija li jeċċedu l-massa standard tal-passiġġieri, operatur għandu jstabbilixxi l-massa attwali ta' dawk il-passiġġieri billi jiżinhom jew billi jżied inkrement xieraq ta' massa.
- (i) Jekk jintużaw il-valuri tal-massa standard għall-bagalji kkontrollati u jkun mistenni li numru sostanzjali ta' bagalji imbarkati tal-passiġġieri jeċċedi l-massa standard tal-bagalji, operatur għandu jstabbilixxi l-massa attwali ta' dawn il-bagalji billi jiżinhom jew billi jżied inkrement xieraq ta' massa.
- (j) Operatur għandu jiżgura li kaptan ikun imwissi meta jkun intuża metodu mhux standard biex tkun stabbilita l-massa tat-tagħbija u li dan il-metodu huwa ddikjarat fid-dokumenti tal-massa u l-bilanċ.

OPS 1.625

Id-Dokumenti tal-Massa u l-Bilanċ

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.625)

- (a) Operatur għandu jistabbilixxi d-dokumenti tal-massa u l-bilanċ qabel kull titjira, liema dokumenti għandhom jispesifikaw it-tagħbija u d-distribuzzjoni tagħha. Id-dokumenti tal-massa u l-bilanċ għandhom jgħinu lill-kaptan biex dan jistabbilixxi li t-tagħbija u d-distribuzzjoni tagħha tkun tali li l-limiti tal-massa u l-bilanċ ta' l-ajruplan ma jinqabżux. Il-persuna li tħejji d-dokumenti tal-massa u l-bilanċ għandha tisemma fuq id-dokument. Il-persuna li jikkontrolla t-tagħbija għal fuq l-ajruplan għandu jikkonferma billi jiffirma li t-tagħbija u d-distribuzzjoni tagħha huma skond id-dokumenti tal-massa u l-bilanċ. Dan id-dokument għandu jkun aċċettat mill-kaptan, fejn l-aċċettazzjoni tiegħu/tagħha għandha tkun indikata b'kontrofirmata jew l-ekwivalenti. (Ara wkoll OPS 1.1055 (a)(12)).
 - (b) Operatur għandu jspesifikaw l-proċeduri għall-Bidliet ta' l-Aħħar Minuta għat-tagħbija.
 - (c) Suġġett għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità, operatur jista' juża alternattiva għall-proċeduri meħtieġa mill-paragrafi (a) u (b) hawn fuq.
-

Appendiċi 1 sa OPS 1.605

Il-Massa u l-Bilanċ — Ġenerali

(Ara OPS 1.605)

- (a) Id-determinazzjoni tal-massa solida tat-tħaddim ta' ajruplan
- (1) L-użin ta' l-ajruplan
- (i) Ajruplan iġodda normalment jintiżnu fil-fabbrika u jkunu eliġibbli li jitpoġġew fis-servizz mingħajr ma jergħu jintiżnu mill-ġdid jekk ir-reġistri tal-massa u l-bilanċ ikunu ġew aġġustati għall-alterazzjonijiet jew modifiki li jistgħu jsiru fl-ajruplan. Ajruplan li jiġu ttrasferiti minn operatur bi programm approvat dwar il-kontroll tal-massa lil operatur ieħor bi programm approvat m'hemmx għalfejn jintiżen qabel ma jintuża mill-operatur li qed jirċevih, sakemm ikunu għaddew iktar minn 4 snin minn mindu jkun intiżen l-aħħar.
- (ii) Il-massa individwali u l-pożizzjoni taċ-ċentru tal-gravità (CG) ta' kull ajruplan għandhom ikunu stabbiliti mill-ġdid perjodikament. L-intervall massimu bejn iż-żewġ proċeduri ta' użin għandu jiġi definit mill-operatur u għandu jilħaq ir-rekwiżiti ta' l-OPS 1.605 (b). Barra minn hekk, il-massa u s-CG ta' kull ajruplan għandhom ikunu stabbiliti jew bl-:
- (A) Użin jew
- (B) Kalkolazzjoni, jekk l-operatur ikun kapaċi jipprovi l-ġustifikazzjoni meħtieġa biex juri l-validità tal-metodu tal-kalkolazzjoni magħżula, kull meta l-bidliet kumulattivi fil-massa solida tat-tħaddim tkun iktar minn $\pm 0,5$ % tal-massa massima ta' l-inżul jew kull meta il-bidla kumulattiva fil-pożizzjoni tas-CG tkun iktar minn 0,5 % tal-korda ajrokinamika medja.
- (2) Il-Massa tal-Flotta u l-Pożizzjoni tas-CG
- (i) Għall-flotta jew grupp ta' ajruplan ta' l-istess mudell u konfigurazzjoni, il-massa solida tat-tħaddim medja u l-pożizzjoni tas-CG jistgħu jintużaw bħala l-massa tal-flotta u l-pożizzjoni tas-CG, sakemm il-mases solidi tat-tħaddim u l-pożizzjonijiet tas-CG ta' l-ajruplan individwali jkunu jilhq u t-tolleranzi speċifikati fis-sub-paragrafu (ii) hawn taħt. Minbarra, il-kriterji speċifikati fis-sub-paragrafi (iii), (iv) u (a)(3) hawn taħt huma applikabbli.
- (ii) Tolleranzi
- (A) Jekk il-massa solida tat-tħaddim ta' kwalunkwe ajruplan imwieżen, jew il-massa solida tat-tħaddim ikkal-kolata ta' kwalunkwe ajruplan ta' flotta, tvarja b'aktar minn $\pm 0,5$ % tal-massa strutturali massima ta' l-inżul mill-massa solida tat-tħaddim tal-flotta stabbilita jew jekk il-pożizzjoni tas-CG tvarja b'aktar minn $\pm 0,5$ % tal-korda ajrokinamika medja mis-CG tal-flotta, dak l-ajruplan għandu jitħalla barra mill-flotta. Flotot separati jistgħu jiġu stabbiliti, kull waħda b'mases medji tal-flotta differenti.
- (B) F'każijiet fejn il-massa ta' l-ajruplan tkun fil-limiti tat-tolleranza tal-massa solida tat-tħaddim tal-flotta iżda l-pożizzjoni tas-CG tiegħu taqa' barra t-tolleranza tal-flotta awtorizzata, l-ajruplan xorta jista' jitħaddem taħt il-massa solida tat-tħaddim applikabbli iżda b'pożizzjoni tas-CG individwali.
- (C) Jekk ajruplan individwali jkollu, meta mqabbel ma' ajruplan oħra tal-flotta, differenza fiżika li tkun tidher b'mod ċar (eż. fil-konfigurazzjoni tal-kċina jew tas-siġġijiet), liema differenza twassal biex jin-qabżu t-tolleranzi tal-flotta, dan l-ajruplan jista' jinżamm fil-flotta, sakemm jkunu applikati l-korrezzjonijiet xierqa fil-massa u/jew il-pożizzjoni tas-CG għal dak l-ajruplan.
- (D) Ajruplani li għalihom ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda korda ajrokinamika medja għandu jitħaddem bil-massa u bil-pożizzjoni tas-CG individwali tiegħu jew inkella jiġi soġġett għal studju u approvazzjoni speċjali.
- (iii) L-Użu tal-valuri tal-flotta
- (A) Wara li l-ajruplan jintiżen, jew jekk issir kwalunkwe bidla fit-tagħmir jew fil-konfigurazzjoni ta' l-ajruplan, l-operatur għandu jivverifika li dan l-ajruplan ikun jaqa' fil-limiti tat-tolleranzi speċifikati fis-sub-paragrafu (2)(ii) hawn fuq.
- (B) Ajruplani li ma jkunux intiżnu mill-aħħar evalwazzjoni tal-massa tal-flotta jistgħu jinżammu fi flotta li titħaddem bil-valuri tal-flotta, sakemm dawk il-valuri individwali jkunu riveduti b'komputazzjoni u jibqgħu fil-limiti tat-tolleranzi definiti fis-sub-paragrafu (2)(ii) hawn fuq. Jekk dawn il-valuri individwali ma jibqgħux jaqgħu fil-limiti tat-tolleranzi awtorizzati, l-operatur għandu jew jistabilixxi valuri tal-flotta iġodda li jkunu jilhq u l-kundizzjonijiet tas-sub-paragrafi (2)(i) u (2)(ii) hawn fuq, jew iħaddem l-ajruplan li ma jaqgħux f'dawn il-limiti bil-valuri individwali tagħhom.

- (C) Biex ajruplan jiżded ma' flotta mħaddma bil-valuri tal-flotta, l-operatur għandu jivverifika billi jiżen jew b'komputazzjoni li l-valuri attwali tiegħu jaqgħu fil-limiti tat-tolleranzi speċifikati fis-sub-paragrafu (2)(ii) hawn fuq.
- (iv) Biex ikunu konformi mas-sub-paragrafu (2)(i) hawn fuq, il-valuri tal-flotta għandhom ikunu aġġornati mill-inqas fit-tmiem ta' kull evalwazzjoni tal-massa tal-flotta.
- (3) In-Numru ta' ajruplan li jridu jintiżnu biex jiksbu l-valuri tal-flotta
- (i) Jekk 'n' ikun in-numru ta' ajruplan fil-flotta li jużaw il-valuri tal-flotta, l-operatur għandu mill-inqas jiżen, fil-perjodu bejn żewġ evalwazzjonijiet tal-massa tal-flotta, ċertu numru ta' ajruplan definiti fit-Tabella hawn taħt:
- | Numru ta' ajruplan fil-flotta | Numru minimu ta' użin |
|-------------------------------|-----------------------|
| 2 jew 3 | N |
| 4 sa 9 | $(n + 3)/2$ |
| 10 jew aktar | $(n + 51)/10$ |
- (ii) Meta jintgħażlu l-ajruplan li se jitniżnu, għandhom jintgħażlu dawk l-ajruplani li ma jkunux intiżnu għall-iktar perjodu twil.
- (iii) L-intervall bejn 2 evalwazzjonijiet tal-massa tal-flotta m'għandux jeċċedi iktar minn 48 xahar.
- (4) Il-Proċedura ta' l-użin
- (i) L-użin għandu jsir jew mill-manifattur jew minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata.
- (ii) Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet normali li jkunu konsistenti ma' prattika tajba bħalma huma:
- (A) Il-Kontroll tal-kompletezza ta' l-ajruplan u tat-tagħmir;
- (B) Id-determinazzjoni li l-fluwidi jkunu kif suppost;
- (C) Li jkun żgurat li l-ajruplan ikun nadif, kif ukoll
- (D) Li jkun żgurat li l-użin isir f'bini magħluq.
- (iii) Kwalunkwe tagħmir użat għall-użin għandu jkun ikkalibrat kif suppost, jitpoġġa fuq il-pożizzjoni żero, u jintuża skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur. Kull miżien għandu jkun ikkalibrat jew mill-manifattur, minn dipartiment ċivili ta' l-użin u l-kejl jew minn organizzazzjoni awtorizzata kif xieraq fi żmien sentejn jew f'perjodu ta' żmien li għandu jiġi definit mill-manifattur tat-tagħmir ta' l-użin, liema minn dawn ikun l-inqas. It-tagħmir għandu jwassal biex il-massa ta' l-ajruplan tkun stabbilita b'mod eżatt.
- (b) Mases standard speċjali għat-tagħbija tat-traffiku. Minbarra l-mases standard għall-passiġġieri u l-bagalji kkontrollati, operatur jista' jibgħat għall-approvazzjoni ta' Awtorità mases standard għall-oġġetti oħra ta' tagħbija.
- (c) It-tagħbija ta' l-ajruplan
- (1) Operatur għandu jiżgura li t-tagħbija ta' l-ajruplan tiegħu ssir taħt is-sorveljanza ta' persunal kkwalifikat.
- (2) Operatur għandu jiżgura li t-tagħbija tal-merkanzija tkun konsistenti mad-data użata għall-kalkolazzjoni tal-massa u l-bilanċ ta' l-ajruplan.
- (3) Operatur għandu jkun konformi ma' limiti strutturali addizzjonali bħalma huma l-limitazzjonijiet tas-saħħa ta' l-art, it-tagħbija massima għal kull metru, il-massa massima għal kull kumpartiment tal-merkanzija, u/jew il-limiti massimi tas-siġġijiet.

- (d) Il-Limiti taċ-Ċentru tal-Gravità
- (1) Il-Pakkett Operattiv tas-CG. Sakemm tkun applikata l-allokkazzjoni tas-siġġijiet waqt li l-effetti tan-numru tal-passiġġieri għal kull ringiela siġġijiet, tal-merkanzija fil-kumpartimenti individwali tal-merkanzija u tal-karburant fit-tankijiet individwali jkunu trattati eżatt fil-kalkolazzjoni tal-bilanċ, għandhom ikunu applikati marġini operattivi għall-pakkett taċ-ċentru tal-gravità awtorizzat. Biex ikunu stabbiliti l-marġini tas-CG, għandhom jitqiesu d-devjazzjonijiet possibbli mid-distribuzzjoni preżunta tat-tagħbija. Jekk ikun hemm siġġijiet liberi, l-operatur għandu jintroduċi proċeduri biex tkun żgurata azzjoni korrettiva mill-ekwipaġġ tat-titjira jew tal-kabina jekk isseħħ għażla lonġitudinali estrema ta' siġġijiet. Il-marġini tas-CG u l-proċeduri operattivi assoċjati, inklużi l-preżunzjonijiet fejn jikkonċerna t-tpoġġija bilqiegħda tal-passiġġieri, għandhom ikunu aċċettati mill-Awtorità.
 - (2) Iċ-Ċentru tal-gravità abbord it-titjira. Flimkien mas-sub-paragrafu (d)(1) hawn fuq, l-operatur għandu juri li l-proċeduri jkunu jittrattaw b'mod sħiħ l-varjazzjoni estrema fis-CG matul it-titjira li tiġi kkawżata bil-moviment tal-passiġġieri/ekwipaġġ u bil-konsum/trasferiment ta' karburant.
-

Appendiċi 1 għall-OPS 1.620 (f)


Id-Definizzjoni taż-żona għat-titjiriet fir-reġjun Ewropew

Għall-għanijiet ta' l-OPS 1.620 (f), titjiriet fir-reġjun Ewropew, għajr titjiriet domestiċi, ikunu titjiriet li jsiru fiż-żona mdawra b'linji rombu bejn il-punti li ġejjin:

- N7200	E04500
- N4000	E04500
- N3500	E03700
- N3000	E03700
- N3000	W00600
- N2700	W00900
- N2700	W03000
- N6700	W03000
- N7200	W01000
- N7200	E04500

kif muri fil-Figura 1 hawn taħt:

Figura 1

Ir-Reġjun Ewropew

Appendiċi 1 għall-OPS 1.620 (g)

Proċedura biex ikunu stabbiliti l-valuri tal-massa standard riveduti għall-passiġġieri u l-bagalji

- (a) Passiġġieri
- (1) Il-Metodu għat-teħid ta' kampjuni tal-piż. Il-massa medja tal-passiġġieri u l-bagalji ta' l-idejn tagħhom għandha tkun stabbilita bl-użin, billi jittieħdu kampjuni addoċċ. L-għażla ta' kampjuni addoċċ għandha, bin-natura u l-limiti tagħha, tirrappreżenta l-volum tal-passiġġieri, meta wieħed iqis it-tip ta' operazzjoni, il-frekwenza tat-titjiriet fuq rotot differenti, titjiriet 'il ġewwa/il barra, l-istaġun applikabbli u l-kapaċità tas-siġġijiet ta' l-ajruplan.
 - (2) Daqs tal-kampjun Il-pjan ta' l-istħarriġ għandu jkopri l-użin ta' mill-inqas l-ikbar minn:
 - (i) Numru ta' passiġġieri kkalkolat minn kampjun ta' direzzjoni, fejn tintuża proċedura ta' statistika normali u bbażat fuq medda ta' kunfidenza relattiva (eżattezza) ta' 1 % għall-adulti kollha u 2 % għall-mases medji ta' irġiel u nisa separati; kif ukoll
 - (ii) Għal ajruplani
 - (A) B'kapaċità ta' tpoġġija bilqiegħda ta' 40 passiġġier jew aktar, total ta' 2 000 passiġġier; jew
 - (B) B'kapaċità ta' tpoġġija bilqiegħda ta' inqas minn 40 passiġġier, total ta' 50 x (il-kapaċità tat-tpoġġija bilqiegħda tal-passiġġieri).
 - (3) Il-mases tal-passiġġieri. Il-mases tal-passiġġieri għandhom jinkludu l-mases ta' l-affarijiet personali tal-passiġġieri li jinġarru meta dawn jidħlu fl-ajruplan. Meta jittieħdu kampjuni addoċċ tal-mases tal-passiġġieri, it-tfal żgħar għandhom jintiżnu flimkien ma' l-adult li jkun qed jakkumpanjahom (Ara wkoll OPS 1.620 (c) (d) u (e)).
 - (4) Il-post ta' l-użin. Il-post fejn jintiżnu l-passiġġieri għandu jintgħażel kemm jista' jkun qrib l-ajruplan, f'post fejn il-bidla fil-massa tal-passiġġieri billi jneħħu jew iżidu aktar oġġetti personali ma tkunx faċli li ssir qabel ma l-passiġġieri jimbarkaw ruħhom fl-ajruplan.
 - (5) Il-magna ta' l-użin. Il-magna li għandha tintuża biex tiżen lill-passiġġieri għandu jkollha kapaċità ta' mill-inqas 150 kilo. Il-massa għandha tintwera bi gradazzjoni minima ta' 500 g. Il-magna ta' l-użin għandha tkun eżatta sa 0,5 % jew 200 g, liema minn dawn ikun l-akbar.
 - (6) Ir-reġistrazzjoni tal-valuri tal-massa. Għal kull titjira inkluda fl-istħarriġ il-massa tal-passiġġieri, il-kategorija tal-passiġġieri li tikkorrispondi (jiġifieri rġiel/nisa/tfal) u n-numru tat-titjira għandhom jiġu rreġistrati.
- (b) Il-bagalji kkontrollati. Il-proċedura ta' l-istatistika biex ikunu stabbiliti l-valuri riveduti tal-mases standard tal-bagalji bbażati fuq il-mases medji tal-bagalji tal-qies minimu ta' kampjun meħtieġ, hija bażikament l-istess bħal dik li tapplika għall-passiġġieri u kif speċifikat fis-sub-paragrafu (a)(1). Għall-bagalji, il-medda ta' kunfidenza relattiva (eżattezza) tammonta għal 1 %. Għandhom jintiżnu minimu ta' 2 000 biċċa ta' bagalji kkontrollati.
- (c) Id-determinazzjoni tal-valuri riveduti tal-massa standard għall-passiġġieri u l-bagalji kkontrollati
- (1) Biex ikun żgurat li, minflok jintużaw l-mases attwali stabbiliti bl-użin, l-użu tal-valuri riveduti tal-massa standard għall-passiġġieri u l-bagalji kkontrollati ma jaffettwax ħażin s-sigurtà ta' l-operat, għandha ssir analiżi ta' statistika. Din l-analiżi għandha tiġġenera l-valuri tal-massa medja għall-passiġġieri u l-bagalji kif ukoll data oħra.
 - (2) Fuq ajruplan b'20 siġġu tal-passiġġieri jew aktar, dawn il-medji jgħoddu bħala valuri riveduti tal-massa standard ta' l-irġiel u n-nisa.
 - (3) Fuq ajruplani iżgħar, l-inkrementi li ġejjin għandhom jiżiedu mal-massa medja tal-passiġġieri biex jinkisbu l-valuri riveduti tal-massa standard:

Numru ta' siġġijiet tal-passiġġieri	Inkrement ta' massa meħtieġ
1-5 inkl.	16 kg
6-9 inkl.	8 kg
10-19 inkl.	4 kg

Alternattivament, il-valuri riveduti tal-massa standard (medja) ta' l-adulti tista' tiġi applikata fuq ajruplan bi 30 siġġu għall-passiġġieri jew iktar. Il-valuri riveduti tal-massa standard (medja) tal-bagalji jgħoddu għall-ajruplan b'20 siġġu għall-passiġġieri jew iktar.

- (4) Operaturi għandhom l-għażla li jissottomettu pjan ta' sħarriġ dettaljat lill-Awtorità għall-approvazzjoni ta' għajha wara devjazzjoni mill-valur rivedut tal-massa standard, sakemm dan il-valur devjanti jkun stabbilit bl-użu tal-proċedura spjegata f'dan l-Appendiċi. Dawn id-devjazzjonijiet għandhom ikunu riveduti f'intervalli li ma jkunux ta' iktar minn 5 snin.
- (5) Il-valuri riveduti kollha tal-massa standard ta' l-adulti għandhom ikunu bbażati fuq proporzjon ta' irġiel/nisa ta' 80/20 fejn jikkonċerna t-titjiriet kollha, ħlief titjiriet vaganzi chartered li jkunu 50/50. Jekk operatur ikun jixtieq jikseb approvazzjoni għall-użu ta' proporzjon differenti fuq rotot jew titjiriet speċifiċi, f'dan il-każ id-data għandha tiġi sottomessa lill-Awtorità fejn turi li proporzjon alternattiv ta' irġiel/nisa huwa wieħed konservattiv u jkopri mill-inqas 84 % tal-proporzjonijiet attwali ta' rġiel/nisa fuq kampjun ta' mill-inqas 100 titjira rappreżentattiva.
- (6) Il-valuri medja tal-massa li jinstabu għandhom jiddawru sa l-eqreb decimale f'kilo. Il-valuri tal-massa tal-bagalji kkontrollati għandhom jiddawru sa l-eqreb figura ta' 0,5 kg kilo, skond kif xieraq.

Appendiċi 1 sa OPS 1.625

Id-Dokumenti tal-Massa u l-Bilanċ

- (a) Id-Dokumenti tal-Massa u l-Bilanċ
- (1) Werrej
- (i) Id-dokumenti tal-massa u l-bilanċ għandu jkollhom it-tagħrif li ġej:
- (A) Ir-reġistrazzjoni u t-tip ta' l-ajruplan;
 - (B) In-numru ta' l-identifikazzjoni u d-data tat-titjira;
 - (C) L-identità tal-Kaptan;
 - (D) L-identità tal-persuna li jkun ħejja d-dokument;
 - (E) Il-massa solida tat-tħaddim u s-CG li tikkorrispondi ta' l-ajruplan;
 - (F) Il-massa tal-karburant fit-tluq u l-massa tal-karburant tal-vjaġġ;
 - (G) Il-massa tal-konsumibbli għajr il-karburant;
 - (H) Il-komponenti tat-tagħbija inklużi l-passiġġieri, il-bagalji, il-merkanzija u s-saborra;
 - (I) Il-Massa tat-Tluq, il-Massa ta' l-Inżul u l-Massa Żero tal-Karburant;
 - (J) Id-distribuzzjoni tat-tagħbija;
 - (K) Il-pożizzjonijiet applikabbli tas-CG ta' l-ajruplan; kif ukoll
 - (L) Il-valuri tal-massa u tas-CG li jillimitaw.
- (ii) Suġġett għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità, operatur jista' jħalli barra uħud minn din id-data mid-dokumenti tal-massa u l-bilanċ.
- (2) Bidliet ta' l-Aħħar Minuta. Jekk ikun hemm bidliet ta' l-aħħar minuta wara li jkunu tlestew id-dokumenti tal-massa u l-bilanċ, dwar dan irid ikun mġarraf il-kaptan u l-bidliet ta' l-aħħar minuta għandhom jiddaħħlu fid-dokumenti tal-massa u l-bilanċ. Il-bidla massima awtorizzata fin-numru ta' passiġġieri jew fit-tagħbija biex tkun aċċettata bħala bidla ta' l-aħħar minuta għandha tkun speċifikata fil-Manwal tat-Tħaddim. Jekk dan in-numru jinqabeż, għandhom jithejweww id-dokumenti tal-massa u l-bilanċ ġodda.
- (b) Sistemi kkompjuterizzati Fejn id-dokumenti tal-massa u l-bilanċ jiġu ġġenerati b'sistema kkompjuterizzata tal-massa u l-bilanċ, l-operatur għandu jivverifika l-integrità tad-data prodotta. Dan għandu jistabbilixxi sistema biex jikkontrolla li l-emendi ta' l-input data jkunu inkorporati kif suppost fis-sistema u li s-sistema tkun qed taħdem tajjeb fuq bażi kontinwa billi jivverifika d-data prodotta f'intervalli ta' mhux iktar minn 6 xhur.
- (c) Is-sistemi tal-massa u l-bilanċ abbord. Operatur għandu jiskeb l-approvazzjoni ta' l-Awtorità jekk ikun jixtieq li juża abbord sistema kkompjuterizzata tal-massa u l-bilanċ bħala s-sors ewlieni tad-dispaċċ.
- (d) Datalink. Meta d-dokumenti tal-massa u l-bilanċ jintbagħtu lill-ajruplan permezz ta' datalink, kopja tad-dokumenti finali tal-massa u l-bilanċ hekk kif aċċettati mill-kaptan għandhom ikunu disponibbli fuq l-art.

SUB-PARTI K

L-ISTRUMENTI U T-TAGĦMIR

OPS 1.630

Daħla ġenerali

- (a) Operatur għandu jiżgura li titjira ma tibdiex sakemm l-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa taħt din is-sub-parti jkunu:
- (1) Approvati, ħlief kif speċifikat fis-sub-paragrafu (c), u installati skond ir-rekwiżiti li japplikaw għalihom, inklużi l-istandard ta' l-eżekuzzjoni minima u r-rekwiżiti tat-tħaddim u ta' adegwatezza għat-titjir; kif ukoll
 - (2) F'kundizzjoni operabbli għat-tip ta' operazzjoni li tkun qed issir ħlief kif ipprovdut fl-MEL (ara OPS 1.030).
- (b) L-istandards minimi ta' l-istrumenti u t-tagħmir huma dawk preskritti fl-Ordnijiet ta' l-Istandard Tekniku Ewropew (European Technical Standard Orders (ETSO), kif elenkati fl-Ispeċifikazzjonijiet fuq l-Ordnijiet ta' l-Istandard Tekniku Ewropew (CS-TSO) applikabbli, sakemm standards ta' differenti jkunu preskritti fil-kodiċi tat-tħaddim jew ta' l-adeqwatezza għat-titjir. L-istrumenti u t-tagħmir li jkunu konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn u ta' l-eżekuzzjoni, ħlief l-ETSO fuq id-data ta' l-implimentazzjoni ta' l-OPS, jistgħu jibqgħu fis-servizz, jew ikunu installati, sakemm ikunu preskritti rekwiżiti addizzjonali f'din is-sub-parti. L-istrumenti u t-tagħmir li jkunu diġà ġew approvati m'hemmx għalfejn ikunu konformi ma' ETSO rivedut jew ma' speċifikazzjoni riveduta, ħlief l-ETSO, sakemm ma jkunx preskritti rekwiżiti retroattiv.
- (c) Il-punti li ġejjin mhumiex meħtieġa li jkollhom l-approvazzjoni tat-tagħmir:
- (1) Il-fjusis imsemmija fl-OPS 1.635;
 - (2) It-torċi elettrici msemmija fl-OPS 1.640 (a)(4);
 - (3) L-istrument ta' ħin preċiż imsemmi fl-OPS 1.650 (b) u 1.652 (b);
 - (4) Il-holder tal-karti msemmi fl-OPS 1.652 (n).
 - (5) Il-kitt ta' l-ewwel għajjnuna msemmi fl-OPS 1.745;
 - (6) Il-kitt mediku ta' l-emerġenza msemmi fl-OPS 1.755;
 - (7) Il-fjusis imsemmija fl-OPS 1.810;
 - (8) It-tagħmir tas-salvataġġ u tas-sinjali pirotekniċi msemmija fl-OPS 1.835 (a) u (c); kif ukoll
 - (9) L-ankri u t-tagħmir tal-baħar għall-irmiġġ, l-ankoraġġ jew l-immanuvrar ta' idroplani u ajruplan li jistgħu jinżlu fl-ilma fuq l-ilma msemmija fl-OPS 1.840.
 - (10) Tagħmir ta' rbit u apparat li jżomm it-tfal marbutin li ssir referenza f' OPS 1.730(a)(3).
- (d) Jekk it-tagħmir ikun se jintuża minn membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tat-titjira fil-post tiegħu/tagħha matul it-titjira, dan għandu jkun lest biex jaħdem minnufih mill-post tiegħu/tagħha. Meta element wieħed tat-tagħmir huwa meħtieġ sabiex jitħaddem minn aktar minn membru ta' l-ekwipaġġ wieħed għandu jkun installat sabiex it-tagħmir jista' jitħaddem minnufih minn kwalunkwe stazzjon fejn it-tagħmir huwa meħtieġ li jitħaddem.
- (e) Dawk l-istrumenti li jintużaw minn kwalunkwe membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tat-titjira għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jippermettu lill-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira biex jara l-indikazzjonijiet minnufih mill-post tiegħu/tagħha, bl-inqas devjazzjoni Prattika mill-pożizzjoni u l-linja ta' viżjoni li hu/hi normalment jassumi/tassumi meta jhars/tħares 'il quddiem tul il-passaġġ tat-titjira. Kull meta fl-ajruplan ikun meħtieġ li jitħaddem strument wieħed minn iktar minn membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, dan għandu jkun installat biex dan ikun viżibbli minn kull post ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkun jgħodd.

OPS 1.635

L-apparat tal-ħarsien taċ-ċirkwiti

Operatur m'għandux iħaddem ajruplan li fih jintużaw il-fjusis, sakemm ma jkunx hemm fjusis żejda disponibbli għall-użu, li jkunu ugwali għal mill-inqas 10 % tan-numru tal-fjusis ta' kull tip jew tlieta ta' kull tip, liema minn dawn ikun l-akbar.

OPS 1.640

Id-Dwal tat-tħaddim ta' l-ajruplan

Operatur għandu jħaddem ajruplan sakemm dan ikun mgħammar bi:

- (a) Għal titjira bi nhar:
- (1) Sistema ta' dawl ta' kontra l-ħabtiet;
 - (2) Dwal fornuti mis-sistema ta' l-elettriku ta' l-ajruplan biex jipprovdu dawl xieraq għall-istrumenti kollha u t-tagħmir essenzjali għat-tħaddim bla periklu ta' l-ajruplan;
 - (3) Dwal fornuti mis-sistema ta' l-elettriku ta' l-ajruplan biex jipprovdu dawl fil-kompartimenti kollha tal-passiġġieri; kif ukoll
 - (4) Torċa elettrika għal kull membru ta' l-ekwipaġġ li tkun aċċessibbli minnufih għall-membri ta' l-ekwipaġġ meta dawn ikunu bilqiegħda fil-post assenjat lilhom.
- (b) Għat-titjiriet bil-lejl, minbarra tagħmir speċifikat fil-paragrafu (a) hawn fuq:
- (1) Id-dwal tan-navigazzjoni/pożizzjoni; kif ukoll
 - (2) Żewġ idwal għall-inżul jew dawl wieħed li jkollu żewġ filamenti enerġizzati separati; kif ukoll
 - (3) Dwal biex ikun hemm konformità mar-regolamenti internazzjonali biex ikunu evitati ħabtiet fil-baħar jekk l-ajruplan ikun Idroplan jew Ajruplan Anfibju.

OPS 1.645

Il-wajpers tal-windskrin

Operatur m'għandux iħaddem ajruplan b'massa massima ċertifikata tat-tluq ta' iktar minn 5 700 kilo sakemm ikun mgħammar bl-istrumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni jew b'mezzi ekwivalenti biex fix-xita parti tal-windskrin tinżamm nadifa.

OPS 1.650

Operazzjonijiet VFR bi nhar — L-istrumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u t-tagħmir assoċjat

Operatur m'għandux iħaddem ajruplan bi nhar skond ir-Regoli tat-Titjira Viżwali (VFR) sakemm dan ikun mgħammar bl-istrumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u bit-tagħmir assoċjat u, fejn ikun xieraq, taħt il-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub-paragrafi li ġejjin:

- (a) Boxxla manjetika;
- (b) Strument li juri l-ħin preċiż f'sigħat, minuti, u sekondi;
- (c) Altimetru sensitiv tal-pressjoni li jkun ikkalibrat f'piedi b'settings oħra, ikkalibrat f'hectopascals/millibars, li jkun jaġ-ġusta ruħu għal kwalunkwe pressjoni barometrika li x'aktarx tkun issettjata matul it-tijira;
- (d) Indikatur tal-veloċità ta' l-arjaajruplan kkalibrat f'mili tal-baħar;
- (e) Indikatur tal-veloċità vertikali;

- (f) Indikatur tad-dawran u taż-żelqa, jew ko-ordinatur tad-dawran li jkun jinkorpora fih indikatur taż-żelqa;
- (g) Indikatur ta' l-attitudni;
- (h) Indikatur tad-direzzjoni stabilizzat; kif ukoll
- (i) Mezz li jindika fil-kumpartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira t-temperatura ta' l-arja ta' barra kkalibrat fi gradi Celsius;
- (j) Għat-titjiriet li ma jkunux ta' iktar minn 60 minuta, li jitilgħu u jinżlu fl-istess ajrudrom, u li jibqgħu fil-limiti ta' 50 nm mill-ajrudrom, l-istrumenti preskritti fis-sub-paragrafi (f), (g) u (h) hawn fuq, u s-sub-paragrafi (k)(4), (k)(5) u (k)(6) hawn taħt, jistgħu jinbidlu kollha jew b'indikatur tad-dawran u ż-żelqa, jew b'ko-ordinatur tad-dawran li jkun jinkorpora fih indikatur taż-żelqa, jew inkella kemm indikatur ta' l-attitudni kif ukoll indikatur taż-żelqa;
- (k) Kull meta jkunu meħtieġa żewġ piloti, il-post tat-tieni pilota għandu jkollu strumenti separati kif ġej:
- (1) Altimetru sensitiv tal-pessjoni li jkun ikkalibrat f'piedi b'settings oħra, ikkalibrat f'hectopascals/millibars, li jkun jaġġusta ruħu għal kwalunkwe pressjoni barometrika li x'aktarx tkun issettjata matul it-tijira;
 - (2) Indikatur tal-veloċità ta' l-arjaajruplan kkalibrat f'mili tal-baħar;
 - (3) Indikatur tal-veloċità vertikali;
 - (4) Indikatur tad-dawran u taż-żelqa, jew ko-ordinatur tad-dawran li jkun jinkorpora fih indikatur taż-żelqa;
 - (5) Indikatur ta' l-attitudni; kif ukoll
 - (6) Indikatur tad-direzzjoni stabilizzat;
- (l) Kull sistema li turi l-veloċità ta' l-arja għandha tkun mgħammra b'pitot tube imsaħħan jew mezzi ekwivalenti biex ikun evitat kwalunkwe nuqqas ta' funzjonament minħabba jew il-kondensazzjoni jew is-silġ għal:
- (1) ajruplani b'massa massima tat-tluq ċertifikata li tkun ta' iktar minn 5 700 kilo jew li jkollhom konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 9 passiġġieri bilqiegħda;
 - (2) ajruplani li jkunu nħarġu għall-ewwel darba b'ċertifikat individwali ta' adegwatezza għat-titjir fi jew wara l-1 ta' April 1999;
- (m) Kull meta jkunu meħtieġa strumenti doppji, ir-rekwiżiti jitlob li jkun hemm displays separati għal kull pilota u seletturi separati jew tagħmir ieħor assoċjat fejn ikun xieraq;
- (n) L-ajruplani kollha għandhom ikunu mgħammra b'mezzi biex jindikaw meta l-qawwa ma tkunx qed tiġi fornuta tajjeb lill-istrumenti tat-titjira meħtieġa; kif ukoll
- (o) L-ajruplani kollha b'limitazzjonijiet ta' kompressibilità li ma jkunux indikati b'mod ieħor bl-indikaturi meħtieġa tal-veloċità ta' l-ajruplanajru, għandhom ikunu mgħammra b'indikatur tan-numru Mach f'kull post tal-pilota;
- (p) Operatur m'għandux jagħmel operazzjonijiet VFR bi nhar sakemm l-ajruplan ikun mgħammar b'kuffji tal-widna li jkollu mikrofonu li jirbomba jew l-ekwivalenti għal kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkun qed iwettaq dmirijietu fil-kabina ta' l-ekwipaġġ.

OPS 1.652

IFR jew operazzjonijiet ta' bil-lejl — L-istrumenti tat-titjir u tan-navigazzjoni u t-tagħmir assoċjat

Operatur m'għandux iħaddem ajruplan skond ir-Regoli tat-Titjir ta' l-Istrument (IFR) jew bil-lejl skond ir-Regoli tat-Titjir Viżwali (VFR) sakemm dan ikun mgħammar bl-istrumenti tat-titjir u tan-navigazzjoni u bit-tagħmir assoċjat u, fejn ikun jgħodd, taħt il-kundizzjonijiet iddikjarati fis-sub-paragrafi li ġejjin:

- (a) Boxxla manjetika;
- (b) Strument li juri l-ħin preċiż f'sigħat, minuti u sekondi;
- (c) Żewġ altimetri sensitivi tal-pessjoni li jkunu kkalibrati f'piedi b'settings oħra, ikkalibrati f'hectopascals/millibars, li jkun jaġġusta ruħu għal kwalunkwe pressjoni barometrika li x'aktarx tkun issettjata waqt it-titjira; Dawn l-altimetri għandu jkollhom counter drum-pointer jew preżentazzjoni ekwivalenti.

- (d) Sistema li turi l-veloċità ta' l-ajruplanarja b'pitot tube msaħħan jew ezz ekwivalenti biex tkun evitata kwalunkwe ħsara minħabba l-kondensazzjoni jew is-silġ, inkluża indikazzjoni tat-twissija meta l-pilot heater jiġrilu ħsara. Ir-rekwiżit ta' l-indikazzjoni tal-ħsara fil-pilot heater ma jgħoddx għal dawk l-ajruplan b'konfigurazzjoni massima approvata ta' 9 passiġġieri bilqiegħda jew inqas jew b'massa massima tat-tluq awtorizzata ta' 5 700 kilo jew inqas u maħruġ b'Ċertifikat ta' adegwatezza għat-titjir individwali qabel l-1 ta' April 1998;
- (e) Indikatur tal-veloċità vertikali;
- (f) Indikatur tad-dawran u ż-żelqa;
- (g) Indikatur ta' l-attitudni;
- (h) Indikatur tad-direzzjoni stabilizzat;
- (i) Mezz li jindika fil-kumpartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira t-temperatura ta' l-arja ta' barra kkalibrat fi gradi Celsius; kif ukoll
- (j) Żewġ sistemi indipendenti ta' pressjoni statika, ħlief li għall-ajruplan li jkollhom l-iskrejjen b'massa massima ċertifikata ta' 5 700 kilo jew inqas, tkun meħtieġa sistema waħda tal-pressjoni statika u sors alternattiv wieħed ta' pressjoni statika.
- (k) Kull meta jkunu meħtieġa żewġ piloti, il-post tat-tieni pilota għandu jkollu strumenti separati kif ġej:
- (1) Altimetru sensitiv tal-pressjoni, ikkalibrat f'piedi b'setting ieħor, ikkalibrat f'hectopascals/millibars, li jkun jaġ-ġusta ruħu għal kwalunkwe pressjoni barometrika li tkun issettjata matul it-titjira, u li jista' jkun wieħed miż-2 altimetri meħtieġa fis-sub-paragrafu (c) hawn fuq. Dawn l-altimetri għandu jkollhom counter drum-pointer jew preżentazzjoni ekwivalenti;
 - (2) Sistema li turi l-veloċità ta' l-ajruplanarja b'pitot tube msaħħan jew ezz ekwivalenti biex tkun evitata kwalunkwe ħsara minħabba l-kondensazzjoni jew is-silġ, inkluża indikazzjoni tat-twissija meta l-pilot heater jiġrilu ħsara. Ir-rekwiżit ta' l-indikazzjoni tal-ħsara fil-pilot heater ma jgħoddx għal dawk l-ajruplan b'konfigurazzjoni massima approvata ta' 9 passiġġieri bilqiegħda jew inqas jew b'massa massima tat-tluq awtorizzata ta' 5 700 kilo jew inqas u maħruġ b'Ċertifikat ta' adegwatezza għat-titjir individwali qabel l-1 ta' April 1998;
 - (3) Indikatur tal-veloċità vertikali;
 - (4) Indikatur tad-dawran u ż-żelqa;
 - (5) Indikatur ta' l-attitudni; kif ukoll
 - (6) Indikatur tad-direzzjoni stabilizzat;
- (l) Dawk l-ajruplani b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iżjed minn 5 700 kilo jew li jkollhom konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 9 passiġġieri bilqiegħda, għandhom ikunu mgħammra b'indikatur ieħor ta' l-attitudni, standby (orizzont artifiċjali), li jkun jista' jintuża mill-post ta' kwalunkwe pilota, li:
- (1) Jkun jaħdem kontinwament matul it-tħaddim normali u, wara ħsara totali fis-sistema normali li tiġġenera l-qawwa elettrika dan jieħu l-qawwa minn sors li jkun indipendenti mis-sistema normali li tiġġenera l-elettriku;
 - (2) Jipprovdi operazzjoni affidabbli għal mill-inqas 30 minuta wara ħsara totali fis-sistema normali li tiġġenera l-elettriku, waqt li jitqiesu tagħbijiet oħra li jista' jkun hemm fuq il-provvista tal-qawwa ta' l-emerġenza kif ukoll proċeduri operattivi;
 - (3) Li jaħdem b'mod indipendenti minn kwalunkwe sistema oħra li turi l-attitudni;
 - (4) Jaħdem awtomatikament wara li tiġri ħsara totali fis-sistema normali li tiġġenera l-elettriku; kif ukoll
 - (5) Jiġi sew waqt kull fażi ta' l-operazzjoni ħlief għal ajruplani b'massa massima ċertifikata tat-tluq ta' 5 700 kilo jew inqas, irreġistrati diġà fi Stat Membru fl-1 ta' April 1995, u mgħammra b'indikatur ta' l-attitudni standby fil-pannell ta' l-istrumenti tan-naħa tax-xellug.
- (m) F'konformità mas-sub-paragrafu (l) hawn fuq, għandu jkun evidenti b'mod ċar għall-ekwipaġġ tat-titjira meta l-indikatur ta' l-attitudni standby, meħtieġ b'dak is-sub-paragrafu, ikun qed jitħaddem bil-qawwa ta' l-emerġenza. Fejn l-indikatur ta' l-attitudni standby ikollu l-provvista tal-qawwa ddedikata tiegħu stess, għandu jkun hemm indikazzjoni assoċjata, jew fuq l-istrument jew fuq il-panel ta' l-istrument, meta din il-provvista tkun qed tintuża.
- (n) Holder tal-karti f'pożizzjoni li b'hekk dawn ikunu jistgħu jinqraw minnufih mill-ewwel u li jkun jista' jiddawwal għall-operazzjonijiet ta' bil-lejl.

- (o) Jekk is-sistema ta' l-istrument ta' l-attitudni standby tkun ċertifikata skond CS 25.1303(b)(4) jew l-ekwivalenti, l-indikaturi tad-dawran u ż-żelqa jistgħu jinbidlu b'indikaturi taż-żelqa.
- (p) Kull meta jkunu meħtieġa strumenti doppji, ir-rekwiżiti jitlob li jkun hemm displays separati għal kull pilota u seletturi separati jew tagħmir ieħor assoċjat fejn ikun xieraq.
- (q) L-ajruplani kollha għandhom ikunu mgħammra b'mezzi biex jindikaw meta l-qawwa ma tkunx qed tiġi fornuta tajjeb lill-istrumenti tat-titjira meħtieġa; kif ukoll
- (r) L-ajruplani kollha b'limitazzjonijiet ta' kompressibilità li ma jkunux indikati b'mod ieħor bl-indikaturi meħtieġa tal-veloċità ta' l-ajruplanajru, għandhom ikunu mgħammra b'indikatur tan-numru Mach f'kull post tal-pilota.
- (s) Operatur m'għandux iwettaq operazzjonijiet IFR jew operazzjonijiet ta' bil-lejl sakemm l-ajruplan ikun mgħammar b'kuffji tal-widna u b'mikrofonu li jirbomba jew l-ekwivalenti għal kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkun qed jaqdi dmirjietu fil-kabina ta' l-ekwipaġġ kif ukoll b'buttuna ta' trasmissjoni fuq ir-rotta tal-kontroll għal kull pilota meħtieġ.

OPS 1.655

Tagħmir addizzjonali għall-operazzjoni b'pilota wieħed taħt IFR jew bil-lejl

Operatur m'għandux jaġmel operazzjonijiet IFR ta' pilota wieħed sakemm l-ajruplan ikun mgħammar b'awtopilota li jkollu mill-inqas il-kontroll ta' l-altitudni u l-mod tad-direzzjoni.

OPS 1.660

Is-Sistema ta' twissija ta' l-altitudni

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan b'turbine propeller b'massa massima ċertifikata ta' tluq ta' iżjed minn 5 700 kilo jew li jkollu konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 9 passiġġieri bilqiegħda jew ajruplan turbojet sakemm dawn ikunu mgħammra b'sistema ta' twissija ta' l-altitudni u li tkun kapaċi:
 - (1) Twissi lill-ekwipaġġ tat-titjira meta tkun qed tintlaħaq altitudni magħżula minn qabel; kif ukoll
 - (2) Twissi lill-ekwipaġġ tat-titjira b'mill-inqas sinjal li jinstema', meta jkun hemm devjazzjoni 'l fuq jew 'l isfel minn altitudni magħżula minn qabel,

ħlief għall-ajruplan b'massa massima ċertifikata ta' tluq ta' 5 700 kilo jew inqas u li jkollhom konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 9 passiġġieri u li jkunu nħarġu għall-ewwel darba b'ċertifikat individwali ta' adegwatezza għat-titjir qabel l-1 ta' April 1972 u li kienu ġew irreġistrati diġà fi Stat Membru fl-1 ta' April 1995.

OPS 1.665

Is-Sistema ta' twissija tal-qrubija lejn l-art u s-sistema ta' twissija ta' għarfien dwar it-terren

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan li jthaddem b'turbina li jkollu massa massima ċertifikata tat-tluq ta' iżjed minn 5 700 kilo jew konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 9 passiġġieri sakemm dan ikun mgħammar b'sistema ta' twissija ta' qrubija lejn l-art li tinkludi funzjoni ta' twissija predikattiva dwar il-periklu tat-terren (Terrain Awareness and Warning System — TAWS).
- (b) Is-sistema ta' twissija ta' qrubija lejn l-art għandha tipprovdi awtomatikament, permezz ta' sinjali li jinstemgħu, li jitsgħu jiġu kkomplementati b'sinjali viżwali, twissija f'waqtha u distintiva lill-ekwipaġġ tat-titjira dwar ir-rata ta' l-inżul, il-qrubija lejn l-art, it-telf ta' altitudni wara t-tluq jew id-dawran, il-konfigurazzjoni mhux korretta ta' l-inżul kif ukoll dwar id-devjazzjoni 'l isfel tal-glideslope.
- (c) Is-sistema ta' għarfien u twissija dwar it-terren għandha tipprovdi awtomatikament lill-ekwipaġġ tat-titjira, permezz ta' sinjali viżwali u li jinstemgħu u permezz ta' Display ta' Għarfien dwar it-Terren, b'ħin ta' twissija biżżejjed biex tkun evitata titjira kkontrollata fuq dak li jkun qed jiġri fuq it-terren, u pprovduta b'ħila ta' mixi 'l quddiem u b'terren bi spazju ħieles.

OPS 1.668

Sistema ta' Prevenzjoni ta' Habbit fl-Ajru

Operatur m'għandux iħaddem ajruplan li jitħaddem b'turbina li jkollu massa massima ta' tluq ċertifikata ta' iżjed minn 5 700 kilo jew konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 19-il passiġġier bilqiegħda sakemm dan ikun mgħammar b'sistema ta' prevenzjoni ta' habbit fl-ajru b'livell minimu ta' eżekuzzjoni ta' mill-inqas ACAS II.

OPS 1.670

Tagħmir ta' radar tat-temp fuq l-ajruplan

- (a) Operatur m'għandux iħaddem:
- (1) Ajruplan ippressat; jew
 - (2) Ajruplan mhux ippressat li jkollu massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 5 700 kilo; jew
 - (3) Ajruplan mhux ippressat li jkollu konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 9 passiġġieri bilqiegħda, sakemm dan ikun mgħammar b'tagħmir tar-radar tat-temp li jinġarr fuqu kull meta dan l-ajruplan ikun qed jitħaddem bil-lejl jew f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi ta' l-istrument f'żoni fejn it-tempesti bir-raġhad jew kundizzjonijiet tat-temp potenzjalment perikolużi oħrajn, meqjusa li jistgħu jiġu identifikati bir-radar tat-temp li jinġarr abbord, ikunu mistennija li jeżistu tul ir-rotta.
- (b) Għall-ajruplani ppressati li jaħdmu bl-iskrun li jkollhom massa massima tat-tluq ċertifikata ta' mhux iktar minn 5 700 kilo b'konfigurazzjoni massima ta' mhux iktar minn 9 passiġġieri bilqiegħda, it-tagħmir tar-radar tat-temp li jinġarr abbord jista' jinbidel b'tagħmir ieħor li jkun kapaċi jidentifika tempesti bir-raġhad u kundizzjonijiet tat-temp potenzjalment perikolużi oħrajn, meqjusa li jistgħu jiġu identifikati bit-tagħmir tar-radar tat-temp li jinġarr abbord, suġġett għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità.

OPS 1.675

Tagħmir għall-operazzjonijiet f'kundizzjonijiet ta' silġ

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan f'kundizzjonijiet mistennija jew attwali ta' silġ sakemm dan ikun ċertifikat u mgħammar sabiex jaħdem f'kundizzjonijiet ta' silġ.
- (b) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan bil-lejl f'kundizzjonijiet mistennija jew attwali ta' silġ sakemm ikun mgħammar b'mezzi biex idawlu jew jidentifikaw l-formazzjoni ta' silġ. Kwalunkwe dawl li jintuża għandu jkun ta' tip li ma jikkawża l-ebda dija jew riflessjoni li tista' ddgħajfef lill-membri ta' l-ekwipaġġ meta dawn ikunu qed jaqdu dmirijiethom.

OPS 1.680

Tagħmir ta' l-identifikazzjoni tar-radazzjoni kożmika

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan 'l fuq minn 15 000 m (49 000 pied) sakemm:
- (1) Ma jkunx mgħammar bi strument li jkejjejl u jindika kontinwament ir-rata tad-doża tar-radazzjoni kożmika totali li wieħed ikun qed jirċievi (jiġifieri t-total tar-radazzjoni tal-jonji u n-newtroni ta' oriġini galattika u solari) kif ukoll id-doża kumulattiva fuq kull titjira, jew
 - (2) Ma tiġix stabbilita sistema abbord li tkejjejl kull kwarta, aċċettabbli għall-Awtorità.

OPS 1.685

Is-Sistema tat-telefonija interna għall-ekwipaġġ tat-titjira

Operatur m'għandux iħaddem ajruplan li fuqu jkun meħtieġ iktar minn membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tat-titjira sakemm ikun mgħammar b'sistema ta' telefonija interna ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, li tinkludi kuffji tal-widna u mikrofondi, mhux tat-tip li jinżammu fl-idejn, liema tagħmir għandu jintuża mill-membri kollha ta' l-ekwipaġġ tat-titjira.

OPS 1.690

Is-Sistema tat-telefonija interna għall-membri ta' l-ekwipaġġ

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 15 000 kilo jew b'konfigurazzjoni ta' iktar minn 19-il passiġġier bilqiegħda sakemm dan ikun m'għammar b'sistema ta' telefonija interna għall-membri ta' l-ekwipaġġ, ħlief għall-ajruplan li kienu nħarġu għall-ewwel darba b'ċertifikat individwali ta' adegwa-tezza għat-titjir qabel l-1 ta' April 1965 u li kienu rreġistrati fi Stat Membru fl-1 ta' April 1995.
- (b) Is-sistema tat-telefonija interna għall-membri ta' l-ekwipaġġ meħtieġa minn dan il-paragrafu għandha:
- (1) Titħaddem b'mod indipendenti mis-sistema ta' l-indirizz pubbliku ħlief għas-settijiet ta' l-idejn, kuffji tal-widna, mikrofonu, swiċċijiet seletturi u tagħmir tas-sinjali;
 - (2) Tipprovdi mezz ta' komunikazzjoni bejn żewġ naħat tal-kumpartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u:
 - (i) Kull kumpartiment tal-passiġġieri;
 - (ii) Kull galley li jkun hemm ħlief fuq il-livell tal-kabina tal-passiġġieri; kif ukoll
 - (iii) Kull kumpartiment ta' l-ekwipaġġ remot li ma jkunx fil-kabina tal-passiġġieri u li ma jkunx aċċessibbli faċilment mill-kumpartiment tal-passiġġieri;
 - (3) Ikun aċċessibbli minnufih biex jintuża minn kull wieħed mill-postijiet ta' l-ekwipaġġ tat-titjira meħtieġa li jkun hemm fil-kumpartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira;
 - (4) Ikun aċċessibbli minnufih biex jintuża fil-postijiet meħtieġa tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li jkunu qrib kull ħruġ ta' emerġenza separati jew f'pari fuq il-livell ta' l-art;
 - (5) Ikollha sistema ta' twissija, li tinkludi sinjali li jinstemgħu u viżwali, biex tintuża mill-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira biex twissi lill-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u biex tintuża mill-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri biex twissi lill-ekwipaġġ tat-titjira;
 - (6) Ikollha mezz għar-riċipient ta' sejħa biex jistabilixxi jekk din tkunx sejħa normali jew sejħa ta' emerġenza; kif ukoll
 - (7) Tipprovdi fuq l-art mezz ta' komunikazzjoni bejn żewġ naħat bejn il-persunal ta' fuq l-art u mill-inqas żewġ membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira.

OPS 1.695

Is-Sistema ta' indirizz pubbliku

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan b'konfigurazzjoni massima awtorizzata ta' iktar minn 19-il passiġġier sakemm tkun installata fuq sistema ta' indirizz pubbliku.
- (b) Is-sistema ta' indirizz pubbliku meħtieġa b'dan il-paragrafu għandha:
- (1) Titħaddem b'mod indipendenti mis-sistema tat-telefonija interna ħlief għas-settijiet ta' l-idejn, il-kuffji tal-widna, il-mikrofonu, swiċċijiet seletturi u tagħmir tas-sinjali;
 - (2) Tkun aċċessibbli minnufih għall-użu immedjat minn kull post meħtieġ tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira;
 - (3) Għal kull ħruġ ta' emerġenza tal-passiġġieri fuq il-livell ta' l-art li tkun qrib is-siġġu ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, ikollha mikrofonu li jkun aċċessibbli minnufih għall-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li jkun bilqiegħda, ħlief li mikrofonu wieħed jista' jservi iktar minn ħruġ wieħed, sakemm il-qrubija tal-ħruġ tkun tippermetti komunikazzjoni verbali mhux assistita bejn il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li jkunu bilqiegħda;
 - (4) Tkun kapaċi titħaddem f'10 sekondi mill-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri f'kull wieħed minn dawk l-postijiet fil-kumpartiment li minnu l-użu ta'din tkun aċċessibbli; kif ukoll
 - (5) Tkun tinstema' u intelliġibbli mis-siġġijiet kollha tal-passiġġieri, mit-twaletti u mis-siġġijiet ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u mill-postijiet tax-xogħol.

OPS 1.700

Tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota-1

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan li jkun ħareġ għall-ewwel darba b'Ċertifikat ta' Adegwatezza għat-Titjir individwali, fi jew wara l-1 ta' April 1998, li:
- (1) Ikollu iktar minn magna waħda turbina u jkollu konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 9 passiġġieri bilqiegħda; jew
 - (2) Ikollu massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 5 700 kilo,
- Sakemm dan ikun mgħammar b'tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota li, b'referenza għall-iskala tal-ħin, jirreġistra:
- (i) Il-komunikazzjonijiet tal-vuċi trasmessi minn jew riċevuti fil-kabina ta' l-ekwipaġġ bir-radju;
 - (ii) L-ambjent tas-smiġh tal-kabina ta' l-ekwipaġġ, inkluż fejn prattiku mingħajr interruzzjoni, is-sinjali ta' l-awdjo li jkunu riċevuti minn kull mikrofonu boom and mask li jkunu qed jintuża;
 - (iii) Il-komunikazzjonijiet tal-vuċi tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira fil-kabina ta' l-ekwipaġġ li jkunu qed jużaw is-sistema tat-telefonija interna ta' l-ajruplan;
 - (iv) Il-vuċi jew is-sinjali awdjo li jidentifikaw l-assistenza tan-navigazzjoni jew ta' l-avviċinament introdotti f'kuffji tal-widna jew fuq lawdspiker; kif ukoll
 - (v) Il-komunikazzjonijiet tal-vuċi tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira fil-kabina ta' l-ekwipaġġ li jużaw is-sistema ta' l-indirizz pubbliku, jekk din tkun installata.
- (b) It-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota għandu jkun kapaċi li jżomm l-informazzjoni reġistrata matul mill-inqas l-aħħar sagħtejn mit-tħaddim tiegħu ħlief li, għal dawk l-ajruplan b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' 5 700 kilo jew inqas, dan il-perjodu jista' jtnaqqas għal 30 minuta.
- (c) It-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota għandu jixgħel awtomatikament biex jibda jirreġistra qabel ma l-ajruplan jibda miexi bil-qawwa tiegħu stess u għandu jkompli bir-reġistrazzjoni sat-tmiem tat-titjira meta l-ajruplan ma jkunx kapaċi aktar jimxi bil-qawwa tiegħu stess. Minbarra, skond id-disponibilità tal-qawwa elettrika, it-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota għandu jibda jirreġistra kemm jista' jkun kmieni matul il-kontrolli li jkunu qed isiru fil-kabina tal-pilota qabel ma tinxtgħel il-magna fil-bidu tat-titjira sal-kontrolli tal-kabina tal-pilota li jsiru immedjatament wara li l-magna tintefa fi tmiem it-titjira.
- (d) It-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota għandu jkollu apparat ta' għajnuna biex ir-reġistratur ikun jista' jinstab fil-ilma.

OPS 1.705

Tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota-2

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan b'iktar minn magna turbina waħda li jkun ħareġ għall-ewwel darba b'Ċerifikat ta' l-Adegwatezza għat-Titjir, fi jew wara l-1 ta' Jannar 1990 sa u inkluż il- 31 ta' Marzu 1998 li jkollu massa massima tat-tluq ċertifikat ta' 5 700 kilo jew inqas u b'konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 9 passiġġieri bilqiegħda, sakemm dan ikun mgħammar b'tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota li jirreġistra:
- (1) Il-komunikazzjonijiet tal-vuċi trasmessi minn jew riċevuti fil-kabina ta' l-ekwipaġġ bir-radju;
 - (2) L-ambjent tas-smiġh tal-kabina ta' l-ekwipaġġ, inkluż fejn prattiku mingħajr interruzzjoni, is-sinjali ta' l-awdjo li jkunu riċevuti minn kull mikrofonu boom and mask li jkunu qed jintuża;
 - (3) Il-komunikazzjonijiet tal-vuċi tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira fil-kabina ta' l-ekwipaġġ li jkunu qed jużaw is-sistema tat-telefonija interna ta' l-ajruplan;
 - (4) Il-vuċi jew is-sinjali awdjo li jidentifikaw l-assistenza tan-navigazzjoni jew ta' l-avviċinament introdotti f'kuffji tal-widna jew fuq lawdspiker; kif ukoll
 - (5) Il-komunikazzjonijiet tal-vuċi tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira fil-kabina ta' l-ekwipaġġ li jużaw is-sistema ta' l-indirizz pubbliku, jekk din tkun installata.
- (b) It-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina ta' l-ekwipaġġ għandu jkun kapaċi jżomm l-informazzjoni reġistrata matul mill-inqas l-aħħar 30 minuta tat-tħaddim tiegħu.

- (c) It-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota għandu jixgħel awtomatikament biex jibda jirreġistra qabel ma l-ajruplan jibda miexi bil-qawwa tiegħu stess u għandu jkompli bir-reġistrazzjoni sat-tmiem tat-titjira meta l-ajruplan ma jkunx kapaċi aktar jimxi bil-qawwa tiegħu stess. Minbarra, skond id-disponibilità tal-qawwa elettrika, it-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota għandu jibda jaħdem kemm jista' jkun kmieni matul il-kontrolli li jsiru fil-kabina tal-pilota qabel it-titjira sal-kontrolli li jsiru fil-kabina tal-pilota immedjatament wara li l-magna tintefa fi tmiem it-titjira.
- (d) It-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota għandu jkollu apparat ta' għajjnuna biex ir-reġistratur ikun jista' jinstab fl-ilma.

OPS 1.710

Tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota-3

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan b'massa massima tat-tluq ċertifikat ta' iktar minn 5 700 kilo li jkun ħareġ għall-ewwel darba b'ċertifikat ta' adegwatezza għat-titjir individwali, qabel l-1 ta' April 1998 sakemm dan ikun mgħammar b'tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota li jirreġistra:
- (1) Il-komunikazzjonijiet tal-vuċi trasmessi minn jew riċevuti fil-kabina ta' l-ekwipaġġ bir-radju;
 - (2) L-ambjent tas-smiġh fil-kabina ta' l-ekwipaġġ;
 - (3) Il-komunikazzjonijiet tal-vuċi tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira fil-kabina ta' l-ekwipaġġ li jkunu qed jużaw is-sistema tat-telefonija interna ta' l-ajruplan;
 - (4) Il-vuċi jew is-sinjali awdjo li jidentifikaw l-assistenza tan-navigazzjoni jew ta' l-avviċinament introdotti f'kuffji tal-widna jew fuq lawdspiker; kif ukoll
 - (5) Il-komunikazzjonijiet tal-vuċi tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira fil-kabina ta' l-ekwipaġġ li jużaw is-sistema ta' l-indirizz pubbliku, jekk din tkun installata.
- (b) It-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota għandu jkun kapaċi jżomm l-informazzjoni rreġistrata matul mill-inqas l-aħħar 30 minuta tat-tħaddim tiegħu.
- (c) It-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota għandu jixgħel awtomatikament biex jibda jirreġistra qabel ma l-ajruplan jibda miexi bil-qawwa tiegħu stess u għandu jkompli bir-reġistrazzjoni sat-tmiem tat-titjira meta l-ajruplan ma jkunx kapaċi aktar jimxi bil-qawwa tiegħu stess.
- (d) It-tagħmir li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota għandu jkollu apparat ta' għajjnuna biex ir-reġistratur ikun jista' jinstab fl-ilma.

OPS 1.715

Tagħmir li jirreġistra d-data tat-titjira — 1

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.715)

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan li jkun ħareġ għall-ewwel darba b'Ċertifikat ta' Adegwatezza għat-Titjir individwali, fi jew wara l-1 ta' April 1998, li:
- (1) Ikollu iktar minn magna waħda turbina u jkollu konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 9 passiġġieri bilqiegħda; jew
 - (2) Ikollu massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 5 700 kilo,
- sakemm dan ikun mgħammar b'tagħmir li jirreġistra d-data tat-titjira, liema tagħmir ikun juża metodu diġitali biex jirreġistra u jaħżen id-data kif ukoll metodu biex tinstab minnufih dik id-data mill-mezz tal-ħażna.
- (b) It-tagħmir li jirreġistra d-data tat-titjira għandu jkun kapaċi jżomm dik id-data rreġistrata matul mill-inqas l-aħħar 25 siegħa mit-tħaddim tiegħu ħlief li, għal dawk l-ajruplan b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' 5 700 kilo jew inqas, dan il-perjodu jista' jtnaqqas għal 10 siegħat.
- (c) L-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira għandu, fejn jikkonċerna iskala tal-ħin, jirreġistra:
- (1) Il-parametri elenkati fit-Tabelli A1 jew A2 ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.715 skond kif ikun jgħodd;
 - (2) Għal dawk l-ajruplan b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 27 000 kilo, il-parametri addizzjonali elenkati fit-Tabella B ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.715;

- (3) Għall-ajruplan speċifika f(a) hawn fuq, dan it-tagħmir għandu jirreġistra kwalunkwe parametri ddedikati li jikkonċernaw id-disinn ġdid jew uniku jew il-karatteristiċi operattivi ta' l-ajruplan skond kif stabbilit mill-Awtorità matul iċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew tat-tip supplimentari; kif ukoll
- (4) Għall-ajruplan mgħammra b'sistema ta' display elettronika, il-parametri elenkati fit-Tabella C ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.715, ħliet li, għall-ajruplan li nħarġu għall-ewwel darba b'Ċertifikat ta' Adegwatezza għat-Titjir individwali qabel l-20 ta' Awissu 2002, daww il-parametri li għalihom:
- (i) Is-senser ma jkunx disponibbli; jew
 - (ii) Is-sistema jew it-tagħmir ta' l-ajruplan li tiġġenera d-data jeħtieġ tiġi modifikata; jew
 - (iii) Is-sinjali ma jkunux kumpatibbli mas-sistema tar-reġistrazzjoni;
- m'hemm x għalfejn ikunu rreġistrati jekk ikunu aċċettati mill-Awtorità.
- (d) Id-data għandha tinkiseb mis-sorsi ta' l-ajruplan li jippermettu l-korrelazzjoni eżatta ma' l-informazzjoni murija lill-ekwipaġġ tat-titjira.
- (e) It-tagħmir li jirreġistra d-data tat-titjira għandu jibda jaħdem awtomatikament biex jirreġistra d-data qabel ma l-ajruplan ikun jista' jimxi taħt il-qawwa tiegħu stess u għandu jieqaf awtomatikament wara li l-ajruplan ma jkunx jista' jimxi aktar taħt il-qawwa tiegħu stess.
- (f) L-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira għandu jkollu apparat ta' għajjnuna biex ir-reġistratur ikun jista' jinstab fl-ilma.
- (g) Ajruplani li jkun u ħarġu għall-ewwel darba b'Ċertifikat ta' l-Adegwatezza għat-Titjira individwali fi jew wara l-1 ta' April 1998, iżda mhux iktar tard mill-1 ta' April 2001 m'hemm x għalfejn ikunu meħtieġa jikkonformaw ma' l-OPS 1.715(c) jekk approvati mill-Awtorità, sakemm:
- (1) Il-konformità ma' l-OPS 1.715(c) ma tkunx tista' tinkiseb mingħajr modifikazzjoni estensiva fis-sistemi u fit-tagħmir ta' l-ajruplan għajr is-sistema tar-reġistrazzjoni tad-data tat-titjira; kif ukoll
 - (2) L-ajruplan ikun konformi ma' l-OPS 1.720(c) ħliet li l-parametru 15b fit-Tabella A ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.720 m'hemm x għalfejn jiġi rreġistrat.

OPS 1.720

Tagħmir li jirreġistra d-data tat-titjira — 2

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.720)

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan li jkun ħareġ għall-ewwel darba b'ċertifikat ta' l-adeqwatezza għat-titjir individwali fi jew wara l-1 ta' Ġunju 1990 sa u inkluż il- 31 ta' Marzu 1998 li jkollhom massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 5 700 kilo sakemm dan ikun mgħammra b'apparat li jirreġistra d-data tat-titjira li juża metodu diġitali li jirreġistra u jaħżen id-data kif ukoll metodu biex jikseb dik id-data mill-mezz tal-ħażna.
- (b) L-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira għandu jkun kapaċi li jikseb id-data rreġistrata matul mill-inqas l-aħħar 25 siegħa mit-tħaddim tiegħu.
- (c) L-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira għandu, fejn jikkonċerna iskala tal-ħin, jirreġistra:
- (1) Il-parametri elenkati fit-Tabella A ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.720; kif ukoll
 - (2) Għal daww l-ajruplan b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 27 000 kilo, il-parametri addizzjonali elenkati fit-Tabella B ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.720;
- (d) Għal daww l-ajruplani li jkollhom massa massima tat-tluq ċertifikata ta' 27 000 kilo jew inqas, jekk ikun aċċettabbli għall-Awtorità, il-parametri 14 u 15b tat-Tabella A ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.720 m'hemm x għalfejn ikunu rreġistrati, meta jintlaħqu kwalunkwe mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (1) Is-senser ma jkunx disponibbli;
 - (2) Ma jkunx hemm kapacià biżżejjed fis-sistema tar-reġistrazzjoni tat-titjira;
 - (3) Tkun meħtieġa bidla fit-tagħmir li jiġġenera d-data.

- (e) Għal dawk l-ajruplani li jkollhom massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 27 000 kilo, jekk ikun aċċettabbli għall-Awtorità, il-parametri li ġejjin m'hemmx għalfejn ikunu reġistrati: 15b tat-Tabella A ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.720, u 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30 u 31 tat-Tabella B ta' l-Appendiċi 1, jekk jintlaħqu kwalunkwe mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (1) Is-senser ma jkunx disponibbli;
 - (2) Ma jkunx hemm kapaċità biżżejjed fis-sistema tar-reġistrazzjoni tat-titjira;
 - (3) Tkun meħtieġa bidla fit-tagħmir li jiġġenera d-data;
 - (4) Għad-data navigazzjonali (l-għażla tal-frekwenza NAV, id-distanza DME, il-latitudni, il-lonġitudni, il-veloċità fuq l-art u d-direzzjoni tal-kurrent) is-sinjali ma jkunux disponibbli f'forma diġitali.
- (f) Parametri individwali li jistgħu jiġu bil-kalkolazzjoni mill-parametri rreġistrati l-oħra, m'hemmx għalfejn ikunu reġistrati jekk ikun aċċettabbli għall-Awtorità.
- (g) Id-data għandha tinkiseb mis-sorsi ta' l-ajruplan li jippermettu l-korrelazzjoni eżatta ma' l-informazzjoni murija lill-ekwipaġġ tat-titjira.
- (h) L-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira għandu jibda jirreġistra d-data qabel ma l-ajruplan ikun kapaċi jimxi taħt il-qawwa tiegħu stess u għandu jieqaf wara li l-ajruplan ma jkunx kapaċi jimxi aktar taħt il-qawwa tiegħu stess.
- (i) L-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira għandu jkollu apparat ta' għajnuma biex ir-reġistratur ikun jista' jinstab fl-ilma.

OPS 1.725

Tagħmir li Jirreġistra d-data tat-titjira — 3

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.725)

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan b'magni turbina li jkun ħareġ għall-ewwel darba b'Ċertifikat ta' Adegwatezza għat-Titjir qabel l-1 ta' Ġunju 1990 li jkollu massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 5 700 kilo sakemm dan ikun mgħammar b'apparat li jirreġistra d-data tat-titjira li juża metodu diġitali ta' reġistrazzjoni u ta' ħażna tad-data kif ukoll metodu li permezz tiegħu d-data tkun tista' tinkiseb minnufih mill-mezz tal-ħażna.
- (b) L-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira għandu jkun kapaċi li jikseb id-data rreġistrata matul mill-inqas l-aħħar 25 siegħa mit-tħaddim tiegħu.
- (c) L-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira għandu, fejn jikkonċerna iskala tal-ħin, jirreġistra:
- (1) Il-parametri elenkati fit-Tabella A ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.725.
 - (2) Għal dawk l-ajruplan b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 27 000 kilo li l-ewwel tip tagħhom kienu ġew ċertifikati għall-ewwel darba wara t- 30 ta' Settembru 1969, il-parametri addizzjonali minn 6 sa 15b tat-Tabella B ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.725 ta' dan il-paragrafu. Il-parametri li ġejjin m'hemmx għalfejn ikunu reġistrati, jekk ikun aċċettabbli għall-Awtorità: 13, 14 u 15b fit-Tabella B ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.725 meta kwalunkwe mill-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ntlaħqu:
 - (i) Is-senser ma jkunx disponibbli;
 - (ii) Ma jkunx hemm kapaċità biżżejjed fis-sistema tar-reġistrazzjoni tat-titjira,
 - (iii) Tkun meħtieġa bidla fit-tagħmir li jiġġenera d-data; kif ukoll kif ukoll
 - (3) Meta jkun hemm kapaċità biżżejjed fuq is-sistema li tirreġistra t-titjira, is-senser ikun disponibbli minnufih u ma jkunx hemm hteġa ta' bidla fit-tagħmir li jiġġenera d-data:
 - (i) Għall-ajruplani li ħarġu għall-ewwel darba b'Ċertifikat ta' Adegwatezza għat-Titjir individwali fi jew wara l-1 ta' Jannar 1989, b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 5 700 kilo iżda mhux iktar minn 27 000 kilo, il-parametri 6 sa 15b tat-Tabella B ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.725; kif ukoll
 - (ii) Għall-ajruplani li ħarġu għall-ewwel darba b'Ċertifikat ta' Adegwatezza għat-Titjir individwali fi jew wara l-1 ta' Jannar 1987, b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 27 000 kilo, il-parametri li jibqa' tat-Tabella B ta' l-Appendiċi 1 għall-OPS 1.725.

- (d) Parametri individwali li jistgħu jiġu bil-kalkolazzjoni mill-parametri rreġistrati l-oħra, m'hemmx għalfejn ikunu reġistrati jekk ikun aċċettabbli għall-Awtorità.
- (e) Id-data għandha tinkiseb mis-sorsi ta' l-ajruplan li jippermettu l-korrelazzjoni eżatta ma' l-informazzjoni murija lill-ekwipaġġ tat-titjira.
- (f) L-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira għandu jibda jirreġistra d-data qabel ma l-ajruplan ikun kapaċi jimxi taħt il-qawwa tiegħu stess u għandu jieqaf wara li l-ajruplan ma jkunx kapaċi jimxi aktar taħt il-qawwa tiegħu stess.
- (g) L-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira għandu jkollu apparat ta' għajnuna biex ir-reġistratur ikun jista' jinstab fl-ilma.

OPS 1.727

Tagħmir li jirreġistra ta' Taħlita

- (a) Il-konformità mar-rekwiżiti ta' l-apparat li jirreġistra l-Vuċi fil-Kabina tal-Pilota u ta' dak li jirreġistra d-data tat-titjira tista' tinkiseb b':
 - (1) Tagħmir li jirreġistra ta' taħlita wieħed jekk l-ajruplan ikollu jiġi mgħammar b'apparat li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota jew b'apparat li jirreġistra d-data tat-titjira biss; jew
 - (2) Tagħmir li jirreġistra ta' taħlita wieħed jekk l-ajruplan b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' 5 700 kilo jew inqas ikollu jiġi mgħammar b'apparat li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota u b'apparat li jirreġistra d-data tat-titjira; jew
 - (3) Żewġ apparati li jirreġistraw ta' taħlita jekk l-ajruplan b'massa massima tat-tluq ta' iktar minn 5 700 kg ikollu jiġi mgħammar b'apparat li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota u b'apparat li jirreġistra d-data tat-titjira.
- (b) Apparat li jirreġistra taħlita huwa apparat tat-titjira li jirreġistra:
 - (1) il-komunikazzjonijiet kollha tal-vuċi u l-ambjent tas-smiġ meħtieġa bil-paragrafu rilevanti ta' l-apparat li jirreġistra l-vuċi fil-kabina tal-pilota; kif ukoll
 - (2) il-parametri kollha meħtieġa bil-paragrafu rilevanti dwar l-apparat li jirreġistra d-data tat-titjira, bl-istess speċifikazzjonijiet meħtieġa b'dawk il-paragrafi.

OPS 1.730

Is-Siġġijiet, iċ-ċintorini tas-sigurtà tas-siġġijiet, tagħmir ta' rbit u apparat li jżomm it-tfal marbutin

- (a) Operatur għandu jħaddem ajruplan sakemm dan ikun mgħammar bi:
 - (1) Siġġu jew post għal kull persuna li jkollha bejn sentejn jew aktar;
 - (2) Ċintorin tas-sigurtà, bi jew mingħajr strixxa djagonali ta' l-ispalla, jew bi rbit tas-sigurtà biex jintuża f'kull siġġu tal-passiġġieri minn kull passiġġier li jkollu sentejn jew aktar;
 - (3) Tagħmir ta' rbit li jżomm it-tfal marbutin, aċċettabbli għall-Awtorità, għat-tfal kollha;
 - (4) Ħlief kif hemm imfisser fis-sub-paragrafu (c) ta' hawn taħt, ċintorin tas-sigurtà b'irbit fuq l-ispalla għal kull siġġu ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u għal kull siġġu ħdejn is-siġġu tal-pilota li jkun fih apparat li jżomm awtomatikament it-torso ta' l-okkupant f'każ li jkun hemm deċelazzjoni f'daqqa;
 - (5) Ħlief kif hemm imfisser fis-subparagrafu (c) hawn taħt, ċintorin tas-sigurtà b'irbit fuq l-ispalla għal kull siġġu ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u s-siġġijiet ta' l-osservaturi. Madankollu, dan ir-rekwiżit ma jipprekludix l-użu ta' siġġijiet tal-passiġġieri mill-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meta minn dawn ikun hemm iżjed mill-komplement ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġ; kif ukoll
 - (6) Siġġijiet għall-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li jkunu jinstabu qrib l-ħruġ ta' l-emerġenza meħtieġa u li jkunu fuq il-livell ta' l-art ħlief li, jekk l-evakwazzjoni ta' emerġenza tal-passiġġieri tkun imsaħħa billi l-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri joqogħdu bilqiegħda mkien ieħor, postijiet oħra jkunu aċċettabbli. Dawn is-siġġijiet għandhom iħarsu 'l quddiem u lura fi 15° mill-assi lonġitudinali ta' l-ajruplan.
- (b) Iċ-ċintorini tas-sigurtà kollha bi rbit fuq l-ispalla għandu jkollhom molla waħda biex jinħallu.

- (c) Ċintorin tas-sigurtà bi strixxa djaġonali fuq l-ispalla għall-ajruplan b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' mhux iktar minn 5 700 kilo jew ċintorin tas-sigurtà għall-ajruplan b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' mhux iktar minn 2 730 kilo jista' jkun awtorizzat minflok ċintorin tas-sigurtà bi rbit fuq l-ispalla jekk ma jkunx prattiku li jitwajjal u jintuża dan ta' l-aħħar.

OPS 1.731

Is-Sinjali 'Orbot iċ-Ċintorin tas-Sigurtà' u 'Mhux Permess Tipjip'

Operatur ma għandux iħaddem ajruplan li fih is-siġġijiet kollha tal-passiġġieri ma jkunux jidhru mill-kabina ta' l-ekwipaġġ, sakemm dan ikun mgħammar b'mezz li juri lill-passiġġieri kollha kif ukoll lill-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meta għandhom jintrabtu ċ-ċintorini tas-sigurtà u meta t-tipjip ma jkunx permess.

OPS 1.735

Il-Bibien u l-purtieri interni

Operatur m'għandux iħaddem ajruplan sakemm ikun installat fih it-tagħmir li ġej:

- (a) Fajruplan b'konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 19-il passiġġier, bieb bejn il-kumpartiment tal-passiġġieri u l-kumpartiment tal-kabina ta' l-ekwipaġġ b'tabella fuqu 'l-ekwipaġġ biss' u li jinqafel biex il-passiġġieri ma jiftħux mingħajr permess minn membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira;
- (b) Mezz biex jinfetħ kull bieb li jifred il-kumpartiment tal-passiġġieri minn kumpartiment ieħor li jkollu dispożizzjoni ta' ħruġ ta' emerġenza. Il-mezz għal tali ftuħ għandu jkun aċċessibbli minnufih;
- (c) Jekk ikun meħtieġ li wieħed jgħaddi minn ġo fetħa ta' bieb jew minn purtiera li tifred il-kabina tal-passiġġieri minn żoni oħra biex tintlaħaq kwalunkwe ħruġ ta' emerġenza meħtieġa minn kwalunkwe siġġu tal-passiġġieri, il-bieb jew il-purtiera għandu jkollhom mezz biex dawn ikunu jistgħu jinżammu f'pożizzjoni miftuħa;
- (d) Tabella fuq kull bieb intern jew ħdejn purtiera li ssevi bħala mezz ta' aċċess għall-ħruġ ta' l-emerġenza tal-passiġġieri, li tkun turi li dawn ikunu jridu jinżammu miftuħin matul it-tluq u l-inżul; kif ukoll
- (e) Mezz għal kwalunkwe membru ta' l-ekwipaġġ biex jiftaħ kwalunkwe bieb li normalment ikun aċċessibbli għall-passiġġieri u li jkun jista' jissakkar mill-passiġġieri.

OPS 1.745

Kitts ta' l-Ewwel Għajnuna

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan sakemm dan ikun mgħammar b'kitts ta' l-ewwel għajnuna, li jkunu aċċessibbli minnufih għall-użu, skond l-iskala li ġejja:

Numru ta' siġġijiet tal-passiġġieri installati	Numru ta' Kitts ta' l-Ewwel Għajnuna meħtieġa
0 sa 99	1
100 sa 199	2
200 sa 299	3
300 u iktar	4

- (b) Operatur għandu jiżgura li l-kitts ta' l-ewwel għajnuna jkunu:
- (1) Spezzjonati perjodikament biex ikun konfermat, sakemm ikun possibbli, li l-kontenut jinżamm fil-kundizzjoni meħtieġa għall-użu maħsub tiegħu; kif ukoll
- (2) Fornut tajjeb f'intervalli regolari, skond l-istruzzjonijiet li jkun hemm fuq it-tikketti tagħhom, jew skond kif ikunu jitolbu ċ-ċirkostanzi.

OPS 1.755

Kitt Mediku ta' Emerġenza

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan b'konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 30 passiġġier bilqiegħda sakemm dan ikun m'għammar b'kitt mediku ta' emerġenza jekk kwalunkwe punt fuq ir-rotta pplanata tkun iktar minn 60 minuta ta' titjir (b'veloċità regolari) minn ajrudrom li fih x'aktarx ikun hemm għajjnuna medika kkwalifikata.
- (b) Il-kaptan għandu jiżgura li l-mediċini ma jingħatawx ħlief minn tobba kkwalifikati, infermiera jew minn persunal bi kwalifiki simili.
- (c) Il-Kundizzjonijiet għall-ġarr
 - (1) Il-kitt mediku ta' emerġenza m'għandux ikollu trab u ndewwa u għandu jinġarr taħt kundizzjonijiet ta' sigurtà, fejn ikun Prattiku, fil-kabina ta' l-ekwipaġġ; kif ukoll
 - (2) Operatur għandu jiżgura li l-kitts mediċi ta' emerġenza jkunu:
 - (i) Spezzjonati perjodikament biex ikun konformat, sakemm ikun possibbli, li l-kontenut jinżamm fil-kundizzjoni meħtieġa għall-użu maħsub tiegħu; kif ukoll
 - (ii) Fornut tajjeb f'intervalli regolari, skond l-istruzzjonijiet li jkun hemm fuq it-tikketti tagħhom, jew skond kif ikunu jitolbu ċ-ċirkostanzi.

OPS 1.760

L-ossiġenu ta' l-ewwel għajjnuna

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan ipressat f'altitudni ta' iktar minn 25 000 pied, meta membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jkun meħtieġ li jinġarr, sakemm dan ikun m'għammar bi provvista ta' ossiġenu mhux miżjud bl-ilma għall-passiġġieri li, għal raġunijiet fiżjoloġiċi, ikunu jistgħu jeħtieġu l-ossiġenu wara depressjonizzazzjoni fil-kabina. L-ammont ta' ossiġenu għandu jkun ikkalkolat bl-użu ta' rata medja ta' ċirkolazzjoni ta' mill-inqas 3 litri Standard Temperature Pressure Dry (STPD)/minuta/persuna u għandu jkun ipprovdut għat-titjira kollha wara depressjonizzazzjoni fil-kabina f'altitudni tal-pessjoni tal-kabina ta' iktar minn 8 000 pied iżda mhux aktar minn 15 000 pied għal mill-inqas 2 % tal-passiġġieri li jinġarru, iżda fl-ebda każ għal inqas minn persuna waħda. Għandu jkun hemm numru biżżejjed ta' taqsimiet ta' tqassim, iżda fl-ebda każ inqas minn tnejn, b'mezz biex l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jkun jista' juża din il-provvista. L-unitajiet ta' tqassim jistgħu jkunu tat-tip li jistgħu jinġarru.
- (b) L-ammont ta' ossiġenu ta' l-ewwel għajjnuna meħtieġ għal operazzjoni partikolari għandu jkun determinat fuq il-bażi ta' l-altitudni ta' pressjoni tal-kabina u l-ħin tat-titjira, b'mod konsistenti mal-proċeduri operattivi stabbiliti għal kull operazzjoni u rotta.
- (c) It-tagħmir ta' l-ossiġenu li jkun hemm abbord għandu jkun kapaċi jiġġenera ċirkolazzjoni ta' massa għal kull utent ta' mill-inqas erba' litri fil-minuta, STPD. Jista' jingħata mezz biex titnaqqas iċ-ċirkolazzjoni sa mhux inqas minn żewġ litri fil-minuta, STPD, fi kwalunkwe altitudni.

OPS 1.770

Ossiġenu supplimentari — ajruplani ppressati

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.770)

- (a) Ġenerali
 - (1) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan ipressat f'altitudni ta' pressjoni ta' 'il fuq minn 10 000 pied sakemm ma jkunx hemm tagħmir ta' ossiġenu supplimentari, li jkun jiflaħ jaħżen u jqassam il-provvisti ta' l-ossiġenu meħtieġa b'dan il-paragrafu.
 - (2) L-ammont ta' ossiġenu supplimentari meħtieġ għandu jkun determinat fuq il-bażi ta' l-altitudni tal-pessjoni tal-kabina, il-ħin tat-titjira u l-preżunzjoni li ħsara fil-pessjonizzazzjoni tal-kabina tigris f'altitudni jew f'punt tat-titjira li jkun l-aktar kritiku mil-lok tal-ħtieġa ta' l-ossiġenu, u li, wara li tkun seħħet il-ħsara, l-ajruplan jinżel skond il-proċeduri ta' l-emerġenza speċifikati fil-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan għal altitudni bla periklu għar-rotta li trid tittajjar u li tkun tippermetti li l-kumpliment tat-titjira u l-inżul jkunu mingħajr periklu.

- (3) Wara ħsara fil-pressjonizzazzjoni tal-kabina, l-altitudni tal-pressjoni tal-kabina għandu jitqies l-istess bħall-altitudni tal-pressjoni ta' l-ajruplan, sakemm ikun muri lill-Awtorità li l-ebda ħsara probabbli fil-kabina jew fis-sistema tal-pressjonizzazzjoni mhu se twassal għal altitudni tal-pressjoni tal-kabina li tkun ugwali għall-altitudni tal-pressjoni ta' l-ajruplan. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, l-altitudni tal-pressjoni massima tal-kabina murija tista' tintuża bħala bażi biex tkun detereminata l-provvista ta' l-ossiġenu.
- (b) It-tagħmir ta' l-ossiġenu u r-reqwiziti tal-provvista
- (1) Il-Membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira
- (i) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkun xogħol fil-kabina ta' l-ekwipaġġ għandu jkollu ossiġenu supplimentari skond l-Appendiċi 1. Jekk l-okkupanti kollha tas-siġġijiet tal-kabina ta' l-ekwipaġġ jkunu pprovduti mis-sors ta' l-ossiġenu ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, mela dawn għandhom jitqiesu bħala membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkunu xogħol fil-kabina ta' l-ekwipaġġ biex ifornu l-ossiġenu. L-okkupanti tas-siġġijiet tal-kabina ta' l-ekwipaġġ, li ma jkunux fornuti mis-sors ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, għandhom jitqiesu bħala passiġġieri għall-għan ta' provvista ta' ossiġenu.
- (ii) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, li ma jkunux koperti bis-sub-paragrafu (b)(1)(i) hawn fuq, għandhom jitqiesu bħala passiġġieri għall-għan ta' forniment ta' ossiġenu.
- (iii) Il-maskri ta' l-ossiġenu għandhom jitpoġġew f'post li jkun jintlaħaq minnufih mill-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira waqt li jkunu qed jaqdu dmirijethom fil-post assenjat lilhom.
- (iv) Il-maskri ta' l-ossiġenu li għandhom jintużaw mill-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira f'ajruplan ppressati li jaħdmu 'l fuq minn 25 000 pied, għandhom ikunu tat-tip quick donning.
- (2) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, il-membri ta' l-ekwipaġġ addizzjonali u l-passiġġieri
- (i) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u l-passiġġieri għandhom ikunu fornuti b'ossiġenu supplimentari skond l-Appendiċi 1, ħliet meta s-sub-paragrafu (v) hawn taħt ikun japplika. Il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri abbord li jkunu iżjed mill-inqas numru meħtieġ ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, u l-membri żejda ta' l-ekwipaġġ, għandhom jitqiesu bħala passiġġieri għall-għan ta' forniment ta' ossiġenu.
- (ii) Ajruplani maħsuba li jitħaddmu f'altitudni ta' pressjoni ta' 'l fuq minn 25 000 pied għandu jkollhom żbokki żejda biżżejjed u maskri u/jew unitajiet ta' l-ossiġenu portabbli bil-maskri biżżejjed biex jintużaw mill-membri kollha ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li jkunu meħtieġa. L-iżbokki żejda u/jew l-unitajiet portabbli ta' l-ossiġenu għandhom jitqassmu l-istess fil-kabina biex tkun żgurata d-disponibilità immedjata ta' ossiġenu għal kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, minkejja l-post tiegħu/tagħha fil-ħin tal-ħsara fil-pressjonizzazzjoni tal-kabina.
- (iii) ajruplani maħsuba li jitħaddmu f'altitudni ta' pressjoni ta' 'l fuq minn 25 000 pied għandu jkollhom sistema li tqassam l-ossiġenu li tkun marbuta mat-terminali tal-provvista ta' l-ossiġenu li tkun disponibbli immedjatament għal kull okkupant, kull fejn dan ikun bilqiegħda. In-numru totali ta' unitajiet u żbokki li jqassmu għandu jkun iżjed min-numru ta' siġġijiet b'mill-inqas 10 %. L-unitajiet żejda għandhom jitqassmu l-istess fil-kabina.
- (iv) L-ajruplani maħsuba li jitħaddmu f'altitudni ta' pressjoni ta' 'l fuq minn 25 000 pied jew li, jekk jitħaddmu fi jew inqas minn 25 000 pied, ma jkunux jistgħu jinżlu bla periklu f'4 minuti għal 13 000 pied, u li għal dawn iċ-ċertifikat ta' adegwatezza għat-titjir individwali kien inħareġ għall-ewwel darba fi jew wara d-9 ta' Novembru 1998, għandu jkollhom tagħmir ta' ossiġenu li jitħaddem awtomatikament u li jkun disponibbli mill-ewwel għal kull okkupant, kull fejn dan ikun bilqiegħda. In-numru totali ta' unitajiet u żbokki li jqassmu għandu jkun iżjed min-numru ta' siġġijiet b'mill-inqas 10 %. L-unitajiet żejda għandhom jitqassmu l-istess fil-kabina.
- (v) Ir-reqwiziti tal-provvista ta' l-ossiġenu, kif speċifikati fl-Appendiċi 1, għall-ajruplan li ma jkunux ċertifikati li jtiru f'altitudni ta' iktar minn 25 000 pied, jistgħu jitnaqqsu għall-ħin kollu tat-titjira għal altitudni tal-pressjoni tal-kabina ta' bejn 10 000 pied u 13 000 pied għall-membri kollha ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġa u għal mill-inqas 10 % tal-passiġġieri jekk, fil-punti kollha tul ir-rotta li trid tittajjar, l-ajruplan ikun kapaċi jinżel bla periklu f'4 minuti għal altitudni tal-pressjoni tal-kabina ta' 13 000 pied.

OPS 1.775

Ossiġenu supplimentari — Ajruplan mhux ippressati

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.775)

(a) Ġenerali

- (1) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan mhux ippressat f'altitudni ta' iktar minn 10 000 pied, sakemm ikun hemm tagħmir ta' ossiġenu supplimentari, li jkun jiflaħ jaħżen u jqassam il-provvisti ta' l-ossiġenu meħtieġa.

- (2) L-ammont ta' ossiġnu meħtieġ għas-sosteniment għal operazzjoni partikolari għandu jkun determinat fuq il-bażi ta' l-altitudni tal-pressjoni u l-ħin tat-titjira, b'mod konsistenti mal-proċeduri operattivi stabbiliti għal kull operazzjoni fil-Manwal tat-Tħaddim u mar-rotot li se jittajru, kif ukoll mal-proċeduri ta' l-emerġenza speċifikati fil-Mawal tat-Tħaddim.
- (3) Ajruplan maħsub li jitħaddem f'altitudni ta' pressjoni ta' iktar minn 10 000 pied għandu jkollu taġħmir li jkun jiflaħ jaħżen u jqassam il-provvisti ta' l-ossiġnu meħtieġa.
- (b) Rekwiżiti tal-provvista ta' l-ossiġnu
- (1) Il-Membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira Kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkun xogħol fil-kabina ta' l-ekwipaġġ għandu jkollu ossiġnu supplimentari skond l-Appendiċi 1. Jekk l-okkupanti kollha tas-siġġijiet tal-kabina ta' l-ekwipaġġ jkunu pprovduti mis-sors ta' l-ossiġnu ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, mela dawn għandhom jitqiesu bħala membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jkunu xogħol fil-kabina ta' l-ekwipaġġ biex ifornu l-ossiġnu.
- (2) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, il-membri ta' l-ekwipaġġ addizzjonali u l-passiġġieri Il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u l-passiġġieri għandu jkollhom forniment ta' ossiġnu skond l-Appendiċi 1. Il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri abbord li jkunu iżjed mill-inqas numru meħtieġ ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, u l-membri żejda ta' l-ekwipaġġ, għandhom jitqiesu bħala passiġġieri għall-għan ta' forniment ta' ossiġnu.

OPS 1.780

Tagħmir ta' Nifs Protettiv ta' l-Ekwipaġġ

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan ipressat jew ajruplan mhux ipressat b'massa massima tat-tluq ċertifikata ta' iktar minn 5 700 kilo jew li jkollu konfigurazzjoni massima approvata ta' iktar minn 19-il passiġġier bilqiegħda sakemm:
- (1) Dan ikollu taġħmir biex iħares lill-għajnejn, lill-immieher u lill-ħalq ta' kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira waqt li jkun xogħol fil-kabina ta' l-ekwipaġġ u li jipprovdni l-ossiġnu għal perjodu ta' mhux inqas minn 15-il minuta. Il-provvista għat-Tagħmir ta' Nifs Protettiv (PBE) tista' tiġi fornuta mill-ossiġnu supplimentari meħtieġ bl-OPS 1.770 (b)(1) jew OPS 1.775 (b)(1). Minbarra, meta l-ekwipaġġ tat-titjira jkun ta' iżjed minn wieħed u ma jkunx hemm membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, għandu jinġarr PBE portabbli biex iħares lill-għajnejn, lill-immieher u lill-ħalq ta' membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u biex jipprovdni gass tan-nifs għal perjodu ta' mhux inqas minn 15-il minuta; kif ukoll
- (2) Ikollu PBE portabbli biżżejjed biex jitħarsu l-għajnejn, l-immieher u l-ħalq tal-membri kollha ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u biex jipprovdni gass tan-nifs għal perjodu ta' mhux inqas minn 15-il minuta.
- (b) Il-PBE maħsub għall-użu ta' l-ekwipaġġ tat-titjira għandu jkun f'post konvenjenti fil-kabina ta' l-ekwipaġġ ikun aċċessibbli faċilment għall-użu immedjat minn kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira fil-post tax-xogħol assenjat lilhom.
- (c) Il-PBE maħsub għall-użu ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri għandu jkun installat qrib kull post li fih il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jkun qed iwettaq dmirijietu.
- (d) Għandu jkun hemm PBE portabbli ieħor li jkun aċċessibbli faċilment li jitpoġġa fi jew qrib il-pompi ta' l-idejn għat-tifi tan-nar meħtieġa bl-OPS 1.790 (c) u (d) ħlief li, fejn il-pompi għat-tifi tan-nar ikunu jinstabu ġewwa l-kumpartiment tat-tagħbija, il-PBE għandu jitpoġġa barra iżda qrib id-daħla għal dak il-kumpartiment.
- (e) Waqt li l-PBE ikun qed jintuża dan m'għandux jevita l-komunikazzjoni fejn ikun meħtieġ bl-OPS 1.685, OPS 1.690, OPS 1.810 u OPS 1.850.

OPS 1.790

Pompi għat-tifi tan-nar ta' l-idejn

Operatur ma għandux iħaddem ajruplan għajr jekk ikunu provduti pompi għat-tifi tan-nar ta' l-idejn għall-użu fil-kompartimenti ta' l-ekwipaġġ, il-passiġġieri u, kif japplika, tat-tagħbija u fil-kċejjen skond dan li ġej:

- (a) It-tip u l-kwantità tas-sustanza tat-tifi tan-nar għandha tkun adattata għat-tipi tan-nirien li x'aktarx iseħħu fil-kompartiment fejn il-pompi għat-tifi tan-nar huwa ntiż li jkun użat u, għall-kompartimenti tal-persunal, għandu jim-minimizza l-perikolu tal-konċentrazzjoni tal-gass tossiku;

- (b) Ta' l-inqas pompa għat-tifi tan-nar ta' l-idejn waħda, li jkun fih il-Halon 1211 (bromochlorodifluoro-methane, CBrClF₂), jew l-ekwivalenti bħala l-aġent li jitfi, għandu jkun ippustjat b'mod konvenjenti fil-kabina ta' l-ekwipaġġ għall-użu mill-ekwipaġġ tat-titjira;
- (c) Ta' l-inqas pompa għat-tifi tan-nar wieħed għandu jkun jinsab fi, jew ikun aċċessibbli minnufih għall-użu fi, kull kċina li ma tkunx tinsab fil-kabina prinċipali tal-passiġġieri;
- (d) Ta' l-inqas pompa għat-tifi tan-nar waħda għandha tkun ta' l-idejn disponibbli għall-użu f'kull kompartiment tat-tagħbija jew tal-bagalji tal-Klassi A jew il-Klassi B u f'kull kompartiment tat-tagħbija tal-Klassi E li huwa aċċessibbli għall-membri ta' l-ekwipaġġ matul it-titjira; kif ukoll
- (e) Ta' l-inqas in-numru li ġej ta' pompa għat-tifi tan-nar ta' l-idejn għandhom ikunu ppustjati b'mod konvenjenti fil-kompartiment(i) tal-passiġġieri:

Il-konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda għall-passiġġieri	Numru ta' pompa għat-tifi tan-nar
7 sa 30	1
31 sa 60	2
61 sa 200	3
201 sa 300	4
301 sa 400	5
401 sa 500	6
501 sa 600	7
601 jew aktar	8

Meta żewġ pompi għat-tifi tan-nar jew aktar huma meħtieġa, dawn għandhom ikunu mqassma b'mod ugwali fil-kompartiment tal-passiġġieri.

- (f) Ta' l-inqas wieħed mill-pompi għat-tifi tan-nar meħtieġa li jkun jinsab fil-kompartiment tal-passiġġieri ta' ajruplan b'konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' mill-inqas 31, u mhux aktar minn 60, u ta' mill-inqas tnejn mill-pompi għat-tifi tan-nar li jkunu jinsabu fil-kompartiment tal-passiġġieri ta' ajruplan b'konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' 61 jew aktar għandhom ikollhom il-Halon 1211 (bromochlorodi-fluoromethane, CBrClF₂), jew l-ekwivalenti bħala l-aġent li jitfi.

OPS 1.795


Mannari u traversi

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan bil-massa tat-tluq ċertifikata massima li taqbeż il-5 700 kg jew li għandu konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' aktar minn 9 postijiet ta' bilqiegħda għajr jekk ikun mgħammar b'ta' l-inqas mannara jew traversa waħda li tkun tinsab fil-kabina ta' l-ekwipaġġ. Jekk il-konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri hija aktar minn 200 mannara jew traversa żejda għandhom jinġarru u jkunu ppustjati fi jew viċin iż-żona tal-kċina l-aktar il-ġewwa.
- (b) Mannari u traversi li jkunu jinsabu fil-kompartiment tal-passiġġieri ma għandhomx ikunu viżibbli għall-passiġġieri.

OPS 1.800

L-immarkar tal-postijiet fejn jista' jkun hemm dħul

Operatur għandu jiżgura li, jekk iż-żoni tal-qafas ta' l-ajruplan adattati għad-dħul mill-ekwipaġġ tas-salvataġġ f'emerġenza jkunu mmarkati fuq l-ajruplan, dawn iż-żoni għandhom ikunu mmarkati kif inhu muri hawn taħt. Il-kulur ta' l-immarkar għandu jkun aħmar jew isfar, u jekk ikun neċessarju dawn għandhom ikunu mdawwra bl-abjad b'kuntrast ma' l-isfond. Jekk l-immarkar tal-kantuniera huwa aktar minn 2 metri l bogħod, il-linji intermedjarji 9 cm x 3 cm għandhom jiddaħħlu sabiex ma jkunx hemm aktar minn 2 metri bejn il-marki viċin xulxin.



OPS 1.805

Il-mezzi għall-evakwazzjoni ta' l-emerġenza

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan bil-għoli tas-soll ta' l-emerġenza tal-passiġġieri:
- (1) Li huma aktar minn 1,83 metri (6 piedi) 'l fuq mill-art bl-ajruplan ma' l-art u t-tagħmir ta' l-inżul estiż; jew
 - (2) Li jista' jkun aktar minn 1,83 metri (6 piedi) 'l fuq mill-art wara l-waqa' ta', jew il-ħsara li testendi ta', wieħed jew aktar mis-saqajn tat-tagħmir ta' l-inżul u li għalih saret l-ewwel applikazzjoni għaċ-Ċertifikat tat-Tip fi jew wara l-1 ta' April 2000,

għajr jekk għandu tagħmir jew apparat disponibbli f'kull ħruġ, fejn is-subparagrafi (1) jew (2) japplikaw, sabiex jgħinu lill-passiġġieri u lill-ekwipaġġ li jilhqqu l-art mingħajr periklu f'emerġenza.
- (b) Dan it-tagħmir jew l-apparat ma għandhomx ikunu provduti fil-ħruġ minn fuq il-ġewnaħ jekk il-post intiż fuq l-istruttura ta' l-ajruplan fejn tispiċċa r-rotta ta' ħruġ ta' emerġenza huwa anqas minn 1,83 metri (6 piedi) mill-art bl-ajruplan fuq l-art, it-tagħmir ta' l-inżul estiż, u l-ġwienaħ fil-pożizzjoni tat-tluq jew l-inżul, skond liema pożizzjoni tal-ġewnaħ tkun ogħla mill-art.
- (c) Fl-ajruplani li meħtieġ li jkollhom ħruġ ta' emerġenza separat għall- ekwipaġġ tat-titjira u:
- (1) Li għalihom il-punt l-aktar baxx tal-ħruġ ta' emerġenza huwa aktar minn 1,83 metri (6 piedi) 'l fuq mill-art meta t-tagħmir ta' l-inżul huwa estiż; jew,
 - (2) Li għalihom saret l-ewwel applikazzjoni għaċ-Ċertifikat tat-Tip fi jew wara l-1 ta' April 2000, ikun aktar minn 1,83 metri (6 ft) 'l fuq mill-art wara l-waqa' ta', jew in-nuqqas li jestendi ta', wieħed jew aktar mis-saqajn tat-tagħmir ta' l-inżul,

għandu jkun hemm apparat li jgħin lill-membri kollha ta' l-ekwipaġġ tat-titjira sabiex fl-inżul jilhqqu l-art mingħajr periklu f'emerġenza.

OPS 1.810

Megafon

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan b'konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' aktar minn 60 u li jgħorr wieħed jew aktar mill-passiġġieri għajr jekk ikun mgħammar b'megafoni li jistgħu jinġarru li jaħdmu bil-batterija aċċessibbli minnufih għall-użu mill-membri ta' l-ekwipaġġ matul l-evakwazzjoni ta' l-emerġenza, bl-iskali li ġejjin:
- (1) Għal kull kabina tal-passiġġieri:

Konfigurazzjoni tal-postijiet ta' bilqiegħda għall-passiġġieri	Numru ta' Megafoni Meħtieġa
61 sa 99	1
100 jew aktar	2
 - (2) Għal ajruplani b'aktar minn kabina waħda tal-passiġġieri, fil-każijiet kollha meta l-konfigurazzjoni tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri totali hija aktar minn 60, huwa meħtieġ mill-inqas megafon wieħed.

OPS 1.815

Id-dawl ta' l-emerġenza

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan li jgħorr il-passiġġieri li għandu konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' aktar minn 9 għajr jekk ikun provdut li sistema tad-dawl ta' l-emerġenza li għandha provvista ta' enerġija indipendenti sabiex tħaffef l-evakwazzjoni ta' l-ajruplan. Is-sistema tad-dawl ta' l-emerġenza għandha tinkludi:
- (1) Għall-ajruplan li għandhom konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' aktar minn 19:
 - (i) Is-sorsi ta' l-illuminazzjoni tal-kabina ġenerali;
 - (ii) Id-dawl intern taż-żoni tal-ħruġ ta' emerġenza tal-livell ma' l-art; kif ukoll
 - (iii) L-immarker tal-ħruġ ta' emerġenza mixgħul u s-sinjali ta' fejn qegħdin.

- (iv) Għall-ajruplan li għalihom l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat tat-tip jew l-ekwivalenti ġiet iffajljata qabel l-1 ta' Mejju 1972, u meta jtiru bil-lejl, id-dawl ta' l-emerġenza ta' barra fil-ħruġ minn fuq il-ġewnaħ kollha, u fil-ħruġ fejn mezz ta' l-ghajjnuna għall-inżul huma meħtieġa.
 - (v) Għall-ajruplan li għalihom l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat tat-tip jew l-ekwivalenti kienet iffajljata fi jew wara l-1 ta' Mejju 1972, u meta jtiru bil-lejl, id-dawl ta' l-emerġenza ta' barra fil-ħruġ ta' emerġenza tal-passiġġieri kollha.
 - (vi) Għal ajruplani li għalihom iċ-ċertifikat tat-tip inħareġ għall-ewwel darba fi jew wara l-1 ta' Jannar 1958, sistema ta' l-immakar ma' l-art tal-passaġġ tal-ħruġ ta' emerġenza fil-kompartiment(i) tal-passiġġieri.
- (2) Għall-ajruplan li għandhom konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' 19 jew anqas u huma ċertifikati skond l-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni f' CS-25 jew CS-23:
- (i) Is-sorsi ta' l-illuminazzjoni tal-kabina ġenerali;
 - (ii) Id-dawl ta' ġewwa fiż-żoni tal-ħruġ ta' l-emerġenza; kif ukoll
 - (iii) L-immakar tal-ħruġ ta' emerġenza mixgħul u s-sinjali ta' fejn qegħdin.
- (3) Għall-ajruplan li għandhom konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' 19 jew anqas u li mhumiex ċertifikati skond l-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni f'CS-25 jew CS-23, sorsi ta' l-illuminazzjoni tal-kabina ġenerali.
- (b) Operatur ma għandux, mal-lejl, iħaddem l-ajruplan li jgħorr il-passiġġieri li għandu konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' 9 jew anqas għajr jekk ikun provdut b'sors ta' illuminazzjoni tal-kabina ġenerali sabiex iħaffef l-evakwazzjoni ta' l-ajruplan. Is-sistema tista' tuża dwal f'forma ta' koppla jew sorsi oħra ta' illuminazzjoni diġa mgħammra fuq l-ajruplan u li jistgħu jibqgħu jaħdmu wara li l-batterija ta' l-ajruplan tkun intfiet.

OPS 1.820

Transmitter li Jsib il-Lokazzjoni f'Emerġenza

- (a) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan li huwa awtorizzat iġorr iktar minn 19-il passiġġier jekk dan ma jkunx mgħammar b'talanqas:
- (1) Transmitter li Jsib il-Lokazzjoni f'Emerġenza (ELT) jew żewġ ELTs ta' kwalunkwe tip; jew
 - (2) żewġ ELTs, li wieħed minnhom ikun awtomatiku għall-ajruplani li jkunu ngħataw l-ewwel ċertifikat individwali li huma xierqa għat-tajran wara l-1 ta' Lulju 2008.
- (b) Operatur m'għandux iħaddem ajruplan li huwa awtorizzat iġorr 19-il passiġġier jew inqas jekk dan ma jkunx mgħammar b'talanqas:
- (1) ELT wieħed ta' kwalunkwe tip; jew
 - (2) ELT awtomatiku wieħed għall-ajruplani li jkunu ngħataw l-ewwel ċertifikat individwali li huma xierqa għat-tajran wara l-1 ta' Lulju 2008
- (c) Operatur għandu jiżgura li l-ELTs kollha li jinġarru li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' hawn fuq joperaw skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Volum III ta' l-Anness 10 ta' l-ICAO.

OPS 1.825

Il-Ġkieket tas-Salvataġġ

- (a) Ajruplan ta' fuq l-art. Operatur ma għandux iħaddem ajruplan ta' fuq l-art:
- (1) Meta jtiru fuq l-ilma u f'distanza ta' aktar minn 50 mili nawtiċi mill-kosta; jew
 - (2) Meta jinqatgħu mill-art jew jinżlu f' ajrudrom fejn it-tluq jew il-passaġġ ta' avviċinament qiegħed hekk fuq l-ilma li f'każ ta' inċident ikun hemm il-possibilità ta' illandjar ta' emerġenza,

sakemm ma jkunx mgħammar bi ġkieket tas-salvataġġ mgħammra b'dawl li jsib lill-persuna li tibqa' ħajja, għal kull persuna abbord. Kull ġakketta tas-salvataġġ għandha tkun merfugħa f'pożizzjoni aċċessibbli faċilment mis-siġġu jew l-irmiġġ tal-persuna li hija provduta għall-użu tagħha. Il-ġkieket tas-salvataġġ għat-trabi jistgħu jkunu mibdula b'apparat ieħor approvat li jżommu fil-wiċċ mgħammra b'dawl sabiex tinstab il-persuna li ssalva.

- (b) Ajruplani ta' fuq il-baħar u ajruplan li jistgħu jinżlu kemm fuq il-baħar u fuq l-art. Operatur ma għandux iħaddem ajruplan ta' fuq il-baħar jew ajruplan li jistgħu jinżlu kemm fuq il-baħar u fuq l-art għajr jekk ikunu mgħammra bil-ġkieket tas-salvataġġ mgħammra bid-dawl li jsib lill-persuna li ssalva, għal kull persuna abbord. Kull ġakketta tas-salvataġġ għandha tkun merfugħa f'pożizzjoni aċċessibbli faċilment mis-siġġu jew l-irmiġġ tal-persuna li hija provduta għall-użu tagħha. Il-ġkieket tas-salvataġġ għat-trabi jistgħu jkunu mibdula b'apparat ieħor approvat li jżommu fil-wiċċ mgħammra b'dawl sabiex tinstab il-persuna li ssalva.

OPS 1.830

Ċattriet tas-salvataġġ u ELTs ta' sopravivenza għat-titjiriet estiżi fuq l-ilma

- (a) Ftitjiriet fuq l-ilma, operatur ma għandux iħaddem ajruplan f'distanza 'l bogħod mill-art, li huwa adattat li jagħmel inżul ta' emerġenza, akbar minn dik li jikkorrispondi għal:
- (1) 120 minuta f'veloċità moderata jew 400 mil nawtiku, skond liema tkun l-anqas, għall-ajruplan li jistgħu jibqgħu jtiru sa ajrudrom bl-unità(ijiet) ta' saħħa kritika ma jibqgħux jaħdmu fi kwalunkwe punt matul ir-rotta jew id-devjazzjonijiet ppjanati; jew
 - (2) 30 minuta fil-veloċità moderata jew 100 mil nawtiku, skond liema jkun l-anqas, għall-ajruplan l-oħra kollha, sakemm jinġarr it-tagħmir speċifikat fis-subparagrafi (b) u (c) hawn taħt.
- (b) Ċattriet tas-salvataġġ suffiċjenti sabiex iġorru l-persuni kollha abbord. Għajr jekk ikunu provduti ċattriet żejda ta' kapaċità biżżejjed, il-kapaċità li jżomm fil-wiċċ u l-kapaċità tat-tqegħid ta' bilqiegħda lill-hinn mill-kapaċità mkejila taċ-ċattriet għandha takkomoda l-okkupanti kollha ta' l-ajruplan f'każ ta' telf ta' ċattra waħda ta' l-akbar kapaċità mkejila. Iċ-ċattriet tas-salvataġġ għandhom ikunu mgħammra bi:
- (1) Dawl li jsib lill-persuna li ssalva; kif ukoll
 - (2) Tagħmir li jsalva l-ħajja inkuż il-mezzi sabiex isostni l-ħajja kif jixraq għat-titjira li sejra ssir; kif ukoll
- (c) Ta' l-inqas żewġ trasmetturi ta' l-Emerġenza li Jsibu l-Post tas-sopravivenza (ELT (S)) li jistgħu jittrasmettu fuq il-frekwenzi tal-perikolu preskritti fl-Anness 10 ta' l-ICAO 10, Volum V, Kapitolu 2.

OPS 1.835

Tagħmir tas-sopravivenza

Operatur ma għandux iħaddem ajruplan f'żoni li fihom it-tfittxija u s-salvataġġ ikunu speċjalment diffiċli għajr jekk ikun mgħammar b'dan li ġej:

- (a) Tagħmir li jitfa' s-sinjali sabiex jagħmel is-sinjali tal-perikolu pirotekniku spjegati f'Anness 2 ta' l-ICAO 2;
- (b) Ta' l-inqas ELT (S) wieħed jista' jittrasmetti fuq il-frekwenzi tal-perikolu preskritti f'Anness 10 ta' l-ICAO 10, Volum V, Kapitolu 2; kif ukoll
- (c) Tagħmir ta' sopravivenza ieħor għar-rotta li għandha tittajjar filwaqt li jittieħed kont tan-numru ta' persuni abbord għajr li t-tagħmir speċifikat fis-subparagrafu (c) ma għandux bżonn jinġarr meta l-ajruplan jew:
 - (1) Jibqa' f'distanza miż-żona fejn it-tfittxija u s-salvataġġ m'humiex diffiċli b'mod speċjali jikkorrispondu għal:
 - (i) 120 minuta fil-veloċità moderata tal-magna li ma taħdimdx għall-ajruplan li jistgħu jkomplu t-titjira sa ajrudrom bl-unità(ijiet) tal-qawwa kritiċi jsiru ma jaħdmux fi kwalunkwe punt matul ir-rotta jew id-devjazzjonijiet ppjanati; jew
 - (ii) 30 minuta fil-veloċità moderata għall-ajruplan l-oħra kollha, jew
 - (2) Għall-ajruplani ċċertifikati għall-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni f'CS-25 jew ekwivalenti, mhux distanza akbar minn dik li tikkorrispondi għal 90 minuta fil-veloċità moderata miż-żona adattata sabiex isir l-inżul ta' emerġenza.

OPS 1.840

ajruplan tal-baħar u ajruplan li jistgħu jinżlu kemm fuq il-baħar u fuq l-art — Apparat Mixxellanju

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan tal-baħar jew ajruplan li jistgħu jinżlu kemm fuq il-baħar u fuq l-art fuq l-ilma għajr jekk ikun mġhammar b':
- (1) Ankra tal-baħar u tagħmir ieħor neċessarju sabiex jiffaċilita l-irbit, l-ankrar jew l-immanuvrar ta' l-inġenji ta' l-ajru fuq l-ilma, li jixraq għad-daqs, il-piż u l-karatteristiċi ta' l-immaniġġar; kif ukoll
 - (2) Tagħmir sabiex isiru s-sinjali tal-ħoss preskritti fir-Regolamenti Internazzjonali għall-prevenzjoni tal-ħbit fil-baħar, fejn japplika.
-

Appendiċi 1 sa OPS 1.715

Ir-reġistraturi tad-data tat-titjira — 1 — Lista tal-parametri li għandhom ikunu reġistrati

Tabella A1 — Ajruplan b'massa tat-tluq massima ċertifikata ta' iżjed minn 5 700 kg

Nota: In-numru fuq il-kolonna tan-naħa tax-xellug jirrifletti n-Numru tas-Serje muri fid-dokument EUROCAE ED55

Nru	PARAMETRU
1	ĦIN JEW GĦADD TAL-ĦIN RELATTIV
2	ALTITUDNI TAL-PRESSJONI
3	VELOĊITÀ FL-AJRU INDIKATA
4	INTESTATURA
5	AĊĊELERAZZJONI NORMALI
6	ATTITUDNI TAL-'PITCH'
7	ATTITUDNI 'TAR-ROLL'
8	ID-DAĦLA B'MOD MANWALI TAT-TRASMISSJONI TAR-RADJU
9	IMBOTTATURA TA' PROPULSJONI/QAWWA FUQ KULL MAGNA U IMBOTTATURA FIL-KABINA TAL-PILOTA/POŻIZZJONI TAL-LIVER TAL-QAWWA JEKK APPLIKABBLI
10	ĠEWNAĦ 'TRAILING EDGE' JEW GĦAŻLA TAL-KONTROLL FIL- KABINA TAL-PILOTA
11	ĠEWNAĦ 'TRAILING EDGE' JEW GĦAŻLA TAL-KONTROLL FIL- KABINA TAL-PILOTA
12	STAT TA' L-IMBOTTATURA B'LURA
13	POŻIZZJONI TA' L-ISPOILER TA' L-ART U/JEW GĦAŻLA TAL-BREJK TAL-VELOĊITÀ
14	TEMPERATURA TA' L-ARJA TOTALI JEW TA' BARRA
15	AWTOPILOTA, 'AUTOTHROTTLE' U ARRANGĠAMENT AFCS U L-ISTAT TAT-TQABBID
16	AĊĊELERAZZJONI LONĠITUDINALI (ASSI TAL-QAFAS)
17	AĊĊELERAZZJONI LATERALI

Tabella A2 — Ajruplan b'massa tat-tluq massima ċertifikata ta' 5 700 kg jew anqas

Nota: In-numru fuq il-kolonna tan-naħa tax-xellug jirrifletti n-Numru tas-Serje muri fid-dokument EUROCAE ED55

Nru	PARAMETRU
1	ĦIN JEW GĦADD TAL-ĦIN RELATTIV
2	ALTITUDNI TAL-PRESSJONI
3	VELOĊITÀ FL-AJRU INDIKATA
4	INTESTATURA
5	AĊĊELERAZZJONI NORMALI
6	ATTITUDNI TAL-PITCH
7	ATTITUDNI TAR-ROLL
8	ID-DAĦLA B'MOD MANWALI TAT-TRASMISSJONI TAR-RADJU
9	IMBOTTATURA TA' PROPULSJONI/QAWWA FUQ KULL MAGNA U IMBOTTATURA FIL-KABINA TAL-PILOTA/POŻIZZJONI TAL-LIVER TAL-QAWWA JEKK APPLIKABBLI
10	ĠEWNAĦ TRAILING EDGE JEW GĦAŻLA TAL-KONTROLL FIL- KABINA TAL-PILOTA
11	ĠEWNAĦ 'TRAILING EDGE' JEW GĦAŻLA TAL-KONTROLL FIL- KABINA TAL-PILOTA
12	STAT TA' L-IMBOTTATURA B'LURA
13	POŻIZZJONI TA' L-ISPOILER TA' L-ART U/JEW GĦAŻLA TAL-BREJK TAL-VELOĊITÀ
14	TEMPERATURA TA' L-ARJA TOTALI JEW TA' BARRA
15	STAT TAT-TQABBID TAL-AWTOPILOTA/'AUTOTHROTTLE'
16	ANGOLU TA' L-ATTAKK (JEKK IKUN DISPONIBBLI SENSER ADATTAT)
17	AĊĊELERAZZJONI LONĠITUDINALI (ASSI TAL-QAFAS)

Tabella B — Parametri addizzjonali għall-ajruplan b'massa tat-tluq massima ċertifikata ta' iżjed minn 27 000 kg

Nota: In-numru fuq il-kolonna tan-naħa tax-xellug jirrifletti n-Numru tas-Serje muri fid-dokument EUROCAE ED55

Nru	PARAMETRU
18	KONTROLLI TAT-TITJIR PRIMARJU — POŻIZZJONI TAL-WIĊĊ TAL-KONTROLL U/JEW INPUT TAL-PILOTA ('PITCH', 'ROLL', 'YAW')
19	POŻIZZJONI TAT-'TRIM' TAL-'PITCH'
20	ALTITUDNI TAR-RADJU
21	DEVJAZZJONI MIR-RAĠĠ VERTIKALI (PASSAĠĠ TA' L-INŻUL BL-ILS JEW ELEVAZZJONI TA' L-MLS)
22	DEVJAZZJONI MIR-RAĠĠ ORIZZONTALI (LOKALIZZATUR TA' L-ILS JEW AŻIMUT TA' L-MLS)
23	PASSAĠĠ TAS-SINJAL TA' L-IMMARKAR
24	TWISSIJJET:
25	IRRIŻERVAT (HUWA RRAKMANDAT GĦAŻLA TAL-FREKWENZA TAR-RISIVER TAN-NAVIGAZZJONI)
26	IRRIŻERVAT (HUWA RRAKMANDAT ID-DISTANZA TAD-DME)
27	STAT TA' L-ISWIĊĊ 'SQUAT' TAL-'GEAR' TA' L-INŻUL JEW STAT ARJA/ART
28	SISTEMA TA' TWISSIJA TA' PROSSIMITA' LEJN L-ART
29	ANGOLU TA' L-ATTAKK
30	TWISSIJA TA' PRESSJONI BAXXA (ENERĠIJA IDRAWLIKA U PNEWMATIKA)
31	VELOĊITÀ FUQ L-ART
32	'GEAR' TA' L-INŻUL JEW POŻIZZJONI TA' L-GĦAŻLA TAL-'GEAR'

Tabella Ċ — Ajruplani mgħammra b'sistemi ta' display elettroniċi

Nota: In-Numru fil-kolonna tan-nofs jirrifletti n-Numri ta' Serje li huma murija fid-dokument EUROCAE ED55 tabella A1.5

Nru	Nru	PARAMETRU
33	6	L-ISSETJAR BAROMETRIKU MAGĦŻUL (KULL STAZZJON TAL-ILOTA)
34	7	ALTITUDNI MAGĦŻULA
35	8	VELOĊITÀ MAGĦŻULA
36	9	MACH MAGĦŻULA
37	10	VELOĊITÀ VERTIKALI MAGĦŻULA
38	11	DIREZZJONI MAGĦŻULA
39	12	PASSAĠĠ TAT-TITJIRA MAGĦŻULA
40	13	GĦOLI TAD-DEĊIŻJONI MAGĦŻULA
41	14	FORMAT TAD-DISPLAY TA' L-EFIS
42	15	FUNZJONI MULTIPLIKA/MAGNA/FORMAT TAD-DISPLAY TAT-TWISSIJJET

Appendiċi 1 sa OPS 1.720

Ir-reġistraturi tad-data tat-titjira — 2 — Lista tal-parametri li għandhom ikunu reġistrati

Tabella A — Ajruplani b'massa tat-tluq massima ċertifikata ta' iżjed minn 5 700 kg

Nru	PARAMETRU
1	ĦIN JEW GĦADD TAL-ĦIN RELATTIV
2	ALTITUDNI TAL-PRESSJONI
3	VELOĊITÀ FL-AJRU INDIKATA
4	INTESTATURA
5	AĊĊELERAZZJONI NORMALI
6	ATTITUDNI TAL-'PITCH'
7	ATTITUDNI 'TAR-ROLL'
8	ID-DAĦLA B'MOD MANWALI TAT-TRASSMISSJONI TAR-RADJU SAKEMM MHUMIEX PRODUTI MEZZI ALTERNATTIVI SABIEX TISSINKRONIZZA L-IRRIKORDJAR TAL-FDR U CVR
9	QAWWA FUQ KULL MAGNA
10	ĠEWNAĦ 'TRAILING EDGE' JEW GĦAŻLA TAL-KONTROLL FIL- KABINA TAL-PILOTA
11	ĠEWNAĦ 'TRAILING EDGE' JEW GĦAŻLA TAL-KONTROLL FIL- KABINA TAL-PILOTA
12	POŻIZZJONI TA' L-IMBOTTATURA B'LURA (GĦALL-AJRUPLAN TURBOJET BISS)
13	POŻIZZJONI TA' L-ISPOILER TA' L-ART U/JEW GĦAŻLA TAL-BREJK TAL-VELOĊITÀ
14	TEMPERATURA TA' L-ARJA TA' BARRA JEW TEMPERATURA TA' L-ARJA TOTALI
15a	STAT TAT-TQABBID TAL-AWTOPILOTA/'AUTOTHROTTLE'
15b	MOD TA' TĦADDIM TA' L-AWTOPILOTA, STAT TAS-SISTEMI TA' TQABBID U MODI TA TĦADDIM TA' 'AUTOTHROTTLE' U AFCS.

Tabella B — Parametri addizzjonali għall-ajruplan b'massa tat-tluq massima ċertifikata ta' iżjed minn 27 000 kg

Nru	PARAMETRU
16	AĊĊELERAZZJONI LONĠITUDINALI
17	AĊĊELERAZZJONI LATERALI
18	KONTROLLI TAT-TITJIR PRIMARJU — POŻIZZJONI TAL-WIĊĊ TAL-KONTROLL U/JEW INPUT TAL-PILOTA ('PITCH', 'ROLL', 'YAW')
19	POŻIZZJONI TAT-'TRIM' TAL-'PITCH'
20	ALTITUDNI TAR-RADJU
21	DEVJAZZJONI MILL-PASSAĠĠ TAL-'GLIDE'
22	DEVJAZZJONI TAL-LOKALIZZATUR
23	PASSAĠĠ TAS-SINJAL TA' L-IMMARKAR
24	TWISSIJA PRINĊIPALI
25	GĦAŻLA TA' FREKWENZA TAN-NAV 1 U NAV 2
26	DISTANZA DME1 U DME2
27	STAT TA' L-ISWIĊĊ 'SQUAT' TAL-'GEAR' TA' L-INŻUL
28	SISTEMA TA' TWISSIJA TA' PROSSIMITA' LEJN L-ART
29	ANGOLU TA' L-ATTAKK
30	IDRAWLIKA, KULL SISTEMA (PRESSJONI BAXXA)
31	DATA TAN-NAVIGAZZJONI
32	'GEAR' TA' L-INŻUL JEW POŻIZZJONI TA' L-GĦAŻLA TAL-'GEAR'

Appendiċi 1 sa OPS 1.725

Ir-reġistraturi tad-data tat-titjira — 3 — Lista tal-parametri li għandhom ikunu reġistrati

Tabella A — Ajruplani b'massa tat-tluq massima ċertifikata ta' iżjed minn 5 700 kg

Nru	PARAMETRU
1	ĦIN JEW GĦADD TAL-ĦIN RELATTIV
2	ALTITUDNI TAL-PRESSJONI
3	VELOĊITÀ FL-AJRU INDIKATA
4	INTESTATURA
5	AĊĊELERAZZJONI NORMALI

Tabella B — Parametri addizzjonali għall-ajruplan b'massa tat-tluq massima ċertifikata ta' iżjed minn 27 000 kg

Nru	PARAMETRU
6	ATTITUDNI TAL-'PITCH'
7	ATTITUDNI 'TAR-ROLL'
8	ID-DAĦLA B'MOD MANWALI TAT-TRASMISSJONI TAR-RADJU SAKEMM MHUMIEX PROVDUTI MEZZI ALTERNATTIVI SABIEX TISSINKRONIZZA L-IRRIKORDJAR TAL-FDR U CVR
9	QAWWA FUQ KULL MAGNA
10	ĠEWNAĦ 'TRAILING EDGE' JEW GĦAŻLA TAL-KONTROLL FIL- KABINA TAL-PILOTA
11	ĠEWNAĦ 'TRAILING EDGE' JEW GĦAŻLA TAL-KONTROLL FIL- KABINA TAL-PILOTA
12	POŻIZZJONI TA' L-IMBOTTATURA B'LURA (GĦALL-AJRUPLAN TURBOJET BISS)
13	POŻIZZJONI TA' L-ISPOILER TA' L-ART U/JEW GĦAŻLA TAL-BREJK TAL-VELOĊITÀ
14	TEMPERATURA TA' L-ARJA TA' BARRA JEW TEMPERATURA TA' L-ARJA TOTALI
15a	STAT TAT-TQABBID TAL-AWTOPILOTA/'AUTOTHROTTLE'
15b	MOD TA' TĦADDIM TA' L-AWTOPILOTA, STAT TAS-SISTEMI TA' TQABBID U MODI TA TĦADDIM TA' 'AUTOTHROTTLE' U AFCS.
16	AĊĊELERAZZJONI LONĠITUDINALI
17	AĊĊELERAZZJONI LATERALI
18	KONTROLLI TAT-TITJIR PRIMARJU — POŻIZZJONI TAL-WIĊĊ TAL-KONTROLL U/JEW INPUT TAL-PILOTA ('PITCH', 'ROLL', 'YAW')
19	POŻIZZJONI TAT-'TRIM' TAL-'PITCH'
20	ALTITUDNI TAR-RADJU
21	DEVJAZZJONI MILL-PASSAĠĠ TAL-'GLIDE'
22	DEVJAZZJONI TAL-LOKALIZZATUR
23	PASSAĠĠ TAS-SINJAL TA' L-IMMARKAR
24	TWISSIJA PRINĊIPALI
25	GĦAŻLA TA' FREKWENZA TAN-NAV 1 U NAV 2
26	DISTANZA DME1 U DME2
27	STAT TA' L-ISWIĊĊ 'SQUAT' TAL-'GEAR' TA' L-INŻUL
28	SISTEMA TA' TWISSIJA TA' PROSSIMITA' LEJN L-ART
29	ANGOLU TA' L-ATTAKK
30	IDRAWLIKA, KULL SISTEMA (PRESSJONI BAXXA)
31	DATA TAN-NAVIGAZZJONI (LATITUDNI, LONĠITUDNI, VELOĊITÀ FUQ L-ART U ANGOLU TAL-MOVIMENT
32	'GEAR' TA' L-INŻUL JEW POŻIZZJONI TA' L-GĦAŻLA TAL-'GEAR'

Appendiċi 1 sa OPS 1.770

Ossiġnu — Rekwiżiti Minimi għall-Ossiġnu Supplimentari għall-ajruplani bi pressjoni matul u wara l-Inżul ta' l-Emerġenza

Tabella 1

(a)	(b)
PROVVISTA' GĦAL:	TUL TA' ŻMIEN U L-ALTITUDNI TAL-PRESSJONI TAL-KABINA
1. L-okkupanti kollha tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-kabina ta' l-ekwipaġġ li qed jaqdu dmirijietom fil-kabina ta' l-ekwipaġġ	Il-ħin totali tat-titjira meta l-altitudni tal-pressjoni tal-kabina jaqbeż it-13 000 pied u l-ħin tat-titjira totali meta l-altitudni tal-pressjoni tal-kabina taqbeż l-10 000 pied iżda ma taqbiżx it-13 000 pied wara l-ewwel 30 minuta f'dawk l-altitudnijiet, iżda fl-ebda każ anqas minn: (i) 30 minuta għal ajruplani ċertifikati biex itiru f'altitudni li ma taqbiżx 25 000 pied (Nota 2) (ii) Sagħtejn għal ajruplani ċertifikati li jtiru f'altitudnijiet li ma jaqbżux il-25 000 pied (Nota 3).
2. Il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġa kollha	Ħin tat-titjira totali meta l-altitudni tal-pressjoni tal-kabina taqbeż it-13 000 pied iżda anqas minn 30 minuta (Nota 2), u l-ħin totali tat-titjira meta l-altitudni tal-pressjoni tal-kabina hija akbar minn 10 000 pied iżda ma jaqbiżx it-13 000 pied wara l-ewwel 30 minuta f'dawn l-altitudnijiet
3. 100 % tal-passiġġieri (Nota 5)	Ħin totali tat-titjira meta l-altitudni tal-pressjoni tal-kabina taqbeż il-15 000 pied iżda fl-ebda każ anqas minn 10 minuti (Nota 4).
4. 30 % tal-passiġġieri (Nota 5)	Ħin tat-titjira totali meta l-altitudni tal-pressjoni tal-kabina taqbeż l-14 000 pied iżda ma jaqbiżx il-15 000 pied
5. 10 % tal-passiġġieri (Nota 5).	Ħin tat-titjira totali meta l-altitudni tal-pressjoni tal-kabina jaqbeż l-10 000 pied iżda ma jaqbiżx l-14 000 pied wara l-ewwel 30 minuta f'dawn l-altitudnijiet

Nota 1: Il-provvista provduta għandha tieħu kont ta' l-altitudni tal-pressjoni tal-kabina u l-profil ta' l-inżul għar-rotot ikkonċernati.

Nota 2: Il-provvista minima meħtieġa hija dik il-kwantità ta' l-ossiġnu neċessarju għar-rata kostanti ta' nżul mill-altitudni tal-ħidma ċertifikata massima ta' l-ajruplan sa 10 000 pied f'10 minuti u li jkollha warajha 20 minuta f'10 000 pied.

Nota 3: Il-provvista minima meħtieġa hija dik il-kwantità ta' l-ossiġnu neċessarju għar-rata kostanti ta' nżul mill-altitudni tal-ħidma ċertifikata massima ta' l-ajruplan sa 10 000 pied f'10 minuti u li jkollha warajha 110 minuta f'10 000 pied. L-ossiġnu meħtieġ f' OPS 1.780 (a)(1) jista' jkun inkluż sabiex tiġi stabbilita l-provvista meħtieġa.

Nota 4: Il-provvista minima meħtieġa hija dik il-kwantità ta' ossiġnu neċessarju għar-rata kostanti ta' nżul mill-altitudni tal-ħidma ċertifikata massima ta' l-ajruplan sa 15 000 pied f'10 minuti.

Nota 5: Għall-finijiet ta' din it-tabella 'passiġġieri' tfisser il-passiġġieri li attwalment jinġarru u tinkludi t-tfal iżgħar.

Appendiċi 1 sa OPS 1.775

Ossigġinu supplimentari għall-ajruplan mhux taħt pressjoni

Tabella 1

(a)	(b)
PROVVISTA' GĦAL:	TUL TA' ŻMIEN U L-ALTITUDNI TAL-PRESSJONI TAL-KABINA
1. L-okkupanti kollha tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-kabina ta' l-ekwipaġġ li jkunu xogħol fil-kabina ta' l-ekwipaġġ	Il-ħin totali tat-titjira fl-altitudni tal-pressjoni 'l fuq minn 10 000 pied
2. Il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġa kollha	Il-ħin totali tat-titjira fl-altitudni ta' pressjoni 'l fuq minn 13 000 pied u għal kwalunkwe perjodu li jaqbeż it-30 minuta f'għoli ta' pressjoni 'l fuq minn 10 000 pied iżda ma jaqbix it-13 000 pied.
3. 100 % tal-passiġġieri (<i>Ara Nota</i>)	Il-ħin totali tat-titjira f'altitudni tal-pressjoni 'l fuq minn 13 000 pied.
4. 10 % tal-passiġġieri (<i>Ara Nota</i>)	Il-ħin totali tat-titjira wara 30 minuta f'altitudni tal-pressjoni akbar minn 10 000 pied iżda ma taqbix it-13 000 pied

Nota: Għall-finijiet ta' din it-tabella 'passiġġieri' tfisser il-passiġġieri li attwalment jinġarru u tinkludi t'f'al taħt l-eta ta' sentejn.

SUB-PARTI L

TAGĦMIR TA' KOMUNIKAZZJONI U TA' NAVIGAZZJONI

OPS 1.845

Daħla ġenerali

- (a) Operatur għandu jiżgura li t-titjira ma tibdiex għajr jekk it-tagħmir ta' komunikazzjoni u tan-navigazzjoni meħtieġ taħt din is-Subparti huwa:
- (1) Approvat u installat skond il-ħtiġiet applikabbli għalihom, inkluż l-istandard ta' eżekuzzjoni minima u l-ħtiġiet tal-ħidma u ta' adegwatezza għat-titjir;
 - (2) Installat hekk li l-ħsara ta' kwalunkwe unità waħda meħtieġa jew għal skopijiet ta' komunikazzjoni jew navigazzjoni, jew it-tnejn, ma tirriżultax fil-ħsara ta' unità oħra meħtieġa għal skopijiet ta' komunikazzjonijiet jew ta' navigazzjoni;
 - (3) F'kundizzjoni operabbli għat-tip ta' operazzjoni li tkun qed issir ħlief kif ipprovdut fl-MEL (ara OPS 1.030). kif ukoll kif ukoll
 - (4) Hekk irranġat li jekk it-tagħmir għandu jintuża minn membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira wieħed fl-istazzjoni tiegħu/tagħha matul it-titjira għandu jkun jista' jitħaddem malajr mill-istazzjoni tiegħu/tagħha. Meta element wieħed tat-tagħmir huwa meħtieġ sabiex jitħaddem minn aktar minn membru ta' l-ekwipaġġ wieħed għandu jkun installat sabiex it-tagħmir jista' jitħaddem minnufih minn kwalunkwe stazzjon fejn it-tagħmir huwa meħtieġ li jitħaddem.
- (b) L-istandards ta' l-eżekuzzjoni minimi tat-tagħmir ta' navigazzjoni u ta' komunikazzjoni huma daww preskritti fl-Ordnijiet ta' l-Istandard Tekniku Ewropew applikabbli (ETSO) kif elenkat fi speċifikazzjonijiet applikabbli dwar l-Ordnijiet ta' l-Istandard Tekniku Ewropew (CS-TSO), għajr jekk ikunu preskritti standards ta' eżekuzzjoni differenti fil-kodiċi tal-ħidma jew ta' l-adeqwatezza għat-titjir. It-tagħmir ta' komunikazzjoni u ta' navigazzjoni li jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn u ta' l-eżekuzzjoni minbarra l-ETSO fid-data ta' l-implimentazzjoni OPS jista' jibqa' fis-servizz, jew ikun installat, għajr jekk ikunu preskritti rekwiżiti oħra f'din is-Sub Parti. It-tagħmir ta' komunikazzjoni u ta' navigazzjoni li diġa jkun ġie approvat ma għandux bżonn jikkonforma ma' l-ETSO riveduta jew ma' speċifikazzjoni riveduta, għajr l-ETSO, għajr jekk tkun imniżżel rekwiżit retroattiv.

OPS 1.850

Tagħmir tar-radju

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan għajr jekk ikun mgħammar bir-radju meħtieġ għat-tip ta' ħidma li tkun qiegħda titwettaq.
- (b) Fejn żewġ sistemi tar-radju indipendenti (separati u kompluti) huma meħtieġa taħt din is-Subparti, kull sistema għandu jkollha stallazzjoni ta' l-antenna indipendenti għajr li, fejn antenni mhux tal-wajer imserħa b'mod riġidu jew stallazzjonijiet ta' l-antenna oħra ta' affidibbiltà ekwivalenti jkunu użati, antenna waħda biss hija meħtieġa.
- (c) It-tagħmir tal-komunikazzjoni bir-radju meħtieġ li jikkonforma ma' paragrafu (a) hawn fuq għandu jipprovidi ukoll għall-komunikazzjonijiet fuq il-frekwenza ta' emerġenza awronawtika 121,5 MHz.

OPS 1.855

Il-Panel li Jagħżel l-Awdjo

Operatur ma għandux iħaddem ajruplan taħt IFR għajr jekk ikun mgħammar b' panel li jagħżel l-awdjo aċċessibbli għal kull wieħed mill-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira meħtieġ.

OPS 1.860

Tagħmir tar-radju għall-ħidmiet taħt VFR fuq rotot navigati navigati b'referenza għall-postijiet familjari viżwali

Operatur ma għandux iħaddem ajruplan taħt VFR frotot li jistgħu jkunu navigati b'referenza għall-postijiet familjari viżwali, għajr jekk ikun mgħammar bit-tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju meħtieġa taħt kundizzjonijiet ta' ħidma normali sabiex jissodisfa dan li ġej:

- (a) Jikkomunika ma' stazzjonijiet ma' l-art xierqa;
- (b) Jikkomunika ma' faċilitajiet tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru xierqa minn kwalunkwe punt fl-ispazju ta' l-arja kkontrollat li fih it-titjiriet huma intiżi; kif ukoll
- (c) Jirċievi tagħrif meterjoloġiku.

OPS 1.865

Tagħmir ta' komunikazzjoni u ta' navigazzjoni għall-ħidmiet taħt IFR, jew taħt VFR frotot mhux navigati b'referenza għall-postijiet familjari viżwali

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan taħt IFR, jew taħt VFR fuq rotot li ma jistgħux jiġu navigati b'referenza għall-postijiet familjari viżwali, għajr jekk l-ajruplan ikun mgħammar b'komunikazzjoni bir-radju u tagħmir SSR li jirċievi sinjal tar-radju u awtomatikament jibgħat sinjal ieħor differenti u tagħmir ta' navigazzjoni skond ir-rekwiżiti tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru fiż-żona(i) tal-ħidma.
- (b) Tagħmir tar-radju Operatur għandu jiżgura li t-tagħmir tar-radju jkun fih mhux anqas minn:
 - (1) Żewġ sistemi ta' komunikazzjoni bir-radju indipendenti taħt kundizzjonijiet ta' ħidma normali sabiex jikkomunika ma' stazzjon fuq l-art xierqa minn kwalunkwe punt fuq ir-rotta inkluż id-devjazzjonijiet; kif ukoll
 - (2) Tagħmir SSR li jirċievi sinjal tar-radju u awtomatikament jibgħat sinjal ieħor differenti kif meħtieġ għar-rotta li tkun qiegħda tittajjar.
- (c) Għal operazzjonijiet qosra fl-ispazju ta' l-ajru NAT MNPS li ma jaqsmux l-Atlantiku tat-Tramuntana, ajruplan jista' jkun mgħammar b'Sistema waħda ta' Komunikazzjoni fuq Medda Twila (is-sistema HF) biss jekk proċeduri ta' komunikazzjoni alternattivi huma ppubblikati għall-ispazju ta' l-ajru kkonċernat.
- (d) Tagħmir tan-navigazzjoni Operatur għandu jiżgura li t-tagħmir ta' navigazzjoni
 - (1) Jikkonsisti f'mhux anqas minn:
 - (i) Sistema li tirċievi VOR waħda, sistema ADF waħda, DME wieħed għajr li sistema ADF ma għandhiex bżonn tkun installata sakemm l-użu ta' l-ADF mhuwiex meħtieġ fi kwalunkwe fażi tat-titjira ppjanata;
 - (ii) ILS jew MLS wieħed huwa meħtieġ għal skopijiet ta' navigazzjoni ta' avviċinament;
 - (iii) Sistema li tirċievi s-sinjal ta' l-immakar huwa meħtieġ għal skopijiet tan-navigazzjoni ta' avviċinament;
 - (iv) Sistema ta' Navigazzjoni taż-Żona meta n-navigazzjoni taż-żona hija meħtieġa għar-rotta li tkun qiegħda tittajjar;
 - (v) Sistema addizzjonali DME fuq kwalunkwe rotta, jew parti minnha, fejn in-navigazzjoni hija bbażata biss fuq is-sinjali DME;
 - (vi) Sistema addizzjonali VOR fuq kwalunkwe rotta, jew parti minnha, fejn in-navigazzjoni hija bbażata biss fuq is-sinjali VOR;
 - (vii) Sistema addizzjonali ADF fuq kwalunkwe rotta, jew parti minnha, fejn in-navigazzjoni hija bbażata biss fuq is-sinjali NDB; jew
 - (2) Jikkonforma mat-Tip tal-Klassi ta' l-Eżekuzzjoni tan-Navigazzjoni Meħtieġa (RNP) għall-ħidma fl-ispazju ta' l-arja kkonċernata.

- (e) Operatur jista' jħaddem ajruplan li mhuwiex mgħammar b' ADF jew bit-tagħmir tan-navigazzjoni speċifikat fis-subparagrafu (s)(c)(1)(vi) u/jew (c)(1)(vii) hawn fuq, sakemm li jkun mgħammar b'tagħmir alternattiv awtorizzat, għar-rotta li tkun qiegħda tittajjar, mill-Awtorità. L-affidabilità u l-eżattezza tat-tagħmir alternattiv għandu jippermetti n-navigazzjoni mingħajr periklu għar-rotta ntiża.
- (f) Operator għandu jiżgura li t-tagħmir ta' komunikazzjoni VHF, Lokalizzatur ILS u strumenti li jirċievu VOR installati fuq ajruplan li għandhom jitħaddmu fl-IFR huma ta' tip li ġie approvat bħala li jikkonforma ma' l-istandards ta' eżekuzzjoni ta' l-immunità FM.
- (g) Operatur għandu jiżgura li l-ajruplani li jwettqu l-ETOPS ikollhom mezz ta' komunikazzjoni li huma kapaċi jikkomunikaw ma' stazzjoni xieraq fl-art f'altitudnijiet ta' kontinġenza normali u ppjanati. Għal rotot ETOPS fejn ikunu disponibbli l-faċilitajiet ta' komunikazzjoni bil-vuċi, għandhom jiġu pprovduti l-komunikazzjonijiet bil-vuċi. Għall-operazzjonijiet ETOPS kollha li jdumu iktar minn 180 minuta, għandha tiġi nstallata teknoloġija ta' komunikazzjoni affidabbli, sew dik bl-użu tal-vuċi kif ukoll dik ibbażata fuq id-data. Meta ma jkunux disponibbli l-faċilitajiet tal-komunikazzjoni bil-vuċi u fejn din it-tip ta' komunikazzjoni ma tkunx possibbli jew tkun ta' kwalità baxxa, għandhom jiġu żgurati sistemi alternattivi ta' komunikazzjoni.

OPS 1.866

Tagħmir transponder

- (a) Operatur għandu jħaddem ajruplan sakemm dan ikun mgħammar bi:
 - (1) SSR transponder li jirraporta dwar l-altitudni tal-pessjoni; kif ukoll
 - (2) kwalunkwe kapaċità ta' transponder SSR ieħor meħtieġa għar-rotta li tkun qiegħda titajjar.

OPS 1.870

Tagħmir ta' navigazzjoni ieħor għall-ħidmiet fl-ispazju ta' l-arja MNPS

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan fl-ispazju ta' l-arja MNPS għajr jekk ikun mgħammar bit-tagħmir ta' navigazzjoni li jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet minimi ta' l-eżekuzzjoni tan-navigazzjoni preskritti f'ICAO Dok 7030 fil-forma tal-Proċeduri Supplementari Reġjunali.
- (b) It-tagħmir ta' navigazzjoni meħtieġ minn dan il-paragrafu għandu jkun viżibbli u li jista' jintuża minn kull pilota li jkun bilqiegħda fl-istazzjoni tax-xogħol tiegħu/tagħha.
- (c) Għall-ħidma mhux ristretta fl-ispazju ta' l-arja MNPS ajruplan għandu jkun mgħammar b'żewġ Sistemi ta' Navigazzjoni tad-Distanza Twila indipendenti (LRNS).
- (d) Għall-ħidma fl-ispazju ta' l-arja MNPS matul rotot speċjali notifikati l-ajruplan għandu jkun mgħammar b'Sistema ta' Navigazzjoni tad-Distanza Qasira (LRNS), għajr jekk ikun speċifikat mod ieħor.

OPS 1.872

Apparat għall-ħidma f' ispagju ta' l-arja definit b' Separazzjoni Minima Vertikali Mnaqqsa (RVSM)

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-ajruplan mħaddma fl-ispazju ta' l-arja RVSM huma mgħammra bi:
 - (1) Żewġ sistemi indipendenti tal-kejl ta' l-altitudni
 - (2) Is-Sistema ta' twissija ta' l-altitudni
 - (3) Sistema ta' kontroll ta' l-altitudni awtomatika; kif ukoll
 - (4) Transponder għar-radar ta' sorveljanza sekondarju (SSR) b'sistema ta' rappurtar ta' l-altitudni li jista' jitqabbaad mas-sistema tal-kejl ta' l-altitudni fl-użu għaż-żamma ta' l-altitudni.

OPS 1.873

Il-Ġestjoni Elettronika tad-Data tan-Navigazzjoni

- (a) Operatur m'għandux juża database tan-navigazzjoni li tappoġġa l-applikazzjoni tan-navigazzjoni fl-ajru bħala l-mezz ewlieni tan-navigazzjoni sakemm il-fornitur tad-database tan-navigazzjoni ma jkollux ltra ta' Qbil (LoA) tat-Tip 2 jew ekwivalenti.
- (b) Jekk il-fornitur ta' l-operatur ma jkollux LoA tat-Tip 2 jew ekwivalenti, l-operatur m'għandux juża l-prodotti elettroniċi tad-data tan-navigazzjoni sakemm l-Awtorità ma tkunx approvat il-proċeduri ta' l-operatur għall-iżgurar li l-proċess applikat u l-prodotti kkunsinnati jkunu laħqu l-istandards ekwivalenti ta' l-integrità.
- (c) Operatur m'għandux juża prodotti elettroniċi tad-data tan-navigazzjoni għal applikazzjonijiet ta' navigazzjoni oħrajn sakemm l-Awtorità ma tkunx approvat il-proċeduri ta' l-operatur għall-iżgurar li l-proċess applikat u l-prodotti kkunsinnati jkunu laħqu istandards ta' l-integrità li jkunu aċċettabbli għall-użu maħsub tad-data.
- (d) Operatur għandu jkompli jwettaq monitoraġġ kemm tal-proċess kif ukoll tal-prodotti skond ir-rekwiżiti ta' l-OPS 1.035.
- (e) Operatur għandu jimplementa proċeduri li jiżguraw id-distribuzzjoni f'waqtha u d-dħul tad-data elettronika tan-navigazzjoni attwali u mhux mibdula għall-inġenji ta' l-ajru kollha li jeħtiġuhom.

SUBPARTI M

IL-MANUTENZJONI TA' L-AJRUPLAN

OPS 1.875

Ġenerali

- (a) Operatur ma għandux iħaddem ajruplan għajr jekk ikun miżmum u mħolli għas-servizz minn organizzazzjoni approvata/aċċettata kif xieraq skond Parti 145 għajr li l-ispezzjonijiet ta' qabel it-titjira ma għandhomx bżonn neċessarjament jitwettqu mill-organizzazzjoni ta' Parti 145.
- (b) Ir-rekwiżiti ta' Ajruplan għall-kapaċità kontinwa tiegħu li jintuża fl-ajru, meħtieġa sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni ta' l-operatur f'OPS 1.180 huma dawk imniżżla fil-Parti M.

SUB-PARTI N

L-EKWIPAĠĠ TAT-TITJIRA

OPS 1.940

Il-kompożizzjoni ta' l-EkwipaĠĠ tat-Titjira

(Ara Appendiċi 1 u 2 sa OPS 1.940)

- (a) Operatur għandu jiżgura li:
- (1) Il-kompożizzjoni ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira u n-numru tal-membri ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira fi stazzjonijiet ta' l-ekwipaĠĠ maħtura huma kemm f'konformità ma', u mhux anqas mill-minimu speċifikat fil-Manwal tat-Titjira ta' l-ajruplan (AFM);
 - (2) L-ekwipaĠĠ tat-titjira jinkludi membri ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira addizzjonali meta meħtieġa mit-tip tal-ħidma, u mhux imnaqqas taħt in-numru speċifikat fil-Manwal tat-Tħaddim;
 - (3) Il-membri ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira kollha għandhom liċenzja applikabbli u valida aċċettabbli għall-Awtorità u huma kwalifikati b'mod adattat u kompetenti li jwettqu x-xogħlijiet assenjati lilhom;
 - (4) Proċeduri huma stabbiliti, aċċettabbli lill-Awtorità, li jevitaw li jkun hemm flimkien f'ekwipaĠĠ wieħed membri ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira mingħajr esperjenza;
 - (5) Pilota wieħed fost l-ekwipaĠĠ tat-titjira, ikkwalifikat bħala pilota fil-kmand skond ir-rekwiżiti li jirregolaw il-liċenzji ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira huwa maħtur bħala l-kaptan li jista' jiddelega l-kondotta tat-titjira lill-pilota ieħor kwalifikat b'mod adattat; kif ukoll
 - (6) Meta jkun hemm il-ħtieġa ta' Operatur tal-Panel tas-Sistema dedikat mill-AFM, l-ekwipaĠĠ tat-titjira jinkludi membru ta' l-ekwipaĠĠ wieħed li għandu l-liċenzja ta' Inġinier tat-Titjira jew huwa membru ta' l-ekwipaĠĠ kwalifikat b'mod adattat u aċċettabbli għall-Awtorità;
 - (7) Meta jintalbu s-servizzi ta' membri ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira li huma impjegati għar-rashom u/jew jaħdmu fuq bażi freelance jew part-time, hemm konformità mar-rekwiżiti tas-Subparti N. Meta jintalbu s-servizzi ta' membri ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira li huma impjegati għar-rashom u/jew jaħdmu fuq bażi freelance jew part-time, hemm konformità mar-rekwiżiti tas-Subparti N. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni partikolari lin-numru totali ta' tipi ta' inġenju ta' l-ajru jew varjanti li fih jista' jir membru ta' l-ekwipaĠĠ tal-kabina tal-passiġġieri għall-iskop ta' trasportazzjoni kummerċjali bl-ajru, u dan m'għandux jaqbeż ir-rekwiżiti preskritti fl-OPS 1.980 u OPS 1.981, inkluż meta s-servizzi tiegħu jiġu meħtieġa minn operatur ieħor. Għall-membri ta' l-ekwipaĠĠ li jservu l-operatur bħala kaptan, it-taħriġ ta' l-Immaniġġar tar-Riżorsi ta' l-EkwipaĠĠ (CRM) ta' l-operatur inizjali għandu jitlesta qabel ma jibda t-titjir bla sorveljanza għajr jekk il-membri ta' l-ekwipaĠĠ qabel ikun lesta l-kors CRM ta' l-operatur inizjali.
- (b) EkwipaĠĠ tat-titjira minimu għall-ħidmiet taħt IFR jew bil-lejl. Għall-ħidmiet taħt IFR jew bil-lejl, operatur għandu jiżgura li:
- (1) Għall-ajruplani kollha li jaħdmu bit-turbo-propellor b'konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' aktar minn 9 u għall-ajruplan kollha li jaħdmu bit-turbo-jet, in-numru minimu ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira huwa ta' 2 piloti; jew
 - (2) Ajruplani minbarra dawk koperti minn sub paragrafu (b)(1) hawn fuq jitħaddmu minn pilota wieħed sakemm li r-rekwiżiti ta' l-Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.940 huma sodisfatti. Jekk ir-rekwiżiti ta' l-Appendiċi 2 mhumiex sodisfatti, in-numru minimu ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira huwa ta' 2 piloti.

OPS 1.943

It-taħriġ inizjali ta' l-Immaniġġar tar-Riżorsi ta' l-EkwipaĠĠ (CRM) ta' l-Operatur

- (a) Meta membru ta' l-ekwipaĠĠ tat-titjira ma jkunx lesta minn qabel it-taħriġ inizjali tal-Ġestjoni tar-Riżorsi ta' l-EkwipaĠĠ ta' l-Operatur (CRM) (jew impjegati ġodda jew persunal eżistenti), imbagħad l-operatur għandu jiżgura li l-membri ta' l-ekwipaĠĠ ikompli l-kors tat-taħriġ inizjali CRM. L-impjegati l-ġodda għandhom ilestu t-Taħriġ inizjali CRM ta' l-Operatur fiż-żmien l-ewwel sena minn meta jingħaqdu ma' l-operatur.

- (b) Jekk il-membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira ma jkunx tħarreġ qabel fil-Fatturi Umani mbaġhad kors teoretiku, ibbażat fuq il-programm tal-kapaċità u l-limitazzjonijiet umani għall-ATPL (ara r-rekwiżiti applikabbli għall-kwistjoni tal-Liċenzji ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira) għandu jitlesta qabel it-taħriġ CRM inizjali ta' l-operatur jew flimkien mat-taħriġ CRM inizjali ta' l-operatur.
- (c) Taħriġ CRM inizjali għandu jitmexxa ta' l-inqas minn istruttur CRM wieħed aċċettabli lill-Awtorità li tista' tkun meġġuna minn esperti sabiex tindirizza oqsma speċifiċi.
- (d) Taħriġ CRM inizjali jitmexxa skond sillabus tal-kors dettaljat imdaħħal fil-Manwal tat-Tħaddim.

OPS 1.945

Taħriġ ta' Adattament u kontroll

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.945)

- (a) Operatur għandu jiżgura li:
 - (1) Il-membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jlesti kors li jikklassifika t-Tip li jisodisfa r-rekwiżiti applikabbli għall-ħruġ ta' Liċenzji ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira meta jbidel minn tip wieħed ta' ajruplan għal tip jew klassi oħra li għaliha hemm il-ħtieġa ta' klassifika ġdida tal-klassi jew tat-tip;
 - (2) Membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jlesti kors ta-adattament ta' operatur qabel ma jibda t-titjir bla sorveljanza;
 - (i) Meta jaqleb għall-ajruplan li għalih hemm il-ħtieġa ta' klassifika tat-tip jew klassi ġdida; jew
 - (ii) Meta jbidel l-operatur;
 - (3) It-taħriġ ta' adattament jitmexxa minn persunal kwalifikat b'mod xieraq skond sillabu tal-kors dettaljat inkluż fil-Manwal tat-Tħaddim. L-operatur għandu jiżgura li l-persunal li jintegra elementi tas-CRM fit-taħriġ ta' adattament huma kwalifikati b'mod adattat;
 - (4) L-ammont ta' taħriġ meħtieġ mill-kors ta' adattament ta' l-operatur jiġi stabbilit wara li jittieħed kont xieraq tat-taħriġ ta' qabel tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira kif reġistrat fil-reġistri tat-taħriġ tiegħu/tagħha preskriti fl-OPS 1.985;
 - (5) L-istandards minimi tal-kwalifika u l-esperjenza meħtieġa tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira qabel ma jieħdu t-taħriġ ta' adattament huma speċifikati fil-Manwal tat-Tħaddim;
 - (6) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jgħaddi minn kontrolli meħtieġa mill-OPS 1.965(b) u t-taħriġ u l-kontrolli meħtieġa mill-OPS 1.965(d) qabel ma jibda t-titjir taħt sorveljanza;
 - (7) Meta jintemm it-titjir taħt sorveljanza, isir il-kontroll meħtieġ mill-OPS 1.965(c);
 - (8) Meta l-kors ta' adattament ta' l-operatur ikun beda, membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira ma jagħmilx xogħlijiet f'titjira fuq tip jew klassi oħra sakemm il-kors ikun tlesta jew spiċċa; kif ukoll
 - (9) Elementi tat-taħriġ CRM huma integrati fil-kors ta' adattament.
- (b) Fil-każ ta' bidla tat-tip jew tal-klassi ta' l-ajruplan, il-kontroll meħtieġ mill-OPS 1.965(b) jista' jingħaqad ma' l-ikklassifikar tat-test tal-ħila tat-tip jew klassi skond ir-rekwiżiti applikabbli għall-ħruġ ta' Liċenzji ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira.
- (c) Il-kors ta' adattament ta' l-operatur u l-kors ta' l-ikklassifikar tat-Tip jew Klassi meħtieġ għall-ħruġ ta' Liċenzji ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira jistgħu jkunu magħquda.
- (d) Pilota, li jieħu Taħriġ tal-Ħin tat-Titjira Żero (ZFTT), għandu:
 - (1) Jibda Titjir fuq-il-Linja Taħt Superviżjoni kemm jista' jkun malajr sa 21 ġurnata wara t-tlestija tat-test ta' ħila.

Jekk it-Titjir fuq il-Linja Taħt Superviżjoni ma jinbediex sa 21 ġurnata, l-operatur għandu jipprovi taħriġ xieraq aċċettabbli għall-Awtorità.

- (2) Jitla' u jinżel sitt darbiet f'simulatur tat-titjir, li jikkonforma mar-reqwiziti applikabbli għall-Għodod Sintetiċi għat-Taħriġ approvati mill-Awtorità, mhux aktar tard minn 21 ġurnata wara t-tlestija tat-test ta' ħila.

It-taħriġ tas-simulatur għandu jsir minn persuna tal-Klassifika tat-Tip għall-Ajruplani (TRI(A)) fis-siġġu tal-pilota.

Meta rakkomandat mill-Bord Konġunt għall-Evalwazzjoni ta' l-Operat (JOEB) u approvat mill-Awtorità, in-numru ta' tluġh u nżul jista' jitnaqqas.

Jekk Titjir fuq-il-Linja Taħt Superviżjoni ma jibdiex sa 21 ġurnata, l-operatur għandu jipprovi taħriġ xieraq aċċettabbli għall-Awtorità.

- (3) Iwettaq l-ewwel erbgħat idrabi ta' tluġh u nżul fuq il-Linja Taħt Superviżjoni fl-ajruplan taħt superviżjoni ta' TRI(A) u jokkupa s-siġġu tal-pilota.

Meta rakkomandat mill-Bord Konġunt għall-Evalwazzjoni ta' l-Operat (JOEB) u approvat mill-Awtorità, in-numru ta' tluġh u nżul jista' jitnaqqas.

OPS 1.950

Taħriġ fid-Differenzi u Taħriġ ta' Familjarizzazzjoni

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jlesti:
- (1) Taħriġ fid-Differenzi li jeħtieġ tagħrif ieħor u taħriġ fuq apparat ta' taħriġ xieraq għall-ajruplan:
- (i) Meta jħaddem varjant ieħor ta' ajruplan ta' l-istess tip jew ta' tip ieħor ta' l-istess klassi li tkun qiegħda tit-ħaddem f'dak il-waqt; jew
- (ii) Meta jbidel it-tagħmir u/jew il-proċeduri dwar it-tipi u l-varjanti li jkun qegħdin jitħaddmu f'dak il-waqt;
- (2) Taħriġ ta' familjarizzazzjoni li jeħtieġ l-akkwist ta' tagħrif addizzjonali:
- (i) Meta jħaddem ajruplan ieħor ta' l-istess tip jew varjant; jew
- (ii) Meta jbidel it-tagħmir u/jew il-proċeduri dwar it-tipi u l-varjanti li jkun qegħdin jitħaddmu f'dak il-waqt;
- (b) L-operatur għandu jispeċifika fil-Manwal tat-Tħaddim meta dan it-taħriġ fid-differenzi jew it-taħriġ ta' familjarizzazzjoni jkunu meħtieġa.

OPS 1.955

Ħatra bħala kaptan

- (a) Operatur għandu jiżgura li għall-promozzjoni għall-kaptan minn ko-pilota u għal dawk li jissieħbu bħala kaptani:
- (1) Livell minimu ta' esperjenza, aċċettabbli għall-Awtorità, huwa speċifikat fil-Manwal tat-Tħaddim; kif ukoll
- (2) Għall-ħidmiet b'ħafna ekwipaġġ, il-pilota jlesti kors tal-kmand xieraq.
- (b) Il-kors ta' kmand meħtieġ mis-subparagrafu (a)(2) hawn fuq għandu jkun speċifikat fil-Manwal tat-Tħaddim u jinkludi ta' l-inqas dan li ġej:
- (1) Taħriġ f'STD (inkluż Taħriġ fit-Titjir F'linja) u/jew taħriġ tat-titjir;
- (2) Kontroll tal-ħila ta' l-operatur waqt li jaħdem bħala kaptan;

- (3) Ir-responsabbiltajiet tal-kaptan;
- (4) Taħriġ f'linja fil-kmand taħt sorveljanza. Minimu ta' 10 setturi huma meħtieġa għall-piloti li diġa huma kkwalifikati fuq it-tip ta' l-ajruplan;
- (5) It-tlestija tal-kontroll tal-kaptan kif preskritt fl-OPS 1.965(c) u l-kwalifiki tar-rotta u l-ajrudrom kif preskritti f'OPS 1.975; kif ukoll
- (6) Elementi ta' Ġestjoni tar-Riżorsi ta' l-Ekwipaġġ.

OPS 1.960

Il-kaptani li għandhom Liċenzja ta' Pilota Kummerċjali

- (a) Operatur għandu jiżgura li:
 - (1) Id-detentur ta' liċenzja tal-Pilota Kummerċjali (CPL) ma jaħdimx bħala kaptan ta' ajruplan ċertifikat fil-Manwal tat-Titjira ta' l-ajruplan għall-ħidmiet ta' pilota wieħed għajr:
 - (i) Meta jwettaq ħidmiet li jgħorru l-passiġġieri taħt ir-Regoli tat-Titjira Viżwali (VFR) barra raġġ ta' 50 nm mill-ajrudrom tat-tluq, il-pilota għandu minimu ta' 500 siegħa ħin tat-titjira totali fuq ajruplan jew għandu Gradi ta' l-Istrument validi; jew
 - (ii) Meta jħaddem tip b'diversi magni taħt ir-Regoli tat-Titjira ta' l-Istrument (IFR), il-pilota għandu minimu ta' 700 siegħa ħin totali ta' titjir fuq ajruplan li jinkludu 400 siegħa bħala pilota kaptan (skond ir-rekwiżiti li jir-regolaw il-Liċenzji ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira) li minnhom 100 siegħa kienu taħt IFR inkluż 40 siegħa ħidma b'diversi magni. L-400 sigħat bħala pilota kaptan jistgħu jkunu sostituti b'sigħat ta' ħidma bħala ko-pilota fuq il-bażi ta' saġhtejn bħala ko-pilota hija ekwivalenti għal siegħa bħala kaptan pilota sakemm daww is-sigħat inkisbu fi żmien sistema stabbilita ta' l-ekwipaġġ b'diversi piloti preskritta fil-Manwal tat-Tħaddim;
 - (2) Minbarra s-subparagrafu (a)(1)(ii) hawn fuq, meta jaħdem taħt IFR bħala pilota wieħed, ir-rekwiżiti preskritti fl-Appendiċi 2 sa OPS 1.940 huma sodisfatti; kif ukoll
 - (3) F'ħidmiet ta' l-ekwipaġġ b'diversi piloti, minbarra s-subparagrafu (a)(1) hawn fuq, u qabel ma' l-pilota li jaħdem bħala kaptan, jitlestha l-kors tal-kmand preskritt fl-OPS 1.955(a)(2).

OPS 1.965

Taħriġ u Ikkontrollar Rikorrenti

(Ara Appendiċi 1 u 2 sa OPS 1.965)

- (a) Ġenerali. Operatur għandu jiżgura li:
 - (1) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jgħaddi minn taħriġ u kkontrollar rikorrenti u li dan it-taħriġ u l-ikkontrollar kollu huwa rilevanti għat-tip jew varjant ta' l-ajruplan li l-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jħaddem;
 - (2) Il-programm ta' taħriġ u kkontrollar rikorrenti huwa stabbilit fil-Manwal tat-Tħaddim u huwa approvat mill-Awtorità;
 - (3) It-taħriġ rikorrenti jsir mill-persunal li ġej:
 - (i) Taħriġ fuq l-art u ta' aggnament — minn persunal kwalifikat b'mod xieraq;
 - (ii) Taħriġ ta' l-ajruplan/STD— minn Istruktur tal-klassifika tat-tip (TRI), Istruktur tal-klassifika tal-klassi(CRI) jew fil-każ tal-kontenut ta' l-STD, Istruktur tal-klassifika tat-titjira sintetika (SFI), sakemm it- TRI, is-CRI jew l-SFI jissodisfa r-rekwiżiti ta' esperjenza u ta' għerf biżżejjed biex jagħti taħriġ fuq is-suġġetti speċifikati fil-paragrafi (a)(1)(i)(A) u (B) ta' l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.965;
 - (iii) It-taħriġ fuq it-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà— minn persunal kwalifikat b'mod adattat; kif ukoll

- (iv) Il-Ġestjoni tar-Riżors ta' l-Ekwipaġġ (CRM):
- (A) Integrazzjoni ta' l-elementi CRM fil-fażijiet kollha tat-taħriġ rikorrenti — mill-persunal kollu li jwettaq taħriġ rikorrenti. L-operatur għandu jkun ċert li l-persunal kollu hu kkwalifikat b'mod adattat sabiex jintegra l-elementi tas-CRM f'dan it-taħriġ;
 - (B) Taħriġ tas-CRM Modulari— b' ta' l-inqas istruttur CRM wieħed aċċetabbli għall-Awtorità li jista' jkun meġhjun minn esperti sabiex jindirizza l-oqsma speċifiċi.
- (4) It-taħriġ rikorrenti jsir mill-persunal li ġej:
- (i) Il-kontrolli tal-profiċjenza ta' l-operatur— b'Eżaminatur tal-klassifika tat-Tip (TRE), Eżaminatur tal-klassifikatal-Klassi (CRE) jew, jekk il-kontroll isir f' STD, TRE, CRE jew Eżaminatur tat-Titjira Sintetika (SFE), imħarreġ f'kunċetti tas-CRM u l-istima tal-ħiliet tas-CRM;
 - (ii) Line checks — minn kaptani kwalifikati b'mod adattat maħtura mill-operatur u aċċetabbli għall-Awtorità;
 - (iii) It-taħriġ fuq it-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà— minn persunal kwalifikat b'mod adattat;
- (b) Kontrolli tal-profiċjenza ta' Operatur;
- (1) Operatur għandu jiżgura li:
- (i) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jgħaddi minn kontrolli tal-profiċjenza sabiex juri l-ħila tiegħu/tagħha sabiex iwettaq proċeduri normali, mhux normali u ta' emerġenza; u kif ukoll
 - (ii) Il-kontroll isir mingħajr referenza viżwali esterna meta l-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira ikun meħtieġ li jaħdem taħt IFR;
 - (iii) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jgħaddi minn kontrolli tal-profiċjenza ta' l-Operatur b'ħala parti mill-kumpliment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira normali.
- (2) Il-perjodu ta' validità tal-kontroll tal-profiċjenza ta' l-operatur għandu jkun ta' 6 xhur tal-kalendarju minbarra l-bqija tax-xahar tal-ħruġ. Jekk jinħareġ matul l-aħħar 3 xhur tal-kalendarju tal-validità ta' kontroll tal-profiċjenza ta' l-operatur ta' qabel, il-perjodu ta' validità għandu jkun estiż mid-data tal-ħruġ sa 6-il xahar tal-kalendarju mid-data ta' meta jiskadi l-kontroll tal-profiċjenza ta' l-operatur ta' qabel.
- (c) Line Check. Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jagħmel line check fuq l-ajruplan sabiex juri l-ħila tiegħu/tagħha sabiex iwettaq ħidmiet normali spjegati fil-Manwal tat-Tħaddim. Il-perjodu ta' validità tal-line check għandu jkun ta' 12-il xahar tal-kalendarju, minbarra l-bqija tax-xahar tal-ħruġ. Jekk jinħareġ fl-aħħar 3 xhur tal-kalendarju tal-validità ta' line check ta' qabel il-perjodu ta' validità għandu jestendi mid-data tal-ħruġ sa 12-il xahar tal-kalendarju mid-data ta' meta jiskadi dak il-line check ta' qabel.
- (d) Taħriġ u kkontrollar tat-tagħmir ta' Sigurtà u ta' Emerġenza. Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jgħaddi minn taħriġ u kkontrollar fuq il-post u l-użu tat-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà kollha li qiegħed jinġarr. Il-perjodu ta' validità ta' kontroll tat-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà għandu jkun 12-il xahar tal-kalendarju minbarra l-bqija tax-xahar tal-ħruġ. Jekk maħruġ fl-aħħar 3 xhur tal-kalendarju tal-validità ta' kontroll ta' emerġenza u ta' sigurtà il-perjodu ta' validità għandu jestendi mid-data tal-ħruġ sat-12 il-xahar tal-kalendarju mid-data meta jiskadi l-kontroll tat-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà ta' qabel.
- (e) CRM. Operatur għandu jiżgura li:
- (1) Elementi tas-CRM huma integrati fil-fażijiet xierqa kollha tat-taħriġ rikorrent, u;
 - (2) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jgħaddi minn taħriġ tas-CRM modulari speċifiku. Is-suġġetti maġġuri kollha tat-taħriġ tas-CRM għandhom ikunu koperti matul perjodu li ma jaqbix it-3 snin;
- (f) Taħriġ fuq l-art u ta' aġġornament. Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jgħaddi minn taħriġ fl-art u ta' aġġornament ta' l-inqas kull 12-il xahar tal-kalendarju. Jekk it-taħriġ jitwettaq fi żmien 3 xhur tal-kalendarju qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 12-il xahar, it-taħriġ fuq l-art u ta' aġġornament li jkun imiss għandu jitlesti fi żmien 12-il xahar tal-kalendarju mid-data oriġinali ta' meta jiskadi t-taħriġ fl-art u ta' aġġornament ta' qabel.

- (g) Tahrìg fuq l-ajruplan/STD. Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jgħaddi minn tahrìg ta' l-ajruplan/STD ta' l-inqas kull 12-il xahar tal-kalendarju. Jekk it-tahrìg isir fi żmien 3 xhur tal-kalendarju qabel jiskadi l-perjodu ta' 12-il xahar tal-kalendarju, it-tahrìg fuq l-ajruplan/STD li jmiss għandu jintemm fi żmien 12-il xahar tal-kalendarju mid-data oriġinal ta' meta jiskadi t-tahrìg fuq l-ajruplan/STD ta' qabel.

OPS 1.968

Kwalifika tal-pilota sabiex jaħdem fi kwalunkwe sit tal-pilota

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.968)

- (a) Operatur għandu jiżgura li:
- (1) Pilota li jista' jkun assenjat sabiex jaħdem fi kwalunkwe wieħed mis-sitijiet tal-pilota ilesti t-tahrìg u l-ikkontrollar xieraq; kif ukoll
 - (2) Il-programm ta' tahrìg u ta' kkontrollar huwa speċifikat fil-Manwal tat-Tħaddim u huwa aċċettabbli għall-Awtorità.

OPS 1.970

Esperjenza riċenti

- (a) Operatur għandu jiżgura li:
- (1) Pilota ma jkunx assenjat li jħaddem ajruplan bħala parti mill-ekwipaġġ ċertifikat minimu, kemm bħala pilota li jtir jew bħala pilota li ma jtirx għajr jekk huwa/hija wettaq tliet tluq u tliet inżul fid-90 jum ta' qabel bħala pilota li jtajjar ajruplan, jew f'simulatur tat-titjira ta' l-istess tip/klassi.
 - (2) Pilota li ma għandux klassifika ta' l-istrument validu mhuwiex assenjat li jħaddem ajruplan bil-lejl bħala kaptan għajr jekk huwa/hija ikun wettaq ta' l-inqas inżul wieħed bil-lejl fid-90 jum ta' qabel bħala pilota li jtir f'ajruplan, jew f'simulatur tat-titjira, ta' l-istess tip/klassi.
- (b) Il-perjodu ta' 90 jum preskritt fis-sub paragrafi (a)(1) u (2) hawn fuq jista' jiġi estiż sa massimu ta' 120 ġurnata b'titjira taħt is-sorveljanza ta' Struttur jew Eżaminatur ta' Klassifika tat-Tip. Għall-perjodi ta' aktar minn 120 jum, ir-rekwiżiti tar-reċentezza tiġi sodisfatta b'titjira ta' tahrìg jew bl-użu ta' Simulatur tat-Titjira jew it-tip ta' ajruplan li għandu jintuża.

OPS 1.975

Kwalifika tar-Rotta u tal-Kompetenza ta' l-Ajrudrom

- (a) Operatur għandu jiżgura li, qabel ma jkun assenjat bħala kaptan jew bħala pilota li lilu l-kondotta tat-titjira tista' tingħata mill-kaptan, il-pilota jkun kiseb għarfien adegwat tar-rotta li għandha tittajjar u ta' l-ajrudromi (inkluż alternattivi), il-faċilitajiet u l-proċeduri li għandhom jintużaw.
- (b) Il-perjodu ta' validità tar-rotta u l-kwalifika tal-kompetenza ta' l-ajrudrom għandhom ikunu ta' 12-il xahar tal-kalendarju minbarra l-bqija ta':
- (1) Ix-xahar tal-kwalifika; jew
 - (2) Ix-xahar ta' l-aħħar ħidma fuq ir-rotta jew lejn l-ajrudrom.
- (c) Il-kwalifika tar-rotta u tal-kompetenza ta' l-ajrudrom għandhom ikunu validati mill-ġdid bil-ħidma fuq ir-rotta jew lejn l-ajrudrom fil-perjodu ta' validità preskritta fis-sub-paragrafu (b) hawn fuq.
- (d) Jekk validati mill-ġdid fi żmien tliet xhur tal-kalendarju tal-validità tal-kwalifika tar-rotta ta' qabel u tal-kompetenza ta' l-ajrudrom, il-perjodu ta' validità għandu jestendi mid-data ta' validati mill-ġdid sat-12-il xahar tal-kalendarju mid-data meta tiskadi l-kwalifika ta' dik ir-rotta ta' qabel u tal-kompetenza ta' l-ajrudrom.

OPS 1.978

Il-Programm Alternattiv ta' Taħriġ u Kwalifika

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.978)

- (a) Operatur, wara operat kontinwu ta' mill-anqas sentejn, jista' jissostitwixxi r-reqwiziti ta' taħriġ u ta' verifika għall-ekwipaġġ tat-titjira speċifikat f'Appendiċi 1 għal OPS 1.978(a) bi Programm Alternattiv ta' Taħriġ u Kwalifika (ATQP) approvat mill-Awtorità. Is-sentejn ta' operat kontinwu jistgħu jitnaqqsu fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità.
- (b) L-ATQP għandu jkun fih it-taħriġ u l-kontroll li jstabbilixxi u jmantni livell ta' profiċjenza li jidher li jkun ta' l-anqas mhux anqas mill-livell ta' profiċjenza miksuba billi jiġu segwiti d-dispożizzjonijiet ta' OPS 1.945, 1.965 u 1.970. L-istandard tat-taħriġ ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u l-kwalifika għandhom jiġu stabbiliti qabel l-introduzzjoni ta' l-ATQP; l-istandards tat-taħriġ u l-kwalifika ta' l-ATQP meħtieġa għandhom ukoll jiġu speċifikati.
- (c) Operatur li japplika għal appovazzjoni biex jimplimenta ATQP għandu jipprovi lill-Awtorità bi pjan ta' implementazzjoni skond il-paragrafu (c) ta' Appendiċi 1 għal OPS 1.978.
- (d) Barra mill-kontrolli meħtieġa mill-OPS 1.965 u 1.970 operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ jattendi għal Evalwazzjoni Orjentata Lejn il-Linja (LOE).
- (1) L-Evalwazzjoni Orjentata Lejn il-Linja (LOE) għandha ssir f'simulatur. L-LOE tista' ssir flimkien ma taħriġ ieħor ATQP approvat.
- (2) Il-perjodu ta' validità ta' l-LOE għandu jkun ta' 12-il xahar tal-kalendarju, minbarra l-bqija tax-xahar tal-ħruġ. Jekk jinħareġ fl-aħħar 3 xhur tal-kalendarju tal-validità ta' LOE ta' qabel il-perjodu ta' validità għandu jestendi mid-data tal-ħruġ sa 12-il xahar tal-kalendarju mid-data ta' meta jiskadi dak l-LOE ta' qabel.
- (e) Wara sentejn ta' operat fi ħdan ATQP approvat, operatur jista', bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità, jestendi l-perjodi ta' validità ta' OPS 1.965 u 1.970 kif ġej:
- (1) Il-verifika tal-profiċjenza ta' l-operatur — 12-il xahar tal-kalendarju, minbarra l-bqija tax-xahar tal-ħruġ. Jekk jinħareġ matul l-aħħar 3 xhur tal-kalendarju tal-validità ta' kontroll tal-profiċjenza ta' l-operatur ta' qabel, il-perjodu ta' validità għandu jkun estiż mid-data tal-ħruġ sa 12-il xahar tal-kalendarju mid-data ta' meta jiskadi l-kontroll tal-profiċjenza ta' l-operatur ta' qabel.
- (2) Il-verifika tal-profiċjenza ta' l-operatur — 24-il xahar tal-kalendarju, minbarra l-bqija tax-xahar tal-ħruġ. Jekk jinħareġ fl-aħħar 6 xhur tal-kalendarju tal-validità tal-line check ta' qabel il-perjodu ta' validità, għandu jestendi mid-data tal-ħruġ sa 24 xahar tal-kalendarju mid-data ta' meta jiskadi l-line check ta' qabel. Il-line check jista' jiġi kkombinat ma' Evalwazzjoni ta' Kwalità Orjentata Lejn il-Linja (LOQE) bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità.
- (3) Il-verifika tat-tagħmir għas-Sigurtà u għal Emerġenza — 24 xahar tal-kalendarju, minbarra l-bqija tax-xahar tal-ħruġ. Jekk jinħareġ fl-aħħar 6 xhur tal-kalendarju tal-validità ta' line check ta' qabel il-perjodu ta' validità għandu jestendi mid-data tal-ħruġ sa 24-il xahar tal-kalendarju mid-data ta' meta jiskadi dak il-line check ta' qabel.
- (f) L-AQTP għandu jkun taħt ir-responabbiltà ta' persuna maħtura f'kariga.

OPS 1.980

Operazzjoni fuq iktar min tip jew varjant wieħed

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.980)

- (a) Operatur għandu jiżgura li membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira ma jaħdimx fuq aktar minn tip jew varjant wieħed għajr jekk il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira huwa kompetenti li jagħmel hekk.
- (b) Meta jqis ħidmiet ta' aktar minn tip jew varjant wieħed, operatur għandu jiżgura li d-differenzi u/jew similaritajiet ta' l-ajruplan kkonċernati jiġġustifikaw dawn il-ħidmiet, filwaqt li jittieħed kont ta' dan li ġej:
- (1) Il-livell tat-teknoloġija;
- (2) Il-Proċeduri operattivi;
- (3) Il-Karatteristiċi Ta' L-Immaniġġjar.

- (c) Operatur għandu jiżgura li l-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li jħaddem aktar minn tip jew varjant wieħed jikkonforma mar-rekwiżiti kollha mniżżla f'Subparti N għal kull tip jew varjant għajr jekk l-Awtorità approvat l-użu ta' kreditu(i) relatati mar-rekwiżiti tat-taħriġ, l-ikkontrollar u l-esperjenza reċenti.
- (d) Operatur għandu jispeċifika proċeduri xierqa u/jew restrizzjonijiet tal-ħidma, approvati mill-Awtorità, fil-Manwal tat-Tħaddim, għal kwalunkwe ħidma fuq aktar minn tip jew varjant wieħed li jkopri:
- (1) Il-livell ta' esperjenza minima tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira;
 - (2) Il-livell ta' esperjenza minima fuq tip jew varjant wieħed qabel ma jibda' t-taħriġ u l-ħidma ta' tip jew varjant ieħor;
 - (3) Il-proċess li bih l-ekwipaġġ tat-titjira kwalifikat fuq tip jew varjant wieħed jitħarreġ u jkun kwalifikat fuq tip jew varjant ieħor;
 - (4) Ir-rekwiżiti ta' l-esperjenza reċenti applikabbli kollha għal kull tip jew varjant.

OPS 1.981

Tħaddim ta' helicopter u ajruplan

- (a) Meta membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira iħaddem kemm helicopters u ajruplan:
- (1) Operatur għandu jiżgura li l-ħidmiet bil-helicopter u l-ajruplan huma limitati għal tip wieħed kull wieħed.
 - (2) L-operatur għandu jispeċifika proċeduri u/jew restrizzjonijiet tal-ħidma xierqa, approvati mill-Awtorità, fil-Manwal tat-Tħaddim.

OPS 1.985

Reġistrazzjoni tat-Taħriġ

- (a) Operatur għandu:
- (1) Iżomm reġistri tat-taħriġ, ikkontrollar u kwalifika kollha mniżżla fl-OPS 1.945, 1.955, 1.965, 1.968 u 1.975 li jsiru minn membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira; kif ukoll
 - (2) Jagħmel disponibbli r-reġistri tal-korsijiet ta' adattament u t-taħriġ u kkontrollar rikorrenti disponibbli, fuq talba, lill-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira kkonċernat.

Appendiċi 1 sa OPS 1.940

Tibdil matul it-titjira tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira

- (a) Membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jista' jinbidel matul it-titjira mix-xogħljiet tiegħu/tagħha mal-kontrolli minn membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira ieħor li hu kwalifikat b'mod adattat.
- (b) L-Awtorità tal-kaptan
- (1) Il-kaptan jista' jiddelega l-kondotta tat-titjira lil:
- (i) Kaptan kwalifikat ieħor; jew
- (ii) Għall-ħidmiet 'l fuq biss minn FL 200, pilota kwalifikat kif spjegat fis-sub-paragrafu (c) hawn taħt.
- (c) Rekwiżiti minimi għall-pilota li jibdel lill-kaptan:
- (1) Liċenzja Valida ta' Pilota ta' kumpannija ta' l-ajru għat-Trasport;
- (2) Taħriġ u kkontrollar ta' adattament (inkluż taħriġ ta' klassifika tat-tip) kif preskritt fl-OPS 1.945;
- (3) It-taħriġ u l-ikkontrollar rikorrenti kif imniżżel fl-OPS 1.965 u OPS 1.968; kif ukoll
- (4) Kwalifika ta' kompetenza tar-rotta kif imniżżel fl-OPS 1.975.
- (d) It-tibdil tal-ko-pilota
- (1) Il-ko-pilota jista' jkun mibdul minn:
- (i) Pilota ieħor kwalifikat b'mod adattat; jew
- (ii) Ko-pilota cruise relief kwalifikat kif spjegat fis-sub-paragrafu (e) hawn taħt.
- (e) Rekwiżiti minimi għall-Ko-Pilota Cruise Relief
- (1) Liċenzja Valida ta' Pilota Kummerċjali b'klassifika ta' l-Istrument;
- (2) Taħriġ u kkontrollar ta' adattament, inkluż taħriġ ta' klassifika tat-Tip, kif imniżżel fl-OPS 1.945 għajr ir-rekwiżiti għat-taħriġ tat-tluq u l-inżul;
- (3) It-taħriġ u kkontrollar rikorrenti kollu kif imniżżel fl-OPS 1.965 għajr ir-rekwiżit ħtieġa għat-taħriġ tat-tluq u l-inżul; kif ukoll
- (4) Li jaħdem fir-rwol ta' ko-pilota fil-veloċità moderata biss u mhux taħt FL 200.
- (5) Ma hemmx il-ħtieġa ta' esperjenza riċenti kif preskritta fl-OPS 1.970. Il-pilota għandu, madankollu, iwettaq fuq simulatur tat-titjira f'intervalli li ma jaqbżux 90 jum taħriġ ta' aġġornament u sabiex iżżomm il-ħila ta' titjir. Dan it-taħriġ ta' aġġornament jista' jkun magħqud mat-taħriġ preskritt fl-OPS 1.965.
- (f) Bidla ta' l-operatur tal-panel tas-sistema. Operatur tal-panel tas-sistema jista' jinbidel matul it-titjira minn membru ta' l-ekwipaġġ li għandu liċenzja ta' Inġinier tat-Titjira jew minn membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira bi kwalifika aċċetabbli lill-Awtorità.

*Appendiċi 2 sa OPS 1.940***Ħidmiet b'pilota wieħed taħt IFR jew bil-lejl**

- (a) Ajruplani msemmija f'OPS 1.940(b)(2) jistgħu jitħaddmu minn pilota wieħed taħt IFR jew bil-lejl meta l-ħtiġiet li ġejjin ikunu sodisfatti:
- (1) L-operatur għandu jinkludi fil-Manwal tat-Tħaddim programm ta' taħriġ ta' adattament u rikkurenti tal-pilota li jinkludi r-rekwiżiti l-oħra għal-ħidma tal-pilota waħdu;
 - (2) B'mod partikolari, il-proċeduri tal-kabina tal-pilota għandhom jinkludu:
 - (i) Il-ġestjoni tal-magna u l-immaniġġar ta' emerġenzi;
 - (ii) L-użu ta' lista ta' kontroll normali, mhux normali u ta' emerġenza;
 - (iii) Il-komunikazzjoni ATC;
 - (iv) Il-proċeduri tat-tluq u ta' l- avviċinament;
 - (v) Il-Ġestjoni ta' l-awto-pilota; kif ukoll
 - (vi) L-użu ta' dokumentazzjoni simplikata matul it-titjira;
 - (3) Il-kontrolli rikorrenti meħtieġ mill-OPS 1.965 għandhom jitwettqu fir-rwol ta' pilota waħdu fuq it-tip jew klassi ta' l-ajruplan f'ambjent rappreżentant tal-ħidma;
 - (4) Il-pilota għandu jkollu minimu ta' 50 siegħa ta' ħin ta' titjir fuq it-tip jew klassi speċifiku ta' ajruplan taħt IFR li minnhom 10 sigħat huma bħala kaptan; kif ukoll
 - (5) L-esperjenza riċenti minimu meħtieġa għal pilota li jaħdem f'ħidma b'pilota wieħed taħt IFR jew bil-lejl għandu jkun ta' 5 titjiriet IFR, inklużi 3 avviċinamenti ta' l-istrument, li jitwettqu matul id-90 jum ta' qabel fuq it-tip jew klassi ta' ajruplan fir-rwol ta' pilota wieħed. Dan ir-rekwiżiti jista' jinbidel bil-kontroll ta' l-avviċinament IFR ta' l-istrument fuq it-tip jew klassi ta' l-ajruplan.
-

*Appendiċi 1 sa OPS 1.945***Il-Kors ta' Adattament ta' l-Operatur**

- (a) Il-kors ta' adattament ta' operatur għandu jinkludi:
- (1) Taħriġ u kkontrollar fuq l-art li jinkludi s-sistemi ta' l-ajruplan, proċeduri normali, mhux normali u ta' emerġenza;
 - (2) Taħriġ dwar it-tagħmir ta' emerġenza u tas' sigurtà li għandu jitlestha qabel ma jibda t-taħriġ ta' l-ajruplan;
 - (3) Taħriġ u kkontrollar ta' l-ajruplan/simulatur tat-titjira; kif ukoll
 - (4) Line flying taħt sorveljanza u line check.
- (b) Il-kors ta' adattament għandu jitwettaq fl-ordni stabbilita fis-sub-paragrafu (a) hawn fuq.
- (c) Elementi ta' Ġestjoni tar-Riżorsi ta' l-Ekwipaġġ għandhom ikunu integrati fil-kors ta' adattament, u jitwettqu minn persunal kwalifikat kif meħtieġ.
- (d) Meta membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira ma jkunx wettaq kors ta' adattament ta' l-operatur, l-operatur għandu jiżgura li minbarra s-subparagrafu (a) hawn fuq imsemmi, il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jgħaddi minn taħriġ ġenerali ta' l-ewwel għajjnuna u, jekk japplika, taħriġ fil-proċeduri ta' l-inżul ta' emerġenza bl-użu tat-tagħmir fl-ilma.
-

Appendiċi 1 sa OPS 1.965

Taħriġ u kkontrollar rikorrenti — Piloti

- (a) Taħriġ rikorrenti It-taħriġ rikorrenti għandu jinkludi:
- (1) Taħriġ fuq l-art u ta' aġġornament.
 - (i) Il-programm tat-taħriġ fuq l-art u li jaġġorna għandu jinkludi:
 - (A) Is-sistemi ta' l-ajruplan;
 - (B) Proċeduri u rekwiżiti ta' ħidma u ħtiġiet li jinkludu sustanzi kontra l-formazzjoni tas-silġ fl-art u inkapaċità tal-pilota; kif ukoll
 - (C) Reviżjoni ta' Accident/Incident u rapport tal-ġrajja.
 - (ii) Għarfien tat-taħriġ fuq l-art u ta' aġġornament għandu jkun verifikat bi kwestjonarju jew metodi adattati oħra.
 - (2) Taħriġ fuq l-ajruplan/STD.
 - (i) Il-programm ta' taħriġ fuq l-ajruplan/STD għandu jkun stabbilit hekk li l-ħsarat maġġuri kollha tas-sistemi ta' l-ajruplan u l-proċeduri assoċjati jkunu koperti fil-perjodu tat-3 snin ta' qabel.
 - (ii) Meta jsiru manuvri bil-magna mitfija f'ajruplan, il-ħsara tal-magna għandha tkun simulata.
 - (iii) Taħriġ fuq l-ajruplan/STD jista' jsir flimkien mal-kontroll tal-profiċjenza ta' l-operatur.
 - (3) Il-kontrolli tat-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà.
 - (i) Il-programm ta' t-Taħriġ fir-rigward tat-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà jista' jsir flimkien ma' l-ikkontrollar tat-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà u għandu jitwettaq f'ajruplan jew apparat ta' taħriġ alternattiv adattat.
 - (ii) Kull sena il-programm ta' taħriġ fir-rigward tat-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà għandu jinkludi dan li ġej:
 - (A) L-ilbies effettiv tal-ġakketta tas-salvataġġ fejn ikun il-każ;
 - (B) L-ilbies effettiv tat-tagħmir għat-teħid tan-nifs protettiv fejn ikun il-każ;
 - (C) L-immaniġġar effettiv tat-tagħmir għat-tifi tan-nar;
 - (D) Istruzzjoni dwar il-post u l-użu tat-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà kollu li jinġarr fuq l-ajruplan;
 - (E) Istruzzjoni dwar il-post u l-użu tat-tipi kollha ta' ħruġ; kif ukoll
 - (F) Proċeduri ta' sigurtà:
 - (iii) Kull 3 snin il-programm tat-taħriġ għandu jinkludi dan li ġej:
 - (A) Ħidma effettiva tat-tipi kollha ta' ħruġ;
 - (B) Wirja tal-metodu użat sabiex titħaddem iż-żurżieqa fejn ikun il-każ;
 - (C) Tagħmir għat-tifi tan-nar effettiv rappreżentanti ta' dak li jinġarr fl-ajruplan fejn hemm nar effettiv jew simulat għajr li, bit-tagħmir għat-tifi tan-nar tal-Halon, jista' jintuża metodu alternattiv aċċetabbli għall-Awtorità;
 - (D) L-effetti tad-duħħan f'żona magħluqa u l-użu effettiv tat-tagħmir rilevanti kollu f'ambjent simulat mimli bid-duħħan;
 - (E) Immaniġġar effettiv tal-pirotekniċi, reali jew simulati, fejn ikun il-każ; kif ukoll
 - (F) Wirja fl-użu taċ-ċattriet tas-salvataġġ fejn ikun il-każ.

- (4) Taħriġ tal-Ġestjoni tar-Riżorsi ta' l-Ekwipaġġ
- (i) Elementi tas-CRM għandhom ikunu integrati fil-fażijiet xierqa kollha tat-taħriġ rikorrenti; kif ukoll
 - (ii) Programm modulari speċifiku tat-taħriġ CRM għandu jkun stabbilit hekk li s-suġġetti l-aktar importanti tat-taħriġ CRM ikunu koperti matul perjodu li ma jaqbiżx it- 3 snin, kif ġej:
 - (A) Żball tal-bniedem u l-affidabilità, katina ta' żbalji, il-prevenzjoni u s-sejbien ta' l-iżball;
 - (B) Il-kultura tas-sigurtà tal-kumpanija, SOPs, fatturi ta' l-organizzazzjoni;
 - (C) Tensjoni, immaniġġar tat-tensjoni, għejja u viġilanza;
 - (D) Il-ksib u l-ipproċessar ta' l-informazzjoni, għarfien tas-sitwazzjoni, immaniġġar tal-volum tax-xogħol;
 - (E) Teħid ta' deċiżjonijiet;
 - (F) Il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni ġewwa u barra l-kabina tal-pilota;
 - (G) It-tmexxija u l-imġieba tat-tim, sinerġija;
 - (H) Awtomazzjoni u l-filosofija ta' l-użu ta' l- Awtomazzjoni (jekk rilevanti għat-tip);
 - (I) Differenzi speċifiċi relatati mat-tip;
 - (J) Studji bbażati fuq il-każ;
 - (K) Oqsma oħra li jisthoqqlhom attenzjoni żejda, kif identifikati mill-programm għal-prevenzjoni ta' aċċident u ta' sigurtà tat-titjira (ara l-OPS 1.037).
 - (iii) L-operaturi għandhom jstabbilixxu proċeduri ta' aġġornament għall-programm ta' taħriġ CRM rikorrenti tagħhom. Ir-Reviżjoni tal-Programm għandha ssir fuq perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin. Ir-reviżjoni tal-programm għandha tagħti każ ir-riżultati de-identifikati tal-valutazzjonijiet tas-CRM għall-ekwipaġġi, u l-informazzjoni identifikata bil-programm ta' prevenzjoni ta' aċċidenti u ta' sikurezza fit-titjir.
- (b) Ikkontrollar rikorrenti. L-ikkontrollar rikorrenti għandu jinkludi:
- (1) Kontrolli tal-profiċjenza ta' Operatur;
 - (i) Fejn ikun japplika, il-kontrolli tal-profiċjenza ta' Operatur għandhom jinkludu l-manuvri li ġejjin:
 - (A) Tluq mhux permess meta jkun disponibbli simulatur tat-titjira, inkella eżerċizzji ġestwali biss;
 - (B) Tluq bil-ħsara fil-magna bejn V1 u V2 jew hekk kif il-konsiderazzjonijiet tas-sigurtà jippermettu;
 - (C) Avviċinament, bl-użu ta' strument, ta' preċiżjoni sal-valuri minimi, fil-każ ta' ajruplan b'diversi b'magni, magna waħda ma taħdimx;
 - (D) Valuri Minimi ta' avviċinament Mingħajr Preċiżjoni;
 - (E) Avviċinament li ma jsirx fuq strumenti mill-valuri minimi bi, fil-każ ta' ajruplan b'diversi b'magni, magna waħda ma taħdimx; kif ukoll
 - (F) Inżul b'magna waħda ma taħdimx. Għall-ajruplani b'magna waħda hemm il-hteġa ta' prattika ta' l-inżul sfurzati.
 - (ii) Meta jsiru manuvri bil-magna mitfija f'ajruplan, il-ħsara tal-magna għandha tkun simulata.
 - (iii) Minbarra l-kontrolli mniżżla fis-subparagrafi (i)(A) sa (F) hawn fuq, ir-rekwiżiti li jirregolaw il-ħruġ tal-liċenzji ta' l-ekwipaġġ tat-titjira għandhom jitlestew kull 12-il xahar u jistgħu jkunu magħquda mal-kontroll tal-profiċjenza ta' Operatur.

- (iv) Għall-pilota li jħaddem il-VFR biss, il-kontrolli mniżżla fis-subparagrafi (i)(C) sa (E) hawn fuq jistgħu jitħal-lew barra għajr għal avviċinament u t-tidwir b'ajruplan b'diversi magni, b'magna waħda ma taħdimx.
 - (v) Kontrolli tal-profiċjenza ta' Operatur għandhom isiru minn Eżaminatur tal-Klassifika tat-Tip.
- (2) Il-kontrolli tat-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà. L-oġġetti li għandhom ikunu kkontrollati għandhom ikunu dawk li għalihom ikun sar taħriġ skond is-subparagrafu (a)(3) hawn fuq.
- (3) Line Checks.
- (i) Il-Line checks għandhom jistabilixxu l-kapaċità li titwettaq b'mod sodisfaċenti f'ħidma line inkluż il-proċeduri ta' qabel it-titjira u ta' wara t-titjira u l-użu tat-tagħmir provdut, kif speċifikat fil-Manwal tat-Tħaddim.
 - (ii) L-ekwipaġġ tat-titjira għandu jkun valutat skond il-ħiliet CRM fuq l-Ġestjoni tar-Riżors ta' l-Ekwipaġġ tagħhom skond il-metodoloġija aċċettabbli għall-Awtorità u ppubblikata fil-Manwal tat-Tħaddim. L-iskop ta' din il-valutazzjoni hija li:
 - (A) Tipprovdi tagħrif lura lill-ekwipaġġ b'mod kollettiv u individwali u sservi sabiex tidentifika t-taħriġ mill-ġdid; kif ukoll
 - (B) Tintuża sabiex ittejjeb is-sistema tat-taħriġ tas-CRM.
 - (iii) Il-valutazzjonijiet tas-CRM waħidha ma għandhiex tintuża bħala raġuni ta' nuqqas tal-line check.
 - (iv) Meta l-piloti jkunu assenjati xogħlijiet bħala pilota li jtiru u li ma jtirux dawn għandhom ikunu kkontrollati fiż-żewġ funzjonijiet.
 - (v) Il-Line checks għandhom jitlestew fajruplan.
 - (vi) Il-Line checks għandhom isiru minn kaptani maħtura mill-Operatur u aċċettabbli għall-Awtorità. Il-persuna li twettaq line check, li huwa deskritt fl-OPS 1.965(a)(4)(ii), għandu jkun imħarreġ fil-kunċetti tas-CRM u l-valutazzjoni tal-ħiliet tas-CRM u għandu jikkupa l-post ta' osservatur fejn dan ikun installat. Fil-każ ta' ħidmiet fit-tul fejn jinġarr ekwipaġġ tat-titjira addizzjonali, il-persuna tista' tagħmel il-funzjoni ta' sositut tal-pilota u ma għandhiex tokkupa kemm il-post tal-pilota matul it-tluq, it-tluq, il-veloċità moderata inizjali, l-inżul, l-avviċinament u l-inżul. Il-valutazzjonijiet tas-CRM tiegħu/tagħha għandha tkun ibbażata biss fuq l-osservazzjonijiet li jsiru matul l-għoti ta' informazzjoni tal-bidu, l-għoti ta' informazzjoni tal-kabina, l-għoti ta' informazzjoni tal-kabina tal-pilota u dawk il-fażijiet fejn huwa/hija jikkupa/tokkupa l-post ta' l-osservatur.

*Appendiċi 2 sa OPS 1.965***Taħriġ u kkontrollar rikorrenti — Operaturi tal-Panel tas-Sistema**

- (a) It-taħriġ u l-ikkontrollar rikorrenti għal Operaturi tal-Panel tas-Sistema għandhom jilhqqu r-rekwiżiti għall-pilota u kwalunkwe xogħolijiet speċifiċi oħra, u jħallu barra dawk is-suġġetti li ma japplikawx għal Operaturi tal-Panel tas-Sistema.
 - (b) Taħriġ u kkontrollar rikorrenti għall-Operaturi tal-Panel tas-Sistema għandhom, kull meta jkun possibbli, iseħħu fl-istess ħin meta l-pilota jgħaddi minn taħriġ u kontrollar rikorrenti.
 - (c) Il-line check għandu jsir minn kaptan maħtur mill-operatur u aċċettabbli għall-Awtorità jew minn istruttur jew eżaminatur li jagħti l-jklassifika tat-tip ta' l-Operatur tal-Panel tas-Sistema.
-

Appendiċi 1 sa OPS 1.968

Kwalifika tal-pilota sabiex jaħdem fi kwalunkwe sit tal-pilota

- (a) Il-kaptani li x-xogħol tagħhom jitlobhom ukoll li jaħdmu fis-sit tan-naħa tal-lemin u jwettqu x-xogħolijiet ta' ko-pilota, jew kaptani meħtieġa li jmessu xogħolijiet ta' taħriġ jew ta' eżaminazzjoni mis-sit tan-naħa tal-lemin, għandhom ilestu taħriġ u kkontrollar addizzjonali kif speċifikat fil-Manwal tat-Tħaddim, flimkien mal-kontrolli tal-profiċjenza ta' Operatur preskritt fl-OPS 1.965(b). Dan it-taħriġ addizzjonali għandu jinkludi ta' l-inqas dan li ġej:
- (1) Ħsara fil-magna matul it-tluq;
 - (2) Avviċinament u tidwir b'magna waħda ma taħdimx; kif ukoll
 - (3) Inżul b'waħda mill-magni ma taħdimx.
- (b) Meta jsiru manuvri bil-magna mitfija f'ajruplan, il-ħsara tal-magna għandha tkun simulata.
- (c) Meta jaħdmu fis-sit tan-naħa tal-lemin, il-kontrolli meħtieġa mill-OPS sabiex jaħdem fuq is-sit tan-naħa tax-xellug għandhom, minbarra dan, ikunu validi u kurrenti.
- (d) Pilota li jieħu post il-kaptan għandu jkun wera, fl-istess ħin mal-kontrolli tal-profiċjenza ta' l-operatur preskritti fl-OPS 1.965(b), prattika ta' taħriġ u proċeduri, li normalment, ma jkunux ir-responsabbiltà tal-pilota li jibdel. Fejn id-differenzi bejn is-sitijiet tax-xellug u tal-lemin m'humiex sinifikanti (per eżempju minħabba l-użu ta' l-awtopilota) imbagħad il-prattika tista' ssir fi kwalunkwe siġġu.
- (e) Pilota minbarra l-kaptan li jokkupa s-sit fuq in-naħa tax-xellug għandu juru ħila fl-eżerċizzji u l-proċeduri, flimkien mal-kontrolli tal-profiċjenza ta' l-operatur imniżżla fl-OPS 1.965(b), li kieku kienu jkunu r-responsabbiltà tal-kaptan li jaġixxi bħala pilot li ma jtirx. Fejn id-differenzi bejn is-sitijiet tax-xellug u tal-lemin m'humiex sinifikanti (per eżempju minħabba l-użu ta' l-awtopilota) imbagħad il-prattika tista' ssir fi kwalunkwe siġġu.
-

Appendiċi 1 sa OPS 1.978

Il-Programm Alternattiv ta' Taħriġ u Kwalifika

- (a) L-ATQP ta' operatur tista' tapplika għar-reqwiziti li ġejjin li għandhom x'jaqsmu ma' taħriġ u kwalifiki:
- (1) OPS 1.450 u Appendiċi 1 għal OPS 1.450 — Operazzjonijiet f'Viżibilità Baxxa — Taħriġ u Kwalifiki;
 - (2) OPS 1.945 Taħriġ ta' konverżjoni u verifika u Appendiċi 1 għal OPS 1.945;
 - (3) OPS 1.950 Taħriġ fid-Differenzi u Taħriġ ta' Familjarizzazzjoni;
 - (4) OPS 1.955 paragrafu (b) — Il-Ħatra bħala kaptan;
 - (5) OPS 1.965 Taħriġ ta' konverżjoni u verifika u Appendiċi 1 u 2 għal OPS 1.965;
 - (6) OPS 1.980 Operazzjoni fuq iktar minn tip jew varjant wieħed u Appendiċi 1 għal OPS 1.980.
- (b) Komponenti ta' l-ATQP — Programm Alternattiv ta' Taħriġ u Kwalifika (ATQP) għandu jikkonsisti f'dan li ġejj:
- (1) Dokumentazzjoni li tagħti dettall ta' l-għan u l-bżonnijiet tal-programm;
 - (2) Analiżi tax-xogħol biex tiddetermina ix-xogħlijiet li għandhom jiġu analizzati f'termini ta':
 - (i) it-tagħrif;
 - (ii) il-ħiliet meħtieġ;
 - (iii) it-tahriġ assoċjat mal-hiliet,
u, fejn meħtieġ
 - (iv) is-sinjali ta' mġieba validati.
 - (3) Curricula — l-istruttura tal-curriculum u l-kontenut għandhom jiġu ddeterminati b'analiżi tax-xogħol u għandhom jinkludu għanijiet ta' profiċjenza fosthom meta u kif se jintlaħqu dawn l-għanijiet. Il-proċess ta' l-iżvilupp tal-curriculum għandu jkun aċċettabbli għall-Awtorità;
 - (4) Programm speċifiku ta' taħriġ għall:
 - (i) kull tip/klassi ta' ajruplan fi ħdan l-ATQP;
 - (ii) l-instructors (klassifikazzjoni ta' instructor li jikklassifika l-klassi/awtorizzazzjoni ta' instructor li jikklassifika titjir sintetiku/Klassifikazzjoni ta' instructor li jkklassifika t-Tip — CRI/SFI/TRI), u persunal ieħor li jagħmel taħriġ ta' l-ekwipaġġ tat-titjira;
 - (iii) l-eżaminaturi (eżaminatur li jkklassifika l-klassi/eżaminatur ta' titjiriet sintetiċi/eżaminatur li jkklassifika t-tip — CRE/SFE/TRE); li jinkludi metodu għall-istandardizzazzjoni ta' l-instructors u l-eżaminaturi;
 - (5) Mezz ta' rappurtaġġ lura, bil-għan ta' validazzjoni u rfinar tal-curriculum, u jaċċerta li l-programm jilħaq l-għanijiet ta' profiċjenza;
 - (6) Metodu għall-valutazzjoni ta' l-ekwipaġġ tat-titjira kemm waqt il-konverżjoni kif ukoll waqt taħriġ u verifika rikorrenti. Il-proċess ta' valutazzjoni għandu jinkludi valutazzjoni bbażata fuq avvenimenti bħala parti mill-LOE. Il-metodu ta' valutazzjoni għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-OPS 1.965;
 - (7) Sistema integrata ta' kontroll ta' kwalità, li tiżgura konformità mal-proċessi tar-reqwiziti kollha u proċeduri tal-programm;
 - (8) Proċess li jiddeskrivi l-metodu li għandu jintuża jekk programmi ta' kontroll u evalwazzjoni ma jiżgurawx konformità ma' l-istandards ta' profiċjenza u kwalità għall-ekwipaġġ tat-titjira;
 - (9) Programm ta' Kontroll/Analiżi tad-data.

- (c) Implimentazzjoni — L-operatur għandu jiżviluppa strateġija ta' evalwazzjoni u implimentazzjoni aċċettabbli għall-Awtorità; ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom ikunu mħarsa:
- (1) Il-proċess ta' implimentazzjoni għandu jinkludi l-istadji li ġejjin:
- (i) Każ ta' sigurtà li jissostanzja l-validità ta':
- (A) Standards ta' taħriġ u kwalifiki riveduti meta mqabbla ma standards miksuba taħt OPS 1 qabel l-introduzzjoni ta' l-ATQP.
- (B) Kull metodu ġdid implimentat bħala parti mill-ATQP.
- Jekk approvat mill-Awtorità l-operatur jista' jstabbilixxi metodu ieħor għajr każ ta' sigurtà formali.
- (ii) Jieħu ħsieb analiżi tax-xogħlijiet kif meħtieġ minn paragrafu (b)(2) hawn fuq sabiex jstabbilixxi l-programm ta' l-operatur dwar taħriġ immirat u l-għanijiet assoċjati ta' taħriġ.
- (iii) Perjodu ta' operat waqt li tkun qed tinġabar u tiġi analizzata d-data sabiex jiżgura l-effikaċja tal-każ ta' sigurtà jew l-ekwivalenti u jivvalida l-analiżi tax-xogħol. Matul dan il-perjodu l-operatur għandu jkompli jopera skond ir-rekwiżiti ta' qabel l-ATQP OPS 1. It-tul ta' dan il-perjodu għandu jkun miftiehem ma' l-Awtorità;
- (2) L-operatur jista' imbagħad ikun approvat biex imexxi taħriġ u kwalifiki kif speċifikat taħt l-ATQP.
-

Appendiċi 1 sa OPS 1.980

Operazzjoni fuq iktar min tip jew varjant wieħed

- (a) Meta membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jħaddem aktar minn klassi, tip jew varjant ta' ajruplan wieħed elenkat skond ir-rekwiżiti applikabbli għall-għoti ta' liċenzji ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u proċeduri assoċjati għall-klassi pilota waħdu u/jew tip pilota waħdu, iżda mhux fl-approvazzjoni ta' liċenzja waħda, operatur għandu jikkonforma ma' dan li ġej:
- (1) Membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira ma għandux iħaddem aktar minn:
 - (i) Tipi jew varjanti ta' ajruplan bi tliet magni tal-pistun; jew
 - (ii) Tliet tipi jew varjanti ta' ajruplan turbo-propeller; jew
 - (iii) Tip jew varjant wieħed ta' ajruplan turbo-propeller u tip jew varjant ta' ajruplan b'pistun wieħed; jew
 - (iv) Tip jew varjant wieħed ta' ajruplan b'turbo-propeller u kwalunkwe ajruplan fi klassi partikolari.
 - (2) OPS 1.965 għal kull tip jew varjant imħaddem għajr jekk l-operatur ikun wera proċeduri speċifiċi u/jew restrizzjonijiet tal-ħidma, li huma aċċetabbli għall-Awtorità.
- (b) Meta membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jħaddem aktar minn tip jew varjant wieħed ta' ajruplan f'approvazzjoni waħda jew aktar tal-liċenzja kif spjegat fir-Regoli għall-Għoti ta' Liċenzja ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira tat-tip — multi-pilota, operatur għandu jiżgura li:
- (1) In-numru minimu ta' l-ekwipaġġ tat-titjira speċifikat fil-Manwal tat-Tħaddim huwa l-istess għal kull tip jew varjant li għandu jitħaddem;
 - (2) Membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira ma jħaddimx aktar minn żewġ tipi jew varjanti ta' ajruplan li għalihom hemm il-ħtieġa ta' approvazzjoni tal-liċenzja separata; kif ukoll
 - (3) (Ajruplani biss f'approvazzjoni tal-liċenzja waħda jittajjru fi kwalunkwe ta' perjodu wieħed ta' xogħol għajr jekk Operatur għandu proċeduri stabbiliti sabiex jiżgura ħin adegwat għall-preparazzjoni.
- Nota:* F'każijiet fejn aktar minn approvazzjoni tal-liċenzja waħda huwa involut, ara s-subparagrafi (c) u (d) hawn taħt.
- (c) Meta membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jħaddem aktar minn tip jew varjant ta' ajruplan wieħed elenkat fir-Regoli għall-Għoti ta' Liċenzja ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira tip pilota wieħed u tip ħafna piloti, iżda mhux f'approvazzjoni ta' liċenzja waħda, operatur għandu jikkonforma ma' dan li ġej:
- (1) Is-subparagrafi (b)(1), (b)(2) u (b)(3) hawn fuq;
 - (2) Is-Subparagrafu (d) hawn taht.
- (d) Meta membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jħaddem aktar minn tip jew varjant ta' ajruplan wieħed elenkat fir-Regoli għall-Għoti ta' Liċenzja ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira u proċeduri assoċjati tat-tip ħafna piloti, iżda mhux f'approvazzjoni ta' liċenzja waħda, operatur għandu jikkonforma ma' dan li ġej:
- (1) Is-subparagrafi (b)(1), (b)(2) u (b)(3) hawn fuq;
 - (2) Qabel ma jeżerċita l-privileġġi ta' l-approvazzjoni ta' żewġ liċenzji:
 - (i) Il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira għandhom ikunu lestew żewġ kontrolli konsekuttivi tal-profiċjenza ta' l-operatur konsekuttivi u għandhom ikollhom 500 siegħa fil-pożizzjoni ta' l-ekwipaġġ rilevanti fil-ħidmiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru ma' l-istess operatur.
 - (ii) Fil-każ ta' pilota li għandu esperjenza ma' operatur u li juża l-privileġġi ta' żewġ approvazzjonijiet tal-liċenzja, u mbagħad ikun promoss għall-kmand ma' l-istess operatur fuq waħda minn dawg it-tipi, l-esperjenza minima meħtieġa bħala kaptan hija ta' 6 xhur u 300 siegħa, u l-pilota għandu jkun lesta 2 kontrolli konsekuttivi tal-profiċjenza ta' l-operatur qabel ma jerġa jkun eliġibbli sabiex jeżerċita żewġ approvazzjonijiet tal-liċenzja.

- (3) Qabel ma jibda t-taħriġ għal u l-ħidma ta' tip jew varjant ieħor, il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira għandhom ikunu lestew 3 xhur u 150 siegħa jtiru fuq l-ajruplan tal-bażi, u dan għandu jinkludi ta' l-inqas kontroll wieħed tal-profiċjenza.
- (4) Wara t-tlestija tal-kontroll tal-line check tal-bidu fuq it-tip il-ġdid, 50 siegħa ta' titjir jew 20 settur għandhom jint-laħqu biss fuq ajruplan tal-klassifika tat-tip il-ġdid.
- (5) OPS 1.970 għal kull tip imħaddem għajr jekk ikunu ġew permessi l-krediti mill-Awtorità skond is-sub-paragrafu (7) hawn taħt.
- (6) Il-perjodu fejn l-esperjenza tat-titjir hija meħtieġa fuq kull tip għandha tkun speċifikata fil-Manwal tat-Tħaddim.
- (7) Meta jintużaw krediti sabiex jitnaqqas it-taħriġ u l-ikkontrollar u rekwiżiti ta' l-esperjenza riċenti bejn it-tipi ta' ajruplan, l-operatur għandu juri lill-Awtorità liema suġġetti ma għandhomx bżonn jerrġghu ssiru ripetuti fuq kull tip jew varjant minħabba s-similaritajiet
- (i) L-OPS 1.965(b) jeħtieġ żewġ kontrolli tal-profiċjenza ta' l-operatur kull sena. Meta jingħata krediti skond is-sub-paragrafu (7) hawn fuq għall-kontrolli tal-profiċjenza ta' l-operatur sabiex jalternaw bejn iż-żewġ tipi, kull kontroll tal-profiċjenza ta' l-operatur jagħti validità mill-ġdid lill-kontroll tal-profiċjenza ta' l-operatur għat-tip l-ieħor. Sakemm il-perjodu bejn il-kontrolli tal-profiċjenza tal-liċenzja ma jaqbiżx dak imniżżel fir-regolament applikabbli fil-qasam ta' l-Għoti ta' Liċenzja ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira għal kull tip, ir-rekwiżiti rilevanti dwar l-Għoti ta' Liċenzja ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira jkunu sodisfatti. Minbarra dan, it-taħriġ rikorrenti rilevanti u approvat għandu jkun speċifikat fil-Manwal tat-Tħaddim.
- (ii) L-OPS 1.965(ċ) jeħtieġ kontroll tal-linja wieħed kull sena. Meta jingħata kreditu skond is-sub-paragrafu (7) hawn fuq sabiex il-line checks jalternaw bejn tipi u varjanti, kull line check jagħti validità mill-ġdid lill-line check għat-tip jew il-varjant l-ieħor.
- (iii) It-taħriġ u kkontrollar annwali fuq it-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà għandu jkopri r-rekwiżiti kollha għal kull tip.
- (8) OPS 1.965 għal kull tip jew varjant li jaħdem għajr jekk ġew permessi krediti mill-Awtorità skond is-sub-paragrafu (7) hawn fuq.
- (e) Meta membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jħaddem taħlitiet ta' tipi jew varjanti ta' l-ajruplan kif spjegat fir-Regoli għall-Għoti ta' Liċenzja ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira u proċeduri assoċjati għall-klassi — pilota wieħed — u tat-tip diversi piloti, operatur għandu juri li l-proċeduri speċifiċi u/jew ir-restrizzjonijiet tal-ħidma huma approvati skond l-OPS 1.980(d).

SUBPARTI O

MEMBRI TA' L-EKWIPAĠĠ TAL-KABINA TAL-PASSIĠĠIERI

OPS 1.988

Applikabilità

Operatur għandu jiżgura li l-membri kollha ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jimxu skond ir-rekwiżiti ta' din is-subpartu u ma' rekwiżiti oħra ta' sigurtà applikabbli għall-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, 'membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri' jfisser kull membru ta' l-ekwipaġġ, minbarra membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjir, li jaqdi, fl-interessi tas-sigurtà tal-passiġġieri, id-doveri assenjati lilu/lilha mill-operatur jew mill-kaptan fil-kabina ta' ajruplan.

OPS 1.989

Identifikazzjoni

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-membri kollha ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jilbsu l-uniformi ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri ta' l-operatur u jkunu identifikabbli b'mod ċar mill-passiġġieri bħala membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.
- (b) Persunal ieħor, bħall-persunal mediku, persunal ta' sigurtà, persunal responsabbli għat-tfal, skorti, persunal tekniku, intrattenituri, interpreti, li jagħmlu xogħolijiet fil-kabina, m'għandhomx jilbsu uniformi li tista' tidentifikhom mill-passiġġieri bħala membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, sakemm dawn ma' jimxux mar-rekwiżiti ta' din is-subpartu u ma kwalunkwe rekwiżit ieħor applikabbli ta' dan ir-Regolament.

OPS 1.990

Numru u kompożizzjoni tal-Membri ta' l-Ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri

- (a) Operatur m'għandux jopera ajruplan b'konfigurazzjoni ta' numru massimu approvat ta' postijiet għall-passiġġieri ta' aktar minn 19, waqt li jkun qed iġorr passiġġier wieħed jew aktar, sakemm mill-anqas wieħed mill-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jiġi inkluż fl-ekwipaġġ sabiex jaqdi d-dmirijiet tiegħu, speċifikati fil-Manwal tat-Tħaddim, fl-interessi tas-sigurtà tal-passiġġieri.
- (b) Waqt li jkun qed jimxi skond is- sub-paragrafu (a) hawn fuq, operatur għandu jiżgura li n-numru minimu ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri huwa akbar minn:
 - (1) Membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri għal kull 50, jew parti minn 50, post għal passiġġieri installati fuq l-istess kabina ta' l-ajruplan; jew
 - (2) In-numru ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li hađu sehem b'mod attiv fil-kabina ta' l-ajruplan matul il-wirja rilevanti ta' evakwazzjoni b'emerġenza, jew li kien hemm assunzjoni li dawn hađu sehem fl-analiżi rilevanti, minbarra jekk, in-numru massimu ta' postijiet għall-passiġġieri approvati huwa anqas minn numru evakwat matul il-wirja ta' mill-anqas 50 post, in-numru ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jista' jitnaqqas b'1 għal kull multiplu sħiħ ta' 50 post li bih il-konfigurazzjoni ta' numru massimu ta' postijiet approvati għall-passiġġieri huwa anqas mill-kapaċità massima ċertifikata.
- (c) L-Awtorità tista' taħt ċirkostanzi eċċezzjonali teħtieġ operatur sabiex jinkludi fl-ekwipaġġ membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri addizzjonali.
- (d) Fil-każ ta' ċirkostanzi mhux mistennija, in-numru minimu meħtieġ ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jista' jitnaqqas sakemm:
 - (1) In-numru ta' passiġġieri tnaqqas skond il-proċeduri speċifikati fil-Manwal tat-Tħaddim; kif ukoll
 - (2) Jitressaq rapport lill-Awtorità wara li tintemm it-titjira.
- (e) Meta jintalbu s-servizzi ta' membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira li huma impjegati għar-rashom u/jew jaħdmu fuq bażi freelance jew part-time, hemm konformità mar-rekwiżiti tas-Subpartu O. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni partikolari lin-numru totali ta' tipi ta' inġenju ta' l-ajru jew varjanti li fih jista' jtir membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri għall-iskop ta' trasportazzjoni kummerċjali bl-ajru, u dan m'għandux jaqbeż ir-rekwiżiti preskritti fl-OPS 1.1030 u OPS 1.981, inkluż meta s-servizzi tiegħu jiġu meħtieġa minn operatur ieħor.

OPS 1.995

Ħtiġijiet minimi

Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri:

- (a) għandu mill-anqas 18-il sena;
- (b) għadda eżami mediku jew kontroll li jsir b'mod regolari kif meħtieġ mill-Awtorità sabiex tiġi verifikata s-saħħa medika sabiex dan/din jaqdi/taqdi dmiru/ħa.
- (c) temm b'suċċess it-taħriġ tal-bidu skond l-OPS 1.1005 u għandu attestat ta' taħriġ ta' sigurtà.
- (d) spiċċa t-taħriġ ta' adattament u/jew ta' għad-differenzi li jkopru mill-anqas is-suġġetti elenkati fl-OPS 1.1010.
- (e) għandu jagħmel taħriġ rikorrenti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-OPS 1.1015.
- (f) huwa kompetenti biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu skond il-proċeduri speċifikati fil-Manwal tat-Tħaddim.

OPS 1.1000

Membri għolja ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri

- (a) Operatur għandu jaħtar membru anzjan ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri kull meta aktar minn membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jiġi assenjat. Għall-ħidmiet meta aktar minn membru ta' l-ekwipaġġ wieħed huwa assenjat, iżda biss membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri huwa meħtieġ, l-operatur għandu jaħtar membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri wieħed sabiex ikun responsabbli lejn il-kaptan.
- (b) L-ogħla membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri għandu jkollu r-responsabbiltà lejn il-kaptan għall-kondotta u l-koordinazzjoni tal-proċedura(i) normali u ta' emerġenza speċifikati fil-Manwal ta' Operazzjonijiet. Matul it-turbulenza, fin-nuqqas ta' kwalunkwe struzzjonijiet mill-ekwipaġġ tat-titjira, il-membri anzjan ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri għandu jkollu d-dritt li jwaqqaf x-xogħolijiet li ma għandhomx x'jaqsmu mas-sigurtà u jagħti parir lill-ekwipaġġ tat-titjira dwar il-livell tat-turbulenza li jkun qegħdin jesperjenzaw u l-bżonn tas-sinjali sabiex jaqflu ċ-ċintorini tas-sigurtà jinxtegħel. Wara dan għandu jkun hemm l-qfil mill-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri tal-passiġġieri u żoni applikabbli oħra.
- (c) Fejn meħtieġ mill-OPS 1.990 biex iġorr aktar minn membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, operatur m'għandux jaħtar persuna għall-post ta' membru anzjan ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri sakemm dik il-persuna m'għandhiex mill-anqas sena esperjenza ta' xogħol ta' membru operattiv ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u temm taħriġ xieraq li jkopri dan li ġej mill-anqas:
 - (1) Għoti ta' informazzjoni qabel it-titjira:
 - (i) ħidma bħala membru ta' l-ekwipaġġ,
 - (ii) allokazżjoni ta' postijiet u responsabbiltajiet ta' membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri,
 - (iii) konsiderazzjoni tat-titjira partikolari, inkluż it-tip ta' ajruplan, it-tgħammir, żona u tip ta' operazzjoni, u l-kategoriji ta' passiġġieri b'attenzjoni partikolari għall-persuni b'diżabilità, tfal u każijiet fuq l-streċer, u
 - (2) Koperazzjoni fin-Netwerk:
 - (i) dixxiplina, responsabbiltajiet u katina ta' l-ordnijiet;
 - (ii) importanza tal-koordinazzjoni u komunikazzjoni,
 - (iii) inkapaċitazzjoni tal-pilota, u
 - (3) Reviżjoni tar-rekwiżiti u tal-ħtiġijiet legali ta' l-operaturi:
 - (i) għoti ta' informazzjoni fuq is-sigurtà tal-passiġġier, u karti tas-sigurtà,
 - (ii) sigurtà fis-sezzjoni tal-kċina,

- (iii) ħażna tal-bagalji tal-kabina,
 - (iv) tagħmir elettroniku,
 - (v) proċeduri meta jkun qed jieħu l-fjuwil bil-passiġġieri abbord,
 - (vi) turbulenza,
 - (vii) dokumentazzjoni, u
- (4) Fatturi umani u Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Membri ta' l-Ekwipaġġ, u
- (5) Rapporti dwar aċċidenti u inċidenti, u
- (6) Il-limitazzjonijiet tat-titjira u tal-ħin tas-servizz u l-kriterji tas-serħan.
- (d) Operatur għandu jstabbilixxi proċeduri biex jagħżel il-membri li jmiss ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li huwa l-aktar kwalifikat biex jopera bħala membru anzjan ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri fil-każ li l-membri anzjan nominat ma' jkunx f'pożizzjoni li jaqdi dmiru. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu aċċettabbli għall-Awtorità u jieħdu kont ta' l-esperjenza operattiva tal-membri ta' l-ekwipaġġ.
- (e) Taħriġ CRM: L-operatur għandu jiżgura li l-elementi rilevanti kollha fl-Appendiċi 2 għall-OPS 1.1005/1.1010/1.1015 Tabella 1, Kolonna (a) huma integrati fit-taħriġ u koperti sal-livell meħtieġ minn Kolonna (f), Kors ta' l-Ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri Għolja.

OPS 1.1002

Operazzjonijiet ta' membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri

- (a) Operatur għandu jiżgura li kull membru ġdid ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li m'għandux esperjenza ta' qabel komparabbli għandu jtemm dan li ġej qabel ma jopera bħala membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri:
- (1) Taħriġ minbarra dak meħtieġ mill-OPS 1.1005 u l-OPS 1.1010, li għandu jinkludi enfasi partikolari fuq dan li ġej biex jirrifletti operazzjonijiet ta' membru wieħed ta' l-ekwipaġġ ta' kabina:
 - (i) Responsabbiltà lejn il-kaptan għall-kondotta tas-sigurtà tal-kabina u tal-proċeduri ta' emerġenza speċifikati fil-Manwal tat-Tħaddim;
 - (ii) Importanza tal-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni mal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, ġestjoni ta' passiġġieri indixiplinati jew li joħlqu sfrattu;
 - (iii) Reviżjoni tar-rekwiżiti u tal-ħtiġijiet legali ta' l-operaturi;
 - (iv) Dokumentazzjoni;
 - (v) Rapporti dwar aċċidenti u inċidenti, u
 - (vi) Limitazzjonijiet tal-ħinijiet tat-titjir u tad-dmirijiet.
 - (2) Titjir ta' familjarizzazzjoni ta' mill-anqas 20 siegħa u fuq 15-il settur. It-titjiriet ta' familjarizzazzjoni għandhom jitwettqu taħt is-sorveljanza ta' membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri esperjenzat b'mod adattat fuq it-tip ta' ajruplan li għandu jitħaddem.
- (b) Operatur għandu jiżgura, qabel ma membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jiġi assenjat biex jopera bħala membru wieħed ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, li dan il-membri ta' l-ekwipaġġ huwa kompetenti biex jaqdi dmiru/ħa skond il-proċeduri msemmija fil-Manwal tat-Tħaddim. Kemm huma adattati għall-ħidmiet ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri waħdu għandu jkun indirizzat fil-kriterji għall-għażla ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, l-ingaġġar u l-istima tal-kompetenza.

OPS 1.1005

Taħriġ ta' Sigurtà Inizjali

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1005 u l-Appendiċi 3 ta' l-OPS 1.1005/1.1010/1.1015)

- (a) Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, qabel ma jibda t-taħriġ ta' adattament, spiċċa b'suċċess taħriġ inizjali ta' sigurtà li jkopri mill-anqas is-suġġetti elenkati fl-Appendiċi 1 għall-OPS 1.1005.

- (b) Il-korsijiet ta' tahrìg għandhom, fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità, ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tagħha, għandhom jingħataw:
- jew
- (1) ta' l-operatur:
- direttament, jew
 - indirettament permezz ta' organizzazzjoni ta' tahrìg għan-nom ta' l-operatur; jew
- (2) minn organizzazzjoni ta' tahrìg approvata.
- (c) Il-programm u l-istruttura tal-korsijiet ta' tahrìg inizzjali għandu jkun skond ir-rekwiżiti applikabbli u għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni minn qabel ta' l-Awtorità.
- (d) Fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità, l-Awtorità, l-operatur jew l-organizzazzjoni ta' tahrìg approvata li tipprovdli l-kors ta' tahrìg, għandhom jagħtu attestazzjoni ta' tahrìg ta' sigurtà lill-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri wara li dan/din temm/et it-tahrìg inizzjali ta' sigurtà u b'suċċess għadda/tiet il-kontroll msemmi fl-OPS 1.1025.
- (e) Fejn l-Awtorità tawtorizza operatur jew organizzazzjoni approvata ta' tahrìg biex jikkonsenjaw l-attestat ta' tahrìg ta' sigurtà lill-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, din l-attestazzjoni għandha tagħmel referenza b'mod ċar lill-approvazzjoni ta' l-Awtorità.

OPS 1.1010

Tahrìg ta' Adattament u fid-Differenzi

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1010 u l-Appendiċi 3 ta' l-OPS 1.1005/1.1010/1.1015)

- (a) Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jkun temm tahrìg ta' adattament u fid-differenzi xierqa, skond ir-regoli applikabbli u s-suġġetti elenkati fl-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1010. Il-kors ta' tahrìg għandu jkun speċifikat fil-Manwal tat-Tħaddim. Il-programm u l-istruttura tal-kors ta' tahrìg għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni minn quddiem ta' l-Awtorità.
- (1) Tahrìg ta' Adattament: Kors ta' Adattament għandu jintemm qabel ma:
- (i) Jiġi assenjat mill-operatur biex jopera bħala membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri; jew
 - (ii) Jiġi assenjat biex jopera tip ta' ajruplan ieħor; kif ukoll
- (2) Tahrìg fid-Differenzi: Tahrìg fid-differenzi għandu jintemm qabel l-operazzjoni:
- (i) Fuq varjant ta' tip ta' ajruplan operat preżentement; jew
 - (ii) B'tgħammir differenti ta' sigurtà, lok tat-tgħammir ta' sigurtà, jew proċeduri normali jew ta' emerġenza ta' sigurtà fuq tipi jew varjanti ta' ajruplani operati fil-preżent.
- (b) Operatur għandu jiddetermina l-kontenut tat-tahrìg ta' adattament u fid-differenzi waqt li jieħu kont tat-tahrìg preċedenti tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri kif reġistrat fir-reġistru ta' tahrìg tal-membri ta' ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri kif meħtieġ mill-OPS 1.1035.
- (c) Mingħajr preġudizzju għall-OPS 1.995 (c), elementi relati kemm tat-tahrìg inizzjali kif ukoll (EU OPS 1.1005) tat-tahrìg ta' adattament u fid-differenzi (OPS 1.1010) jistgħu jitqegħdu flimkien.
- (d) Operatur għandu jiżgura li:
- (1) It-tahrìg ta' adattament jitmexxa b'mod strutturat u realistiku, skond l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1010;
 - (2) Tahrìg fid-differenzi għandu jitmexxa b'mod strutturat; kif ukoll
 - (3) Tahrìg ta' adattament, u jekk hemm b'żonn tahrìg fid-differenzi, jinkludi l-użu tat-tgħammir ta' sigurtà kollu u tal-proċeduri normali u ta' emerġenza applikabbli għat-tip jew għall-varjanti ta' ajruplan u jinvolvi t-tahrìg u prattika fuq jew mezz ta' tahrìg rappreżentattiv jew fuq l-ajruplan effettiv.

- (e) Operatur għandu jiżgura, li kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri qabel ma jkun assenjat l-ewwel darba għax-xogħolijiet, ilesti t-Taħriġ CRM ta' l-operatur u CRM speċifiku għat-Tip ta' l-ajruplan, skond l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1010 (j). L-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li diġa jaħdmu bħala membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri ma' operatur, u li ma jkunux lestew minn qabel it-taħriġ CRM ta' l-operatur, għandhom ilestu dan it-taħriġ sal-mument tat-taħriġ u kontrollar rikorrenti meħtieġ li jkun imiss skond l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1010 (j) inkluż CRM Speċifiku għat-tip ta' l-ajruplan, kif rilevanti.

OPS 1.1012

Familjarizzazzjoni

Operatur għandu jiżgura li, wara li jitlesta t-taħriġ ta' adattament, kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jlesti l-familjarizzazzjoni qabel ma jopera bħala wieħed minn numru minimu tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġ mill-OPS 1.990.

OPS 1.1015

Taħriġ rikorrenti

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1015 u l-Appendiċi 3 ta' l-OPS 1.1005/1.1010/1.1015)

- (a) Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jagħmel taħriġ rikorrenti, li jkopri l-azzjonijiet assenjati lil kull membru ta' l-ekwipaġġ fi proċeduri normali u ta' emerġenza u eżerċizzji rilevanti għat tip(i) u/jew varjant(i) ta' l-ajruplan li fuqu joperaw skond l-anness 1 ta' l-OPS 1.1015.
- (b) Operatur għandu jiżgura li l-programm ta' taħriġ rikorrenti approvat mill-Awtorità jinkludi t-tagħlim teoretiku u pratiku, flimkien ma' l-prattika individwali, kif imsemmi fl-Anness 1 ta' l-OPS 1.1015.
- (c) Il-perjodu ta' validità ta' kontroll tat-tagħmir ta' emerġenza u ta' sigurtà skond OPS 1.1025 għandu jkun 12-il xahar tal-kalendarju minbarra l-bqija tax-xahar tal-ħruġ. Jekk jinħareġ fl-aħħar 3 xhur tal-kalendarju tal-validità ta' line check ta' qabel il-perjodu ta' validità għandu jestendi mid-data tal-ħruġ sa 12-il xahar tal-kalendarju mid-data ta' meta jiskadi dak il-line check ta' qabel.

OPS 1.1020

Taħriġ ta' aġġornament

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1020)

- (a) Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li kien assenti mid-dmirijiet ta' titjir kollha aktar minn 6 xhur u li għadu fil-perjodu tal-kontroll preċedenti meħtieġ mill-OPS 1.1025(b)(3) u jtemm taħriġ ta' aġġornament speċifikat fil-Manwal tat-Thaddimkif preskritt fl-Appendiċi 1 ta' OPS 1.1020.
- (b) Operatur għandu jiżgura li meta membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri ma kienx assenti mid-dmirijiet ta' titjir kollha, iżda li waqt is-6 xhur preċedenti, ma wettaqx dmirijiet fuq tip ta' ajruplan bħala membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri meħtieġ mill-OPS 1.990 (b), qabel ma jwettaq d-dmirijiet fuq dak it-tip, il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri għandu, jew:
- (1) Jispiċċa taħriġ ta' aġġornament fuq it-tip; jew
 - (2) Jopera żewġ setturi ta' familjarizzazzjoni mill-ġdid waqt ħidmiet kummerċjali fuq it-tip.

OPS 1.1025

Kontrolli

- (a) Fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità, l-Awtorità, l-operatur jew l-organizzazzjoni ta' taħriġ awtorizzata li qed tipprovdi l-kors ta' taħriġ għandha tiżgura li waqt jew wara jkun intemm it-taħriġ meħtieġ mill-OPS 1.1005, 1.1010, 1.1015 u 1.1020, kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jgħaddi minn kontroll li jkopri t-taħriġ mogħti biex jivverifika il-kapaċità biex jwettaq dmirijiet ta sigurtà normali u ta' emerġenza.

Fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità, l-Awtorità, l-operatur jew l-organizzazzjoni ta' tahrìg awtorizzata li qed tipprovdi l-kors ta' tahrìg għandha tiżgura li l-persunal li qed iwettaq dawn il-kontrolli huwa kkwalifikat b'mod xieraq.

- (b) Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jissottometti ruħu għall-kontrolli kif ġej:
- (1) Tahrìg ta' Sigurtà, Inizjali L-affarijiet elenkati fl-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1005;
 - (2) Tahrìg ta' Adattament u fid-Differenzi L-affarijiet elenkati fl-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1010;
 - (3) Tahrìg rikorrenti L-affarijiet elenkati fl-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1015 kif xieraq; kif ukoll
 - (4) kif ukoll Tahrìg ta' aġġornament L-affarijiet elenkati fl-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1020.

OPS 1.1030

Operazzjoni fuq iktar min tip jew varjant wieħed

- (a) Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri ma joperax fuq aktar min tliet tipi ta' ajruplan minbarra li meta bil-kunsens ta' l-Awtorità, il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jista' jopera fuq erba' tipi ta' ajruplan, sakemm għal ta' l-inqas tnejn mit-tipi:
- (1) Proċeduri normali u ta' emerġenza speċifiċi mhux tat-tip huma identiċi; kif ukoll
 - (2) Tagħmir ta' sigurtà u proċeduri normali u ta' emerġenza speċifiċi tat-tip huma simili
- (b) Għal-skopijiet tas-sub-paragrafu (a) hawn fuq, varjanti ta' tip ta' ajruplan jitqiesu bħala tipi differenti jekk mhux simili fl-aspetti kollha li ġejjin:
- (1) Operazzjoni ta' ħruġ ta' emerġenza;
 - (2) Il-post u t-tip ta' tagħmir ta' sigurtà portabbli; kif ukoll
 - (3) Proċeduri ta' emerġenza speċifiċi tat-tip.

OPS 1.1035

Reġistrazzjoni tat-Tahrìg

Operatur għandu:

- (1) Jżomm informazzjoni tat-tahrìg u l-kontrolli kollha meħtieġa mill-OPS 1.1005, 1.1010, 1.1015, 1.1020 u 1.1025; kif ukoll
- (2) Jżomm kopja ta' attestazzjoni tat-tahrìg ta' sigurtà; kif ukoll
- (3) Jżomm ir-reġistri dwar it-tahrìg u r-reġistri ta' l-eżaminazzjonijiet jew il-valutazzjonijiet mediċi aġġornati, li juru fil-każ tar-reġistri dwar it-tahrìg id-data u l-kontenut tat-tahrìg ta' adattament, fid-differenzi u t-tahrìg rikorrenti riċevut; kif ukoll
- (4) Jsiru reġistri fuq it-tahrìg u l-kontrolli inizjali kollha, ta' adattament u rikorrenti disponibbli, fuq talba, lill-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri kkonċernat.

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1005

Taħriġ ta' Sigurtà Inizjali

Bħala minimu s-suġġetti li jridu jiġu koperti mill-kors inizjali ta' taħriġ fuq is-sigurtà msemmija fl-OPS 1.1005 huma:

(a) Taħriġ fuq in-nar u d-duħħan:

- (1) enfasi fuq ir-responsabbiltà tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri biex jittrattaw mill-ewwel ma' emerġenzi li jinvolvu nar u duħħan u, b'mod partikolari, enfasi fuq l-importanza li jiġu identifikati, l-għajn prinċipali ta' fejn inholog in-nar;
- (2) l-importanza li jiġi nfurmat l-ekwipaġġ tat-titjira minnufih, kif ukoll l-azzjonijiet speċifiċi neċessarji għal koordinazzjoni u assistenza, meta' jistab nar jew duħħan;
- (3) il-bżonn ta' kontrolli ta' spiss ta' żoni li fihom riskju li jkun hemm nar, li jinkludu toilets, u ta' l-apparat li jiskopri d-duħħan;
- (4) il-klassifikazzjoni tan-nirien u t-tip xieraq ta' aġenti użati għat-tifi tan-nar u l-proċeduri għal sitwazzjonijiet partikolari ta' nar, il-metodi ta' kif jintużaw l-aġenti għat-tifi tan-nar, il-konsegwenzi ta' l-applikazzjoni ħażina, u l-użu f'postijiet magħluqa; kif ukoll
- (5) il-proċeduri ġenerali tas-servizzi ta' emerġenza bbażati fl-art fl-ajrudromi.

(b) Taħriġ ta'sopravvivenza fl-ilma.

Il-mod kif għandu jintlibes kif ukoll l-użu tat-tagħmir personali biex wieħed iżomm fil-wiċċ ta' l-ilma. Qabel ma jopera għall-ewwel darba fuq ajruplan mgħammra biċ-ċattra ta' salvataġġ jew tagħmir ieħor simili, irid jingħata taħriġ fuq l-użu ta' dan it-tagħmir, kif ukoll Prattika effettiva fl-ilma.

(c) Taħriġ ta'sopravvivenza.

Taħriġ ta' sopravvivenza għandu jkun skond iż-żoni ta' l-operazzjoni (e.ż. polari, deżert, ġungla jew baħar).

(d) Aspetti mediċi u ta' l-ewwel għajjnuna:

- (1) struzzjonijiet dwar aspetti mediċi u l-ewwel għajjnuna, kitts ta' l-ewwel għajjnuna, kitts mediċi ta' l-emerġenza, il-kontenut tagħhom u tagħmir mediku ta' emerġenza;
- (2) l-ewwel għajjnuna assoċjata ma' taħriġ ta' sopravvivenza u iġjene xierqa; kif ukoll
- (3) l-effetti psikoloġiċi tat-titjir b'enfasi partikolari fuq l-ipoxia.

(e) L-immaniġġar tal-passiġġieri:

- (1) parir fuq kif wieħed jaġhraf u jimmaniġġa l-passiġġieri li huma jew ġew intossikati bl-alkoħol jew huma taħt l-influenza ta' drogi jew li huma aġressivi;
- (2) metodi użati biex jimmotivaw il-passiġġieri u l-kontroll tal-folla neċessarja biex iħaffu l-evakwazzjoni ta' l-ajruplan;
- (3) regolamenti li jkopru l-ħażna tal-bagalji tal-kabini mingħajr periklu (jinkludi oġġetti għas-servizz tal-kabina) u r-riskju ta' dan li jsir perikoluż għall-okkupanti tal-kabina jew tagħlaq jew tagħmel ħsara lit-tagħmir ta' emerġenza jew il-ħruġ ta' l-ajruplan;
- (4) l-importanza ta' l-allokazzjoni tajba tas-siġġijiet b'referenza għall-massa u l-bilanċ ta' l-ajruplan. Għandu jingħata enfasi partikolari lis-siġġijiet ta' passiġġieri b'diżabbiltà, u l-bżonn li jitpoġġew passiġġieri mingħajr diżabbiltà ħdejn ħruġ mhux taħt superviżjoni;
- (5) dmirijiet li jridu jitwettqu fil-każ li tinstab turbolenza, jinkludu protezzjoni u sigurtà tal-kabina;
- (6) prekawzzjonijiet li jridu jittieħdu meta annimali qed jinġarru fil-kabina;
- (7) taħriġ rigward merkanzija perikoluza, inkluzi dispożizzjonijiet taħt is-Subparti R;
- (8) proċeduri ta' sigurtà, inklużi d-dispożizzjonijiet taħt is-Subparti S.

(f) Komunikazzjoni

Waqt it-taħriġ, għandu jingħata enfasi fuq l-importanza ta' komunikazzjoni effettiva bejn il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u l-ekwipaġġ tat-titjira inkluża t-teknika, il-lingwaġġ u t-terminoloġija komuni.

(g) Dixxiplina u responsabbiltajiet

- (1) l-importanza li l-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jaqdu dmirijietom skond il-Manwal tat-Tħaddim;
- (2) kompetenza kontinwa u kundizzjoni tajba sabiex jopera bħala membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri b'attenzjoni partikolari għal limitu ta' żmien ta' xogħol u r-rekwiżiti ta' mistrieħ;
- (3) għarfien tar-regolamenti ta' l-avjazzjoni marbuta mal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u mar-rwol ta' l-Awtorità Ċivili ta' l-Avjazzjoni;
- (4) għarfien ġenerali tat-terminoloġija rilevanti ta' l-avjazzjoni, it-teorija tat-titjir, id-distribuzzjoni tal-passiġġieri, il-meteoroloġija, u ż-żoni ta' l-operat;
- (5) l-għoti ta' informazzjoni tal-membri ta' l-ekwipaġġ qabel it-titjira u l-għoti ta' l-informazzjoni tas-sigurtà neċessarja fir-rigward tad-dmirijiet speċifiċi tagħhom;
- (6) l-importanza li jiżguraw li d-dokumenti u l-manwali rilevanti jinżammu aġġornati b'emendi pprovduti mill-operatur;
- (7) l-importanza biex jiġi identifikat il-waqt meta l-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri għandhom l-awtorità u r-responsabbiltà biex jibdew evakwazzjoni u proċeduri oħra ta' emerġenza; kif ukoll
- (8) l-importanza ta' dmirijiet u resposabbiltajiet ta' sigurtà u l-bżonn li jirrispondu minnufih u effettivament f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;
- (9) għarfien dwar l-effetti tal-kontaminazzjoni fuq il-wiċċ u l-ħtieġa li l-ekwipaġġ tat-titjira jkun infurmat bi kwalunkwe osservazzjoni ta' din it-tip ta' kontaminazzjoni.

(h) Il-Ġestjoni tar-Riżorsi ta' l-Ekwipaġġ.

(1) Kors tas-CRM introduttiv

- (i) membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri għandu jlesti Kors CRM ta' Introduzzjoni qabel ma jkun assenjat għall-ewwel darba sabiex jaħdem bħala membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri. L-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri li diġa jaħdmu bħala membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri fi trasport kummerċjali bl-ajru u li ma jkunux qabel lestew kors ta' Introduzzjoni, għandhom ilestu kors CRM ta' Introduzzjoni sal-ħin tat-taħriġ u/jew kontroll rikorrenti li jmiss meħtieġ.
- (ii) L-elementi ta' taħriġ fl-Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.1005/1.1010/1.1015 Tabella 1, Kolonna (a) għandhom ikunu koperti sal-livell meħtieġ fil-Kolonna (b), Kors CRM ta' Introduzzjoni.
- (iii) Il-Kors CRM ta' Introduzzjoni għandu jitmexxa minn ta' l-inqas Istruktur wieħed CRM ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1010

Taħriġ ta' Adattament u fid-Differenzi

(a) Ġenerali:

Operatur għandu jiżgura li:

- (1) taħriġ ta' adattament u fid-differenzi huma mmexxija minn persunal kwalifikat b'mod xieraq; kif ukoll
- (2) waqt it-taħriġ ta' adattament u fid-differenzi, it-taħriġ jiġi mogħti fuq il-post, it-tneħħija u l-użu tat-tagħmir l-apparat kollu ta' sigurtà u ta' sopravvivenza li jinġarr fuq l-ajruplan, kif ukoll il-proċeduri kollha kemm normali kif ukoll ta' emerġenza marbuta mat-tip, varjanti u konfigurazzjoni ta' l-ajruplan li jrid jiġi operat.

(b) Taħriġ fuq in-nar u d-duħħan:

Operatur għandu jiżgura li:

- (1) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jingħata taħriġ realistiku u prattiku fl-użu tat-tagħmir kollu għat-tifi tan-nar inkluż l-ilbies protettiv simili għal dak li jinġarr fuq l-ajruplan. Dan it-taħriġ irid jinkludi:
 - (i) tifi ta' nar karatteristiku ta' nar fl-intern ta' ajruplan ħliet li, fil-każ tal-'Halon extinguishers', jista' jintuża aġent alternattiv li jifli n-nar; kif ukoll
 - (ii) l-ilbies u l-użu ta' tagħmir protettiv tan-nifs ġo ambjent simulat magħluq, u mimli duħħan.

(c) Tħaddim tal-bibien u ta' ħruġ:

Operatur għandu jiżgura li:

- (1) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri iħaddem u attwalment jiftaħ kull tip jew varjant ta' ħruġ normali u ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet normali u ta' emerġenza, fosthom bin-nuqqas tas-sistemi power assisted fejn imwahnha. Dan sabiex jinkludu l-azzjoni u l-forzi meħtieġa biex jiġu operati u wżati żrieżaq ta' evakwazzjoni. Dan it-taħriġ għandu jsir f'ajruplan jew f'tagħmir ta' taħriġ rappreżentattiv; kif ukoll
- (2) jintwerew l-operazzjonijiet ta' kull ħruġ ieħor, bħat-twieqi tal-kabina ta' l-ekwipaġġ.

(d) Taħriġ ta' evakwazzjoni permezz taż-żurżieqa:

Operatur għandu jiżgura li:

- (1) Kull wieħed mill-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jinżel żurżieqa ta' evakwazzjoni minn għoli simili għal dak tal-ħoġor tal-kabina prinċipali ta' l-ajruplan;
- (2) iż-żurżieqa tintrama ma' ajruplan jew ma' apparat ta' taħriġ simili; kif ukoll
- (3) inżul ieħor isir meta l-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jikkwalifika fuq tip ta' ajruplan li fih l-għoli tal-ħoġor tal-ftuħ tal-ħruġ tal-kabina prinċipali hi differenti b'mod sinifikanti minn kull tip ta' ajruplan differenti li jkun ġie operat qabel.

(e) Proċeduri ta' evakwazzjoni u sitwazzjonijiet ta' emerġenza oħra:

Operatur għandu jiżgura li:

- (1) taħriġ ta' evakwazzjoni f'emerġenza jinkludi l-għarfien ta' evakwazzjonijiet ta' emerġenza pplanati jew mhux pplanati fuq l-art jew fl-ilma. Dan it-taħriġ irid jinkludi l-għarfien ta' meta l-ħruġ ma jkunx jista' jintuża jew meta t-tagħmir ta' l-evakwazzjoni ma jkunx jista' jintuża; kif ukoll
- (2) kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jiġi mħarreġ biex jiġġestixxi ma dan li ġej:
 - (i) f'nar waqt titjira, b'enfasi partikolari fuq l-identifikazzjoni ta' l-orijini effettiv tan-nar;

- (ii) turbolenza gravi ta' l-ajru;
 - (iii) dekompressjoni f'daqqa, inkluż l-ilbies tat-tagħmir portabbli ta' l-ossiġinu min kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri; kif ukoll
 - (iv) emerġenzi oħra waqt titjira.
- (f) Kontroll tal-folla.

Operatur għandu jiżgura li jingħata taħriġ fuq aspetti prattiċi tal-kontroll ta' folla f'sitwazzjonijiet varji ta' emerġenza, kif applikabbli għat-tip ta' ajruplan.

- (g) Inkapaċitazzjoni tal-pilota.

Operatur għandu jiżgura li, sakemm l-ekwipaġġ tat-titjir minimu hu aktar minn tnejn, kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri hu mħarreġ fil-proċedura għall-inkapaċità ta' membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u għandu jħaddem il-mekkaniżmi tas-sit u l-qfil. It-taħriġ fl-użu tas-sistema ta' l-ossiġnu tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u l-użu tal-lista ta' kontroll tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, fejn meħtieġa mill-SOP ta' l-operatur, għandhom jitwettqu b'dimostrazzjoni prattika

- (h) Tagħmir tas-sigurtà.

Operatur għandu jiżgura li kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jingħata taħriġ realistiku fuq, u wirja tal-post u l-użu ta' tagħmir ta' sigurtà inklużi li ġejjin:

- (1) żrieżaq, u fejn ikun hemm żrieżaq li ma jsostnux ruħhom, l-użu ta' kwalunkwe ħbula assoċjati;
- (2) ċattri ta' salvataġġ u ċattri ta' salvataġġ żurżieqa, inkluż it-tagħmir marbut ma', u/jew li jinġarr fiċ-ċattra;
- (3) ġġieget ta' salvataġġ, ġġieget ta' salvataġġ tat-tfal żgħar u bennieni li joqogħdu f'wiċċ l-ilma;
- (4) sistemi ta' ossiġinu li jinħarġu barra;
- (5) l-ossiġnu ta' l-ewwel għajnuna;
- (6) apparat għat-tifi tan-nar;
- (7) mannara tan-nar jew stanga tal-ftuħ;
- (8) dwal ta' emerġenza nklużi torċi;
- (9) tagħmir ta' komunikazzjoni inklużi megafoni;
- (10) pakki ta' sopravvivenza inkluż il-kontenut ta' tagħmir;
- (11) murtali (apparat effettiv jew simili);
- (12) kitts ta' l-ewwel għajnuna, kitts mediċi ta' l-emerġenza, il-kontenut ta' tagħmir mediku ta' emerġenza; kif ukoll
- (13) tagħmir jew sistemi oħra ta' sigurtà tal-kabina, fejn applikabbli.

- (i) Wirjiet li jinfurmaw lill-passiġġieri fuq is-sigurtà.

Operatur għandu jiżgura li t-taħriġ jingħata bi preparazzjoni tal-passiġġieri għal sitwazzjonijiet normali u ta' emerġenza skond l-OPS 1.285.

- (j) Meta l-aspetti mediċi inizjali u t-taħriġ ta' l-ewwel għajnuna ma jkunux inkludew l-evitar ta' mard li jittieħed, partikolarment fil-klimi tropikali u sub-tropikali, dan it-taħriġ għandu jkun approvdut jekk in-netwerk tar-rotot ta' l-operatur jiġi estiż jew jinbidel sabiex jinkludi żoni bħal dawn.

- (k) Il-Ġestjoni tar-Riżorsi ta' l-Ekwipaġġ. Operatur għandu jiżgura li:
- (1) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jtemm Tàhriġ CRM ta' l-Operatur li jkopri l-elementi tat-Tàhriġ fl-Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.1005/1.1010/1.1015 Tabella 1, fil-Kolonna (a) sal-livell meħtieġ fil-Kolonna (c) qabel ma jibda CRM speċifiku tat-tip ta' l-ajruplan u/jew tàhriġ CRM rikorrenti.
 - (2) Meta l-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jieħu kors ta' adattament fuq tip ta' ajruplan ieħor, l-elementi ta' tàhriġ fl-Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.1005/1.1010/1.1015 Tabella 1. Kolonna (a) għandhom ikunu koperti sal-livell meħtieġ fil-Kolonna (d), CRM speċifiku tat-tip ta' l-ajruplan.
 - (3) It-tàhriġ CRM ta' l-Operatur u CRM Speċifiku tat-Tip ta' l-ajruplan għandu jitmexxa minn ta' l-inqas minn instructor tas-CRM ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri wieħed.
-

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1015

Taħriġ rikorrenti

- (a) Operatur għandu jiżgura li taħriġ rikorrenti jsir min persuni bi kwalifiki xierqa.
- (b) Operatur għandu jiżgura li kull 12-il xahar tal-kalendarju ta' taħriġ prattiku jinkludi li ġej:
- (1) Proċeduri ta' emerġenza fosthom l-inkapaċitazzjoni tal-pilota;
 - (2) Proċeduri ta' evakwazzjoni fosthom it-tekniki għall-kontroll tal-folla;
 - (3) Taħriġ fiżiku minn kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri biex jinfetħu l-ħruġ normali u dawk ta' emerġenza għall-evakwazzjoni tal-passiġġieri;
 - (4) Il-post u l-immaniġġar tat-tagħmir ta' emerġenza, inklużi sistemi ta' ossiġinu, u l-ilbies minn kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri ta' ġkieket ta' salvataġġ, ossiġinu portabbli u tagħmir protettiv ghaat-teħid tan-nifs (PBE);
 - (5) Aspetti mediċi u l-ewwel għajna, kitts ta' l-ewwel għajna, kitts mediċi ta' l-emerġenza, il-kontenut tagħhom u tagħmir mediku ta' emerġenza;
 - (6) Stivar ta' oġġetti fil-kabina;
 - (7) Proċeduri ta' sigurtà;
 - (8) Reviżjoni ta' inċidenti u aċċidenti;
 - (9) Għarfien dwar l-effetti tal-kontaminazzjoni fuq il-wiċċ u l-ħtieġa li l-ekwipaġġ tat-titjira jkun infurmat bi kwalunkwe osservazzjoni ta' din it-tip ta' kontaminazzjoni, u
 - (10) Il-Ġestjoni tar-Riżorsi ta' l-Ekwipaġġ. Operatur għandu jiżgura li t-taħriġ CRM jissodisfa dan li ġej:
 - (i) L-elementi tat-taħriġ fl-Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.1005/1.1010/1/1.1015 Tabella 1, Kolonna (a) għandha tkun koperta fi ċiklu ta' tliet snin sal-livell meħtieġ mill-Kolonna (e), Taħriġ tas-CRM rikorrenti annwali.
 - (ii) It-tifsira u l-implimentazzjoni ta' dan is-sillabu għandu jkun immexxi mill-istruttur tas-CRM ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.
 - (iii) Meta taħriġ tas-CRM jingħata f'moduli distinti (stand-alone), għandhom jingħataw minn ta' l-inqas istruttur CRM ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri wieħed.
- (c) Operatur għandu jiżgura li, f'intervalli li ma jaqbżux it-3 snin, it-taħriġ rikorrenti jinkludi ukoll:
- (1) Kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri iħaddem u attwalment jiftaħ kull tip jew varjant ta' ħruġ normali u ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet normali u ta' emerġenza, fosthom bin-nuqqas tas-sistemi power assisted fejn imwahnha. Dan sabiex jinkludu l-azzjoni u l-forzi meħtieġa biex jiġu operati u wżati żrieżaq ta' evakwazzjoni. Dan it-taħriġ għandu jsir f'ajruplan jew f'tagħmir ta' taħriġ rappreżentattiv;
 - (2) wirja ta' l-operazzjoni ta' kull ħruġ ieħor inkluż it-twieqi tal-kabina ta' l-ekwipaġġ;
 - (3) kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jingħata taħriġ realistiku u prattiku fl-użu tat-tagħmir kollu għat-tifi tan-nar, inkluż l-ilbies protettiv simili għal dak li jinġarr fuq l-inġenju ta' l-ajru.

Dan it-taħriġ irid jinkludi:

- (i) kull membru ta' l-ekwipaġġ li jkun involut fit-tifi ta' nar karatteristiku fl-intern ta' l-ajruplan ħliet li, fil-każ tal-'Halon extinguishers', jista' jintuża aġent alternattiv li jitfi n-nar; kif ukoll
- (ii) l-ilbies u l-użu ta' tagħmir protettiv għan-nifs min kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri f'ambjent simulat magħluq u mimli duħħan.

- (4) l-użu ta' murtali (apparat jew effettiv rappreżentattiv); kif ukoll
 - (5) wirja ta' l-użu taċ-ċattri ta' salvataġġ, jew ċattri ta' salvataġġ żurżieqa, fejn imwahnha.
 - (6) Operatur għandu jiżgura li, sakemm l-ekwipaġġ tat-titjir minimu hu aktar minn tnejn, kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri hu mħarreġ fil-proċedura għall-inkapaċità ta' membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u għandu jħaddem il-mekkaniżmi tas-sit u l-qfil. It-taħriġ fl-użu tas-sistema ta' l-ossiġenu tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u l-użu tal-lista ta' kontroll tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, fejn meħtieġa mill-SOPs ta' l-operatur, għandhom jitwettqu b'dimostrazzjoni Prattika.
 - (d) Operatur għandu jiżgura li r-rekwiżiti xierqa ta' l-Anness III, OPS 1 huma nklużi fit-taħriġ tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.
-

*Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1020***Taħriġ ta' aġġornament**

Operatur għandu jiżgura li t-taħriġ ta' aġġornament jitmexxa minn persuni bi kwalifiki adatti u, għal kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, jinkludi mill-inqas dan li ġej:

- (1) Proċeduri ta' emerġenza fosthom l-inkapaċitazzjoni tal-pilota;
 - (2) Proċeduri ta' evakwazzjoni fosthom it-tekniki għall-kontroll tal-folla;
 - (3) Kull operazzjoni u ftuħ attwali ta' kull tip jew varjant ta' ħruġ normali u ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet normali u ta' emerġenza, fosthom bin-nuqqas tas-sistemi power assisted fejn imwahnha. Dan sabiex jinkludu l-azzjoni u l-forzi meħtieġa biex jiġu operati u wżati żrieżaq ta' evakwazzjoni. Dan it-taħriġ għandu jsir f'ajruplan jew f'taħriġ rappreżentattiv;
 - (4) Wirja ta' l-operazzjoni ta' kull ħruġ ieħor inkluż twieqi tal-kabina ta' l-ekwipaġġ; kif ukoll
 - (5) Il-post u l-immaniġġar tat-tagħmir ta' emerġenza, inklużi sistemi ta' ossiġinu, u l-ilbies tal-ġkieket ta' salvataġġ, ossiġinu portabbli u tagħmir protettiv għat-teħid tan-nifs.
-

Appendiċi 2 ta' l-OPS 1.1005/1.1010/1.1015

Taħriġ

- (1) Is-sillabi tat-taħriġ CRM, flimkien mal-metodoloġija u t-terminoloġija CRM, għandhom ikunu nklużi fil-Manwal tat-Tħaddim.
- (2) Tabella 1 turi liema elementi tas- CRM għandhom jkunu inklużi f'kull tip ta' taħriġ.

Tabella 1

Taħriġ CRM:

Elementi ta' Taħriġ (a)	Kors tas-CRM introduttiv (b)	Taħriġ tas-CRM ta' l-Operatur (c)	CRM Speċifiku għat-Tip ta' ajruplan (d)	Taħriġ CRM Rikorrenti Annwali (e)	Kors ta' l-Ekwipaġġ Għoli tal-Kabina (f)
Il-Prinċipji Ġenerali					
Fatturi umani fl-avjazzjoni Struzzjonijiet ġenerali dwar il-prinċipji u l-għanijiet tas-CRM	Fil-fond	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Ħarsa ġenerali
Eżekuzzjoni u limitazzjonijiet umani					
Mill-perspettiva tal-Membri individwali ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri					
Għarfien tal-Personalità, żball u affidibilità umana, attitudni u mġieba, stima personali	Fil-fond	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Ħarsa ġenerali (ċiklu ta' 3 snin)	Mhux meħtieġa
Stress u l-ġestjoni ta' l-istress					
Għejja u viġilanza					
Kapaċità li wieħed jesprimi xi jrid					
Għarfien tas-sitwazzjoni, akkwist u pproċessar ta' l-informazzjoni					
Mill-perspettiva ta' l-ekwipaġġ kollu tal-kabina					
Prevenzjoni u sejbien ta' l-iżball	Mhux meħtieġa	Fil-fond	Rilevanti għat-tip(i)	Ħarsa ġenerali (ċiklu ta' 3 snin)	Rinfurzar (rilevanti għax-xogħolijiet ta' l-ekwipaġġ għoli tal-kabina)
Għarfien tas-sitwazzjoni maqsuma, akkwist u pproċessar ta' l-informazzjoni					
Ġestjoni u tqassim tax-xogħol					
Komunikazzjoni u koordinazzjoni effettiva bejn il-membri ta' l-ekwipaġġ kollha inkluż l-ekwipaġġ tat-titjira kif ukoll il-Membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri mingħajr esperjenza, differenzi kulturali					
Tmexxija, kooperazzjoni, sinerġija, teħid ta' deċiżjonijiet u d-delegar					
Tmexxija, kooperazzjoni, sinerġija, teħid tad-deċiżjonijiet, delegar					
Responsabbiltajiet individwali u tat-tim, teħid tad-deċiżjonijiet, u azzjonijiet: Kontroll tal-folla, stress tal-passiġġieri, ġestjoni ta' kunflitti, fatturi medikali					
Partikolaritajiet relatati mat-tipi ta' l-ajruplan (qafas dejjaq/wiesgħa, gverta waħda/diversi), kompożizzjoni ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u numru tal-passiġġieri					

Elementi ta' Tahrìg (a)	Kors tas-CRM introduttiv (b)	Tahrìg tas-CRM ta' l-Operatur (c)	CRM Speċi- fiku għat-Tip ta' ajruplan (d)	Tahrìg CRM Rikorrenti Annwali (e)	Kors ta' l-Ekwipaġġ Għoli tal- Kabina (f)
Mill-perspettiva ta' l-operatur u ta' l-organizzazzjoni					
Il-kultura tas-sigurtà tal-kumpanija, SOPs, fatturi ta' l-organizzazzjoni	Mhux meħtieġa	Fil-fond	Rilevanti għat-tip(i)	Ħarsa ġene- rali (ċiklu ta' 3 snin)	Rinfurzar (rilevanti għal dmiri- jiet ta' l-ekwipaġġ anzjan tal- kabina)
Komunikazzjoni u koordinazzjoni effettiva u ma' persunal tal-ħidma ieħor u servizzi fl-art					
Parteċipazzjoni fir-rappurtar ta' inċidenti u aċċidenti tas-sigurtà fil- kabina					
Studji bbażati fuq il-każ (<i>ara nota</i>)		Meħtieġa		Meħtieġa	
<p><i>Nota:</i> Fil-kolonna (d), jekk mhux disponibbli studji bbażati fuq ġrajjet speċifiċi għat-tip ta' l-ajruplan, jitiehed kont ta' studji bbażati fuq ġrajjet rilevanti għall-iskala u għall-għan ta' l-operazzjoni.</p>					

Appendiċi 3 ta' l-OPS 1.1005/1.1010/1.1015

Aspetti mediċi u taħriġ ta' l-ewwel għajjnuna

- (a) L-aspetti mediċi u t-taħriġ ta' l-ewwel għajjnuna għandhom jinkludu s-suġġetti li ġejjin:
- (1) Il-fiżjoloġija tal-ġisem tal-bniedem waqt l-ivvjaġġar fl-ajru inklużi l-ħtieġa għall-ossiġenu u l-ipossja;
 - (2) Emerġenzi mediċi fl-avjazzjoni inklużi:
 - i. L-ażżma;
 - ii. L-ifgar;
 - iii. L-attakki tal-qalb;
 - iv. Ir-reazzjonijiet għall-istress u r-reazzjonijiet allerġiċi;
 - v. Ix-xokk;
 - vi. Il-puplesija;
 - vii. L-epilessija;
 - viii. Id-dijabete;
 - ix. Id-dardir ta' l-ajru;
 - x. It-tehid tan-nifs mgħaġġel;
 - xi. Il-mard gastro-intestinali; kif ukoll
 - xii. It-twellid f'emergenza;
 - (3) Ir-ravvivar kardjo-pulmonari Prattiku minn kull membru ta' l-ekwipaġġ billi jitqies l-ambjent ta' l-ajruplan u bl-użu ta' manikin imfassal b'mod speċifiku;
 - (4) It-taħriġ bażiku ta' l-ewwel għajjnuna u t-taħriġ ta' sopravvivenza, inkluż il-kura ta':
 - i. L-inkonxju;
 - ii. Il-ħruq;
 - iii. Il-feriti; kif ukoll
 - iv. Il-ksur u l-feriti tat-tessuti r-rotob;
 - (5) Is-saħħa waqt l-ivvjaġġar u l-iġjene, inklużi:
 - i. Ir-riskju ta' kuntatt ma' mard li jittieħed partikolarment meta t-titjiriet ikunu lejn żoni tropikali u sub-tropikali. Ir-rappurtar ta' mard li jittieħed, il-protezzjoni minn-infezzjonijiet u l-evitar ta' mard li jinsab fl-ilma jew fl-ikel. It-taħriġ għandu jinkludi l-mezzi għat-tnaqqis ta' riskji bħal dawn;
 - ii. L-iġjene abbord;
 - iii. Il-mewt abbord;
 - iv. L-immaniġġjar ta' l-iskart kliniku;
 - v. Id-dizinfekzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru; kif ukoll
 - vi. Il-ġestjoni tal-viġilanza, l-effetti fiżjoloġiċi ta' l-għejja, il-fiżjoloġija ta' l-irqad, ir-ritmu circadian (li jiġri xi darba kuljum) u t-tibdil tal-ħin skond iż-żona;
 - (6) L-użu tat-tagħmir xieraq ta' l-ajruplani inklużi l-kitts ta' l-ewwel għajjnuna, il-kitts mediċi ta' l-emerġenza, l-ossiġenu għall-ewwel għajjnuna u t-tagħmir mediku ta' emerġenza.

SUBPARTI P

MANWALI, ĠURNALI U REĠISTRI

OPS 1.1040

Regoli Ġenerali għall-Manwali tat-Tħaddim

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-Manwal tat-Tħaddim jkun fih l-istruzzjonijiet u t-tagħrif neċessarju kollu għall-persunal ta' l-operazzjonijiet sabiex iwettqu x-xogħolijiet tagħhom.
- (b) Operatur għandu jiżgura li l-kontenut tal-Manwal tat-Tħaddim, inklużi l-emendi jew ir-reviżjonijiet kollha, ma jiksrx il-kundizzjonijiet li hemm fiċ-Ċertifikat ta' l-Operatur ta' l-Ajru (AOC) jew kwalunkwe regolamenti applikabbli u li huma aċċetabbli għal, jew, fejn japplika, approvati mill-Awtorità.
- (c) Għajr jekk ikun approvat mod ieħor mill-Awtorità, jew preskritt mill-liġi nazzjonali, operatur għandu jipprepara l-Manwal tat-Tħaddim fil-lingwa Ingliża. Minbarra dan, operatur jista' jagħmel traduzzjoni u juża dak il-manwal, jew parti minnu, f'lingwa oħra.
- (d) Jekk ikun neċessarju għal operatur li jipproduċi Manwali tat-Tħaddim ġodda jew l-akbar partijiet/volumi minnu, huwa għandu jagħmel dan skond is-Subparagrafu (c) hawn fuq.
- (e) Operatur jista' joħroġ il-Manwal tat-Tħaddim f'volumi separati.
- (f) Operatur għandu jiżgura li l-persunal ta' l-operazzjonijiet kollha għandhom aċċess faċli għall-kopja ta' kull parti tal-Manwal tat-Tħaddim li huwa rilevanti għad-dmirijiet tagħhom. Minbarra dan, l-operatur għandu jagħti lill-membri ta' l-ekwipaġġ b'kopja personali ta', jew taqsimiet minn, Partijiet A u B tal-Manwal tat-Tħaddim kif huma rilevanti għall-istudju personali.
- (g) Operatur għandu jiżgura li l-Manwal tat-Tħaddim huwa emendat jew rivedut sabiex li l-istruzzjonijiet u t-tagħrif fih jinżammu aġġornati. L-operatur għandu jiżgura li l-persunal ta' l-operazzjonijiet kollha ikunu jafu dwar dawk it-tibdiliet li huma rilevanti għad-dmirijiet tagħhom.
- (h) Kull detentur tal-Manwal tat-Tħaddim, jew partijiet xierqa tiegħu, għandu jżomm dan aġġornat ma' l-emendi jew ir-reviżjonijiet mogħtija mill-operatur.
- (i) Operatur għandu jagħti lill-Awtorità b'emendi jew reviżjonijiet maħsuba 'l quddiem mid-data effettiva. Meta l-emenda tikkonċerna kwalunkwe parti tal-Manwal tat-Tħaddim li għandu jkun approvat skond l-OPS, din l-approvazzjoni għandha tinkiseb qabel l-emenda ssir effettiva. Meta emendi jew reviżjonijiet immedjati huma meħtieġa fl-interess tas-sigurtà, jistgħu jkunu ppubblikati u applikati immedjatament, sakemm tkun saret applikazzjoni għall-approvazzjoni meħtieġa.
- (j) Operatur għandu jinkorpora l-emendi u r-reviżjonijiet kollha mitluba mill-Awtorità.
- (k) Operatur għandu jiżgura li informazzjoni meħuda minn dokumenti approvati, u kwalunkwe emenda ta' din id-dokumentazzjoni approvata, tidher b'mod korrett fil-Manwal tat-Tħaddim u li l-Manwal tat-Tħaddim ma fihx tagħrif kuntrarju għal kwalunkwe dokumentazzjoni approvata. Madankollu, din ir-rekwiżit ma jevitax lill-operatur milli juża data u proċeduri aktar konservativi.
- (l) Operatur għandu jiżgura li l-kontenuti tal-Manwal tat-Tħaddim huma preżentati f'forma li biha jistgħu jintużaw min-għajr diffikultà. Id-disinn tal-Manwal tat-Tħaddim għandu josserva l-prinċipji tal-Fatturi Umani.
- (m) Operatur jista' jingħata l-permess mill-Awtorità li jippreżenta l-Manwal tat-Tħaddim jew partijiet minnu f'forma minbarra fuq karta stampata. F'dawn il-każijiet livelli aċċetabbli ta' aċċessibilità, użabbiltà u affidibilità għandhom ikunu żgurati.
- (n) L-użu ta' forma mqassra tal-Manwal tat-Tħaddim ma jeżentax l-operatur mir-rekwiżit ta' l-OPS 1.130.

OPS 1.1045

Manwal tat- Tħaddim — struttura u kontenut

(Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1045)

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-istruttura prinċipali tal-Manwal tat-Tħaddim hija kif ġej:
- Parti A: Ġenerali/Bażika
Din il-parti għandu jkun fiha l-politika, l-istruzzjonijiet u l-proċeduri kollha tal-ħidma mhux relatata mat-tip meħtieġ għall-operazzjoni mingħajr periklu.
 - Il-Parti B: Kwistjonijiet tal-Ħidma ta' l-ajruplan
Din il-parti għandu jkun fiha l-istruzzjonijiet u l-proċeduri kollha relatati mat-tip meħtieġa għall-operazzjoni mingħajr periklu. Għandha tieħu kont ta' kwalunkwe differenzi bejn it-tipi, il-varjanti jew l-ajruplan individwali użati mill-operatur.
 - Parti C: Struzzjonijiet u Tagħrif dwar ir-Rotta u l-Ajrudrom
Din il-parti għandu jkun fiha l-istruzzjonijiet u t-tagħrif kollha meħtieġa għaż-żona tal-ħidma.
 - Parti D: Taħriġ
Din il-parti għandu jkun fiha l-istruzzjonijiet tat-taħriġ kollha għall-persunal meħtieġa għall-ħidma mingħajr periklu.
- (b) Operatur għandu jiżgura li l-kontenuti tal-Manwal tat-Tħaddim huma skond l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1045 u rilevanti għaż-żona u t-tip tal-ħidma.
- (c) Operatur għandu jiżgura li, l-istruttura dettaljata tal-Manwal tat-Tħaddim huwa aċċetabbli għall-Awtorità.

OPS 1.1050

Manwal tat-Titjir ta' l-ajruplan

Operatur għandu jżomm Manwal tat-Titjir ta' l-ajruplan approvat u aġġornat jew dokument ekwivalenti għal kull ajruplan li huwa jħaddem.

OPS 1.1055

Ġurnal tal-Vjaġġ

- (a) Operatur għandu jżomm it-tagħrif li ġej għal kull titjira fil-forma ta' Ġurnal tal-Vjaġġ:
- (1) Reġistrazzjoni ta' l-ajruplan;
 - (2) Data;
 - (3) Isem(ijiet) tal-membri(i) ta' l-ekwipaġġ;
 - (4) Xogħol assenjat lill-membri(i) ta' l-ekwipaġġ;
 - (5) Data tat-tluq;
 - (6) Data tat-tluq;
 - (7) Ħin tat-tluq (off-block time);
 - (8) Ħin tal-wasla(on-block time);

- (9) Sigħat tat-titjira;
 - (10) Natura tat-titjira;
 - (11) Inċidenti, osservazzjonijiet (jekk ikun hemm); kif ukoll
 - (12) Il-firma tal-kaptan (jew l-ekwivalenti).
- (b) Operatur jista' jkun permess li ma jżommx ġurnal tal-vjaġġ ta' l-ajruplan, jew partijiet minnu, mill-Awtorità jekk it-tagħrif rilevanti huwa disponibbli f'dokumentazzjoni oħra.
- (c) Operatur għandu jiżgura li d-daħliet kollha jsiru fl-istess ħin u li huma ta' natura permanenti.

OPS 1.1060

Pjan operattiv tat-titjira

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-pjan operattiv tat-titjira użat u d-daħliet li saru matul it-titjira jkun fihom dawn li ġejjin:
- (1) Reġistrazzjoni ta' l-ajruplan;
 - (2) Tip u varjant ta' l-ajruplan;
 - (3) Id-data tat-titjira;
 - (4) L-identifikazzjoni tat-titjira;
 - (5) Ismijiet tal-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira;
 - (6) Tqassim tax-xogħol bejn il-membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira;
 - (7) Data tat-tluq;
 - (8) Ħin tat-tluq (ħin effettiv off-block, ħin tat-tluq);
 - (9) Post tal-wasla (ippjannat u effettiv);
 - (10) Ħin tal-wasla (inżul effettiv u ħin on-block);
 - (11) Tip ta' ħidma (ETOPS, VFR, ta' trasferiment (Ferry flight), eċċ.);
 - (12) Rotta u partijiet tar-rota b'punti ta' kontroll(checkpoints)/ waypoints, distanzi, ħin u linji;
 - (13) Veloċità moderata ppjanata u ħinijiet tat-titjira bejn punti ta' kontroll/waypoints. Ħinijiet stmati u effettivi 'l fuq mill-art;
 - (14) Għolijiet mingħajr periklu u livelli minimi;
 - (15) Għoli ppjanati u livelli tat-titjira;
 - (16) Kalkoli tal-fjuwil (reġistri tal-kontrolli tal-fjuwil matul it-titjira);
 - (17) Fjuwil abbord meta jistartjaw il-magni;
 - (18) Alternattiv(i) għad-destinazzjoni u, fejn applikabbli, tluq u fir-rota, inkluż tagħrif meħtieġ fis-sub-paragrafi (12), (13), (14), u (15) hawn fuq;
 - (19) Awtorizzazzjoni inizjali tal-Pjan tat-Titjira ATS u awtorizzazzjoni mill-ġdid sussegwenti;
 - (20) Kalkoli ta' l-ippjanar mill-ġdid matul it-titjira; kif ukoll
 - (21) Jirċievi tagħrif meterjoloġiku.

- (b) Oġġetti li huma disponibbli minnufih f'dokumentazzjoni oħra jew minn sors aċċettabbli ieħor jew li huma rrilevanti għat-tip ta' ħidma jistgħu jitħallew barra mill-pjan operattiv tat-titjira.
- (c) Operatur għandu jiżgura li l-pjan operattiv tat-titjira u l-użu tagħha huwa spjegat fil-Manwal tat-Tħaddim.
- (d) Operatur għandu jiżgura li d-daħliet kollha fuq il-pjan operattiv tat-titjira jsiru fl-istess ħin u li huma ta' natura permanenti.

OPS 1.1065

Perjodi tal-ħażna tad-dokument

Operatur għandu jiżgura li r-reġistri kollha u t-tagħrif tal-ħidma u tekniku rilevanti kollu għal kull titjira individwali, jin-ħażnu għall-perjodi preskritti fl-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1065.

OPS 1.1070

L-Espożizzjoni tal-ġestjoni ta' l-operatur taż-żamma ta' l-adeqwatezza għat-titjir

Operatur għandu jżomm espożizzjoni kurrenti u approvata tal-ġestjoni taż-żamma ta' l-adeqwatezza għat-titjir kif preskritta fil-Parti M, paragrafu M.A.704. L-Issoktar ta' l-Espożizzjoni dwar il-Ġestjoni ta' l-Adewwatezza għat-Titjir.

OPS 1.1071

Ġurnal Tekniku ta' l-ajruplan

Kull operatur għandu jżomm ġurnal tekniku ta' l-ajruplan kif preskritta f'Parti M, paragrafu M.A.306, sistema ta' ġurnal tekniku ta' l-Operatur.

—

Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1045

Kontenut tal-Manwal tat-Tħaddim

Operatur għandu jiżgura li l-Manwal tat-Tħaddim ikun fih dan li ġej:

A. ĠENERALI/BAŻIKA**0. AMMINISTRAZZJONI U KONTROLL TAL-MANWAL TAT-TĦADDIM****0.1. Introduzzjoni**

- (a) Dikjarazzjoni li l-manwal jikkonforma mar-regolamenti applikabbli kollha u mat-termini u l-kundizzjonijiet taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru applikabbli.
- (b) Dikjarazzjoni li l-manwal fih struzzjonijiet tal-ħidma li l-persunal rilevanti għandu jikkonforma magħhom.
- (c) Lista u deskrizzjoni fil-qosor tal-partijiet differenti, il-kontenut, l-applikabbiltà u l-użu tagħhom.
- (d) Spjegazzjonijiet u tifsiriet tat-termini u l-kliem meħtieġa għall-użu tal-manwal.

0.2. Sistema ta' emenda u revizzjoni

- (a) Dettalji tal-persuna(i) responsabbli għall-ħruġ u d-daħliet ta' emendi u revizzjonijiet.
- (b) Reġistru ta' l-emendi u revizzjonijiet bid-dati tad-dħul u d-dati effettivi.
- (c) Dikjarazzjoni li l-emendi u r-revizzjonijiet miktubin bl-idejn mhumiex permessi għajr f'sitwazzjonijiet li jitolbu emenda jew revizzjoni immedjata fl-interess tas-sigurtà.
- (d) Deskrizzjoni tas-sistema għall-annotazzjoni tal-paġni u d-dati effettivi tagħhom.
- (e) Lista tal-paġni effettivi.
- (f) Annotazzjoni ta' bidliet (fuq il-paġni tat-test u, sakemm ikun prattikabbli, fuq karti u dijagrammi).
- (g) Revizzjonijiet temporanji.
- (h) Deskrizzjoni tas-sistema ta' distribuzzjoni għall-manwali, emendi u revizzjonijiet

1. ORGANIZZAZZJONI U RESPONSABILTAJJIET

- 1.1. Struttura ta' l-organizzazzjoni. Deskrizzjoni ta' l-istruttura ta' l-organizzazzjoni inkluż l-organigramma tal-kumpanija ġenerali u l-organigramma tad-dipartimenti tal-ħidmiet. L-organigramma għandha turi r-relazzjoni bejn id-Dipartiment tal-Ħidmiet u d-Dipartimenti l-oħra tal-kumpanija. B'mod partikolari, is-subordinazzjoni u l-linji tar-rappurtar tad-Diviżżjonijiet, id-Dipartimenti eċċ kollha, li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tal-ħidmiet tat-titjir, għandhom jintwerew.
- 1.2. Persuna maħtura f'kariga. L-isem ta' kull persuna maħtura f'kariga għall-ħidmiet tat-titjira, is-sistema tal-manutenzjoni, it-taħriġ ta' l-ekwipaġġ u l-ħidmiet fl-art, kif preskritti fl-OPS 1.175(i). Għandha tkun inkluża deskrizzjoni tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom.
- 1.3. Responsabbiltajiet u dmirijiet tal-persunal tal-ġestjoni tal-ħidmiet. Deskrizzjoni tad-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet u l-awtorità tal-persunal tal-ġestjoni tal-ħidmiet li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tat-titjira u l-konformità mar-regolamenti applikabbli.
- 1.4. Awtorità, dmirijiet u responsabbiltajiet tal-kaptan. Dikjarazzjonijiet li tispjega l-awtorità, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-kaptan.
- 1.5. Dmirijiet u responsabbiltajiet tal-membri ta' l-ekwipaġġ minbarra l-kaptan.

2. KONTROLL U SORVELJANZA TAL-ĦIDMA
 - 2.1. Sorveljanza tal-ħidma mill-operatur. Spjegazzjoni tas-sistema għas-sorveljanza tal-ħidma mill-operatur (ara OPS 1.175(g)). Din għandha turi kif is-sigurtà tal-ħidmiet tat-titjir u l-kwalifiki tal-persunal għandhom ikunu sorveljati. B'mod partikolari, il-proċeduri relatati mas-suġġetti li ġejjin għandhom ikunu spjegati:
 - (a) Il-Validità tal-liċenzji u tal-kwalifiki;
 - (b) Il-Kompetenza tal-persunal ta' l-operazzjonijiet kif ukoll
 - (c) Kontroll, analiżi u ħażna tar-reġistri, dokumenti tat-titjira, tagħrif u data addizzjonali.
 - 2.2. Sistema ta' promulgazzjoni ta' struzzjonijiet u informazzjoni tal-ħidma addizzjonali. Spjegazzjoni ta' kwalunkwe sistema għall-promulgazzjoni tat-tagħrif li jista' jkun ta' natura operattiva iżda huwa supplimentari għal dak fil-Manwal tat-Tħaddim. L-applikabbiltà ta' dan it-tagħrif u r-responsabbiltajiet għall-promulgazzjoni tiegħu għandha tkun inkluża.
 - 2.3. Programm ta' prevenzjoni ta' aċċidenti u ta' sigurtà tat-titjir Spjegazzjoni ta' l-aspetti prinċipali tal-programm tas-sigurtà tat-titjira.
 - 2.4. Kontroll tat-tħaddim Spjegazzjoni tal-proċeduri u r-responsabbiltajiet neċessarji sabiex jintuża l-kontroll tal-ħidma fir-rigward tas-sigurtà tat-titjira.
 - 2.5. Setgħat ta' l-Awtorità Spjegazzjoni tas-setgħat ta' l-Awtorità, u gwida lill-istaff ta' kif iħaffu l-ispezzjonijiet mill-persunal ta' l-Awtorità.
3. IS-SISTEMA TAL-KWALITÀ
Spjegazzjoni tas-sistema ta' kwalità adottata tinkludi ta' l-inqas:
 - (a) Il-politika dwar il-kwalità
 - (b) Spjegazzjoni ta' l-organizzazzjoni tas-Sistema tal-Kwalità; kif ukoll
 - (c) Allokazzjoni tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet.
4. KOMPOŻIZZJONI TA' L-EKWIPAĠĠ
 - 4.1. Kompożizzjoni Ta' L-Ekwipaġġ Spjegazzjoni tal-metodu sabiex jiġu stabbiliti l-kompożizzjonijiet ta' l-ekwipaġġ filwaqt li jittieħed kont ta' dan li ġej:
 - (a) It-tip ta' ajruplan li jkun qiegħed jintuża;
 - (b) Iż-żona u t-tip ta' ħidma li tkun qiegħda ssir;
 - (c) Il-fażi tat-titjira;
 - (d) Ir-rekwiżit tan-numru ta' l-ekwipaġġ minimu u l-perjodu tax-xogħol tat-titjira pplanat;
 - (e) Esperjenza (totali u dwar it-tip), attività riċenti u kwalifika tal-membri ta' l-ekwipaġġ; kif ukoll
 - (f) Il-ħatra tal-kaptan u, jekk meħtieġ mid-dewmien tat-titjira, il-proċeduri għas-sostitut tal-kaptan jew membri oħra ta' l-ekwipaġġ tat-titjira (Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.940);
 - (g) Il-ħatra tal-membru anzjan ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u, jekk meħtieġ mid-dewmien tat-titjira, il-proċeduri għas-sostitut tal-membru anzjan ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri u kwalunkwe membru ieħor ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.
 - 4.2. L-Awtorità tal-kaptan Ir-regoli applikabbli għall-ħatra tal-kaptan.
 - 4.3. Inkapaċità ta' l-ekwipaġġ tat-titjira. Struzzjonijiet dwar is-suċċessjoni tal-kmand f'każ ta' inkapaċità ta' l-ekwipaġġ tat-titjira.

- 4.4. Ħidma ta' aktar minn tip wieħed. Dikjarazzjoni li turi liema ajruplan jitqiesu bħala tip wieħed għall-iskop ta':
- (a) Il-Membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira; kif ukoll
 - (b) Il-Membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.
5. REKWIŻITI TAL-KWALIFIKI
- 5.1. Deskrizzjoni tal-liċenzja, klassifikata(i), kwalifika/kompetenza (e.ż. għar-rotot u l-ajrudromi), esperjenza, taħriġ, ikkontrollar u l-attività riċenti għall-persunal tal-ħidmiet sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom. Għandha tingħata konsiderazzjoni għat-tip ta' l-ajruplan, it-tip tal-ħidma u l-kompożizzjoni ta' l-ekwipaġġ.
- 5.2. L-Ekwipaġġ tat-Titjira.
- (a) Kaptan.
 - (b) Pilota li jissostitwixxi l-kaptan.
 - (c) Ko-pilota.
 - (d) Pilota taħt sorveljanza.
 - (e) Operatur tal-panel tas-sistema.
 - (f) Operazzjoni fuq iktar min tip jew varjant wieħed.
- 5.3. L-Ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.
- (a) Membri għolja ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.
 - (b) Membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.
 - (i) Membru meħtieġ ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.
 - (ii) Membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, addizzjonali u Membru ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri matul it-titjiriet tal-familjarizzazzjoni.
 - (c) Operazzjoni fuq iktar min tip jew varjant wieħed.
- 5.4. Persunal tat-taħriġ, ikkontrollar u s-sorveljanza.
- (a) L-ekwipaġġ tat-titjira;
 - (b) L-Ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri.
- 5.5. Persunal ta' l-operazzjonijiet oħra.
6. PREKAWZZJONIJIET GĦAS-SAĦĦA TA' L-EKWIPAĠĠ
- 6.1. Prekawzzjonijiet Għas-Saħħa Ta' L-Ekwipaġġ Ir-regolamenti u l-gwida rilevanti għall-membri ta' l-ekwipaġġ dwar is-saħħa jinkludu:
- (a) Alkoħol u xorb ieħor li jsakkar;
 - (b) Narkotiċi;
 - (c) Mediċini;
 - (d) Pilloli ta' l-irqad;
 - (e) Preparazzjonijiet farmaċewtiċi;
 - (f) It-tilqim;
 - (g) Għads fil-fond;

- (h) L-għoti tad-demmi;
 - (i) Prekawzzjonijiet ta' l-ikel qabel u matul it-titjira;
 - (j) Irqad u mistrieħ; kif ukoll
 - (k) Operazzjonijiet kirurġiċi.
7. LIMITAZZJONIJET TAL-ĦIN TAT-TITJIR
- 7.1. Il-limitazzjonijiet tat-titjira u tal-ħin tas-servizz u l-kriterji tas-serħan L-iskema żviluppata mill-operatur skond il-ħtiġiet applikabbli.
- 7.2. Qabżiet tal-limitazzjonijiet tal-ħin tat-titjir u tax-xogħol u/jew tnaqqis tal-perjodi tal-mistrieħ. Il-kundizzjonijiet li taħthom il-ħin tat-titjir u tax-xogħol jista' jinqabeż jew il-perjodi tal-mistrieħ jistgħu jtnaqqsu u l-proċeduri użati sabiex jirrapurtaw dawn il-bidliet.
8. PROĊEDURI TAL-ĦIDMA
- 8.1. Istruzzjonijiet tal-Preparazzjoni tat-Titjira Kif japplika għall-ħidma:
- 8.1.1. L-għoli minimu tat-titjira Deskrizzjoni tal-metodu ta' għarfien u applikazzjoni ta' l-għoli minimi jinkludu:
- (a) Proċedura sabiex jiġu stabbiliti l-altitudnijiet minimi/livelli tat-titjira għat-titjiriet VFR; kif ukoll
 - (b) Proċedura sabiex jiġu stabbiliti l-altitudnijiet minimi/livelli tat-titjira għat-titjiriet IFR;
- 8.1.2. Il-kriterji u r-responsabbiltajiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-użu ta' ajrudromi filwaqt li jittieħed kont tar-reqwiziti applikabbli ta' Subpartijiet D, E, F, G, H, I u J.
- 8.1.3. Metodi għat-twaqqif tal-valuri minimi operattivi ta' ajrudrom. Il-metodu sabiex jiġu stabbiliti l-valuri minimi operattivi ta' ajrudrom għal titjiriet IFR skond l-OPS 1 Subpartii E. Għandha ssir referenza għall-proċeduri sabiex tiġi stabbilita l-viżibilità u/jew l-limitu viżwali tar-runway u għall-applikabbiltà tal-viżibilità effettiva osservata mill-piloti, il-viżibilità rappurtata u l-limitu viżwali tar-runway rappurtat.
- 8.1.4. Valuri minimi Operattivi matul ir-rotta għat-Titjiriet VFR jew porzjonijiet ta' titjiriet VFR u, fejn jintużaw ajruplan b'magna waħda, struzzjonijiet għall-għażla tar-rotta fir-rigward għad-disponibbiltà ta' uċuh lli jippermettu nżul furzat mingħajr periklu.
- 8.1.5. Preżentazzjoni u Applikazzjoni ta' Ajrudrom u Valuri Minimi operattivi matul ir-rotta
- 8.1.6. Interpretazzjoni tat-tagħrif meterjoloġiku. Materjal ta' spjegazzjoni dwar id-dekondjar ta' tbassiriet ta' l-MET u rapporti MET rilevanti għaż-żona tal-ħidma, inkluża l-interpretazzjoni ta' l-espressjoni kundizzjonali.
- 8.1.7. Id-Deċiżjoni dwar il-kwantitajiet tal-fjuwil, żejt u metanol ta' l-ilma li jinġarru. Il-metodi li bihom il-kwantitajiet tal-fjuwil, iż-żejt, u l-metanol ta' l-ilma għandhom jinġarru huma stabbiliti u mħarsa matul it-titjira. Din it-taqsimha għandha tinkludi ukoll struzzjonijiet dwar il-kejl u t-tqassim tal-fluwidu li jinġarr abbord. Dawn l-istruzzjonijiet għandhom iqisu ċ-ċirkustanzi kollha li x'aktarx li wieħed jiltaqa' magħhom matul it-titjira, inkluż il-possibilità ta' ppjanar mill-ġdid u ta' ħsara ta' waħda jew aktar mill-impjanti tal-qawwa ta' l-ajruplan matul it-titjira. Is-sistema sabiex jinżammu r-reġistri tal-fjuwil u taż-żejt għandha tkun deskritta wkoll.
- 8.1.8. Massa u ċ-Ċentru ta' Gravità. Il-prinċipji ġenerali tal-massa u ċ-ċentru ta' gravità jinkludu:
- (a) Definnizzjonijiet;
 - (b) Metodi, proċeduri u responsabbiltajiet għall-preparazzjoni u l-aċċetazzjoni tal-massa u l-kalkoli taċ-ċentru tal-gravità;
 - (c) Il-politika sabiex tintuża standard u/jew il-mases effettivi;
 - (d) Il-metodu sabiex tiġi stabbilita l-massa tal-passiġġieri, il-bagalja u tat-tagħbija applikabbli;
 - (e) Il-mases applikabbli tal-passiġġieri u l-bagalji għad-diversi tipi ta' operazzjonijiet u tipi ta' l-ajruplan;

- (f) Struzzjoni u tagħrif ġenerali neċessarju għall-verifika tad-diversi tipi ta' dokumentazzjoni tal-massa u l-bilanċ fl-użu;
 - (g) Bidliet ta' l-Aħħar Minuta;
 - (h) Gravità speċifika tal-fjuwil, żejt u l-metanol ta' l-ilma; kif ukoll
 - (i) Politika/proċeduri tal-postijiet ta' bilqiegħda.
- 8.1.9. Pjan Operattiv tat-Titjira ATS Pjan Operattiv tat-Titjira ATS Proċeduri u responsabbiltajiet għall-preparazzjoni u l-għoti tal-pjan tat-titjira tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru. Fatturi li għandhom jitqiesu jinkludu l-mezzi ta' l-għoti kemm għall-pjanijiet tat-titjira individwali kif ukoll repetittivi.
- 8.1.10. Pjan Operattiv tat-Titjira Il-proċeduri u r-responsabbiltajiet għall-preparazzjoni u l-aċċetazzjoni tal-pjan operattiv tat-titjira. L-użu tal-pjan operattiv tat-titjira għandu jkun deskritt inkluż il-kampjuni tal-format tal-pjan operattiv tat-titjira li qed jintuża.
- 8.1.11. Il-Ġurnal Tekniku ta' l-Ajruplan ta' l-Operatur. Ir-responsabbiltajiet u l-użu tal-Ġurnal Tekniku ta' l-ajruplan ta' l-operatur għandhom ikunu deskritti, inklużi l-kampjuni tal-format użat.
- 8.1.12. Lista ta' dokumenti, forum u tagħrif addizzjonali li għandu jinġarr.
- 8.2. Struzzjonijiet ta' l-Immaniġġar fl-art
- 8.2.1. Proċeduri għall-għoti tal-fjuwil. Deskrizzjoni tal-proċeduri għall-għoti tal-fjuwil, inkluż:
- (a) Prekawzjonijiet tas-sigurtà matul l-għoti tal-fjuwil mill-ġdid u t-tneħħija tal-fjuwil inkluż meta APU jkun qiegħed jaħdem jew meta magna turbina tkun qiegħda taħdem u prop-brakes ikunu mixgħula;
 - (b) L-għoti tal-fjuwil mill-ġdid u t-tneħħija tal-fjuwil meta l-passiġġieri jkunu qiegħdin jtilgħu fuq ajruplan, ikunu abbord jew ikunu qiegħdin jinżlu minn fuq ajruplan; kif ukoll
 - (c) Prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex ikun evitat it-taħlit tal-fjuwil.
- 8.2.2. Proċeduri fir-rigward ta' l-ajruplan, il-passiġġieri u l-immaniġġar relatati mas-sigurtà. Deskrizzjoni tal-proċeduri ta' l-ijmmaniġġar li għandhom jintużaw meta jkunu allokat postijiet ta' bilqiegħda u t-tluq u l-inżul tal-passiġġieri u meta jitgħabba jew jinħatt l-ajruplan. Proċeduri oħrajn, intiżi sabiex tintlaħaq is-sigurtà filwaqt li l-ajruplan huwa fuq ir-rampa, għandhom jingħataw ukoll. Il-proċeduri ta' l-immaniġġar għandhom jinkludu:
- (a) Tfal/trabi, passiġġieri morda u persuni b'mobilità mnaqqsa;
 - (b) Il-Ġarr ta' passiġġieri inammissibbli ta' persuni deportati jew ta' persuni li jkunu taħt kustodja;
 - (c) Daqs u piż permissibbli tal-bagalja ta' l-idejn;
 - (d) It-tagħbija u l-qfil ta' l-oġġetti fl-ajruplan;
 - (e) Tagħbijiet speċjali u l-klassifika tal-kompartimenti tat-tagħbija;
 - (f) Il-pożizzjoni tat-tagħmir ta' ma' l-art;
 - (g) Ħidma tal-biben ta' l-ajruplan;
 - (h) Sigurtà fuq ir-rampa, inkluż il-prevenzjoni tan-nar, żoni tal-blast u tal-ġibda;
 - (i) Il-proċedura tal-bidu, tat-tluq tar-rampa u tal-wasla inklużi operazzjonijiet tal-ġbid u ta' l-irmunkar;
 - (j) Manutenzjoni ta' l-ajruplan; kif ukoll
 - (k) Dokumenti u forum għall-immaniġġar ta' l-ajruplan;
 - (l) Okkupazzjoni multipla tas-sitijiet ta' l-ajruplan.

- 8.2.3. Proċeduri għar-rifjut ta' l-imbarkazzjoni. Proċeduri sabiex jiżguraw li persuni li jidhru fis-sakra jew li juru b'indikazzjonijiet tal-kompartament tagħhom jew permezz ta' l-indikazzjonijiet fiżiċi li huma taħt l-influwenza ta' drogi, għajr pazjenti taħt mediċina taħt il-kura xierqa, ma jitħallewx jitlegħu. Dan ma japplikax għall-pazjenti taħt mediċina taħt il-kura xierqa.
- 8.2.4. Tneħħija u prevenzjoni tal-formazzjoni tas-silġ fl-art. Deskrizzjoni tal-politika u l-proċeduri għat-tneħħija u l-prevenzjoni tal-formazzjoni tas-silġ għall-ajruplan fuq l-art. Dawn għandhom jinkludu deskrizzjonijiet tat-tipi u effetti tal-formazzjoni tas-silġ u kontaminanti oħrajn fuq l-ajruplan waqt li jkunu wieqfa, matul il-movimenti fl-art u matul it-tluq. Minbarra dan, għandha tingħata deskrizzjoni tat-tipi ta' fluwidu użati li għandha tinkludi:
- (a) Ismijiet prpoprjetarji jew kummerċjali;
 - (b) Karatteristiċi;
 - (c) Effetti fuq l-eżekuzzjoni ta' l-ajruplan;
 - (d) Ħinijiet ta' żamma (hold-over); kif ukoll
 - (e) Prekawzjonijiet matul l-użu.
- 8.3. Il-proċeduri tat-titjira
- 8.3.1. Politika VFR/IFR. Deskrizzjoni tal-politika sabiex titjiriet jitħallew isiru taħt VFR, jew li titlob li titjiriet isiru taħt IFR, jew li jinbidlu minn wieħed għall-ieħor.
- 8.3.2. Proċeduri tan-navigazzjoni Deskrizzjoni tal-proċeduri tan-navigazzjoni kollha rilevanti għat-tip(i) u ż-żona(i) ta' l-operazzjoni. Għandha tingħata konsiderazzjoni lill-:
- (a) Proċeduri tan-navigazzjoni standard inkluż il-politika sabiex jitwettqu cross-checks indipendenti tad-daħliet bit-tastiera fejn dawn jaffettwaw il-passaġġ tat-titjira li għandu jiġi segwit mill-ajruplan;
 - (b) Navigazzjoni MNPS u POLAR u navigazzjoni f'żoni maħtura oħra;
 - (c) RNAV;
 - (d) L-ippjanar mill-ġdid matul it-titjira; kif ukoll
 - (e) Proċeduri f'każ ta' tħassir fis-sistema; kif ukoll
 - (f) RVSM.
- 8.3.3. Proċeduri ta' l-isettjar ta' l-altimetru inkluż l-użu, fejn xieraq, ta'
- altimetrija metrika u tabelli ta' konverżjoni,
kif ukoll
 - Proċeduri tal-ħidma QFE.
- 8.3.4. Is-Sistema ta' twissija ta' l-għoli;
- 8.3.5. Sistema ta' Twissija Qrubija lejn l-Art/Sistema ta' Twissija biex tiġi evitata l-Art. Proċeduri u struzzjonijiet meħtieġa għall-evitar ta' impatt ta' titjira kkontrollata fl-art, inkluż il-limitazzjonijiet dwar ir-rata għolja ta' l-inżul viċin il-wiċċ (ir-rekwiżiti tat-taħriġ relatati huma koperti f'D.2.1).
- 8.3.6. Politika u proċeduri għall-użu ta' TCAS/ACAS;
- 8.3.7. Politika u proċeduri għal ġestjoni tal-fjuwil matul it-titjira;

- 8.3.8. Kundizzjonijiet atmosferiċi mhux favorevoli u potenzjalment perikolużi. Proċeduri għall-ħidma fi, u/jew l-evitar ta' kundizzjonijiet atmosferiċi mhux favorevoli u potenzjalment perikolużi inklużi:
- (a) Tempesti bil-beraq;
 - (b) Il-kundizzjonijiet tas-silġ;
 - (c) Turbulenza;
 - (d) Wind shear;
 - (e) Jet stream;
 - (f) Sħab bl-irmied volkaniku;
 - (g) Xita qawwija;
 - (h) Tempesti tar-ramel;
 - (i) Mewġ muntanjuż; kif ukoll
 - (j) Bidliet fit-temperatura sinifikanti.
- 8.3.9. Turbulenza tar-radda. Kriterji ta' separazzjoni tat-turbulenza tar-radda ta' ajruplan, filwaqt li jittieħed kont tat-tipi ta' l-ajruplan, kundizzjonijiet tar-riħ u l-pożizzjoni tar-runway.
- 8.3.10. Il-Membri ta' l-Ekwipaġġ fil-postijiet tagħhom. Il-Membri ta' l-Ekwipaġġ fil-postijiet tagħhom Ir-rekwiżiti għall-membri ta' l-ekwipaġġ sabiex jokkupaw l-istazzjonijiet assenjati jew is-sitijiet mogħtija lilhom matul il-fażijiet differenti tat-titjira jew kull meta jitqies neċessarju fl-interess tas-sigurtà u jinkludi wkoll proċeduri għall-mistrieħ ikkontrollat fil-kabina ta' l-ekwipaġġ.
- 8.3.11. Użu taċ-ċintorini tas-sigurtà għall-ekwipaġġ u l-passiġġieri. Ir-rekwiżiti għall-membri ta' l-ekwipaġġ u l-passiġġieri sabiex jużaw iċ-ċintorini tas-sigurtà u/jew qfil matul il-fażijiet differenti tat-titjira jew kull meta jitqies neċessarju fl-interess tas-sigurtà.
- 8.3.12. Dħul fil-kabina ta' l-ekwipaġġ Il-kundizzjonijiet għad-dħul fil-kabina ta' l-ekwipaġġ minn persuni minbarra l-ekwipaġġ tat-titjira. Il-politika dwar id-dħul ta' l-ispetturi mill-Awtorità għandha tkun inkluża wkoll.
- 8.3.13. Użu ta' sitijiet ta' l-ekwipaġġ vojta. Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-użu tas-sitijiet ta' l-ekwipaġġ vojta.
- 8.3.14. Inkapacià tal-membri ta' l-ekwipaġġ. Il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti f'każ ta' inkapacià tal-membri ta' l-ekwipaġġ matul it-titjira. Eżempji tat-tipi ta' inkapacià u l-mezzi sabiex jingħarfu għandhom ikunu inklużi.
- 8.3.15. Rekwiżiti ta' Sigurtà fil-Kabina. Proċeduri li jkopru:
- (a) Preparazzjoni tal-kabina għat-titjira, rekwiżiti ta' matul it-titjira u l-preparazzjoni għall-inżul inkluż il-proċeduri sabiex jingħalqu l-kabina u l-kċejjen;
 - (b) Proċeduri li jiżguraw li l-passiġġieri huma bilqiegħda fejn, f'każ ta' hteġa ta' evakwazzjoni ta' emerġenza, huma jistgħu jgħinu bl-aħjar mod u ma jfixklux l-evakwazzjoni mill-ajruplan;
 - (c) Proċeduri li għandhom ikunu segwiti matul l-imbark u l-inżul tal-passiġġieri; kif ukoll
 - (d) Proċeduri meta jingħata l-fjuwil mill-ġdid/jitneħħa l-fjuwil bil-passiġġieri jimbarkaw, abbord jew waqt li jinżlu.
 - (e) It-Tipjip abbord.
- 8.3.16. L-ġhoti ta' informazzjoni lill-passiġġieri Il-kontenut, il-meżżi u l-ħinijiet għall-ġhoti ta' informazzjoni lill-passiġġieri skond l-OPS 1.285.
- 8.3.17. Proċeduri għall-ajruplan li jthaddmu kull meta jinġarr tagħmir tas-sejbien tar-radjazzjoni kożmika jew solari meħtieġa. Il-proċeduri għall-użu tat-tagħmir tas-sejbien tar-radjazzjoni kożmika jew solari u għar-reġistrar tal-qari tiegħu inklużi azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'każ li l-valuri massimi speċifikati fil-Manwal tat-Tħaddim jinqabżu. Minbarra dan, il-proċeduri, inklużi l-proċeduri ATS, li għandhom ikunu segwiti f'każ li tittieħed deċizzjoni li l-ajruplan jitnizel jew jieħu rotta ġdida.

- 8.3.18. Politika dwar l-użu ta' Awtopilota u Awtokontroll tat-taħlita tal-fjuwil.
- 8.4. Ħidmiet ta' kull temp Ħidmiet ta' kull temp Deskrizzjoni tal-proċeduri tal-ħidma assoċjati mal-ħidmiet fil-kundizzjonijiet ta' temp kollha (Ara ukoll l-OPS Subparti D u E).
- 8.5. ETOPS. Deskrizzjoni tal-proċeduri tal-ħidma ta' l-ETOPS.
- 8.6. Użu tal-Lista(i) tat-Tagħmir Minimu u tad-Devjazzjoni tal-Konfigurazzjoni.
- 8.7. Titjiriet mhux għall-qlieġ. Proċeduri u limitazzjonijiet għal:
- (a) Titjiriet ta' taħriġ;
 - (b) Titjiriet ta' prova;
 - (c) Titjiriet ta' kunsinna;
 - (d) Titjiriet ta' ajruplan li jgħorr in-nies regolarment;
 - (e) Titjiriet ta' wirja; kif ukoll
 - (f) Titjiriet ta' pozzizzjonar, inkluż it-tip ta' persuni li jistgħu jinġarru fuq titjiriet bħal dawn.
- 8.8. Rekwiżiti ta' Ossiġnu
- 8.8.1. Spjegazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħtom l-ossiġnu għandu jkun mogħti u użat.
- 8.8.2. Ir-rekwiżiti ta' l-ossiġnu speċifikat għal:
- (a) L-Ekwipaġġ tat-Titjira;
 - (b) L-Ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri kif ukoll;
 - (c) Passiġġieri.
9. OĠĠETTI U ARMI PERIKOLUŻI
- 9.1. Tagħrif, struzzjonijiet u gwida ġenerali dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi jinkludu:
- (a) Il-politika ta' l-operatur dwar it-trasport ta' l-oġġetti perikolużi;
 - (b) Gwida dwar ir-rekwiżiti ta' l-aċċetazzjoni, l-ittikkettjar, l-immaniġġar, l-istivar u s-segregazzjoni ta' l-oġġetti perikolużi;
 - (c) Rekwiżiti ta' notifika speċjali fil-każ ta' aċċident jew meta jkunu qed jinġarru oġġetti perikolużi;
 - (d) Il-proċeduri sabiex ikun hemm rispons għas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jinvolvu oġġetti perikolużi;
 - (e) Id-dmirijiet tal-persunal kollu involut skond l-OPS 1.1215; kif ukoll
 - (f) Struzzjonijiet dwar il-ġarr ta' l-impjegati ta' l-operatur.
- 9.2. Il-kundizzjonijiet li taħtom l-armi, il-munizzjonijiet tal-gwerra u l-armi li jintużaw fl-isport jistgħu jinġarru.
10. GARANZIJA
- 10.1. L-istruzzjonijiet u l-gwida tas-sigurtà ta' natura mhux kunfidenzjali li għandhom jinkludu l-awtorità u r-responsabbiltajiet tal-persunal tal-ħidma. Il-politika u l-proċeduri għall-immaniġġar u r-rappurtar ta' reati abbord bħall-interferenza mhux legali, sabutaġġ, theddid ta' bombi, u ħtif għandhom ikunu mdaħħla ukoll.
- 10.2. Deskrizzjoni ta' miżuri u taħriġ ta' sigurtà preventiva.

Nota: Partijiet ta' l-istruzzjonijiet u l-gwida tas-sigurtà jistgħu jinżammu kunfidenzjali.

11. IMMANIĠĠAR, NOTIFIKAR U RAPPORTAR TA' ĠRAJJJET

Proċeduri għall-immaniġġar, notifikar u rappurtar ta' ġrajjet. Din it-taqsimha għandha tinkludi:

- (a) Tifsiriet ta' ġrajjet u tar-responsabbiltajiet rilevanti tal-persuni kollha involuti;
- (b) Illustrazzjoni tal-forom użati għar-rappurtar tat-tipi kollha ta' ġrajjet (jew kopji tal-forom innifishom), struzzjonijiet dwar kif dawn għandhom jintlew, l-indirizzi fejn dawn għandhom jintbagħtu u l-ħin permess sabiex dan isir;
- (c) Fil-każ ta' aċċident, deskrizzjonijiet ta' liema dipartimenti tal-kumpannija, Awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li għandhom ikunu notifikati, kif dan għandu jsir u f'liema sekwenza;
- (d) Proċeduri għan-notifika verbali lill-unitajiet tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru ta' inċidenti li jinvolvu ACAS RAs, perikoli mill-għasafar u kundizzjonijiet perikolużi;
- (e) Proċeduri sabiex jingħataw rapporti bil-miktub dwar l-inċidenti tat-traffiku ta' l-ajru, ACAS RAs, impatt ma' agħsafar, inċidenti jew aċċidenti kawżati minn oġġetti perikolużi, u interferenza mhux legali;
- (f) Proċeduri ta' rappurtar sabiex tkun żgurata l-konformità ma' l-OPS 1.085(b) u 1.420. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu proċeduri ta' rappurtar relatat mas-sigurtà interna li għandha tkun segwita mill-membri ta' l-ekwipaġġ, intiżi sabiex jiżguraw li l-kaptan ikun magħraf minnufih dwar kwalunkwe inċident li jkun ipperikola, jew li seta' jipperikola, is-sigurtà matul it-titjira u li huwa/hija huwa provdut bit-tagħrif rilevanti kollu.

12. REGOLI TA' L-AJRU

Ir-Regoli ta' l-Ajru jinkludu:

- (a) Regoli viżwali u tat-titjira bl-istrument;
- (b) Applikazzjoni territorjali tar-Regoli ta' l-Ajru;
- (c) Proċeduri tal-komunikazzjoni inkluż il-proċeduri tal-ħsara tas-COM;
- (d) Tagħrif u struzzjonijiet dwar l-interċettazzjoni ta' l-ajruplan ċivili;
- (e) Iċ-ċirkustanzi fejn għandu jinżamm is-smieġ tar-radju;
- (f) Sinjali;
- (g) Sistema tal-ħin użata fil-ħidma;
- (h) Awtorizzazzjonijiet ta' l-ATC, konformita' mal-pjan tat-titjira u r-rapporti tal-pożizzjoni;
- (i) Sinjali viżwali użati sabiex iwissu ajrpulan mhux awtorizzat li jtir fi jew madwar żona restritta, projbita jew ta' perikolu;
- (j) Proċeduri għall-piloti li josservaw aċċident jew li jirċievu trasmissjoni ta' perikolu;
- (k) Il-kodiċi ta' l-art/viżwali għall-użu minn nies li jsalvaw, deskrizzjoni u l-użu ta' sinjal ta' għajjnuna; kif ukoll
- (l) Sinjali ta' periklu u ta' urġenza.

13. KIRI

Deskrizzjoni ta' l-arranġamenti tat-twillija, proċeduri assoċjati u responsabbiltajiet tal-ġestjoni.

B. KWISTJONIJIET TAL-ĦIDMA TA' AJRUPLAN — RELATATI MAT-TIP

Filwaqt li jittieħed kont tad-differenzi bejn it-tipi, u l-varjanti tat-tipi, taħt l-intestaturi li ġejjin:

0. TAGĦRIF ĠENERALI U UNITAJIET TAL-KEJL

0.1. Tagħrif ġenerali (e.ż. daqsijiet ta' l-ajruplan), inkluż deskrizzjoni ta' l-unitajiet tal-kejl użat għall-ħidma tat-tip ta' ajruplan ikkonċernat u t-tabelli ta' konverżjoni.

1. LIMITAZZJONIJIET

1.1. Deskrizzjoni tal-limitazzjonijiet ċertifikati u l-limitazzjonijiet tal-ħidma applikabbli inkluż:

- (a) Stat ta' ċertifikazzjoni (e.ż. CS-23, CS-25, ICAO Anness 16 (CS-36 u CS-34) eċċ);
- (b) Konfigurazzjoni tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri għal kull tip ta' ajruplan inkluż preżentazzjoni bl-istampi;
- (c) Tipi ta' ħidma li huma approvati (e.ż. VFR/IFR, CAT II/III, Tip RNP, titjira f'kundizzjonijiet ta' formazzjoni ta' silġ magħrufa eċċ);
- (d) Kompożizzjoni Ta' L-Ekwipaġġ;
- (e) Massa u ċ-Ċentru ta' Gravità;
- (f) Limitazzjonijiet ta' veloċità;
- (g) Envelope(s) tat-titjira;
- (h) Limiti tar-riħ li jinkludu ħidmiet fuq runways kontaminati;
- (i) Limitazzjonijiet ta' l-eżekuzzjoni għall-konfigurazzjonijiet applikabbli;
- (j) L-inklinazzjoni tar-runway;
- (k) Limitazzjonijiet fuq runways imxarrba jew kontaminati;
- (l) Kontaminazzjoni ta' l-arja; kif ukoll
- (m) Limitazzjonijiet tas-sistema.

2. PROĊEDURI NORMALI

2.1. Il-proċeduri normali u d-dmirijiet assenjati lill-ekwipaġġ, iċ-checklists xierqa, is-sistema għall-użu taċ-checklists u dikjarazzjoni li tkopri l-proċeduri tal-koordinazzjoni neċessarja bejn it-titjira u l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri. Il-proċeduri u d-dmirijiet normali li ġejjin għandhom ikunu nklużi:

- (a) qabel it-titjira;
- (b) qabel it-titjira;
- (c) L-issettjar u l-ikkontrollar ta' l-altimetru;
- (d) Is-sewqan ta' l-ajruplan, it-Tluq u l-Angolu tat-tluq;
- (e) Il-Proċeduri tat-Tnaqqis tal-Ħoss
- (f) Veloċità moderata u nżul;
- (g) Avviċinment, Preparazzjoni għall-inżul ul-għoli ta' informazzjoni;
- (h) Avviċinament VFR;
- (i) Avviċinament bi strument;
- (j) Avviċinament Viżwali u Tidwir;

- (k) Avviċinament mhux milhug;
- (l) Inżul Normali;
- (m) Wara l-Inżul; kif ukoll
- (n) Ħidma fuq runways mxarrba jew kontaminati.

3. PROCĊEDURI MHUX NORMALI U TA' EMERĠENZA

3.1. Il-proċeduri u d-dmirijiet mhux normali u ta' emerġenza assenjati lill-ekwipaġġ, iċ-checklists xierqa, is-sistema għall-użu taċ-checklists u dikjarazzjoni li tkopri l-proċeduri ta' koordinazzjoni neċessarja bejn l-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina tal-passiġġieri. Il-proċeduri mhux normali u ta' emerġenza li ġejjin għandhom ikunu inklużi:

- (a) Inkapaċità ta' l-ekwipaġġ
- (b) Eżerċizzji tan-nar u d-duħħan;
- (c) Titjira mhux bi pressjoni u titjira bi pressjoni parzjali;
- (d) Li taqbeż il-limiti strutturali bħal inżul b'piż żejjed;
- (e) Li taqbeż il-limiti ta' radjazzjoni kożmika;
- (f) Impatt minn Beraq;
- (g) Komunikazzjonijiet ta' perikolu u twissija lill- ATC għall-emerġenzi;
- (h) Ħsara tal-magna;
- (i) Ħsarat fis-sistema;
- (j) Gwida għal devjazzjoni f'każ ta' Ħsara Teknika Serja;
- (k) Twissija tal-Qrubija lejn l-Art;
- (l) Twissija TCAS
- (m) Wind shear; kif ukoll
- (n) Inżul ta' Emerġenza/Ditching; kif ukoll
- (o) Proċeduri tat-tluq mhux ippjanat.

4. PRESTAZZJONI

4.0. Id-data ta' l-eżekuzzjoni għandha tkun provduta fil-forma li fiha tista' tintuża mingħajr diffikultà.

4.1. Id-data ta' l-eżekuzzjoni Materjal ta' l-eżekuzzjoni li joffri d-data neċessarja għall-konformità mar-rekwiżiti ta' l-eżekuzzjonipreskritti fl-OPS 1 Subpartijiet F, G, H u I għandhom ikunu nklużi sabiex jippermettu t-twaqqif tal-:

- (a) Limiti tat-tluq- Massa, Għoli, Temperatura;
- (b) It-tul taż-żona tat-tluq (xotta, mxarrba, kontaminata);
- (c) Data tal-passaġġ nett tat-titjira għall-kalkolu tal-ħelsien ta' l-ostakolu jew, fejn japplika, il-passaġġ tat-titjira tat-tluq;
- (d) It-telf fl-angolu ta' tluq;
- (e) Limiti tat-tluq matul ir-rotta;
- (f) Limiti ta' tluq fl-avviċinament;

- (g) Limiti ta' tluq fl-avviċinament;
 - (h) Tul taż-żona ta' l-inżul (xotta, mxarra, kontaminata) inkluż l-effetti ta' ħsara matul it-titjira ta' sistema jew apparat, jekk din taffettwa d-distanza ta' l-inżul;
 - (i) Limiti ta' l-enerġija tal-brejk; kif ukoll
 - (j) Veloċitajiet applikabbli għad-diversi stadji tat-titjira (jitqiesu ukoll runways mxarra jew kontaminati).
- 4.1.1. Data supplimentari li tkopri titjir f'kundizzjonijiet ta' formazzjoni ta' silġ. Kwalunkwe eżekuzzjoni ċertifikata relatata ma' konfigurazzjoni permissibbli, jew devjazzjoni tal-konfigurazzjoni, bħall-istrument ta' kontra l-iskiddjar ma jaħdimx, għandhom jiddaħħlu.
- 4.1.2. Jekk Data ta' l-eżekuzzjoni, kif meħtieġ għall-klassi ta' l-eżekuzzjoni xierqa, ma tkunx disponibbli fl-AFM approvat, imbagħad data oħra aċċetabbli lill-Awtorità għandha tiddaħħal. Alternattivament, il-Manwal tat-Tħaddim jista' jkun fih referenza għad-data approvata li tkun fl-AFM fejn din id-Data x'aktarx ma tintużax ta' spiss jew f'emerġenza.
- 4.2. Aktar Data ta' l-eżekuzzjoni Data ta' l-Eżekuzzjoni addizzjonali ta' l-eżekuzzjoni addizzjonali fejn tapplika tinkludi:
- (a) L-angoli kollha tat-tluq tal-magna;
 - (b) Data Drift-down;
 - (c) L-effett tal-fluwidi għat-tneħħija tas-silġ/ta' kontra s-silġ;
 - (d) Titjira bit-tagħmir ta' l-inżul 'l isfel;
 - (e) Għall-ajruplan bi tliet magni jew aktar, titjira ta' ajruplan li jgħorr in-nies regolarmet b'magna waħda ma taħdimx; kif ukoll
 - (f) Titjiriet li jitwettqu taħt id-dispożizzjonijiet tas-CDL.
5. PJANAR TA' TITJIRA:
- 5.1. Data u struzzjonijiet neċessarji għall-ippjanar ta' qabel it-titjira u ta' matul it-titjira inkluż fatturi bħall-iskedi tal-veloċità u l-arranġamenti tal-qawwa. Fejn ikun applikabbli, il-proċeduri għall-ħidmiet bil-magna(i) mitfija, ETOPS (partikolarment il-veloċità moderata ta' magna waħda ma taħdimx u d-distanza massima sa ajrudrom adegwat stabilbit skond l-OPS 1.245) u titjiriet lejn ajrudromi iżolati għandhom ikunu nklużi.
- 5.2. Il-metodu tal-kalkolazzjoni tal-fjuwil meħtieġ għad-diversi stadji tat-titjira, skond l-OPS 1.255.
- 5.3. Data ta' Eżekuzzjoni għar-Riżerva Kritika tal-Karburant ta' l-ETOPS u għaż-Żona ta' Ħidma inkluż id-data suffiċjenti biex tappoġġa l-kalkolu tar-riżerva kritika tal-karburant u taż-żona ta' ħidma abbażi tad-Data Approvata tar-Rendiment ta' l-Ajruplani. Hija meħtieġa d-data li ġeja:
- (a) Data ddettaljata ta' eżekuzzjoni dwar il-magna/magni li ma taħdimx/jaħdmux inkluż iċ-ċirkolazzjoni tal-karburant f'kundizzjonijiet atmosferiċi standard u dawk mhux standard u bħala funzjoni ta' l-arrangement tal-veloċità ta' l-arja u tal-qawwa, fejn xieraq, li tkun tkopri:
 - (i) L-inżul bil-mod [drift down] (li tinkludi l-eżekuzzjoni netta) ara l-OPS 1.505 fejn ikun applikabbli;
 - (ii) Il-kopertura ta' l-altezza tal-veloċità moderata inkluż 10 000 pied;
 - (iii) Il-holding;
 - (iv) Il-kapaċità ta' l-altezza (li tinkludi l-eżekuzzjoni netta); kif ukoll
 - (v) Avviċinament mhux milħuq (missed approach).
 - (b) Data ddettaljata ta' eżekuzzjoni dwar il-magni kollha li jaħdmu, inkluż id-data dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-karburant nominali f'kundizzjonijiet atmosferiċi standard u dawk mhux standard u bħala funzjoni ta' l-arrangement tal-veloċità ta' l-arja u tal-qawwa, fejn xieraq, li tkun tkopri:
 - (i) Il-veloċità moderata (il-kopertura ta' l-altezza inkluż 10 000 pied); kif ukoll
 - (ii) Il-holding.

- (c) Dettalji dwar kwalunkwe kundizzjoni oħra rilevanti għall-operazzjonijiet ETOPS li jistgħu jirriżultaw fi tnaqqis sinifikanti ta' l-eżekuzzjoni, bħalma huma l-akkumulazzjoni tas-silġ fl-uċuh mhux protetti ta' l-ajruplan, l-iskjerament tar-Ram Air Turbine (l-RAT), l-iskjerament tat-thrust-reverser (l-imbottatura b'lura), eċċ.

L-altezzi, il-veloċitajiet fl-arja, l-arranġamenti ta' l-imbottatura, u ċ-ċirkolazzjoni tal-karburant użati fl-istabbiliment ta' żona ta' l-operazzjonijiet ETOPS għal kull kombinazzjoni ta' magna u airframe għandhom jintużaw għall-awtorizzazzjonijiet tat-terren u l-ostakli korrispondenti f'konformità ma' dan ir-regolament.

6. MASSA U BILANĊ

Struzzjonijiet u data għall-kalkolu tal-massa u l-bilanċ jinkludu:

- (a) Sistema tal-kalkolazzjoni (e.ż. Sistema ta' l-Indiċi);
- (b) Tagħrif u struzzjonijiet għat-tlestija tad-dokumentazzjoni tal-massa u l-bilanċ, inkluż il-manwal u t-tipi ġenerati bil-kompjuter;
- (c) Mases li jillimitaw u ċ-ċentri tal-gravità għat-tipi, il-varjanti jew l-ajruplan individwali użati mill-operatur; kif ukoll
- (d) Massa tal-Ħidma xotta u ċ-ċentru tal-gravità jew l-indiċi korrispondenti.

7. TAGĦBIJA

Proċeduri u dispożizzjonijiet għat-tagħbija u l-qafla tat-tagħbija fl-ajruplan.

8. LISTA TAD-DEVJAZZJONI TAL-KONFIGURAZZJONI

Il-Lista (i) tad-Devjazzjoni tal-Konfigurazzjoni (CDL), jekk provduti mill-fabbrikant, filwaqt li jittieħed kont tat-tipi u l-varjanti ta' l-ajruplan li jitħaddmu inkluż il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta ajruplan jintbagħat taħt it-termini tas-CDL tiegħu.

9. LISTA TA' TAGĦMIR MINIMU

Il-lista ta' ta' TagħmirMinimu (MEL) li tiegħu kont tat-tipi u l-varjanti ta' l-ajruplan li jitħaddmu u t-tip(i)/żona(i) tal-ħidma. L-MEL għandha tinkludi t-tagħmir tan-navigazzjoni u tiegħu kont ta' l-eżekuzzjoni meħtieġa għar-rotta u ż-żona tal-ħidma.

10. TAGĦMIR TA' SOPPRAVIVENZA U TA' L-EMERĠENZA INKLUŻ L-OSSIĠNU

- 10.1. Lista ta' Tagħmir ta' soppravivenza li għandu jinġarr għar-rotot li għandhom jittajjru u l-proċeduri għall-ikkontrollar tal-manutenzjoni ta' dan it-tagħmir qabel it-tluq. L-istruzzjonijiet dwar il-post, l-aċċessibilità u l-użu tat-tagħmir ta' soppravivenza u ta' emerġenza u ċ-checklist(s)assoċjati għandhom ikunu nklużi ukoll.
- 10.2. Il-proċedura sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' ossiġnu meħtieġ u l-kwantità li hija disponibbli. Il-profil tat-titjira, in-numru ta' l-okkupanti u d-dikompresjoni tal-kabina possibbli għandhom jitqiesu. It-tagħrif provdut għandu jkun fil-forma li fiha jista' jintuża mingħajr diffikultà.

11. PROĊEDURI TA' EVAKWAZZJONI TA' EMERĠENZA

- 11.1. Struzzjonijiet għall-preparazzjoni ta' l-evakwazzjoni ta' emerġenza inkluż il-koordinazzjoni ta' l-ekwipaġġ u l-pożizzjoni ta' l-istazzjoni ta' l-emerġenza.
- 11.2. Proċeduri Ta' Evakwazzjoni Ta' Emerġenza Proċeduri Ta' Evakwazzjoni Ta' Emerġenza Deskrizzjoni tad-dmirijiet tal-membri kollha ta' l-ekwipaġġ għall-evakwazzjoni rapida ta' l-ajruplan u l-immanigġartal-passiġġieri f'każ ta' inżul furzat, inżul ta' emerġenza u emerġenza oħra.

12. IS-SISTEMI TA' L-AJRUPLAN;

Deskrizzjoni tas-sistemi ta' l-ajruplan, kontrolli relatati u indikazzjonijiet u struzzjonijiet tal-ħidma.

C. STRUZZJONIJIET U TAGĦRIF DWAR IR-ROTTA U L-AJRUDROM

1. Struzzjonijiet u tagħrif relatat mal-komunikazzjonijiet, in-navigazzjoni u l-ajrudromi inkluż livelli tat-titjira u għoli minimu għal kull rotta li għandha tittajjar u l-valuri minimi tal-ħidma għal kull ajrudrom ippjanat li sejjer jintuża, inkluż:
 - (a) Livell/għoli tat-titjira minima;
 - (b) Valuri minimi tal-ħidma għat-tluq, id-destinazzjoni u l-ajrudrommi alternattivi;
 - (c) Faċilitajiet tal-komunikazzjoni u l-għajnuniet tan-navigazzjoni;
 - (d) Data tar-runway u l-faċilitajiet ta' l-ajrudrom;
 - (e) Avviċinament, avviċinament mhux milħuq u proċeduri tat-tluq inkluż il-proċeduri tat-tnaqqis tal-ħoss;
 - (f) Proċeduri f'każ ta' ħsara tas-COM;
 - (g) Faċilitajiet tat-tfittxija u s-salvataġġ fiż-żona li fuqha l-ajruplan għandu jittajjar;
 - (h) Deskrizzjoni tal-karti awronawtiċi li għandhom jinġarru abbord fir-rigward it-tip tat-titjira u r-rotta li għandha tittajjar, inkluż il-metodu sabiex tkun ikkontrollata l-validità tagħhom;
 - (i) Disponibbiltà tat-tagħrif awronawtiku u s-servizzi tal-MET;
 - (j) Proċeduri COM/NAV tul ir-rotta;
 - (k) Kategorizzazzjoni ta' l-ajrudrom għall-kwalifika tal-kompetenza ta' l-ekwipaġġ tat-titjira
 - (l) Limitazzjonijiet ta' ajrudrom speċjali (limitazzjonijiet ta' eżekuzzjoni u proċeduri tal-ħidma).

D. TAĦRIĠ

1. Sillabi ta' taħriġ u programmi ta' kontroll għall-persunal tal-ħidma kollha assenjati dmirijiet ta' ħidma b'konnessjoni mal-preparazzjoni u/jew il-kondotta tat-titjira.
2. Sillabi ta' taħriġ u programmi ta' kontroll għandhom jinkludu:
 - 2.1. L-ekwipaġġ tat-titjira; L-oġġetti rilevanti kollha preskritti fis-Subparti E u N;
 - 2.2. Għall-ekwipaġġ tal-kabina tal-passġġieri L-oġġetti rilevanti kollha preskritti fis-Subparti O;
 - 2.3. Għall-persunal tal-ħidmiet ikkonċernat, inkluż il-membri ta' l-ekwipaġġ:
 - (a) L-oġġetti rilevanti preskritti fis-Subparti R (it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi bl-Ajru); kif ukoll
 - (b) L-oġġetti rilevanti kollha preskritti fis-Subparti O;
 - 2.4. Għall-persunal tal-ħidmiet minbarra l-membri ta' l-ekwipaġġ (e.ż. dispaċċer, persunal ta' l-immaniġġar, eċċ.). L-oġġetti rilevanti l-oħra kollha preskritti fl-OPS li għandhom x'jaqsmu max-xogħolijiet tagħhom.
3. Proċeduri
 - 3.1. Proċeduri ta' taħriġ u kontroll.
 - 3.2. Proċeduri li għandhom ikunu applikati f'każ li l-persunal ma jilħaqx jew ma jżommx l-istandards meħtieġa.
 - 3.3. Proċeduri sabiex ikun żgurat li s-sitwazzjonijiet mhux normali jew ta' emerġenza li jeħtieġu l-applikazzjoni ta' parti jew il-proċeduri mhux normali jew ta' emerġenza kollha u s-simulazzjoni ta' IMC permezz ta' mezzi artifiċjali, mhumiex simulati matul titjiriet ta' trasport kummerċjali bl-ajru. Deskrizzjoni tad-dokumentazzjoni li għandha tin-ħażen u l-perjodi tal-ħażna.
4. (Ara l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1065).

Appendiċi 1 sa OPS 1.1065

Perjodi tal-ħażna tad-dokument

Operatur għandu jiżgura li l-informazzjoni/dokumentazzjoni li ġejja tinħażen f'forma aċċetabbli, aċċessibbli għall-Awtorità, għall-perjodi murija fit-Tabelli hawn taħt.

Nota: Informazzjoni addizzjonali dwar iż-żamma tar-reġistri hija preskritta f'Parti M, paragrafu M.A.306(c) sistema ta' ġurnal tekniku ta' l-Operatur.

Tabella 1

Tagħrif użat għall-preparazzjoni u t-twertieq tat-titjira

Tagħrif użat għall-preparazzjoni u t-twertieq tat-titjira kif deskritt fl-OPS 1.135	
Pjan operattiv tat-titjira	3 xhur
Ġurnal Tekniku ta' l-ajruplan;	36 xahar wara d-data ta' l-aħħar dħul, skond Parti M M.A.306(c)
Dokumentazzjoni ta' l-għoti ta' tagħrif NOTAM/AIS speċifiku għar-rotta jekk editjat mill-operatur	3 xahar
Id-Dokumenti tal-Massa u l-Bilanċ	3 xahar
Notifika ta' tagħbijiet speċjali inklużi oġġetti perikolużi fosthom ukoll l-informazzjoni bil-miktub lill-kaptan	3 xhur

Tabella 2

Rapporti

Rapporti	
Ġurnal tal-Vjaġġ	3 xhur
Rapport(i) tat-titjira għar-reġistrar ta' dettalji tar-reġistrar ta' kwalunkwe ġrajja, kif imniżżel fl-OPS 1.420, jew kwalunkwe ġrajja li l-kaptan iqis neċessarju li jirraporta/jirreġistra	3 xhur
Rapporti dwar l-eċċess ta' xogħol u/jew it-tnaqqis tal-perjodi tal-mistrieħ	3 xhur

Tabella 3

Ir-reġistri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira

Ir-reġistri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira	
Ħin tat-Titjira, tax-xogħol u tal-mistrieħ	15 xhur
Liċenzja	Sakemm il-membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira juża l-privileġġi tal-liċenzja ta' l-operatur
Taħriġ ta' Adattament u kontroll	3 snin
Kors tal-kaptan (inkluż l-ikkontrollar)	3 snin
Taħriġ u lkkontrollar Rikorrenti	3 snin
Taħriġ u kkontrollar sabiex jaħdem fi kwalunkwe sit tal-pilota	3 snin
Esperjenza riċenti (referenza OPS 1.970)	15 xhur
Kompetenza tar-rotta u ta' l-ajrudrom (referenza għall-OPS 1.975)	3 snin
Taħriġ u kwalifika għall-ħidmiet speċifiċi meta meħtieġa mill-OPS (e.ż. ħid-miet ETOPS CATII/III)	3 snin
Taħriġ ta' l-Oġġetti Perikolużi kif xieraq	3 snin

Tabella 4

Reġistri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri

Reġistri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri	
Ħin tat-Titjira, tax-xogħol u tal-mistrieħ	15 xhur
Taħriġ tal-bidu, taħriġ ta' adattament u fid-differenzi (inkluż l-ikkontrollar)	Sakemm il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri huwa impjegat mill-operatur
Taħriġ rikorrenti u ta' aġġornament (inkluż l-ikkontrollar)	Sa 12-il xahar wara li l-membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jkun telaq l-impjeg ta' l-operatur
Taħriġ ta' l-Oġġetti Perikolużi kif xieraq	3 snin

Tabella 5

Reġistri għall-persunal ta' ħidmiet oħra

Reġistri għall-persunal ta' ħidmiet oħra	
Reġistri tat-taħriġ/kwalifika tal-persunal l-ieħor li għalihom ikun hemm il-ħtieġa ta' programm ta' taħriġ approvat mill-OPS	L-aħħar 2 reġistri tat-taħriġ

Tabella 6

Reġistri oħra

Reġistri oħra	
Reġistri dwar id-doża ta' radjazzjoni kożmika u solari	Sa 12-il xahar wara li l-membri ta' l-ekwipaġġ ikun ħalla l-impjeg ta' l-operatur
Reġistri tas-Sistema tal-Kwalità	5 snin
Dokument tat-Trasport ta' l-Oġġetti Perikolużi	3 xhur wara t-tlestija tat-titjira
Checklist ta' l-Aċċetazzjoni ta' l-Oġġetti Perikolużi	3 xhur wara t-tlestija tat-titjira

SUBPARTI Q

LIMITAZZJONIJIET FUQ IL-ĦIN TAT-TITJIRIET U DMIRIJIET U L-ĦTIĠIET TA' MISTRIEĦ

OPS 1.1090

Għanijiet u ambitu

1. Operatur għandu jistabbilixxi l-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjiriet u d-dmirijiet u skemi ta' mistrieħ (FTL) għall-membri ta' l-ekwipaġġ.
2. Operatur għandu jiżgura li għat-titjiriet kollha tiegħu:
 - 2.1. Il-limitazzjonijiet fil-ħin tat-titjiriet u d-dmirijiet u l-iskemi ta' mistrieħ hu skond dawn it-tnejn:
 - (a) id-dispożizzjonijiet ta' din is-Subparti; kif ukoll
 - (b) kull dispożizzjoni addizzjonali li huma applikati mill-Awtorità skond id-dispożizzjonijiet ta' din is-Subparti bil-ħsieb li tinżamm is-sigurtà.
 - 2.2. It-titjiriet huma ppjanati sabiex jiġu mitmuma, meta jitqies iż-żmien meħtieġ għad-dmirijiet ta' qabel it-titjira, it-titjira u l-ħinijiet sat-titjira lura, fil-ħin permess għad-dmirijiet fl-ajru.
 - 2.3. Ir-rosters tax-xogħol għandhom jkunu ppreparati u ppubblikati biżżejjed bil-quddiem biex jipprovdu l-opportunità għall-membri ta' l-ekwipaġġ biex jipplanaw mistrieħ xieraq.
3. Responsabbiltajiet ta' l-Operatur
 - 3.1. Operatur għandu jinnomina bażi ta' residenza għal kull membru ta' l-ekwipaġġ.
 - 3.2. L-Operaturi huma mistennija japprezzaw ir-relazzjoni bejn il-frekwenzi u l-mudell tad-dmirijiet waqt il-perjodi tat-titjira u perjodi ta' mistrieħ u tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-effetti kumulattivi ta' sigħat twal ta' xogħol b'intervall ta' mistrieħ minimu.
 - 3.3. Operaturi għandhom jallokaw il-mudelli tad-dmirijiet li jevitaw tali Prattika mhux mixtieqa bħall-alternazzjoni bejn dmirijiet matul il-ġurnata/il-lejl jew iż-żamma mit-titjir tal-membri ta' l-ekwipaġġ sabiex isseħħ firda bejn il-mudelli ta' l-irqad/tax-xogħol.
 - 3.4. Operaturi għandhom jipplanaw il-ġranet lokali ħielsa mid-dmirijiet u javżaw lill-membri ta' l-ekwipaġġ bil-quddiem.
 - 3.5. Operaturi għandhom jiżguraw li l-perjodi ta' mistrieħ jipprovdu ħin suffiċjenti biex iħalli l-ekwipaġġ jirkupra mill-effetti ta' dmirijiet preċedenti u li jkunu mistrieħa sew fil-bidu tal-perjodu tad-dmirijiet matul it-titjira ta' wara.
 - 3.6. Operaturi għandhom jiżguraw li l-perjodi tad-dmirijiet waqt it-titjira huma ppjanati biex jippermettu li l-membri ta' l-ekwipaġġ jibqgħu ħielsa biżżejjed mill-għejja biex jkunu jistgħu joperaw għall-livell sodisfaċenti ta' sigurtà taħt iċ-ċirkostanzi kollha.
4. Ir-Responsabbiltajiet ta' l-ekwipaġġ
 - 4.1. Membru ta' l-ekwipaġġ m' għandux jopera ajruplan jekk hu/hi jaf/taf li hu qed ibati minn għejja jew ma jħossux taj-jeb, tant li t-titjira tista' tiġi pperikolata.
 - 4.2. Membri ta' l-ekwipaġġ għandhom jagħmlu użu tajjeb ta' l-opportunitajiet u l-faċilitajiet ipprovdu għall-mistrieħ, u għandhom jipplanaw u jużaw il-perjodi ta' mistrieħ tagħhom tajjeb.
5. Responsabbiltajiet ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Ċivili
 - 5.1. Varjazzjoni
 - 5.1.1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8, l-Awtorità tista' tippermetti varjazzjonijiet għar-rekwiżiti ta' din is-Subparti skond il-liġijiet applikabbli u l-proċeduri fl-Istati Membri konċernati u b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati.

- 5.1.2. Kull operatur irid juri lill-Awtorità, bl-użu ta' l-esperjenza operazzjonali u waqt li jieħu kont tal-fatturi rilevanti oħra bħall-għarfien xjentifiku kurrenti, li l-varjazzjoni mitluba tipproduċi l-istess livell ta' sigurtà.

Varjazzjonijiet bħal dawn għandhom jkunu akkumpanjati fejn jixraq b'miżuri adatti biex ipattu.

OPS 1.1095

Id-Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 1.1. L-ekwipaġġ tat-titjira;

Ekwipaġġ ta' titjira li jinkludi iktar minn numru minimu mitlub għall-operazzjoni ta' l-ajruplan u li fiha kull membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jista' jħalli/tħalli postu/ħa u jiġi sostituit minn membru ieħor ta' l-ekwipaġġ tat-titjira bi kwalifiki xierqa.

- 1.2. Block Time

Iż-żmien bejn meta l-ajruplan l-ewwel jiċċaqtaq mill-post fejn hu pparkjat għall-iskop li jitlaq, sa meta jieqaf fil-post ipplanat għal l-ipparkjar u l-magna u l-iskrejjien jitwaqqfu.

- 1.3. Brejk

Perjodu liberu mid-dmirijiet kollha, li jiswa bħala ħin ta' dmir, li hu inqas minn perjodu ta' mistrieħ.

- 1.4. Dazju

Kull xogħol marbut ma' l-attivita' ta' min għandu l-AOC li membru ta' l-ekwipaġġ hu mitlub li jagħmel. Sakemm regoli speċifiċi huma pprovduti minn dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tfigher jekk u sa liema limitu, li wieħed ikun lest għal meta jiġi msejjaħ, huwa meqjus bħala dmir.

- 1.5. Perjodu tax-xogħol

Perjodu li jibda' meta l-membri ta' l-ekwipaġġ hu mitlub minn operatur biex jibda' ix-xogħol u jispiċċa meta l-membri ta' l-ekwipaġġ hu liberu min kull xogħol.

- 1.6. Perjodu tax-xogħol it-titjira

Perjodu ta' Xogħol fuq Titjira (PDT) huwa ż-żmien kollu waqt li l-istess persuna topera f'ingenu ta' l-ajru bħala membru ta' l-ekwipaġġ tiegħu. Il-PDT jibda' meta l-membri ta' l-ekwipaġġ huwa mitlub minn operatur biex jirraporta għat-titjira jew sensiela ta' titjiriet; jispiċċa fit-tmiem ta' l-aħħar titjira li fuqa hu/hi huwa membru operattiv ta' l-ekwipaġġ.

- 1.7. Bażi ta' residenza:

Il-post nominat mill-operatur lill-membri ta' l-ekwipaġġ li minnu l-membri ta' l-ekwipaġġ normalment jibda' u jispiċċa perjodu ta' dmir jew sensiela ta' perjodi ta' dmir u fejn, taħt kundizzjonijiet normali, l-operatur mhux responabbli għall-akkomodazzjoni tal-membri ta' l-ekwipaġġ konċernat.

- 1.8. Jum Lokali

Perjodu ta' 24 siegħa li jibda' fil- 00:00 ħin lokali.

- 1.9. Lejl Lokali

Perjodu ta' 8 siegħa li jseħħ bejn it-22:00 siegħa u t-08:00 siegħa tal-ħin lokali.

- 1.10. Jum wieħed liberu mid-dmir:

Jum wieħed liberu mid-dmir għandu jinkludi żewġ il-jiem lokali. Perjodu ta' mistrieħ jista' jiġi nkluż bħala parti mill-ġurnata ta' mistrieħ.

1.11. Membru ta' l-ekwipaġġ

Membru ta' l-ekwipaġġ li jaqdi/taqdi d-dmirijiet tiegħu/tagħha f'ingenu ta' l-ajru waqt titjira jew waqt parti minn titjira.

1.12. Pożizzjonament

It-trasferiment ta' membru li mhux operattiv minn post għall-post, fuq talba ta' l-operatur bit-tħollija barra taż-żmien ta' l-ivjaġġar. Żmien ta' l-ivjaġġar hu mfišser bħal:

- żmien mid-dar għall-post ta' rappurtar intiż u viċi-versa;
- żmien għat-trasferiment lokali mill-post ta' mistrieħ għall-bidu tad-dmirijiet u viċi-versa.

1.13. Perjodi ta' serħan

Perjodu mhux interrott u definit ta' żmien meta l-membru ta' l-ekwipaġġ hu ħieles mid-dmirijiet kollha u stad ta' l-ajruport.

1.14. Stennija għas-sejħa tax-xogħol (Standby)

Perjodu ta' żmien definit li waqtu membru ta' l-ekwipaġġ hu mitlub mill-operatur biex jkun disponibbli sabiex jirċievi assenjazzjoni għaltitjira, pożizzjonament jew dmirijiet oħra mingħajr ma jidħol f'perjodu ta' mistrieħ.

1.15. 'Window of Circadian Low' (WOCL)

Il-Window of Circadian Low (WOCL) hu perjodu bejn it-02:00 siegħa u l-05:59 siegħa. Fi tliet żoni ta' ħin il-WOCL jirreferi għall-ħin tad-dar. Il-barra minn dawn it-tliet żoni ta' ħin il-WOCL jirreferi għal ħin tal-bażi tar-residenza għall-ewwel 48 siegħa wara t-tluq miż-żona tal-ħin mill-bażi tar-residenza, u l-ħin lokali li jiġi wara.

OPS 1.1100

Limitazzjonijiet tal-ħinijiet tat-titjir u tad-dmirijiet

1.1. Sigħat kumulattivi ta' xogħol

Operatur għandu jiżgura li l-perjodu totali ta' dmirijiet li għalihom membru ta' l-ekwipaġġ hu assenjat ma jkunux aktar minn:

- (a) 190 siegħa ta' dmir fi kwalunkwe ġurnata minn 28 ġurnata konsekuttiva, mifruxa kemm hu prattiku b'mod indaqs matul dan il-perjodu; kif ukoll
- (b) 60 siegħa ta' dmir fi kwalunkwe ġurnata minn 7 t'ijiem konsekuttivi.

1.2. Limitu fuq it-total ta' 'block times'

Operatur għandu jiżgura li t-total tal- block times tat-titjiriet li fuqhom membru individwali ta' l-ekwipaġġ jiġi assenjat bħala membru ta' l-ekwipaġġ operattiv ma jinqabiżx:

- (a) 900 siegħa f'sena kalendarja;
- (b) 100 siegħa fi kwalunkwe 28 ġurnata konsekuttiva.

OPS 1.1105

Il-perjodu massimu kuljum ta' ħin ta' xogħol fuq titjira (FDP)

1.1. Dan l-OPS ma japplikax għall-operazzjonijiet b'pilota wieħed jew għall-operazzjonijiet ta' servizzi mediċi ta' emerġenza.

1.2. Operatur għandu jispeċifika l-ħinijiet ta' rappurtar li jirriflettu b'mod realistiku l-ħin ta' dmirijiet fl-art marbuta mas-sigurtà kif approvati mill-Awtorità.

- 1.3. Il-perjodu massimu kuljum ta' ħin FDP huwa ta' 13-il siegħa.
- 1.4. Dawn it-13-il siegħa għandhom jitnaqqsu bi 30 minuta għal kull settur mit-tielet settur il-quddiem bi tnaqqis massimu totali ta' sagħtejn.
- 1.5. Meta l-FDP jibda' fil-WOCL, il-perjodu massimu msemmi fil-punt 1.3 u l-punt 1.4 għandu jitnaqqas bil 100 % ta' meta ħin jidħol fl-ieħor sa massimu ta' sagħtejn. Meta l-FDP jispiċċa jew jinkludi kompletament il-WOCL, il-perjodu massimu FDP iddikjarat fil-punt 1.3 u fil-punt 1.4 għandu jitnaqqas bil-50 % tad-dħul tiegħu fuq l-ieħor.
2. Estensjonijiet:
 - 2.1. Il-perjodu massimu kuljum ta' ħin FDP jista' jiġi estiż sa siegħa aktar.
 - 2.2. Mhux permissi li jsiru estensjonijiet għal FDP bażiku ta' sitt setturi jew aktar.
 - 2.3. Fejn FDP jidħol fuq il-WOCL b' estensjonijiet sa medda ta sagħtejn l-estensjonijiet huma limitati sa erba' setturi.
 - 2.4. Fejn FDP jidħol fuq il-WOCL b'aktar minn sagħtejn l-estensjonijiet huma limitati sa żewġ setturi.
 - 2.5. In-numru massimu ta' estensjonijiet hu ta' tnejn fi kwalunkwe 7 t'ijiem konsekuttivi.
 - 2.6. Fejn FDP hu ppjanat biex juża estensjoni qabel u wara l-ħin minimu ta' mistrieħ mit-titjira jiżdied b'sagħtejn jew inkella wara l-ħin ta' mistrieħ mit-titjira biss jiżdied b'erba' sigħat. Meta l-estensjonijiet jiġu użati għall-FDP b'mod konsekuttivi l-ħin ta' mistrieħ ta' qabel u wara bejn iż-żewġ operazzjonijiet għandu jittieħed jgħaddi konsekutivament.
 - 2.7. Meta l-FDP b'estensjoni jibda' fil-perjodu ta' bejn it-22:00 sa l-04:59 l-operatur għandu jillimita l-FDP għal 11.45 sigħat.
3. L-Ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri
 - 3.1. Biex ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jiġi assenjat titjira jew sensiela ta' titjiriet, l-FDP ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jista' jiġi estiż bid-differenza fil-ħin ta' rappurtar bejn l-ekwipaġġ tal kabina u l-ekwipaġġ tat-titjira, sakemm id-differenza ma tkunx ta' aktar minn siegħa.
4. Saħħa fl-Operazzjonijiet
 - 4.1. L-iskedi ppjanati jridu jipprovdu biex it-titjiriet jintemmu fl-itwal perjodu ta' dmir ta' titjira. Biex jgħinu sabiex jinkiseb dan l-operaturi għandhom jieħdu azzjoni sabiex jibdlu l-iskeda jew l-arranġament ta' l-ekwipaġġ sa mhux aktar tard ikun fejn l-operazzjoni effettiva taqbeż l-FDP massimu fuq aktar min 33 % tat-titjiriet f'dik l-skeda matul il-perjodu ta' l-istaġun ta' dik l-iskeda.
5. Pożizzjonament
 - 5.1. Iż-żmien kollu mqatta' fuq il-pożizzjonament jingħadd bħala dmir.
 - 5.2. Pożizzjonamnet wara li jirraportaw imma qabel ma joperaw għandu jiġi nkluż bħala parti mill-FDP imma ma għandux jgħodd bħala settur.
 - 5.3. Settur ta' pożizzjonament immedjatament wara settur operattiv jitqies għall-kalkolazzjoni tal-ħin massimu ta' mistrieħ minimu kif imfisser fl-OPS 1.1110 punti 1.1 u 1.2 hawn taħt.
6. FDP Estiż (Dmir Maqsum)
 - 6.1. L-Awtorità tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8, tagħti l-kunsens għal operazzjoni bbażata fuq FDP estiż li jinkludi intervall.
 - 6.2. Kull operatur irid juri lill-Awtorità, bl-użu ta' l-esperjenza operattiva u waqt li jqis fatturi oħra rilevanti, bħat-tagħrif xjentifiku kurrenti, li t-talba tiegħu għal FDP estiż tipproduċi l-istess livell ta' sigurtà.

OPS 1.1110

Serħan

1. Ħin minimu ta' mistrieħ
 - 1.1. Il-ħin minimu ta' mistrieħ li jrid jiġi pprovdut qabel ma jwettaq perjodu ta' dmir waqt titjira li tibda mill-bażi ta' residenza jkun twil ta' l-inqas daqs il-perjodu ta' dmir preċedenti jew 12 il-siegħa liema wieħed ikun l-itwal;
 - 1.2. Il-ħin minimu ta' mistrieħ li jrid jiġi pprovdut qabel ma jwettaq perjodu ta' dmir waqt titjira li tibda il-bogħod mill-bażi ta' residenza għandu jkun twil ta' l-inqas daqs il-perjodu ta' dmir jew 10 sigħat liema wieħed ikun l-itwal; fil-każ ta' ħin minimu ta' mistrieħ l-bogħod mill-bażi ta' residenza, l-operatur, waqt li jagħti kont tal-bżonnijiet tal-ivvjaġġar u oħrajn fiżjoloġiċi, irid jipprovidi għall-opportunità ta' raqda ta' 8 sigħat;
 - 1.3. Kif irregolat mill-Awtorità bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8, l-operatur għandu jiżgura li l-effetti tad-differenzi fiż-żoni tal-ħin fuq il-membri ta' l-ekwipaġġ ikunu kompensati b'mistrieħ miżjud;
 - 1.4.1. Minkejja 1.1 u 1.2 u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8, l-Awtorità tista' tħalli arranġamenti ta' mistrieħ imnaqqsa.
 - 1.4.2. Kull operatur irid juri lill-Awtorità, bl-użu ta' l-esperjenza operattiva u waqt li jqis fatturi oħra rilevanti, bħat-tgħarif xjentifiku kurrenti, li t-talba tiegħu għal arranġamenti ta' mistrieħ imnaqqsa tipproduċi l-istess livell ta' sigurtà.
2. Perjodi ta' mistrieħ
 - 2.1. Operatur għandu jiżgura li l-perjodu ta' mistrieħ pprovdut hekk kif spjegat hawn fuq jiġi miżjud perjodikament, għal perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa, ta' 36 siegħa inklużi żewġt il-jiem lokali, biex ma jkun hemm qatt iktar min 168 siegħa bejn it-tmiem ta' perjodu ta' mistrieħ ta' ġimgħa u l-bidu ta' dak li jmiss. Bħala eċċezzjoni għall-OPS 1.1095 punt 1.9, l-Awtorità tista' tiddeċiedi li t-tieni taż-żewġ t'il-jiem jista' jibda' mill-20:00 siegħa jekk il-perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jkollu dewmien ta' mill-inqas 40 siegħa.

OPS 1.1115

Estensjoni tal-perjodu ta' dmir fuq titjira minħabba mistrieħ meħud matul it-titjira

1. Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 hu pprovdut li kull operatur juri lill-Awtorità, bl-użu ta' l-esperjenza operattiva, u waqt li jqis fatturi oħra rilevanti bħall-għarfien xjentifiku kurrenti, li t-talbiet tiegħu jipproduċu l-istess livell ta' sigurtà:
 - 1.1. Żieda fl-Ekwipaġġ tat-Titjira

l-Awtorità għandha toħloq rekwiżiti fir-rigward taż-żieda fl-ekwipaġġ bażiku tat-titjira għall-iskop li jiġi estiż il-perjodu ta' dmir fuqtitjira aktar mill-limiti fl-OPS 1.1105 hawn fuq;
 - 1.2. L-Ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri

l-Awtorità għandha toħloq rekwiżiti fir-rigward tal-ħin minimu ta' mistrieħ ta' membru(i) ta' l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri fuq titjira meta l-FDP jmur lil hinn mill-limiti fl-OPS 1.1105 hawn fuq;

OPS 1.1120

Ċirkostanzi mhux mistennija f' operazzjonijiet effettivi ta' titjir — id-diskrezzjoni tal-kaptan

1. Meta jitqies il-bżonn ta' kontroll attent ta' dawn l-istanzi msemmija hawn taħt, matul l-operazzjoni effettiva tat-titjira, li tibda mill-ħin tar-rapport, il-limiti ta' ħin ta' dmir fuq titjira, il-perjodi ta' dmir u ta' mistrieħ imfassla f'din is-Subparti jistgħu jiġu emendati fil-każ ta' ċirkostanzi mhux mistennija. Kull tali bidla trid tkun aċċettabbli għall-kaptan wara konsultazzjoni mal-membri l-oħra kollha ta' l-ekwipaġġ u jridu, fiċ-ċirkostanzi kollha, jimxu ma' dan li ġej:

- 1.1. L-FDP massimu mmsemmi fl-OPS 1.1105 punt 1.3 hawn fuq ma jistax jiżded b'aktar minn sagħtejn sakemm ma kienx hemm żieda fl-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri, fl-liema każ il-perjodu ta' dmir fuq titjira ma jistax jiżded b'aktar minn 3 sigħat;
 - 1.1.1. Jekk fl-aħħar settur f'FDP wara it-tluq iseħħu ċirkostanzi mhux mistennija li jirriżultaw fiż-żieda permessa tinqabeż, it-titjira tista' tkompli lejn id-destinazzjoni ppjanata jew alternattiva;
 - 1.1.2. Fil-każ li jseħħu dawn iċ-ċirkostanzi l-perjodu ta' mistrieħ wara l-FDP jista' jitnaqqas imma qatt taħt il-ħin minimu ta' mistrieħ mfisser fl-OPS 1.1110 punt 1.2 ta' din is-Subpart;
- 1.2. Il-Kaptan, fil-każ ta' ċirkostanzi speċjali, li jkunu jistgħu jwasslu għall-għajja gravi, u wara konsultazzjoni mal-membri ta' l-ekwipaġġ milquta, għandu jnaqqas il-ħin tad-dmir fuq titjira u/jew iżid il-ħin ta' mistrieħ biex jelimina kull effett ħażin fuq is-sigurtà tat-titjira;
- 1.3. Operatur għandu jiżgura li:
 - 1.3.1. Il-Kaptan jagħmel rapport lill-operatur kull meta l-FDP jiġi miżjud b'diskrezzjoni tiegħu/tagħha jew meta perjodu ta' mistrieħ jitnaqqas waqt l-operazzjoni effettiva, u
 - 1.3.2. Fejn żieda ta' l-FDP jew tnaqqis ta' perjodu ta' mistrieħ jkun ta' aktar minn siegħa, kopja tar-rapport, li miegħu l-operatur għandu jżid il-kummenti tiegħu, jintbagħat lill-Awtorità mhux aktar tard minn 28 ġurnata wara l-ġrajja.

OPS 1.1125

Stennija għas-sejħa tax-xogħol (Standby)

1. Standby Fl-Ajruport
 - 1.1. Membru ta' l-ekwipaġġ qiegħed fuq standby fl-ajruport minn meta jirraporta fil-punt normali ta' rapport sat-tmiem tal-perjodu notifikat ta' standby.
 - 1.2. Standby fl-ajruport għandu jgħodd kollu għar-raġunijiet ta' sigħat ta' dmiri kumulattivi.
 - 1.3. Meta immedjament wara standby fl-ajruport jiġi dmir fuq titjira, ir-rabta bejn tali standby fl-ajruport u d-dmir fuq titjira assenjata għandha titfisser mill-Awtorità. F'tali każ, l-istennija għas-standby fl-ajruport għandha tiżded mal-perjodu ta' dmir imsemmi fl-OPS 1.1110 taħt il-punti 1.1 u 1.2 għall-iskopijiet li jiġi kkalkulat il-ħin minimu ta' mistrieħ.
 - 1.4. Meta l-istandby fl-ajruport ma twassalx għall-assenjament ta' dmir fuq titjira, din għandha tiġi segwita ta' l-inqas b'perjodu ta' mistrieħ kif regolat mill-Awtorità.
 - 1.5. Waqt l-istandby fl-ajruport l-operatur għandu jipprovi lill-membri ta' l-ekwipaġġ post kwiet u komdu mhux miftuħ għall-pubbliku.
2. Tipi oħra ta' standby (inkluż standby flukanda)
 - 2.1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8, il-forom kollha ta' standby għandhom ikunu rregolati mill-Awtorità, li għandha tqis dan li ġej:
 - 2.1.1. L-attivitajiet kollha għandhom ikunu fuq bażi ta' roster/jew b'notifika bil-quddiem.
 - 2.1.2. Il-bidu u t-tmiem tal-ħin ta' standby għandhom jiġu mfissra u notifikati bil-quddiem.
 - 2.1.3. It-tul massimu ta' kwalunkwe standby f'post barra l-punt ta' rapport speċifikat għandu jiġi ddeterminat.
 - 2.1.4. Meta jittieħdu in konsiderazzjoni l-faċilitajiet disponibbli għall-membri ta' l-ekwipaġġ biex jistrieħu u fatturi oħra rilevanti, ir-relazzjoni bejn l-istandby u kwalunkwe dmir fuq titjira assenjat li jirriżulta mill-istandby għandu jiġi stabbilit.
 - 2.1.5. L-għadd tal-ħinijiet ta' standby għall-iskopijiet ta' sigħat kumulattivi tad-dmirijiet għandu jiġi stabbilit.

OPS 1.1130

Nutriment

Opportunità ta' ikla u xarba trid iseħħ biex tiġi evitata ħsara fil-ħidma tal-membri ta' l-ekwipaġġ, speċjalment meta l-FDP jaqbeż is-sitt sigħat.

OPS 1.1135

Reġistri tad-dmirijiet fuq titjira, u perjodi ta' dmir u ta' mistrieħ

1. Operatur għandu jiżgura li r-reġistri tal-membri ta' l-ekwipaġġ jinkludu:
 - (a) ħinijiet effettivi ta' dmir;
 - (b) bidu, dewmien u t-tmien ta' kull perjodu ta' dmir fuq titjira;
 - (c) perjodi ta' mistrieħ u ġranet ħielsa mid-dmirijiet kollha;

u huma miżmuma biex jiżguraw qbil mar-rekwiżiti ta' din is-Subparti; kopji ta' dawn ir-reġistri għandhom ikunu disponibbli għall-membri ta' l-ekwipaġġ fuq talba tagħhom.
2. Jekk ir-reġistri miżmuma mill-operatur taħt il-paragrafu 1 ma tkoprix id-dmirijiet fuq titjira, perjodi ta' dmir u ta' mistrieħ kollha tiegħu/tagħha, il-membri ta' l-ekwipaġġ konċernat għandu jżomm reġistriindividwali tal-
 - (a) ħinijiet effettivi ta' dmir;
 - (b) bidu, dewmien u t-tmien ta' kull perjodu ta' dmir fuq titjira; kif ukoll
 - (c) perjodi ta' mistrieħ u ġranet ħielsa mid-dmirijiet kollha;
3. Membri ta' l-ekwipaġġ għandu jippreżenta r-reġistritiegħu/tagħha fuq talba ta' kwalunkwe operatur li juża s-servizzi tiegħu/tagħha qabel ma hu/hi jibda' perjodu ta' dmir fuq titjira.
4. Ir-reġistri għandhom jiġu ppreservati għal ta' l-inqas 15-il xahar tal-kalendarju mid-data ta' l-aħħar daħla rilevanti mdaħħla jew iktar jekk ikun meħtieġ skond il-liġijiet nazzjonali.
5. Minbarra, operaturi għandhom iżommu separatament ir-rapporti tal-kaptan ta' l-inġenju ta' l-ajru fuq il-perjodi ta' dmir fuq titjira estiżi, l-estensjoni tas-sigħat ta' titjir u t-tnaqqis tal-perjodi ta' mistrieħ, ta' l-inqas għal sitt xhur wara il-ġrajja.

SUBPARTI R

IT-TRASPORT TA' OĠĠETTI PERIKOLUŻI BL-AJRU

OPS 1.1145

Ġenerali

Operatur għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet applikabbli li hemm fl-Istruzzjonijiet Tekniċi, irrispettivament minn jekk:

- (a) it-titjira hijiex totalment jew parzjalment barra mit-territorju ta' l-Istat; jew
- (b) hemmx approvazzjoni li jinġarru oġġetti perikolużi skond OPS 1.1155.

OPS 1.1150

Terminoloġija

- (a) It-termini użati f'din is-Sub-parti għandhom it-tifsira li ġeja:
 - (1) Iċ-Check List ta' l-aċċettazzjoni. Dokument użat sabiex jgħin fit-twettieq ta' kontroll fuq l-apparenza esterna ta' pakketti li fihom oġġetti perikolużi u d-dokumenti assoċjati tagħhom sabiex jiġi stabbilit ir-rekwiżiti xierqa kollha jkunu ntlaħqu.
 - (2) Approvazzjoni Approvazzjoni Għall-għan waħdani ta' konformità mal-OPS 1.1165(b)(2), awtorizzazzjoni li għaliha hemm referenza fl-Istruzzjonijiet Tekniċi u maħruġa minn Awtorità, għat-Trasport ta' oġġetti perikolużi li normalment ma jitħallewx jiġu trasportati jew għal raġunijiet oħra, kif speċifikat fl-Istruzzjonijiet tekniċi.
 - (3) Inġenju ta' l-ajru tat-Tagħbija. Kwalunkwe inġenju ta' l-ajru li jgħorr oġġetti jew proprjetà iżda mhux passiġġieri. F'dan il-kuntest dawn li ġejjin ma jitqiesux bħala passiġġieri:
 - (i) Membru ta' l-ekwipaġġ;
 - (ii) Impjegat ta' operatur permess minn, u li jinġarr skond, l-istruzzjonijiet li jkun hemm fil-Manwal tat-Tħaddim;
 - (iii) Rappreżentant awtorizzat ta' l-Awtorità; jew
 - (iv) Persuna bi dmirijiet fir-rigward ta' tagħbija partikolari abbord.
 - (4) Oġġetti perikolużi Oġġetti jew sustanzi li jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa, is-sigurtà, il-proprjetà jew l-ambjent u li jidhru fil-lista ta' oġġetti perikolużi fl-Istruzzjonijiet Tekniċi jew li huma kklassifikati skond dawk l-Istruzzjonijiet.
 - (5) Aċċident ta' Oġġetti Perikolużi Ġrajja assoċjata ma' u relatata mat-trasport ta' oġġetti perikolużi li tirriżulta fi ħsara fatali jew serja lill-persuna jew ħsara maġġuri fil-proprjetà.
 - (6) Aċċident ta' Oġġetti Perikolużi Ġrajja, minbarra aċċident b'oġġetti perikolużi, assoċjata ma' u relatata mat-trasport ta' oġġetti perikolużi, li ma jseħħx neċessarjament abbord l-inġenju ta' l-ajru, li jirriżulta fi ħsara lill-persuna, ħsara lill-proprjetà, nriren, ksur, tixrid, taqtir ta' fluwidu jew radjazzjoni jew prova oħra li l-integrità ta' l-ippakkjar ma inżammmitx. Kwalunkwe ġrajja li tirrigwarda t-trasport ta' oġġetti perikolużi li tfixkel serjament l-inġenju ta' l-ajru jew l-okkupanti tiegħu titqies ukoll li tikkostitwixxi inċident b'oġġetti perikolużi.
 - (7) Dokument tat-Trasport ta' l-Oġġetti Perikolużi Dokument li huwa speċifikat mill-Istruzzjonijiet Tekniċi. Jitlesta mill-persuna li toffri oġġetti perikolużi għat-trasport bl-ajru u jkun fih tagħrif dwar dawk l-oġġetti perikolużi.
 - (8) Eżenzjoni Għar-raġunijiet biss ta' konformità ma' din is-Subparti, awtorizzazzjoni li għaliha hemm referenza fl-Istruzzjonijiet Tekniċi u maħruġa mill-Awtoritajiet ikkonċernati, li ttiprovdi eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' l-Istruzzjonijiet Tekniċi.
 - (9) Kontenitur tat-Tagħbija. Il-kontenitur tat-tagħbija huwa oġġett tat-tagħmir għat-trasport għall-materjali radjuattivi, intiż li jħaffef it-trasport ta' dawn il-materjali, jekk ippakkjati jew mhux ippakkjati, b'arranġament wieħed jew aktar tat-trasport. (Nota: ara Apparattat-Tagħbija ta' l-Unità fejn l-oġġetti perikolużi mhumieq materjali radjuattivi.)

- (10) Aġent ta' l-immaniġġar. L-aġenzija li twettaq għan-nom ta' l-operatur xi wħud mill-funzjonijiet ta' dan ta' l-aħħar, jew kollha, inkluż, li jirċievi, jgħabbi, jitrasferixxi jew iħott, jibgħat jew ipproċessar ieħor tal-passiġġieri jew it-tagħbija.
- (11) 'Overpack'. Post magħluq użat minn persuna li titrasporta bil-vapuri, biex fih jitpoġġa pakkett wieħed jew aktar, li jikkostitwixxi unità waħda ta' ġestjoni għall-konvenjenza ta' l-immaniġġar u l-stivar. (Nota: apparat tat-tagħbija ta' l-unità mhuwiex inkluż f'din it-tifsira.)
- (12) Ippakkjar. Il-prodott komplut tal-ħidma ta' l-ippakkjar li jikkonsisti fl-ippakkjar u l-kontenut tiegħu preparati għat-trasport.
- (13) Ippakkjar. Kontenituri u kwalunkwe komponenti jew materjali oħra neċessarji għall-kontenitur sabiex iwettaq il-funzjoni tiegħu li jżomm.
- (14) Feriti Serji Feriti Serji Ħsara li tiġġarrab minn persuna faċċident u li:
- (i) Tirrikjedi rikoverar fl-isptar għal iktar minn 48 siegħa, li tibda fi żmien sebat ijiem minn meta saret il-ferita; jew
 - (ii) Tirriżulta fi ksur ta' xi għadma (barra ksur sempliċi ta' subgħajn, subgħajn tas-sieq jew l-mnieħer); jew
 - (iii) Tinvolti laċerazzjonijiet li jikkawżaw emoraġija severa, ħsara lin-nervituri, muskoli jew fl-għeruw tal-ġisem; jew
 - (iv) Tinvolti ferita għal xi organu intern; jew
 - (v) Tinvolti ħruq tat-tieni jew it-tielet grad, jew kull ħruq li jaffetwa iktar minn 5 % tas-superfiċi tal-ġisem; jew
 - (vi) Tinvolti esposizzjoni verifikata għal sustanzi infettivi jew radjazzjoni perikoluża;
- (15) Istruzzjonijiet tekniċi. L-edizzjoni l-aktar riċenti effettiva ta' l-Istruzzjonijiet Tekniċi għat-Trasport mingħajr perikolu ta' l-Oġġetti Perikolużi bl-Ajru, inkluż Suppliment u kwalunkwe Addendum, approvati u ppubblikati b'deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO Doc 9284-AN/905).
- (16) Apparatt għat-Tagħbija ta' l-Unità. Kwalunkwe tip ta' kontenitur ta' l-inġenju ta' l-ajru, palit ta' l-inġenju ta' l-ajru b'xibka, jew palit ta' l-inġenju ta' l-ajru b'xibka fuq igloo. (Nota: 'Overpack' mhuwiex inkluż f'din it-tifsira; għall-kontenitur li jkun fih materjal radjuattiv ara t-tifsira għall-kontenitur tat-tagħbija.)

OPS 1.1155

Approvazzjoni għat-Trasport ta' l-Oġġetti Perikolużi

- (a) Operatur ma għandux jittrasporta oġġetti perikolużi għajr jekk ikun approvat li jagħmel dan mill-Awtorità.
- (b) Qabel il-ħruq ta' l-approvazzjoni għat-trasport ta' oġġetti perikolużi, l-operatur għandu juri għas-sodisfazzjoni ta' l-Awtorità li ngħata taħriġ xieraq, li d-dokumenti rilevanti kollha (eż l-immaniġġjar fuq l-art, l-immaniġġjar fuq l-ajruplan, taħriġ) ikun fihom l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet dwar oġġetti perikolużi, u li jeżistu proċeduri li jiżguraw l-immaniġġjar bla periklu ta' l-oġġetti perikolużi f'kull stadju tat-trasport bl-ajru.

Nota: L-eżenzjoni jew l-approvazzjoni msemmija fl-OPS 1.1165(b)(1) jew (2) hija addizzjonali għal dak li ntqal aktar kmieni u l-kundizzjonijiet f(b) mhux bilfors japplikaw.

OPS 1.1160

Skop

Oġġetti u sustanzi li kieku jkunu klassifikati bħala oġġetti perikolużi iżda li mhumiex suġġetti għall-Istruzzjonijiet Tekniċi skond Parti 1 u 8 ta' dawk l-istruzzjonijiet huma esklużi mid-dispożizzjonijiet ta' din is-Subparti sakemm:

- (a) meta jitpoġġew abbord bl-approvazzjoni ta' l-operatur biex jipprovd, waqt it-titjira, għajruna medika lill-pazjent, huma:
- (1) jinġarru għall-użu waqt it-titjira; jew huma parti minn apparat permanenti ta' l-ajruplan meta jkun għe addattat għal użu speċjalizzat għal evakwazzjoni medika; jew jinġarru fuq titjira mill-istess ajruplan sabiex jiġbor pazjent jew wara li dak il-pazjent ikun intbagħat meta mhux prattikabbli li jitgħabbew jew jinħattu l-oġġetti fil-ħin tat-titjira, fuq liema, l-pazjent jinġarr, iżda bl-intenzjoni li jinħattu fl-ewwel waqt prattikabbli; kif ukoll

- (2) meta jitpoġġew abbord bl-approvazzjoni ta' l-operatur biex jipprovdu, waqt it-titjira, għajnuna medika għal pazjent, l-oġġetti perikolużi għandhom ikunu ristretti għal li ġej u jridu jiġu miżmuma fil-pożizzjoni li fiha jintużaw jew jiġu stivati b'mod sikur meta ma jkunux qed jintużaw u jinżammu sew waqt it-tluq u l-inżul u waqt kull ħin ieħor meta dan jitqies neċessarju mill-kaptan fl-interess tas-sigurtà.
- (i) Ċilindri tal-gass li jridu jkunu ġew fabbrikati speċifikament għall-iskop li jżommu u jgħorru dak il-gass partikolari;
- (ii) Id-duwa, u mediċini oħra għandhom ikunu taħt il-kontroll ta' persunal imħarreġ matul il-ħin meta dawn jintużaw fl-ajruplan;
- (iii) It-tagħmir li jkun fih batteriji wet cell għandu jinżamm u meta jkun neċessarju għandu jintrabat f'pożizzjoni 'l fuq sabiex ikun evitat li tfur l-elettrolita.
- (b) meta hemm bżonn li jkunu abbord l-ajruplan u huma skond ir-rekwiżiti jew għal raġunijiet ta' operat, għalkemm oġġetti u sustanzi intenzjonati għall-bdil jew li jkunu tneħħew biex jinbidlu jridu jinġarru fuq ajruplan kif speċifikat fl-Istruzzjonijiet Tekniċi.
- (c) ikunu f'bagalji:
- (1) li jinġarru mill-passiġġieri jew mill-membri ta' l-ekwipaġġ skond l-Istruzzjonijiet Tekniċi; jew
- (2) li jkunu ġew separati mill-proprjetarju waqt il-vjaġġ (eż: bagalji mitlufa jew bagalji fuq rotta ħażina) iżda, li jinġarru mill-operatur.

OPS 1.1165

Limitazzjonijiet fuq it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi

- (a) Operatur għandu jiżgura li l-oġġetti u s-sustanzi u affarijiet oħra dikjarati bħala oġġetti perikolużi li huma speċifikament identifikati bl-isem jew ġeneralment deskritti fl-Istruzzjonijiet Tekniċi bħala mhux permessi għat-trasport taħt kwalunkwe ċirkostanza ma jinġarru fuq l-ebda ajruplan.
- (b) operatur ma għandux iġorr oġġetti jew sustanzi jew oġġetti oħra li huma identifikati fl-Istruzzjonijiet Tekniċi bħala projbiti għat-trasport f'ċirkostanzi normali sakemm ma jintlaħqux ir-rekwiżiti li ġejjin ta' dawk l-istruzzjonijiet:
- (1) L-eżenzjonijiet meħtieġa ngħataw mill-Istati kollha kkonċernati taħt ir-rekwiżiti ta' l-Istruzzjonijiet Tekniċi; jew
- (2) tkun ħarġet approvazzjoni mill-Istati kollha kkonċernati f'dawk l-okkazzjonijiet meta l-Istruzzjonijiet Tekniċi jindikaw li tali approvazzjoni biss tkun meħtieġa.

OPS 1.1190

Intenzjonalment vojti

OPS 1.1195

Aċċettazzjoni ta' Oġġetti Perikolużi

- (a) Operatur ma għandux jaċċetta oġġetti perikolużi sakemm:
- (1) il-pakkett, l-overpack jew il-kontenitur tat-tagħbija jkun ġie spezzjonat skond il-proċeduri ta' aċċettazzjoni ta' l-Istruzzjonijiet Tekniċi;
- (2) minbarra meta ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Istruzzjonijiet Tekniċi, jkunu akkumpanjati b'żewġ kopji ta' dokument għat-trasport ta' oġġetti perikolużi.
- (3) l-Ingliż huwa użat għall-
- (i) immarkar u ittikkettjar tal-kaxx
kif ukoll
- (ii) dokument għat-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi
- Minbarra rekwiżiti ta' lingwi oħrajn.

- (b) Operatur għandu juża ċ-check list ta' l-aċċetazzjoni li għandha tippermetti li d-dettalji rilevanti kollha jkunu kkontrollati u għandha tkun fit-tali forma li tippermetti r-reġstrar tar-riżultati ta' l-aċċetazzjoni b'mezzi manwali, mekkaniċi jew kompjuterizzati.

OPS 1.1200

Spezzjoni għall-Ħsara, Telf ta' likwidu jew ta' gass jew Kontaminazzjoni

- (a) Operatur għandu jiżgura li:
- (1) Il-pakketti, 'Overpack' u l-kontenituri tat-tagħbija huma spezzjonati għall-prova ta' telf tal-likwidu jew tal-gass jew ħsara immedjatament qabel it-tagħbija fuq l-ajruplan jew f'apparat għat-tagħbija ta' l-unità, kif speċifikat fl-Istruzzjonijiet Tekniċi;
 - (2) L-apparat għat-tagħbija ta' l-unità ma jitgħabbix fuq l-ajruplan għajr jekk ikun spezzjonat kif mitlub mill-Istruzzjonijiet Tekniċi u jinsab mingħajr kwalunkwe prova ta' telf ta' likwidu jew ta' gass minn, jew ħsara lil, l-oġġetti perikolużi li jkunu fih;
 - (3) Pakketti li jkollu jew bil-ħsara, 'Overpack' s jew kontenituri tat-tagħbija li ma jitgħabbewx għewwa l-ajruplan;
 - (4) Kwalunkwe pakkett ta' oġġetti perikolużi li jinstab fuq l-ajruplan u li jidher li għandu l-ħsara jew iqattar jitneħħa jew isiru arranġamenti għat-tneħħija tiegħu mill-awtorità jew l-organizzazzjoni xierqa. F'dan il każ l-ibqija tal-konsenja għandha tkun spezzjonata sabiex ikun żgurat li huwa fil-kundizzjoni xierqa għat-trasport u li l-ebda ħsara jew kontaminazzjoni ma jkunu saru fl-ajruplan jew it-tagħbija tiegħu; kif ukoll
 - (5) Il-pakketti, l-'Overpack' s u l-kontenituri tat-tagħbija huma spezzjonati għal sinjali ta' ħsara jew telf ta' likwidu jew ta' gass meta tinħatt it-tagħbija mill-ajruplan jew mill-apparat għat-tagħbija ta' l-unità u, jekk hemm prova ta' ħsara jew telf ta' likwidu jew ta' gass, iż-żona fejn ikun hemm l-oġġetti perikolużi kienu merfugħa tkun spezzjonata għal ebda ħsara jew kontaminazzjoni.

OPS 1.1205

It-Tneħħija tal-Kontaminazzjoni

- (a) Operatur għandu jiżgura li:
- (1) Kull kontaminazzjoni li tirriżulta minn telf ta' likwidu jew ta' gass jew ħsara lill-oġġetti jew pakketti li jkun fihom oġġetti perikolużi jitneħħew mingħajr dewmien u jitteħdu passi sabiex ineħħu kull periklu kif speċifikat fl-Istruzzjonijiet Tekniċi; kif ukoll
 - (2) Ajruplan li jkun ġie kontaminat b'materjali radjuattivi jitneħħa mis-servizz immedjatament u ma jitreggax lura sakemm il-livell tar-radjuazzjoni fi kwalunkwe wiċċ aċċessibbli u n-nuqqas ta' kontaminazzjoni fissa mhumiex aktar mill-valuri speċifikati fl-Istruzzjonijiet Tekniċi.
- (b) Fl-eventwalità ta' nuqqas ta' konformità ma' xi limitu ta' l-Istruzzjonijiet Tekniċi applikabbli għall-livell ta' radjazzjoni jew kontaminazzjoni,
- (1) l-operatur għandu:
 - (i) jiżgura li t-trasportatur jiġi nformat jekk in-nuqqas ta' konformità ikun identifikat waqt it-trasport;
 - (ii) jieħu l-passi meħtieġa biex jitnaqqas l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità;
 - (iii) jikkomunika n-nuqqas ta' konformità lit-trasportatur u lill-Awtorità(jiet) kompetenti rilevanti, rispettivament, mill-aktar fis possibbli u immedjatament kull meta tinqala' jew tkun se tinqala' sitwazzjoni ta' emerġenza.
 - (2) l-operatur għandu wkoll, bħala parti mir-responsabbiltajiet tiegħu:
 - (i) jinvestiga n-nuqqas ta' konformità u l-kawżi, iċ-ċirkostanzi u l-konsegwenzi ta' l-istess;

- (ii) jieħu l-azzjoni meħtieġa, biex isewwi l-kawżi u ċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għan-nuqqas ta' konformità u jieħu l-prekawzjonijiet biex jevita ċirkostanzi simili għal dawk li jkunu wasslu għan-non konformità;
- (iii) jikkomunika lill-Awtorità(jiet) kompetenti rilevanti dwar il-kawżi tan-nuqqas ta' konformità u dwar l-azzjonijiet korrettivi u preventivi li ttieħdu jew li se jittieħdu.

OPS 1.1210

Restrizzjonijiet għat-Tagħbija

- (a) Il-kabina tal-passiġġieri u l-kabina ta' l-ekwipaġġ. Operatur għandu jiżgura li l-oġġetti perikolużi ma jinġarrux fil-kabina ta' l-ajruplan okkupata minn passiġġieri jew fil-kabina ta' l-ekwipaġġ, għajr jekk ikun speċifikat mod ieħor fl-Istruzzjonijiet Tekniċi.
- (b) Kompartimenti tat-Tagħbija. Operatur għandu jiżgura li l-oġġetti perikolużi jitgħabbew, jinfirdu, jintrefgħu u jkunu mħarsa fuq l-ajruplan kif speċifikat fl-Istruzzjonijiet Tekniċi.
- (c) Oġġetti Perikolużi Ntiżi għall-Ġarr Biss fuq Inġenju ta' l-Ajru għat-Tagħbija. Operatur għandu jiżgura li l-pakketti ta' l-oġġetti perikolużi li jkollhom it-tikketta 'inġenju ta' l-ajru għat-Tagħbija Biss' jinġarru fuq inġenju ta' l-ajru għat-tagħbija u mogħbbija kif speċifikat fl-Istruzzjonijiet Tekniċi.

OPS 1.1215

Għoti ta' informazzjoni

- (a) Informazzjoni lill-persunal. Operatur għandu jipprovdi din l-informazzjoni fil-manwal tat-tħaddim u/jew manwali oħra li jippermettu lil persunal li jwettqu r-resposabbiltajiet tagħhom fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti perikolużi, kif speċifikat fl-Istruzzjonijiet Tekniċi, fosthom l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jinvolvu oġġetti perikolużi. Fejn applikabbli, din l-informazzjoni għandha tingħata wkoll lill-aġent ta' l-immaniġġjar tiegħu.
- (b) Tagħrif lill-Passiġġieri u Persuni Oħra.
 - (1) Operatur għandu jiżgura li dik l-informazzjoni hija mxerrda kif meħtieġa mill-Istruzzjonijiet Tekniċi sabiex il-passiġġieri jkunu avżati dwar it-tip ta' oġġetti li huma projbti li jgħorru abbord ajruplan; kif ukoll
 - (2) Operatur għandu jiżgura li jkun hemm notifiċi fil-postijiet ta' l-aċċettazzjoni għat-tagħbija li jagħtu tagħrif dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi.
- (c) Informazzjoni għall-Kmadant. Operatur għandu jiżgura li:
 - (1) informazzjoni bil-miktub tingħata lill-kaptan dwar l-oġġetti perikolużi li għandhom jinġarru fuq l-ajruplan, kif speċifikat fl-Istruzzjonijiet Tekniċi.
 - (2) informazzjoni li tintuża biex tirrispondi għal emerġenzi fuq it-titjira tkun provduta, kif speċifikat fl-Istruzzjonijiet Tekniċi.
 - (3) kopja ċara ta' l-informazzjoni bil-miktub lill-kaptan tinżamm fuq l-art f'post aċċessibbli sakemm tintemm it-titjira li għaliha tirreferi l-informazzjoni. Din il-kopja, jew l-informazzjoni ta' ġo fiha, teħtieġ li tkun aċċessibbli għall-ajrudromi ta' l-aħħar tluq u għall-punt tal-wasla skedat li jmiss, sakemm tintemm it-titjira li għaliha tirreferi l-informazzjoni.
 - (4) meta oġġetti perikolużi jinġarru fuq titjira li sseħħ kollha kemm hi jew parti minnha barra mit-territorju ta' Stat, għandha tintuża l-lingwa Ingliża għad-dokument tat-trasport ta' l-oġġetti perikolużi minbarra kwalunkwe rekwiżiti ta' lingwi oħra.

(Ara t-Tabella 1 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-OPS 1.1065 għall-perjodu tal-ħażna tad-dokument).
- (d) Tagħrif f'każ ta' Incident jew Accident ta' Ajruplan:
 - (1) Operatur ta' ajruplan li jkun involut f'inċident ta' ajruplan għandu, fuq talba, jagħti kwalunkwe tagħrif meħtieġ mill-Istruzzjonijiet Tekniċi.

- (2) L-operatur ta' ajruplan li jkun involut f'inċident ta' ajruplan jew inċident serju għandu, mingħajr dewmien, jagħti kwalunkwe tagħrif rikjest mill-Istruzzjonijiet Tekniċi.
 - (3) L-operatur ta' ajruplan għandu jinkludi l-proċeduri fil-manwali xierqa u pjanijiet ta' kontinġenza ta' aċċident li jip-permettu li tingħata din l-informazzjoni.
- (e) Tagħrif f'każ ta' Emerġenza waqt titjira:
- (1) F'emerġenza waqt titjira il-kaptan għandu, hekk kif is-sitwazzjoni tippermetti, jinforma lit-taqsimu relattiva tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru dwar xi oġġetti perikolużi mgħobbija abbord l-ajruplan kif speċifikat fl-Istruzzjonijiet Tekniċi.

OPS 1.1220

Programmi ta' taħriġ

- (a) Operatur għandu jstabbilixxi u jżomm programmi ta' taħriġ ta' l-istaff, kif meħtieġ mill-Istruzzjonijiet Tekniċi, li għandu jkun approvat mill-Awtorità.
- (b) Operatur għandu jiżgura li l-ekwipaġġ jitharregg skond ir-rekwiżiti tar-responsabbiltajiet tagħhom.
- (c) Operatur għandu jiżgura li jkun hemm taħriġ jew ikun hemm verifika malli tkun impjegata persuna f'pożizzjoni li tinvolvi t-trasport ta' oġġetti perikolużi bl-ajru.
- (d) Operatur għandu jiżgura li l-istaff kollu li jkun irċieva taħriġ jgħaddi minn test sabiex jivverifika li jifhmu r-responsabbiltajiet tagħhom.
- (e) Operatur għandu jiżgura li l-istaff kollu li jeħtieġ taħriġ f'oġġetti perikolużi jirċievu taħriġ rikorrenti f'intervalli ta' mhux itwal minn sentejn.
- (f) Operatur għandu jiżgura li r-reġistri tat-taħriġ ta' l-oġġetti perikolużi jinżammu għall-persunal kollu kif meħtieġ mill-Istruzzjonijiet Tekniċi.
- (g) Operatur għandu jiżgura li l-persunal ta' l-aġent ta' l-immaniġġjar tiegħu huwa mħarregg kif mitlub mill-Istruzzjonijiet Tekniċi.

OPS 1.1225

Rapporti ta' l-Aċċidenti u l-Inċidenti ta' Oġġetti Perikolużi

- (a) Operatur għandu jirrapporta inċidenti u aċċidenti minħabba oġġetti perikolużi lill-Awtorità u lill-Awtorità responsabbli ta' l-Istat fejn iseħħ l-inċident jew l-aċċident, kif pprovdut fl-Appendiċi 1 għal OPS 1.1225. L-ewwel rapport għandu jintbagħat fi żmien 72 siegħa mis-seħħ, sakemm dan ma jkunx impossibbli minħabba xi ċirkostanzi eċċezzjonali u għandu jinkludi d-dettalji magħrufa f'dak il-mument. Jekk ikun hemm bżonn, għandu jsir rapport sussegwenti mill-aktar fis li jagħti kull informazzjoni addizzjonali li tkun ġiet stabbilita.
- (b) Operatur għandu jirrapporta wkoll lill-Awtorità u lill-Awtorità responsabbli fl-Istat fejn ikun seħħ l-avveniment, is-sejba ta' oġġetti perikolużi mhux dikjarati jew iddikjarati ħażin li jinstabu fit-tagħbija jew fil-bagalja tal-passiġġieri kif provdut f'appendiċi 1 għall-OPS 1.1225. L-ewwel rapport għandu jintbagħat fi żmien 72 siegħa mis-sejba sakemm dan ma jkunx impossibbli minħabba xi ċirkostanzi eċċezzjonali u għandu jinkludi d-dettalji magħrufa f'dak il-mument. Jekk ikun hemm bżonn, għandu jsir rapport sussegwenti mill-aktar fis li jagħti kull informazzjoni addizzjonali li tkun ġiet stabbilita.

Appendiċi 1 sa OPS 1.1225

Rapporti ta' l-Aċċidenti u l-Inċidenti ta' Oġġetti Perikolużi

1. Operatur għandu jiżgura li kull aċċident jew inċident li jinvolvi kull tip ta' oġġetti perikolużi jkun rappurtat, irrispettivament jekk l-oġġetti perikolużi jkunux fit-tagħbija, fil-posta jew fil-bagalji tal-passiġġieri jew ta' l-ekwipaġġ. Is-sejba ta' oġġetti perikolużi fit-tagħbija, fil-posta jew fil-bagalji mhux dikjarati jew dikjarati ħażin għandhom ukoll jiġu rappurtati.
2. Ir-rapport tal-bidu għandu jintbagħat fi żmien 72 siegħa sakemm dan ma jkunx impossibbli minħabba xi ċirkostanzi eċċezzjonali. Dan jista' jintbagħat b'kull mezz, fosthom bil-posta elettronika, bit-telefon jew bil-feks. Dan ir-rapport għandu jinkludi d-dettalji magħrufa f'dak il-mument, taħt it-titoli identifikati fil-paragrafu 3. Jekk ikun hemm bżonn, għandu jsir rapport sussegwenti mill-aktar fis possibbli li jagħti d-dettalji kollha li ma kienux magħrufa fil-ħin li ntbagħat l-ewwel rapport. Jekk rapport ikun sar verbalment, għandha tintbagħat konferma bil-miktub mill-aktar fis possibbli.
3. L-ewwel rapport u kull rapport sussegwenti għandu kemm jista' jkun ikun preċiż u jinkludi d-data li ġeja li tkun rilevanti:
 - a. Id-data ta' l-inċident jew aċċident jew is-sejba ta' oġġetti perikolużi mhux dikjarati jew dikjarati ħażin;
 - b. Il-post, in-numru tat-titjira u d-data tat-titjira;
 - c. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti u n-numru ta' referenza tal-polza ta' l-ajru, tal-basket, tat-tiketta tal bagalja eċċ;
 - d. Isem Proprju tat-trasportatur bil-Vapur (fosthom l-isem tekniku, fejn applikabbli) u n-numru ta' l-UN/ID meta jkun magħruf;
 - e. Klassi jew diviżjoni u kull riskju sussidjarju;
 - f. Tip tal-pakkett, u l-ispeċifikazzjoni ta' l-immarkar fuqu;
 - g. Kwantità;
 - h. Isem u indirizz tat-trasportatur, passiġġier, eċċ;
 - i. Kwalunkwe dettall ieħor rilevanti;
 - j. Il-kawża maħsuba li kkaġunat l-inċident jew l-aċċident;
 - k. L-azzjoni meħuda;
 - l. Kwalunkwe azzjoni ta' rappurtaġġ meħuda; kif ukoll
 - m. Isem, titolu, indirizz u n-numru tat-telefon tal-persuna li tagħmel ir-rapport.
4. Kopji ta' dokumenti rilevanti u kull ritratt li ttieħed għandu jiġi meħmuż mar-rapport.

SUBPARTI S

GARANZIJA

OPS 1.1235

Rekwiżiti ta' sigurtà

Operatur għandu jiżgura li l-persunal xieraq kollhu huwa familjari, u jikkonforma, mar-rekwiżiti rilevanti tal-programmi tas-sigurtà nazzjonali ta' l-Istat ta' l-operatur.

OPS 1.1240

Programmi ta' tahrìg

Operatur għandu jstabilixxi, iżomm u jmexxi programmi ta' tahrìg approvati li li jgħinu lill-membri ta' l-ekwipaġġ ta' l-operatur li jieħdu azzjoni xierqa sabiex jevitaw atti ta' interferenza mhux legali bħal sabotaġġ jew ħatfa mhux legali ta' ajruplani u li jnaqqsu l-konsegwenzi ta' dawn il-ġrajjet jekk dawn iseħħu. Il-programm ta' tahrìg għandu jkun kompatibbi mal-programm tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Nazzjonali. Il-membri ta' l-ekwipaġġ individwali għandu jkollu għarfien u l-kompetenza ta' l-elementi rilevanti kollha tal-programm ta' tahrìg.

OPS 1.1245

Rappurtar ta' atti ta' interferenza mhux legali

Wara att ta' interferenza mhux legali abbord ajruplan il-kaptan jew, fin-nuqqas tiegħu/tagħha l-operatur, għandu jibgħat, mingħajr dewmien, rapport ta' att bħal dan lill-awtorità lokali disinnjata u l-Awtorità fl-Istat ta' l-operatur.

OPS1.1250

Checklist tal-proċedura tat-tfittxija ta' l-ajruplan

Operatur għandu jiżgura li hemm abbord checklist tal-proċeduri li għandhom jintużaw fit-tfittxija ta' bombi jew ta' Apparat Splussiv Improvviżat (IED) f'każ ta' sabotaġġ suspettat u għall-ispezzjoni ta' l-ajruplani għall-armi, splussivi jew apparat perikoluż ieħor moħbi fejn ikun jeżisti suspett raġonevoli li l-ajruplan jista' jkun is-suġġett ta' att ta' interferenza mhux legali. L-checklist għandha tkun imsaħħa minn gwida dwar il-kors xieraq ta' azzjoni li għandu jitiehed jekk il-bomba jew l-oġġett suspettuż jinstabu u t-tagħrif dwar il-post tal-bomba ta' l-inqas riskju speċifiku għall-ajruplan fejn provdut mid-detentur taċ-Ċertifikat tat-Tip.

OPS 1.1255

Is-sigurtà tal-kompartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira

- (a) Fl-ajruplani kollha li huma mġhammra b'bieb tal-kompartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, dan il-bieb għandu jkun jista' jissakkar, u mezzi jew proċeduri aċċetabbli lill-Awtorità għandhom ikunu provduti jew stabbiliti li permezz tagħhom l-ekwipaġġ tal-kabina tal-passiġġieri jista' javża l-ekwipaġġ tat-titjira f'każ ta' attività suspettuża jew ksur tas-sigurtà fil-kabina.
- (b) L-ajruplani kollha li jgħorru l-passiġġieri b'massa tat-tluq ċertifikata massima li taqbeż 45 500 kg jew b'konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri akbar minn 60 għandhom ikunu mġhammra b'bieb tal-kompartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira approvat li jista' jissakkar u jinfetħ mill-istazzjon ta' kull pilota u ddisinnjat b'mod li jilħaq ir-rekwiżiti tal-ħidma ta' l-adeqwatezza għat-titjir retroattivi applikabbli. Id-disinn ta' dan il-bieb ma għandux ifixkel l-ħidmiet ta' emerġenza, kif meħtieġ fir-rekwiżiti tal-ħidma ta' l-adeqwatezza għat-titjir retroattivi applikabbli.

- (c) Fl-ajruplani kollha li huma mġhammra bil-bieb tal-kompartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira skond is-sub-paragrafu (b):
- (1) Dan il-bieb għandu jingħalaq qabel ma tistartja l-magna għat-tluq u jissakar meta meħtieġ mill-proċedura tas-sigurtà jew il-Kaptan, sakemm il-magna tintefa' wara l-inżul, għajr meta jitqies neċessarju għall-persuni awtorizzati li jkollhom aċċess jew ħruġ f'konformità mal-Programm tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Nazzjonali;
 - (2) għandhom ikunu provduti mezzi għat-tħaris minn jew l-istazzjoni tal-pilota għaż-żona barra l-kompartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira sal-punt barra l-kompartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira sal-punt neċessarju biex ikunu identifikati l-persuni li jitolbu dħul fil-kompartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u sabiex jindunaw b'imġieba suspettuża jew theddid potenzjali."
-